— lill-uffiċjali li jitqiegħdu fuq liv minħabba bżonnijiet organizzattivi marbutin mal-akkwist ta' kompetenzi ġodda fi ħdan l-istituzzjoni,

— lill-uffiċjali u l-aġenti temporanji fil-qafas tal-gruppi politiċi li għandhom post ta' AD 16 jew AD 15 li rtiraw fl-interess tas-servizz.

Din tkopri wkoll il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għal assikurazzjoni tal-mard u l-impatt tad-differenzi applikabbli għal dawn l-allowances (bl-eċċezzjoni tal-benefiċjarji tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal li m'għandhomx id-dritt għall-koeffiċjent ta' korrezzjoni).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 2 *(ikompli)*

1 2 2 0 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-Artikoli 41, 42c u 50 u l-Anness VI tagħhom kif ukoll l-Artikolu 48a tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 2 2 Allowances għal staff li l-impjieg tagħhom jitwaqqaf u skema speċjali għall-irtirar għall-uffiċjali u aġenti temporanji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-allowances pagabbli skont ir-Regolamenti tal-Persunal jew ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom, KEFA) Nru 2689/95 u (KE, Euratom) Nru 1748/2002,

— il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lejn assikurazzjoni kontra l-mard għar-riċevituri ta' dan l-allowance,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għad-diversi allowances.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom, PESK) Nru 2689/95 tas-17 ta' Novembru 1995 li jintroduċi miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' aġenti temporanji tal-Unjoni Ewropea, bħala riżultat tal-adeżjoni tal-Awstrija, l-Finlandja u l-Iżvezja (ĠU L 280, 23.11.1995, p. 4).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1748/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tal-immodernizzar tal-istituzzjoni, miżuri speċjali biex jintemm is-servizz ta' Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea maħtura f'kariga stabbilita fil-Parlament Ewropew u aġenti temporanji li jaħdmu fil-Gruppi Politiċi tal-Parlament Ewropew (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 9).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 Aġenti oħra u ħaddiema esterni

1 4 0 0 Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
63 837 727	63 063 000	56 672 946,01

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba l-aktar biex tkopri l-infiq li ġej:

— ir-remunerazzjonijiet, inklużi l-approprjazzjonijiet u l-allowances, tal-aġenti l-oħra, inklużi l-aġenti kuntrattwali u l-konsulenti speċjali (skont it-tifsira tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea), il-ħlasijiet ta' min iħaddem għall-iskemi differenti ta' sigurtà soċjali għall-bżonnijiet bażiċi tal-Komunità kif ukoll l-impatt tal-adattament salarjali applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' dawn l-aġenti,

— l-impjieg ta' persunal temporanju,

— il-fatturi maħruġa mill-PMO għall-impjieg ta' aġenti destinati li jittrattaw ir-reġistri amministrattivi tal-aġenti tal-Parlament Ewropew (speċjalment il-benefiċċji tal-qgħad, id-drittijiet għall-pensjoni, eċċ.).

Minn din l-approprjazzjoni huwa eskluż l-infiq fir-rigward:

— tal-aġenti l-oħra assenjati fid-Direttorat Ġenerali responsabbli għas-sigurtà u li jeżerċita funzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti, mas-sigurtà tal-informazzjoni kif ukoll mal-valutazzjoni tar-riskji,

— tal-aġenti l-oħra li jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' xufiera fis-Segretarjat Ġenerali jew li jiżguraw il-koordinament tagħhom.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għar-reklutaġġ ta' aġenti kuntrattwali b'diżabilità b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-7 u d-9 ta' Lulju 2008.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 5 200 000.

Bażiġuridika

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (Titoli IV, V u VI).

Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-kompetizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni u l-gradi ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Parlament Ewropew (Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2014).

1 4 0 1 Aġenti oħra — Sigurtà

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
38 084 545	31 622 000	29 319 030,17

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba l-aktar biex tkopri l-infiq li ġej fir-rigward tal-aġenti l-oħra assenjati fid-Direttorat Ġenerali responsabbli għas-sigurtà u li jeżerċita funzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti, mas-sigurtà tal-informazzjoni kif ukoll mal-valutazzjoni tar-riskji:

— ir-remunerazzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali u aġenti kuntrattwali awżiljari, inklużi l-allowances u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-remunerazzjonijiet tagħhom.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 500 000.

Bażiġuridika

Il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (Titolu IV).

Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-kompetizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni u l-gradi ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Parlament Ewropew (Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2014).

1 4 0 2 Aġenti oħra — Xufiera fis-Segretarjat Ġenerali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
7 444 545	7 266 000	6 173 530,08

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija prinċipalment intenzjonata biex tkopri l-infiq li ġej fir-rigward tal-aġenti l-oħra li jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' xufiera fis-Segretarjat Ġenerali jew li jiżguraw il-koordinament ta' dawn li ġejjin:

— ir-remunerazzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali u aġenti kuntrattwali awżiljari, inklużi l-allowances u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-remunerazzjonijiet tagħhom.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (Titolu IV).

Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni dwar il-kompetizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni u l-gradi ta' uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Parlament Ewropew (Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2014).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 4 Traineeships, esperti nazzjonali sekondati, skambji ta' uffiċjali u żjarat ta' studju

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
10 130 440	9 337 000	9 084 770,31

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ir-remunerazzjonijiet tat-trainees gradwati (boroż ta' studju), inkluż kwalunkwe benefiċċju tal-unità domestika,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tat-trainees,

— l-ispejjeż supplimentari b'rabta diretta mad-diżabilità tagħhom,

— l-ispejjeż ta' assigurazzjoni tas-saħħa u ta' assigurazzjoni tal-inċidenti għat-trainees,

— l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat ta' informazzjoni/taħriġ għat-trainees,

— il-ħlas ta' għotja lill-Kumitat tat-Traineeships Schuman,

— l-ispejjeż marbuta mad-disponibbiltà tal-persunal bejn il-Parlament u l-funzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, tal-pajjiżi kandidati jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, speċifikati fir-regoli,

— l-ispejjeż relatati mas-sekondar ta' esperti nazzjonali mal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari l-allowances u l-ispejjeż tal-vjaġġi tagħhom,

— l-ispejjeż ta' assigurazzjoni tal-inċidenti għall-esperti nazzjonali sekondati,

— l-allowances għaż-żjarat ta' studji u boroż ta' studju,

— l-organizzazzjoni ta' skemi ta' taħriġ ta' interpreti tal-konferenzi u ta' tradutturi, speċjalment b'kollaborazzjoni mal-iskejjel tal-interpreti u l-universitajiet li joffru taħriġ fit-traduzzjoni, kif ukoll l-għoti ta' boroż ta' studju għat-taħriġ u għat-taħriġ professjonali avvanzat tal-interpreti u t-tradutturi, ix-xiri ta' materjal didattiku u spejjeż oħra relatati.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-7 ta' Marzu 2005 dwar ir-regoli li jirregolaw l-'attachment' ta' uffiċjali tal-Parlament u membri temporanji tal-istaff tal-gruppi politiċi ma' awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, entitajiet meqjusa bħal dawn l-awtoritajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Mejju 2009 dwar ir-regoli dwar issekondar ta' esperti nazzjonali mal-Parlament Ewropew.

Id-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tat-18 ta'Ġunju 2019 dwar ir-regoli interni dwar traineeships u żjarat ta' studju mas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 5 Nefqa fuq l-interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
48 487 421	48 832 000	43 870 170,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq li ġej:

— ir-remunerazzjoni u l-allowances simili, il-kontribuzzjonijiet soċjali, l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra tal-interpreti awżiljarji tal-konferenzi impjegati mill-Parlament Ewropew għal laqgħat organizzati mill-Parlament Ewropew għall-ħtiġijiet tiegħu jew għall-ħtiġijiet ta' istituzzjonijiet jew korpi oħra, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw mill-interpreti uffiċjali jew temporanji tal-Parlament Ewropew,

— l-ispejjeż ta' operaturi, staff tekniku u persuni responsabbli mill-immaniġġjar tal-konferenzi għal-laqgħat imsemmija hawn fuq, f'każijiet fejn is-servizzi meħtieġa ma jkunux jistgħu jingħataw minn uffiċjali, aġenti temporanji jew aġenti oħra tal-Parlament Ewropew,

— l-ispejjeż marbuta mas-servizzi pprovduti lill-Parlament Ewropew minn interpreti li huma membri tal-persunal ta' istituzzjonijiet reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali,

— l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet relatati mal-interpretazzjoni, b'mod partikolari t-tħejjija għal-laqgħat u t-taħriġ u s-selezzjoni tal-interpreti,

— it-tariffi mħallsa lill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-pagamenti lill-interpreti tal-konferenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 2 600 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Konvenzjoni li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tal-impjieg u l-emolumenti tal-aġenti interpreti tal-konferenzi (AIC) (u d-Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom) stabbilita fit-28 ta' Lulju 1999 ħekk kif ġiet annotata fit-13 ta' Ottubru 2004 u riveduta fil-31 ta' Lulju 2008.

1 4 0 6 Osservaturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-osservaturi, f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

1 4 2 ***Servizzi esterni tat-traduzzjoni***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
7 574 000	8 216 000	3 400 342,56

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi ta' traduzzjoni, ta' editjar, ta' ttajpjar, ta' kodifikazzjoni u ta' assistenza teknika li jitwettqu minn partijiet terzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI

1 6 1 ***Nefqiet relatat mal-amministrazzjoni tal-istaff***

1 6 1 0 Spejjeż għar-reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
150 000	163 000	88 822,39

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE, kif ukoll l-ispejjeż tal-vjaġġi u ta' soġġorn tal-kandidati li jissejħu għal intervisti,

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' proċeduri tal-għażla tal-istaff.

F'każijiet motivati b'mod xieraq minn ħtiġijiet funzjonali u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal, din l-approprjazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nnifisha.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 0 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u l-Artikolu 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-segretarji ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tar-rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Tagħlim u żvilupp

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 115 000	8 127 000	6 158 112,47

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ biex jittejbu l-ħiliet tal-persunal u r-rendiment u l-effiċjenza tal-istituzzjoni, eż. permezz ta' korsijiet tal-lingwi għall-lingwi uffiċjali ta' ħidma.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa marbuta mal-korsijiet ta' taħriġ oħra għall-Membri.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 3 ***Miżuri sabiex jiġi assistit il-persunal tal-istituzzjoni***

1 6 3 0 Servizzi Soċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
867 250	760 000	493 000,—

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— fil-qafas ta' politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità li jiffurmaw parti mill-kategoriji lil ġejjin:

  — uffiċjali u aġenti temporanji f'impjieg attiv,

  — is-sħab ta' uffiċjali u ta' aġenti temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

  ir-rimbors, fi ħdan il-limiti tar-riżorsi disponibbli fil-baġit u wara li jkunu intużaw l-intitolamenti nazzjonali fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini, ta' spejjeż mhux mediċi, li jkunu rikonoxxuti bħala neċessarji bħala riżultat tad-diżabilità u li jkunu ġustifikati kif xieraq u mhux rimborsati mill-iskema komuni tal-assigurazzjoni tal-mard,

— miżuri favur uffiċjali u aġenti li jinsabu f'qagħda partikularment diffiċli,

— l-iffinanzjar ta' għotja għall-kumitat għall-persunal u għal infiq inċidentali tas-Servizzi Soċjali. Il-kontribuzzjonijiet jew il-ħlas tal-ispejjeż mill-Kumitat għall-Persunal għal parteċipanti f'attivitajiet ta' assistenza soċjali se jkollhom l-għan li jiffinanzjaw attivitajiet li għandhom dimensjoni soċjali, kulturali jew lingwistika iżda mhu se jkun hemm l-ebda sussidji għal membri tal-persunal jew familji individwali,

— azzjonijiet oħra ta' natura soċjali, fil-livell istituzzjonali u interistituzzjonali, favur l-uffiċjali, aġenti oħra u l-persunal li rtira,

— il-finanzjament ta' miżuri speċifiċi għal akkomodazzjoni raġonevoli jew ta' spejjeż ta' analiżi medika jew soċjali għal uffiċjali u aġenti oħra b'diżabilitajiet waqt il-proċeduri ta' reklutaġġ jew li jeħtieġu għamara minħabba li ġara xi ħaġa matul il-karriera tagħhom, u t-trainees b'diżabilitajiet waqt il-proċeduri ta' għażla b'applikazzjoni tal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari l-assistenza personali fil-post tax-xogħol, inkluż it-trasport jew waqt missjonijiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 70 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 1d, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 76 tagħhom.

1 6 3 1 Mobilità

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 610 000	1 490 000	837 005,32

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-infiq relatat mal-mobilità fil-bosta postijiet tax-xogħol.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

1 6 3 2 Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-istaff u miżuri soċjali oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
265 000	252 000	240 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tħeġġeġ u tagħti appoġġ finanzjarju lil skemi għall-promozzjoni tal-kuntatti soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti, bħal pereżempju sussidji għal klabbs, assoċjazzjonijiet tal-isport u attivitajiet kulturali tal-persunal, kif ukoll biex issir kontribuzzjoni lejn l-infiq relatat ma' ċentru permanenti (għall-attivitajiet kulturali u sportivi, passatempi oħra, faċilitajiet tal-ikel) fejn persuni jiltaqgħu fil-ħin liberu tagħhom.

Hija tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja fl-attivitajiet soċjali interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 600 000.

1 6 5 ***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni***

1 6 5 0 Saħħa u prevenzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 892 350	1 820 000	1 159 480,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-operat tas-servizzi mediċi, tas-Servizz tal-Ġestjoni tal-Liv tal-Mard, tal-Unità tal-Prevenzjoni u l-Benesseri fuq il-Post tax-Xogħol fit-tliet postijiet tax-xogħol u tal-Unità tal-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u d-Diversità, inkluż ix-xiri ta' materjal, prodotti farmaċewtiċi, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-visti mediċi fil-qafas tal-mediċina okkupazzjonali, mal-visti mediċi għall-impjieg, mal-visti perjodiċi u s-sorveljanza tas-saħħa għall-postijiet ta' xogħol fil-qasam tas-sigurtà, ta' viġilanza u ta' riskju definit, mal-perizji mediċi, mal-ergonomija, mal-ispejjeż ikkawżati mill-operat tal-Kumitat tal-Invaliditá, l-arbitraġġi u l-konsulenza ta' esperti, kif ukoll l-ispejjeż marbuta ma' servizzi esterni mogħtija minn speċjalisti mediċi, paramediċi li jkunu meqjusa neċessarji mit-tobba konsulenti.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 5 *(ikompli)*

1 6 5 0 *(ikompli)*

Hija tkopri wkoll in-nefqa għax-xiri ta' ċertu apparat li jkun meqjus neċessarju fil-qasam mediku, kif ukoll in-nefqa marbuta mal-persunal mediku, paramediku jew ma' sostituti temporanji ta' membri tal-istaff mediku.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikolu 8 tal-Anness II tagħhom.

1 6 5 2 Spejjeż għall-forniment tal-ikel

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
750 000	800 000	892 867,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-forniment tal-ikel fl-okkażjoni ta' avvenimenti uffiċjali ta' livell għoli u għal ċerti miżuri soċjali maqbula mill-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

1 6 5 4 Faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 655 000	8 440 000	7 307 680,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sehem tal-Parlament Ewropew tal-infiq organizzattiv u tal-forniment ta' servizzi għall-faċilitajiet interni li jieħdu ħsieb it-tfal kif ukoll għal dawk esterni li magħhom ikun hemm ftehim.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 300 000.

1 6 5 5 Kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
651 000	626 000	615 000,—

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMU FL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 5 *(ikompli)*

1 6 5 5 *(ikompli)*

Kummenti

Implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4886 tal-1 ta' Awwissu 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-UE mħallsa fuq bażi prorata lill-iskejjel akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej skont in-numru ta' tfal tal-persunal tal-UE rreġistrati, li tieħu post id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7719 tal-14 ta' Ottubru 2009 kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7993 tat-8 ta' Diċembru 2010 (ĠU C 222, 2.8.2013, p. 8).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż tal-kontribuzzjoni mħallsa mill-Kummissjoni f'isem il-Parlament Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej. Din tkopri l-ispejjeż relatati ma' ulied il-membri tal-persunal tal-Parlament Ewropew li jaqgħu taħt ir-Regolamenti tal-Persunal u li huma miktubin f'dawn l-iskejjel.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NEFQIET VARJI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Kirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	26 301 000	33 291 000	29 006 950,47	110,29
2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	30 990 016,—	
2 0 0 3	Akkwist ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 7	Kostruzzjoni ta' bini u sistemazzjoni fil-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	96 927 000	82 730 000	90 508 522,14	93,38
2 0 0 8	Ġestjoni tal-proprjetà speċifika				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 607 000	5 429 000	4 638 553,38	82,73
	Artikolu 2 0 0 — Total	128 835 000	121 450 000	155 144 041,99	120,42
2 0 2	***In-nefqa fuq il-bini***				
2 0 2 2	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	67 790 000	64 180 000	62 863 456,11	92,73
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 580 000	16 100 000	15 726 721,16	89,46
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	16 030 000	23 750 000	16 705 207,36	104,21
2 0 2 8	Assikurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	922 000	2 660 000	754 019,05	81,78
	Artikolu 2 0 2 — Total	102 322 000	106 690 000	96 049 403,68	93,87
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	231 157 000	228 140 000	251 193 445,67	108,67

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA'

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet***				
2 1 0 0	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Operazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 326 000	29 545 500	28 764 464,69	98,09
2 1 0 1	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Infrastruttura				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 104 000	25 409 000	23 534 285,34	78,18
2 1 0 2	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	14 136 000	12 870 000	12 091 037,99	85,53
2 1 0 3	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Applikazzjonijiet ICT				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 821 000	26 840 000	20 326 119,48	68,16
2 1 0 4	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 361 000	15 487 000	26 278 868,38	129,06
2 1 0 5	Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	31 973 000	25 981 000	33 176 490,40	103,76
	Artikolu 2 1 0 — Total	155 721 000	136 132 500	144 171 266,28	92,58
2 1 2	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 910 000	7 400 000	7 571 521,18	128,11
2 1 4	***Materjal u installazzjonijiet tekniċi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	26 467 500	27 923 500	23 376 896,50	88,32
2 1 6	***Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 599 000	4 188 000	3 364 683,72	73,16
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	192 697 500	175 644 000	178 484 367,68	92,62

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	***Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 366 000	1 413 000	1 253 104,27	91,74
2 3 1	***Tariffi finanzjarji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 000	60 000	35 000,—	58,33
2 3 2	***Spejjeż***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 245 000	1 370 000	544 637,—	43,75
2 3 6	***Servizzi postali u ta' ġarr***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	221 000	224 000	286 650,45	129,71
2 3 7	***Rilokazzjonijiet***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 860 000	1 830 000	2 655 810,27	142,79
2 3 8	***Nefqiet amministrattivi oħra***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 692 000	1 674 500	1 207 564,72	71,37
2 3 9	***L-attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	262 500	262 500	239 752,37	91,33
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	6 706 500	6 834 000	6 222 519,08	92,78
	Titolu 2 — Total	**430 561 000**	**410 618 000**	**435 900 332,43**	**101,24**

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NEFQIET VARJI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV

Kummenti

Billi l-kumpaniji tal-assikurazzjoni m'għadhomx ikopru r-riskju ta' kunflitti industrijali u ta' attentati terroristiċi li għalihom huma esposti l-binjiet tal-Parlament Ewropew, dan għandu jkun kopert mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Għalhekk, l-approprjazzjonijiet stipulati f'dan it-titolu jkopru l-infiq kollu rigward ħsarat ikkawżati mill-kunflitti tax-xogħol u mill-attentati terroristiċi.

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

2 0 0 Bini

2 0 0 0 Kirjiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
26 301 000	33 291 000	29 006 950,47

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kirjiet marbuta ma' bini jew partijiet ta' bini okkupati mill-Parlament Ewropew.

Hija tkopri wkoll it-taxxa fuq il-proprjetà marbuta ma' dawn il-binjiet. Il-kirjiet jiġu kkalkulati fuq 12-il xahar u fuq il-bażi ta' kuntratti eżistenti jew li qed jitħejjew, li normalment jistipulaw indiċi fuq l-għoli tal-ħajja jew fuq il-prezz tal-bini.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

2 0 0 1 Ħlasijiet ta' ċnus

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	30 990 016,—

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet ta' ċnus marbuta ma' bini jew ma' partijiet ta' bini koperti minn kuntratti li jinsabu fis-seħħ jew kuntratti li qed jitħejjew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifisira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

2 0 0 3 Akkwist ta' bini

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' bini. Is-sussidji li jikkonċernaw l-artijiet u l-vijabilità tagħhom għandhom jiġu ttrattati b'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 810 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

2 0 0 7 Kostruzzjoni ta' bini u sistemazzjoni fil-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
96 927 000	82 730 000	90 508 522,14

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 7 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kostijiet ta' kostruzzjoni ta' bini (xogħlijiet, onorarji tal-konsulenti, l-għamara u l-forniturijiet inizjali meħtieġa biex il-bini jibda jopera u kull kost relatat),

— il-kostijiet tax-xogħlijiet ta' sistemazzjoni u nefqa oħra marbuta ma' dawn ix-xogħlijiet u partikolarment spejjeż tal-arkitett jew tal-inġinier.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 472 000.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri jew mill-aġenziji jew l-entitajiet pubbliċi tagħhom fil-forma ta' finanzjament jew ħlas lura ta' spejjeż u ta' ħlasijiet assoċjati marbuta max-xiri jew użu ta' art jew ta' bini, kif ukoll ta' ħlasijiet fir-rigward ta' bini jew faċilitajiet tal-istituzzjoni, għandhom jitqiesu bħala dħul assenjat estern fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju.

2 0 0 8 Ġestjoni tal-proprjetà speċifika

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 607 000	5 429 000	4 638 553,38

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż f'dik li hi ġestjoni tal-proprjetà immobbli bini li mhumiex speċifikament previsti f'artikoli oħra ta' dan il-Kapitolu, speċjalment għal:

— il-ġestjoni u t-trattament tal-iskart,

— l-ispezzjonijiet obbligatorji, spezzjonijiet tal-kwalità, perizji, verifikar, sorveljanza tal-konformità, eċċ.,

— il-librerija teknika,

— l-assistenza għall-ġestjoni (Helpdesk tal-Bini),

— l-immaniġġjar tal-pjanti tal-bini u tal-midja li jappoġġjaw id- *data*,

— l-ispejjeż l-oħra.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 268 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 2 In-nefqa fuq il-bini

2 0 2 2 Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
67 790 000	64 180 000	62 863 456,11

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' manutenzjoni, żamma, operat u tindif, skont il-kuntratti fis-seħħ, tal-bini (il-lokijiet u t-tagħmir tekniku) okkupat, b'kiri jew bi sjieda, mill-Parlament Ewropew.

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (prezz, munita magħżula, indiċizzazzjoni, tul, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom u bi qbil mal-Artikolu 164 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 479 000.

2 0 2 4 Konsum tal-enerġija

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
17 580 000	16 100 000	15 726 721,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikulari biex tkopri l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tat-tisħin.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 150 000.

2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
16 030 000	23 750 000	16 705 207,36

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri l-ispejjeż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament Ewropew fit-tliet postijiet abitwali ta' xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni tiegħu fl-Unjoni kif ukoll fl-uffiċċji fil-pajjiżi terzi.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 2 *(ikompli)*

2 0 2 6 *(ikompli)*

Qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni tal-kuntratti, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali (prezz, munita magħżula, indiċizzazzjoni, tul, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom u bi qbil mal-Artikolu 164 tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

2 0 2 8 Assikurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
922 000	2 660 000	754 019,05

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' primjums tal-assikurazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, TAGĦMIR U GĦAMARA

Kummenti

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

2 1 0 ***L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet***

2 1 0 0 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Operazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
29 326 000	29 545 500	28 764 464,69

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għal operazzjonijiet ta' attivitajiet rikorrenti meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi informatiċi u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Dawk l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment is-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet, l-informatika dipartimentali u l-ġestjoni tan-network.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 0 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 302 000.

2 1 0 1 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Infrastruttura

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 104 000	25 409 000	23 534 285,34

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għal operazzjonijiet ta' attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni u żamma tal-infrastrutturi relatati mas-sistemi informatiċi u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew, inklużi s-servizzi relatati ma' cloud. Dawn l-ispejjeż jirrigwardaw partikolarment l-infrastruttura relatata man-networks, kejbils, telekomunikazzjoni, tagħmir individwali kif ukoll sistemi ta' votazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 106 000.

2 1 0 2 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Sostenn ġenerali lill-utenti

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
14 136 000	12 870 000	12 091 037,99

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta max-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għall-attivitajiet rikorrenti ta' għajnuna u ta' sostenn ġenerali lill-utenti fir-rigward tas-sistemi informatiċi u tat-telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Din in-nefqa tirrigwarda s-servizzi ta' sostenn għall-Membri Parlamentari u għall-utenti l-oħra, b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet amministrattivi, leġiżlattivi, użati fl-oqsma tas-sigurtà u tas-sikurezza kif ukoll dawk relatati mal-komunikazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 15 000.

2 1 0 3 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament — Applikazzjonijiet ICT

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
29 821 000	26 840 000	20 326 119,48

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 3 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq ix-xiri, il-kiri, iż-żamma u l-manutenzjoni ta' hardware u ta' software u x-xogħol marbut magħhom, kif ukoll in-nefqa fuq l-assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenti għall-attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT għall-istituzzjoni. Din in-nefqa tirrigwarda partikolarment l-applikazzjonijiet relatati mal-Membri, mal-komunikazzjoni, mas-sigurtà u mas-sikurezza, kif ukoll l-applikazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll l-ispejjeż rigward l-għodda tal-ICT ffinanzjati b'mod konġunt fil-qafas tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-lingwi, wara d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 6 000.

2 1 0 4 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
20 361 000	15 487 000	26 278 868,38

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' ta' hardware u ta' software u mal-assistenza esterna minn entitajiet ta' servizzi u konsulenti tal-informatika għall-investimenti relatati mal-infrastruttura tas-sistema tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet tal-Parlament Ewropew. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment is-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u ta' telekomunikazzjonijiet, in-networks, il-kejbils, kif ukoll is-sistemi ta' vidjokonferenzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 105 000.

2 1 0 5 Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
31 973 000	25 981 000	33 176 490,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta max-xiri ta' hardware u ta' software kif ukoll in-nefqa ta' assistenza ta' kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenza għall-investimenti relatati mal-proġetti ICT eżistenti jew ġodda. L-investimenti jirrigwardaw partikolarment applikazzjonijiet relatati mal-Membri Parlamentari, l-applikazzjonijiet leġiżlattivi, amministrattivi, finanzjarji, tal-komunikazzjoni, tas-sigurtà u tas-sikurezza kif ukoll dawk relatati mal-governanza tal-ICT.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 2 Għamara

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 910 000	7 400 000	7 571 521,18

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' għamara, b'mod partikulari x-xiri ta' għamara ergonomika tal-uffiċini, is-sostituzzjoni ta' għamara antikwata u bla użu kif ukoll magni tal-uffiċini. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż differenti ta' ġestjoni tal-beni mobbli tal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 1 4 Materjal u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
26 467 500	27 923 500	23 376 896,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi kif ukoll għall-ġestjoni tagħhom, b'mod partikolari:

— bosta tipi ta' materjal u ta' installazzjonijiet tekniċi, fissi jew mobbli, marbuta mal-pubblikazzjoni, is-sigurtà (inkluż is-software), il-kantins, il-bini, it-taħriġ tal-persunal, iċ-ċentri sportivi tal-istituzzjoni, eċċ.,

— tagħmir, b'mod partikolari tat-tipografija, tas-servizz tat-telefon, tal-kantins, tal-ħwienet, tas-sigurtà, tas-servizz tekniku tal-konferenzi, tas-settur awdjoviżiv, eċċ.,

— materjal speċjali (elettroniku, informatiku, elettriku) flimkien mas-servizzi esterni relatati.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż għar-riklamar għall-bejgħ mill-ġdid u għall-iskrappjar ta' oġġetti li m'għadhomx jaħdmu kif ukoll l-ispejjeż marbutin mal-assistenza teknika (konsultazzjoni) għal dossiers li jeħtieġu għarfien espert estern.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż marbuta mas-servizzi ta' trasport tat-tagħmir meħtieġ għall-forniment ta' servizzi tekniċi ta' konferenzi fil-post meta mitluba minn Membru, delegazzjoni, grupp politiku jew organu tal-Parlament Ewropew fid-dinja kollha. Dawn l-ispejjeż jinkludu l-ispejjeż ta' trasport kif ukoll il-kostijiet amministrattivi kollha marbuta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju **huwa** stmat għal EUR 190 000.

2 1 6 Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 599 000	4 188 000	3 364 683,72

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist, iż-żamma, l-użu u t-tiswija ta' vetturi (il-flotta tal-karozzi u tar-roti) u l-kiri ta' vetturi, taxis, kowċis u trakkijiet, b'xufier jew mingħajru, inkluża l-assigurazzjoni li tikkorrispondi ma' dawn u spejjeż oħra ta' ġestjoni. Fit-tiġdid tal-flotta tal-karozzi u fix-xiri, fil-lokazzjoni jew fil-kiri tal-vetturi, tingħata preferenza għall-vetturi li l-inqas iniġġsu, bħall-vetturi ibridi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI

Kummenti

Fil-qasam tas-akkwist pubbliku, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali miksuba minn kull istituzzjoni individwali.

2 3 0 ***Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 366 000	1 413 000	1 253 104,27

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, envelops, għamara tal-uffiċini, prodotti għall-istamperija u għall-istudios tar-riproduzzjoni, eċċ. kif ukoll l-ispejjeż ta' ġestjoni f'dan ir-rigward.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 38 000.

2 3 1 ***Tariffi finanzjarji***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
60 000	60 000	35 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż bankarji (primjums, primjums ta' skambju, spejjeż diversi) u l-ispejjeż finanzjarji l-oħra, fosthom l-ispejjeż marbuta mal-iffinanzjar tal-bini.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 2 Spejjeż

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 245 000	1 370 000	544 637,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— -ispejjeż li l-Parlament Ewropew jista' jiġi obbligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Qorti Ġenerali jew mill-qrati nazzjonali,

— in-nefqiet għas-servizzi ta' avukati esterni li jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew fit-Tribunali tal-Unjoni u nazzjonali, kif ukoll in-nefqiet għas-servizzi ta' konsulenti legali jew esperti biex jgħinu fis-servizz legali,

— ir-rifużjoni ta' spejjeż għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinarji u simili,

— spejjeż ta' ħsarat u interessi,

— l-ammont ta' kumpens approvati bi ftehim bonarju, skont l-applikazzjoni tal-Kapitolu 11 ta' Titolu III tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali jew tal-Kapitolu VII tat-Titolu IV tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

— multi amministrattivi tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

Bażiġuridika

Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2 3 6 Servizzi postali u ta' ġarr

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
221 000	224 000	286 650,45

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali nazzjonali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

Hija wkoll maħsuba biex tkopri servizzi pprovduti fil-qasam tal-posta.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 7 Rilokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 860 000	1 830 000	2 655 810,27

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta max-xogħol tar-rilokazzjoni u tal-manutenzjoni magħmula permezz ta' kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju pprovdut minn aġenziji esterni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 3 8 Nefqiet amministrattivi oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 692 000	1 674 500	1 207 564,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-assikurazzjonijiet li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor,

— ix-xiri u l-kura ta' uniformijiet għall-ushers, għax-xufiera, għar-receptionists, għall-ħaddiema tal-imħażen, għall-persuni li jaħdmu fil-ġarr u l-persunal impjegati fis-Servizz ta' Żjarat u Seminars, il-Parlamentarium, is-servizzi mediċi, is-servizzi ta' sigurtà, is-servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi ta' manutenzjoni tal-bini u servizzi tekniċi differenti,

— infiq varju għall-operat u l-ġestjoni, inklużi l-ispejjeż ta' ġestjoni mħallsa lill-PMO fir-rigward tal-pensjonijiet statutorji tal-ex Membri, l-ispejjeż relatati mal-kontroll tas-sigurtà tal-persuni esterni li jaħdmu fil-bini jew fis-sistemi tal-Parlament Ewropew, ix-xiri ta' proprjetà mobbli jew ta' servizzi mhux speċifikament previsti f'partita oħra,

— xiri varju marbut mal-attivitajiet tal-Iskema ta' Ġestjoni Ekoloġika u Verifika (EMAS) (kampanji promozzjonali, eċċ.).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

2 3 9 L-attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni, u l-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
262 500	262 500	239 752,37

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI *(ikompli)*

2 3 9 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża relatata mal-attivitajiet tal-EMAS li jfittxu li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-Parlament Ewropew, inkluż il-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet, u għall-iskema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 26 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI
KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	28 565 000	28 140 000	25 023 507,64	87,60
3 0 2	***Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	845 500	910 500	693 976,40	82,08
3 0 4	***Nefqiet varji għal laqgħat***				
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	300 000	300 000	479 862,62	159,95
3 0 4 2	Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 780 000	2 671 000	1 582 736,43	56,93
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 120 000	2 130 000	1 735 582,—	81,87
	Artikolu 3 0 4 — Total	5 200 000	5 101 000	3 798 181,05	73,04
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	34 610 500	34 151 500	29 515 665,09	85,28
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	***Akkwist tal-opinjoni tal-esperti***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 629 500	7 137 000	3 270 718,85	49,34
3 2 1	***Nefqa għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, inklużi l-bibljoteka, l-arkivji storiċi, il-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 830 000	9 750 000	6 945 062,02	70,65
3 2 2	***Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 216 000	2 627 500	3 178 622,53	98,84
3 2 3	***Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 400 000	1 335 000	596 105,90	42,58

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
3 2 4	***Produzzjoni u tixrid***				
3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	638 250,69	
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 053 000	4 410 000	4 681 880,16	92,66
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	28 420 000	22 780 000	33 132 241,09	116,58
3 2 4 3	Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	31 811 500	21 947 500	12 050 023,02	37,88
3 2 4 4	L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	33 148 470	31 767 000	28 153 356,64	84,93
3 2 4 5	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 902 750	2 957 000	2 401 279,82	82,72
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 553 500	17 579 500	19 203 325,75	109,40
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	235 000	225 000	95 378,09	40,59
	Artikolu 3 2 4 — Total	119 124 220	101 666 000	100 355 735,26	84,24
3 2 5	***Nefqa relatata mal-uffiċċji ta' kollegament***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 400 000	8 900 000	8 080 000,—	85,96
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	149 599 720	131 415 500	122 426 244,56	81,84
	Titolu 3 — Total	**184 210 220**	**165 567 000**	**151 941 909,65**	**82,48**

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 3

IN-NEFQA ĠENERALI GĦALL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI

3 0 0 Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
28 565 000	28 140 000	25 023 507,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-ivvjaġġar magħmul mill-persunal tal-istituzzjoni, mill-esperti nazzjonali sekondati, trainees u persunal ta' istituzzjonijiet Ewropej jew internazzjonali oħra mistiedna mill-istituzzjoni mill-post tal-impieg lejn xi wieħed mit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament Ewropew (Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu) u għal missjonijiet lejn kull post ieħor barra mit-tliet postijiet ta' xogħol. L-ispejjeż huma spejjeż tat-trasport, il-ħlas ta' allowances ta' kuljum, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u l-allowances ta' kumpens għal xogħol li jsir barra l-ħinijiet normali. Spejjeż supplimentari (fosthom il-kanċellazzjoni ta' biljetti tat-trasport u ta' riservazzjonijiet ta' lukandi, l-ispejjeż marbuta mas-sistema ta' fatturazzjoni elettronika, l-ispejjeż marbuta mal-assikurazzjoni għall-missjonijiet) huma koperti wkoll.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq marbut mal-possibilità ta' kumpens għall-emissjoni tal-karbonju għall-missjonijiet u vjaġġar tal-istaff.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 200 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu u l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tiegħu.

3 0 2 Nefqiet għal riċevimenti u rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
845 500	910 500	693 976,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq marbut mal-obbligi tal-istituzzjoni rigward riċevimenti, inklużi dawk marbuta mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA), ta' attivitajiet ta' prospettiva oħrajn, kif ukoll spejjeż ta' rappreżentanza għall-Membri tal-Parlament Ewropew,

— l-ispejjeż ta' rappreżentanza tal-President fil-vjaġġi tiegħu barra mill-postijiet tax-xogħol,

— l-ispejjeż ta' rappreżentanza u kontribuzzjoni għall-infiq tas-segretarjat tal-uffiċċju tal-President,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

3 0 2 *(ikompli)*

— l-ispejjeż ta' riċeviment u ta' rappreżentanza tas-Segretarjat Ġenerali, fosthom ix-xiri ta' artikoli u ta' medalji għall-uffiċjali li laħqu l-ħmistax u/jew il-ħamsa u għoxrin sena ta' servizz,

— l-ispejjeż diversi tal-protokoll, bħal bnadar, apparat tal-wiri, kartolini ta' stedina, stampar ta' menus, eċċ.

— spejjeż ta' vvjaġġar u sussistenza li jkollhom il-viżitaturi VIP tal-istituzzjoni,

— L-ispejjeż tal-viża tad-deputati u l-aġenti tal-Parlament Ewropew relatati mal-vjaġġi uffiċjali,

— l-ispejjeż għal riċevimenti u rappreżentazzjoni u l-ispejjeż l-oħra speċifiċi għall-Membri li għandhom funzjoni uffiċjali fi ħdan il-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

3 0 4 ***Nefqiet varji għal laqgħat***

3 0 4 0 Nefqiet varji għal laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
300 000	300 000	479 862,62

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' xarbiet, u kultant ikliet ħfief, servuti fil-laqgħat tal-Parlament Ewropew jew waqt laqgħat interistituzzjonali organizzati fil-binjiet tiegħu, kif ukoll il-ġestjoni ta' dawn is-servizzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

3 0 4 2 Laqgħat, kungressi, konferenzi u delegazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 780 000	2 671 000	1 582 736,43

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

3 0 4 *(ikompli)*

3 0 4 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri partikolarment l-ispejjeż, barra minn dawk koperti mill-Kapitolu 1 0 u mill-artikolu 3 0 0, marbuta:

— mal-organizzazzjoni ta' laqgħat barra mill-postijiet tax-xogħol (kumitati jew id-delegazzjonijiet tagħhom, gruppi politiċi), inklużi, fejn xieraq, spejjeż ta' rappreżentanza,

— mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet *ad hoc*, tal-kumitati parlamentari konġunti, tal-kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni u tad-delegazzjonijiet parlamentari għad-WTO, kif ukoll il-konferenza parlamentari dwar id-WTO u tal-kumitat ta' tmexxija tagħha.

— mal-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet għall-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, tal-Assemblea Parlamentari EuroLat, tal-Assemblea Parlamentari Euronest u tal-korpi tagħhom,

— mal-organizzazzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (APUgħM), tal-kumitati tagħha u tal-Bureau tagħha; dawn in-nefqiet fihom il-kontribut tal-Parlament Ewropew għall-baġit tas-segretarjat awtonomu tal-APUgħM jew ir-responsabbiltà diretta tal-ispejjeż li jirrappreżentaw is-sehem tal-Parlament Ewropew għall-baġit tal-APUgħM,

— mal-ħlas lill-organizzazzjonijiet internazzjonali fejn il-Parlament jew wieħed mill-organi tiegħu huwa membru (l-Unjoni Interparlamentari, l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti, il-Grupp 12+ tal-Unjoni Interparlamentari),

— mar-rimborż lill-Kummissjoni, abbażi ta' ftehim ta' servizz iffirmat bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tas-sehem tal-Parlament Ewropew mill-ispejjeż tal-produzzjoni tal-laissez-passer Komunitarju (tagħmir, persunal u provvisti), f'konformità mal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet (Artikolu 6), għall-Artikolu 23 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 11 u 81 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistipula l-għamla tal-laissez-passer maħruġ mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26).

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

3 0 4 9 Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 120 000	2 130 000	1 735 582,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-operat tal-aġenzija tal-ivvjaġġar li għandhom kuntratt mal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 6 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI

3 2 0 Akkwist tal-opinjoni tal-esperti

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 629 500	7 137 000	3 270 718,85

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' kuntratti ma' esperti kwalifikati u istituti ta' riċerka għall-istudji u l-attivitajiet l-oħra ta' riċerka (sessjonijiet ta' ħidma, diskussjonijiet madwar mejda, gruppi ta' esperti u seduti ta' smigħ ma' esperti, konferenzi) jew ta' assistenza teknika li teħtieġ kompetenzi speċifiċi, magħmula mill-korpi tal-Parlament Ewropew għall-kumitati parlamentari, id-delegazzjonijiet parlamentari u l-amministrazzjoni,

— il-ksib jew il-kiri ta' sorsi ta' informazzjoni speċjalizzata, bħal databażijiet speċjalizzati, litteratura relatata jew appoġġ tekniku, meta tkun meħtieġa bħala komplement għall-kuntratti għal għarfien espert imsemmija hawn fuq,

— l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, għas-soġġorn u nfiq ieħor tal-esperti u personalitajiet oħra — inklużi persuni li jressqu petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew — li jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fil-kumitati, fid-delegazzjonijiet u fil-gruppi ta' studju u ta' ħidma, kif ukoll fil-workshops,

— l-ispejjeż tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' bażijiet ta' data interni, fuljetti u pubblikazzjonijiet),

— in-nefqa sabiex jissejħu persuni esterni biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' entitajiet bħall-Bord tad-Dixxiplina,

— il-kost tal-kontroll, min-naħa ta' fornituri ta' servizz, tal-veradiċità tad-dokumenti mressqa mill-kandidati għar-reklutaġġ.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

3 2 1 Nefqa għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, inklużi l-bibljoteka, l-arkivji storiċi, il-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi (STOA) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
9 830 000	9 750 000	6 945 062,02

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal attivitajiet tad-DĠ EPRS u tas-servizzi ċentrali tas-Segretarju Ġenerali, b'mod partikolari:

— l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat u ta' sostenn għal attivitajiet ta' riċerka tal-Parlament Ewropew (inkluż artikli, studji, workshops, seminars, round tables, bordijiet ta' esperti u konferenzi), li jistgħu jsiru jekk meħtieġ flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, organizzazzjonijiet internazzjonali, dipartimenti tar-riċerka u bibljoteki tal-parlamenti nazzjonali, gruppi ta' riflessjoni, korpi ta' riċerka u esperti kwalifikati oħra,

— l-akkwist tal-għarfien speċjalizzat fl-oqsma tal-istudju tal-impatt u tal-valutazzjoni *ex ante* u *ex post*, tal-valur miżjud Ewropew, u tal-evalwazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA),

— l-akkwist jew il-kiri ta' kotba, rivisti, ġurnali, databases, prodotti tal-aġenziji tal-istamperiji u kwalunkwe appoġġ ta' informazzjoni mmirat għall-bibljoteki f'formati differenti, inkluż l-ispejjeż tad-drittijiet tal-awtur, is-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità, il-materjali u x-xogħol tal-legatura tal-kotba u l-konservazzjoni, u ta' servizzi rilevanti oħra,

— l-ispiża tas-servizzi esterni tal-arkivjar (organizzazzjoni, għażla, deskrizzjoni, trasferiment għal midja differenti u għal forma mingħajr karta, l-akkwist ta' sorsi tal-arkivji primarji),

— l-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-operat u ż-żamma ta' dokumentazzjoni speċjali ta' bibljoteka u tal-arkivjar u ta' materjali speċjali medjatiċi, inkluż materjali u/jew sistemi elettroniċi u informatiċi, kif ukoll materjali għal-legatura u l-konservazzjoni,

— l-ispejjeż tat-tqassim ta' prodotti tar-riċerka parlamentari interna jew esterna u ta' prodotti rilevanti oħra, għall-benefiċċju tal-istituzzjoni u tal-pubbliku (b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjonijiet fuq l-internet, ta' databases interni, fuljetti u pubblikazzjonijiet),

— l-ispejjeż għall-ivvjaġġar, is-soġġorn u aċċessorji tal-esperti u awturi mistiedna biex jipparteċipaw fil-preżentazzjonijiet, is-seminars, il-workshops jew attivitajiet oħra ta' dan it-tip organizzati,

— il-parteċipazzjoni tas-servizz responsabbli għall-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) fl-attivitajiet ta' entitajiet xjentifiċi Ewropej u internazzjonali,

— l-obbligi tal-Parlament Ewropew skont il-ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali u/jew interistituzzjonali, inkluża l-kontribuzzjoni tal-Parlament Ewropew għall-ispejjeż marbuta mal-ġestjoni tal-arkivji storiċi tal-Unjoni skont ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83.

— l-ispejjeż taċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika, li l-operazzjonijiet li huma kkontrollati mill-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA) tal-Parlament Ewropew, biex tissaħħaħ l-interfaċċa bejn il-Parlament Ewropew, il-komunità xjentifika u l-midja, bil-għan li, jiġu promossi n-networking, it-taħriġ u t-tixrid tal-għarfien, b'mod partikolari billi:

  — jiġu organizzati dawn l-attivitajiet u jittrattaw l-ispejjeż (inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-ikel) marbuta ma' stediniet lil ġurnalisti, partijiet ikkonċernati u esperti oħrajn, biex ikopru l-attivitajiet ikkonċernati,

  — joħolqu u jżommu networks fl-interfaċċa bejn il-Parlament Ewropew, il-komunità xjentifika u l-midja,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 1 *(ikompli)*

— jorganizzaw seminars, konferenzi u korsijiet ta' taħriġ, dwar l-iżviluppi li għaddejjin u l-attwalitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi, u dwar in-natura u l-effikaċja tal-ġurnaliżmu xjentifiku,

— jużaw l-informazzjoni u l-analiżi minn esperti, id-dinja akkademika, il-midja u sorsi oħra fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija għall-benefiċċju ta' dawk li jfasslu l-politika u taċ-ċittadini,

— iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali r-riċerka u d-diversi dokumenti tal-Parlament Ewropew fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija permezz ta' mezzi bil-miktub, awdjoviżivi u oħra,

— jiżviluppaw tekniki u metodi biex tiżdied il-kapaċità li wieħed jidentifika u jxerred sorsi affidabbli fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija,

— jiffaċilitaw, għall-iskopijiet ta' dan id-djalogu, l-installazzjoni, it-titjib u l-użu ta' tagħmir tekniku modern u faċilitajiet għall-midja,

— jiżviluppaw il-kooperazzjoni u, b'mod aktar ġenerali, r-rabtiet aktar mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew, il-midja, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka rilevanti f'dan il-qasam, inkluż permezz ta' promozzjoni fil-midja tar-rwol u l-ħidma taċ-Ċentru Ewropew tal-Midja Xjentifika, kif ukoll l-aċċessibbiltà tiegħu għaċ-ċittadini.

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża ukoll biex tappoġġa id-djalogu tal-Parlament Ewropew mal-komunità universitarja, il-midja, il-gruppi ta' riflessjoni u ċ-ċittadini, rigward ix-xogħol ta' prospettivi dwar it-tendenzi fit-tul li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom id-deċiżuri tal-Unjoni, kemm fil-qasam xjentifiku u b'mod usa', permezz ta' seminars, pubblikazzjonijiet kif ukoll attivitajiet oħra elenkati hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, kif emendata l-aħħar fit-22 ta' Ġunju 2011 (ĠU C 216, 22.7.2011, p. 19);

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Lulju 2012 dwar ir-regolamentazzjoni dwar l-amministrazzjoni tad-dokumenti fil-Parlament Ewropew.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2014 dwar proċeduri li jirregolaw l-akkwist mill-Parlament Ewropew ta' arkivji privati tal-Membri u l-ex Membri.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar ippjanar tal-politika bil-quddiem u tendenzi fuq perjodu twil ta' żmien: implikazzjonijiet baġitarji għat-tiswiħ tal-kapaċitajiet (ĠU C 181, 19.5.2016, p. 16), u b'mod partikolari l-paragrafi 7 u 9 tagħha.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 1 *(ikompli)*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2015 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2016 (ĠU C 346, 21.9.2016, p. 188), u b'mod partikolari l-paragrafu 30 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 2016 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2016 (ĠU C 58, 15.2.2018, p. 257), u b'mod partikolari l-paragrafu 54 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2019 (ĠU C 390, 18.11.2019, p. 215), u b'mod partikolari l-paragrafu 49 tagħha.

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Marzu 2019 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2020 (Testi adottati, P8_TA(2019) 0326), u b'mod partikolari l-paragrafu 47 tagħha.

3 2 2 ***Akkwist tal-informazzjoni u arkivjar***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 216 000	2 627 500	3 178 622,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-abbonamenti għall-ġurnali, perjodiċi u aġenziji tal-informazzjoni, għall-pubblikazzjonijiet u s-servizzi online tagħhom, inklużi l-ispejjeż tal-copyright għar-riproduzzjoni u d-disseminazzjoni bil-miktub u/jew b'mod elettroniku ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u għall-siltiet mill-istampa,

— l-abbonamenti jew il-kuntratti ta' servizz għall-forniment ta' sommarji u analiżi tal-kontenut tal-perjodiċi jew il-ħażna ta' artikolu meħuda minn sorsi ta' dan it-tip fuq midja viżiva,

— l-ispejjeż marbuta mal-użu ta' bażijiet ta' *data* esterni tad-dokumentazzjoni u tal-istatistika, minbarra l-hardware, u l-infiq għat-telekomunikazzjoni,

— ix-xiri jew is-sostituzzjoni ta' dizzjunarji u glossarji ġodda ta' kull tip, anke għat-taqsimiet tal-lingwi l-ġodda, u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi u għall-Unità ta' Verifika tat-Testi Leġiżlattivi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

3 2 3 ***Appoġġ għad-demokrazija u l-bini ta' kapaċità għall-parlamenti ta' pajjiżi terzi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 400 000	1 335 000	596 105,90

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 3 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa fuq programmi għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, b'mod partikolari l-Balkani tal-Punent u t-Turkija,

— in-nefqa li ssir għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali eletti demokratikament minn pajjiżi terzi (għajr dawk imsemmija fl-inċiż preċedenti) kif ukoll ma' organizzazzjonijiet parlamentari reġjonali korrispondenti. L-attivitajiet ikkonċernati huma partikolarment maħsuba għat-tisħiħ tal-kapaċità parlamentari f'demokraziji ġodda u emerġenti b'mod partikolari fil-Viċinat Ewropew (Nofsinhar u Lvant),

— l-infiq fuq il-promozzjoni ta' attivitajiet b'appoġġ għall-medjazzjoni, u programmi għal mexxejja politiċi żgħażagħ mill-Unjoni Ewropea u minn pajjiżi fil-Viċinat Ewropew estiż: il-Magreb, l-Ewropa tal-Lvant u r-Russja, id-Djalogu Iżraelo-Palestinjan u pajjiżi prijoritarji oħrajn deċiżi mill-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet,

— l-infiq magħmul għall-organizzazzjoni tal-premju Sakharov (b'mod partikolari l-ammont tal-premju, l-ispejjeż marbuta mal-ivvjaġġar tar-rebbieħ(a) u tal-kandidati finalisti l-oħrajn u tal-akkoljenza tagħhom, l-ispejjeż tal-operat tan-network ta' Sakharov u l-missjonijiet tal-membri tan-network) u għal attivitajiet li għandhom l-għan li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem.

Dawn l-operazzjonijiet jinkludu ż-żjarat ta' informazzjoni fil-Parlament Ewropew fi Brussell, fil-Lussemburgu jew fi Strasburgu, kif ukoll żjarat fl-Istati Membri u fl-Istati terzi. Din l-approprjazzjoni tkopri l-ispejjeż totali jew parti minnhom tal-parteċipanti, partikolarment il-vjaġġi u n-nefqiet marbuta magħhom, l-akkomodazzjoni u l-allowance għas-sussistenza għal kull jum.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2011 li tistabbilixxi d-direttorat għall-appoġġ tad-demokrazija fid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni Ewropea.

3 2 4 ***Produzzjoni u tixrid***

3 2 4 0 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	638 250,69

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri is-sehem tal-istituzzjoni mill-infiq tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għall-pubblikazzjoni u t-tixrid u ta' spejjeż oħra anċillari fir-rigward tat-testi li għandhom ikunu ppubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

3 2 4 1 Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 053 000	4 410 000	4 681 880,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet kollha għall-pubblikazzjoni b'mod diġitali (siti tal-Intranet) u tradizzjonali (dokumenti u materjal stampat varji maħruġa b'sottokuntratt), inkluża d-distribuzzjoni,

— l-aġġornament u l-manutenzjoni evoluttiva u ta' korrezzjoni tas-sistemi editorjali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 6 000.

3 2 4 2 Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
28 420 000	22 780 000	33 132 241,09

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet ta' komunikazzjoni relatata mal-valuri tal-istituzzjoni permezz ta' pubblikazzjonijiet ta' tagħrif, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, l-attivitajiet marbuta mat-tagħrif, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-parteċipazzjoni fil-manifestazzjonijiet pubbliċi, f'wirjiet u f'fieri,

— in-nefqa għall-komunikazzjoni biex lill-Parlament Ewropew tingħata dehra pubblika li tintgħaraf, koerenti u pożittiva, biex jiġu żviluppati prodotti ta' komunikazzjoni mill-kunċett kreattiv sal-prodott finali u jinbdew il-kapaċitajiet biex tinħoloq aġenzija tal-komunikazzjoni interna, inkluż l-aċċess għall-istrumenti tas-settur u għall-pariri ta' esperti esterni,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 2 *(ikompli)*

— il-kofinanzjament ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni permezz ta' programm ta' għotjiet biex jiġi promoss u mkattar fehim aħjar tal-identità, tar-rwol u tan-natura politika tal-Parlament Ewropew, u tiġi stimolata l-kollaborazzjoni man-networks multiplikaturi,

— il-kost relatat mal-monitoraġġ tal-opinjoni pubblika,

— il-kost marbut mal-monitoraġġ tar-riskji għar-reputazzjoni, tad-diżinformazzjoni u t-theddid ibridu, kif ukoll il-ġlieda kontra dawn il-problemi u s-sensibilizzazzjoni dwarhom,

— il-kost tal-inizjattivi kulturali ta' interess Ewropew, bħall-Premju LUX tal-Parlament Ewropew għaċ-Ċinema Ewropew,

— il-kost tal-organizzazzjoni u r-realizzazzjoni ta' avvenimenti mmirati għaż-żgħażagħ, it-tisħiħ tal-viżibilità tal-Parlament Ewropew fuq il-midja soċjali, u il-monitoraġġ tat-tendenzi fost iż-żgħażagħ,

— il-kost marbut mal-internet mobbli, mat-tekniki interattivi, mal-ispazji li jiffavorixxu s-soċjalizzazzjoni, mal-pjattaformi kollaborattivi u mat-tibdil fl-imġiba tal-utenti tal-internet bil-għan li l-Parlament Ewropew jitqarreb lejn iċ-ċittadin,

— il-kost marbut mal-produzzjoni, mad-distribuzzjoni u mal-hosting min-naħa tal-Parlament Ewropew tal-filmati għall-internet u ta' materjal multimedjali ieħor lest għax-xandir, skont l-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

3 2 4 3 Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
31 811 500	21 947 500	12 050 023,02

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-installazzjonijiet, il-materjali u l-wirjiet fiċ-Ċentri għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew, u speċifikament:

— il-Parlamentarium — Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew ta' Brussell, inklużi l-punti ta' informazzjoni mobbli,

— l-ispazji ta' akkoljenza, iċ-ċentri "Europa Experience" u l-punti ta' informazzjoni esterni minn Brussell,

— l-attivitajiet ta' Dar l-Istorja Ewropea, bħas-sistemazzjoni interna speċifika, l-akkwist tal-kollezzjonijiet, l-ispiża għall-kuntratti mal-esperti kwalifikati, l-organizzazzjoni tal-wirjiet u l-ispejjeż operattivi inklużi l-ispejjeż relatati max-xiri ta' kotba, rivisti u pubblikazzjonijiet oħra marbuta mal-attività ta' Dar l-Istorja Ewropea,

— in-nefqiet għall-opri tal-arti tal-Parlament Ewropew, kemm l-ispejjeż għall-akkwist kif ukoll dawk għax-xiri ta' materjal speċifiku, kif ukoll l-ispejjeż kurrenti marbuta magħhom, bħall-ispejjeż għal konsulenza, konservazzjoni, gwarniċi, restawr, tindif u assigurazzjoni, kif ukoll spejjeż għat-trasport okkażjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 000 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 4 L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
33 148 470	31 767 000	28 153 356,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— is-sussidji mogħtija lill-gruppi ta' viżitaturi u l-ispejjeż ta' sorveljanza u ta' infrastruttura marbuta magħhom, il-finanzjament ta' korsijiet għall-multiplikaturi tal-opinjoni ta' pajjiżi terzi (EUVP) u l-ispejjeż għall-funzjonament tal-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola. Il-programmi Euromed-Scola u Euronest-Scola għandhom isiru kull sena, minbarra fis-snin elettorali, alternattivament, f'postijiet tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu jew fi Brussell,

— l-attivitajiet ta' promozzjoni tal-programm EUVP,

— in-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida ta' akkoljenza tal-viżitaturi u mal-organizzazzjoni tal-jiem għall-pubbliku (open days).

Din l-approprjazzjoni għandha tiżdied kull sena fuq il-bażi ta' deflatur li jqis il-varjazzjonijiet tad-dħul nazzjonali gross u tal-prezzijiet.

Kull Membru tal-Parlament Ewropew għandu d-dritt jistieden, kull sena ta' kalendarju, massimu ta' ħames gruppi, għal total ta' 110 viżitaturi. Il-gruppi ta' viżitaturi uffiċjalment sponsorizzati minn Membru, jistgħu, fuq stedina ta' dan l-aħħar, jipparteċipaw fil-programm Euroscola.

Ammont xieraq huwa inkluż għall-viżitaturi b'diżabilità.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 500 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar regoli li jirregolaw l-akkoljenza ta' gruppi ta' viżitaturi u l-programmi Euroscola, Euromed-Scola u Euronest-Scola, kif ikkonsolidata fit-3 ta' Mejju 2004, emendata l-aħħar fl-24 ta' Ottubru 2016.

3 2 4 5 L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 902 750	2 957 000	2 401 279,82

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI
(ikompli)

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 5 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa jew is-sussidji marbuta mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars nazzjonali jew internazzjonali għall-multiplikaturi tal-opinjonijiet li ġejjin mill-Istati Membri, mill-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni u mill-pajjiżi li fihom il-Parlament Ewropew għandu Uffiċċju ta' Kollegament, l-ispiża għall-organizzazzjoni ta' symposia u seminars parlamentari,

— in-nefqiet marbuta ma' avvenimenti speċjali fl-emiċikli, fi Strasburgu u fi Brussell, skont il-programm annwali adottat mill-Bureau tal-Parlament Ewropew,

— in-nefqiet marbuta mas-servizzi ta' ġestjoni tal-konferenzi, miżuri u għodod ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-konferenzi u għall-multilingwiżmu, bħal seminars u konferenzi, laqgħat b'dawk responsabbli mit-taħriġ ta' interpreti jew tradutturi, miżuri u azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni dwar il-multilingwiżmu u għall-promozzjoni tal-professjoni ta' interpretu jew ta' traduttur, inkluż programm ta' għotjiet għall-universitajiet, l-iskejjel u organizzazzjonijiet oħra li joffru korsijiet għall-interpretazzjoni jew it-traduzzjoni, soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni virtwali, kif ukoll il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet u f'miżuri simili organizzati b'mod konġunt ma' servizzi oħra fil-kuntest ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u internazzjonali,

— in-nefqiet marbuta mal-organizzazzjoni ta' symposia u seminars relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— l-ispejjeż marbuta mal-istedina ta' ġurnalisti fis-seduti plenarji, fil-laqgħat tal-kumitati, fil-konferenzi stampa u f'attivitajiet parlamentari oħrajn.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 25 000.

3 2 4 8 In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
17 553 500	17 579 500	19 203 325,75

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija u l-ġestjoni ta' apparat u ta' installazzjonijiet tekniċi tas-settur awdjoviżiv,

— il-baġit operattiv tas-settur awdjoviżiv (servizzi taħt ir-reġija proprja u assistenza esterna bħal servizzi tekniċi lill-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju, ir-realizzazzjoni, il-produzzjoni, il-koproduzzjoni u x-xandir ta' programmi awdjoviżivi, kiri ta' frekwenzi u trażmissjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju, azzjonijiet oħra ta' żvilupp tar-relazzjonijiet tal-istituzzjoni mal-entitajiet tax-xandir awdjoviżiv),

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 8 *(ikompli)*

— in-nefqiet marbuta max-xandir dirett, fuq l-internet, tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitati parlamentari,

— il-ħolqien ta' arkivji xierqa li jiżguraw l-aċċess permanenti tal-midja u taċ-ċittadini għal din l-informazzjoni,

— in-nefqiet marbuta mal-manutenzjoni tal-infrastruttura informatika fis-swali stampa fi Brussell u fi Strasburgu.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

Bażiġuridika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2002 dwar il-linji ta' gwida dwar il-proċedura baġitarja 2003 (ĠU C 47 E, 27.2.2003, p. 72).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2002 dwar l-istimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2003 (ĠU C 180 E, 31.7.2003, p. 150).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2003 dwar l-istimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2004 (ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 179).

3 2 4 9 Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
235 000	225 000	95 378,09

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż imwiegħda għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali. Dawn huma marbuta mar-relazzjonijiet parlamentari minbarra dawk koperti mill-kapitoli 1 0 u 3 0, l-iskambji ta' informazzjoni u ta' dokumentazzjoni, l-għajnuna għall-analiżi u għall-ġestjoni ta' din l-informazzjoni, inklużi l-iskambji maċ-Ċentru Ewropew tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD),

— l-iffinanzjar ta' programmi ta' koperazzjoni u ta' skemi ta' formazzjoni għal uffiċjali tal-Parlament Ewropew u parlamenti nazzjonali u, b'mod ġenerali, tal-attivitajiet sabiex isaħħu l-kapaċitajiet parlamentari tagħhom,

Skemi ta' taħriġ jinkludu żjarat ta' studju fil-Parlament Ewropew fi Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu; l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa kollha tal-parteċipanti jew parti minnha, b'mod partikolari l-vjaġġi u n-nefqiet marbuta magħhom, l-akkomodazzjoni u l-allowance għall-manteniment ta' kuljum,

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — L-OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI *(ikompli)*

3 2 4 *(ikompli)*

3 2 4 9 *(ikompli)*

— l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni, inklużi dawk marbuta mal-attività leġiżlattiva, kif ukoll l-azzjonijiet marbuta mal-attività ta' dokumentazzjoni, ta' analiżi u ta' informazzjoni, u dik tas-sigurtà tad-domain www.ipex.eu, inklużi l-azzjonijiet imwettqa mis-CERDP.

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tiffinanzja l-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fl-iskrutinju parlamentari tal-PESK/PSDK, skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

Konferenzi tal-Presidenti tal-Assemblei Parlamentari Ewropej (Ġunju 1977) u tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (Settembru 2000, Marzu 2001).

3 2 5 ***Nefqa relatata mal-uffiċċji ta' kollegament***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
9 400 000	8 900 000	8 080 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet tal-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri:

— nefqiet għall-komunikazzjoni u għall-informazzjoni (informazzjoni u manifestazzjonijiet pubbliċi; Internet - produzzjoni, promozzjoni, konsulenza; seminars; produzzjonijiet awdjoviżivi),

— l-ispejjeż ġenerali u spejjeż żgħar oħra (provvisti għall-uffiċċju, it-telekomunikazzjonijiet, l-ispejjeż ta' spedizzjoni, il-manutenzjoni, it-trasport, il-ħżin, l-oġġetti promozzjonali ġeneriċi, il-bażijiet ta' data u abbonamenti għall-istampa, eċċ.).

— kampanji fil-midja u organizzazzjoni tal-programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew".

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 10 000.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 4

NEFQA LI TIRRIŻULTA MINN FUNZJONIJIET SPEĊJALI LI JSIRU MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI
KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI
KAPITOLU 4 4 — LAQGĦAT U ATTIVITAJIET OĦRA TAL-MEMBRI PARLAMENTARI ATTWALI U TAL-

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	65 000 000	65 000 000	64 000 000,—	98,46
4 0 2	***Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	46 000 000	42 000 000	47 455 223,22	103,16
4 0 3	***Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	23 000 000	21 000 000	19 700 000,—	85,65
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	134 000 000	128 000 000	131 155 223,22	97,88
	KAPITOLU 4 2				
4 2 2	***Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	209 443 000	207 659 000	192 869 851,15	92,09
	KAPITOLU 4 2 — TOTAL	209 443 000	207 659 000	192 869 851,15	92,09
	KAPITOLU 4 4				
4 4 0	***In-nefqa għal-laqgħat u għal attivitajiet oħra tal-eks Membri Parlamentari***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	250 000	240 000	230 000,—	92
4 4 2	***In-nefqa għal-laqgħat u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	250 000	240 000	230 000,—	92
	KAPITOLU 4 4 — TOTAL	500 000	480 000	460 000,—	92
	Titolu 4 — Total	**343 943 000**	**336 139 000**	**324 485 074,37**	**94,34**

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 4

NEFQA LI TIRRIŻULTA MINN FUNZJONIJIET SPEĊJALI LI JSIRU MILL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI

4 0 0 ***Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
65 000 000	65 000 000	64 000 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-gruppi politiċi u għall-membri mhux affiljati:

— l-ispejjeż tas-segretarjat, amministrattivi u operattivi,

— l-ispejjeż marbuta ma l-attivitajiet politiċi u informattivi tagħhom fil-qafas tal-attivitajiet politiċi tal-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli dwar l-użu tal-approprjazzjonijiet tal-partita baġitarja 4 0 0, kif emendata l-aħħar fis-6 ta' Lulju 2020.

4 0 2 ***Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
46 000 000	42 000 000	47 455 223,22

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-partiti politiċi fil-livell Ewropew. Jeħtieġ li jiġu żgurati governanza tajba u skrutinju b'saħħtu tal-użu tal-fondi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Artikolu 10(4).

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 4 0 — NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJIET U MA' ĊERTI KORPI *(ikompli)*

4 0 2 *(ikompli)*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 224.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2).

4 0 3 ***Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
23 000 000	21 000 000	19 700 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew. Jeħtieġ li jiġu żgurati governanza tajba u skrutinju b'saħħtu tal-użu tal-fondi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

Bażiġuridika

It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Artikolu 10(4).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 224.

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2).

KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI

4 2 2 ***Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
209 443 000	207 659 000	192 869 851,15

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 4 2 — NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI *(ikompli)*

4 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż marbuta mal-persunal u l-forniturи tas-servizz responsabbli għall-assistenza parlamentari għall-Membri tal-Parlament, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-aġenti tal-ħlas,

— il-missjonijiet u tat-taħriġ (korsijiet esterni) tal-assistenti parlamentari akkreditati kif ukoll in-nefqiet marbuta mal-possibilità ta' kumpens tal-emissjoni tal-karbonju għall-missjonijiet u għall-vjaġġi tagħhom,

— it-telf mill-kambju mġarrab mill-Parlament Ewropew, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għar-rimborż tal-ispejjeż tal-assistenza parlamentari, kif ukoll l-ispejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-assistenza parlamentari.

— l-emolumenti għat-trainees iggradwati (boroż ta' studju),

— il-kumpens lill-viżitaturi għal skopijiet ta' studju mal-Membri,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tat-trainees u tal-viżitaturi għal skopijiet ta' studju mal-Membri,

— l-assigurazzjoni għall-mard u għall-inċidenti tat-trainees u tal-viżitaturi għal skopijiet ta' studju mal-Membri,

— l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat ta' informazzjoni/taħriġ għat-trainees.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 775 000.

Bażiġuridika

L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu.

Miżuri ta' applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u speċjalment l-Artikoli 33 sa 44 tiegħu.

Kundizzjonijiet applikabbli għall-uffiċjali l-oħra tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 5a u l-Artikoli 125 sa 139 tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 2014 dwar miżuri ta' implimentazzjoni għat-Titolu VII tal-Kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regoli dwar it-trainees tal-Membri.

Id-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tat-18 ta'Ġunju 2019 dwar ir-regoli interni dwar traineeships u żjarat ta' studju mas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

IL-PARLAMENT EWROPEW

KAPITOLU 4 4 — LAQGĦAT U ATTIVITAJIET OĦRA TAL-MEMBRI PARLAMENTARI ATTWALI U TAL-*EX* MEMBRI

4 4 0 ***In-nefqa għal-laqgħat u għal attivitajiet oħra tal-eks Membri Parlamentari***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
250 000	240 000	230 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni tal-eks Membri tal-Parlament Ewropew u, skont il-każ, spejjeż oħra magħmula fl-istess kuntest.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

4 4 2 ***In-nefqa għal-laqgħat u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
250 000	240 000	230 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea u, skont il-każ, spejjeż oħra magħmula fl-istess kuntest.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 5

L-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

KAPITOLU 5 0 — IN-NEFQA TAL-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 5 0				
5 0 0	***In-nefqa operattiva tal-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	300 000	285 000		
5 0 1	***In-nefqa relatata mal-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 5 0 — TOTAL	300 000	285 000		
	Titolu 5 — Total	**300 000**	**285 000**		

IL-PARLAMENT EWROPEW

TITOLU 5

L-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

KAPITOLU 5 0 — IN-NEFQA TAL-AWTORITÀ GĦALL-PARTITI POLITIĊI EWROPEJ U L-FONDAZZJONIJIET POLITIĊI EWROPEJ U L-KUMITAT TA' PERSUNI EMINENTI INDIPENDENTI

5 0 0 In-nefqa operattiva tal-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
300 000	285 000	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u tiżgura l-operazzjoni sħiħa u indipendenti tagħha.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tas-Saħħa u tal-Qasam Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 01 02.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

01 01 01 76 Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs — Kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 134 705		

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 01 *(ikompli)*

01 01 01 76 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs imġarrba b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni - Orizzont Ewropa (2021-2027).

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-EEA	219 637 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea Diġitali u tas-Saħħa, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tar-Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea tal-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 01 02.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 949 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ewropa Innovattiva, is-Suq Uniku u l-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

01 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom***

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa relatata mal-uffiċjali, il-persunal temporanju, kif ukoll nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, fil-forma ta' azzjonijiet indiretti u diretti taħt il-programmi nukleari, inkluż in-nefqa amministrattiva ta' appoġġ imġarrba mill-persunal ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 02 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 01 03.

01 01 02 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka indiretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 612 585	9 571 680	6 092 031,—

Kummenti

Partita preċedenti

08 01 05 11

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa relatat ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, li jokkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati ingaġġati f'azzjonijiet ta' riċerka indiretta, inkluż persunal ippostjati f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

01 01 02 02 Persunal estern li jimplimenta l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka indiretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
270 614	971 040	613 106,63

Kummenti

Partita preċedenti

08 01 05 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal persunal estern li jimplimenta l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, fil-forma ta' azzjonijiet ta' riċerka indiretta, inkluż persunal estern ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 02 *(ikompli)*

01 01 02 03 Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka indiretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 846 042	4 349 000	8 774 397,76

Kummenti

Partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

08 01 05 13	08 03 50 01*	08 03 50 02*	26 01 22 02*	26 01 22 03*	26 01 22 06*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, fil-forma ta' azzjonijiet indiretti, inkluż nefqa amministrattiva oħra mġarrba minn persunal ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva relatata mal-ġestjoni tal-programm, bħal konferenzi, workshops, seminars, traduzzjonijiet, missjonijiet, taħriġ, u spejjeż ta' rappreżentazzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Se tkopri wkoll in-nefqa relatata mal-binjiet tas-servizzi tal-Kummissjoni li jiġġestixxu l-programm kif ukoll l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-IT speċifiċi għall-programm u korporattivi, meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm.

01 01 02 11 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
58 081 000	56 942 520	55 826 000,—

Kummenti

Partiti preċedenti

10 01 05 11

Il-kosti tal-persunal jinkludu s-salarju bażiku, gratifiki, indennizzi mixxellanji u kontribuzzjonijiet imsejsa fuq dispożizzjonijiet statutorji, inklużi nefqiet marbutin mad-dħul fis-servizz, bidla fil-post tal-impjieg u terminazzjoni tas-servizz.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 02 *(ikompli)*

01 01 02 11 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa marbuta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jokkupaw karigi fil-pjan ta' stabbiliment awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u li jimplimentaw il-programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, u partikolarment:

— azzjoni diretta, li tikkonsisti f'attivitajiet ta' riċerka, attivitajiet ta' sostenn xjentifiku u tekniku, u attivitajiet esploratorji ta' riċerka magħmula fl-istabbilimenti tal-JRC u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni,

— l-azzjoni indiretta, li tikkonsisti minn programmi implimentati bħala parti mill-attivitajiet tal-JRC magħmula fuq bażi kompetittiva.

Il-kosti tal-persunal jinkludu s-salarju bażiku, gratifiki, indennizzi mixxellanji u kontribuzzjonijiet imsejsa fuq dispożizzjonijiet statutorji, inklużi nefqiet marbutin mad-dħul fis-servizz, bidla fil-post tal-impjieg u terminazzjoni tas-servizz.

Din l-approprjazzjoni tista' tiġi ssupplimentata mill-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fuq bażi kompetittiva f'azzjonijiet indiretti u f'attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' natura kompetittiva mwettqa mill-JRC għandhom jikkonsistu f'li ġej:

— attivitajiet imwettqa wara proċeduri ta' għoti jew ta' akkwist,

— attivitajiet f'isem partijiet terzi,

— attivitajiet imwettqa skont ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-forniment ta' servizzi tekniċi xjentifiċi.

Dħul minn attivitajiet kompetittivi se jintuża biex ikopri, fost l-oħrajn, nefqa mġarrba fuq persunal u riżorsi fir-rigward ta' attivitajiet b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni u ħidma mwettqa għal partijiet terzi mill-JRC.

01 01 02 12 Persunal estern li jimplimenta l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
10 664 000	10 455 000	10 249 635,44

Kummenti

Partiti preċedenti

10 01 05 12

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 02 *(ikompli)*

01 01 02 12 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta ma' persunal estern li jokkupa karigi li mhumiex fil-pjan ta' stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), jiġifieri persunal b'kuntratt, detenturi ta' għotjiet, esperti nazzjonali sekondati u xjenzati viżitaturi, inkluż persunal estern ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni, li jimplimenta l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom.

Din l-approprjazzjoni tista' tiġi ssupplimentata mill-parteċipazzjoni tal-JRC fuq bażi kompetittiva f'azzjonijiet indiretti u f'attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' natura kompetittiva mwettqa mill-JRC għandhom jikkonsistu f'li ġej:

— attivitajiet imwettqa wara proċeduri ta' għoti jew ta' akkwist,

— attivitajiet f'isem partijiet terzi,

— attivitajiet imwettqa skont ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-forniment ta' servizzi tekniċi xjentifiċi.

Dħul minn attivitajiet kompetittivi se jintuża biex ikopri, fost l-oħrajn, nefqa mġarrba fuq persunal u riżorsi fir-rigward ta' attivitajiet b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni u ħidma mwettqa għal partijiet terzi mill-JRC.

01 01 02 13 Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 239 259	57 583 936	49 372 031,12

Kummenti

Partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

10 01 05 13	*10 01 05 14*	26 01 22 02*	26 01 22 03*	26 01 22 06*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri:

— nefqa marbuta ma' persunal mhux koperta mill-Partiti 01 01 02 11 u 01 01 02 12 li tinkludi missjonijiet, taħriġ, servizzi mediċi u soċjali, nefqa fuq l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet, intervisti lill-kandidati u kostijiet tar-rappreżentanza,

— nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha użati għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC); din tinkludi:

  — nefqiet marbutin mal-operat u mal-funzjonament tad-direttorati tal-JRC: il-manutenzjoni regolari tal-binjiet, l-infrastruttura teknika u l-apparat xjentifiku; utilitajiet u fluwidi; tisħin, tkessiħ u ventilazzjoni; materjali u apparat tal-workshops; tindif ta' siti, toroq u binjiet, immaniġġar tal-iskart, eċċ.,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 02 *(ikompli)*

01 01 02 13 *(ikompli)*

— nefqiet marbutin mas-sostenn amministrattiv tad-direttorati tal-JRC: għamara; oġġetti ta' kartollerija; telekomunikazzjonijiet; dokumentazzjoni u pubblikazzjonijiet; trasport; provvisti mixxellanji; assigurazzjonijiet ġenerali, eċċ.,

— nefqiet relatati mas-sikurezza u s-sigurtà tas-siti: saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; radjuprotezzjoni; servizzi għat-tifi tan-nar, eċċ.,

— nefqa marbuta mal-IT: kmamar tal-kompjuters; ħardwer u softwer; servizzi ta' networking; sistemi ta' informazzjoni; helpdesk u assistenza lill-utenti, eċċ.,

— kostijiet mhux rikorrenti: xogħlijiet ta' restawr, riabilitazzjoni u kostruzzjoni f'siti tal-JRC. Tindirizza nefqiet bħal kostijiet ta' manutenzjoni eċċezzjonali, xogħlijiet ta' restawr u adattament għal standards ġodda.

— nefqa fir-rigward tar-riżorsi kollha għall-iffinanzjar ta' proġetti ta' infrastrutturi kbar tar-riċerka, partikolarment il-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda, ir-riabilitazzjoni kompluta ta' binjiet eżistenti u x-xiri ta' tagħmir importanti relatat mal-infrastruttura teknika tas-siti.

Din l-approprjazzjoni tista' tiġi ssupplimentata mill-parteċipazzjoni tal-JRC fuq bażi kompetittiva f'azzjonijiet indiretti u f'attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni. L-attivitajiet ta' natura kompetittiva mwettqa mill-JRC għandhom jikkonsistu f'li ġej:

— attivitajiet imwettqa wara proċeduri ta' għoti jew ta' akkwist,

— attivitajiet f'isem partijiet terzi,

— attivitajiet imwettqa skont ftehim amministrattiv ma' istituzzjonijiet oħra jew dipartimenti oħra tal-Kummissjoni għall-forniment ta' servizzi tekniċi xjentifiċi.

Dħul minn attivitajiet kompetittivi se jintuża biex ikopri, fost l-oħrajn, nefqa mġarrba fuq persunal u riżorsi fir-rigward ta' attivitajiet b'appoġġ għall-politiki tal-Unjoni u ħidma mwettqa għal partijiet terzi mill-JRC.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	816 000 6 0 1 1, 6 0 1 3, 6 6 8

01 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)***

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, l-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru nefqa relatat ma' uffiċjali, persunal temporanju u persunal estern, li jokkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati ingaġġati fuq azzjoni indiretta taħt il-programmi nukleari, inklużi uffiċjali u persunal temporanju ppostjati f'delegazzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll nefqa amministrattiva oħra għall-proġett ITER.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 03 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 01 04.

01 01 03 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u aġenti temporanji li jimplimentaw il-programm ITER

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 205 000	5 491 931	5 748 971,—

Kummenti

Partita preċedenti

32 01 05 21

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-proġett ITER, li jokkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati, ingaġġati fuq azzjoni ta' riċerka indiretta, inkluż uffiċjali u persunal temporanju ppostjat barra l-Unjoni.

01 01 03 02 Persunal estern li jimplimenta ITER

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
196 000	192 213	191 829,—

Kummenti

Partita preċedenti

32 01 05 22

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal persunal estern li jimplimenta l-proġett ITER, fil-forma ta' azzjonijiet ta' riċerka indiretta, inkluż persunal estern ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

01 01 03 03 Nefqa ta' ġestjoni oħra għal ITER

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 850 000	994 000	866 500,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "RIĊERKA U INNOVAZZJONI" *(ikompli)*

01 01 03 *(ikompli)*

01 01 03 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

32 01 05 23	*26 01 22 02**	*26 01 22 03**	*26 01 23 02**	*26 01 23 03**	*26 01 23 06**	*32 05 50 01**	*32 05 50 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-proġett ITER, fil-forma ta' azzjonijiet ta' riċerka indiretta, inkluż nefqa amministrattiva oħra mġarrba minn persunal ippostjat barra l-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettivi tal-proġett jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll li tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-proġett, bħal, konferenzi, workshops, seminars, missjonijiet, spejjeż ta' taħriġ u rappreżentazzjoni u l-iżvilupp u s-sistemi tal-IT, meħtieġa għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm.

Hija maħsuba wkoll li tkopri in-nefqa relatata mal-binjiet tas-servizzi tal-Kummissjoni li jiġġestixxu l-proġett.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 02	ORIZZONT EWROPA								
01 02 01	***Xjenza eċċellenti (Pilastru I)***								
01 02 01 01	Kunsill Ewropew għar-Riċerka	1	1 894 517 764	9 839 026					
01 02 01 02	Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie	1	770 337 666	134 772 346					
01 02 01 03	Infrastrutturi ta' riċerka	1	271 883 882	4 813 754					
	Artikolu 01 02 01 — Subtotal		2 936 739 312	149 425 126					
01 02 02	***Sfidi mondjali u l-kompetittività industrijali Ewropea (Pilastru II)***								
01 02 02 10	Cluster "Saħħa"	1	866 476 221	58 461 973					
01 02 02 20	Cluster "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva"	1	317 197 862	19 899 964					
01 02 02 30	Cluster "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà"	1	p.m.	p.m.					
01 02 02 31	Cluster "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà" — Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà	1	p.m.	p.m.					
01 02 02 40	Cluster "Soċjetà Diġitali, Industrija u Spazju"	1	1 693 456 363	168 847 223					
01 02 02 41	Cluster "Diġitali, Industrija u Spazju" — l-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC)	1	p.m.	p.m.					
01 02 02 50	Cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"	1	1 693 456 363	24 898 340					
01 02 02 60	Cluster "Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent"	1	1 132 849 508	21 841 347					

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 02 02	*(ikompli)*								
01 02 02 70	Azzjonijiet diretti nonnukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka	1	31 698 079	11 621 170					
	Artikolu 01 02 02 — Subtotal		5 735 134 396	305 570 017					
01 02 03	***Ewropa Innovattiva (Pilastru III)***								
01 02 03 01	Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	1	1 127 031 608	192 208 852					
01 02 03 02	Ekosistemi tal-innovazzjoni ewropej	1	56 642 475	16 994 537					
01 02 03 03	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)	1	350 008 827	242 163 302					
	Artikolu 01 02 03 — Subtotal		1 533 682 910	451 366 691					
01 02 04	***Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tishih taż-Żona Ewropea tar-Riċerka***								
01 02 04 01	Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza	1	357 216 621	102 586 337					
01 02 04 02	Riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I	1	45 313 980	3 151 490					
	Artikolu 01 02 04 — Subtotal		402 530 601	105 737 827					
01 02 05	***Attivitajiet operazzjonali orizzontali***	1	152 210 469	70 343 975					
01 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
01 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti ta' riċerka (qabel l-2021)	1	p.m.	8 006 405 601	12 480 576 308	10 893 525 368	11 254 522 121,19	9 799 458 364,82	122,40
	Artikolu 01 02 99 — Subtotal		p.m.	8 006 405 601	12 480 576 308	10 893 525 368	11 254 522 121,19	9 799 458 364,82	122,40
	Kapitolu 01 02 — Total		**10 760 297 688**	**9 088 849 237**	**12 480 576 308**	**10 893 525 368**	**11 254 522 121,19**	**9 799 458 364,82**	**107,82**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

Kummenti

Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jimmira li jwassal impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku u soċjetali mill-investimenti tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tissaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni u titrawwem il-kompetittività tagħha fl-Istati Membri kollha inkluż fl-industrija tagħha, jitwettqu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi u tal-politiki tal-Unjoni, jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi mondjali, inklużi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi jsegwi l-prinċipji tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi, u tissaħħaħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Orizzont Ewropa għandu b'hekk jimmassimizza l-valur miżjud tal-Unjoni billi jiffoka fuq objettivi u attivitajiet li ma jistgħux jitwettqu b'mod effettiv jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom, minflok b'kooperazzjoni.

Orizzont Ewropa għandu:

— jiżviluppa, jippromwovi u javvanza l-eċċellenza xjentifika, jappoġġa il-ħolqien u t-tixrid ta' għarfien fundamentali u applikat, ħiliet, teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda ta' kwalità għolja, it-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, jattira it-talent fil-livelli kollha u jikkontribwixxi għal impenn sħiħ tal-pula ta' talent tal-Unjoni f'azzjonijiet appoġġati taħt Orizzont Ewropa;

— jiġġenera għarfien, isaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni u jappoġġa l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u aċċess għalihom fl-industrija Ewropea, partikolarment fl-SMEs, u fis-soċjetà biex jiġu indirizzati l-isfidi mondjali, inkluż it-tibdil fil-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

— irawwem il-forom kollha ta' innovazzjoni, jiffaċilita l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija, isaħħaħ l-iskjerament u l-isfruttament ta' soluzzjonijiet innovattivi;

— jottimizza t-twassil ta' Orizzont Ewropa għat-tisħiħ u ż-żieda tal-impatt u tal-attraenza taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, biex jitrawmu parteċipazzjonijiet ibbażati fuq l-eċċellenza mill-Istati Membri kollha, inkluż l-Istati Membri bi prestazzjoni baxxa ta' R&I , f'Orizzont Ewropa u biex jiġu ffaċilitati r-relazzjonijiet kollaborattivi fir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm taħt dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 5 412 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti taħt dan it-Titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

Bażiġuridika

Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I , 22.12.2020, p. 23).

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (COM(2018) 435).

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018, dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018) 436).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-29 ta' Mejju 2020, li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2020) 459).

01 02 01 Xjenza eċċellenti (Pilastru I)

Kummenti

Dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa jimmira li jippromwovi l-eċċellenza xjentifika, jattira l-aħjar talent lejn l-Ewropa, jipprovdi appoġġ xieraq lil riċerkaturi fi stadju bikri u jappoġġa l-ħolqien u d-diffużjoni ta' eċċellenza xjentifika, għarfien, metodoloġiji u ħiliet ta' kwalità għolja, teknoloġiji u soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi mondjali.

Dan il-pilastru hu magħmul minn dawn:

— il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)

— azzjonijiet ta' Marie Sklodowska-Curie

— infrastruttura tar-riċerka

01 02 01 01 Kunsill Ewropew għar-Riċerka

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 894 517 764	9 839 026				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

01 02 01 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli biex riċerkaturi individwali ta' talent u kreattivi, b'enfasi fuq ir-riċerkaturi fi stadju bikri, u t-timijiet tagħhom, tippermettilhom isegwu l-perkorsi l-aktar promettenti fil-fruntieri tax-xjenza, irrispettivament min-nazzjonalità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom u fuq il-bażi ta' kompetizzjoni mifruxa mal-Unjoni kollha bbażata biss fuq il-kriterju ta' eċċellenza.

L-attivitajiet tal-ERC għandhom jappoġġaw riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, minn isfel għal fuq, imwettqa fl-oqsma kollha minn investigaturi prinċipali u t-timijiet tagħhom f'kompetizzjoni fil-livell Ewropew, inkluż riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	51 151 980 6 6 0 0

01 02 01 02 Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
770 337 666	134 772 346				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-attivitajiet u l-azzjonijiet li ġejjin:

Taħt Orizzont Ewropa, u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) se jkomplu jappoġġaw l-iżvilupp tal-karriera u t-taħriġ tar-riċerkaturi permezz ta' mobbiltà transnazzjonali, transsettorjali u interdixxiplinarja. Dan se jinkiseb *inter alia* permezz tal-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ dottorali eċċellenti u innovattivi, taħriġ ta' kwalità għolja, standards tal-impjieg u l-mentoring għar-riċerkaturi fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom, u kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet akkademiċi u nonakkademiċi fl-Ewropa u lil hinn minnha.

L-MSCA se jikkontribwixxu għall-prijoritajiet politiċi u l-missjonijiet tal-Kummissjoni, b'enfasi speċifika fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Aġenda Diġitali u li Nagħmlu l-Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-partijiet konċernati u lill-partijiet interessati madwar id-dinja dwar il-fażi l-ġdida ta' Orizzont Ewropa biex tqajjem kuxjenza u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom fl-MSCA. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tinforma lill-pubbliku dwar l-impatt pożittiv ta' proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-MSCA fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u biex timmotiva lill-aljievi u lill-istudenti biex jikkunsidraw karriera fix-xjenza u r-riċerka. Barra minn hekk, se tappoġġa l-alumni tal-MSCA kif ukoll network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali ddedikati lill-MSCA.

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 01 *(ikompli)*

01 02 01 02 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	20 799 117 6 6 0 0

01 02 01 03 Infrastrutturi ta' riċerka

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
271 883 882	4 813 754				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex l-Ewropa tiġi arrikkita b'infrastrutturi tar-riċerka sostenibbli mill-aqwa li jkunu miftuħin u aċċessibbli għar-riċerkaturi kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha, li jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom għall-avvanz xjentifiku u l-innovazzjoni. L-objettivi kruċjali huma li titnaqqas il-frammentazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-evitar tad-duplikazzjoni tal-isforzi, u jkun hemm koordinazzjoni aħjar fid-disinn, l-iżvilupp, l-aċċessibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż dawk iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	7 340 865 6 6 0 0

01 02 02 ***Sfidi mondjali u l-kompetittività industrijali Ewropea (Pilastru II)***

Kummenti

Dan il-pilastru huwa maħsub biex jappoġġja l-ħolqien u t-tixrid aħjar ta' għarfien, teknoloġiji u soluzzjonijiet sostenibbli ġodda ta' kwalità għolja, isaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea, isaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, u jappoġġa li jiġu adottati soluzzjonijiet innovattivi fl-industrija, partikolarment fl-SMEs u start-ups, u fis-soċjetà biex jiġu indirizzati sfidi mondjali.

Biex jiġu massimizzati l-flessibbiltà tal-impatti u s-sinerġiji, l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni għandhom jiġu organizzati f'sitt clusters, interkonnessi permezz ta' infrastrutturi tar-riċerka pan-Ewropej, li individwalment u flimkien jinċentivaw kooperazzjoni interdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika, transfruntiera u internazzjonali.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

Dan il-pilastru jikkonsisti f'dawn is-sitt clusters u l-azzjonijiet diretti nonnukleari taċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta:

— Saħħa,

— Kultura, Kreattività u soċjetà inklużiva,

— Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà,

— Id-Diġitali, Industrija u Spazju,

— Klima, Enerġija u Mobbiltà,

— Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent.

Ix-xjenzi soċjali u umanistiċi għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fil-clusters kollha, inkluż attivitajiet speċifiċi u dedikati. Attivitajiet minn firxa wiesgħa ta' Livelli ta' Teknoloġika, inkluż Livelli ta' Teknoloġika aktar baxxi, se jkunu koperti f'dan il-pilastru ta' Orizzont Ewropa. Kull cluster jikkontribwixxi lejn bosta Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; u bosta minn dawk l-għanijiet huma appoġġati minn aktar minn cluster tan-negozju wieħed. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija fattur kruċjali sabiex jinkiseb tkabbir ekonomiku sostenibbli; għalhekk huwa importanti li tiġi integrata perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isfidi mondjali kollha.

01 02 02 10 Cluster "Saħħa"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
866 476 221	58 461 973				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-titjib u l-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini f'kull età. Ser tiġġenera għarfien ġdid, tiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi, u tiżgura fejn rilevanti l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri għal:

— prevenzjoni, dijanjożi, monitoraġġ, trattament u kura tal-mard,

— żvilupp ta' teknoloġiji tas-saħħa,

— mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa,

— protezzjoni tal-popolazzjonijiet,

— promozzjoni ta' saħħa tajba u benesseri, anke fuq il-post tax-xogħol,

— sistemi tas-saħħa pubblika jsiru aktar kosteffettivi, ġusti u sostenibbli,

— prevenzjoni u azzjoni kontra l-mard relatat mal-faqar; l-appoġġ lill-parteċipazzjoni tal-pazjenti u l-awtoġestjoni u li dawn ikunu possibbli.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 10 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	441 171 763 5 0 4 0
EFTA-ŻEE	23 394 858 6 6 0 0

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, huwa disponibbli ammont ta' EUR 3 400 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2019 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.

01 02 02 20 Cluster "Kultura, Kreattività u Soċjetà Inklużiva"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
317 197 862	19 899 964				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex isaħħaħ il-valuri demokratiċi, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, is-salvagwardja tal-patrimonju kulturali tagħna, l-esplorazzjoni tal-potenzjal tas-setturi kulturali u kreattivi, u l-promozzjoni tat-trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi, li jikkontribwixxu għall-inklużjoni u t-tkabbir, inkluż il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti.

Żieda meħtieġa għal integrazzjoni aħjar tal-perspettiva tal-ġeneru.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	8 564 342 6 6 0 0

01 02 02 30 Cluster "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 30 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex twieġeb għall-isfidi li jirriżultaw minn theddid persistenti ta' sigurtà, inkluża ċ-ċiberkriminalità, kif ukoll diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt dan il-cluster se jiffukaw esklużivament fuq applikazzjonijiet ċivili, ser tiġi mfittxija koordinazzjoni mar-riċerka dwar id-difiża ffinanzjata mill-Unjoni sabiex jissaħħu s-sinerġiji, filwaqt li jiġi rikonoxxut li hemm oqsma ta' teknoloġija b'użu doppju. Ser tingħata l-attenzjoni dovuta lill-fehim u l-perċezzjoni tan-nies tas-sigurtà. Ir-riċerka dwar is-sigurtà tirrispondi għall-impenn tal-Aġenda ta' Ruma sabiex ikun hemm ħidma lejn "Ewropa sikura u sigura", li tikkontribwixxi għal Unjoni ta' Sigurtà ġenwina u effettiva.

01 02 02 31 Cluster "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà" — Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Partita ġdida

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtàgħandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-programm Ewropa Diġitali u ta' Orizzont Ewropa. L-objettiv taċ-Ċentru huwa li jtejjeb il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-infrastrutturi taċ-ċibersigurtà għas-servizz tal-industriji, tas-settur pubbliku u tal-komunitajiet ta' riċerka.

Bażi ġuridika

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (COM (2018) 630)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027 (COM(2018)434)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu (COM(2018)435)

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 40 Cluster "Soċjetà Diġitali, Industrija u Spazju"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 693 456 363	168 847 223				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex isaħħaħ il-kapaċitajiet u jiżguraw is-sovranità tal-Ewropa f'teknoloġiji abilitanti essenzjali għad-diġitizzazzjoni u l-produzzjoni, u fit-teknoloġija spazjali, tul il-katina tal-valur kollha; jibni industrija kompetittiva, diġitali, b'livell baxx ta' karbonju u ċirkolari; tiġi żgurata provvista sostenibbli tal-materja prima; jiżviluppa materjali avvanzati u jipprovdi l-bażi għall-avvanzi u l-innovazzjoni fl-isfidi soċjetali mondjali.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	441 171 763 5 0 4 0
EFTA-ŻEE	45 723 322 6 6 0 0

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, huwa disponibbli ammont ta' EUR 3 400 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-diżimpenji li saru fl-2019 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.

01 02 02 41 Cluster "Diġitali, Industrija u Spazju" — l-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Partita ġdida

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC) għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Orizzont Ewropa, b'mod partikolari l-Cluster Diġitali, l-Industrija u l-Ispazju. Għandu jkollha l-objettiv li terġa' tpoġġi l-Ewropa fuq quddiem nett fit-teknoloġija tas-superkomputazzjoni u li tagħti aċċess lir-riċerkaturi, lill-industrija, lill-SMEs u lill-awtoritajiet pubbliċi għal superkompjuters ta' klassi dinjija sabiex b'hekk toħroġ il-potenzjal tagħhom ta' innovazzjoni u trasformazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 50 Cluster "Klima, Enerġija u Mobbiltà"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 693 456 363	24 898 340				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' fehim aħjar tal-kawżi, l-evoluzzjoni, ir-riskji, l-impatti u l-opportunitajiet tiegħu, u billi s-setturi tal-enerġija u tat-trasport isiru aktar favur il-klima u l-ambjent, aktar effiċjenti u kompetittivi, aktar intelliġenti, sikuri u reżiljenti.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	441 171 763 5 0 4 0
EFTA-ŻEE	45 723 322 6 6 0 0

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, huwa disponibbli ammont ta' EUR 6 600 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-dižimpenji li saru fl-2019 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.

01 02 02 60 Cluster "Ikel, Bijoekonomija, Riżorsi Naturali, Agrikoltura u Ambjent"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 132 849 508	21 841 347				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tibni bażi ta' għarfien u tipprovdi soluzzjonijiet għal: protezzjoni tal-ambjent; restawr, ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u bijoloġiċi mill-art, l-ilmijiet interni u l-baħar biex titwaqqaf l-erożjoni tal-bijodiversità; indirizzar tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni għal kulħadd fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari; u l-iżvilupp ta' bijoekonomija sostenibbli.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 60 *(ikompli)*

Dawn l-attivitajiet ser jgħinu fil-manutenzjoni u t-titjib tal-bijodiversità u ser jiżguraw il-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ekosistemi, bħall-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima u s-sekwestru tal-karbonju (kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar). Se jgħinu jnaqqsu l-gassijiet serra u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-użu ta' sustanzi perikoluż, l-ipproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. L-attivitajiet se jrawmu wkoll approċċi parteċipatorji għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ pluriatturi u jiżviluppaw sistemi ta' għarfien, u innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	30 586 937 6 6 0 0

F'konformità mal-Artikolu 15.3 tar-Regolament Finanzjarju, huwa disponibbli ammont ta' EUR 6 600 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal din il-partita baġitarja b'żieda mad-diżimpenji li saru fl-2019 b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-proġetti ta' riċerka.

01 02 02 70 Azzjonijiet diretti nonnukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
31 698 079	11 621 170				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ xjentifiku u tekniku u l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

L-evidenza ta' kwalità għolja u li tista' tiġi fdata hija essenzjali għal politiki pubbliċi tajbin. Inizjattivi u proposti ġodda għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jridu evidenza trasparenti, komprensiva u bilanċjata, filwaqt li l-implimentazzjoni tal-politiki trid evidenza sabiex jiġu mkejla u mmonitorjati l-impatt u l-progress tagħhom.

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jżid il-valur tal-politiki tal-Unjoni għaliex ix-xjenza tiegħu hija eċċellenti, multidixxiplinari u indipendenti minn interessi nazzjonali privati u interessi esterni oħrajn. Billi jaqdi l-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni, jipprovdi appoġġ transsettorjali li dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu sabiex jindirizzaw sfidi tas-soċjetà li dejjem qed isiru aktar kumplessi. L-indipendenza tal-JRC minn interessi speċjali kkombinata mar-rwol tiegħu ta' referenza xjentifika-teknika jippermettulu li jiffaċilita l-bini ta' kunsens bejn il-partijiet konċernati u atturi oħra bħaċ-ċittadini u l-fassala tal-politiki. Permezz tal-kapaċità tiegħu li jwieġeb malajr għall-ħtiġijiet ta' politika, l-attivitajiet tal-JRC huma komplimentari ma' azzjonijiet indiretti li jimmiraw li jappoġġaw l-objettivi ta' politika fit-tul.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 02 *(ikompli)*

01 02 02 70 *(ikompli)*

Il-JRC iwettaq ir-riċerka tiegħu stess u huwa maniġer strateġiku tal-għarfien, l-informazzjoni, id-data u l-kompetenzi sabiex iwassal evidenza ta' kwalità għolja u rilevanti għal politiki aktar intelliġenti. Sabiex jikseb dan, il-JRC jaħdem flimkien mal-aqwa organizzazzjonijiet fid-dinja u ma' esperti u partijiet konċernati internazzjonali, nazzjonali u reġjonali. Ir-riċerka tiegħu tikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali u l-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa, tipprovdi għarfien, parir u appoġġ tekniku xjentifiku indipendenti għall-politiki tal-UE matul iċ-ċiklu ta' politika, u tkun iffukata fuq il-prijoritajiet ta' politika Ewropej, filwaqt li tappoġġa Ewropa li toffri sikurezza u sigurtà, prosperuża u sostenibbli, li hija soċjali u aktar b'saħħitha fix-xena globali.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa speċifika li tirrigwarda attivitajiet ta' riċerka u appoġġ, inkluż ix-xiri ta' apparat xjentifiku u tekniku, is-sottokuntrattar ta' servizzi xjentifiċi u tekniċi, l-aċċess għall-informazzjoni u l-akkwist ta' prodotti ta' konsum. Din tinkludi n-nefqa fuq infrastruttura xjentifika mġarrba direttament għall-proġetti konċernati, kif ukoll in-nefqa tal-utenti esterni li jaċċessaw l-infrastrutturi tar-riċerka fiżiċi tal-JRC sabiex jagħmlu riċerka, iwettqu żvilupp esperimentali, jew jipprovdu edukazzjoni u taħriġ.

Hija tkopri wkoll in-nefqa ta' kwalunkwe tip li tikkonċerna' kompiti ta' riċerka u appoġġ xjentifiku li jirrigwardaw attivitajiet taħt din il-partita fdati lill-JRC fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva b'appoġġ tal-politiki tal-Unjoni u f'isem korpi barranin.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	855 848 6 6 0 0
Dħul assenjat ieħor	4 038 000 6 0 1 0

01 02 03 ***Ewropa Innovattiva (Pilastru III)***

Kummenti

Dan il-pilastru għandu jrawwem il-forom kollha ta' innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni nonteknoloġika, primarjament fl-SMEs inkluż start-ups, billi jiffaċilita l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien, u jsaħħaħ l-iskjerament ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Dan il-pilastru għandu jipprovdi wkoll l-attivitajiet żviluppati taħt l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), partikolarment permezz tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu. Bejn il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-EIT għandhom jiġu żgurati sinerġiji sistematiċi. Kumpaniji innovattivi li jirriżultaw minn KKI tal-EIT jistgħu jiddaħħlu fl-EIC biex tinħoloq linja ta' innovazzjonijiet li għadhom mhux bankabbli, filwaqt li kumpaniji innovattivi b'potenzjal qawwi ffinanzjati mill-EIC li mhumiex diġà involuti f'waħda mill-KKI tal-EIT ikunu jistgħu jiġu offruti aċċess għal dan l-appoġġ addizzjonali.

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 03 *(ikompli)*

Filwaqt li l-EIC u l-KKI tal-EIT jistgħu jappoġġaw b'mod dirett l-innovazzjonijiet fl-Unjoni kollha, l-ambjent ġenerali li minnu l-innovazzjonijiet Ewropej jitrawmu u jinbtu jrid ikompli jiġi żviluppat u mtejjeb: is-sejbiet fir-riċerka fundamentali jwasslu għal innovazzjonijiet li joħolqu swieq. Irid ikun sforz komuni Ewropew biex tkun appoġġata l-innovazzjoni fl-Ewropa kollha, u fid-dimensjonijiet u l-forom kollha, inkluż permezz ta' politiki (inkluż permezz ta' sinerġiji effettivi mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti) u riżorsi kumplimentari tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali kull fejn possibbli. Għaldaqstant, dan il-pilastru jipprevedi wkoll mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni mġedda u rinforzati mal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, iżda anki ma' inizjattivi privati, sabiex jappoġġaw l-atturi kollha tal-ekosistemi tal-innovazzjoni Ewropej, inkluż fil-livell reġjonali u lokali;

Barra minn hekk, bħala sforz kontinwu sabiex jitjiebu l-kapaċitajiet tal-finanzjament ta' riskju għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, dan il-pilastru se jorbot mill-qrib mal-programm InvestEU. Il-Programm InvestEU se jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' riskju għal entitajiet bankabbli, kif ukoll għall-investituri, billi jibni fuq is-suċċessi u l-esperjenzi miksuba taħt InnovFin ta' Orizzont 2020, kif ukoll taħt il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.

01 02 03 01 Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 127 031 608	192 208 852				

Kummenti

Partita ġdida

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) huwa maħsub biex jiffoka prinċipalment fuq innovazzjoni rivoluzzjonarja u fixkiela, jimmira speċjalment l-innovazzjoni li toħloq swieq, filwaqt li jappoġġa wkoll it-tipi kollha ta' innovazzjoni, inklużi dawk inkrimentali.

L-EIC għandu

— jidentifika, jiżviluppa u jiskjera innovazzjonijiet ta' riskju għoli ta' kull tip, inkluż inkrimentali b'enfasi qawwija fuq innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, fixkiela u ta' teknoloġija profonda li jkollhom il-potenzjal li jsiru innovazzjonijiet li joħolqu swieq, u

— jappoġġa l-espansjoni rapida ta' kumpaniji innovattivi prinċipalment SMEs, inkluż start-ups u f'każijiet eċċezzjonali kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja fil-livelli tal-Unjoni u internazzjonali tul il-perkors mill-ideat għas-suq.

Fejn rilevanti, l-EIC għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet appoġġati minn partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa, partikolarment fil-Pilastru II.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	441 171 763 5 0 4 0
EFTA-ŻEE	30 429 853 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 03 *(ikompli)*

01 02 03 02 Ekosistemi tal-innovazzjoni ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
56 642 475	16 994 537				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-appoġġ tat-tipi kollha ta' innovazzjoni, biex tilħaq lill-innovaturi kollha madwar l-Unjoni u tipprovdihom b'appoġġ adegwat permezz ta':

— l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni effettiva fil-livell tal-Unjoni,

— l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni u networking, u l-iskambju ta' ideat u għarfien,

— l-iżvilupp ta' proċessi ta' innovazzjoni miftuħa fl-organizzazzjonijiet,

— appoġġ ta' finanzjament u ħiliet fost ekosistemi ta' innovazzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali.

L-attivitajiet ser jinkludu l-konnessjoni ma' atturi nazzjonali u reġjonali tal-innovazzjoni u l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi konġunti ta' innovazzjoni transfruntiera mill-Istati Membri, ir-reġjuni u l-pajjiżi assoċjati. Dan għandu jiġi implimentat b'sinerġija fost l-oħrajn mal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal ekosistemi tal-innovazzjoni u sħubijiet interreġjonali madwar temi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	1 529 347 6 6 0 0

01 02 03 03 L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 008 827	242 163 302				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa tal-persunal u dik amministrattiva, u n-nefqa operazzjonali marbuta mal-programm ta' ħidma tal-EIT, inklużi l-komunitajiet ta' konoxxenza u innovazzjoni (KKI) magħżula mill-EIT.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 03 *(ikompli)*

01 02 03 03 *(ikompli)*

Il-missjoni ġenerali tal-EIT hi li jagħti spinta lil tkabbir ekonomiku u kompetittività Ewropej sostenibbli billi jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-EIT isaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Unjoni u jindirizza l-isfidi tas-soċjetà bl-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-EIT jopera permezz tal-KICs tiegħu: sħubijiet Ewropej fuq skala kbira li jindirizzaw sfidi speċifiċi tas-soċjetà billi jlaqqgħu flimkien l-organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tan-negozju. L-EIT jipprovdi għotjiet lill-KICs, jissorvelja l-attivitajiet tagħhom, jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn il-KICs u jxerred ir-riżultati u l-prassi tajba.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	9 450 238 6 6 0 0

01 02 04 ***Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka***

Kummenti

Il-parti "Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" se tappoġġa attivitajiet li jikkontribwixxu biex jattiraw it-talent, irawmu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u jipprevjenu l-eżodu tal-imħuħ, kif ukoll għal Ewropa aktar ibbażata fuq l-għarfien u l-innovazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq quddiem tal-kompetizzjoni globali, u jrawmu kooperazzjoni transnazzjonali u b'hekk jottimizzaw is-saħħiet u l-potenzjal nazzjonali fl-Ewropa kollha. Se tappoġġa Żona Ewropea tar-Riċerka bi prestazzjoni tajba, fejn l-għarfien u forza tax-xogħol b'ħiliet għolja jiċċirkolaw liberament b'mod ibbilanċjat, fejn l-eżiti tar-R&I jiġu disseminati b'mod wiesa' għal ċittadini infurmati, kif ukoll mifhuma u fdati minnhom, u fejn il-politika tal-Unjoni, partikolarment il-politika tar-R&I, tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika ta' kwalità għolja.

Għandha tappoġġja wkoll attivitajiet immirati lejn:

— titjib tal-kwalità tal-proposti minn entitajiet ġuridiċi minn Stati Membri bi prestazzjoni baxxa ta' R&I, bħal kontrolli u pariri professjonali ta' qabel il-proposta,

— tqawwija tal-attivitajiet tal-punti ta' kuntatt nazzjonali biex jingħata appoġġ lin-networking internazzjonali,

— attivitajiet immirati li jappoġġaw entitajiet ġuridiċi minn Stati Membri bi prestazzjoni baxxa ta' R&I biex jingħaqdu ma' proġetti kollaborattivi diġà magħżula.

01 02 04 01 Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
357 216 621	102 586 337				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 04 *(ikompli)*

01 02 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tnaqqas l-ispariġġi u d-distakk eżistenti fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-kompetenza esperta madwar l-Unjoni billi tgħin biex il-pajjiżi u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni jikbru biex jiksbu pożizzjoni kompetittiva fil-ktajjen tal-valur globali u biex l-Unjoni tibbenefika bis-sħiħ mill-potenzjal tar-R&I tal-Istati Membri kollha. Għaldaqstant hija meħtieġa azzjoni ulterjuri, pereżempju permezz tal-promozzjoni ta' trasparenza u diversità tal-konsorzji ta' proġetti, sabiex tiġi miġġielda t-tendenza ta' kollaborazzjonijiet esklużivi, li jistgħu jeskludu għadd kbir ta' istituzzjonijiet u individwi promettenti, inkluż dawk ġodda, u sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-pula ta' talent tal-Unjoni billi jiġu massimizzati u kondiviżi l-benefiċċji tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni kollha.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	9 644 849 6 6 0 0

01 02 04 02 Riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
45 313 980	3 151 490				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issaħħaħ u tikkomplementa reċiprokament riformi ta' politika fil-livell nazzjonali permezz tal-iżvilupp ta' inizjattivi ta' politika fil-livell tal-Unjoni, riċerka, networking, partenarjati, koordinazzjoni, ġbir ta' data u monitoraġġ u evalwazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	1 223 477 6 6 0 0

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 05 Attivitajiet operazzjonali orizzontali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
152 210 469	70 343 975				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' natura orizzontali, li jappoġġaw il-preparazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra neċessarji għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa kif ukoll l-evalwazzjoni tal-kisba tal-objettivi tiegħu. Tista' tkopri wkoll attivitajiet marbuta mat-teknoloġija tal-informazzjoni, inkluż għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni, komunikazzjoni u disseminazzjoni korporattivi, kif ukoll tagħmel użu mir-riżultati biex tappoġġa l-innovazzjoni u l-kompetittività, u appoġġ għal esperti indipendenti li jevalwaw proposti għal proġetti. Dan jista' jinkludi wkoll attivitajiet trażversali li jinvolvu diversi prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	4 109 683 6 6 0 0

01 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

01 02 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti ta' riċerka (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	8 006 405 601	12 480 576 308	10 893 525 368	11 254 522 121,19	9 799 458 364,82

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 99 *(ikompli)*

01 02 99 01 *(ikompli)*

Kummenti

Former articles and items (trasferiti parzjalment)*

*02 04 02 01**	*02 04 02 02*	*02 04 02 03*	*02 04 03 01*	*02 04 50 01**	*02 04 50 02**	*02 04 51*	*02 04 52*
02 04 53	*05 09 03 01**	*05 09 50 01**	*06 03 03 01**	*06 03 07 31*	*06 03 07 32*	*06 03 07 33*	*06 03 07 34*
*06 03 50 01**	*06 03 50 02**	*06 03 51*	*08 02 01 01*	*08 02 01 02*	*08 02 01 03*	*08 02 02 01*	*08 02 02 02**
08 02 02 03	*08 02 03 01**	*08 02 03 02**	*08 02 03 03**	*08 02 03 04*	*08 02 03 05*	*08 02 03 06*	*08 02 04*
08 02 05	*08 02 06*	*08 02 07 31*	*08 02 07 32*	*08 02 07 33*	*08 02 07 34*	*08 02 07 35*	*08 02 07 36*
08 02 07 37	*08 02 07 38*	*08 02 08*	*08 02 50 01**	*08 02 50 02**	*08 02 51*	*08 02 52*	*09 04 01 01*
09 04 01 02	*09 04 02 01**	*09 04 03 01*	*09 04 03 02*	*09 04 03 03*	*09 04 07 31*	*09 04 07 32*	*09 04 07 33*
09 04 07 34	*09 04 50 01**	*09 04 50 02**	*09 04 51*	*09 04 52*	*09 04 53 01*	*09 04 53 02*	*10 02 01*
10 02 50 01	*10 02 50 02*	*10 02 51*	*10 02 52*	*15 03 01 01*	*15 03 50 01**	*15 03 50 02**	*15 03 05*
15 03 51	*18 05 03 01*	*18 05 50 01**	*18 05 50 02**	*18 05 51*	*32 04 03 01**	*32 04 50 01**	*32 04 05 02**
32 04 51	*32 04 52*	*32 04 54*					

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221 Euratom/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-networks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 99 *(ikompli)*

01 02 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2717/95/KE tad-9 ta' Novembru 1995 dwar sett ta' linji ta' gwida għall-iżvilupp tal-EURO-ISDN (network diġitali ta' servizzi integrati) bħala network trans-Ewropew (ĠU L 282, 24.11.1995, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/339/KE tal-20 ta' Mejju 1996 li tadotta programm tal-Komunità multiannwali sabiex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' industrija Ewropea ta' kontenut ta' multimedia u sabiex jinkoraġġixxi l-użu ta' kontenut ta' multimedia fis-soċjetà tal-informazzjoni emerġenti (INFO 2000) (ĠU L 129, 30.5.1996, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/664/KE tal-21 ta' Novembru 1996 dwar l-adozzjoni ta' programm multiannwali biex jippromwovi d-diversità lingwistika tal-Komunità fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar serje ta' linji gwida għan-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm kwadru tal-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (1994 sal-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/253/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li tadotta programm multiannwali tal-Komunità sabiex jiġi stimulat l-istabbiliment tas-soċjeta tal-informazzjoni fl-Ewropa (Soċjetà tal-Infomazzjoni) (ĠU L 107, 7.4.1998, p. 10).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1998 sal-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2000 li tadotta programm Komunitarju multiannwu sabiex jistimula l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew dwar in-networks globali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 14, 18.1.2001, p. 32).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat- 30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat- 30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 44).

Id-Deċiżjoni Nru 1209/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 fuq il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u l-iżvilupp immirat għall-iżvilupp ta' interventi kliniċi ġodda biex ikunu misielta l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkulożi permezz ta' sħubija fit-tul bejn l-Ewropa u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, magħmul minn diversi Stati Membri (ĠU L 169, 8.7.2003, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 99 *(ikompli)*

01 02 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003-2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li tadotta programm multiannwali (2003-2005) għall-monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni eEurope 2005, it-tixrid ta' prattiċi t-tajbin u t-titjib tas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni (Modinis) (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-Komunità biex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir iżjed aċċessibbli u jkun jista' jiġi użat u sfruttat aktar (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007–2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Ideat" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Nies" li jimplimenta s-7 Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku: "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/975/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 368).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30 4.2.2008, p. 1).

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 99 *(ikompli)*

01 02 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal- "Impriża Konġunta ARTEMIS" għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati (ĠU L 30, 4.2.2008, p 52).

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/743/UE tat-3 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2006/971/KE, 2006/972/KE, 2006/973/KE, 2006/974/KE u 2006/975/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 965).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 557/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 558/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 77).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 559/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2 (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 108).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 560/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 130).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 02 — ORIZZONT EWROPA *(ikompli)*

01 02 99 *(ikompli)*

01 02 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir- rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għall-mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 591).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8632 tal-10 ta' Diċembru 2013 li tadotta l-programm ta' ħidma 2014-2015 fil-qafas tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) f'rabta mal-objettiv speċifiku "Tisħiħ tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien, permezz tal-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka".

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8915 tat-12 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9428 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 03	IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM								
01 03 01	***Riċerka u żvilupp tal-fużjoni***	1	102 364 137	96 224 627					
01 03 02	***Fizzjoni nukleari, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni (azzjonijiet indiretti)***	1	46 752 776	769 797					
01 03 03	***Azzjonijiet diretti nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka***	1	8 918 098	3 233 147					
01 03 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
01 03 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti ta' riċerka ta' Euratom (qabel l-2021)	1	p.m.	45 813 000	258 782 725	257 809 024	240 822 929,—	234 225 418,22	511,26
	Artikolu 01 03 99 — Sub-total		p.m.	45 813 000	258 782 725	257 809 024	240 822 929,—	234 225 418,22	511,26
	Kapitolu 01 03 — Total		**158 035 011**	**146 040 571**	**258 782 725**	**257 809 024**	**240 822 929,—**	**234 225 418,22**	**160,38**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika(il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom). Dak il-programm jittratta l-kwistjonijiet ewlenin tad-diversi applikazzjonijiet tal-enerġija nukleari fl-Ewropa. L-użu ta' applikazzjonijiet ta' potenza elettrika u mhux ta' potenza elettrika tal-enerġija nukleari għall-benefiċċju taċ-ċittadini fl-Ewropa jitlob għal sforzi fit-tul sabiex jitnaqqsu r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà u jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji nukleari sikuri u protezzjoni ottimali mir-radjazzjoni. Ir-riċerka pubblika u privata fil-livell nazzjonali għandha rwol sinifikanti x'taqdi f'dan l-isforz. Il-kompitu ta' Euratom huwa li tikkumplimenta l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri permezz ta' riċerka u taħriġ ibbażati fil-Komunità.

L-objettivi tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom 2021-2025 huma:

— li jiżvolġi attivitajiet tar-riċerka u t-taħriġ nukleari biex jappoġġa t-titjib kontinwu tas-sikurezza, sigurtà u protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari,

— li potenzjalment jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur.

Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom għandu wkoll: itejjeb l-użu sikur u sigur tal-enerġija nukleari u tal-applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni u d-dekummissjonar tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv sikuri, nukleari; li jżomm u jiżviluppa aktar l-għarfien espert u l-kompetenza fil-Komunità; li jrawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-fużjoni; jappoġġa l-politika tal-Komunità dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018) 437).

01 03 01 Riċerka u żvilupp tal-fużjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
102 364 137	96 224 627				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni timmira li trawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala sors potenzjali ta' enerġija għall-futur għall-produzzjoni elettrika u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni. Sħubija Ewropea Kofinanzjata fir-riċerka tal-fużjoni se timplimenta dan il-pjan direzzjonali lejn il-mira tal-produzzjoni elettrika mill-fużjoni sat-tieni nofs ta' dan is-seklu. L-attività tar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni tikkontribwixxi wkoll għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-għarfien espert u tal-kompetenza fil-qasam fl-Unjoni.

01 03 02 Fizzjoni nukleari, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni (azzjonijiet indiretti)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
46 752 776	769 797				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM *(ikompli)*

01 03 02 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni timmira li ttejjeb u tappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni u d-dekummissjonar tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv sikuri, inkluż l-użu sikur u sigur tal-enerġija nukleari u tal-applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti. Tikkontribwixxi wkoll għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-għarfien espert u tal-kompetenza fil-qasam fl-Unjoni.

01 03 03 ***Azzjonijiet diretti nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 918 098	3 233 147				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ xjentifiku u tekniku u l-attivitajiet ta' riċerka mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) biex jimplimenta l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom. Dak il-programm ta' riċerka għandu jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tiegħu:

— li jtejjeb l-użu sikur u sigur tal-enerġija nukleari u tal-applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni u d-dekummissjonar tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv sikuri, nukleari,

— li jżomm u jiżviluppa aktar l-għarfien espert u l-kompetenza fil-Komunità,

— li jappoġġa l-politika tal-Komunità dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.

Din l-approprjazzjoni tindirizza wkoll l-attivitajiet neċessarji għall-implimentazzjoni ta' salvagwardji skont il-Kapitolu 7 tat-Titolu II tat-Trattat tal-Euratom u l-obbligi li joħorġu mit-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u l-implimentazzjoni tal-programm tal-Kummissjoni għall-appoġġ tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).

Hija tkopri nefqa speċifika li tirrigwarda attivitajiet ta' riċerka u appoġġ, inkluż ix-xiri ta' apparat xjentifiku u tekniku, is-sottokuntrattar ta' servizzi xjentifiċi u tekniċi, l-aċċess għall-informazzjoni u l-akkwist ta' prodotti ta' konsum. Din tinkludi nefqa fuq infrastruttura xjentifika mġarrba direttament għall-proġetti kkonċernati kif ukoll spejjeż marbuta mal-kost tal-użu tal-infrastrutturi fiżiċi tar-riċerka tal-JRC minn utenti esterni li jkollhom aċċess, sabiex iwettqu r-riċerka, iwettqu żvilupp esperimentali, jew jipprovdu edukazzjoni u taħriġ.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM *(ikompli)*

01 03 03 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa ta' kwalunkwe tip li għandha x'taqsam ma' kompiti ta' riċerka u appoġġ xjentifiku li jirrigwardaw attivitajiet taħt dan l-artikolu fdati lill-JRC fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fuq bażi kompetittiva b'appoġġ tal-politiki tal-Unjoni u f'isem korpi barranin.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	540 000 6 0 1 1

01 03 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

01 03 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti ta' riċerka ta' Euratom (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	45 813 000	258 782 725	257 809 024	240 822 929,—	234 225 418,22

Kummenti

Former articles and items (trasferiti parzjalment)*

08 03 01 01	*08 03 01 02**	*08 03 50 01**	*08 03 50 02**	*08 03 51*	*08 03 52*	*10 03 01*	*10 03 50 01*
10 03 50 02	*10 03 51*	*10 03 52*					

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/268/Euratom tas-26 ta' April 1994 dwar programm kwadru tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994-1998) (ĠU L 115, 6.5.1994, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/253/Euratom tal-4 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 94/268/Euratom dwar il-programm kwadru tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994-1998), wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għall-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 72).

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM *(ikompli)*

01 03 99 *(ikompli)*

01 03 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm qafas tal-Komunità Ewropea tal-attivitajiet fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (1994 sa 1998) wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/64/Euratom tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka u attivitajiet ta' taħriġ (1998 sa 2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/668/Euratom tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom), għal riċerka fuq l-enerġija nukleari u attivitajiet ta' taħriġ, u għal kontribuzzjoni fil-kreazzjoni ta' Żona ta' Riċerka Europea (2002 to 2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 34).

Id-Deċiżjoni 2002/837/Euratom tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku (Euratom) għar-riċerka u t-taħriġ fuq l-enerġija nukleari (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 74).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/977/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għall-attivitajiet ta' riċerka u taħriġ nukleari (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 434).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 03 — IL-PROGRAMM TA' RIĊERKA U TAĦRIĠ TAL-EURATOM *(ikompli)*

01 03 99 *(ikompli)*

01 03 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/95/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-programm speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet diretti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 40).

Ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)" u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81).

Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 (ĠU L 347, 20/12/2013, p. 948).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019–2020) li jikkumplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 04 — REATTUR TERMONUKLEARI SPERIMENTALI INTERNAZZJONALI (ITER)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 04	REATTUR TERMONUKLEARI SPERIMENTALI INTERNAZZJONALI (ITER)								
01 04 01	***Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni***	1	856 743 023	256 691 694					
01 04 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
01 04 99 01	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti tal-ITER (qabel l-2021)	1	p.m.	349 696 000	358 390 856	632 277 000	402 575 200,—	552 017 568,—	157,86
	Artikolu 01 04 99 — Sub-total		p.m.	349 696 000	358 390 856	632 277 000	402 575 200,—	552 017 568,—	157,86
	Kapitolu 01 04 — Total		**856 743 023**	**606 387 694**	**358 390 856**	**632 277 000**	**402 575 200,—**	**552 017 568,—**	**91,03**

Kummenti

L-għan tal-proġett ITER huwa li juri l-fużjoni bħala sors vijabbli u sostenibbli ta' enerġija billi jinbena u jitħaddem reattur esperimentali tal-fużjoni bħala pass importanti lejn il-ħolqien ta' prototipi ta' reatturi għal stazzjonijiet tal-enerġija mill-fużjoni li jkunu sikuri, sostenibbli, ambjentalment responsabbli, u ekonomikament vijabbli. Il-fużjoni hija mistennija li jkollha rwol importanti fix-xenarju tal-enerġija tal-futur tal-Ewropa bħala sors ta' enerġija li ma jagħmilx ħsara lill-klima. Hija importanti, partikolarment wara l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima u l-impenn tal-Unjoni biex tmexxi l-perkors għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima b'mod kosteffettiv. F'dan ir-rigward, se tikkontribwixxi għall-objettiv tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' ebda emissjoni netta ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-2050 u se trawwem il-mobilizzazzjoni ta' industriji Ewropej ta' teknoloġija avvanzata, li jkunu involuti fil-kostruzzjoni tal-ITER u tipprovdi lill-Unjoni b'vantaġġ kompetittiv globali f'dan is-settur promettenti.

L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Fużjoni għall-Enerġija ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni 2007/198/Euratom. Il-kompiti tal-Impriża Konġunta huma dawn li ġejjin:

— li tipprovdi l-kontribuzzjoni ta' Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni,

— li tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Euratom għal attivitajiet ta' approċċ usa' mal-Ġappun għar-realizzazzjoni rapida tal-enerġija mill-fużjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 04 — REATTUR TERMONUKLEARI SPERIMENTALI INTERNAZZJONALI (ITER) *(ikompli)*

— li tipprepara u tikkoordina programm ta' attivitajiet bħala preparazzjoni għall-kostruzzjoni ta' reattur ta' demostrazzjoni tal-fużjoni u faċilitajiet relatati.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

01 04 01 Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea ITER — u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
856 743 023	256 691 694				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali tal-Impriża Konġunta Ewropea għal ITER- u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija).

01 04 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

KAPITOLU 01 04 — REATTUR TERMONUKLEARI SPERIMENTALI INTERNAZZJONALI (ITER) *(ikompli)*

01 04 99 *(ikompli)*

01 04 99 01 Tlestija ta' attivitajiet preċedenti tal-ITER (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	349 696 000	358 390 856	632 277 000	402 575 200,—	552 017 568,—

Kummenti

Former article and items (trasferiti parzjalment)*

32 05 01 01	*32 05 01 02*	*32 05 50 01**	*32 05 50 02**	*32 05 51*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, permezz tal-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, tal-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/943/Euratom tas-17 ta' Novembru 2006 dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u l-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 04 — REATTUR TERMONUKLEARI SPERIMENTALI INTERNAZZJONALI (ITER) *(ikompli)*

01 04 99 *(ikompli)*

01 04 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012 sa 2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

KAPITOLU 01 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
01 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
01 20 01	***Proġetti pilota***	1	4 400 000	6 891 505	4 290 000	7 745 266	8 064 931,—	5 357 304,—	77,74
01 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	1	5 400 000	7 130 130	1 800 000	8 410 875	10 600 000,—	4 130 075,—	57,92
01 20 03	***Azzjonijiet oħra***								
L-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi Ewropej tikkonċerna l-livelli kollha tal-amministrazzjoni: Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali. L-għan tal-blokka tal-interoperabbiltà tal-programm Ewropa Diġitali huwa li telimina l-frammentazzjoni tas-servizzi Ewropej, u li timplimenta approċċ transsettorjali u transfruntier olistiku għall-interoperabbiltà. Se tiffaċilita u tappoġġa t-tfassil, l-iżvilupp, l-aġġornament, l-użu u l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet u oqfsa interoperabbli mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, min-negozji u miċ-ċittadini Ewropej. Se toffri wkoll lill-amministrazzjonijiet pubbliċi aċċess għall-ittestjar u l-pilotaġġ tat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-użu transfruntier tagħhom.

Il-blokka tal-interoperabbiltà se tiġi implimentata f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fil-kuntest tal-programm Ewropa Diġitali ma' DĠ CNECT, mal-Istati Membri u mas-servizzi tal-Kummissjoni konċernati permezz ta' proġetti u miżuri ta' akkumpanjament (sensibilizzazzjoni, promozzjoni, bini ta' komunitajiet, eċċ.).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	533 892 6 6 0 0
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	21 000 6 0 2 2

02 04 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

02 04 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam ta' soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, għan-negozji u għaċ-ċittadini (ISA) (qabel l-2021).

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	22 500 000	27 130 000	25 000 000	26 692 000,—	24 534 000,—

Kummenti

Artikoli preċedenti

26 03 01	*26 03 51*

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 04 — PROGRAMM EWROPA DIĠITALI *(ikompli)*

02 04 99 *(ikompli)*

02 04 99 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20).

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA [2]) bħala mezz ta' immodernizzar tas-settur pubbliku (ĠU L 318, 4.12.2015, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

02 04 99 02 Tlestija tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC) taħt il-programm preċedenti Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — ICT (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	31 298 714	58 586 106	66 348 000	39 089 221,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 03 05 31

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) sa (6) tiegħu u t-Taqsima 1 tal-Anness tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI								
02 10 01	***Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)***	1	38 900 000	38 900 000	37 954 000	37 954 000	37 550 843,—	37 550 843,—	96,53
02 10 02	***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)***	1	80 333 886	80 333 886	73 405 406	74 717 497	77 679 413,—	76 462 413,—	95,18
02 10 03	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)***	1	25 703 674	25 703 674	27 440 121	27 440 121	26 949 278,—	26 949 278,—	104,85
02 10 04	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)***	1	21 668 887	21 668 887	20 535 495	20 535 495	15 824 465,—	15 824 465,—	73,03
02 10 05	***Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) — Uffiċċju***	1	7 250 381	7 250 381	7 117 000	7 117 000	5 677 664,65	5 677 664,65	78,31
02 10 06	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)***	1	14 236 015	14 236 015	16 277 975	16 277 975	15 853 496,—	15 853 496,—	111,36
	Kapitolu 02 10 — Total		**188 092 843**	**188 092 843**	**182 729 997**	**184 042 088**	**179 535 159,65**	**178 318 159,65**	**94,80**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

It-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji jinsabu fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 01 Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
38 900 000	38 900 000	37 954 000	37 954 000	37 550 843,—	37 550 843,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

06 02 02

L-EASA hija l-aġenzija tas-sikurezza tal-avjazzjoni tal-Unjoni. L-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni jinkludu l-ġbir u l-analiżi ta' intelliġenza dwar is-sikurezza u ta' *data* tal-prestazzjoni biex jiġu derivati pjanijiet ta' azzjoni strateġiċi, iċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti tal-avjazzjoni u l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni (disinn, produzzjoni, manutenzjoni, taħriġ, ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, eċċ.). L-EASA tabbozza wkoll materjal regolatorju li jistabbilixxi standards komuni għall-avjazzjoni fl-Ewropa u tissorvelja l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-istandards fl-Istati Membri; għal dan il-għan, l-EASA tuża, fuq skala dejjem tikber, approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni għat-tfassil tar-regoli u approċċ iċċentrat fuq ir-riskji għall-attivitajiet ta' monitoraġġ, kull meta jkun xieraq. Stabbilita fl-2002, l-EASA hija komposta minn aktar minn 800 espert u amministratur tal-avjazzjoni mill-Istati Membri. Ix-xogħol li jsir mill-EASA jiġi kkomplementat bl-attivitajiet li jsiru mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni bħala parti mis-sistema tal-EASA.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	38 900 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu tad-dħul 6 6 2)	0
L-ammont imdaħħal fil-baġit	38 900 000

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	1 050 300 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u dwar il-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16).

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 628/2013 tat- 28 ta' Ġunju 2013 dwar metodi ta' operat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni u għal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 46).

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

02 10 02 ***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
80 333 886	80 333 886	73 405 406	74 717 497	77 679 413,—	76 462 413,—

Kummenti

Partiti preċedenti

06 02 03 01 06 02 03 02

L-EMSA hija l-aġenzija tas-Sikurezza Marittima tal-Unjoni. Hija tinsab fil-qalba tan-network tas-sikurezza marittima tal-Unjoni u tirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza ta' kollaborazzjoni effettiva b'ħafna interessi differenti u, b'mod partikolari, bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali, l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-industrija marittima.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 02 *(ikompli)*

L-attivitajiet tal-EMSA jinkludu: l-għoti ta' assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni kif suppost tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti u s-simplifikazzjoni amministrattiva tat-trasport marittimu; monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' żjarat u spezzjonijiet; titjib tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom; il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; l-għoti ta' assistenza operazzjonali, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-manteniment ta' servizzi marittimi integrati b'rabta mal-bastimenti, mal-monitoraġġ tal-bastimenti u mal-infurzar; twettiq ta' kompiti ta' tħejjija operazzjonali, detezzjoni u rispons fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tniġġis tal-baħar minħabba installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass; u, fuq talba tal-Kummissjoni, l-għoti ta' assistenza teknika u operazzjonali lil pajjiżi terzi.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	82 620 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	2 286 114
L-ammont imdaħħal fil-baġit	80 333 886

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	2 169 015 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115).

Ir-Regolament (UE) 2016/1625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 77).

02 10 03 ***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
25 703 674	25 703 674	27 440 121	27 440 121	26 949 278,—	26 949 278,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 03 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

06 02 04

L-ERA tikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-funzjonament effettiv ta' żona ferrovjarja unika Ewropea mingħajr fruntieri, billi tiggarantixxi livell għoli ta' sikurezza u interoperabbiltà ferrovjarja filwaqt li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tas-settur ferrovjarju. B'mod partikolari, l-ERA tikkontribwixxi, fuq kwistjonijiet tekniċi, għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bl-iżvilupp ta' approċċ komuni għas-sikurezza tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u billi żżid il-livell ta' interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni. Objettivi oħra tal-Aġenzija għandhom ikunu li ssegwi t-tnaqqis tar-regoli ferrovjarji nazzjonali biex tappoġġa l-prestazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li jaġixxu fl-oqsma tas-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja u li tippromwovi l-ottimizzazzjoni tal-proċeduri.

Bid-dħul fis-seħħ tal-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, ir-rwol tal-ERA hu estiż sostanzjalment. Mis-16 ta' Ġunju 2019, l-ERA saret l-awtorità tal-Unjoni responsabbli mill-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid ta' vetturi ferrovjarji fis-suq, miċ-ċertifikati tas-sikurezza uniċi għal impriżi ferrovjarji u mill-approvazzjonijiet tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju maġenb il-binarji.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	25 763 160
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	59 486
L-ammont imdaħħal fil-baġit	25 703 674

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	693 999 6 6 0 0

Bażiġuridika

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 04 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 668 887	21 668 887	20 535 495	20 535 495	15 824 465,—	15 824 465,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

09 02 03

L-ENISA ġiet stabbilita sabiex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni, tal-Istati Membri u, bħala konsegwenza, tal-komunità tan-negozju sabiex tevita, tindirizza u twieġeb problemi dwar is-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-ENISA se tiżviluppa livell għoli ta' esperjenza u se tippromwovi kooperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-settur pubbliku u minn dak privat.

L-għan tal-ENISA huwa li tipprovdi assistenza sabiex tagħti parir lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni li jaqgħu fil-kompetenzi tagħhom u li, meta tintalab, tassisti lill-Kummissjoni fix-xogħol preparatorju tekniku għall-aġġornament u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	22 248 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	579 113
L-ammont imdaħħal fil-baġit	21 668 887

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	585 060 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 05 Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) — Uffiċċju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
7 250 381	7 250 381	7 117 000	7 117 000	5 677 664,65	5 677 664,65

Kummenti

Artikolu preċedenti

09 02 04

Il-BEREC jaġixxi bħala korp espert, speċjalizzat u indipendenti għall-għoti ta' pariri li jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi biex tippromwovi approċċ regolatorju konsistenti fl-Unjoni kollha. Il-BEREC la huwa korp tal-Unjoni u lanqas għandu personalità ġuridika.

L-Uffiċċju huwa stabbilit bħala korp tal-Unjoni b'personalità ġuridika, li jipprovdi lill-BEREC bis-sostenn professjonali u amministrattiv sabiex iwettaq il-kompiti konferiti lilu mir-Regolament (UE) 2018/1971.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	7 282 800
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu tad-dħul 6 6 2)	32 419
L-ammont imdaħħal fil-baġit	7 250 381

Bażiġuridika

Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ għal BEREC (Uffiċċju BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1).

02 10 06 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 236 015	14 236 015	16 277 975	16 277 975	15 853 496,—	15 853 496,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 06 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

32 02 10

L-ACER hija korp indipendenti biex trawwem l-integrazzjoni u t-tlestija tas-suq intern tal-enerġija Ewropew (IEM, internal energy market), kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass naturali.

Permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji tal-enerġija (NRAs, national regulatory authorities), l-ACER tiżgura li l-integrazzjoni tas-suq u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tinkiseb skont l-objettivi tal-politika tal-enerġija u l-qafas regolatorji tal-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	14 434 363
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	198 348
L-ammont imdaħħal fil-baġit	14 236 015

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	384 372 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
02 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
02 20 01	***Proġetti pilota***	1	17 025 000	13 780 299	12 375 000	8 383 650	5 304 810,—	2 470 086,—	17,92
02 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	1	p.m.	9 653 900	24 850 000	10 168 640	3 000 000,—	2 402 615,—	24,89
02 20 03	***Azzjonijiet oħra***								
02 20 03 01	Fond Ewropew tal-Investiment — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt	1	375 000 000	375 000 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 02	Fond Ewropew tal-Investiment — Porzjon eżegwibbli ta' kapital sottoskritt	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 03	Sikurezza nukleari — Kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment	1	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 03 04	Mekkaniżmu ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni	1	p.m.	p.m.					
	Artikolu 02 20 03 — Sub-total		375 000 000	375 000 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
02 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***								
02 20 04 01	Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport, għas-sigurtà tat-trasport u għad-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni	1	15 650 000	14 000 000	12 500 000	14 620 000	14 710 173,18	11 486 934,78	82,05
02 20 04 02	Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija	1	6 543 000	4 668 000	5 955 000	4 850 000	5 395 483,94	4 980 863,50	106,70
02 20 04 03	Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika	1	3 315 000	2 500 000	3 315 000	2 600 000	3 265 000,—	2 733 128,62	109,33
	Artikolu 02 20 04 — Sub-total		25 508 000	21 168 000	21 770 000	22 070 000	23 370 657,12	19 200 926,90	90,71
	Kapitolu 02 20 — Total		**417 533 000**	**419 602 199**	**58 995 000**	**40 622 290**	**31 675 467,12**	**24 073 627,90**	**5,74**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 025 000	13 780 299	12 375 000	8 383 650	5 304 810,—	2 470 086,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista ta' proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PP 02.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	9 653 900	24 850 000	10 168 640	3 000 000,—	2 402 615,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-oqsma tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PA 02.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 03 ***Azzjonijiet oħra***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

02 20 03 01 Fond Ewropew tal-Investiment — Forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
375 000 000	375 000 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

01 04 01 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-forniment ta' azzjonijiet totalment imħallsa ta' kapital sottoskritt mill-Unjoni, biex il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) ikun jista' jappoġġa l-ekonomija Ewropea u l-irkupru tagħha b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19, partikolarment bil-għan li jiġu sostnuti l-intrapriżi żgħar u medji. Ladarba ż-żieda kapitali tal-FEI tiġi kkonfermata mil-laqgħa ġenerali, deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiż-żieda fil-kapital tal-FEI tkun tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-ħlas tal-kapital imħallas.

L-approprjazzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti mill-artikolu baġitarju 02 02 02.

Il-FEI inħoloq fl-1994. Il-membri fundaturi tiegħu kienu l-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, il-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Is-sħubija fl-Unjoni tal-FEI hija attwalment irregolata mid-Deċiżjoni 94/375/KE.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 03 *(ikompli)*

02 20 03 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2020 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (COM(2020)0403).

02 20 03 02 Fond Ewropew tal-Investiment — Porzjon eżegwibbli ta' kapital sottoskritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

01 04 01 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament fil-każ ta' sejħa għall-ammont ta' kapital sottoskritt mill-Unjoni.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija Komunitarja fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda ta' kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

Id-Deċiżjoni Nru 562/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fiż-żieda fil-kapital tal-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 1).

02 20 03 03 Sikurezza nukleari — Kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 03 *(ikompli)*

02 20 03 03 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

01 04 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-għajnuna teknika u ġuridika meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-aspetti ta' sikurezza, ambjentali, ekonomiċi u finanzjarji tal-proġetti li għalihom jintalab il-finanzjament fil-forma ta' selfa ta' Euratom, inkluż studji magħmula mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI). Il-miżuri huma maħsuba wkoll biex jippermettu l-konklużjoni jew twettiq ta' kuntratti ta' self.

L-approprjazzjoni taħt din il-partita se tintuża wkoll biex tkopri jew b'mod temporanju tipprefinanzja l-kostijiet imġarrba mill-Unjoni għall-konklużjoni u t-twettiq ta' operazzjonijiet marbuta mal-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti tal-Euratom.

Kwalunkwe dħul imdaħħal fl-Artikolu 5 5 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal biex jingħataw approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

02 20 03 04 Mekkaniżmu ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri appoġġ mill-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija tal-Unjoni bil-għan li jitnaqqas id-distakk, parzjalment jew kompletament, fir-rigward tal-punti ta' referenza nazzjonali sa fejn l-enerġija rinnovabbli ġġenerata mill-installazzjonijiet iffinanzjati mill-mekkaniżmu ta' finanzjament tkun attribwita statistikament lill-Istati Membri parteċipanti, u tirrifletti l-pagamenti relattivi tagħhom. Jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu jiffaċilita lill-Istati Membri bl-opportunità li jżidu s-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tat-trasport lejn territorji li jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi serji li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni lejn ekonomija tal-Unjoni newtrali għall-klima sal-2050.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 03 *(ikompli)*

02 20 03 04 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	75 000 000 6 6 3

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

02 20 04 ***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

02 20 04 01 Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport, għas-sigurtà tat-trasport u għad-drittijiet tal-passiġġieri inklużi attivitajiet ta' komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 650 000	14 000 000	12 500 000	14 620 000	14 710 173,18	11 486 934,78

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 04 *(ikompli)*

02 20 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikoli preċedenti

06 02 05	06 02 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-attivitajiet meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tat-trasport tal-Unjoni, għall-modi tat-trasport kollha (bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u bil-passaġġi fuq l-ilma interni). L-azzjonijiet u l-objettivi ewlenin huma maħsuba biex jappoġġaw il-politika tat-trasport tal-Unjoni, inkluż l-estensjoni għal pajjiżi terzi.

Din l-approprjazzjoni tkopri s-setturi kollha tat-trasport, bħas-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport, l-ottimizzazzjoni tan-network tat-trasport, il-multimodalità, il-loġistika, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri, l-użu ta' fjuwils alternattivi, l-akkwist pubbliku ta' vetturi nodfa u l-mobbiltà urbana, l-aspetti soċjali u tal-ġeneru kif ukoll is-sikurezza u l-protezzjoni tal-utenti tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni tinkludi l-finanzjament ta' kampanji tal-komunikazzjoni u finanzjament dedikat għall-kofinanzjament ta' proġetti fil-qafas tat-tikketta tas-Sena Ewropea tal-Ferrovija fl-2021. Din l-inizjattiva se tappoġġa t-twettiq tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew fil-qasam tat-trasport, billi jiġu inkoraġġuti u appoġġati sforzi għaż-żieda tas-sehem tal-passiġġieri u tal-merkanzija li jivvjaġġaw u jinġarru bil-ferrovija.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estensjoni lejn pajjiżi terzi, assistenza teknika u taħriġ speċifiku.

L-objettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport u b'mod partikolari:

— miżuri biex jiġu evitati atti malizzjużi fis-settur tat-trasport,

— approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,

— definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u objettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,

— monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha tat-trasport,

— koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,

— promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

L-attivitajiet ta' appoġġ jinkludu studji, konsulenza, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt, żvilupp u manutenzjoni ta' għodod tal-IT u bażijiet ta' *data*, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u komunikazzjoni, konferenzi u avvenimenti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 04 *(ikompli)*

02 20 04 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi l-indennizz tas-sussistenza u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarrbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. Il-kostijiet għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' tħejjija u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet iridu, b'mod partikolari, jiżdiedu ma' dik in-nefqa.

02 20 04 02 Attivitajiet ta' sostenn għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 543 000	4 668 000	5 955 000	4 850 000	5 395 483,94	4 980 863,50

Kummenti

Artikoli preċedenti

32 02 02	*32 02 03*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa mġarrba mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-politika tal-enerġija għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kwalunkwe tip għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-finanzjament, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea tal-enerġija kompetittiva, sikura u sostenibbli, tas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, tal-aspetti kollha tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'perspettiva Ewropea u globali kif ukoll it-tiswiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u komparabbli.

L-objettivi ewlenin miftiehma huma l-implimentazzjoni ta' politika Ewropea komuni progressiva f'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015)0080) li tiżgura sigurtà ta' provvista kontinwa tal-enerġija, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal networks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, governanza u monitoraġġ integrati, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatt tal-politiki kkunsidrati u t-tiswiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija, abbażi ta' għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kwalunkwe tip ta' enerġija.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa tal-esperti li tkun marbuta direttament mal-ġbir, mal-validazzjoni u mal-analiżi tal-informazzjoni neċessarja dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, kif ukoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-ipproċessar diġitali u l-viżwalizzazzjoni tad- *data*, il-konferenzi u l-avvenimenti li jippromwovu attivitajiet fis-settur tal-enerġija, il-pubblikazzjonijiet elettroniċi u stampati, il-prodotti awdjoviżivi kif ukoll l-iżvilupp ta' attivitajiet differenti bbażati fuq il-web u l-midja soċjali li jkunu marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-politika tal-enerġija. Din l-approprjazzjoni se tappoġġa wkoll djalogu mtejjeb tal-enerġija mal-imsieħba ewlenin tal-enerġija tal-Unjoni u mal-aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-enerġija.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 04 *(ikompli)*

02 20 04 03 Definizzjoni u implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 315 000	2 500 000	3 315 000	2 600 000	3 265 000,—	2 733 128,62

Kummenti

Artikolu preċedenti

09 02 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa għal sett ta' miżuri maħsuba li:

— jiżviluppaw il-politika tal-komunikazzjoni elettronika, u jippromwovu (inkluż barra l-Unjoni), jissorveljaw u jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju bil-għan li jitlesta s-suq intern, tiġi promossa l-kompetizzjoni, l-investiment u t-tkabbir u jiġu protetti l-utenti finali fil-medda sħiħa ta' kwistjonijiet fil-komunikazzjonijiet elettroniċi: analiżi ekonomika, valutazzjoni tal-impatt, żvilupp tal-politika u konformità regolatorja,

— jiżviluppaw politika u leġiżlazzjoni b'fokus partikolari fuq kwistjonijiet marbuta ma' kwistjonijiet ta' bejgħ bl-imnut u l-konsumaturi, notevolment in-newtralità tan-net, l-iswitching, ir-roaming, l-istimulu tad-domanda u l-użu u s-servizz universali,

— jwettqu l-promozzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-politika tar-roaming tal-Unjoni stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 310, 26.11.2015, p. 1),

— jiżviluppaw u jimplimentaw regolamenti konsistenti bbażata fuq is-suq li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u li jwieġbu għal notifiki individwali minn dawk l-awtoritajiet notevolment fir-rigward ta' swieq rilevanti, kompetizzjoni u interventi regolatorji xierqa, b'mod partikulari għal networks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss,

— jwettqu l-iżvilupp ta' politiki fil-kategoriji kollha li jiżguraw li l-Istati Membri jimmaniġġaw l-użi kollha tal-ispettru, inklużi l-isferi differenti tas-suq intern bħall-komunikazzjoni elettronika, 5G (inkluż l-internet bil-broadband) u l-innovazzjoni,

— jippromwovu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tas-servizzi tal-komunikazzjoni, inkluż il-mekkaniżmu pprovdut fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33),

— jippermettu lill-pajjiżi terzi jsegwu politika ta' ftuħ tas-swieq tagħhom bl-istess mod bħal fl-Unjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

02 20 04 *(ikompli)*

02 20 04 03 *(ikompli)*

— jippromwovu u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju (Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7)),

— jwettqu l-iżvilupp ta' politiki dwar id-drittijiet tal-awtur fil-livell tal-Unjoni, inkluż tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-Bażi tad- *Data* (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20),

— jiżviluppaw, jimplimentaw u jimmonitorjaw politiki fil-kuntest tas-suq uniku diġitali dwar il-kummerċ elettroniku fl-Unjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ('Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku') (ĠU L 178, 17.7.2000, p.1), inkluż il-valutazzjoni tal-ostakli legali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-qafas tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku jew minn miżuri relatati,

— jwettqu l-appoġġ tal-implimentazzjoni u t-twettiq ta' politiki fil-kuntest tal-Gvern elettroniku (b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-gvern elettroniku 2016-2020) u ta' eIDAS (ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73) sabiex javvanzaw il-kwalità u l-innovazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u jaċċellera l-użu mis-settur privat u pubbliku fuq skala kbira tal-identifikazzjoni ta' fiduċja u tas-servizzi fiduċjarji fis-suq uniku diġitali.

Dawk il-miżuri jikkonsistu, fost l-oħrajn, fit-tħejjija ta' analiżi u rapporti tal-progress, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, tħejjija tal-komunikazzjonijiet, proposti leġiżlattivi u monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u traduzzjonijiet ta' notifiki u konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba li tkopri, b'mod partikolari, il-kuntratti għal analiżi u rapporti ta' esperti, l-istudji speċifiċi, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, l-attivitajiet ta' koordinament, l-għoti ta' għajnuna u l-finanzjament parzjali ta' xi miżuri.

Barra minn hekk, hija maħsuba wkoll li tkopri n-nefqa tal-laqgħat ta' esperti, avvenimenti ta' komunikazzjoni, miżati għas-sħubija, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-objettivi tal-politika jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 03

SUQ UNIKU

TITOLU 03

SUQ UNIKU

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU"	29 303 925	29 303 925	22 703 572	22 703 572	21 650 319,14	21 650 319,14
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU	546 315 075	518 432 390	584 726 755	547 055 500	585 288 391,94	489 288 503,78
03 03	PROGRAMM TAL-UE KONTRA L-FRODI	24 053 000	23 758 262	23 896 600	20 206 853	23 044 498,91	21 350 180,30
03 04	KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAT-TASSAZZJONI (FISCALIS)	35 915 550	32 545 655	32 993 000	27 400 000	32 570 000,—	30 703 000,—
03 05	KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAT-TASSAZZJONI (DWANA)	126 587 000	86 000 000	75 164 000	75 200 000	78 286 000,—	79 477 000,—
03 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	121 438 147	121 438 147	109 897 550	109 897 550	95 811 585,43	95 811 584,61
03 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	15 640 000	21 227 320	16 350 000	18 853 708	14 149 056,—	12 885 050,27
	Titolu 03 — Total	**899 252 697**	**832 705 699**	**865 731 477**	**821 317 183**	**850 799 851,42**	**751 165 638,10**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

TITOLU 03

SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
03 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU"					
03 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku***					
03 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)	1	13 211 925	8 940 349	8 595 593,14	65,06
03 01 01 63	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku għat-tlestija ta' programmi preċedenti	1	10 526 223	10 526 223	9 894 726,—	94
03 01 01 66	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku għat-tlestija ta' programmi preċedenti	1	3 037 000	3 037 000	2 960 000,—	97,46
03 01 01 73	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku	1	1 720 000			
03 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku	1	208 777			
	Artikolu 03 01 01 — Sub-total		28 703 925	22 503 572	21 450 319,14	74,73
03 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għal Fiscalis***	1	300 000	100 000	100 000,—	33,33
03 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għal Dwana***	1	300 000	100 000	100 000,—	33,33
	Kapitolu 03 01 — Total		**29 303 925**	**22 703 572**	**21 650 319,14**	**73,88**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (studji, laqgħat tal-esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, eċċ.) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

03 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku

03 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm għas-Suq Uniku (inkl. SMEs)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
13 211 925	8 940 349	8 595 593,14

Kummenti

Partiti preċedenti

02 01 04 01 02 01 04 02 17 01 04 03 29 01 04 01 33 01 04 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm għas-Suq Uniku u tal-linji gwida speċifiċi għas-settur, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tal-informazzjoni u tat-teknoloġija korporattivi. Din l-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw il-preparazzjoni ta' proġetti jew miżuri marbuta mal-kisbiet tal-objettivi tal-programm.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	356 722 6 6 0 0

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 03 02.

03 01 01 63 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
10 526 223	10 526 223	9 894 726,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 01 06 01

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

03 01 01 *(ikompli)*

03 01 01 63 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju mġarrba b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri li jifformaw parti mil-legat tal-Programm għas-Suq Uniku.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-Taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	15 789 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġa l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9414 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, tal-ambjent, tal-azzjoni klimatika, tal-kompetittività u l-SMEs, tar-riċerka u l-innovazzjoni, tal-ICT, tal-politika marittima u s-sajd, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

03 01 01 *(ikompli)*

03 01 01 66 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 037 000	3 037 000	2 960 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 01 06 03 33 01 06 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel li se jeżegwixxu l-objettivi speċifiċi tal-konsumatur tal-legat tal-Programm għas-Suq Uniku wara analiżi tal-kost-benefiċċji.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	4 556 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 254/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 42).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018, għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għas-Suq Uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) 2017/826.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

03 01 01 *(ikompli)*

03 01 01 73 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 720 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-Programm tas-Suq Uniku (2021–2027).

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	46 440 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 03 01.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 948 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa — id-Diġitali, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, is-Suq Uniku u l-EU4Health, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

03 01 01 76 Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-Programm għas-Suq Uniku

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
208 777		

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

03 01 01 *(ikompli)*

03 01 01 76 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa tal-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs li se twettaq partijiet mill-Programm tas-Suq Uniku b'segwitu ta' analiżi tal-kostbenefiċċji.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-Taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	5 637 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 03 02.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 949 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ewropa Innovattiva, is-Suq Uniku u l-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

03 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għal Fiscalis***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
300 000	100 000	100 000,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SUQ UNIKU" *(ikompli)*

03 01 02 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

14 01 04 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, IT (tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi), laqgħat ta' esperti, informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 03 04.

03 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għal Dwana***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
300 000	100 000	100 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

14 01 04 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, IT (tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi), laqgħat ta' esperti, informazzjoni, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 03 05.

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU								
03 02 01	***Nagħmlu s-suq intern aktar effettiv***								
03 02 01 01	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	1	34 534 719	8 730 000					
03 02 01 02	Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern	1	5 414 088	2 674 000					
03 02 01 03	Appoġġ għall-ħidma regolatorja tat-TAXUD – Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern	1	3 222 507	324 000					
03 02 01 04	Dritt soċjetarju	1	947 796	190 421					
03 02 01 05	Politika tal-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali	1	19 857 132	8 000 000					
03 02 01 06	Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji	1	5 266 608	1 305 323					
03 02 01 07	Sorveljanza tas-suq	1	10 559 000	2 670 000					
	Artikolu 03 02 01 — Sub-total		79 801 850	23 893 744					
03 02 02	***Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq***	1	117 443 450	26 315 500					

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02 03	***Standardizzazzjoni Ewropea u standards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju u tal-awditjar***								
03 02 03 01	Standardizzazzjoni Ewropea	1	21 458 109	12 500 000					
03 02 03 02	Standards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju u tal-awditjar	1	8 439 058	4 880 729					
	Artikolu 03 02 03 — Sub-total		29 897 167	17 380 729					
03 02 04	***L-abilitazzjoni tas-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti inkluż il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji***								
03 02 04 01	L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u ta' sikurezza tal-prodotti	1	22 964 531	6 920 585					
03 02 04 02	Il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji	1	1 493 537	1 079 153					
	Artikolu 03 02 04 — Sub-total		24 458 068	7 999 738					
03 02 05	***Produzzjoni u disseminazzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa***	1	74 000 000	8 600 000					
03 02 06	***Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti***	1	220 714 540	18 703 000					

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
03 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) (qabel l-2021)	1	p.m.	62 200 000	135 298 400	143 900 000	125 729 918,91	108 946 490,02	175,16
03 02 99 02	Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti (qabel l-2021)	1	p.m.	227 685 366	272 156 000	238 331 000	286 989 000,—	238 943 097,38	104,94
03 02 99 03	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-konsumaturi (qabel l-2021)	1	p.m.	19 500 000	27 000 000	25 000 000	26 647 000,—	24 039 391,47	123,28
03 02 99 04	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mal-istandardizzazzjoni, ir-rapportar finanzjarju u s-servizzi, l-awditjar u l-istatistika (qabel l-2021)	1	p.m.	78 072 328	108 054 000	102 739 500	105 691 997,43	82 314 405,39	105,43
03 02 99 05	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-suq intern u s-servizzi finanzjarji (qabel l-2021)	1	p.m.	27 181 985	41 318 355	35 785 000	39 330 475,60	34 256 367,01	126,03

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
03 02 99	*(ikompli)*								
03 02 99 06	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mad-dritt soċjetarju (qabel l-2021)	1	p.m.	900 000	900 000	1 300 000	900 000,—	788 752,51	87,64
	Artikolu 03 02 99 — Sub-total		p.m.	415 539 679	584 726 755	547 055 500	585 288 391,94	489 288 503,78	117,75
	Kapitolu 03 02 — Total		**546 315 075**	**518 432 390**	**584 726 755**	**547 055 500**	**585 288 391,94**	**489 288 503,78**	**94,38**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, u biex jipprovdu statistika Ewropea ta' kwalità għolja dwar il-politiki kollha tal-Unjoni, skont l-iskop tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-"Programm għas-Suq Uniku"). B'mod partikolari, il-programm se jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, kif ukoll il-bini ta' kapaċità, il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern. Se jappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa u jikkontribwixxi wkoll għall-abilitazzjoni tal-atturi kollha tas-suq uniku: lin-negozji, liċ-ċittadini inkluż il-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi. Il-Programm għas-Suq Uniku jiġbor flimkien sitt programmi minn qabel minn oqsma ta' politika differenti, partikolarment il-parti tal-għotjiet u l-kuntratti tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), programmi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, li jtejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u utenti finali oħrajn fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji, fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali finanzjarji, ta' awditjar u ta' rapportar korporattiv, miżuri li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati u fl-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, il-programm jinkludi diversi linji baġitarji oħra li jikkonċernaw, partikolarment is-sorveljanza tas-suq, id-dritt soċjetarju, id-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali, l-istandardizzazzjoni u l-appoġġ għall-politika tal-kompetizzjoni, id-dwana u t-tassazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li programm uniku wieħed se joħloq sinerġiji li jikkontribwixxu għal infiq baġitarju aktar aġli u effiċjenti.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) 2017/826 (COM(2018) 441).

03 02 01 Nagħmlu s-suq intern aktar effettiv

03 02 01 01 Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
34 534 719	8 730 000				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu, inkluż:

— miżuri maħsuba biex jagħmlu l-operat tas-suq intern aktar effettiv u biex jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess għall-aktar drittijiet u opportunitajiet estensivi li jirriżultaw mill-ftuħ u l-approfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri, u jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u jieħdu vantaġġ ta' dawk l-opportunitajiet bis-sħiħ, u miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni marbuta mal-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u n-negozji tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom bil-ħsieb li tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kwalunkwe ostaklu li jista' jkun qed ixekkilhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ,

— rieżami komprensiv tal-qafas regolatorju bil-ħsieb li jsiru l-bidliet meħtieġa u analiżi kumplessiva tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex ikomplu l-operat tajjeb tas-suq intern u evalwazzjoni tal-impatt kumplessiv tas-suq intern fuq in-negozji u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' *data* u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal databases esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-fehim tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-operat tiegħu,

— l-iżvilupp ta' atti leġiżlattivi ġodda biex jingħalqu l-lakuni fis-suq intern għall-oġġetti, partikolarment fil-qasam tal-makkinarju mobbli, approssimazzjoni settorjali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tad-direttivi tal-"approċċ il-ġdid", speċjalment l-estensjoni tal-"approċċ il-ġdid" għal setturi oħra,

— l-attivitajiet imsemmija fil-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, kemm għall-akkreditazzjoni kif ukoll għall-marka CE,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 01 *(ikompli)*

— l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1),

— attivitajiet imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1), li jinkludu, *inter alia*, l-operat tan-Network tal-Unjoni Ewropea għall-Konformità tal-Prodotti, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-gruppi ta' kooperazzjoni amministrattiva settorjali, azzjonijiet konġunti fuq livell tal-Unjoni mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-appoġġ lill-Istati Membri bl-istrateġiji ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni, appoġġ xjentifiku miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), assistenza teknika għall-verifika u l-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni,

— l-attivitajiet imwettqa skont ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14 6 2018, p. 1), li jinkludi, *inter alia*, appoġġ tekniku għall-iżvilupp ta' regoli ta' sorveljanza tas-suq, b'appoġġ għall-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-ittestjar tal-Unjoni, appoġġ xjentifiku mill-JRC, u l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni,

— l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-suq uniku għall-oġġetti, partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8), id-Direttiva 85/374/KEE 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29) u d-Direttiva 2014/60/EU tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1),

— l-approssimazzjoni tal-istandards u l-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' sistema tal-informazzjoni għal standards u regolamenti tekniċi, l-eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri, l-Istati tal-EFTA u t-Turkija u t-traduzzjoni tal-abbozz tar-regolamenti tekniċi u tat-testi finali relatati,

— l-iffinanzjar ta' koordinazzjoni amministrattiva u teknika u ta' kooperazzjoni bejn korpi notifikati, għotjiet li jsostnu l-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA), u tal-proġetti ta' interess tal-Unjoni li jsiru minn korpi esterni,

— l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-apparat mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tessili, is-sustanzi kimiċi, il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' sustanzi u taħlitiet, il-prattika tajba tal-laboratorji, il-vejikoli bil-mutur, il-ġugarelli, il-metroloġija legali, il-preimballaġ u l-kwalità tal-ambjent, id-dispensuri tal-ajrusols, il-proprjetà intellettwali u l-miżuri ta' informazzjoni u pubbliċità għal aktar sensibilizzazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 01 *(ikompli)*

— l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-kamp tad-Direttiva 2009/125/KE tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10),

— il-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet fuq ir-rikonoxximent reċiproku u, fl-ambitu tal-ftehimiet Ewropej, appoġġ għall-pajjiżi assoċjati biex jippermettilhom jadottaw l- *acquis* tal-Unjoni,

— miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) speċjalment dawk li jirriżultaw mill-evalwazzjoni tar-REACH REFIT tal-2017,

— azzjonijiet relatati mas-segwitu għall-kontroll tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar l-aktar sustanzi kimiċi rilevanti (eskluż ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006) (Rapport tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2019 (COM(2019)0264) u evalwazzjonijiet rilevanti oħrajn ta' atti speċifiċi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi kimiċi,

— l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku speċjalment fir-rigward tat-traspożizzjoni (il-kompletezza u l-konformità) tad-Direttiva 2014/23/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1), id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243),

— l-azzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/60/UE,

— l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-operat ottimu tagħhom u li s-sejħiet għall-offerti jinfetħu b'mod ġenwin, inkluż is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-partijiet diversi f'dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawk il-kuntratti; l-adattament kontinwu tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi provenjenti minn dawk il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri,

— il-ksib ta' livell simili ta' implimentazzjoni u infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-korpi nazzjonali, inklużi korpi ta' eżami sabiex jiġu miġġielda d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jingħata kontribut favur kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni,

— il-garanzija tat-tlestija u l-ġestjoni tas-suq intern, speċjalment fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu ta' servizzi, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali, partikolarment it-trademarks, id-disinji, il-privattivi, l-indikazzjonijiet ġeografiċi, is-sigrieti tal-mestier u l-infurzar; l-evalwazzjoni tal-miżuri fis-seħħ u t-tħejjija ta' rieżaminazzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern għas-servizzi online (l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57) u l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/302 tal-

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 01 *(ikompli)*

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2018 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2006/2004 u (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 60I , 2.3.2018, p. 1)); l-inkoraġġiment tal-isforzi tal-Istati Membri biex ineħħu l-ostakli għas-suq intern għas-servizzi bl-imnut permezz ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni (konferenza ta' livell għoli dwar il-bejgħ bl-imnut); aċċess għal *data* dwar il-bejgħ bl-imnut għall-appoġġ ta' aktar żvilupp ta' politika,

— analiżi tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli għas-suq intern għas-servizzi u tal-effetti ta' miżuri fis-seħħ bħala parti mis-segwitu għal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni dwar is-servizzi postali fir-rigward tas-sistemi internazzjonali u b'mod partikolari fir-rigward tal-parteċipanti fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU), il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, kif ukoll l-analiżi tal-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) għas-settur postali u t-trikkib mar-regolamenti tal-UPU,

— azzjonijiet relatati ma' industriji kreattivi u l-impatti tagħhom fuq setturi oħra tal-ekonomija tal-Unjoni, inkluż djalogu ma' industriji bħal dawn,

— azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1),

— azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari, inkluż azzjonijiet relatati mal-iżvilupp ta' politika dwar il-prodott sostenibbli bħall-iżvilupp ta' databases anċillari, l-iżvilupp ta' għodod tal-IT tal-Unjoni u l-appoġġ mill-JRC,

— azzjonijiet relatati mat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju dwar il-batteriji inkluż il-possibbiltà li jiġu żviluppati għodod tal-IT u databases relatati,

— it-twaqqif ta' struttura ta' appoġġ għal konsorzju ta' alleanza jew industrija li tgħin biex jitqiegħdu fis-suq teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet baxxi,

— attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/1535, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1) partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mat-traduzzjonijiet.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	932 437 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 02 Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 414 088	2 674 000				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa ġejja mill-ġestjoni u l-iżvilupp tal-għodod ta' governanza tas-suq intern (L-Ewropa Tiegħek, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku). Dawn l-għodod qed jipprovdu firxa ta' servizzi assjematiċi għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi, li jimmiraw li jiżguraw funzjonament aħjar tas-suq intern fil-prattika. Il-portal online L-Ewropa Tiegħek jipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet tagħhom tal-Unjoni bit-23 lingwa tal-Unjoni u se jsir il-punt tad-dħul għall-gateway diġitali unika minn Diċembru 2020. Is-servizz ta' Pariri tal-Ewropa Tiegħek joffri pariri mfassla apposta u bla ħlas liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq intern. SOLVIT huwa network informali għas-soluzzjoni tal-problemi, li jittratta b'mod effiċjenti l-problemi transfruntiera li jiffaċċjaw iċ-ċittadini jew in-negozji, minħabba applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minn Stat Membru, u qed jiġbor informazzjoni ta' feedback dwar is-suq intern permezz tad-database online tiegħu. IMI huwa applikazzjoni online multilingwi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fis-suq intern, li tagħmilha faċli għall-awtoritajiet biex jiskambjaw informazzjoni u jaħdmu flimkien, abbażi ta' proċeduri sempliċi u unifikati bil-lingwa tagħhom stess. It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, li turi l-prestazzjoni tal-Istati Membri fl-aktar oqsma ta' politika rilevanti u fl-għodod ta' governanza tas-suq intern, qed tiġi żviluppata biex tipprovdi viżjoni ferm aktar kompluta tas-suq intern.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	146 180 6 6 0 0

03 02 01 03 Appoġġ għall-ħidma regolatorja tat-TAXUD – Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 222 507	324 000				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri studji, konsultazzjonijiet, evalwazzjonijiet, analiżi u valutazzjonijiet tal-impatt, laqgħat ta' esperti, attivitajiet ta' klassifikazzjoni doganali, l-akkwist ta' informazzjoni u *data*, investiment f'software, il-kost tat-traduzzjonijiet, nefqa fuq l-IT li tkopri kemm tagħmir kif ukoll servizzi, il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' pubbliċità, materjal ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ, komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ksib tal-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa ġejja mill-miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern, l-operat u l-iżvilupp tiegħu. Tappoġġa l-politika doganali u l-politika fiskali tal-Unjoni u tinkludi azzjonijiet li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-programmi Dwana u Fiscalis.

03 02 01 04 Dritt soċjetarju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
947 796	190 421				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri miżuri li jimmiraw li jagħmlu s-suq intern aktar effettiv, jiffaċilitaw il-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli u jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u d-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza.

Din l-approprjazzjoni partikolarment se tkopri attivitajiet dwar id-dritt soċjetarju u d-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali kif ukoll il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	25 590 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 05 Politika tal-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
19 857 132	8 000 000				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet li jikkontribwixxu għal infurzar, implimentazzjoni, żvilupp, modernizzazzjoni u komunikazzjoni effettivi tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Hija maħsuba biex tindirizza l-implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni u l-funzjonament tas-suq intern li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni kontinwa u t-trasformazzjoni tal-ekonomija u tal-ambjent tan-negozju, partikolarment, it-tkabbir esponenzjali u l-użu tad- *data*, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali u għodod u għarfien espert diġitali oħrajn. Għandha tappoġġa n-networks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Dawn in-nefqiet jistgħu jinkludu:

— żvilupp, manutenzjoni, akkwist u modernizzazzjoni ta' għodod diġitali, *big data* u soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali u tagħmir u servizzi relatati,

— ġbir ta' *data* dwar is-swieq, analiżi u akkwist ta' sorsi oħra ta' informazzjoni,

— għarfien espert, studji, stħarriġiet, konsultazzjonijiet u intelligence dwar is-swieq,

— bini ta' kapaċità, żvilupp u tisħiħ tal-kooperazzjoni u tal-istrutturi ta' kooperazzjoni ma' u bejn korpi tal-infurzar, qrati nazzjonali u awtoritajiet oħra rilevanti tal-Istati Membri, awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali,

— attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u servizzi u materjal relatati,

— nefqiet ġenerali oħra direttament marbuta mal-kisba tal-objettivi tal-programm u l-attivitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	536 143 6 6 0 0

03 02 01 06 Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 266 608	1 305 323				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 06 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta minn miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern u l-operat tiegħu, it-tisħiħ, it-titjib u l-iżvilupp fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja, il-pensjonijiet, is-sistemi ta' pagament u l-unjoni tas-swieq kapitali, inkluż finanzjament sostenibbli. Għandha tikkontribwixxi biex is-suq intern isir aktar effettiv, tiffaċilita l-prevenzjoni u t-tnaħħija tal-ostakli, tappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji (inkluż is-sorveljanza tas-swieq) u l-moviment liberu tal-kapital. Għandha wkoll tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod ta' governanza.

L-approprjazzjoni għandha tkopri n-nefqa li tirriżulta mill-monitoraġġ tas-swieq finanzjarji u tal-istabbiltà finanzjarja mill-Kummissjoni, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri, l-evalwazzjoni tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-identifikazzjoni ta' oqsma potenzjali ta' azzjoni fejn jitfaċċaw riskji ġodda, b'involviment kontinwu tal-partijiet konċernati matul iċ-ċiklu ta' politika. Dawn l-attivitajiet jiddependu fuq il-produzzjoni ta' analiżijiet, studji, materjali ta' taħriġ, stħarriġiet, valutazzjonijiet ta' konformità, evalwazzjonijiet u statistika. L-approprjazzjoni għandha wkoll, fejn meħtieġ, tkopri l-akkwist ta' *data* u l-kost tal-aċċess għal databases esterni; l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-IT; attivitajiet u għodod tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; parteċipazzjoni f'laqgħat ta' assoċjazzjonijiet/organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO), l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni (IAIS/AICA) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Konsumatur Finanzjarju (FinCoNet); il-kostijiet tas-sħubija ta' korpi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet; konsultazzjonijiet u laqgħat; u kwalunkwe assistenza oħra meħtieġa biex jiġu żgurati l-operat, it-tisħiħ, it-titjib u l-iżvilupp meħtieġa tas-suq intern.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	142 198 6 6 0 0

03 02 01 07 Sorveljanza tas-suq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 559 000	2 670 000				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 01 *(ikompli)*

03 02 01 07 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Fi ħdan is-suq intern, il-moviment liberu tal-merkanzija hu l-aktar waħda żviluppata minn fost l-erba' libertajiet fundamentali kollha kemm huma. Madankollu, fis-suq qed jiżdied l-għadd ta' prodotti illegali u mhux konformi, u dan ixekkel il-kompetizzjoni u jpoġġi lill-konsumaturi f'riskju. Ħafna negozji jinjoraw ir-regoli, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksbu vantaġġ kompetittiv.

Is-sorveljanza tas-suq tiżgura li l-prodotti mhux tal-ikel fis-suq tal-Unjoni ma jipperikolawx lill-konsumaturi u lill-ħaddiema Ewropej. Tiżgura wkoll il-protezzjoni ta' interessi pubbliċi oħra bħall-ambjent, is-sigurtà u l-kummerċ ġust.

Skont il-Programm tas-Suq Uniku, l-appoġġ għall-miżuri ta' sorveljanza tas-suq fl-Unjoni jfittex li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi l-inċentivi t-tajba lill-imprendituri, jintensifika l-kontrolli tal-konformità u l-kontrolli tal-prodotti fuq il-fruntieri esterni, u jippromwovi kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tas-sorveljanza tas-suq.

Il-Programm tas-Suq Uniku jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, biex jinkoraġġixxi azzjonijiet konġunti ta' awtoritajiet minn Stati Membri differenti, biex itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u biex jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	285 093 6 6 0 0

03 02 02 ***Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
117 443 450	26 315 500				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment dik tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u biex tappoġġa t-tkabbir tagħhom.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 02 *(ikompli)*

Il-miżuri implimentati se jkunu, b'mod speċifiku:

— networks u clusters li jlaqqgħu flimkien varjetà ta' partijiet konċernati u appoġġ biex l-ekosistemi jiġu konnessi strateġikament,

— diversi forom ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali biex jitrawwem l-aċċess għas-swieq u l-katini ta' valur mondjali, l-intraprenditorija, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-kompetittività tas-setturi,

— diversi forom ta' appoġġ għall-SMEs, inkluż għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, biex iħeġġuhom jinvestu fis-sostenibbiltà ekoloġika u soċjali li tkun ta' benefiċċju għall-ekosistema ekonomika lokali u reġjonali,

— il-qsim informazzjoni, disseminazzjoni, sensibilizzazzjoni u servizzi konsultattivi biex tiżdied il-kompetittività tal-SMEs u jiġu megħjuna jipparteċipaw fis-suq uniku u lil hinn minnu.

Il-proġetti se jfittxu li jtejbu l-kundizzjonijiet għall-SMEs u jikkontribwixxu għal ambjent kummerċjali favorevoli inkluż permezz ta' bini tal-kapaċità, appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, it-trasformazzjoni industrijali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-kollaborazzjoni tal-katina ta' valur, u jgħinu biex tiżdied il-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom. Se jiddependu fuq is-servizzi pprovduti minn clusters, intraprenditorija u networks ta' appoġġ għan-negozji.

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru t-tkomplija tal-iskjerament u l-operazzjoni tas-servizzi offruti minn Galileo, EGNOS u Copernicus, u tat-tħejjija ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' dawn is-servizzi. Huma maħsuba wkoll biex itejbu s-servizzi tal-Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SST) u jistabbilixxu l-programm tal-komunikazzjoni governattiva bis-satellita "Govsatcom".

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-8 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE (COM (2018)0447).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 04 — SPAZJU

KAPITOLU 04 02 — PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI *(ikompli)*

04 02 01 Galileo / EGNOS

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 245 474 000	557 500 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— it-tlestija tal-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo, li tikkonsisti fil-bini, l-istabbiliment, il-protezzjoni tal-infrastruttura spazjali u terrestri,

— il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programm Galileo, li tikkonsisti mill-ġestjoni, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura spazjali u dik tal-art, l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' standardizzazzjoni, il-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi pprovduti mis-sistema, u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-programm jopera bla xkiel.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	33 129 608 6 6 0 0
Pajjiżi oħra	81 000 000 6 0 4 1

04 02 02 Copernicus

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
707 317 000	223 000 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-operazzjonijiet tas-servizzi ta' Copernicus, imfassla skont il-bżonnijiet tal-utenti, tikkontribwixxi biex tiżgura aċċess għad- *data* tal-infrastruttura tal-osservazzjoni neċessarja biex jitħaddmu s-servizzi ta' Copernicus u toħloq opportunitajiet biex ikun hemm aktar użu tas-sorsi ta' informazzjoni min-naħa tas-settur privat, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni permezz provdituri tas-servizz li jżidu l-valur.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 04 — SPAZJU

KAPITOLU 04 02 — PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI *(ikompli)*

04 02 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-bqija tal-attivitajiet ta' żvilupp tas-Sentinels attwali kif ukoll il-bidu tal-iżvilupp ta' missjonijiet ġodda.

Din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja wkoll attivitajiet trażversali fost is-servizzi jew l-artikulazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom, kif ukoll għall-koordinazzjoni in situ, l-adozzjoni mill-utent u t-taħriġ u l-komunikazzjoni.

Barra minn hekk, bħala appoġġ lill-kompetittività u t-tkabbir, din l-approprjazzjoni tista' tiffinanzja wkoll d-disseminazzjoni tad-data u l-inkubazzjoni ta' negozji ġodda billi ssostni strutturi tal-IT aktar robusti u innovattivi fl-Ewropa.

Is-servizzi ta' Copernicus jiffaċilitaw l-aċċess għal data ewlenija meħtieġa fil-formulazzjoni tal-politika fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali f'oqsma bħall-agrikoltura, il-monitoraġġ tal-foresti, l-immaniġġjar tal-ilma, it-trasport, l-ippjanar urban, it-tibdil fil-klima u ħafna oħrajn. Din l-approprjazzjoni tkopri primarjament l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' delega għall-programm Copernicus, skont l-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	18 814 632 6 6 0 0

04 02 03 ***GOVSATCOM/SSA***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
37 065 000	18 500 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet kollha relatati mal-istabbiliment ta' Govsatcom u ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni fl-Ispazju (SSA) (li jkopri l-komponenti tas-Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (SST), tat-temp spazjali u tal-oġġetti qrib id-dinja (NEO) tal-programm spazjali tal-Unjoni).

Fil-qafas tal-komponent ta' GOVSATCOM, il-kapaċitajiet u s-servizzi tal-komunikazzjoni bis-satellita għandhom jiġu kkombinati f'pula komuni ta' kapaċitajiet u ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita tal-Unjoni, b'rekwiżiti ta' sigurtà xierqa. Dan il-komponent jinkludi:

(a) l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, u l-operazzjonijiet tal-infrastruttura tas-segment tal-art;

(b) l-akkwist ta' kapaċitajiet u ta' servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita, kif ukoll ta' tagħmir tal-utenti meħtieġ għall-forniment tas-servizzi ta' GOVSATCOM;

(c) il-miżuri meħtieġa għal interoperabbiltà u standardizzazzjoni ulterjuri tat-tagħmir tal-utenti ta' GOVSATCOM.

KAPITOLU 04 02 — PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI *(ikompli)*

04 02 03 *(ikompli)*

Skont il-komponent ta' SSA, il-kapaċitajiet ta' SST għall-monitoraġġ, it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' oġġetti spazjali, għall-monitoraġġ tat-temp spazjali u l-immappjar u netwerkjar tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri tal-NEOs għandhom jissaħħu;

Il-funzjoni tal-SST għandu jappoġġa l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-istabbiliment, l-iżvilupp u t-tħaddim ta' netwerk ta' sensuri tal-art u/jew spazjali tal-Istati Membri, inklużi sensuri żviluppati permezz ta' sensuri tal-Aġenzija Spazjali Ewropea u permezz ta' sensuri tal-Unjoni mħaddma nazzjonalment, għas-sorveljanza u l-insegwiment tal-oġġetti u għall-produzzjoni ta' katalogu Ewropew ta' oġġetti spazjali;

(b) l-ipproċessar u l-analiżi tad-data tal-SST fil-livell nazzjonali sabiex jiġu prodotti l-informazzjoni u s-servizzi tal-SST imsemmija fl-Artikolu 54 tar-Regolament dwar l-Ispazju;

(c) il-forniment tas-servizzi tal-SST imsemmi fl-Artikolu 54 lill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 55 tar-Regolament dwar l-Ispazju;

(d) il-monitoraġġ u t-tiftix ta' sinerġiji ma' inizjattivi li jippromwovu l-iżvilupp u l-iskjerament ta' teknoloġiji għar-rimi tal-inġenji spazjali fi tmiem il-ħajja operazzjonali, ta' sistemi teknoloġiċi għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' skart spazjali kif ukoll mal-inizjattivi internazzjonali fil-qasam tal-immaniġġjar tat-traffiku spazjali;

(e) appoġġ tekniku u amministrattiv sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm spazjali tal-Unjoni u l-qafas għall-appoġġ tal-SST stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi Qafas għall-Appoġġ tas-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 227).

Il-funzjoni tat-temp spazjali tista' tappoġġa l-attivitajiet li ġejjin:

(a) il-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet tal-utenti fis-setturi fis-setturi tal-avjazzjoni, il-GNSS, il-grilji tal-enerġija elettrika u l-komunikazzjonijiet bl-għan li jiġu stabbiliti s-servizzi tat-temp spazjali li jridu jiġu pprovduti;

(b) il-forniment tas-servizzi tat-temp spazjali lill-utenti tat-temp spazjali, skont il-bżonnijiet u r-rekwiżiti tekniċi identifikati tal-utenti.

Il-funzjoni tal-NEO tista' tappoġġa l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-immappjar tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri għall-identifikazzjoni u għall-monitoraġġ tan-NEOs;

(b) il-promozzjoni tan-netwerking tal-faċilitajiet u taċ-ċentri ta' riċerka tal-Istati Membri;

(c) l-iżvilupp tas-servizz imsemmi fil-paragrafu li jmiss;

(d) l-iżvilupp ta' servizz ta' rispons rapidu ta' rutina li jkun kapaċi jikkaratterizza NEOs skoperti ġodda;

(e) il-ħolqien ta' katalogu Ewropew tan-NEOs.

Il-Kummissjoni tista' tikkoordina l-azzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u tal-Unjoni li jkunu responsabbli għall-protezzjoni ċivili fil-każ li jinstab li NEO jkun qed joqrob iktar lejn id-dinja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	985 929 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 04 — SPAZJU

KAPITOLU 04 02 — PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI *(ikompli)*

04 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

04 02 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tan-navigazzjoni satellitari (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	520 000 000	1 203 528 300	950 000 000	687 718 000,—	989 971 275,—

Kummenti

Artikoli preċedenti

02 05 01	*02 05 02*	*02 05 51*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) (ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

04 02 99 02 Tlestija tal-programm Copernicus (2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	325 000 000	643 947 000	549 000 000	858 570 000,—	600 178 000,—

Kummenti

Artikoli preċedenti

02 06 01	*02 06 02*

KAPITOLU 04 02 — PROGRAMM SPAZJALI TAL-UNJONI *(ikompli)*

04 02 99 *(ikompli)*

04 02 99 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 04 — SPAZJU

KAPITOLU 04 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 10	AĠENZIJI DEĊEN-TRALIZZATI								
04 10 01	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali***	1	35 900 091	35 900 091	34 602 619	34 602 619	32 628 363,—	35 057 088,—	97,65
	Kapitolu 04 10 — Total		**35 900 091**	**35 900 091**	**34 602 619**	**34 602 619**	**32 628 363,—**	**35 057 088,—**	**97,65**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-Taqsima.

L-aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

04 10 01 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 900 091	35 900 091	34 602 619	34 602 619	32 628 363,—	35 057 088,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

02 05 11

KAPITOLU 04 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

04 10 01 *(ikompli)*

Id-dħul tal-Aġenzija jinkludi sussidju tal-Unjoni li jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn id-dħul u n-nefqa.

In-nefqa tal-Aġenzija għandu jkopri n-nefqa għall-persunal, għall-amministrazzjoni u għall-infrastruttura, il-kostijiet operatorji u n-nefqa assoċjat mal-funzjonament tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, inkluż il-korpi subordinati tiegħu, u l-kuntratti u l-ftehimiet konklużi mill-Aġenzija biex twettaq il-kompiti li ġew fdati lilha.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	36 107 280
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (Artikolu għad-dħul 6 6 2)	207 189
Ammont imdaħħal fil-baġit	35 900 091

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	954 942 6 6 0 0
Dħul assenjat ieħor	745 058 6 0 4 1

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11).

Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni 541/2014/UE (COM(2018)0447).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 04 — SPAZJU

KAPITOLU 04 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
04 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
04 20 01	***Proġetti pilota***	2.1	1 000 000	250 000					
	Kapitolu 04 20 — Total		**1 000 000**	**250 000**					

04 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, fil-Kapitolu PP 04.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tiegħu.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI"	15 807 475	15 807 475	23 113 695	23 113 695	23 183 458,25	23 183 458,25
05 02	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)	29 234 393 000	33 865 032 884	32 149 925 102	30 269 956 469	31 276 592 405,60	26 452 761 068,16
05 03	FOND TA' KOEŻJONI (FK)	6 130 057 000	11 837 302 553	11 863 709 317	10 369 790 696	11 470 554 735,73	8 962 543 317,88
05 04	APPOĠĠ GĦALL-KOMUNITÀ ĊIPRIJOTTA TORKA	30 112 525	33 000 000	35 762 000	37 000 000	35 122 000,—	34 500 000,—
05 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	p.m.	4 273 900	4 600 000	10 653 539	300 000,—	8 729 892,—
	Titolu 05 — Total	**35 410 370 000**	**45 755 416 812**	**44 077 110 114**	**40 710 514 399**	**42 805 752 599,58**	**35 481 717 736,29**

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
05 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI"					
05 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)***					
05 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali	2.1	5 008 000	10 860 000	11 066 922,18	220,98
05 01 01 76	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni	2.1	914 000			
	Artikolu 05 01 01 — Sub-total		5 922 000	10 860 000	11 066 922,18	186,88
05 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond ta' Koeżjoni***					
05 01 02 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond ta' Koeżjoni	2.1	1 538 000	4 140 000	4 128 645,07	268,44
05 01 02 64	Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-tlestija ta' programmi preċedenti	2.1	6 161 793	6 161 793	6 038 766,—	98
05 01 02 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni	2.1	312 207			
	Artikolu 05 01 02 — Sub-total		8 012 000	10 301 793	10 167 411,07	126,90
05 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għall-appoġġ għall-komunità Ċiprijotta Torka***	2.2	1 873 475	1 951 902	1 949 125,—	104,04
	Kapitolu 05 01 — Total		**15 807 475**	**23 113 695**	**23 183 458,25**	**146,66**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (l-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet, eċċ.) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

05 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)

05 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 008 000	10 860 000	11 066 922,18

Kummenti

Partita preċedenti

13 01 04 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR prevista fl-Artikolu 29 tal-proposta għal Regolament COM(2018)375 final (CPR).

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet);

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) inklużi missjonijiet marbutin mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	10 556 227	5 0 4 0

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 05 02

05 01 01 76 Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs — Kontribuzzjoni mill-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
914 000		

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

05 01 01 *(ikompli)*

05 01 01 76 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-SMEs, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (COM(2018)374).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 949 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-SMEs bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-Ewropa Innovattiva, is-Suq Uniku u l-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

05 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond ta' Koeżjoni***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru assistenza teknika ffinanzjata mill-FK prevista fl-Artikolu 29 tal-proposta għal Regolament COM(2018)375 (CPR).

B'mod partikolari, huma jistgħu jintużaw biex jkopru:

— nefqa ta' appoġġ (spejjeż tar-rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet);

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

05 01 02 *(ikompli)*

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) inklużi missjonijiet marbutin mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 05 03

05 01 02 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond ta' Koeżjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 538 000	4 140 000	4 128 645,07

Kummenti

Partita preċedenti

13 01 04 03

05 01 02 64 Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Networks — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 161 793	6 161 793	6 038 766,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 01 06 03

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni biex tiġi koperta n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-pakkett tal-legat tal-Fond ta' Koeżjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

05 01 02 *(ikompli)*

05 01 02 64 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5282 tal-5 ta' Novembru 2007 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport bil-għan li jitwettqu kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit Komunitarju.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/801/UE tat-23 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks u li tħassar id-Deċiżjoni 2007/60/KE (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9235 tat-23 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, tal-enerġija u l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u fil-qasam tat-trasport u l-enerġija u tar-riċerka u l-innovazzjoni, li jikkonsistu b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 283/2014 (COM(2018) 0438).

05 01 02 74 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
312 207		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni biex tiġi koperta n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mil-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (European Climate, Infrastructure and Environment Executive Agency, CINEA), b'riżultat tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva tinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

05 01 02 *(ikompli)*

05 01 02 74 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 05 03.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

05 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għall-appoġġ għall-komunità Ċiprijotta Torka***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 873 475	1 951 902	1 949 125,—

Kummenti

Partita preċedenti

13 01 04 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri ta' assistenza teknika għall-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Turko-Ċiprijotta, b'mod partikolari:

— in-nefqa marbuta mat-tħejjija, il-valutazzjoni, l-approvazzjoni, is-segwitu, il-kontroll, l-awditjar u l-evalwazzjoni tal-programmi pluriennali u/jew l-operazzjonijiet u l-proġetti individwali li jaqgħu taħt il-Programm ta' Għajnuna. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu kuntratti ta' assistenza teknika, studji, għarfien espert fuq terminu qasir, laqgħat, skambju ta' esperjenza, netwerking, avvenimenti ta' informazzjoni u pubbliċità u sensibilizzazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, attivitajiet ta' taħriġ u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ imwettqa mill-Kummissjoni,

KAPITOLU 05 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI" *(ikompli)*

05 01 03 *(ikompli)*

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzata mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju tal-komunità Ċiprijotta Torka u l-Kummissjoni,

— l-istallazzjoni, l-operat u l-interkonnessjoni ta' sistemi informatiċi għall-immaniġġar, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni,

— titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prassi f'dan il-qasam,

— l-attivitajiet ta' riċerka dwar kwistjonijiet rilevanti u t-tixrid tar-riżultati tagħhom,

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali, kif ukoll fuq l-Uffiċċju ta' Appoġġ għall-Programmi tal-UE f'Nikosija (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal mill-aġenziji) sa EUR 1 873 475, li tinkludi missjonijiet marbutin mal-persunal estern iffinanzjat minn din l-approprjazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġja t-tagħlim amministrattiv kif ukoll il-kooperazzjoni mal-NGOs u s-sħab soċjali.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 05 04.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
05 02	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)								
05 02 01	***FEŻR — Nefqa operazzjonali***	2.1	29 064 310 499	1 181 392 527					
05 02 02	***FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali***	2.1	96 419 103	35 504 052					
05 02 03	***Inizjattiva Urbana Ewropea***	2.1	73 663 398	59 003 869					
05 02 04	***Il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-"Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)"***	2.1	p.m.	p.m.					
05 02 05	***FEŻR — Finanzjament taħt REACT-EU***								
05 02 05 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.					
05 02 05 02	FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.					
	Artikolu 05 02 05 — Subtotal		p.m.	p.m.					
05 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
05 02 99 01	Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	32 533 153 179	32 015 483 266	30 135 723 158	31 145 705 946,—	26 341 330 485,53	80,97
05 02 99 02	Tlestija tal-FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	31 951 250	78 101 757	66 249 783	75 651 088,60	59 201 022,83	185,29
05 02 99 03	Tlestija tal-FEŻR — Artikolu 25 — Artikolu 11 (qabel l-2021)	2.1	p.m.	3 000 000	p.m.	2 700 000	0,—	8 041 263,—	268,04
05 02 99 04	Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli (qabel l-2021)	2.1	p.m.	21 028 007	56 340 079	65 283 528	55 235 371,—	44 188 296,80	210,14
	Artikolu 05 02 99 — Subtotal		p.m.	32 589 132 436	32 149 925 102	30 269 956 469	31 276 592 405,60	26 452 761 068,16	81,17
	Kapitolu 05 02 — Total		**29 234 393 000**	**33 865 032 884**	**32 149 925 102**	**30 269 956 469**	**31 276 592 405,60**	**26 452 761 068,16**	**78,11**

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

Kummenti

L-appoġġ tal-FEŻR taħt l-investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

Din se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

— reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa ogħla minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument Irkupru imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għall-programmi permezz ta' REACH-EU fit-Titoli 05 u 07 għal ammont totali ta' 50 620 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti f'dan it-Titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropeagħall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (COM(2018)372).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2018)373).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-29 ta' Mejju 2018, dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (COM (2018)374).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020, li jistabbilixxi l-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (COM(2020)22).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020, li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi – (COM(2020)450).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni (COM(2020)452).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020, li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (COM(2020)460).

05 02 01 FEŻR — Nefqa operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
29 064 310 499	1 181 392 527				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR taħt l-Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi u għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

Din se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

— reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa ogħla minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

05 02 02 FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
96 419 103	35 504 052				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika ffinanzjata mill-FEŻR prevista fl-Artikolu 29 tal-proposta għal Regolament COM(2018)375 (CPR).

L-assistenza teknika tista' ssostni l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' kontroll tal-monitoraġġ, ta' awditjar, ta' evalwazzjoni, ta' komunikazzjoni, inkluża dik istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, ta' viżibilità u l-azzjonijiet kollha amministrattivi u ta' assistenza teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-fondi tal-Unjoni, u fejn xieraq ma' pajjiżi terzi.

B'mod partikolari, tista' tintuża biex tkopri:

— Nefqa relatata mal-IT, inkluża l-IT korporattiva,

— nefqa ta' komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva,

— nefqa marbuta mal-istudji u l-evalwazzjonijiet.

05 02 03 Inizjattiva Urbana Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
73 663 398	59 003 869				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-Inizjattiva Urbana Ewropea prevista fl-Artikolu 10 tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-29 ta' Mejju 2018, dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni COM(2018)372.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

05 02 03 *(ikompli)*

Hija għandha l-għan li ssaħħaħ l-approċċi integrati u parteċipatorji għall-iżvilupp urban sostenibbli u tipprovdi rabta aktar b'saħħitha mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u b'mod partikolari, l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni. Se tagħmel dan billi tiffaċilita u tappoġġja l-kooperazzjoni u l-bini tal-kapaċità ta' atturi urbani, azzjonijiet innovattivi, għarfien, żvilupp ta' politika u komunikazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli.

05 02 04 ***Il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-"Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)"***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-JTF li l-Istati Membri se jirċievu u se jżidu l-ingranaġġ fir-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità tal-klima. Il-proposta emendata tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) tipprevedi trasferiment obbligatorju mill-FEŻR u/jew milll-FSE+ mhux anqas minn 1.5 u mhux aktar minn 3 darbiet l-allokazzjoni tal-JTF. Id-Deċiżjoni għat-trasferiment tar-riżorsi mill-FEŻR u l-FSE + se tittieħed fuq il-bażi tal-isfidi identifikati fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni territorjali. Se jkollha tiġi inkluża allokazzjoni finanzjarja preliminari fil-Ftehimiet ta' Sħubija u t-trasferimenti se jsiru fil-programmi. It-trasferiment totali mill-FEŻR se jkun għalhekk magħruf biss ladarba l-programmi jiġu adottati.

05 02 05 ***FEŻR — Finanzjament taħt REACT-EU***

05 02 05 01 FEŻR — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

05 02 05 *(ikompli)*

05 02 05 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR skont il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi biex tappoġġja operazzjonijiet għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija COVID-19 fir-reġjuni li l-ekonomija u l-impjiegi tagħhom intlaqtu aġħar minn postijiet oħra u qed iħejju rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomiji tagħhom.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	27 748 655 290	5 0 4 0

05 02 05 02 FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-miżuri preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-assistenza teknika, tal-evalwazzjoni, tal-awditjar u tal-kontroll, kif ukoll il-komunikazzjoni korporattiva, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 kif previst fl-Artikoli 58 u 118 ta' dak ir-Regolament.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	97 498 483	5 0 4 0

05 02 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru pagamenti fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati minn snin preċedenti u jinkludu l-prefinanzjament għal programmi relatati mal-perjodu 2014-2020, filwaqt li titqies il-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

05 02 99 *(ikompli)*

05 02 99 01 Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	32 533 153 179	32 015 483 266	30 135 723 158	31 145 705 946,—	26 341 330 485,53

Kummenti

Artikoli u partiti preċedenti

13 03 01	*13 03 02*	*13 03 03*	*13 03 04*	*13 03 05*	*13 03 06*	*13 03 07*	*13 03 13*
13 03 16	*13 03 17*	*13 03 18*	*13 03 19*	*13 03 60*	*13 03 61*	*13 03 62*	*13 03 63*
13 03 64 01	*13 05 03 01*	*13 05 63 01*	*22 04 03 02*	*22 04 52*			

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	2 938 535 553 6 1 0 1

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistipula allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-approprjazzjonijiet għall-impenji għal Għan 1 tal-Fondi Strutturali għal medda ta' żmien bejn l-2000 u l-2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u b'mod partikolari l-premessa 5 tagħha.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

05 02 99 *(ikompli)*

05 02 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 638 dwar l-approvazzjoni tal-għajnuna strutturali tal-Komunità għall-programm operattiv tal-UE għall-PEACE u r-Rikonċiljazzjoni (Il-Programm PEACE II) b'irbit mal-Objettiv 1 fl-Irlanda ta' Fuq (Ir-Renju Unit) u r-Reġjun ta' Fruntiera (L-Irlanda).

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	7 000 000	5 0 4 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "IRKUPRU U REŻILJENZA" *(ikompli)*

06 01 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 02.

06 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Artikolu ġdid

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm Pericles IV, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 03.

06 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 000 000		

Kummenti

Artikolu ġdid

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni, inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 04.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "IRKUPRU U REŻILJENZA" *(ikompli)*

06 01 04 Nefqa ta' appoġġ għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili bħall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, awditjar u evalwazzjoni, fosthom sistemi ta' teknoloġija tal-informazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati mill-EURI	3 908 322 5 0 4 0

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 05.

06 01 05 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm l-UE għas-Saħħa

06 01 05 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm l-UE għas-Saħħa

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 500 000	1 500 000	1 500 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 01 04 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm l-UE għas-Saħħa bħall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, awditjar u evalwazzjoni, fosthom sistemi ta' teknoloġija tal-informazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	93 100 6 6 0 0

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 06.

KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "IRKUPRU U REŻILJENZA" *(ikompli)*

06 01 05 *(ikompli)*

06 01 05 66 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-Programm l-UE għas-Saħħa għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 550 000	4 550 000	4 550 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 01 06 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel imġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri li jiffurmaw parti mil-legat tat-tielet Programm Saħħa 2014-2020.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	121 030 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 69).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9505 tal-20 ta' Diċembru 2013 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa u l-Ikel bil-għan li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fl-oqsma tal-konsumatur, is-saħħa u l-ikel li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "IRKUPRU U REŻILJENZA" *(ikompli)*

06 01 05 *(ikompli)*

06 01 05 73 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali — Kontribuzzjoni mill-programm l-UE għas-Saħħa

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 216 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija mġarrba bħala riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fl-immaniġġar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm l-UE għas-Saħħa.

It-tabella ta' stabbiliment tal-Aġenzija tinsab fl-Anness "persunal" għal din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	85 546 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 06.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 948 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea Diġitali u tas-Saħħa bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-EU4Health, is-Suq Uniku, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Diġitali, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

KAPITOLU 06 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "IRKUPRU U REŻILJENZA" *(ikompli)*

06 01 06 Nefqa ta' appoġġ għall-sostenn ta' emerġenza fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	250 000	130 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

18 01 04 05

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa ta' appoġġ marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni. Dan ikopri, fost affarijiet oħra:

— attivitajiet ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni,

— żvilupp, manutenzjoni, operat u apoġġ ta' sistemi informatiċi maħsuba għall-użu intern jew biex titjieb il-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra, amministrazzjonijiet nazzjonali, aġenziji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, imsieħba oħra bħala appoġġ ta' emerġenza, u esperti fil-qasam,

— studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u kampanji ta' informazzjoni marbuta direttament mal-ksib tal-objettiv tal-appoġġ ta' emerġenza,

— assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni, li tingħata minn esperti individwali fil-qasam tal-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO) mibgħuta madwar id-dinja,

— kwalunkwe nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtoritajiet pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz ad hoc.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 06 07.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 02	IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU)								
06 02 01	***Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Għotjiet***	2.2	p.m.	p.m.					
06 02 02	***Strument ta' Appoġġ Tekniku***	2.2	114 364 000	57 182 000					
06 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
06 02 99 01	Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) (qabel l-2021)	2.2	p.m.	35 000 000	74 793 000	33 700 000	30 723 000,—	14 075 221,54	40,21
06 02 99 02	Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (qabel l-2021)	2.2	p.m.	15 000 000	10 002 000	21 100 000	48 653 000,—	21 787 615,52	145,25
	Artikolu 06 02 99 — Sub-total		p.m.	50 000 000	84 795 000	54 800 000	79 376 000,—	35 862 837,06	71,73
	Kapitolu 06 02 — Total		**114 364 000**	**107 182 000**	**84 795 000**	**54 800 000**	**79 376 000,—**	**35 862 837,06**	**33,46**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU) *(ikompli)*

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru nefqa rilevanti għar-Regolamenti proposti li jistabbilixxu Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Strument ta' Appoġġ Tekniku. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha l-għan li tippromovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb il-kapaċità ta' reżiljenza u ta' aġġustament tal-Istati Membri, timmitiga l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19, u tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u b'hekk tagħti kontribut għall-irkupru tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tal-Unjoni, filwaqt li trawwem il-ħolqien tal-impjiegi fil-perjodu eżatt wara l-kriżi tal-COVID-19, u tippromovi t-tkabbir sostenibbli. Għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri bil-ħsieb li jinkisbu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u l-investimenti kif stabbilit fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex jinkisbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq, u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni pubblika, u s-setturi ekonomiċi u soċjali.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument l-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss / Irkupru tal-Unjoni Ewropea imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm f'dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 337 968 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti f'dan it-Titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020 li jistabbilixxi Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (COM(2020)0408).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020, li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (COM(2020)0409).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU) *(ikompli)*

06 02 01 Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Għotjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju bil-għan li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi strutturali kif stabbilit fl-impenji ta' riforma li daħlu għalihom l-Istati Membri mal-Kummissjoni.

Dan l-appoġġ se jkollu l-għan, b'mod partikolari, li jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji għal riformi strutturali mmirati biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	116 062 600 000 5 0 4 0

06 02 02 Strument ta' Appoġġ Tekniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
114 364 000	57 182 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż għall-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, inkluż permezz ta' skambju ta' prattiki tajba, proċessi u metodoloġiji xierqa u ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tar-riżorsi umani.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU) *(ikompli)*

06 02 02 *(ikompli)*

Dan l-appoġġ se jkollu l-għan b'mod partikolari li jiffinanzja, fost oħrajn, għarfien espert relatat ma' konsulenza politika, bini ta' istituzzjonijiet, bini ta' kapaċità amministrattiva jew settorjali, provvediment ta' esperti, ġbir u pproċessar ta' *data* u statistika, organizzazzjoni ta' appoġġ operazzjonali lokali, bini ta' kapaċità fl-IT, studji, riċerka, analiżi u stħarriġ, evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt, pubblikazzjonijiet, sensibilizzazzjoni, attivitajiet ta' disseminazzjoni u skambju ta' prattiki tajba.

06 02 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

06 02 99 01 Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	35 000 000	74 793 000	33 700 000	30 723 000,—	14 075 221,54

Kummenti

L-Artikolu preċedenti

13 08 01

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

06 02 99 02 Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	15 000 000	10 002 000	21 100 000	48 653 000,—	21 787 615,52

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA (INKLUŻ L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU) *(ikompli)*

06 02 99 *(ikompli)*

06 02 99 02 *(ikompli)*

Kummenti

L-Artikolu preċedenti

13 08 02

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu 2017 sa 2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013 (ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1).

KAPITOLU 06 03 — PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-IFFALSIFIKAR

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 03	PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-IFFALSIFIKAR								
06 03 01	***Protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar***	2.2	834 082	417 041					
06 03 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
06 03 99 01	Tlestija tal-Programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") (2014 sal-2020)	2	p.m.	365 542	1 100 000	850 000	1 064 821,10	1 073 991,22	293,81
	Artikolu 06 03 99 — Subtotal		p.m.	365 542	1 100 000	850 000	1 064 821,10	1 073 991,22	293,81
	Kapitolu 06 03 — Total		**834 082**	**782 583**	**1 100 000**	**850 000**	**1 064 821,10**	**1 073 991,22**	**137,24**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-azzjonijiet eliġibbli taħt il-programm Pericles IV bil-għan li jiġu protetti l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jiġu appoġġati u ssupplimentati l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, inklużi, fejn xieraq, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2018, li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021–2027 (il-"programm Pericles IV") (COM (2018)0369).

Proposta għal Regolament tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-31 ta' Mejju 2018, li testendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru.../2018 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021–2027 (il-programm "Pericles IV") (COM (2018)0371).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 03 — PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-IFFALSIFIKAR *(ikompli)*

06 03 01 Protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
834 082	417 041				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-azzjonijiet eliġibbli fil-programm Pericles IV bil-għan li jiġu protetti l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kontra l-iffalsifikar u l-frodi relatata, billi jiġu appoġġati u ssupplimentati l-miżuri meħuda mill-Istati Membri u jiġu megħjuna l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw bejniethom u mal-Kummissjoni kooperazzjoni mill-qrib u regolari u skambju tal-aħjar prattiki, inklużi, fejn xieraq, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

06 03 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

06 03 99 01 Tlestija tal-Programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") (2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	365 542	1 100 000	850 000	1 064 821,10	1 073 991,22

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 03 — PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-IFFALSIFIKAR *(ikompli)*

06 03 99 *(ikompli)*

06 03 99 01 *(ikompli)*

Kummenti

L-Artikolu preċedenti

01 02 04

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/923/KE, 2001/924/KE, 2006/75/KE, 2006/76/KE, 2006/849/KE u 2006/850/KE (ĠU L 103, 5.4.2014, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/768 tal-11 ta' Mejju 2015 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 331/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles 2020") (ĠU L 121, 14.5.2015, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 04 — STRUMENT TA' RKUPRU TAL-UNJONI EWROPEA (EURI)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
06 04	STRUMENT TA' RKUPRU TAL-UNJONI EWROPEA (EURI)					
06 04 01	***Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq***	2.2	34 591 000			
	Kapitolu 06 04 — Total		**34 591 000**			

Bażiġuridika

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

06 04 01 ***Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi meta jagħlaq***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
34 591 000		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' kupun perjodiku assoċjat mal-fondi meħuda b'self fuq is-swieq kapitali u f'isem l-Unjoni fil-qafas tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 05 — IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (RESCEU)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 05	IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (RESCEU)								
06 05 01	***Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)***	2.2	90 203 000	25 613 000					
06 05 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
06 05 99 01	Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (qabel l-2021)	2.2	p.m.	145 550 088	511 170 000	252 000 000	69 555 816,46	42 369 648,—	29,11
06 05 99 02	Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili f'pajjiż terzi (qabel l-2021)	2.2	p.m.	22 368 874	63 729 000	15 706 250	12 640 834,85	8 613 218,70	38,51
	Artikolu 06 05 99 — Sub-total		p.m.	167 918 962	574 899 000	267 706 250	82 196 651,31	50 982 866,70	30,36
	Kapitolu 06 05 — Total		**90 203 000**	**193 531 962**	**574 899 000**	**267 706 250**	**82 196 651,31**	**50 982 866,70**	**26,34**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru n-nefqa ta' appoġġ għal azzjonijiet fil-qafas tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU).

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Istrument l-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss / Irkupru tal-Unjoni Ewropea imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm f'dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 2 056 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji baġitarji rilevanti f'dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji legali fl-2021.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 05 — IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (RESCEU) *(ikompli)*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Atti ta' referenza

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-2 ta' Ġunju 2020, li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM(2020)0220).

06 05 01 Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
90 203 000	25 613 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescEU) jintervjeni fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri: il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons, u l-ambitu ġeografiku tiegħu kemm ġewwa l-Unjoni kif ukoll lil hinn.

Fir-rigward tal-prevenzjoni, l-għan partikolari tal-mekkaniżmu huwa li titrawwem kultura kondiviża ta' prevenzjoni b'attivitajiet li jappoġġaw u jippromwovu l-isforzi ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' tnaqqis tar-riskju tal-Istati Membri, bħall-kondiviżjoni ta' prattika tajba, il-kumpilazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar attivitajiet ta' ġestjoni tar-riskju fosthom permezz ta' proġetti transfruntiera, rieżami bejn il-pari u missjonijiet konsultattivi. Il-mekkaniżmu jipprovdi wkoll finanzjament għall-espansjoni tal-istrateġiji ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri tal-Istati Membri u għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' proġetti li jiġġeneraw investimenti fil-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri.

L-isforzi ta' tħejjija huma appoġġati b'mod partikolari permezz tal-akkomunament tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili fis-sura tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (ECCP - European Civil Protection Pool), kif ukoll tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet addizzjonali fil-livell tal-Unjoni li jikkumplementaw l-isforzi nazzjonali (ir-riżerva ta' RescEU u fażi tranżitorja ta' rescEU). It-tħejjija tittejjeb ukoll permezz tat-taħriġ, l-eżerċizzji, l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-esperti, kollha fil-qafas tan-Netwerk tal-Għarfien tal-Protezzjoni tal-Unjoni Ċivili. Il-mekkaniżmu jappoġġa wkoll l-istudju u l-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija tad-diżastri, u jippromwovi l-analiżi xjentifika u l-appoġġ espert.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 05 — IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (RESCEU) *(ikompli)*

06 05 01 *(ikompli)*

Fir-rigward tad-dimensjoni internazzjonali, il-mekkaniżmu jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tat-tkabbir u pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fil-qasam tal-ġestjoni tad-diżastri, permezz tal-finanzjament ta' proġetti, taħriġ u djalogi pubbliċi.

B'rabta ma' dan ir-rispons, il-mekkaniżmu jagħti kontribut permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (ERCC - Emergency Response Coordination Centre) għall-iskjerament rapidu u effiċjenti tal-kapaċitajiet nazzjonali, tal-moduli tal-ECPP u/jew tal-kapaċitajiet tar-rescEU, kif ukoll ta' esperti mħarrġa u tat-Timijiet tal-EUCP għal operazzjonijiet fl-Istati Membri jew fl-istati parteċipanti, u fi kwalunkwe pajjiż terz. L-appoġġ tal-mekkaniżmu huwa finanzjarju, operazzjonali u li jiffaċilita l-koordinazzjoni.

Dan l-artikolu jkopri wkoll firxa wiesgħa ta' attivitajiet orizzontali li jappoġġaw il-funzjonament xieraq tal-mekkaniżmu. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, attivitajiet ta' komunikazzjoni, appoġġ għall-proġetti u għall-IT għall-operazzjonijiet, u attivitajiet oħrajn li jappoġġaw l-iżvilupp tal-politika, bħal workshops, seminars, proġetti, studji, sħarriġ, mudellar, bini ta' xenarji u ppjanar ta' kontinġenza u kif ukoll l-awditji u l-evalwazzjonijiet.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati mill-EURI	678 618 678 5 0 4 0
EFTA-ŻEE	2 399 400 6 6 0 0
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	1 020 000 6 4 2 0

06 05 99 ***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

06 05 99 01 Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili fl-Unjoni (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	145 550 088	511 170 000	252 000 000	69 555 816,46	42 369 648,—

Kummenti

Artikoli u partiti preċedenti

23 03 01 01 23 03 01 03 23 03 02 01 23 03 51

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 05 — IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI (RESCEU) *(ikompli)*

06 05 99 *(ikompli)*

06 05 99 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).

Id-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis tal-ibħra, sewwa jekk aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-protezzjoni ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/ 779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

06 05 99 02 Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili f'pajjiż terzi (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	22 368 874	63 729 000	15 706 250	12 640 834,85	8 613 218,70

Kummenti

Partiti preċedenti

23 03 01 02 23 03 02 02

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 06 — IL-PROGRAMM L-UE GĦAS-SAĦĦA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 06	IL-PROGRAMM L-UE GĦAS-SAĦĦA								
06 06 01	***Il-Programm l-UE għas-Saħħa***	2.2	316 193 000	65 057 270					
06 06 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
06 06 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti tas-saħħa pubblika (qabel l-2021)	2	p.m.	51 550 930	63 624 000	58 100 000	62 257 996,24	57 728 242,99	111,98
	Artikolu 06 06 99 — Sub-total		p.m.	51 550 930	63 624 000	58 100 000	62 257 996,24	57 728 242,99	111,98
	Kapitolu 06 06 — Total		**316 193 000**	**116 608 200**	**63 624 000**	**58 100 000**	**62 257 996,24**	**57 728 242,99**	**49,51**

Kummenti

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2020, dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa") (COM(2020)0405).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 06 — IL-PROGRAMM L-UE GĦAS-SAĦĦA *(ikompli)*

06 06 01 Il-Programm l-UE għas-Saħħa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
316 193 000	65 057 270				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa operazzjonali fil-kuntest tal-Programm l-UE għas-Saħħa. L-għan tagħha huwa l-protezzjoni tan-nies fl-Unjoni minn theddid transfruntier serju transkonfinali għas-saħħa; biex ittejjeb id-disponibbiltà, fl-Unjoni, ta' mediċini, apparat mediku u prodotti oħra li huma rilevanti għall-kriżijiet, tikkontribwixxi għall-affordabbiltà tagħhom u jappoġġa l-innovazzjoni; u biex issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa u tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz ta' trasformazzjoni diġitali u permezz ta' xogħol iktar integrat u koordinat fost l-Istati Membri, implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tad-data; u sabiex jogħla l-livell ġenerali tas-saħħa pubblika.

Il-programm għandu jipprovdi qafas b'saħħtu, legalment sod u finanzjarjament mgħammar tajjeb għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet tas-saħħa fl-Unjoni. Dan il-qafas tas-saħħa-sigurtà għandu jsaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni għall-ippjanar ta' kontinġenza li jippermetti lill-Istati Membri biex flimkien jiffaċċaw theddid komuni tas-saħħa, b'mod partikolari mat-theddid transfruntier, fejn l-intervent tal-Unjoni jista' jżid valur tanġibbli. Il-programm għandu jappoġġa viżjoni fit-tul "Saħħa Waħda" għat-titjib tal-eżiti tas-saħħa permezz ta' sistemi tas-saħħa effiċjenti u inklużivi fl-Istati Membri kollha, permezz ta' prevenzjoni u sorveljanza aħjar tal-mard, il-promozzjoni tas-saħħa, l-aċċess, id-dijanjożi u t-trattament, kif ukoll il-kollaborazzjoni transfruntiera fis-saħħa. Dan il-programm il-ġdid għandu jindirizza wkoll il-mard li ma jittiħidx, li wera li kien determinat qawwi tal-mortalità mill-COVID-19.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	8 410 734 6 6 0 0

06 06 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti fir-rigward tal-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin mgħoddija.

KAPITOLU 06 06 — IL-PROGRAMM L-UE GĦAS-SAĦĦA *(ikompli)*

06 06 99 *(ikompli)*

06 06 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti tas-saħħa pubblika (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	51 550 930	63 624 000	58 100 000	62 257 996,24	57 728 242,99

Kummenti

Artikoli preċedenti

17 03 01	*17 03 51*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10 2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 07 — APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FL-UNJONI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 07	APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FL-UNJONI								
06 07 01	***Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni***	2.2	p.m.	90 000 000	2 699 750 000	2 469 750 000	0,—	59 778 495,—	66,42
	Kapitolu 06 07 — Total		**p.m.**	**90 000 000**	**2 699 750 000**	**2 469 750 000**	**0,—**	**59 778 495,—**	**66,42**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopri n-nefqa għall-appoġġ ta' azzjonijiet fil-kuntest tal-Appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni. B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/521 tal-14 ta' April 2020 li jattiva l-appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2016/369 u li jemenda d-dispożizzjonijiet tiegħu filwaqt li jqis it-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 117, 15.4.2020, p. 3).

06 07 01 Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	90 000 000	2 699 750 000	2 469 750 000	0,—	59 778 495,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 07 01

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 07 — APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FL-UNJONI *(ikompli)*

06 07 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u eċċezzjonali fi Stati Membri minħabba diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, fil-każ li l-Kunsill jattivah skont ir-Regolament (UE) 2016/369.

L-appoġġ ta' emerġenza għandu jipprovdi rispons ta' emerġenza abbażi tal-ħtiġijiet, li jikkumplimentaw ir-rispons tal-Istati Membri affettwati, immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tas-sofferenza umana u ż-żamma tad-dinjità umana. Ir-rispons ta' emerġenza jista jinkludi assistenza, għajnuna u, fejn meħtieġ, operazzjonijiet ta' protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f'diżastri jew immedjatament warajhom.

Fid-dawl tal-attivazzjoni tal-appoġġ ta' emerġenza f'April 2020 minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19, din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiżguraw rispons xieraq min-naħa tal-UE biex tindirizza l-kriżi tas-saħħa.

L-appoġġ ta' emerġenza għandu jgħammar lill-Unjoni bl-għodda aktar ġenerali li tkun proporzjonata għad-daqs kbir attwali tal-pandemija tal-COVID-19. L-appoġġ ta' emerġenza se jippermetti li l-Unjoni ddaħħal fis-seħħ miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet relatati mall-kriżi tal-COVID-19 b'mod koordinat, permezz ta' azzjoni kumplementari li tingħata minn strumenti oħra tal-Unjoni. Azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni tagħmilha possibbli li tiġi indirizzata l-kriżi attwali u tiġi żgurata reazzjoni xierqa b'segwitu, fost l-oħrajn, permezz ta':

— kumulazzjoni iktar estensiva u rapida u l-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni ta' riżorsi essenzjali fl-Unjoni,

— l-issodisfar tal-ħtiġijiet tat-trasport għal tagħmir protettiv li se jiġi importat mis-sħab internazzjonali kif ukoll it-trasport fl-Unjoni kollha

— it-trasportazzjoni ta' pazjenti fil-bżonn lejn sptarijiet transfruntiera li jistgħu jipprovdu postijiet liberi,

— kooperazzjoni transfruntiera biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistemi tas-saħħa fir-reġjuni tal-Unjoni milquta l-iktar,

— l-akkwist permezz ta' proċeduri ċentralizzati u distribuzzjoni lill-isptarijiet ta' provvisti mediċi essenzjali u tagħmir protettiv li jrid jiġi pprovdut b'mod urġenti lill-persunal tal-isptar, bħar-respiratorji, ventilaturi, tagħmir protettiv personali, maskri użabbli mill-ġdid, mediċini, terapiji u provvisti tal-laboratorju kif ukoll diżinfettanti,

— iż-żieda u konverżjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-intrapriżi tal-Unjoni biex jiġu żgurati produzzjoni u distribuzzjoni rapida tat-tagħmir u tal-materjal meħtieġ biex jiġi indirizzat b'mod urġenti n-nuqqas fil-provvista ta' prodotti essenzjali u mediċini,

— it-tisħiħ tal-faċilitajiet u tar-riżorsi tal-kura, inkluż sptarijiet fuq il-post temporanji u semipermanenti u appoġġ għall-faċilitajiet konvertiti mill-ġdid,

— żieda tal-produzzjoni ta' kits tal-ittestjar u l-għoti ta' appoġġ għall-akkwist tas-sustanzi bażiċi ewlenin,

— il-promozzjoni tal-iżvilupp rapidu ta' medikazzjoni u ta' metodi tal-ittestjar,

— l-iżvilupp, l-akkwist u d-distribuzzjoni ta' provvisti għall-ittestjar (kits tal-ittestjar, reaġenti, hardware).

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri kwalunkwe azzjoni ta' għajnuna umanitarja eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni, u konsegwentement tista' jinkludi assistenza, sokkors u, fejn meħtieġ, operazzjonijiet ta' protezzjoni biex tiġi salvata u ppreżervata l-ħajja f'diżastri jew immedjatament warajhom.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 07 — APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FL-UNJONI *(ikompli)*

06 07 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri azzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati fil-każ ta' pandemiji b'konsegwenzi kbar. Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet diretti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet eliġibbli, fosthom ix-xiri, it-tħejjija, il-ġbir, it-trasport, il-ħżin u d-distribuzzjoni ta' prodotti u servizzi li jkunu jaqgħu taħt dawk l-azzjonijiet kif ukoll il-kostijiet tal-investiment tal-azzjonijiet jew il-proġetti li jkunu relatati direttament mal-ksib tal-objettivi tal-appoġġ ta' emerġenza li tiġi attività skont ir-Regolament (UE) 2016/369.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI								
06 10 01	***Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard***	2.2	78 525 714	78 525 714	60 821 653	60 821 653	56 753 826,—	56 753 260,18	72,27
06 10 02	***L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***	2.2	125 370 625	115 128 810	105 016 536	100 970 549	77 791 635,—	77 091 635,—	66,96
06 10 03	***L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***								
06 10 03 01	Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	2.2	39 990 000	39 990 000	34 285 000	34 285 000	9 167 492,—	9 167 492,—	22,92
06 10 03 02	Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni	2.2	14 000 000	14 000 000	15 715 000	15 715 000	11 364 205,—	11 364 205,—	81,17
	Artikolu 06 10 03 — Sub-total		53 990 000	53 990 000	50 000 000	50 000 000	20 531 697,—	20 531 697,—	38,03
	Kapitolu 06 10 — Total		**257 886 339**	**247 644 524**	**215 838 189**	**211 792 202**	**155 077 158,—**	**154 376 592,18**	**62,34**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

L-aġenziji jridu jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 01 Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
78 525 714	78 525 714	60 821 653	60 821 653	56 753 826,—	56 753 260,18

Kummenti

Artikolu preċedenti

17 03 10

Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jiddefinixxi l-missjoni u l-kompiti taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll (ECDC):

il-missjoni attwali tal-ECDC jenħtieġ li tikkonċentra fuq il-mard li jittieħed (u tifqigħat ta' oriġini mhux magħrufa),

l-ECDC jenħtieġ li jkun ċentru ta' eċċellenza proattiv fir-rigward tal-informazzjoni u l-għarfien xjentifiku dwar l-aspetti kollha tal-mard li jittieħed li jikkonċerna l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-kontroll tiegħu,

li l-ECDC jenħtieġ li tkun aġent tal-bidla billi tappoġġa b'mod attiv is-sistema sħiħa tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jsaħħu l-kapaċità tagħhom biex jittejbu l-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard komunikabbli.

Fil-kamp tal-missjoni tiegħu, l-ECDC għandu:

— ifittex għal, jiġbor, jeżamina u jqabbel, jivvaluta u jxerred *data* xjentifika u teknika relevanti,

— jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u għajnuna xjentifika u teknika inkluż it-taħriġ,

— jipprovdi informazzjoni fil-ħin lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-aġenziji tal-Unjoni u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fi ħdan il-qasam tas-saħħa pubblika,

— jikkordina n-netwerk Ewropew ta' organiżmi li jaħdmu fl-oqsma fi ħdan il-missjoni tal-ECDC, inkluż netwerks li jinħolqu mill-attivitajiet tas-saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni u li jħaddmu n-netwerks tas-sorveljanza ddedikati,

— jiskambja informazzjoni, ħila u l-aħjar prattiki, u jiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet konġunti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa operatorja marbuta ma' dawn l-oqsma fil-mira li ġejjin:

— tisħiħ fis-sorveljanza tal-mardiet komunikabbli ġewwa l-Istati Membri,

— tisħiħ tas-sostenn xjentifiku mogħti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 01 *(ikompli)*

— tisħiħ tal-istat ta' preparatezza tal-Unjoni kontra r-riskji emerġenti mill-mard komunikabbli speċjalment tal-Epatite B, inklużi riskji relatati mar-rilaxx intenzjonat tal-aġenti bioloġiċi, mard ta' oriġini mhux magħrufa, u l-koordinazzjoni tar-rispons,

— it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,

— komunikazzjoni ta' informazzjoni u bini ta' sħubijiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta' emerġenza (Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza) li torbot onlajn lill-ECDC ma' ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat ewlenin ta' mard komunikabbli jew mard ieħor ta' oriġini mhux magħrufa.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	79 995 020
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu 6 6 2 għad-dħul)	1 469 306
L-ammont imdaħħal fil-baġit	78 525 714

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	2 120 194 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Dokument li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Mard u l-attivitajiet ta' Kontroll dwar mard li jittieħed: ir-riżultati pożittivi minn meta twaqqaf iċ-Ċentru, l-attivitajiet ippjanati għall-futur u l-ħtiġijiet tar-riżorsi (COM(2008)0741/SEC(2008) 2792).

06 10 02 ***L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
125 370 625	115 128 810	105 016 536	100 970 549	77 791 635,—	77 091 635,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 02 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

17 03 11

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) hija l-element ċentrali tas-sistema tal-Unjoni għall-valutazzjoni tar-riskju dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-għalf. Il-pariri xjentifiċi tagħha dwar ir-riskji eżistenti u emerġenti jirfdu l-politiki u d-deċiżjonijiet tal-maniġers tar-riskju fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fl-Istati Membri bil-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur. L-aktar impenn kritiku tal-Awtorità huwa li tipprovdi pariri oġġettivi, trasparenti u indipendenti u komunikazzjoni ċara msejsa fl-aktar metodoloġiji, informazzjoni u *data* xjentifiċi aġġornati disponibbli. L-Awtorità hija impenjata favur l-istandards ewlenin tal-eċċellenza xjentifika, il-ftuħ, it-trasparenza, l-indipendenza u ta' rispons.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Awtorità, billi hija l-President tan-Netwerk tal-Aġenziji li se jispiċċa, jinkludi pożizzjoni waħda għall-ħolqien tal-Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni fi Brussell. Dan huwa bil-għan tal-promozzjoni ta' kisbiet u sinerġiji fl-effiċjenza bejn l-aġenziji u mal-istituzzjonijiet, sabiex l-aġenziji individwali jkunu jistgħu jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq il-kompiti ewlenin. Il-finanzjament tal-pożizzjoni ta' Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni se jinqasam bejn l-aġenziji, li jfisser li ma jenħtieġ ebda finanzjament addizzjonali min-naħa tal-Awtorità f'dan ir-rigward.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	125 800 000
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)	429 375
L-ammont imdaħħal fil-baġit	125 370 625

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	3 334 859 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 03 L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

06 10 03 01 Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
39 990 000	39 990 000	34 285 000	34 285 000	9 167 492,—	9 167 492,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 03 12 01

Sabiex tkun promossa l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali u tal-konsumaturi ta' prodotti mediċinali fl-Unjoni kollha, u sabiex tkun promossa l-kompletar tas-suq intern permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet uniformi regolatorji bbażati fuq kriterji xjentifiċi li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti mediċinali, l-objettivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandhom ikunu li tipprovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità bl-aħjar pariri possibbli dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-valutazzjoni tal-kwalità, tas-sigurtà, u tal-effikaċja ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew veterinarju, skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li għandha x'taqsam ma' prodotti mediċinali.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul assenjat 6 6 2)*	39 990 000
L-ammont imdaħħal fil-baġit	39 990 000

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	1 079 730 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) (li jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 03 *(ikompli)*

06 10 03 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem(ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 668/2009 tal- 24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' *data* tal-kwalità u dik mhux klinika marbuta ma' prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata żviluppati minn intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 7).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 658/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar tariffi pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għat-twettiq ta' attivitajiet ta' farmakoviġilanza fir-rigward ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 112).

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 03 *(ikompli)*

06 10 03 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43).

06 10 03 02 Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 000 000	14 000 000	15 715 000	15 715 000	11 364 205,—	11 364 205,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 03 12 02

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 jistabbilixxi proċedura tal-Unjoni għad-denominazzjoni ta' prodotti mediċinali bħal prodotti mediċinali orfni u jipprovdi inċentivi għar-riċerka ta' l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali orfni kif nominati.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004. Tintuża mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini biss biex tikkumpensa t-telfien parzjali jew totali ta' pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni *li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul assenjat 6 6 2)*	14 000 000
L-ammont imdaħħal fil-baġit	14 000 000

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	378 000 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 03 *(ikompli)*

06 10 03 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

KAPITOLU 06 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
06 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
06 20 01	***Proġetti pilota***	2.2	p.m.	1 830 524	p.m.	609 993	664 500,—	801 734,—	43,80
06 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	2.2	p.m.	p.m.	p.m.	361 500	0,—	537 040,—	
06 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***								
06 20 04 01	Koordinazzjoni u sorveljanza tal-unjoni ekonomika u monetarja inkluż il-euro, u komunikazzjoni dwarha	2	11 400 000	10 450 000	12 000 000	11 000 000	11 729 997,21	10 540 865,66	100,87
	Artikolu 06 20 04 — Sub-total		11 400 000	10 450 000	12 000 000	11 000 000	11 729 997,21	10 540 865,66	100,87
	Kapitolu 06 20 — Total		**11 400 000**	**12 280 524**	**12 000 000**	**11 971 493**	**12 394 497,21**	**11 879 639,66**	**96,74**

06 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 830 524	p.m.	609 993	664 500,—	801 734,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista ta' proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PP 14.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

06 20 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

06 20 02 ***Azzjonijiet preparatorji***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	361 500	0,—	537 040,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PA 06.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

06 20 04 ***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzjaw in-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

06 20 04 *(ikompli)*

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

06 20 04 01 Koordinazzjoni u sorveljanza tal-unjoni ekonomika u monetarja inkluż il-euro, u komunikazzjoni dwarha

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 400 000	10 450 000	12 000 000	11 000 000	11 729 997,21	10 540 865,66

Kummenti

L-Artikolu preċedenti

01 02 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tat-twettiq tal-Programm Konġunt Armonizzat tal-UE ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati. Il-programm inbeda b'deċiżjoni tal-Kummissjoni f'Novembru 1961 u ġie modifikat permezz ta' deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill u l-Kummissjoni. Ġie approvat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(97) 2241 tal-15 ta' Lulju 1997 u ppreżentat l-aħħar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C (2016) 6634 tal-20 ta' Ottubru 2016.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet ta' studji, laqgħat ta' ħidma, konferenzi, analiżi, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databases; softwer tal-kompjuter, tagħmir u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri relatati ma':

— politika fiskali inkluż il-monitoraġġ ta' pożizzjonijiet fiskali,

— valutazzjoni tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-qafas ta' governanza fiskali tal-Unjoni li jappoġġa l-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja (UEM),

— monitoraġġ ekonomiku, analiżi abbażi ta' makro u mikro tal-kombinazzjoni tal-miżuri u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika,

— l-aspetti esterni tal-UEM,

— l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro,

— il-monitoraġġ ta' riformi strutturali u titjib tal-operazzjoni tas-swieq fl-UEM u fl-Unjoni,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

06 20 04 *(ikompli)*

06 20 04 01 *(ikompli)*

— koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u analiżi u żvilupp tas-swieq finanzjarji, u operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self li jinvolvu lill-Istati Membri,

— il-faċilità li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-bilanċ ta' pagamenti tal-Istati Membri u l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja,

— kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u min jieħu d-deċiżjonijiet fl-oqsma hawn fuq imsemmija,

— tisħiħ u espansjoni tal-UEM,

— xiri ta' tagħmir, żvilupp tas-softwer, manutenzjoni u taħriġ relatat għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri prijoritarji ta' informazzjoni dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tar-regoli u l-funzjonament tal-UEM, kif ukoll dwar il-benefiċċji li jiġu minn koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika u tar-riformi strutturali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' partijiet interessati ewlenin u taċ-ċittadini, b'rabta mal-UEM.

Din il-miżura hija maħsuba biex tkun kanal effikaċi ta' komunikazzjoni u djalogu bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, fejn ikun xieraq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat Membru. Tingħata wkoll importanza lit-tħejjija taċ-ċittadini għall-introduzzjoni tal-euro fl-Istati Membri li jkunu qed iħejju għall-introduzzjoni tiegħu.

Din tinkludi:

— l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell ċentrali (kotba ta' preżentazzjoni, fuljetti, bulettini, tfassil, żvilupp u manutenzjoni tal-websajts, midja soċjali, wirjiet, apparat tal-wiri, konferenzi, seminars, prodotti awdjoviżivi, stħarriġ tal-fehma pubblika, studji, materjal promozzjonali, kompetizzjonijiet tad-disinn tal-muniti, programmi ta' ġemellaġġ, taħriġ, eċċ.), u attivitajiet simili fil-livell nazzjonali u reġjonali implimentati b'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni,

— ftehimiet ta' sħubija mal-Istati Membri li jixtiequ jipprovdu informazzjoni dwar l-euro jew dwar l-UEM,

— kooperazzjoni u netwerking mal-Istati Membri fil-fora xierqa,

— inizjattivi ta' komunikazzjoni f'pajjiżi terzi, partikolarment biex jispjegaw ir-rwol internazzjonali tal-euro u l-utilità tal-integrazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, għandha tqis sew l-eżiti tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

L-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssir f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni tadotta strateġija u pjan ta' ħidma annwali abbażi tal-orjentazzjonijiet imfissra fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Awwissu 2004 (COM(2004)0552) u tħejji rapporti b'mod regolari lill-kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija u dwar l-ippjanar għas-sena ta' wara.

KAPITOLU 06 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

06 20 04 *(ikompli)*

06 20 04 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(1997) 2241 tal-15 ta' Lulju 1997 li tapprova l-Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi, flimkien mal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni COM(2000)0770 tas-29 ta' Novembru 2000, COM(2006)0379 tat-12 ta' Lulju 2006, SEC (2012) 227 tal-4 ta' April 2012 u C (2016) 6634 tal-20 ta' Ottubru 2016, li jservu biex jaġġornaw id-deċiżjoni inizjali inter alia f'termini tal-ambitu ġeografiku tagħha.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/37/KE tad-29 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi ċ-Ċentru Tekniku u Xjentifiku Ewropew (ETSC) u tistipula l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tekniċi bil-għan li tħares il-muniti tal-euro mill-iffalsifikar (ĠU L 19 21.1.2005, p. 73).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
07 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI"	82 010 195	82 010 195	76 808 700	76 808 700	77 693 809,53	77 693 809,53
07 02	IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+)	12 904 114 373	16 222 158 764	14 617 866 134	14 608 523 902	14 430 730 423,40	12 174 790 579,41
07 03	ERASMUS	2 619 737 627	2 364 683 558	2 846 917 300	2 701 000 000	2 747 106 200,—	2 569 998 259,87
07 04	IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ	129 127 673	120 027 104	181 542 779	167 584 960	156 468 101,03	115 008 176,84
07 05	EWROPA KREATTIVA	290 022 560	220 182 616	208 568 000	182 417 620	201 630 999,99	178 790 238,03
07 06	DRITTIJIET U VALURI	92 592 152	83 101 779	96 902 000	96 630 751	90 969 777,83	83 167 034,66
07 07	ĠUSTIZZJA	45 292 538	44 117 015	42 604 000	39 600 000	40 800 000,—	42 962 945,91
07 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)	220 498 295	220 498 295	172 074 247	175 026 650	145 747 235,73	142 894 134,35
07 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	224 395 700	220 682 973	232 971 119	213 155 502	233 896 813,05	183 401 222,33
	Titolu 07 — Total	**16 607 791 113**	**19 577 462 299**	**18 476 254 279**	**18 260 748 085**	**18 125 043 360,56**	**15 568 706 400,93**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
07 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI"					
07 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)***					
07 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-FSE+ — ġestjoni kondiviża	2.1	8 000 000	11 280 000	11 920 656,59	149,01
07 01 01 02	Nefqa' appoġġ għall-Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali fergħa	2.2	2 500 000	2 500 000	1 889 959,12	75,60
	Artikolu 07 01 01 — Sub-total		10 500 000	13 780 000	13 810 615,71	131,53
07 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għal Erasmus***					
07 01 02 01	Nefqa ta' appoġġ għal Erasmus	2.2	14 950 000	12 387 700	12 365 573,32	82,71
07 01 02 65	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus għat-tlestija ta' programmi preċedenti	2.2	26 063 000	26 063 000	26 953 226,68	103,42
07 01 02 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus	2.2	1 865 373			
	Artikolu 07 01 02 — Sub-total		42 878 373	38 450 700	39 318 800,—	91,70
07 01 03	***Nefqa ta' Appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***					
07 01 03 01	Nefqa ta' Appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	2.2	4 965 822	2 962 500	3 694 051,54	74,39
07 01 03 65	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għat-tlestija ta' programmi preċedenti	2.2	1 620 000	2 193 500	2 009 036,46	124,01
07 01 03 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà	2.2	p.m.			
	Artikolu 07 01 03 — Sub-total		6 585 822	5 156 000	5 703 088,—	86,60

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
07 01 04	***Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva***					
07 01 04 01	Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva	2.2	3 000 000	2 671 000	2 644 577,—	88,15
07 01 04 65	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva għat-tlestija ta' programmi preċedenti	2.2	12 333 000	12 333 000	12 035 423,—	97,59
07 01 04 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva	2.2	1 026 000			
	Artikolu 07 01 04 — Sub-total		16 359 000	15 004 000	14 680 000,—	89,74
07 01 05	***Nefqa ta' appoġġ għal Drittijiet u Valuri***					
07 01 05 01	Nefqa ta' appoġġ għal Drittijiet u Valuri	2.2	1 800 000	1 288 000	1 112 671,40	61,82
07 01 05 65	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Drittijiet u Valuri għat-tlestija ta' programmi preċedenti	2.2	2 280 000	2 280 000	2 227 000,—	97,68
07 01 05 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Drittijiet u Valuri	2.2	507 000			
	Artikolu 07 01 05 — Sub-total		4 587 000	3 568 000	3 339 671,40	72,81
07 01 06	***Nefqa ta' appoġġ għal "Ġustizzja"***	2.2	1 100 000	850 000	841 634,42	76,51
	Kapitolu 07 01 — Total		**82 010 195**	**76 808 700**	**77 693 809,53**	**94,74**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)

Kummenti

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 02.

07 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-FSE+ — ġestjoni kondiviża

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 000 000	11 280 000	11 920 656,59

Kummenti

Partiti preċedenti

04 01 04 01 04 01 04 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistenza teknika ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) previsti fl-Artikolu 29 tal-proposta għar-Regolament COM(2018) 375.

Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

— in-nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet u traduzzjonijiet),

— in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali ssekondati jew persunal tal-aġenzija) sa EUR 5 000 000, inkluż missjonijiet marbuta mal-persunal estern ffinanzjati taħt din il-linja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavat minn EURI	4 524 097 5 0 4 0

07 01 01 02 Nefqa' appoġġ għall-Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali fergħa

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 500 000	2 500 000	1 889 959,12

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 01 *(ikompli)*

07 01 01 02 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

04 01 04 02

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa għall-Cluster "Saħħa".

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	66 500 6 6 0 0

07 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għal Erasmus***

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 03.

07 01 02 01 Nefqa ta' appoġġ għal Erasmus

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
14 950 000	12 387 700	12 365 573,32

Kummenti

Partita preċedenti

15 01 04 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm Erasmus bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informatika.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	403 650 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 02 *(ikompli)*

07 01 02 65 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
26 063 000	26 063 000	26 953 226,68

Kummenti

Partita preċedenti

15 01 06 01

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura hija fdata bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-programm Erasmus. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija mġarrba minħabba l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mil-legat tal-programm Erasmus kif ukoll azzjonijiet pendenti mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ma' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	703 701 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 u l-emendi suċċessivi tagħha, tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-għan li twettaq il-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, awdjoviżiv u kultura , li tinkludi, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 02 *(ikompli)*

07 01 02 75 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Erasmus

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 865 373		

Kummenti

Partita ġdida

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura hija fdata bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-programm Erasmus+. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva mġarrba minħabba l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mill-programm Erasmus+.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	50 365 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 03.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 951 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, iċ-ċittadinanza u s-solidarjetà, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

07 01 03 ***Nefqa ta' Appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 04.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 03 *(ikompli)*

07 01 03 01 Nefqa ta' Appoġġ għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 965 822	2 962 500	3 694 051,54

Kummenti

Partita preċedenti

15 01 04 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informatika.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	9 435 6 6 0 0

07 01 03 65 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 620 000	2 193 500	2 009 036,46

Kummenti

Partiti preċedenti

15 01 06 03 23 01 06 01

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura hija fdata bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija mġarrba minħabba l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-legat tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll azzjonijiet pendenti mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	2 430 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 03 *(ikompli)*

07 01 03 65 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattiva 'EU Aid Volunteers'") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura biex twettaq il-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, inkluż b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

07 01 03 75 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Partita ġdida

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura hija fdata bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija mġarrba minħabba l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mill-programm tal-korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 03 *(ikompli)*

07 01 03 75 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 04.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 951 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, iċ-ċittadinanza u s-solidarjetà, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

07 01 04 ***Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva***

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 07 05.

07 01 04 01 Nefqa ta' Appoġġ għal Ewropa Kreattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 000 000	2 671 000	2 644 577,—

Kummenti

Partiti preċedenti

09 01 04 02 15 01 04 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informatika.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	81 000 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 04 *(ikompli)*

07 01 04 65 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
12 333 000	12 333 000	12 035 423,—

Kummenti

Partita preċedenti

15 01 06 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-legat tal-Programm Ewropa Kreattiva kif ukoll biex tkopri l-kostijiet operatorji li jirriżultaw mill-ġestjoni tat-tlestija tal-programmi Ewropa Kreattiva.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	328 058 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura biex twettaq il-kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, inkluż b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u tal-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI" *(ikompli)*

07 01 04 *(ikompli)*

07 01 04 75 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni minn Ewropa Kreattiva

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 026 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex jiġu koperti l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura li jirriżultaw bil-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-Programm Ewropa Kreattiva.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	27 702 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

(a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' politika ġenerali u settorjali tal-Unjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż bl-appoġġ tan-network Eurydice jew attivitajiet ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra; (b) l-appoġġ għal għodod u miżuri tal-Unjoni li jrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kompetenzi, tal-ħiliet u tal-kwalifiki; (c) djalogu ta' politika u kooperazzjoni ma' partijiet konċernati ewlenin, inkluż networks madwar l-Unjoni, organizzazzjonijiet nongovernattivi Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (d) miżuri li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni kwalitattiva u inklużiva tal-programm Erasmus; (e) kooperazzjoni ma' strumenti oħra tal-Unjoni u appoġġ għal politiki oħra tal-Unjoni; (f) attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-eżiti u l-prijoritajiet ta' politika Ewropea kif ukoll dwar il-programm Erasmus.

L-azzjonijiet Jean Monnet

Il-programm Erasmus għandu jappoġġa t-tagħlim, l-apprendiment, ir-riċerka u d-dibattiti dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni Ewropea permezz tal-azzjonijiet li ġejjin: (a) azzjoni Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla; (b) azzjoni Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (c) appoġġ għall-istituzzjonijiet li ġejjin, li jsegwu għan ta' interess Ewropew: l-Istitut Universitarju Ewropew, f'Firenze, inkluż l-Iskola tal-Governanza Transnazzjonali tiegħu; il-Kulleġġ tal-Ewropa (il-kampus ta' Bruges u ta' Natolin) l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, f'Maastricht; l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, fi Trier; l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, f'Odense u ċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ Ewropew, f'Nizza.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	47 397 702 6 6 0 0

07 03 01 02 Il-promozzjoni tal-mobbilità għat-tagħlim tal-individwi, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ – Ġestjoni diretta

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
542 824 138	295 331 144				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-programm Erasmus taħt ġestjoni diretta. Għandha tappoġġa t-tliet azzjonijiet ewlenin u l-azzjonijiet Jean Monnet.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 03 — ERASMUS *(ikompli)*

07 03 01 *(ikompli)*

07 03 01 02 *(ikompli)*

Azzjoni ewlenija 1: Il-mobbiltà għat-tagħlim

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin: (a) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-edukazzjoni ogħla; (b) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; (c) il-mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal tal-iskola; (d) il-mobilità tal-persunal tal-edukazzjoni għall-adulti; (e) l-opportunitajiet tat-tagħlim tal-lingwa, inkluż dawk li jappoġġaw attivitajiet tal-mobbilità.

Azzjoni ewlenija 2: Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin: (a) sħubijiet għal kooperazzjoni u skambji tal-prattiki, inkluż sħubiji fuq skala żgħira li jrawmu aċċess usa' u aktar inklużiv għall-Programm; (b) sħubijiet għal eċċellenza, b'mod partikolari l-universitajiet Ewropej, iċ-Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali u l-Masters konġunti; (c) sħubijiet għal innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa; (d) pjattaformi u għodod online għal kooperazzjoni virtwali, inkluż is-servizzi ta' appoġġ għal eTwinning u għall-pjattaforma elettronika tat-tagħlim għall-adulti fl-Ewropa.

Azzjoni ewlenija 3: L-appoġġ għall-iżvilupp politika u l-kooperazzjoni

Fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' politika ġenerali u settorjali tal-Unjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż bl-appoġġ tan-network Eurydice jew attivitajiet ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra; (b) l-appoġġ għal għodod u miżuri tal-Unjoni li jrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kompetenzi, tal-ħiliet u tal-kwalifiki; (c) djalogu ta' politika u kooperazzjoni ma' partijiet konċernati ewlenin, inkluż networks madwar l-Unjoni, organizzazzjonijiet nongovernattivi Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (d) miżuri li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni kwalitattiva u inklużiva tal-programm Erasmus; (e) kooperazzjoni ma' strumenti oħra tal-Unjoni u appoġġ għal politiki oħra tal-Unjoni; (f) attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-eżiti u l-prijoritajiet ta' politika Ewropea kif ukoll dwar il-programm Erasmus.

L-azzjonijiet Jean Monnet

Il-programm Erasmus għandu jappoġġa t-tagħlim, l-apprendiment, ir-riċerka u d-dibattiti dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni Ewropea permezz tal-azzjonijiet li ġejjin: (a) azzjoni Jean Monnet fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla; (b) azzjoni Jean Monnet f'oqsma oħra tal-edukazzjoni u t-taħriġ; (c) appoġġ għall-istituzzjonijiet li ġejjin, li jsegwu għan ta' interess Ewropew: l-Istitut Universitarju Ewropew, f'Firenze, inkluż l-Iskola tal-Governanza Transnazzjonali tiegħu; il-Kulleġġ tal-Ewropa (il-kampus ta' Bruges u ta' Natolin) l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, f'Maastricht; l-Akkademja tal-Liġi Ewropea, fi Trier; l-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, f'Odense u ċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ Ewropew, f'Nizza.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	14 656 252 6 6 0 0

KAPITOLU 07 03 — ERASMUS *(ikompli)*

07 03 02 Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim mhux formali u l-parteċipazzjoni attiva fost iż-żgħażagħ, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam taż-żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
272 637 560	199 878 603				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-qasam taż-żgħażagħ tal-programm Erasmus. Għandha tappoġġa t-tliet azzjonijiet ewlenin li ġejjin:

Azzjoni ewlenija 1: Il-mobbiltà għat-tagħlim

Fil-qasam taż-żgħażagħ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin il-mobbilità taż-żgħażagħ; (b) attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ; (c) l-attivitajiet ta' DiscoverEU; (d) il-mobbilità taż-żgħażagħ.

Azzjoni ewlenija 2: Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet

Fil-qasam taż-żgħażagħ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin (a) sħubijiet għal kooperazzjoni u skambji tal-prattiki, inkluż sħubiji fuq skala żgħira li jrawmu aċċess usa' u aktar inklużiv għall-programm Erasmus; (b) sħubijiet għal innovazzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa; (c) pjattaformi u għodod online għal kooperazzjoni virtwali.

Azzjoni ewlenija 3: L-appoġġ għall-iżvilupp politika u l-kooperazzjoni

Fil-qasam taż-żgħażagħ, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin permezz tal-azzjoni ewlenija 3: (a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika tal-Unjoni dwar iż-żgħażagħ, bl-appoġġ tan-network Wiki taż-Żgħażagħ; (b) għodod u miżuri tal-Unjoni li jrawmu l-kwalità, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kompetenzi u tal-ħiliet, b'mod partikolari bil-Youthpass; (c) djalogu ta' politika u kooperazzjoni ma' partijiet konċernati rilevanti, inkluż networks madwar l-Unjoni, organizzazzjonijiet nongovernattivi Ewropej, u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam taż-żgħażagħ, id-djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ u l-appoġġ għall-Forum taż-Żgħażagħ Ewropej; (d) miżuri li jikkontribwixxu għal implimentazzjoni kwalitattiva u inklużiva tal-programm Erasmus; (e) kooperazzjoni ma' strumenti oħra tal-Unjoni u appoġġ għal politiki oħra tal-Unjoni; (f) attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-eżiti u l-prijoritajiet ta' politika Ewropea kif ukoll dwar il-programm Erasmus.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	7 361 214 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 03 — ERASMUS *(ikompli)*

07 03 03 ***Il-promozzjoni tal-mobbiltà għat-tagħlim tal-kowċis u tal-persunal sportiv, kif ukoll il-kooperazzjoni, l-inklużjoni, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell tal-organizzazzjonijiet sportivi u l-politiki tal-isport***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
48 805 483	27 914 525				

Kummenti

Artikolu ġdid

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru l-qasam tal-isport tal-programm Erasmus. Għandha tappoġġa t-tliet azzjonijiet ewlenin li ġejjin:

Azzjoni ewlenija 1: Il-mobbiltà għat-tagħlim

Fil-qasam tal-isport, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-mobbiltà tal-kowċis u tal-persunal sportiv.

Azzjoni ewlenija 2: Il-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet

Fil-qasam tal-isport, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin: (a) sħubijiet għal kooperazzjoni u skambji tal-prattiki, inkluż sħubiji fuq skala żgħira li jrawmu aċċess usa' u aktar inklużiv għall-programm Erasmus; (b) avvenimenti sportivi bla qligħ maħsuba għal aktar żvilupp tad-dimensjoni Ewropea tal-isport.

Azzjoni ewlenija 3: L-appoġġ għall-iżvilupp politika u l-kooperazzjoni

Fil-qasam tal-isport, il-programm Erasmus għandu jappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin skont l-azzjoni ewlenija 3: (a) il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' politika tal-Unjoni dwar l-isport u l-attività fiżika; (b) djalogu ta' politika u kooperazzjoni ma' partijiet konċernati rilevanti, inkluż organizzazzjonijiet nongovernattivi Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-isport; (c) attivitajiet ta' disseminazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar l-eżiti u l-prijoritajiet tal-politika Ewropea u dwar il-programm Erasmus, inkluż premjijiet u għotjiet sportivi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	1 317 748 6 6 0 0

07 03 99 ***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba sabiex ikopru l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

KAPITOLU 07 03 — ERASMUS *(ikompli)*

07 03 99 *(ikompli)*

07 03 99 01 Tlestija ta' programmi Erasmus preċedenti (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	373 408 000	2 846 917 300	2 701 000 000	2 747 106 200,—	2 569 998 259,87

Kummenti

Artikoli u partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

15 02 01 01	*15 02 01 02*	*15 02 02*	*15 02 03*	*15 02 51*	*15 02 53*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 1999 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni ta' taħriġ professjonali "Leonardo da Vinci" tal-Komunità (ĠU L 146, 11.6.1999, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-edukazzjoni "Socrates" (ĠU L 28, 3.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità (ĠU L 117, 18.5.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2317/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi programm għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2004 sa 2008) (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 9.12. 2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 03 — ERASMUS *(ikompli)*

07 03 99 *(ikompli)*

07 03 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 04 — IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 04	IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ								
07 04 01	***Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***	2.2	129 127 673	84 098 975					
07 04 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
07 04 99 01	Tlestija tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (2018 sal-2020)	2.2	p.m.	24 325 725	162 187 779	150 000 000	138 774 568,—	103 500 000,—	425,48
07 04 99 02	Tlestija tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE — it-Tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal kriżijiet umanitarji (2014 sal-2020)	2.2	p.m.	11 602 404	19 355 000	17 584 960	17 693 533,03	11 508 176,84	99,19
	Artikolu 07 04 99 — Sub-total		p.m.	35 928 129	181 542 779	167 584 960	156 468 101,03	115 008 176,84	320,11
	Kapitolu 07 04 — Total		**129 127 673**	**120 027 104**	**181 542 779**	**167 584 960**	**156 468 101,03**	**115 008 176,84**	**95,82**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

L-objettiv ġenerali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa li jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja bħala mezz li jikkontribwixxi biex jissaħħu l-koeżjoni, s-solidarjetà u d-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn, filwaqt li jiġu indirizzati sfidi tas-soċjetà u umanitarji fil-prattika, bi sforz partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

L-objettiv speċifiku huwa li ż-żgħażagħ, inkluż dawk b'inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet aċċessibbli faċilment għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn, filwaqt li jitjiebu u jiġu validati kif xieraq il-kompetenzi tagħhom, u jeħfiefu l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

L-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom jiġu implimentati biż-żewġ fergħat ta' azzjoni li ġejjin: (a) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà; (b) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-għajnuna umanitarja (il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja).

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 04 — IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ *(ikompli)*

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-11 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u] r-Regolament (UE) Nru 375/2014 (COM(2018) 440).

07 04 01 Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
129 127 673	84 098 975				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri (1) il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà kif ukoll (2) il-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-għajnuna umanitarja. Għandha tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

1. Attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà.

Dawn l-azzjonijiet għandhom b'mod partikolari jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni, tas-solidarjetà u tad-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn, filwaqt li jwieġbu wkoll għall-isfidi tas-soċjetà bi sforz partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali. Dawn jieħdu l-forma ta' (a) volontarjat; (b) traineeships u impjiegi; (c) proġetti ta' solidarjetà; (d) attivitajiet ta' networking; (e) miżuri ta' kwalità u appoġġ.

2. Attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-għajnuna umanitarja.

Dawn l-azzjonijiet għandhom b'mod partikolari jikkontribwixxu biex tingħata għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem, u lejn it-tisħiħ tal-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew affettwati minn diżastri. Dawn jieħdu l-forma ta' (a) volontarjat; (b) attivitajiet ta' networking; (c) miżuri ta' kwalità u appoġġ b'attenzjoni partikolari fuq miżuri li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-parteċipanti.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	245 343 6 6 0 0

KAPITOLU 07 04 — IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ *(ikompli)*

07 04 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

07 04 99 01 Tlestija tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (2018 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	24 325 725	162 187 779	150 000 000	138 774 568,—	103 500 000,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

15 05 01

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (ĠU L 250, 4.10.2018, p. 1).

07 04 99 02 Tlestija tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE — it-Tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni biex tirrispondi għal kriżijiet umanitarji (2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	11 602 404	19 355 000	17 584 960	17 693 533,03	11 508 176,84

Kummenti

Artikolu preċedenti

23 04 01

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattivi EU Aid Volunteers") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 04 — IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ *(ikompli)*

07 04 99 *(ikompli)*

07 04 99 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew tal-Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattiva 'EU Aid Volunteers'") (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52).

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1398/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi standards u proċeduri dwar il-voluntiera kandidati u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (ĠU L 373, 31.12.2014, p. 8).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 05	EWROPA KREATTIVA								
07 05 01	***Kultura***	2.2	94 988 557	48 464 532					
07 05 02	***Media***	2.2	168 062 864	72 393 190					
07 05 03	***Il-fergħat transsettorjali***	2.2	26 971 139	10 248 669					
07 05 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
07 05 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet u programmi preċedenti marbuta ma' media, il-kultura u l-lingwa (qabel l-2021)	2.2	p.m.	88 256 725	207 420 000	181 517 620	200 504 999,99	177 659 738,03	201,30
07 05 99 02	Tlestija ta' miżuri preċedenti dwar il-kontenut diġitali, u l-industriji awdjoviżivi u medjatiċi ohrajn (2014 sal-2020)	2.2	p.m.	819 500	1 148 000	900 000	1 126 000,—	1 130 500,—	137,95
	Artikolu 07 05 99 — Sub-total		p.m.	89 076 225	208 568 000	182 417 620	201 630 999,99	178 790 238,03	200,72
	Kapitolu 07 05 — Total		**290 022 560**	**220 182 616**	**208 568 000**	**182 417 620**	**201 630 999,99**	**178 790 238,03**	**81,20**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-programm Ewropa Kreattiva.

L-Ewropa Kreattiva għandha l-għan li tippromwovi l-kooperazzjoni Ewropea dwar id-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi, u li jżid il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, b'mod partikolari s-settur awdjoviżiv.

Il-programm Ewropa Kreattiva għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— it-tisħiħ tad-dimensjoni ekonomika, soċjali u esterna tal-kooperazzjoni fil-livell Ewropew biex jiġu żviluppati u promossi d-diversità kulturali Ewropea u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jissaħħu wkoll ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali,

— il-promozzjoni tal-kompetittività u tal-iskalabbiltà tal-industrija awdjoviżiva Ewropea,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni politika u ta' azzjonijiet innovattivi li jappoġġaw il-fergħat kollha tal-programm Ewropa Kreattiva, inkluż il-promozzjoni ta' ambjent medjatiku diversifikat u pluralistiku, tal-litteriżmu medjatiku u tal-inklużjoni soċjali.

Il-programm Ewropa Kreattiva għandu jkopri l-fergħat li ġejjin:

— il-fergħa "Kultura" tkopri s-setturi kulturali u kreattivi, għajr is-settur awdjoviżiv,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

— il-fergħa "Media" tkopri s-settur awdjoviżiv,

— il-fergħa "Transsettorjali" tkopri l-attivitajiet fis-setturi kulturali u kreattivi kollha.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2018, li jistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (2021 sa 2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (COM (2018) 366).

07 05 01 Kultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
94 988 557	48 464 532				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-setturi kulturali u kreattivi – għajr is-settur awdjoviżiv – fi ħdan il-programm Ewropa Kreattiva. F'konformità mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 3, il-fergħa "Kultura" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: (a) it-tisħiħ tad-dimensjoni transfruntiera u taċ-ċirkolazzjoni ta' operaturi u xogħlijiet kulturali u kreattivi Ewropej; (b) iż-żieda tal-parteċipazzjoni kulturali madwar l-Ewropa kollha; (c) il-promozzjoni tar-reżiljenza tas-soċjetà u l-inklużjoni soċjali permezz tal-kultura u tal-wirt kulturali; (d) it-tisħiħ tal-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej bl-għan li dawn jirnexxu, u biex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir; (e) it-tisħiħ tal-identità u tal-valuri Ewropej permezz ta' kuxjenza kulturali, edukazzjoni artistika u kreattività bbażata fuq il-kultura fl-edukazzjoni; (f) il-promozzjoni tal-bini ta' kapaċitajiet tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej biex ikunu attivi fil-livell internazzjonali; (g) l-għoti ta' kontribut għall-istrateġija globali tal-Unjoni għal relazzjonijiet internazzjonali permezz ta' diplomazija kulturali.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	2 564 691 6 6 0 0

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

07 05 02 Media

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
168 062 864	72 393 190				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri li:

— irawmu t-talenti, il-kompetenza, u l-ħiliet u jistimulaw il-kooperazzjoni transfruntiera, il-mobbiltà, u l-innovazzjoni fil-ħolqien u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej li jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti,

— itejbu ċ-ċirkolazzjoni, il-promozzjoni, id-distribuzzjoni online u teatrali tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fl-Unjoni u internazzjonalment fl-ambjent diġitali l-ġdid; inkluż permezz ta' mudelli ta' negozju innovattivi,

— jippromwovu xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż xogħlijiet ta' wirt kulturali, u jappoġġaw l-involviment u l-iżvilupp ta' udjenzi ta' kull età, b'mod partikolari udjenzi żgħażagħ, madwar l-Ewropa u lil hinn.

Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu indirizzati b'appoġġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni, il-promozzjoni, d-disseminazzjoni u l-aċċess għal xogħlijiet Ewropej bl-objettiv li jintlaħqu udjenzi varjati fl-Ewropa u lil hinn, u b'hekk jadattaw għal żviluppi ġodda tas-suq u jakkumpanjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

Il-prijoritajiet tal-fergħa "Media" għandhom iqisu d-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, u l-aċċess għall-kontenut awdjoviżiv, kif ukoll id-daqs u l-ispeċifiċitajiet tas-swieq rispettivi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	4 537 697 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

07 05 03 Il-fergħat transsettorjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
26 971 139	10 248 669				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet fis-setturi kulturali u kreattivi kollha fi ħdan il-Programm Ewropa Kreattiva. F'konformità mal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 3, "il-fergħa Transsettorjali" għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin: (a) l-appoġġ għal kooperazzjoni politika transnazzjonali u transsettorjali, inkluż fir-rigward tar-rwol tal-kultura għal inklużjoni soċjali, u l-promozzjoni tal-għarfien tal-programm u l-appoġġ għat-trasferibbiltà tar-riżultati; (b) il-promozzjoni ta' approċċi innovattivi għall-ħolqien, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tal-kontenut fost setturi kulturali u kreattivi differenti; (c) il-promozzjoni ta' attivitajiet trasversali li jkopru bosta setturi bil-għan li jsir aġġustament għall-bidliet strutturali affaċċjati mis-settur tal-media, inkluż it-tisħiħ ta' ambjent medjatiku ħieles, diversifikat u pluralistiku, il-ġurnaliżmu ta' kwalità u l-litteriżmu medjatiku; (d) it-twaqqif u l-għoti ta' appoġġ lil desks tal-programm għal promozzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva f'pajjiżhom, u biex titħeġġeġ kooperazzjoni transfruntiera fis-setturi kulturali u kreattivi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	728 221 6 6 0 0

07 05 99 Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

07 05 99 01 Tlestija ta' azzjonijiet u programmi preċedenti marbuta ma' media, il-kultura u l-lingwa (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	88 256 725	207 420 000	181 517 620	200 504 999,99	177 659 738,03

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

07 05 99 *(ikompli)*

07 05 99 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti (trasferit parzjalment)*

09 05 01	*09 05 51*	*15 04 01*	*14 04 02*	*15 04 51*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000 (ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/821/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' programm li jinkoraġġixxi l-iżvilupp, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżwali Ewropej (MEDIA Plus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni) (2001-2005) (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 82).

Id-Deċiżjoni Nru 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għal professjonisti fl-industrija tal-programmi awdjoviżwali Ewropea (MEDIA-Taħriġ) (2001 sa 2005) (ĠU L 26, 27.1.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għall-Komunità biex tippromwovi korpi attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40).

Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' sostenn għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (ĠU L 327 tal-24.11.2006, p.12).

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-Programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' koperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus) (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

Id-Deċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 05 — EWROPA KREATTIVA *(ikompli)*

07 05 99 *(ikompli)*

07 05 99 02 Tlestija ta' miżuri preċedenti dwar il-kontenut diġitali, u l-industriji awdjoviżivi u medjatiċi oħrajn (2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	819 500	1 148 000	900 000	1 126 000,—	1 130 500,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

09 02 05

Bażiġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 06	DRITTIJIET U VALURI								
07 06 01	***Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet***	2.2	35 409 000	10 622 790					
07 06 02	***Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni***	2.2	36 238 848	12 879 258					
07 06 03	***Daphne***	2.2	20 444 304	6 244 139					
07 06 04	***Protezzjoni u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni***	2.2	500 000	161 667					
07 06 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
07 06 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti tal-Ewropa għaċ-Ċittadini u inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (qabel l-2021)	2.2	p.m.	14 871 337	28 344 000	27 030 751	26 265 092,40	22 327 849,30	150,14
07 06 99 02	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza u l-ugwaljanza (qabel l-2021)	2.2	p.m.	38 322 588	68 558 000	69 600 000	64 704 685,43	60 839 185,36	158,76
	Artikolu 07 06 99 — Sub-total		p.m.	53 193 925	96 902 000	96 630 751	90 969 777,83	83 167 034,66	156,35
	Kapitolu 07 06 — Total		**92 592 152**	**83 101 779**	**96 902 000**	**96 630 751**	**90 969 777,83**	**83 167 034,66**	**100,08**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-objettiv ġenerali tal-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri jiġifieri li jiġu protetti u promossi d-drittijiet u l-valuri kif minquxa fit-Trattati, inkluż billi jappoġġaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex isostnu soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi.

Fl-objettiv ġenerali, il-programm Drittijiet u Valuri għandu l-objettivi speċifiċi li ġejjin, li jikkorrispondu għall-fergħat: il-promozzjoni tal-ugwaljanza u tad-drittijiet (il-fergħa tal-ugwaljanza u d-drittijiet); il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni (il-fergħa tal-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini); il-ġlieda kontra l-vjolenza (il-fergħa Daphne).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2018, li jistabbilixxi l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri (COM(2018) 383).

07 06 01 Il-promozzjoni tal-ugwaljanza u d-drittijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
35 409 000	10 622 790				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għal:

— il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u l-appoġġ lil politiki komprensivi li jippromovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll lil politiki li jiġġieldu r-razziżmu u l-forom kollha ta' intolleranza,

— il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-dritt tal-protezzjoni tad- *data* personali.

Dawk l-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, it-taħriġ, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, l-appoġġ lin-Networks Ewropej, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lil desks/network nazzjonali ta' kuntatt għall-programm.

Din l-approprjazzjoni se tappoġġa wkoll lin-Network tal-UE għall-Korpi tal-Ugwaljanza – EQUINET.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	956 043 6 6 0 0

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

07 06 02 Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
36 238 848	12 879 258				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi: biex iċ-ċittadini jifhmu aktar l-Unjoni, l-istorja, il-wirt kulturali u d-diversità tagħha; għall-promozzjoni tal-iskambju u l-kooperazzjoni bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi differenti; għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u demokratika taċ-ċittadini billi tippermetti liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jsemmgħu l-opinjonijiet tagħhom u jiskambjawhom fil-pubbliku fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni.

L-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: attivitajiet ta' ġemellaġġi bejn il-bliet, networks tal-bliet u proġetti ta' kommemorazzjoni, sensibilizzazzjoni, tagħlim reċiproku, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, taħriġ, żvilupp u manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, appoġġ lin-Networks Ewropej, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-uffiċċji tal-programm ta' appoġġ jew in-network ta' kuntatt nazzjonali.

Din l-approprjazzjoni se tikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tekniku u organizzazzjonali tal-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	68 854 6 6 0 0

07 06 03 Daphne

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 444 304	6 244 139				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għal:

— il-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, in-nisa u gruppi oħra f'riskju,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

07 06 03 *(ikompli)*

— l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' din il-vjolenza.

Dawk l-objettivi speċifiċi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, it-taħriġ, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, l-appoġġ lin-networks Ewropej, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-uffiċċji tal-programm ta' appoġġ/in-network ta' kuntatt nazzjonali.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	551 996 6 6 0 0

07 06 04 ***Protezzjoni u promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	161 667				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffoka fuq il-protezzjoni, il-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet billi tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-livell lokali, reġjonali u transnazzjonali fil-promozzjoni u l-kultivazzjoni ta' dawn id-drittijiet, u b'hekk fuq it-tiswiħ ukoll tal-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tal-Unjoni u r-rispett għall-istat tad-dritt u l-kontribut għall-bini ta' Unjoni aktar demokratika, djalogu demokratiku, trasparenza u governanza tajba.

L-objettiv speċifiku ta' hawn fuq se jiġi segwit partikolarment permezz tal-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati mingħajr skop ta' qligħ attivi fl-oqsma tal-Programm biex tiżdied il-kapaċità tagħhom li jirreaġixxu, biex iwettqu attivitajiet ta' advokatezza biex jippromwovu d-drittijiet, u biex jiżguraw aċċess adegwat għaċ-ċittadini kollha għas-servizzi, il-konsulenza u l-attivitajiet ta' appoġġ tagħhom.

07 06 99 ***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

07 06 99 *(ikompli)*

07 06 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti tal-Ewropa għaċ-Ċittadini u inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	14 871 337	28 344 000	27 030 751	26 265 092,40	22 327 849,30

Kummenti

Artikoli u partiti preċedenti

18 04 01 01 18 04 01 02 18 04 51

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu.

Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

07 06 99 02 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tad-drittijiet, iċ-ċittadinanza u l-ugwaljanza (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	38 322 588	68 558 000	69 600 000	64 704 685,43	60 839 185,36

Kummenti

Artikoli preċedenti

33 02 01 33 02 02 33 02 51

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 1957 dwar it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

07 06 99 *(ikompli)*

07 06 99 02 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fuq ix-Xogħol (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta' Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri għall-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x'jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU L 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2000 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/750/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sal-2006) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja (2004 sa 2008) sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u biex tipproteġi l-vittmi u l-gruppi f'riskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4. 2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April 2007, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

KAPITOLU 07 06 — DRITTIJIET U VALURI *(ikompli)*

07 06 99 *(ikompli)*

07 06 99 02 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62), u b'mod partikulari il-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tiegħu.

Il-Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif prevedut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 07 — ĠUSTIZZJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 07	ĠUSTIZZJA								
07 07 01	***Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja***	2.2	11 319 945	4 527 978					
07 07 02	***Appoġġ lit-taħriġ ġudizzjarju***	2.2	18 682 268	7 472 907					
07 07 03	***Il-promozzjoni ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja***	2.2	15 290 325	6 116 130					
07 07 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
07 07 99 01	Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-Ġustizzja (qabel l-2021)	2	p.m.	26 000 000	42 604 000	39 600 000	40 800 000,—	42 962 945,91	165,24
	Artikolu 07 07 99 — Sub-total		p.m.	26 000 000	42 604 000	39 600 000	40 800 000,—	42 962 945,91	165,24
	Kapitolu 07 07 — Total		**45 292 538**	**44 117 015**	**42 604 000**	**39 600 000**	**40 800 000,—**	**42 962 945,91**	**97,38**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru attivitajiet ta' finanzjament li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri ta' Spazju Ewropew tal-Ġustizzja bbażat fuq l-istat tad-dritt, fuq ir-rikonoxximent reċiproku u dwar il-fiduċja reċiproka.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2018, li jistabbilixxi l-Programm Ġustizzja (COM(2018) 384).

KAPITOLU 07 07 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

07 07 01 Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 319 945	4 527 978				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri attivitajiet ta' finanzjament li jiffaċilitaw u jappoġġaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali, u jippromwovu l-istat tad-dritt inkluż billi jappoġġaw l-isforzi li jtejbu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u l-infurzar tad-deċiżjoni.

Dawk l-objettivi msemmija hawn fuq se jiġu segwiti b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, it-taħriġ, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, u l-appoġġ lin-networks Ewropej u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	284 131 6 6 0 0

07 07 02 Appoġġ lit-taħriġ ġudizzjarju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 682 268	7 472 907				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri attivitajiet ta' finanzjament li jappoġġaw u jippromwovu t-taħriġ ġudizzjarju, bil-ħsieb li jrawmu kultura ġuridika, ġudizzjarja u tal-istat tad-dritt komuni.

Dak l-objettiv se jiġi segwit b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, it-taħriġ, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, u l-appoġġ lin-networks Ewropej u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 07 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

07 07 02 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	468 925 6 6 0 0

07 07 03 ***Il-promozzjoni ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 290 325	6 116 130				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri attivitajiet ta' finanzjament li jiffaċilitaw l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal kulħadd u rimedju effettiv, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, bi promozzjoni ta' proċeduri ċivili u kriminali effiċjenti u bi promozzjoni u b'appoġġ tad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità kif ukoll tad-drittijiet proċedurali tas-suspettati u tal-persuni akkużati fi proċedimenti kriminali.

Dak l-objettiv se jiġi segwit b'mod partikolari b'appoġġ għall-attivitajiet li ġejjin: is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim reċiproku, l-attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ, it-taħriġ, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-għodod tat-ICT, u l-appoġġ lin-networks Ewropej u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	383 787 6 6 0 0

07 07 99 ***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba sabiex jkopru l-pagamenti fir-rigward tal-impenji pendenti minn snin mgħoddija.

KAPITOLU 07 07 — ĠUSTIZZJA *(ikompli)*

07 07 99 *(ikompli)*

07 07 99 01 Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-Ġustizzja (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	26 000 000	42 604 000	39 600 000	40 800 000,—	42 962 945,91

Kummenti

Artikoli preċedenti

33 03 01 33 03 02 33 03 51

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 ta' April 2002 li jistabbilixxi qafas ġenerali ta' attivitajiet tal-Komunità li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Kriminali bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-"Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja" (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 13).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE)								
07 10 01	***Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)***	2.2	21 600 000	21 600 000	21 053 025	21 053 025	20 779 000,—	20 779 000,—	96,20
07 10 02	***L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol***	2.2	15 346 768	15 346 768	15 507 072	15 507 072	15 122 882,56	14 903 084,56	97,11
07 10 03	***Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)***	2.2	17 804 621	17 804 621	17 815 490	17 815 490	16 110 395,—	17 535 029,59	98,49
07 10 04	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)***	2.2	23 749 695	23 749 695	23 157 712	23 157 712	21 970 685,—	21 970 684,12	92,51
07 10 05	***L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***	2.2	8 926 628	8 926 628	8 013 905	8 013 905	7 809 317,—	7 809 316,06	87,48
07 10 06	***Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)***	2.2	21 053 287	21 053 287	20 937 022	20 937 022	20 488 990,—	20 488 989,61	97,32
07 10 07	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)***	2.2	42 845 006	42 845 006	41 340 496	41 187 174	38 450 559,—	38 310 559,—	89,42
07 10 08	***L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)***	2.2	44 952 790	44 952 790	11 672 000	11 672 000	3 132 597,70	812 578,26	1,81
07 10 09	***L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)***	2.2	24 219 500	24 219 500	12 577 525	15 683 250	1 882 809,47	284 893,15	1,18
	Kapitolu 07 10 — Total		**220 498 295**	**220 498 295**	**172 074 247**	**175 026 650**	**145 747 235,73**	**142 894 134,35**	**64,81**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jkopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operatorja relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-Taqsima.

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

L-aġenziji u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew iridu jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operatorja u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

07 10 01 Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 600 000	21 600 000	21 053 025	21 053 025	20 779 000,—	20 779 000,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

04 03 11

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound) tipprovdi u xxerred għarfien importanti dwar kwistjonijiet relatati max-xogħol u soċjali biex tikkontribwixxi għal politiki sodi u bbażati fuq l-evidenza f'dawk l-oqsma. L-attività ewlenija tagħha tirrigwarda r-riċerka fl-oqsma tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali u l-kwalità tal-ħajja. L-attivitajiet tal-Eurofound jikkontribwixxu għall-prijoritajiet li ġejjin: aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra l-qgħad bil-ħolqien ta' impjiegi, titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol u promozzjoni tal-integrazzjoni; it-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u li x-xogħol isir sostenibbli tul il-ħajja kollha, l-iżvilupp ta' relazzjonijiet industrijali li jiżguraw soluzzjonijiet ekwi u produttivi f'kuntest ta' politika li qed jinbidel, it-titjib tal-istandards tal-għajxien u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali fid-dawl tad-disparitajiet ekonomiċi u l-inugwaljanzi soċjali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għal studji dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali sabiex jiġu appoġġati il-politiki li jiżguraw aktar impjiegi u impjiegi aħjar, li x-xogħol isir aktar sostenibbli u li jsaħħu d-djalogu soċjali fl-Ewropa.

Parti oħra ta' din l-approprjazzjoni hija maħsuba għal studji u riċerka progressiva dwar is-swieq tax-xogħol, u b'mod speċifiku l-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-bidla strutturali, l-impatt tagħha fuq l-impjiegi u l-ġestjoni tal-konsegwenzi.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 01 *(ikompli)*

L-approprjazzjoni se tkopri wkoll ir-riċerka u l-ġbir ta' għarfien dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq il-politiki soċjali u fuq ir-rwol tas-servizzi pubbliċi biex titjieb il-kwalità tal-ħajja. Ir-riċerka dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u dik privata u dwar l-impjiegi prekarji, inkluż it-tqassim skont il-ġeneru, ukoll għandhom ikunu koperti minn din l-approprjazzjoni.

Fl-aħħar nett, din l-approprjazzjoni se tintuża għall-analiżi tal-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-oqsma kollha li ġew deskritti hawn fuq kif ukoll għal studji li jikkontribwixxu għal politiki mmirati lejn konverġenza 'l fuq fl-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)*	21 600 000
Ammont imdaħħal fil-baġit	21 600 000

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74).

07 10 02 ***L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
15 346 768	15 346 768	15 507 072	15 507 072	15 122 882,56	14 903 084,56

Kummenti

Artikolu preċedenti

04 03 12

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) impenjata biex l-Ewropa ssir żona tax-xogħol aktar sikura, aktar f'saħħitha u aktar produttiva. L-EU-OSHA tidentifika u tivvaluta riskji ġodda u emerġenti fuq il-post tax-xogħol, u tintegra s-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali f'oqsma oħra ta' politika bħall-edukazzjoni, is-saħħa pubblika u r-riċerka. L-EU-OSHA tqajjem kuxjenza u xxerred informazzjoni dwar l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għall-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, il-korpi u n-networks tal-Unjoni, u l-kumpaniji privati.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 02 *(ikompli)*

L-objettiv tal-EU-OSHA huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati b'informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika rilevanti għall-użu fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tal-ġeneru fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-EU-OSHA kif definiti fir-Regolament (UE) 2019/126, u b'mod partikolari:

— il-miżuri għall-konsolidament tas-sensibilizzazzjoni u l-antiċipazzjoni tar-riskji, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs,

— l-operat tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju bbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mill-kumpaniji jew fergħat speċifiċi tal-attività,

— it-tħejjija u l-forniment ta' għodod rilevanti għal kumpaniji iżgħar biex jamministraw is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol,

— l-operat tan-netwerk li jinkludi l-elementi ewlenin tal-komponent tan-networks tal-informazzjoni nazzjonali, inkluż l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-imsieħba soċjali, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, kif ukoll il-punti fokali nazzjonali,

— l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza, informazzjoni u prattiki tajba, inkluż f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra,

— jintegraw il-pajjiżi kandidati f'dawn in-networks ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' għodod operatorji mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

— jorganizzaw u jmexxu l-Kampanja Ewropea dwar Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu kif ukoll il-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, li tiffoka fuq riskji u ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	15 600 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)	253 232
Ammont imdaħħal fil-baġit	15 346 768

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	414 363 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 03 Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 804 621	17 804 621	17 815 490	17 815 490	16 110 395,—	17 535 029,59

Kummenti

Artikolu preċedenti

04 03 13

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) jappoġġa l-promozzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll politiki dwar il-ħiliet u l-kwalifiki billi jaħdem flimkien mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali. Għal dak il-għan is-Cedefop għandu jsaħħaħ u jxerred l-għarfien, jipprovdi evidenza u servizzi għat-tfassil tal-politika, inkluż konklużjonijiet ibbażati fuq ir-riċerka, u għandu jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-għarfien fost u bejn l-Unjoni u l-atturi nazzjonali.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	18 000 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dhul)	195 379
Ammont imdaħħal fil-baġit	17 804 621

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/128 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 90).

07 10 04 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
23 749 695	23 749 695	23 157 712	23 157 712	21 970 685,—	21 970 684,12

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 04 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

33 02 06

L-objettiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) huwa li tipprovdi assistenza u għarfien espert fil-qasam tad-drittijiet fundamentali lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Billi tipprovdi dawn l-assistenza u l-għarfien espert, l-FRA tappoġġjahom biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali meta jieħdu miżuri jew jifformulaw korsijiet ta' azzjoni fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	23 920 698
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dhul)	171 003
Ammont imdaħħal fil-baġit	23 749 695

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2269 tas-7 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2018–2022 (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 1).

07 10 05 ***L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 926 628	8 926 628	8 013 905	8 013 905	7 809 317,—	7 809 316,06

Kummenti

Artikolu preċedenti

33 02 07

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u l-politiki nazzjonali riżultanti, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, u biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bl-għoti ta' assistenza teknika lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Kummissjoni, u lill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 05 *(ikompli)*

L-EIGE iwettaq il-kompiti li ġejjin *inter alia*:

— jiġbor, janalizza u jxerred informazzjoni rilevanti oġġettiva, komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż ir-riżultati tar-riċerka u l-aqwa prattiki,

— jiżviluppa metodi biex jitjiebu l-oġġettività, il-paragunabbiltà u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Ewropew billi jistabbilixxi kriterji li jtejbu l-konsistenza tal-informazzjoni u jqisu kwistjonijiet tal-ġeneri fil-ġbir tad-data,

— jiżviluppa, janalizza, jevalwa u jxerred għodod metodoloġiċi biex jappoġġa l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki kollha tal-Unjoni u fil-politiki nazzjonali riżultanti u jappoġġa l-integrazzjoni tal-ġeneri fl-istituzzjonijiet u fil-korpi kollha tal-Unjoni,

— jorganizza laqgħat ta' esperti biex jappoġġa l-ħidma tar-riċerka tal-Istitut, jinkoraġġixxi l-iskambju tal-informazzjoni bejn ir-riċerkaturi u jippromwovi l-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fir-riċerka tagħhom,

— iżid l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ixerred informazzjoni dwar l-aqwa prattiki, jagħmel ir-riżorsi tad-dokumentazzjoni disponibbli għall-pubbliku,

— jipprovdi informazzjoni lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-ġeneri fil-pajjiżi tal-adeżjoni u kandidati.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	9 067 878
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)	141 250
Ammont imdaħħal fil-baġit	8 926 628

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9).

07 10 06 ***Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 053 287	21 053 287	20 937 022	20 937 022	20 488 990,—	20 488 989,61

Kummenti

Artikolu preċedenti

04 03 14

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 06 *(ikompli)*

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) tgħin lill-pajjiżi fi tranżizzjoni u lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman tagħhom permezz tar-riforma tal-edukazzjoni; it-taħriġ u s-sistemi tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-appoġġ tal-pajjiżi sħab fir-reġjun tal-Mediterran għar-riforma tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom, għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali u għal appoġġ lill-intraprenditorija.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	21 300 000
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus	246 713
Ammont imdaħħal fil-baġit	21 053 287

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

07 10 07 ***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
42 845 006	42 845 006	41 340 496	41 187 174	38 450 559,—	38 310 559,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

33 03 04

L-għan tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) huwa li tappoġġa u ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni fir-rigward ta' kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar. Taġixxi meta tintalab mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u tappoġġjahom billi tħaffef it-talbiet għal assistenza legali reċiproka, organizzazzjoni ta' approċċi koordinati għal azzjonijiet operazzjonali, u l-għoti ta' appoġġ operazzjonali u finanzjarju lit-timijiet ta' investigazzjoni konġunta.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	43 797 699
Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)	952 693
Ammont imdaħħal fil-baġit	42 845 006

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 07 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

07 10 08 ***L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
44 952 790	44 952 790	11 672 000	11 672 000	3 132 597,70	812 578,26

Kummenti

Artikolu preċedenti

33 03 05

L-UPPE inħoloq permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939.

L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja fir-rigward ta' awturi u kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29) u determinati bir-Regolament (UE) 2017/1939. F'dan ir-rigward l-UPPE jwettaq investigazzjonijiet u atti ta' prosekuzzjoni, u jeżerċita l-funzjonijiet ta' prosekutur fil-qrati kompetenti tal-Istati Membri, sakemm il-każ ikun finalment konkluż.

Fl-2021, din l-approprjazzjoni hija maħsuba l-aktar biex tkopri n-nefqa tal-UPPE għal: nefqa relatata mar-reklutaġġ u l-persunal, il-binjiet (inkluż is-sigurtà tal-binjiet), l-infrastruttura, is-servizzi ta' protezzjoni mill-qrib lill-persunal anzjan tal-UPPE u nefqiet għat-teknoloġija tal-informazzjoni (it-Titoli 1 u 2). Fit-Titolu 3, tinkludi wkoll in-nefqa operazzjonali marbuta mas-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-UPPE, il-pjattaforma tal-iskambju tal-IT bejn l-Uffiċċju Ċentrali tal-UPPE, il-Prosekuturi Delegati Ewropej u awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi oħra fl-Istati Membri, li huwa element ewlieni għall-istabbiliment u l-funzjonament tajjeb tal-UPPE. Barra minn hekk, it-Titolu 3 jinkludi dispożizzjonijiet għall-ħolqien taċ-ċentru tad-data tal-UPPE, il-pagament tal-Prosekuturi Delegati Ewropej u l-kostijiet sostanzjali tat-traduzzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-UPPE.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)*	44 952 790
Ammont imdaħħal fil-baġit	44 952 790

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 08 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

07 10 09 ***L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
24 219 500	24 219 500	12 577 525	15 683 250	1 882 809,47	284 893,15

Kummenti

Artikolu preċedenti

04 03 15

L-objettiv tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) għandu jkun li tikkontribwixxi biex tkun żgurata mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni u li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni. Għal dan il-għan, l-ELA għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi rigward il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol madwar l-Unjoni kif ukoll għas-servizzi rilevanti; tiffaċilita u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tad-dritt rilevanti tal-Unjoni madwar l-Unjoni, inkluż tiffaċilita spezzjonijiet konċertati u konġunti; timmedja u tiffaċilita soluzzjoni f'każijiet ta' tilwim transfruntier bejn l-Istati Membri, u tappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-indirizzar tax-xogħol mhux dikjarat.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-ELA kif definit fir-Regolament (UE) 2019/1149, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu:

— tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u tikkoordina l-EURES,

— tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri bil-ħsieb tal-applikazzjoni u tal-infurzar konsistenti, effiċjenti u effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,

— se tikkoordina u tappoġġja l-ispezzjonijiet miftiehma u konġunti,

— twettaq analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju dwar kwistjonijiet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol transfruntiera,

— tappoġġa lill-Istati Membri b'bini tal-kapaċità fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar effettiv tad-dritt rilevanti tal-Unjoni,

— tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) *(ikompli)*

07 10 09 *(ikompli)*

— timmedja f'tilwim bejn l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni *Li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-artikolu 6 6 2 għad-dħul)*	24 219 500
Ammont imdaħħal fil-baġit	24 219 500

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/34 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
07 20 01	***Proġetti pilota***	2.2	14 120 000	14 478 339	11 970 119	11 048 495	10 476 778,—	4 980 278,—	34,40
07 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	2.2	17 750 000	36 931 334	44 950 000	37 666 007	48 382 947,—	18 480 439,—	50,04
07 20 03	***Azzjonijiet oħra***								
07 20 03 01	Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi	2	8 634 400	7 258 200	9 423 000	9 000 000	8 634 771,95	6 530 522,25	89,97
	Artikolu 07 20 03 — Sub-total		8 634 400	7 258 200	9 423 000	9 000 000	8 634 771,95	6 530 522,25	89,97
07 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***								
07 20 04 01	Azzjonijiet ta' Multimedia	2.2	20 212 100	19 786 800	21 732 000	23 000 000	23 546 000,—	21 532 260,14	108,82
07 20 04 02	Servizzi eżekuttivi u ta' komunikazzjoni korporattiva	2.2	47 105 200	39 676 000	42 065 180	41 717 996	41 022 520,81	40 807 821,02	102,85
07 20 04 03	Ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	2.2	27 356 000	23 497 000	27 427 000	25 744 650	24 581 666,53	23 387 531,59	99,53
07 20 04 04	Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini	2.2	32 228 600	28 943 000	23 906 820	23 293 354	25 509 303,76	21 719 740,44	75,04
07 20 04 05	Dar l-Istorja Ewropea	2.2	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000,—	3 000 000,—	100
07 20 04 06	Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali	2.2	28 326 381	23 234 000	23 050 000	15 335 000	22 367 447,13	17 858 416,75	76,86
07 20 04 07	Attivitajiet oħrajn fil-qasam tad-drittijiet fundamentali	2.2	898 400	898 400	1 000 000	950 000	1 000 000,—	996 335,15	110,90
07 20 04 08	Analiżijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografiji u l-familja	2.2	3 710 619	3 327 900	3 663 000	3 000 000	4 451 000,—	4 896 774,66	147,14

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
07 20 04	*(ikompli)*								
07 20 04 09	Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema	2.2	21 054 000	19 652 000	20 784 000	19 400 000	20 924 377,87	19 211 103,33	97,76
	Artikolu 07 20 04 — Sub-total		183 891 300	162 015 100	166 628 000	155 441 000	166 402 316,10	153 409 983,08	94,69
	Kapitolu 07 20 — Total		**224 395 700**	**220 682 973**	**232 971 119**	**213 155 502**	**233 896 813,05**	**183 401 222,33**	**83,11**

07 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 120 000	14 478 339	11 970 119	11 048 495	10 476 778,—	4 980 278,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, fil-Kapitolu PP 07.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 750 000	36 931 334	44 950 000	37 666 007	48 382 947,—	18 480 439,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 02 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, fil-Kapitolu PA 07.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 03 ***Azzjonijiet oħra***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

07 20 03 01 Moviment liberu tal-ħaddiema, koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inkluż il-migranti minn pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
8 634 400	7 258 200	9 423 000	9 000 000	8 634 771,95	6 530 522,25

Kummenti

Partita preċedenti

04 03 01 03

L-objettiv ta' din l-attività huwa li tippromwovi mobbiltà ġeografika u professjonali ġusta (inkluż il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali) tal-ħaddiema fl-Ewropa biex jingħeleb ix-xkiel għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u bħala kontribut għall-istabbiliment ta' suq tax-xogħol reali fil-livell Ewropew.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 03 *(ikompli)*

07 20 03 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta' appoġġ għall-monitoraġġ tad-dritt tal-Unjoni b'finanzjament ta' network ta' esperti dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema u s-sigurtà soċjali filwaqt li jsir rappurtar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, u biex jiġu analizzati u evalwati x-xejriet ewlenin fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri azzjonijiet li jappoġġaw il-governanza tal-atti legali tal-Unjoni b'laqgħat tal-kumitati, azzjonijiet għas-sensibilizzazzjoni u l-implimentazzjoni, u b'appoġġ tekniku speċifiku ieħor kif ukoll bl-iżvilupp ta' għodod diġitali rilevanti bħas-sistema tal-Iskambju Elettroniku tal-Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) u l-implimentazzjoni tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari:

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc,

— l-analiżi u evalwazzjoni ta' xejriet maġġuri fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu ta' ħaddiema, u koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-finanzjament ta' netwerks ta' esperti f'dawk l-oqsma,

— l-analiżi u riċerka dwar żviluppi ta' politika ġdida fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema marbuta pereżempju mat-tmiem ta' perjodi tranżitorji u l-immodernizzar ta' dispożizzjonijiet tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali,

— is-sostenn għall-ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva u s-sottogruppi tagħha u segwitu tad-deċiżjonijiet meħuda, kif ukoll is-sostenn għall-ħidma tal-Kumitati Tekniċi u Konsultattivi għall-moviment liberu tal-ħaddiema,

— is-sostenn għal Azzjoni preparatorja għall-applikazzjoni tar-regolamenti l-ġodda dwar is-sigurtà soċjali, inklużi skambji transnazzjonali ta' esperjenza u informazzjoni u inizjattivi ta' taħriġ żviluppati fil-livell nazzjonali,

— il-finanzjament ta' azzjonijiet maħsuba biex jipprovdu servizz aħjar u jżidu s-sensibilizzazzjoni pubblika, inkluż miżuri maħsuba biex jidentifikaw problemi fl-oqsma tas-sigurtà soċjali u l-impjiegi tal-ħaddiema migranti, u miżuri li jħaffu u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, analiżi sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru tax-xkiel għall-moviment liberu tal-ħaddiema u tan-nuqqas ta' koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-persuni b'diżabbiltà, inkluż l-adattament ta' proċeduri amministrattivi għal tekniki ġodda tal-pproċessar tal-informazzjoni, biex jitjiebu s-sistema għall-kisba ta' drittijiet u l-kalkolu u l-ħlas tal-benefiċċji skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71, (KEE) Nru 574/72, ir-Regolament (KE) Nru 859/2003 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009, u r-Regolament (UE) Nru 1231/2010, u r-reviżjonijiet futuri tagħhom,

— il-ħolqien ta' informazzjoni u azzjonijiet sabiex il-membri tal-pubbliku jsiru konxji tad-drittijiet tagħhom rigward il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 03 *(ikompli)*

07 20 03 01 *(ikompli)*

— l-appoġġ għall-għodod diġitali rilevanti bħall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni dwar is-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li teħfief l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009. Dan jinkludi l-manutenzjoni tan-nodu ċentrali tas-sistema EESSI, l-ittestjar tal-komponenti tas-sistema, l-attivitajiet tal-helpdesk, l-appoġġ għal aktar żvilupp tas-sistema, u t-taħriġ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, iridu jiġu miżjuda mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skopijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA imdaħħlin taħt l-artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-punti (b), (e) u (f) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-Taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Bażiġuridika

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 45 u 48 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqalqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1)

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 03 *(ikompli)*

07 20 03 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

Id-Direttiva 2014/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 8).

07 20 04 ***Azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

07 20 04 01 Azzjonijiet ta' Multimedia

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 212 100	19 786 800	21 732 000	23 000 000	23 546 000,—	21 532 260,14

Kummenti

Artikolu preċedenti

09 05 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex iżżid id-disponibbiltà ta' informazzjoni ġenerali mogħtija liċ-ċittadini dwar suġġetti li jikkonċernaw lill-Ewropa u lill-Unjoni, biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jużaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom li jkunu infurmati dwar il-politiki Ewropej u involuti fihom, u biex iżżid il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Ewropa. B'mod essenzjali din tikkonċerna l-finanzjament jew il-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew id-disseminazzjoni ta' multimedja (fuq ir-radju, it-televiżjoni, l-internet, eċċ.), prodotti tal-informazzjoni, inkluż bil-midja u n-networks pan-Ewropej magħmulin minn midja lokali u nazzjonali li jwasslu aħbarijiet dwar materji Ewropej, kif ukoll l-għodod meħtieġa biex tiġi żviluppata politika bħal din.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni se tkopri wkoll nefqa ta' sostenn bħal studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza teknika u amministrattiva esperta li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz ad hoc, evalwazzjoni u awditu dwar attivitajiet preżenti jew futuri, studji ta' fattibbiltà, pubblikazzjonijiet, u l-pagament lura tal-ivvjaġġar u spejjeż relatati tal-esperti.

Fejn ikun xieraq, il-proċeduri ta' akkwist u ta' għotja jistgħu jinkludu l-konklużjoni ta' sħubijiet qafas, bil-ħsieb li jiġi promoss qafas ta' finanzjament stabbli għall-mezzi tax-xandir pan-Ewropej iffinanzjati taħt din l-approprjazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' dan l-artikolu, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

07 20 04 02 Servizzi eżekuttivi u ta' komunikazzjoni korporattiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
47 105 200	39 676 000	42 065 180	41 717 996	41 022 520,81	40 807 821,02

Kummenti

Artikoli u partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

*16 01 02 01**	*16 01 04 02*	*16 01 60**	*16 03 01 02**	*16 03 01 04**	*16 03 02 02*	*16 03 02 03**	*16 03 02 05*

Is-servizzi eżekuttivi tal-Kummissjoni huma pprovduti lill-President u lill-Kulleġġ tal-Kummissarji b'appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-President, il-Kulleġġ, is-Servizz tal-Portavuċi u l-maniġment superjuri tal-Kummissjoni billi jiżguraw intelligence politika u ekonomika u pariri tal-midja, u billi jagħtu informazzjoni ta' kwalità għolja speċifika għall-pajjiżi u analiżi minn varjetà ta' sorsi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal għal tfassil tal-politika tal-Unjoni aktar infurmat u favur iċ-ċittadini.

Il-prodotti u s-servizzi tal-komunikazzjoni korporattiva huma pprovduti lid-dominju tal-komunikazzjoni esterna tal-Kummissjoni u jirriflettu r-rwol tagħha bħala mexxej tad-dominju fil-komunikazzjoni esterna, filwaqt li jiżguraw koerenza fl-messaġġi tal-Kummissjoni billi jallinjaw is-servizzi tal-komunikazzjoni kollha tal-Kummissjoni biex jikkontribwixxu għal komunikazzjoni korporattiva koerenti u effettiva dwar il-prijoritajiet politiċi. Dan iwassal, pass pass, għad-definizzjoni ta' messaġġi u narrattivi korporattivi aktar ċari u għal marka viżiva distintiva (eventwalment għal rikonoxximent tal-marka) u ekonomiji ta' skala, u b'ħekk jikkontribwixxi biex tissawwar immaġni aħjar tal-Kummissjoni u tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni għall-multimedia online u għall-informazzjoni stampata u għal għodod oħra tal-komunikazzjoni li jikkonċernaw lill-Unjoni, bl-iskop li jipprovdu informazzjoni ġenerali liċ-ċittadini kollha dwar il-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Unjoni Ewropea. Dan hu kompitu ta' servizz pubbliku. B'għodod tal-komunikazzjoni online u oħrajn ikunu jistgħu jinġabru mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar suġġetti Ewropej. Dawn l-għodod iridu jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, skont il-linji gwida tal-Inizjattiva dwar l-Aċċessibbiltà tal-Web.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 02 *(ikompli)*

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

— is-sit Europa, li jrid ikun il-punt ewlieni ta' aċċess li jipprovdi l-informazzjoni li ċ-ċittadini jaf ikunu jeħtieġu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, u għalhekk dan għandu jkun strutturat b'mod ċar, kulma jmur imtejjeb għall-utenti, u ottimizzat għall-apparat mobbli,

— l-istqarrijiet għall-istampa online, id-databases u sistemi oħra tal-informazzjoni online dwar il-komunikazzjoni,

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex:

— il-finanzjament tat-titjib tas-sit Europa, biex is-sit jiġi ottimizzat għall-apparat tat-telefown ċellulari, biex jiġi ffukat fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u biex isir professjonalizzat l-użu ta' kanali oħra fuq l-internet bħal midja soċjali, blogs u web 2.0. Dan jinkludi t-tipi kollha ta' taħriġ, servizzi ta' kkowċjar u konsulenza għal diversi gruppi ta' partijiet interessati,

— tkopri n-nefqa marbuta mal-ospitar u l-kostijiet tal-liċenzji assoċjati mas-sit Europa,

— tkopri l-kostijiet operatorji u l-manutenzjoni tal-preżenza tal-Kummissjoni fuq il-midja soċjali, inkluż l-assistenza teknika, ix-xiri tal-liċenzji tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ,

— tappoġġa l-iskambju tal-aqwa prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali u f'komunikazzjoni oħra,

— tiffinanzja n-nefqa tal-IT għal żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi possibbli tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,

— il-prezz tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u databases esterni,

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġa għall-aċċess ta' din l-informazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-Ewrobarometru u l-analitika tad- *data*. Din tinkludi, fost l-oħrajn, l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bi stħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali tal-"Ewrobarometru", flash surveys, bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar suġġetti partikolari, fil-livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istħarriġiet.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll miżuri biex titjieb il-kapaċità tal-analitika tad- *data* tal-Kummissjoni bil-għan li jkunu miġġeldin d-diżinformazzjoni u t-tixrid ta' aħbarijiet foloz.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri il-kostijiet tat-tħaddim tal-istudios u tal-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u ta' faċilitajiet oħra tal-informazzjoni awdjoviżiva: il-persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġa (il-kopertura tal-aħbarijiet, il-produzzjoni awdjoviżiva, il-librerija tal-midja awdjoviżiva, eċċ.).

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Din l-approprjazzjoni għandha titħaddem skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-disseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 02 *(ikompli)*

Bl-istess mod, din tkopri wkoll il-monitoraġġ u l-analiżi tal-midja kwalitattiva (inkluż il-monitoraġġ jew l-analiżi tal-attivitajiet tal-midja soċjali) inkluż l-abbonamenti u l-liċenzji relatati. Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa tal-IT fuq l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi possibbli tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini dwar l-attivitajiet tal-Unjoni u biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fit-tiswir tal-Ewropa, b'enfasi ewlenija fuq il-midja. L-għodod żviluppati għal fehim u rappurtar aħjar ta' kwistjonijiet topiċi b'mod partikolari relatati mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni jkopru prinċipalment:

— multimedia (ritratti, vidjow, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż il-pubblikazzjoni/xandir u d-depożitu ċentrali tagħhom għall-preservazzjoni jew id-disseminazzjoni fuq terminu twil,

— id-disinn grafiku,

— In-nefqa tal-IT għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi rilevanti ta' informazzjoni u ġestjoni,

— seminars u sostenn għall-ġurnalisti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa orizzontali fuq, inter alia, studji, laqgħat, kontrolli *ex post*, assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc, l-evalwazzjoni tal-attivitajiet orizzontali jew transsettorjali u tal-attivitajiet tal-professjonalizzazzjoni, kif ukoll ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati tal-persuni mistiedna biex isegwu l-ħidma tal-Kummissjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	221 000 6 6 3

07 20 04 03 Ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 356 000	23 497 000	27 427 000	25 744 650	24 581 666,53	23 387 531,59

Kummenti

Partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

*16 03 01 02**	*16 03 01 03**	*16 03 01 04**	*16 03 01 05**	*16 03 02 03**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 03 *(ikompli)*

Il-prodotti u s-servizzi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni huma indirizzati direttament liċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha; dawn jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini u jinvolvuhom biex ikun żgurat li s-servizzi tal-komunikazzjoni liċ-ċittadini jsiru disponibbli b'messaġġi sempliċi, ċari u li jistgħu jinftiehmu, permezz ta' taħlita ta' kanali u midja (tradizzjonali u ġodda) jew b'komunikazzjoni diretta maċ-ċittadini u billi jiġi stimulat l-iskambju u l-involviment wiċċ imb wiċċ. Flimkien, dan jgħin liċ-ċittadini jaċċessaw informazzjoni aġġornata u faċli għall-utenti dwar il-politiki u l-valuri tal-Unjoni. Din tikkontribwixxi għal aktar għarfien u fehim taċ-ċittadini dwar il-materji Ewropej u, b'hekk tħeġġeġ l-interess taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom direttament mal-"uċuħ tal-Kummissjoni" kemm fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja attivitajiet ġenerali ta' informazzjoni u komunikazzjoni jew involviment indirizzati għaċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha, imġarrba l-aktar mir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, u tkopri:

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet annwali jew multiannwali speċifiċi tal-komunikazzjoni skont id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President tal-Kummissjoni, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, u d-Dikjarazzjoni Konġunta (fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1)),

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni ad hoc fuq skala reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali li jaqblu mal-prijoritajiet tal-komunikazzjoni,

— l-azzjonijiet tal-komunikazzjoni msemmija hawn fuq jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u/jew l-Istati Membri biex jinħolqu sinerġiji bejn is-sħab u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-Unjoni,

— avvenimenti pubbliċi għaċ-ċittadini minn kull qasam tas-soċjetà,

— djalogi maċ-ċittadini fl-Istati Membri inkluż online,

— seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira aktar speċifiċi, bħal żgħażagħ, u bl-applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi,

— organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju, servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),

— miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati għall-multiplikaturi tal-opinjonijiet, b'mod partikolari miżuri msaħħa li jinvolvu lill-midja reġjonali u nazzjonali ta' kuljum, li huma sors tal-informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini tal-Unjoni,

— il-ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni u tal-installazzjonijiet tal-multimedja għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni,

— attivitajiet ta' appoġġ lokali fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, pereżempju midja soċjali lokali u analitika tad-*data* kif ukoll l-appoġġ taċ-Ċentri tal-Informazzjoni ta' Europe Direct (EDICs) bħal taħriġ, koordinazzjoni u assistenza lin-network Europe Direct, li jinkludi wkoll il-produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni ta' materjal informattiv u prodotti tal-komunikazzjoni minn dawn is-sorsi kif ukoll għalihom,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 03 *(ikompli)*

— in-nefqa għal studji, servizzi loġistiċi, assistenza teknika, partikolarment għall-IT, inkluż il-manutenzjoni tal-internet u servizzi tal-midja soċjali, laqgħat ta' esperti u assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc, kif ukoll ir-rimborz tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati tal-persuni mistiedna biex isegwu l-ħidma tal-Kummissjoni,

— In-nefqa tal-IT għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi rilevanti ta' informazzjoni u ġestjoni,

— toffri sostenn għall-iskambju tal-aħjar prattiki, it-trasferiment tal-għarfien u l-professjonalizzazzjoni billi tiffinanzja żjarat ta' esperti u prattikanti fil-komunikazzjoni diġitali,

— informazzjoni, seminars u appoġġ lill-ġurnalisti,

— in-nefqa għall-evalwazzjoni u għall-professjonalizzazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tista' sservi wkoll biex tiffinanzja attivitajiet tas-sensibilizzazzjoni u tal-informazzjoni dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej b'kooperazzjoni mar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u EDICs fl-Istati Membri.

Bl-għodod online jkunu jistgħu jinġabru mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. L-informazzjoni tkopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod iridu jkunu aċċessibbli għan-nies b'diżabbiltajiet, skont il-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibbiltà għall-Web.

It-tipi ta' għodod ikkonċernati huma prinċipalment:

— is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,

— l-istqarrijiet għall-istampa online, id-databases u sistemi oħra tal-informazzjoni online dwar il-komunikazzjoni,

— kanali online kumplimentari fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, bħal midja soċjali lokali, blogs u teknoloġiji oħra tal-Web 2.0,

— analitika tad- *data* relatata.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal bosta gruppi fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati dwar l-attivitajiet tal-Unjoni li ta' spiss jitqassmu minn network deċentralizzat, primarjament:

— il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni: kwalunkwe Rappreżentanza tal-Kummissjoni għandha pubblikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),

— id-disseminazzjoni (anki permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni (fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mis-sit prinċipali tal-entità, kif ukoll il-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-kostijiet tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tħejjija (pereżempju l-analiżi tal-udjenza fil-mira, ir-riċerka tas-suq u l-gruppi fil-mira/l-ittestjar tal-utenti jew panels tal-ittestjar) u l-abbozzar (inkluż il-ħlas lill-awtur), l-editjar freelance, il-kitba online, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, ix-xiri jew il-ġestjoni ta' *data*, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-iċċekkjar tal-konsistenza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-internet jew l-installazzjoni fi kwalunkwe mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħżin, id-disseminazzjoni u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 03 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll il-kooperazzjoni tal-kuntatt lokali bejn ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni u l-uffiċċji ta' tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri, pereżempju l-ftuħ u l-ġestjoni ta' "Spazji Pubbliċi Ewropej" (EPS) u/jew faċilitajiet simili. Il-Kummissjoni tiġġestixxi l-arranġamenti loġistiċi għall-EPS għall-benefiċċju tat-tnejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, inkluż il-kostijiet operazzjonali u l-organizzazzjoni tas-servizzi kuntrattati. L-EPS iridu jitmexxew b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet abbażi ta' rapport ta' valutazzjoni annwali dwar il-ġestjoni u l-funzjonament tal-EPS, kif ukoll abbażi ta' programm ta' ħidma għas-sena ta' wara. Dawn iż-żewġ dokumenti, li jkunu abbozzati b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni tal-fondi għas-sena ta' wara, iridu jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew fil-ħin biex ikunu jistgħu jitqiesu fil-proċedura tal-baġit.

Bażi ġuridika

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

07 20 04 04 Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
32 228 600	28 943 000	23 906 820	23 293 354	25 509 303,76	21 719 740,44

Kummenti

Partiti preċedenti (trasferiti parzjalment)*

*16 03 01 03**	*16 03 01 04**	*16 03 02 01*	*16 03 02 03**	*16 03 02 04*

Il-prodotti u s-servizzi tal-Kummissjoni huma indirizzati direttament liċ-ċittadini; dawn jipprovdu informazzjoni liċ-ċittadini u jinvolvuhom biex ikun żgurat li s-servizzi tal-komunikazzjoni liċ-ċittadini madwar l-Unjoni jsiru disponibbli b'messaġġi sempliċi, ċari u li jistgħu jinftiehmu, permezz ta' taħlita ta' kanali u midja (tradizzjonali u ġodda) jew b'komunikazzjoni diretta maċ-ċittadini u billi jiġi stimulat l-iskambju u l-involviment wiċċ imb wiċċ. Flimkien, dan jgħin liċ-ċittadini jaċċessaw informazzjoni aġġornata u faċli għall-utenti dwar il-politiki u l-valuri tal-Unjoni. Din tikkontribwixxi għal aktar għarfien u ftehim taċ-ċittadini dwar il-materji Ewropej, u b'hekk tħeġġeġ l-interess taċ-ċittadini biex jinvolvu ruħhom direttament mal-"uċuħ tal-Kummissjoni" kemm fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja informazzjoni ġenerali għaċ-ċittadini, imġarrba prinċipalment fil-Kwartieri Ġenerali tal-Kummissjoni fi Brussell, u tkopri:

— il-finanzjament tan-netwerk Europe Direct madwar l-Unjoni (iċ-Ċentri tal-Informazzjoni ta' Europe Direct, iċ-ċentri Ewropej tad-dokumentazzjoni, kelliema ta' Team Europe); dan in-netwerk jissupplimenta l-ħidma tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-uffiċċji ta' kollegament tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,

— is-sostenn, it-taħriġ, il-koordinazzjoni u l-assistenza għan-netwerk Europe Direct,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 04 *(ikompli)*

— il-finanzjament tal-produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni ta' materjal informattiv u prodotti tal-komunikazzjoni minn dawn is-sorsi u għalihom,

— l-operazzjoni taċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct (ċentru ta' servizz multilingwi),

— il-finanzjament tad-djalogi maċ-ċittadini u avvenimenti fiżiċi jew pjattaformi online relatati li jippromwovu djalogu miftuħ bejn iċ-ċittadini u l-Membri tal-Kulleġġ jew l-uffiċjali għolja tal-Kummissjoni b'attendenza regolari tar-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u tal-Istati Membri, biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar suġġetti tal-Unjoni u biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsemmgħu leħinhom ma' dawk li jfasslu l-politika,

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni ad hoc fuq skala reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali li jaqblu mal-prijoritajiet tal-komunikazzjoni,

— avvenimenti pubbliċi għaċ-ċittadini minn kull qasam tas-soċjetà,

— seminars u konferenzi kif ukoll sessjonijiet ta' ħidma ma' gruppi fil-mira iktar speċifiċi, bħal żgħażagħ, u bl-applikazzjoni ta' metodi parteċipattivi,

— organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f'avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta' żjarat individwali, eċċ.,

— azzjonijiet ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju, servizzi ta' pariri għaċ-ċittadini),

— miżuri ta' komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjonijiet, b'mod partikolari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta' kuljum, li hija sors ta' informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta' ċittadini tal-Unjoni,

— in-nefqa fuq il-ħruġ, bi kwalunkwe mezz, ta' pubblikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza topika dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni u l-ħidma tal-Unjoni, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet previsti fit-Trattati u pubblikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn, bħar-Rapport Ġenerali. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi speċifiċi bħall-professjonisti tat-tagħlim, iż-żgħażagħ, l-opinjonisti ewlenin jew il-pubbliku ġenerali,

— in-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati dwar l-attivitajiet tal-Unjoni li ta' spiss jitqassmu b'network deċentralizzat,

— id-disseminazzjoni (anki b'network deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni (bil-lingwi kollha uffiċjali tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, b'mod ikkoordinat mill-kwartieri ġenerali, u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet,

— in-nefqa tal-IT għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni u tal-informazzjoni rilevanti,

— in-nefqa għall-evalwazzjoni u għall-professjonalizzazzjoni.

L-azzjonijiet tal-komunikazzjoni jistgħu jiġu organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Istati Membri biex jinħolqu sinerġiji bejn is-sħab u biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tista' sservi wkoll biex tiffinanzja attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni u l-informazzjoni dwar inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej f'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u ċ-Ċentri lokali ta' Europe Direct fl-Istati Membri.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni, inkluż in-nefqa amministrattiva marbuta maż-żjarat. Il-Kummissjoni timmaniġġja l-arranġamenti loġistiċi relatati, inkluż il-kostijiet operatorji u l-organizzazzjoni tas-servizzi kuntrattati, u din tkopri wkoll l-istabbiliment u l-ħolqien jew l-aġġornament tal-installazzjonijiet ta' ċentri tal-informazzjoni ġodda.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri d-disinn, l-iżvilupp u l-aġġornament tal-kontenut tal-komunikazzjoni għall-proġetti ta' Europa Experience fl-Istati Membri.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	200 000 6 6 3

07 20 04 05 Dar l-Istorja Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000	3 000 000,—	3 000 000,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

15 04 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni lil Dar l-Istorja Ewropea għall-kostijiet operatorji mġarrba mill-Parlament Ewropew b'rabta ma' wirjiet, avvenimenti u sessjonijiet ta' ħidma organizzati li se jżidu l-għarfien, joħolqu kurżità, u jiftħu opportunitajiet ta' riflessjoni dwar l-istorja Ewropea permezz ta' wirja moderna u ċentru ta' dokumentazzjoni.

07 20 04 06 Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
28 326 381	23 234 000	23 050 000	15 335 000	22 367 447,13	17 858 416,75

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 06 *(ikompli)*

Kummenti

Partiti preċedenti

04 03 01 01	*04 03 01 04*	*04 03 01 06*	*04 03 01 08*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew fi tliet oqsma ewlenin, kif ukoll il-kost għal-laqgħat preliminari ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti tat-trade unions.

Rigward l-azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari tal-konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet bil-ħsieb li tgħinhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni. Il-kostijiet huma maħsuba biex ikopru b'mod partikolari studji, sessjonijiet ta' ħidma, konferenzi, analiżijiet, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databases u software, u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri marbuta mal-monitoraġġ ekonomiku, l-analiżi tal-kombinament ta' miżuri u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi.

Rigward il-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew, hemm bżonn sħab soċjali sodi u kompetenti biex jitjieb il-proċess ta' tnedija mill-ġdid u ta' tisħiħ tal-funzjonament tad-djalogu soċjali, kif ukoll biex jiġi appoġġat l-irkupru u jissaħħu l-kompetittività u l-ġustizzja fl-ekonomija tas-suq soċjali. Il-miżuri jenħtieġ jgħinu lill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema biex jindirizzaw l-isfidi ġenerali li qed jiffaċċjaw l-impjiegi u l-politika soċjali Ewropej, b'mod partikolari fil-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-promozzjoni tad-djalogu soċjali Ewropew u miżuri relatati, b'mod partikolari għall-attivitajiet li ġejjin:

— studji, konsultazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, negozjati, pubblikazzjonijiet u azzjonijiet oħrajn marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-intestatura baġitarja u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti tal-awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc,

— azzjonijiet meħuda mis-sħab soċjali biex jippromwovu d-djalogu soċjali (inkluż il-bini tal-kapaċitajiet tas-sħab soċjali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati) fil-livell transindustrijali, settorjali u tal-kumpaniji, inklużi azzjonijiet meħuda biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u tal-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-trade unions u anki tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi,

— azzjonijiet li jtejbu l-għarfien u l-għarfien espert dwar ir-relazzjonijiet industrijali madwar l-Unjoni u li jiskambjaw u jxerrdu informazzjoni rilevanti,

— miżuri tal-informazzjoni u tat-taħriġ għall-organizzazzjoni tal-ħaddiema u azzjonijiet li jtejbu l-grad u l-kwalità tal-involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fit-tfassil ta' politiki u ta' liġijiet Ewropej,

— azzjonijiet dwar il-laqgħat preliminari tal-konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti tat-trade unions Ewropej, l-aktar biex ikunu koperti kostijiet maħsuba biex jgħinuhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom fejn jidħol l-iżvilupp tal-politiki tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 06 *(ikompli)*

L-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tal-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' impriżi, b'mod partikolari għall-attivitajiet li ġejjin:

— miżuri maħsuba biex jiżviluppaw l-involviment tal-impjegati f'impriżi – jiġifieri kwalunkwe mekkaniżmu, inkluż l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni, li permezz tagħhom ir-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fil-kumpanija – b'mod partikolari billi jqajmu kuxjenza u jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-liġijiet u tal-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u l-adozzjoni u l-iżvilupp tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet,

— proġetti li jippruvaw jidentifikaw u jindirizzaw sfidi fl-involviment tal-ħaddiema li jirriżultaw minn bidliet fid-dinja tax-xogħol – eż. ristrutturar, esternalizzazzjoni, subkuntrattar, diġitalizzazzjoni, awtomatizzazzjoni jew intelliġenza artifiċjali, u forom ġodda tax-xogħol,

— inizjattivi li jsaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-impjegaturi fir-rigward tal-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-impjegati f'kumpaniji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed u azzjonijiet ta' taħriġ qasir lin-negozjaturi u lir-rappreżentanti f'korpi transnazzjonali tal-informazzjoni, tal-konsultazzjoni u tal-parteċipazzjoni li jistgħu jinvolvu wkoll lil sħab soċjali minn pajjiżi kandidati,

— miżuri li jippermettu lis-sħab soċjali jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-impjegati, speċjalment fil-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet, biex isiru midħla tal-ftehimiet tal-kumpaniji transnazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-impjegati,

— azzjonijiet innovattivi marbuta mal-involviment tal-impjegati, bil-għan li tiġi appoġġata l-antiċipazzjoni li tirriżulta minn bidliet fid-dinja tax-xogħol — eż. ristrutturar, esternalizzazzjoni jew subkuntrattar, diġitalizzazzjoni jew awtomatizzazzjoni jew intelliġenza artifiċjali, u forom ġodda tax-xogħol, jew il-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn ekonomija inklużiva, sostenibbli u b'livell baxx ta' karbonju.

Atti ta' referenza

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154, 155, 159 u 161 tiegħu.

07 20 04 07 Attivitajiet oħrajn fil-qasam tad-drittijiet fundamentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
898 400	898 400	1 000 000	950 000	1 000 000,—	996 335,15

Kummenti

Partita preċedenti

33 02 03 02

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 07 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni huwa maħsub biex ikopri attivitajiet ta' informazzjoni, komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni b'rabta mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet f'ambjent diġitali. Din l-approprjazzjoni se tintuża biex tappoġġa attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni permezz ta' siti web, avvenimenti pubbliċi, taħriġ, prodotti ta' komunikazzjoni, stħarriġ, eċċ.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni u ta' evalwazzjoni marbuta mal-protezzjoni konsulari u d-djalogu skont l-Artikolu 17 TFUE. B'mod partikolari din l-approprjazzjoni tkopri l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni mwassla permezz ta' siti web interni, avvenimenti pubbliċi, prodotti ta' komunikazzjoni, stħarriġiet tal-Ewrobarometru eċċ, kif ukoll l-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-impatt u l-istudji ta' evalwazzjoni dwar diversi aspetti tal-qasam tad-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja.

07 20 04 08 Analiżijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografiji u l-familja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 710 619	3 327 900	3 663 000	3 000 000	4 451 000,—	4 896 774,66

Kummenti

*Partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

04 03 01 01 04 03 01 04* 04 03 01 06* 04 03 01 08**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa relatata mal-appoġġ ta' studji analitiċi fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, u analiżijiet u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja.

Azzjonijiet għal analiżi u studji dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja għandhom l-għan li jippromwovu risponsi ta' politika aħjar fl-Unjoni u fl-Istati Membri għal sfidi demografiċi, tal-impjiegi u soċjali, inkluż għall-isfidi tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, u l-ħtieġa li jkunu żgurati tranżizzjonijiet ġusti u li jiġi promoss tkabbir inklużiv. L-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għall-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' analiżi ta' kwalità għolja u informazzjoni komparattiva fil-kuntest tal-Linji gwida politiċi tal-Kummissjoni u l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni. Din se tappoġġa l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet futuri għall-impjiegi u l-politiki soċjali, inkluż miżuri speċifiċi għall-ġeneru u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet analitiċi u tad- *data* għal valutazzjoni, evalwazzjoni u monitoraġġ tal-impatti soċjoekonomiċi tat-tranżizzjonijiet lejn Ewropa diġitali u newtrali għall-klima, b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

— azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' analiżi komparattiva u l-iskambju ta' fehmiet u esperjenza fil-livelli rilevanti kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-Unjoni, internazzjonali) rigward is-sitwazzjoni tal-impjiegi, soċjali u demografika u x-xejriet soċjoekonomiċi fl-Unjoni, kif ukoll id-diskrepanzi fis-salarji bejn l-irġiel u n-nisa u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fuq il-post tax-xogħol,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 08 *(ikompli)*

— azzjonijiet li jappoġġaw Osservatorju tas-Sitwazzjoni Soċjali, il-kooperazzjoni ma' attivitajiet rilevanti fl-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u l-ġestjoni ta' grupp ta' appoġġ tekniku għall-Alleanza Ewropea għall-Familji,

— studji, laqgħat ta' esperti, disseminazzjoni tal-għarfien, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-istrateġija jew tal-miżuri li jaqgħu f'din il-partita u kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqa għar-rapportar imsemmija fit-TFUE, inkluż ir-rapporti tal-Kummissjoni kull sena dwar l-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa u rapport dwar it-tibdil demografiku u l-implikazzjonijiet tiegħu kull sentejn, kif ukoll i(l-kontribut għa)r-rappurtar dwar l-impatti soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni għan-newtralità tal-klima u għal Ewropa diġitali kif ukoll rapporti tal-Kummissjoni dwar problemi li jikkonċernaw is-sitwazzjoni soċjali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa fuq l-analiżi għar-rappurtar imsemmija fit-TFUE, kif ukoll għad-disseminazzjoni tal-għarfien dwar sfidi ewlenin tal-impjiegi, soċjali u demografiċi u b'mod partikolari l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u modi kif dawn jiġu indirizzati.

Atti ta' referenza

Il-kompiti li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154, 155, 159 u 161 tiegħu.

07 20 04 09 Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
21 054 000	19 652 000	20 784 000	19 400 000	20 924 377,87	19 211 103,33

Kummenti

Partita preċedenti

04 03 01 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jgħinu biex ikunu indirizzati l-isfidi ġenerali li tiffaċċja l-politika Ewropea tal-impjiegi u soċjali kif stipulata fl-istrateġija Ewropa 2020 u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex ikunu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika. Tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ dwar sfidi tal-ġeneru fil-post tax-xogħol.

KAPITOLU 07 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

07 20 04 *(ikompli)*

07 20 04 09 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri b'mod partikolari l-attivitajiet li ġejjin:

— is-sostenn għall-programmi ta' ħidma taż-żewġ istituti speċifiċi tat-trejdjunjins, l-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins u ċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema, li ġew stabbiliti biex jiffaċilitaw il-bini ta' kapaċitajiet permezz ta' taħriġ u riċerka fil-livell Ewropew, kif ukoll biex jitjieb il-grad ta' involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-governanza Ewropea,

— il-miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni,

— il-miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-għan speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali fil-livell tal-Unjoni. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

Hemm bżonn ta' sħab soċjali b'saħħithom u kompetenti sabiex jittejjeb il-proċess tat-tnedija mill-ġdid u t-tisħiħ tal-funzjonament tad-djalogu soċjali, bħala appoġġ għall-irkupru u għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-ġustizzja fl-ekonomija soċjali tas-suq.

Bażiġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni permezz tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 154 tiegħu.

Konvenzjoni ffirmata fl-1959 bejn l-Awtorità Għolja ECSC u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-xogħol (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tax-Xogħol.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1), u d-direttivi assoċjati u individwali.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA"	13 568 854	13 568 854	23 713 000	23 713 000	21 998 510,01	21 998 510,01
08 02	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	40 363 635 574	40 349 424 457	43 447 046 765	43 416 972 876	42 706 821 250,09	42 628 326 246,39
08 03	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)	15 343 139 960	15 020 350 000	14 693 560 347	13 865 023 550	14 672 222 904,15	13 481 362 747,82
08 04	FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS)	753 343 572	821 978 340	953 355 138	763 000 000	933 020 775,37	645 036 973,72
08 05	FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPA) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMO)	73 522 000	72 884 500	80 156 978	78 231 978	147 899 978,—	142 086 169,41
	Riżervi (30 02 02)	*74 600 000*	*71 600 000*	*67 843 000*	*64 300 000*		
		148 122 000	144 484 500	147 999 978	142 531 978	147 899 978,—	142 086 169,41
08 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	16 741 043	16 741 043	16 737 055	16 737 055	16 506 300,19	16 506 300,19
08 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	p.m.	6 047 000	3 675 000	6 568 510	6 100 000,—	1 928 658,79
	Titolu 08 — Total	**56 563 951 003**	**56 300 994 194**	**59 218 244 283**	**58 170 246 969**	**58 504 569 717,81**	**56 937 245 606,33**
	Riżervi (30 02 02)	***74 600 000***	***71 600 000***	***67 843 000***	***64 300 000***		
		56 638 551 003	**56 372 594 194**	**59 286 087 283**	**58 234 546 969**	**58 504 569 717,81**	**56 937 245 606,33**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA"					
08 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija***					
08 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	3.1	776 426	8 000 000	7 146 180,71	920,39
08 01 01 66	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija għat-tlestija ta' programmi preċedenti	3.1	3 542 000	3 714 000	3 560 000,—	100,51
08 01 01 72	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka — Kontribuzzjoni mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	3.1	p.m.			
	Artikolu 08 01 01 — Sub-total		4 318 426	11 714 000	10 706 180,71	247,92
08 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali***	3.2	1 850 000	5 100 000	4 467 437,40	241,48
08 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd***					
08 01 03 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	3.2	3 362 428	3 602 021	3 601 450,90	107,11
08 01 03 63	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura għat-tlestija ta' programmi preċedenti	3.2	3 296 979	3 296 979	3 223 441,—	97,77
08 01 03 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura	3.2	741 021			
	Artikolu 08 01 03 — Sub-total		7 400 428	6 899 000	6 824 891,90	92,22
	Kapitolu 08 01 — Total		**13 568 854**	**23 713 000**	**21 998 510,01**	**162,13**

KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA" *(ikompli)*

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (bħall-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

08 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

08 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
776 426	8 000 000	7 146 180,71

Kummenti

Partita preċedenti

05 01 04 01

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-attivitajiet preparatorji u ta' monitoraġġ, kif ukoll il-miżuri tal-awditjar u tal-ispezzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata l-Politika Agrikola Komuni skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Soġġetta għad-dħul fis-seħħ ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), din l-approprjazzjoni se tiffinanzja miżuri amministrattivi ta' assistenza teknika f'konformità ma' dak ir-Regolament u kif ukoll Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni.

Tinkludi wkoll in-nefqa għall-finanzjament tal-korp ta' konċiljazzjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet tal-Politika Agrikola Komuni (tariffi, tagħmir, vjaġġar u laqgħat).

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 08 02.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA" *(ikompli)*

08 01 01 *(ikompli)*

08 01 01 66 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel — Kontribuzzjoni mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 542 000	3 714 000	3 560 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

05 01 06 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni fuq persunal u amministrazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva dwar il-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel imġarrba b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni ta' miżuri preċedentement relatati li jiffurmaw parti mill-programm ta' promozzjoni sa mill-1 ta' Diċembru 2015.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fl-Anness "Persunal" għal din it-taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati, u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	p.m. 6 2 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/770/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/858/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p.69).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/927/EU tas-17 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/770/UE sabiex "L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel" tiġi ttrasformata f' "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel"(ĠU L 363, 18.12.2014, p. 183).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA" *(ikompli)*

08 01 01 *(ikompli)*

08 01 01 66 *(ikompli)*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-12 ta' Ġunju 2018, dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2018)0390).

08 05 02 ***Promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli għall-ġestjoni tas-sajd u l-governanza marittima bi qbil mal-objettivi tal-PKS (kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-korpi internazzjonali)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
5 700 000	5 700 000	5 400 000	5 400 000	5 351 191,41	5 351 191,41

Kummenti

Artikolu preċedenti

11 03 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tiffinanzja l-parteċipazzjoni attiva tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd tal-baħar. Hija marbuta mal-kontribuzzjonijiet obbligatorji, fost l-oħrajn, lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra li ġejjin:

— Il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartika (CCAMLR),

— L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NASCO),

— Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT),

— Il-Kummissjoni għas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC),

— L-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO),

— Il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC),

— Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM),

— L-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO),

— Il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA),

— Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC),

— Il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel (AIDCP),

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPA) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMO) *(ikompli)*

08 05 02 *(ikompli)*

— Il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC),

— L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO),

— Il-Kummissjoni dwar il-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT),

— Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS),

— Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (NPFC).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni lill-korpi stabbiliti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982, b'mod partikolari l-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar u t-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (81/608/KEE) (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartika (81/691/KEE) (ĠU L 252, 5.9.1981, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 82/461 tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (82/886/KEE) (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (86/238/KEE) (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPA) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMO) *(ikompli)*

08 05 02 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (2002/738/KE) (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22), u b'mod partikolari l-Artikoli 29 u 30 tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 27).

Atti ta' referenza

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2018, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fit-Tramuntana tal-Oċean Paċifiku (COM(2018)0376).

KAPITOLU 08 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI								
08 10 01	***L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd***	3.2	16 741 043	16 741 043	16 737 055	16 737 055	16 506 300,19	16 506 300,19	98,60
	Kapitolu 08 10 — Total		**16 741 043**	**16 741 043**	**16 737 055**	**16 737 055**	**16 506 300,19**	**16 506 300,19**	**98,60**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa fuq il-persunal u l-amministrazzjoni ta' aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjan ta' stabbiliment tal-aġenziji huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-Taqsima.

L-aġenziji għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

08 10 01 L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 741 043	16 741 043	16 737 055	16 737 055	16 506 300,19	16 506 300,19

Kummenti

Artikolu preċedenti

11 06 64

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

08 10 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-persunal, l-amministrazzjoni u l-operazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd. Il-missjoni tal-Aġenzija hija li tippromwovi l-aqwa standards komuni ta' kontroll, spezzjoni u sorveljanza skont il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Ir-rwol ewlieni tagħha huwa li torganizza l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-attivitajiet nazzjonali ta' kontroll u ta' spezzjoni biex ir-regoli tal-PKS jiġu rispettati u applikati effettivament. L-Aġenzija għandha wkoll rwol fil-kooperazzjoni Ewropea fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	17 000 000
li minnhom l-ammont li ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, l-artikolu 6 6 2)	258 957
Ammont imdaħħal fil-baġit	16 741 043

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2009/988/UE tat-18 ta' Diċembru 2009 li taħtar lill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd bħala l-korp li jwettaq ċerti kompiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 104).

KAPITOLU 08 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
08 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
08 20 01	***Proġetti pilota***	3.2	p.m.	3 607 000	2 675 000	2 668 510	2 100 000,—	1 563 068,—	43,33
08 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	3.2	p.m.	2 440 000	1 000 000	3 900 000	4 000 000,—	192 400,—	7,89
08 20 03	***Azzjonijiet oħra***								
08 20 03 01	Distribuzzjoni ta' prodotti tal-ħalib bħala rispons urġenti għal kriżijiet umanitarji	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu 08 20 03 — Sub-total		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
08 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***								
08 20 04 01	Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Dinjija msejħa "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" li ttellgħet f'Milan fl-2015	3	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	173 190,79	
	Artikolu 08 20 04 — Sub-total		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	173 190,79	
	Kapitolu 08 20 — Total		**p.m.**	**6 047 000**	**3 675 000**	**6 568 510**	**6 100 000,—**	**1 928 658,79**	**31,89**

08 20 01 Proġetti pilota

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	3 607 000	2 675 000	2 668 510	2 100 000,—	1 563 068,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura esperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom.

Il-lista tal-proġetti pilota hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, taħt il-kapitolu PP 08.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

08 20 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

08 20 02 ***Azzjonijiet preparatorji***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	2 440 000	1 000 000	3 900 000	4 000 000,—	192 400,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, taħt il-Kapitolu PA 08.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

08 20 03 ***Azzjonijiet oħra***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

08 20 03 *(ikompli)*

08 20 03 01 Distribuzzjoni ta' prodotti tal-ħalib bħala rispons urġenti għal kriżijiet umanitarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

05 02 12 09

Bħala parti mill-miżuri ta' emerġenza bil-għan li s-suq tas-settur tal-ħalib tal-Unjoni jerġa' jsib l-ekwilibriju tiegħu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti pendenti b'rabta mat-tqassim tal-prodotti tal-ħalib li joriġinaw mill-Unjoni fl-ambitu tal-għajnuna umanitarja tal-Unjoni għall-pajjiżi terzi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 6 tiegħu.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

08 20 04 ***Azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-prerogattivi tal-Kummissjoni u setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja n-nefqa relatata mal-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

08 20 04 *(ikompli)*

08 20 04 01 Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja Dinjija msejħa "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja" li ttellgħet f'Milan fl-2015

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	173 190,79

Kummenti

Artikolu preċedenti

05 08 80

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-Wirja universali "Ikel għall-Pjaneta: Enerġija għall-Ħajja", li seħħet f'Milan fl-2015.

Bażiġuridika

Kompitu provenjenti mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fil-punt (d) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA"	20 670 583	20 670 583	10 881 612	10 881 612	10 158 882,56	10 158 882,56
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)	717 877 237	350 843 819	578 681 388	361 000 001	548 912 219,—	334 096 767,24
09 03	FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JFT)	1 136 966 552	p.m.				
09 04	FAĊILITÀ TA' SELF GĦASSETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)	p.m.	p.m.				
09 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	50 761 533	50 761 533	44 753 257	44 753 257	40 809 979,—	40 809 979,—
09 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	3 740 000	9 333 323	16 139 881	11 325 970	4 299 691,—	4 011 872,—
	Titolu 09 — Total	**1 930 015 905**	**431 609 258**	**650 456 138**	**427 960 840**	**604 180 771,56**	**389 077 500,80**

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA"					
09 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tal-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)***					
09 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tal-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	3.2	7 766 135	4 988 828	5 085 148,56	65,48
09 01 01 63	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) għat-tlestija ta' programmi preċedenti	3.2	5 892 784	5 892 784	5 073 734,—	86,10
09 01 01 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)	3.2	6 969 216			
	Artikolu 09 01 01 — Sub-total		20 628 135	10 881 612	10 158 882,56	49,25
09 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta***	3.2	42 448			
09 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta***					
09 01 03 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta	3.2	p.m.			
09 01 03 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta	3.2	p.m.			
	Artikolu 09 01 03 — Sub-total		p.m.			
	Kapitolu 09 01 — Total		**20 670 583**	**10 881 612**	**10 158 882,56**	**49,15**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (l-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet, eċċ.) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu f'dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ġew esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

09 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tal-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

09 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Programm tal-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
7 766 135	4 988 828	5 085 148,56

Kummenti

Partiti preċedenti

07 01 04 01	*34 01 04 01*

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-iżvilupp, il-hosting, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-operazzjoni u l-appoġġ (hardware, software u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) li jappoġġaw l-objettivi tal-politika dwar l-enerġija nadifa, il-klima u l-ambjent,

— l-ingaġġ ta' esperti fl-IT *intra muros* biex jappoġġaw l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-ittestjar u s-sigurtà ta' sistemi kritiċi tal-IT ta' appoġġ għall-politika,

— l-akkwist ta' sistemi tal-IT korporattivi u soluzzjonijiet amministrattivi komuni u soluzzjonijiet ta' appoġġ għall-politika,

— l-akkwist ta' assistenza teknika u amministrattiva relatata ma' attivitajiet tal-komunikazzjoni, inkluż l-ingaġġ ta' esperti *intra muros*.

Maħsuba wkoll biex tipprovdi appoġġ għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti internazzjonali tal-klima, għal attivitajiet li l-Unjoni tifforma parti minnhom, u għal ħidma preparatorja għal ftehimiet internazzjonali futuri dwar materji marbuta mal-klima u mal-ożonu li jinvolvu lill-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

09 01 01 *(ikompli)*

09 01 01 01 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	11 649 6 6 0 0

Atti ta' referenza

Ara l-kapitolu 09 02.

09 01 01 63 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 892 784	5 892 784	5 073 734,—

Kummenti

Partita preċedenti

07 01 06 01

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-legat tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE).

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

Atti ta' referenza

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/771/UE tas-17 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji" u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2004/20/KE u 2007/372/KE (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 73).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

09 01 01 *(ikompli)*

09 01 01 74 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Programm għall-Ambjent u Azzjoni Klimatika (LIFE)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 969 216		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA), minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE).

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	10 454 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-kapitolu 09 02.

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(xxxx) xx ta' xx li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

09 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
42 448		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika amministrattiva prevista fid-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	3 310 969 5 0 4 0

Atti ta' referenza

Ara l-kapitolu 09 03.

09 01 03 Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

09 01 03 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika amministrattiva prevista fl-Artikolu 4(5) fid-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	3 581 000 6 2 1 2

Atti ta' referenza

Ara l-kapitolu 09 04.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA" *(ikompli)*

09 01 03 *(ikompli)*

09 01 03 74 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-Faċilità ta' self għas-settur pubbliku permezz tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (Just Transition Mechanism, JTM).

It-tabella tal-istabbiliment tal-Aġenzija tidher fl-Anness "Persunal" għal din it-Taqsima.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	429 025 6 2 1 2

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Ara l-kapitolu 09 04.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea dwar il-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)								
09 02 01	***Natura u bijodiversità***	3.2	274 720 400	7 297 067					
09 02 02	***Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja***	3.2	178 933 566	11 040 188					
09 02 03	***Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih***	3.2	128 975 334	2 438 284					
09 02 04	***Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa***	3.2	135 247 937	2 068 280					
09 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
09 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)	3	p.m.	328 000 000	578 681 388	361 000 001	548 912 219,—	334 096 767,24	101,86
	Artikolu 09 02 99 — Sub-total		p.m.	328 000 000	578 681 388	361 000 001	548 912 219,—	334 096 767,24	101,86
	Kapitolu 09 02 — Total		**717 877 237**	**350 843 819**	**578 681 388**	**361 000 001**	**548 912 219,—**	**334 096 767,24**	**95,23**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, lejn protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u lejn waqfien u restawr tat-telf tal-bijodiversità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-Programm LIFE jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit, li għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (COM(2018)0385).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2020, li jistabbilixxi l-Programm InvestEU (COM(2020)0403).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 0640).

09 02 01 Natura u bijodiversità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
274 720 400	7 297 067				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għan-natura u l-bijodiversità tal-programm LIFE.

Se tipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, u tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7). L-azzjonijiet se jkopru l-ambjent terrestri u l-ambjent tal-baħar.

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattika, inkluż bl-appoġġ tan-network Natura 2000,

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-objettivi tan-natura u tal-bijodiversità, u t-traċċar tan-nefqa relatata mal-bijodiversità tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ relatat. titjib tal-governanza fil-livelli kollha permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati, u l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-politika relatata man-natura u l-bijodiversità,

— l-appoġġ ta' azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet/approċċi ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, billi jirreplikaw ir-riżultati, billi jintegraw l-objettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 01 *(ikompli)*

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	412 081 6 6 0 0

09 02 02 ***Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
178 933 566	11 040 188				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għall-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja tal-programm LIFE.

Dan is-sottoprogramm għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent.

Din tappoġġa proġetti li jiffukaw fuq it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jkunu azzjonijiet relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, bħall-arja, l-ilma u l-art biex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba.

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 02 *(ikompli)*

— l-appoġġ għal azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati mal-ambjent f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	268 400 6 6 0 0

09 02 03 ***Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
128 975 334	2 438 284				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sottoprogramm speċifiku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih tal-programm LIFE.

Din tappoġġa attivitajiet li jiffukaw fuq it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jkunu azzjonijiet relatati mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra), l-adattament għat-tibdil fil-klima (it-tisħiħ tal-isforzi dwar il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni u t-tħejjija), kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza klimatika tajba.

Din tinkludi:

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 03 *(ikompli)*

— l-appoġġ għal kwalunkwe azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	193 463 6 6 0 0

09 02 04 ***Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
135 247 937	2 068 280				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sottoprogramm speċifiku għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-Programm LIFE.

Din tappoġġa l-finanzjament ta' attivitajiet bl-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— li jiżviluppaw, juru u jippromwovu tekniki u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluż it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

— li jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi jtejbu l-governanza bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

— li jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 04 *(ikompli)*

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	202 872 6 6 0 0

09 02 99 ***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jkopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

09 02 99 01 Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	328 000 000	578 681 388	361 000 001	548 912 219,—	334 096 767,24

Kummenti

*Artikoli preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

07 02 01	*07 02 02**	*07 02 03*	*07 02 07*	*07 02 51*	*34 02 01**	*34 02 02**	*34 02 03*
34 02 05	*34 02 51*						

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	1 000 000 6 2 1 1

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 99 *(ikompli)*

09 02 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

	Artikolu 11 02 99 — Sub-total		p.m.	394 056 790	357 071 440	477 544 124	398 257 242,71	312 689 533,43	79,35
	Kapitolu 11 02 — Total		**396 014 000**	**486 178 219**	**357 071 440**	**477 544 124**	**398 257 242,71**	**312 689 533,43**	**64,32**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-azzjonijiet li jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea soda u effettiva tal-fruntieri, filwaqt li jissalvagwardjaw il-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati, kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul, huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (COM(2018)0473).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U GĦALL-VIŻI *(ikompli)*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (COM(2018)0375 final).

11 02 01 Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
396 014 000	92 121 429				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni filwaqt li tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi ("l-istrument") jeħtieġ li jikkontribwixxi biex jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilita qsim leġittimu tal-fruntieri, jipprevjeni u jidentifika l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxi effettivament il-flussi migratorji, kif ukoll jappoġġa l-politika komuni dwar il-viżi biex jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u jipprevjeni riskji migratorji u tas-sigurtà.

L-Istrument se jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1): il-kontroll fuq il-fruntieri, it-tfittxija u s-salvataġġ matul is-sorveljanza fuq il-fruntieri, l-analiżi tar-riskju, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (appoġġati u kkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta). L-Istrument se jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen marbuta mal-kontroll fuq il-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u biex jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera u l-użu ta' teknoloġija avvanzata, il-kontroll tal-kwalità u mekkaniżmi ta' solidarjetà. Barra minn hekk, l-Istrument se jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini tal-identifikazzjoni u l-ivvalutar tas-sigurtà u r-riskji tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll li jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viżi għall-vjaġġaturi *bona fide*. L-Istrument se jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viża bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u favorevoli għall-klijent għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U GĦALL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu humamaħsuba biex jkopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

11 02 99 01 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-fruntieri, viżi u sistemi tal-IT (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	394 056 790	357 071 440	477 544 124	398 257 242,71	312 689 533,43

Kummenti

Partiti u artikoli preċedenti (parzjalment trasferiti)*

18 02 01 01	*18 02 01 03*	*18 02 02*	*18 02 08*	*18 02 09*	*18 02 51**

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	1 700 000 6 3 2 0

Bażiġuridika

Il-Protokoll Nru 19 dwar l- *acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004, li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28. 12. 2006, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U GĦALL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 99 *(ikompli)*

11 02 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Ir-Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1272/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1273/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 359, 29.12.2012, p. 32).

Il-kompiti li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-Kroazja.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal- *acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U GĦALL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 99 *(ikompli)*

11 02 99 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2019/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-ħolqien ta' netwerk Ewropew bejn l-uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 88).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Atti ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm kwadru dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perijodu 2007–2013 (COM(2005)0123).

Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2007 sa l-2013 (ĠU L 233, 5.9.2007, p. 3).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U GĦALL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 99 *(ikompli)*

11 02 99 01 *(ikompli)*

Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll ta' l-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
11 03	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI								
11 03 01	***Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali***	4	135 403 000	32 887 000					
	Kapitolu 11 03 — Total		**135 403 000**	**32 887 000**					

Kummenti

Approprjazzjonijiet fil-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-istrument) biex jappoġġaw lill-Unjoni Doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti, modern u affidabbli.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (COM(2018)0474).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI *(ikompli)*

11 03 01 Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
135 403 000	32 887 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li għandu skop ta' kontrolli doganali wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

— spezzjoni mhux invażiva,

— indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-bnedmin,

— detezzjoni tar-radjazzjoni u identifikazzjoni tan-nuklidi

— analiżi tal-kampjuni fil-laboratorju,

— teħid ta' kampjuni u l-analiżi fuq il-post ta' kampjuni,

— it-tiftix b'apparat portabbli.

L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali ("l-Istrument") jista' jkopri wkoll ix-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir tal-kontrolli doganali għall-ittestjar ta' biċċiet ġodda jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operazzjonali. L-Istrument jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn għall-ġestjoni tal-Istrument u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-objettivi tiegħu.

Barra minn hekk, dan jista' jkopri l-ispejjeż relatati mal-istudji, mal-laqgħat tal-esperti, mal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, sa fejn dawn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Istrument, kif ukoll l-ispejjeż marbutin man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Istrument.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
11 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI								
11 10 01	***Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)***	4	505 949 620	505 949 620	421 821 029	421 821 029	290 185 836,01	290 185 836,01	57,35
11 10 02	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA")***	4	228 320 425	219 995 425	239 198 734	195 043 734	287 043 509,—	136 703 409,—	62,14
	Riżervi (40 02 41)				*1 003 000*	*1 003 000*			
			228 320 425	219 995 425	240 201 734	196 046 734	287 043 509,—	136 703 409,—	
	Kapitolu 11 10 — Total		**734 270 045**	**725 945 045**	**661 019 763**	**616 864 763**	**577 229 345,01**	**426 889 245,01**	**58,80**
	Riżervi (40 02 41)				***1 003 000***	***1 003 000***			
			734 270 045	**725 945 045**	**662 022 763**	**617 867 763**	**577 229 345,01**	**426 889 245,01**	

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jkopri l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

L-Aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati, kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul, huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

KAPITOLU 11 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

11 10 01 Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
505 949 620	505 949 620	421 821 029	421 821 029	290 185 836,01	290 185 836,01

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 02 03

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tippromwovi, tikkoordina u tiżviluppa l-ġestjoni Ewropea tal-fruntieri f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-kunċett ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri. Il-kompiti ewlenin tal-Frontex huma li tikkoordina l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-gwardji tal-fruntiera nazzjonali, twettaq analiżi tar-riskju u ssegwi r-riċerka rilevanti għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni. Barra minn hekk, Frontex tgħin lill-Istati Membri jitolbu assistenza teknika u operazzjonali fuq il-fruntieri esterni u tipprovdi lill-Istati Membri bl-appoġġ meħtieġ biex jorganizzaw operazzjonijiet konġunti ta' ritorn.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	514 156 883
Li l-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus	8 207 263
L-ammont imdaħħal fil-baġit	505 949 620

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

11 10 01 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

11 10 02 ***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA")***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 10 02	228 320 425	219 995 425	239 198 734	195 043 734	287 043 509,—	136 703 409,—
Riżervi (40 02 41)			*1 003 000*	*1 003 000*		
Total	228 320 425	219 995 425	240 201 734	196 046 734	287 043 509,—	136 703 409,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 02 07

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") tipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-ġestjoni operazzjonali ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, li huma strumenti essenzjali fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-asil, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni tal-Unjoni. Hija timmaniġġja sistemi tal-IT integrati fuq skala kbira li jżommu s-sigurtà interna fil-pajjiżi ta' Schengen, tippermetti lill-pajjiżi ta' Schengen biex jiskambjaw *data* dwar il-viżi, u tiddetermina liema Stati Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni partikolari għall-asil. L-eu-LISA għandha wkoll rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-ETIAS.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	229 978 000
Li l-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus	1 657 575
L-ammont imdaħħal fil-baġit	228 320 425

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

11 10 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

11 10 02 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] (COM(2020)0610)

Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac'għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat], għall-identifikazzjoni ta' ċittadini li huma residenti b'mod illegali f'pajjiż terz jew persuna mingħajr stat u fuq talbiet għat-tqabbil ta' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) (COM(2016)0272).

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 (COM(2020)0614).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI (COM(2018)0302)

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 12

SIGURTÀ

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

TITOLU 12

SIGURTÀ

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
12 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "SIGURTÀ"	3 765 000	3 765 000	900 000	900 000	736 994,16	736 994,16
12 02	FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI)	174 143 000	179 082 000	194 296 628	192 658 325	135 630 885,08	189 629 172,69
12 03	DEKUMMISSJONAR NUKLEARI GĦAL-LITWANJA	72 500 000	50 000 000	68 290 000	68 050 000	66 949 650,—	56 775 442,30
12 04	SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA	66 940 000	76 090 000	110 160 000	132 800 000	107 832 300,—	129 352 319,07
12 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	197 614 243	197 614 243	179 315 534	179 315 534	161 090 483,20	161 090 483,20
12 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	21 539 000	20 839 000	23 480 000	21 950 000	18 448 071,97	19 337 233,74
	Titolu 12 — Total	**536 501 243**	**527 390 243**	**576 442 162**	**595 673 859**	**490 688 384,41**	**556 921 645,16**

TITOLU 12

SIGURTÀ

KAPITOLU 12 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "SIGURTÀ"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
12 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "SIGURTÀ"					
12 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għas-Sigurtà Interna***	5	1 500 000	900 000	736 994,16	49,13
12 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għad-dekummissjonar nukleari għal-Litwanja***	5	p.m.	p.m.	0,—	
12 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għas-sigurtà nukleari u dekummissjonar, inkluż għall-Bulgarija u s-Slovakkja***	5	2 265 000	p.m.	0,—	
	Kapitolu 12 01 — Total		**3 765 000**	**900 000**	**736 994,16**	**19,57**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (studji, laqgħat tal-esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, eċċ.) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

12 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond għas-Sigurtà Interna

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 500 000	900 000	736 994,16

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "SIGURTÀ" *(ikompli)*

12 01 01 *(ikompli)*

Kummenti

*Partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

18 01 04 01 18 01 04 04*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri, skont il-Fond għas-Sigurtà Interna, l-assistenza teknika prevista fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna. Tista' tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ilħuq tal-objettiv tal-fond jew il-miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu u kwalunkwe nefqa oħra fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix l-esternalizzazzjoni ta' kompiti tal-awtoritajiet pubbliċi mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizzi ad hoc.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 12 02.

12 01 02 ***Nefqa ta' appoġġ għad-dekummissjonar nukleari għal-Litwanja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*32 01 04 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, u ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 12 03.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "SIGURTÀ" *(ikompli)*

12 01 03 Nefqa ta' appoġġ għas-sigurtà nukleari u dekummissjonar, inkluż għall-Bulgarija u s-Slovakkja

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 265 000	p.m.	0,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*32 01 04 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispejjeż rikorrenti li ġejjin:

— infiq relatat ma' servizzi meħtieġa biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti legali għall-faċilitajiet nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka li qegħdin jiġu dekummissjonati; dan jinkludi:

  — spejjeż relatati mal-forniment ta' servizzi ta' infrastruttura fis-siti: il-provvista ta' servizzi ta' infrastruttura ġenerali fis-sit, bħall-komunikazzjonijiet, il-provvista tal-ilma, is-sħana u l-elettriku, u l-provvista tal-appoġġ ta' kompetenza neċessarju f'ċirkostanzi eċċezzjonali,

  — spejjeż relatati mal-forniment ta' servizzi ta' sigurtà sikurezza: servizzi tas-sigurtà, servizzi relatati mal-Brigata tat-Tifi tan-Nar u l-prevenzjoni tan-nirien, il-provvista ta' għarfien espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni, eċċ.,

— il-provvista ta' servizzi tal-IT għall-programm ta' dekummissjonar, bħall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni, helpdesk u assistenza lill-utenti, hardware u software, eċċ.

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 12 04.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 02 — FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 02	FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI)								
12 02 01	***Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)***	5	174 143 000	33 682 000					
12 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
12 02 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tas-sigurtà u l-politika dwar id-drogi (qabel l-2021)	5	p.m.	145 400 000	194 296 628	192 658 325	135 630 885,08	189 629 172,69	130,42
	Artikolu 12 02 99 — Sub-total		p.m.	145 400 000	194 296 628	192 658 325	135 630 885,08	189 629 172,69	130,42
	Kapitolu 12 02 — Total		**174 143 000**	**179 082 000**	**194 296 628**	**192 658 325**	**135 630 885,08**	**189 629 172,69**	**105,89**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet skont dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità u billi jassisti u jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (COM(2005) 0472).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (COM(2018)0375).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 02 — FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI) *(ikompli)*

12 02 01 Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
174 143 000	33 682 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba bħala kontribut biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità u billi tingħata assistenza u protezzjoni lill-vittmi tal-kriminalità.

B'mod partikolari, il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) għandu l-għan li jżid l-iskambju ta' informazzjoni fost u fi ħdan l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u awtoritajiet kompetenti oħrajn u korpi rilevanti oħrajn tal-Unjoni kif ukoll ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali; biex jintensifika l-operazzjonijiet konġunti transfruntiera fost u fl-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u awtoritajiet kompetenti oħrajn fir-rigward ta' kriminalità serja u organizzata b'dimensjoni transfruntiera; u biex jappoġġa l-isforz biex jissaħħu l-kapaċitajiet fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-prevenzjoni, inkluż it-terroriżmu b'mod partikolari permezz ta' aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili u s-sħab privati fost l-Istati Membri.

L-ISF jenħtieġ li b'mod partikolari jappoġġa l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja kif ukoll il-prevenzjoni fl-oqsma tal-kriminalità serja u organizzata, it-traffikar illeċitu tal-armi, il-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, it-traffikar tad-drogi, il-kriminalità ambjentali, l-iskambju u l-aċċess għall-informazzjoni, it-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament tal-immigrazzjoni illegali, l-isfruttament sesswali tat-tfal, id-distribuzzjoni ta' immaġini ta' abbuż tat-tfal u l-pedopornografija, u ċ-ċiberkriminalità. L-ISF jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-protezzjoni tal-persuni, tal-ispazji pubbliċi u tal-infrastruttura kritika kontra inċidenti marbuta mas-sigurtà u l-ġestjoni effettiva tar-riskji relatati mas-sigurtà u mal-kriżijiet, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' politiki komuni (strateġiji, ċikli ta' politiki, programmi u pjanijiet ta' azzjoni), ta' leġiżlazzjoni u ta' kooperazzjoni prattika.

12 02 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba sabiex ikopru ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 02 — FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI) *(ikompli)*

12 02 99 *(ikompli)*

12 02 99 01 Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tas-sigurtà u l-politika dwar id-drogi (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	145 400 000	194 296 628	192 658 325	135 630 885,08	189 629 172,69

Kummenti

*Artikoli u partita preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

18 02 01 02	*18 02 51**	*18 06 01*	*18 06 51*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	2 300 000 6 4 0 0

Bażi ġuridika

L-Azzjoni Konġunta 98/245/ĠAI tad-19 Marzu 1998 adottata mill-Kunsill, abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi programm ta' skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk responsabbli minn azzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (il-programm Falcone) (GU L 99, 31.3.1998, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/512/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni għal dawk li jipprattikaw il-liġi (Grotius II — Penali) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/513/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-awtoritajiet li jinforzaw il-liġi (Oisin II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/514/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programmi ta' inċentivi, skambji, taħriġ u kooperazzjoni għall-dawk responsabbli mill-ġlied kontra l-kummerċ tal-essri umani u l-esplojtazzjoni sesswali tat-tfal (Stop II) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/515/ĠAI tat-28 Ġunju 2001 li tistabbilixxi programm ta' inċentivi u skambji, taħriġ u kooperazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità (Hippokrates) (ĠU L 186, 7.7.2001, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/630/ĠAI tat-22 Lulju 2002 li tistabbilixxi programm kwadru għal koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija fi kwistjonijiet kriminali (AGIS) (ĠU L 203, 1.8.2002, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/124/KE tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-programmi speċifiċi "Prevenzjoni, Stat ta' Tħejjija u Maniġġar tal-Konsegwenzi tat-Terroriżmu u riskji oħra relatati mas-Sigurtà" u Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità għall-Perijodu 2007-2013 bħala parti mill-programmi Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet u dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (ĠU L 58, 24.2.2007, p 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità' għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-libertajiet (ĠU L 58, 24.2.2007, p. 7).

KAPITOLU 12 02 — FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI) *(ikompli)*

12 02 99 *(ikompli)*

12 02 99 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

Ir-Regolament (UE) Nru 1382/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 73), u b'mod partikulari il-punt (d) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6(1) tiegħu.

Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/ĠAI (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

Kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014 / UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2005 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007–2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005)0122).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jistabbilixxi programm qafas dwar "Is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet" għall-perjodu 2007–2013 (COM(2005)0124).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 03 — DEKUMMISSJONAR NUKLEARI GĦAL-LITWANJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 03	DEKUMMISSJONAR NUKLEARI GĦAL-LITWANJA								
12 03 01	***Assistenza għad-dekummissjonar nukleari għal-Litwanja***	5	72 500 000	p.m.					
12 03 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
12 03 99 01	It-tlestija ta' programmi ta' assistenza preċedenti ta' dekummissjonar nukleari fil-Litwanja (qabel l-2021)	5	—	50 000 000	68 290 000	68 050 000	66 949 650,—	56 775 442,30	113,55
	Artikolu 12 03 99 — Sub-total		—	50 000 000	68 290 000	68 050 000	66 949 650,—	56 775 442,30	113,55
	Kapitolu 12 03 — Total		**72 500 000**	**50 000 000**	**68 290 000**	**68 050 000**	**66 949 650,—**	**56 775 442,30**	**113,55**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-provvista ta' fondi biex tiġi megħjuna l-Litwanja bid-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina, b'enfasi speċifika fuq il-ġestjoni tal-isfidi ta' sikurezza radjoloġika, filwaqt li tiġi żgurata disseminazzjoni wiesgħa lill-Istati Membri kollha ta' għarfien b'hekk iġġenerat dwar id-dekummissjonar nukleari.

L-approprjazzjonijiet jenħtieġ li b'mod partikolari jkopru ż-żarmar u d-dekontaminazzjoni tat-tagħmir u tax-xaftijiet tar-reatturi ta' Ignalina skont il-pjan ta' dekummissjonar, filwaqt li jiġi ggarantit l-issuktar tal-ġestjoni sikura tal-iskart mid-dekummissjonar u ta' dak li jintiret u li jxerred l-għarfien iġġenerat fost il-partijiet ikkonċernati tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Il-Protokoll Nru 4 anness mal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

KAPITOLU 12 03 — DEKUMMISSJONAR NUKLEARI GĦAL-LITWANJA *(ikompli)*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/101 tal-25 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1369/2013 (ĠU L 34, 1.2.2021, p. 18).

12 03 01 Assistenza għad-dekummissjonar nukleari għal-Litwanja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
72 500 000	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-finanzjament tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja).

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm ta' Ignalina tista' tkopri wkoll spejjeż relatati mal-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni (inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sa fejn huma relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (UE) 2021/101).

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm Ignalina tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn dak il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (KE) Nru 1990/2006 u (UE) Nru 1369/2013.

Fi tmiem kull sena, il-Kummissjoni għandha telabora rapport dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-snin preċedenti u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

12 03 99 Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba sabiex ikopru ħlasijiet fir-rigward ta' impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin ta' qabel.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 03 — DEKUMMISSJONAR NUKLEARI GĦAL-LITWANJA *(ikompli)*

12 03 99 *(ikompli)*

12 03 99 01 It-tlestija ta' programmi ta' assistenza preċedenti ta' dekummissjonar nukleari fil-Litwanja (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	50 000 000	68 290 000	68 050 000	66 949 650,—	56 775 442,30

Kummenti

*Artikoli preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

32 03 03	*32 03 51**

Bażi ġuridika

Il-Protokoll Nru 4 anness mal-Att ta' Adeżjoni tal-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll N°4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina" (ĠU L 411, 30.12.2006, p.10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programm ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Litwanja, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1990/2006 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 7).

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 04	SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA								
12 04 01	***Programm ta' Kozloduy***	5	9 000 000	p.m.					
12 04 02	***Il-programm Bohunice***	5	27 500 000	p.m.					
12 04 03	***Programm għad-Dekummissjonar u għall-Immaniġġjar tal-Iskart tal-JRC***	5	30 440 000	6 090 000					
12 04 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
12 04 99 01	Tlestija tad-dekummissjonar ta' faċilitajiet nukleari skaduti tal-Euratom u r-rimi finali tal-iskart (mill-2014 sal-2020)	5	p.m.	25 000 000	31 623 000	29 500 000	30 845 000,—	28 999 455,46	116
12 04 99 02	It-tlestija ta' programmi ta' sikurezza u ta' dekummissjonar nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja (qabel l-2021)	5	—	45 000 000	78 537 000	103 300 000	76 987 300,—	100 352 863,61	223,01
	Artikolu 12 04 99 — Sub-total		p.m.	70 000 000	110 160 000	132 800 000	107 832 300,—	129 352 319,07	184,79
	Kapitolu 12 04 — Total		**66 940 000**	**76 090 000**	**110 160 000**	**132 800 000**	**107 832 300,—**	**129 352 319,07**	**170**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-provvediment ta' finanzjament għad-dekummissjonar ta' faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni ta' skart radjuattiv, f'konformità mal-ħtiġijiet identifikati. Għall-perjodu 2021-2027, l-approprjazzjonijiet jenħtieġ li jkopru b'mod partikolari:

— l-assistenza lill-Bulgarija u lis-Slovakkja fl-implimentazzjoni tal-programm ta' dekummissjonar ta' Kozloduy u tal-programm ta' dekummissjonar ta' Bohunice, inkluż il-ġestjoni u l-ħażna ta' skart radjuattiv f'konformità mal-ħtiġijiet identifikati fil-pjan ta' dekummissjonar rispettiv, b'enfasi speċifika fuq il-ġestjoni tal-isfidi tas-sikurezza tagħhom,

— u l-appoġġ għall-programm ta' dekummissjonar u ta' ġestjoni tal-iskart radjuattiv taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka,

Il-Programm ser joħloq għarfien fil-proċess tad-dekummissjonar nukleari u fil-ġestjoni tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mill-attivitajiet ta' dekummissjonar.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/100 tal-25 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi programm finanzjarju speċifiku għad-dekummissjonar tal-faċilitajiet nukleari u għall-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1368/2013 (ĠU L 34, 1.2.2021, p. 3).

12 04 01 Programm ta' Kozloduy

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
9 000 000	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-finanzjament tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy (il-Bulgarija).

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm ta' Kozloduy tista' tkopri wkoll spejjeż relatati mal-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sa fejn huma relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) 2021/100.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (Euratom) Nru 647/2010 u (Euratom) Nru 1368/2013.

Fi tmiem kull sena, il-Kummissjoni għandha telabora rapport dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-snin preċedenti u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA *(ikompli)*

12 04 02 Il-programm Bohunice

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
27 500 000	p.m.				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-finanzjament tad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 (is-Slovakkja).

L-allokazzjoni finanzjarja għall-programm ta' Bohunice tista' tkopri wkoll spejjeż relatati mal-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni inkluż komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sa fejn huma relatati mal-objettivi ġenerali tar-Regolament (Euratom) 2021/100.

L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż għall-assistenza teknika u amministrattiva neċessarja biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-programm u l-miżuri adottati skont ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 (Euratom) Nru 1368/2013.

Fi tmiem kull sena, il-Kummissjoni għandha telabora rapport dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-ħidma mwettqa fis-snin preċedenti u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

12 04 03 Programm għad-Dekummissjonar u għall-Immaniġġjar tal-Iskart tal-JRC

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
30 440 000	6 090 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet imwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) biex jimplimenta l-Programm ta' Dekummissjonar u l-Immaniġġjar tal-Iskart (2021-2027). L-azzjonijiet skont dan il-programm għandu jkollhom l-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

— biex jappoġġaw il-pjan ta' dekummissjonar u biex isiru l-attivitajiet skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti għaż-żarmar u d-dekontaminazzjoni tal-installazzjonijiet nukleari tal-Kummissjoni stess fis-siti tal-JRC,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA *(ikompli)*

12 04 03 *(ikompli)*

— il-ġestjoni sikura ta' skart radjoattiv assoċjat,

— meta jkun xieraq, it-tħejjija tat-trasferiment fakultattiv tar-responsabbiltajiet nukleari relatati mill-JRC lill-Istati Membri ospitanti; tali trasferiment ma għandu jiġi impost fuq l-ebda Stat Membru ospitanti u għandu jkun soġġett għal ftehim bilaterali reċiproku bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ospitanti; dan il-ftehim bilaterali reċiproku għandu jipprovdi li l-ispejjeż kollha tad-dekummissjonar tal-installazzjonijiet nukleari tal-Kummissjoni stess fissiti tal-JRC u l-ħażna tal-iskart radjuattiv assoċjat jitħallsu mill-Unjoni u għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48),

— biex jiġu żviluppati rabtiet u skambji fost il-partijiet interessati tal-Unjoni dwar id-dekummissjonar nukleari, bil-ħsieb li jiġi żgurat it-tixrid tal-għarfien u r-ritorn tal-esperjenza fl-oqsma rilevanti kollha bħar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-regolamentazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp ta' sinerġiji potenzjali tal-Unjoni.

Hija tkopri nefqa speċifika li tirrigwarda l-attivitajiet tal-Programm ta' Dekummissjonar u tal-Immaniġġjar tal-Iskart tal-JRC, inkluż ix-xiri ta' apparat tekniku, is-sottokuntrattar ta' servizzi xjentifiċi u tekniċi, l-aċċess għall-informazzjoni u l-akkwist ta' prodotti ta' konsum. Din tinkludi nefqa fuq infrastruttura teknika mġarrba direttament għall-attivitajiet ikkonċernati, kif ukoll spejjeż għal sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat sabiex jinġabru u jinxterdu l-għarfien u l-esperjenza.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja operazzjonijiet ta' finanzi li jitwettqu mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-setgħat li ngħatawlha fl-Artikolu 8 tat-Trattat tal-Euratom skont il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda (ĠU L 433 I , 22.12.2020, p. 28).

12 04 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

12 04 99 01 Tlestija tad-dekummissjonar ta' faċilitajiet nukleari skaduti tal-Euratom u r-rimi finali tal-iskart (mill-2014 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	25 000 000	31 623 000	29 500 000	30 845 000,—	28 999 455,46

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA *(ikompli)*

12 04 99 *(ikompli)*

12 04 99 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

10 05 01

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tas-17 ta' Marzu 1999 bit-titlu "Responsabbiltajiet storiċi li jirriżultaw mill-attivitajiet nukleari mwettqa mill-JRC taħt it-Trattat Euratom — Id-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari li ma għadhomx jintużaw u l-ġestjoni tal-iskart" (COM(1999)0114).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju 2004 bit-titlu "Id-Dekummissjonar ta' Installazzjonijiet Nukleari u Ġestjoni tal-Iskart: Ġestjoni tar-Responsabbiltajiet Nukleari li ġejjin mill-Attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) imwettqa skont it-Trattat tal-Euratom" (SEC(2004)0621).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-12 ta' Jannar 2009 bit-titlu "Id-Dekummissjonar ta' Installazzjonijiet Nukleari u l-Ġestjoni tal-Iskart Radjoattiv: Il-Ġestjoni tal-Obbligi Nukleari li jirriżultaw mill-Attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) imwettqa skont it-Trattat tal-Euratom" (COM(2008) 0903).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2013 bit-titlu "Id-Dekummissjonar ta' Installazzjonijiet Nukleari u l-Ġestjoni tal-Iskart Radjoattiv: il-Ġestjoni tal-Obbligi Nukleari li jirriżultaw mill-Attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) imwettqa skont it-Trattat Euratom" (COM(2013) 0734).

12 04 99 02 It-tlestija ta' programmi ta' sikurezza u ta' dekummissjonar nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja (qabel l-2021)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
—	45 000 000	78 537 000	103 300 000	76 987 300,—	100 352 863,61

Kummenti

*Artikolu u partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

32 03 04 01	*32 03 04 02*	*32 03 51**

Bażiġuridika

Il-kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 04 — SIGURTÀ NUKLEARI U DEKUMMISSJONAR INKLUŻ GĦALL-BULGARIJA U S-SLOVAKKJA *(ikompli)*

12 04 99 *(ikompli)*

12 04 99 02 *(ikompli)*

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003 (Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja, anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003).

Il-kompitu li jikkonċerna l-impjant nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija b'mod analogu jingħata direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja mal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 647/2010 tat-13 ta' Lulju 2010 dwar assistenza finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari ta' Kozloduy fil-Bulgarija (Il-Programm Kozloduy) (ĠU L 189, 22.7.2010, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ, min-naħa tal-Unjoni, għall-programmi ta' għajnuna għad-dekummissjonar ta' impjanti nukleari fil-Bulgarija u s-Slovakkja, u li jħassar ir-Regolamenti (Euratom) Nru 549/2007 u (Euratom) Nru 647/2010 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 1).

KAPITOLU 12 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI								
12 10 01	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)***	5	170 600 706	170 600 706	152 964 760	152 964 760	137 146 565,—	137 146 565,—	80,39
12 10 02	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)***	5	10 419 804	10 419 804	10 084 425	10 084 425	8 847 082,—	8 847 082,—	84,91
12 10 03	***Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)***	5	16 593 733	16 593 733	16 266 349	16 266 349	15 096 836,20	15 096 836,20	90,98
	Kapitolu 12 10 — Total		**197 614 243**	**197 614 243**	**179 315 534**	**179 315 534**	**161 090 483,20**	**161 090 483,20**	**81,52**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex tkopri l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

12 10 01 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
170 600 706	170 600 706	152 964 760	152 964 760	137 146 565,—	137 146 565,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 02 04

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) hija l-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni, li l-mandat tagħha huwa li tgħin biex l-Ewropa ssir aktar sikura billi tassisti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. L-Europol toffri appoġġ għal operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi fuq il-post, hija sservi ta' ċentru ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali kif ukoll ċentru ta' għarfien espert dwar l-infurzar tal-liġi.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	172 964 254
li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus	2 363 548
L-ammont imdaħħal fil-baġit	170 600 706

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

KAPITOLU 12 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

12 10 02 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 419 804	10 419 804	10 084 425	10 084 425	8 847 082,—	8 847 082,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 02 05

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għal Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) hija aġenzija tal-Unjoni ddedikata għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tat-taħriġ għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Is-CEPOL tikkontribwixxi għal Ewropa aktar sikura billi tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien fost l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u sa ċertu punt minn pajjiżi terzi, dwar kwistjonijiet li jirriżultaw minn prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà; b'mod partikolari, miċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE dwar il-kriminalità serja u organizzata. Is-CEPOL tgħaqqad netwerk ta' istituti ta' taħriġ għal uffiċjali tal-Istati Membri fl-infurzar tal-liġi u tappoġġjahom billi tipprovdilhom taħriġ tal-aħħar kwalità dwar prijoritajiet ta' sigurtà, kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u skambju ta' informazzjoni. Is-CEPOL taħdem ukoll mal-korpi tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi biex tassigura li l-aktar theddidiet serji jiġu indirizzati b'rispons kollettiv.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	10 632 382
li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus	212 578
L-ammont imdaħħal fil-baġit	10 419 804

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill 2005/681/ĠAI (ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

12 10 03 Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 593 733	16 593 733	16 266 349	16 266 349	15 096 836,20	15 096 836,20

Kummenti

Artikolu preċedenti

18 06 02

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'ħarsa ġenerali fattwali lejn il-problemi tad-droga fl-Ewropa u bażi ta' evidenza soda li jwieżen id-dibattitu dwar id-droga. Illum joffri lil dawk li jfasslu l-politika d- *data* li jeħtieġu biex ifasslu liġijiet u strateġiji infurmati dwar id-droga. Jgħin ukoll lill-professjonisti u l-prattikanti li jaħdmu fil-qasam biex jidentifikaw prattiki tajbin u oqsma ġodda ta' riċerka. Filwaqt li l-EMCDDA huwa ffukat primarjament fuq l-Ewropa, jaħdem ukoll ma' sħab f'reġjuni oħra tad-dinja, bi skambju ta' informazzjoni u għarfien espert. Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali fil-qasam tad-drogi hija wkoll ċentrali għall-ħidma tiegħu bħala mezz biex jitjieb il-fehim tal-fenomenu globali tad-drogi.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	16 614 372
li mill-ammont tagħha ġej mill-irkupru tas-surplus	20 639
L-ammont imdaħħal fil-baġit	16 593 733

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (riformulazzjoni) (ĠU L 376, 27. 12. 2006, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
12 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
12 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	5	p.m.	p.m.	2 000 000	500 000			
12 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***								
12 20 04 01	Salvagwardji nukleari	5	18 539 000	18 039 000	17 900 000	18 850 000	16 650 221,73	16 547 875,78	91,73
12 20 04 02	Is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni kontra r-radjazzjoni	5	3 000 000	2 800 000	3 580 000	2 600 000	1 797 850,24	2 789 357,96	99,62
	Artikolu 12 20 04 — Sub-total		21 539 000	20 839 000	21 480 000	21 450 000	18 448 071,97	19 337 233,74	92,79
	Kapitolu 12 20 — Total		**21 539 000**	**20 839 000**	**23 480 000**	**21 950 000**	**18 448 071,97**	**19 337 233,74**	**92,79**

12 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	2 000 000	500 000		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fl-oqsma tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista ta' azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-taqsima, taħt il-Kapitolu PA 12.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

12 20 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

12 20 04 ***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw azzjonijiet u attivitajiet mhux inklużi fil-kapitoli preċedenti ta' dan it-titolu, u li madankollu ġie adottat att bażiku għalihom.

12 20 04 01 Salvagwardji nukleari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
18 539 000	18 039 000	17 900 000	18 850 000	16 650 221,73	16 547 875,78

Kummenti

Artikolu preċedenti

32 03 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri, b'mod partikolari:

— spejjeż għal missjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta' kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (gratifiki ta' sussistenza ta' kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),

— taħriġ ta' spetturi, u laqgħat mal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-operaturi nukleari, u partijiet konċernati oħrajn,

— xiri ta' apparat għall-użu f'ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta' apparat ta' monitoraġġ bħal sistemi ta' video diġitali, apparat għall-kejl tal-gamma, in-newtroni u l-infraħmar, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta' siġilli,

— xiri u rinnovament ta' hardware tat-teknoloġija informatika għall-ispezzjonijiet,

— proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet tat-teknoloġija informatika (żvilupp u manutenzjoni),

KAPITOLU 12 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

12 20 04 *(ikompli)*

12 20 04 01 *(ikompli)*

— bdil ta' apparati ta' monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,

— manutenzjoni ta' tagħmir għall-analiżi mhux distruttiva u ta' tagħmir speċjalizzat ieħor, inkluż spejjeż tal-assigurazzjoni, fejn applikabbli,

— miżuri ta' infrastruttura teknika, inkluż immaniġġjar tal-iskart u trasport ta' kampjuni,

— analiżijiet fuq il-post (kost lavorattiv u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),

— ftehimiet fuq il-lant fil-post (laboratorji, uffiċċji, eċċ.),

— immaniġġjar ta' kuljum ta' stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, ħardwer tat-teknoloġija informatika, xiri ta' provvisti u oġġetti tal-konsum, eċċ.),

— sostenn tat-teknoloġija informatika u testijiet għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Dan li ġej ukoll se jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju:

— pretensjonijiet tal-assigurazzjoni mħallsa,

— rimbors ta' somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-provvisti, xogħol jew servizzi.

Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Bażi ġuridika

Il-Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

Atti ta' referenza

Il-Ftehim bejn l-Istati Membri, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (INFCIRC/193) dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu.

Ftehim bejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika għall-Applikazzjoni tal-Kontroll tas-Sigurtà fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq b'Konnessjoni mat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari [INFCIRC/263], kif emendat.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 12 — SIGURTÀ

KAPITOLU 12 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

12 20 04 *(ikompli)*

12 20 04 01 *(ikompli)*

Il-Ftehim bejn Franza, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika għall-applikazzjoni tas-salvagwardji fi Franza (INFCIRC/290) u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu.

Il-Ftehimiet ta' Kooperazzjoni Nukleari Bilaterali bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada, il-Ġappun, l-Awstralja u oħrajn.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 1992 dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għall-analiżi tal-verifika tal-kampjuni ta' protezzjoni (SEC(1992)0515).

12 20 04 02 Is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni kontra r-radjazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	2 800 000	3 580 000	2 600 000	1 797 850,24	2 789 357,96

Kummenti

Artikolu preċedenti

32 03 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kwalunkwe xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni,

— nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni jonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi; dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it-Trattat tal-Euratom,

— in-nefqa marbuta mal-verifika tal-funzjonament u l-effiċjenza tas-sistemi għall-monitoraġġ tal-livelli ta' radjuattività fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija u għall-kontroll tal-konformità mal-istandards bażiċi fl-Istati Membri (l-Artikolu 35 tat-Trattat Euratom); din in-nefqa tinkludi, flimkien mal-allowances tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjonijiet), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet,

— nefqa marbuta mal-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Kummissjoni msemmija fil-punt 31 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011.

KAPITOLU 12 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

12 20 04 *(ikompli)*

12 20 04 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi li jaqgħu taħt din il-partita.

Bażi ġuridika

Il-kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II u l-Artikolu 174.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 (ġabra ta' informazzjoni u preparazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida li tikkumplimenta l-istandards bażiċi tas-sikurezza), l-Artikolu 33 (implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)), u l-Artikolu 35(2) (awditu tal-monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali) tiegħu.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunità għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p.12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p.1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2013/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 u r-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u (Euratom) Nru 770/90 (ĠU L 13, 20.1. 2016, p. 2).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1158 tal-5 ta' Awwissu 2020 dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' ikel u għalf li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-aċċident fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (ĠU L 257, 6.8.2020 p. 1).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 13

DIFIŻA

TITOLU 13

DIFIŻA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
13 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA"	17 062 000	17 062 000	500 000	500 000	1 750 000,—	1 750 000,—
13 02	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA	660 068 000	106 594 000	254 500 000	200 000 000	243 250 000,—	47 198,63
13 03	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA	270 232 000	82 000				
13 04	MOBBILTÀ MILITARI	225 398 198	15 000 000				
13 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	p.m.	4 500 000	p.m.	18 000 000	25 000 000,—	28 746 890,—
	Titolu 13 — Total	**1 172 760 198**	**143 238 000**	**255 000 000**	**218 500 000**	**270 000 000,—**	**30 544 088,63**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

TITOLU 13

DIFIŻA

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
13 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA"					
13 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għad-Difiża — mhux riċerka***	5	2 368 000	500 000	1 750 000,—	73,90
13 01 02	***Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka***					
13 01 02 01	Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-"Fond Ewropew għad-Difiża" — Riċerka	5	p.m.			
13 01 02 02	Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka	5	p.m.			
13 01 02 03	Infiq ieħor għall-ġestjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka	5	13 030 000			
	Artikolu 13 01 02 — Sub-total		13 030 000			
13 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għal mobbiltà militari***					
13 01 03 01	Nefqa ta' appoġġ għal mobbiltà militari	5	700 000			
13 01 03 74	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-mobbiltà militari	5	964 000			
	Artikolu 13 01 03 — Sub-total		1 664 000			
	Kapitolu 13 01 — Total		**17 062 000**	**500 000**	**1 750 000,—**	**10,26**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura amministrattiva (studji, laqgħat tal-esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, eċċ.) marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programmi jew tal-miżuri li jaqgħu taħt dan il-cluster, u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA" *(ikompli)*

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

13 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għad-Difiża — mhux riċerka

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 368 000	500 000	1 750 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 01 04 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu relatata mal-parti tal-iżvilupp tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	59 437 6 6 0 0

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 13 02.

13 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu relatata mal-parti tar-riċerka tal-Fond Ewropew għad-Difiża.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 13 03.

13 01 02 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-"Fond Ewropew għad-Difiża" — Riċerka

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA" *(ikompli)*

13 01 02 *(ikompli)*

13 01 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimentaw il-Fond Ewropew għad-Difiża (il-parti dwar ir-Riċerka) u li jokkupaw karigi fuq il-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati involuti f'azzjoni indiretta taħt il-fond.

13 01 02 02 Nefqa ta' ġestjoni oħra għall-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal persunal estern li jimplimenta l-Fond Ewropew għad-Difiża (il-parti tar-Riċerka) fil-forma ta' azzjoni indiretta taħt il-fond.

13 01 02 03 Infiq ieħor għall-ġestjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża — Riċerka

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
13 030 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva oħra għall-ġestjoni kollha tal-Fond Ewropew għad-Difiża (il-parti tar-Riċerka) fil-forma ta' azzjoni indiretta taħt il-fond, inkluż nefqa amministrattiva oħra mġarrba minn persunal ippostjat f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma' kwalunkwe nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva marbuta mal-identifikazzjoni, il-preparazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-awditjar u s-superviżjoni tal-programm jew tal-proġetti, bħal, konferenzi, workshops, seminars, żvilupp u manutenzjoni ta' sistemi tal-IT kif ukoll ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, missjonijiet, taħriġ u spejjeż ta' rappreżentazzjoni. Hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa relatata mal-binjiet tas-servizzi tal-Kummissjoni li jiġġestixxu l-fond.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA" *(ikompli)*

13 01 02 *(ikompli)*

13 01 02 03 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	327 053 6 6 0 0

13 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għal mobbiltà militari***

13 01 03 01 Nefqa ta' appoġġ għal mobbiltà militari

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
700 000		

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u tal-linji gwida speċifiċi għas-settur, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni inkluż sistemi tal-informazzjoni u tat-teknoloġija korporattivi. Din l-approprjazzjoni tista' tintuża wkoll għall-finanzjament ta' miżuri li jappoġġaw il-preparazzjoni ta' proġetti jew miżuri marbuta mal-kisbiet tal-objettivi tal-faċilità.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 13 04.

13 01 03 74 L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-mobbiltà militari

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
964 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-kontribuzzjoni li tkopri n-nefqa amministrattiva fuq il-persunal u n-nefqa operatorja mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent (CINEA), minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport).

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "SIGURTÀ U DIFIŻA" *(ikompli)*

13 01 03 *(ikompli)*

13 01 03 74 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Ara l-Kapitolu 13 04.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 947 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija; ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà; l-ambjent, in-natura u l-bijodiversità; tranżizzjoni lejn teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; u t-trasport marittimu u s-sajd; li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u dawk li ġejjin minn dħul assenjat estern.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 02	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA								
13 02 01	***Żvilupp ta' kapaċità***	5	660 068 000	94 000					
13 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***								
13 02 99 01	Tlestija tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) (2019 sal-2020)	5	p.m.	106 500 000	254 500 000	200 000 000	243 250 000,—	47 198,63	0,04
	Artikolu 13 02 99 — Sub-total		p.m.	106 500 000	254 500 000	200 000 000	243 250 000,—	47 198,63	0,04
	Kapitolu 13 02 — Total		**660 068 000**	**106 594 000**	**254 500 000**	**200 000 000**	**243 250 000,—**	**47 198,63**	**0,04**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti kooperattivi, marbuta direttament mal-kisba tal-objettivi tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) u l-predeċessur tiegħu, il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP).

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu partikolarment se jappoġġaw l-iżvilupp ta' azzjonijiet – mifhuma bħala l-fażi ta' żvilupp ta' prodotti u teknoloġiji ġodda jew it-titjib ta' dawk eżistenti – fil-qasam tad-difiża. L-għan aħħari kemm tal-FED kif ukoll tal-EDIDP huwa li jitrawmu l-kompetittività u l-innovattività tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea u tinkiseb interoperabbiltà akbar bejn il-kapaċitajiet tal-Istati Membri, u b'hekk hu kontribut għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (COM(2018)0476).

13 02 01 Żvilupp ta' kapaċità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
660 068 000	94 000				

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri il-finanzjament previst taħt l-FED għall-proġetti ta' żvilupp kollaborattivi ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża li jkunu konsistenti mal-prijoritajiet tal-kapaċitajiet tad-difiża maqbula b'mod komuni mill-Istati Membri fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u b'hekk jikkontribwixxi biex tiżdied l-effiċjenza fl-infiq fuq id-difiża fl-Unjoni, jinkisbu ekonomiji ta' skala akbar, jonqos ir-riskju ta' duplikazzjoni bla bżonn u b'hekk tonqos il-frammentazzjoni ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża madwar l-Unjoni.

L-EDF jipprovdi l-appoġġ għal azzjonijiet li jkopru prodotti u teknoloġiji ġodda u aġġornati, meta l-użu tal-informazzjoni diġà eżistenti li hemm bżonn biex isir l-aġġornament ma jkunx soġġett direttament jew indirettament għal restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. Azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu relatati ma' waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

— attivitajiet immirati biex joħolqu, jirfdu u jtejbu għarfien ġdid u teknoloġija ġdida fid-difiża li jistgħu jħallu effetti sinifikanti fil-qasam tad-difiża,

— attivitajiet immirati biex iżidu l-interoperabbiltà u r-reżiljenza, inkluż il-produzzjoni u l-iskambju siguri tad- *data*, jinħakmu teknoloġiji kritiċi tad-difiża, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jsir possibbli l-isfruttament effettiv tar-riżultati għal prodotti u teknoloġiji tad-difiża,

— studji, bħal studji ta' fattibbiltà li jesploraw il-fattibbiltà ta' teknoloġija, prodott, proċess, servizz, soluzzjoni jew statistika, ġodda jew imtejba, dwar l-industrija tad-difiża u proġetti pilota dwar il-ġbir tad- *data*,

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA *(ikompli)*

13 02 01 *(ikompli)*

— id-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża kif ukoll id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li skonthom ikun ġie żviluppat dan id-disinn u li jistgħu jinkludu testijiet parzjali għal tnaqqis tar-riskju f'ambjent industrijali jew rappreżentattiv,

— l-iżvilupp ta' mudell ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża, li jkunu jistgħu juru l-prestazzjoni tal-element waqt li jkun qed jitħaddem (prototip ta' sistema),

— l-ittestjar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,

— l-ikkwalifikar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża li huwa l-proċess kollu li juri li d-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża jkun jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati. Dan il-proċess jipprovdi evidenza oġġettiva li turi liema rekwiżiti partikolari ta' disinn ġew issodisfati,

— iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża li hija l-proċess li skontu l-awtorità nazzjonali tiċċertifika li prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża jikkonformaw mar-regolamenti applikabbli,

— l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża,

— attivitajiet ta' disseminazzjoni, avvenimenti ta' networking u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-ħidma ta' esperti indipendenti maħtura mill-Kummissjoni biex jassistu fl-evalwazzjoni tal-proposti u biex jagħtu pariri jew jassistu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imwettqa.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	16 567 707 6 6 0 0

13 02 99 ***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-pagamenti relatati mal-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 02 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — MHUX RIĊERKA *(ikompli)*

13 02 99 *(ikompli)*

13 02 99 01 Tlestija tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) (2019 sal-2020)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	106 500 000	254 500 000	200 000 000	243 250 000,—	47 198,63

Kummenti

Artikolu preċedenti

02 07 01

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2018/1092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża bil-għan li jappoġġa l-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni. (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 30).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 03 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 03	IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA								
13 03 01	***Riċerka fid-difiża***	5	270 232 000	82 000					
	Kapitolu 13 03 — Total		**270 232 000**	**82 000**					

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa ta' natura operazzjonali, bħal proġetti ta' riċerka kollaborattiva, attivitajiet ta' riċerka f'teknoloġiji ta' difiża fixkiela u azzjonijiet ta' appoġġ fis-settur tar-riċerka tad-difiża.

L-objettiv tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) għat-tieqa tar-riċerka huwa li jappoġġa r-riċerka kollaborattiva li tista' tagħti spinta sinifikanti lill-prestazzjoni tal-kapaċitajiet tad-difiża futuri madwar l-Unjoni, bil-għan li timmassimizza l-innovazzjoni u tintroduċi prodotti u teknoloġiji ġodda tad-difiża, inkluż dawk fixkiela, u l-aktar użu effiċjenti tal-infiq fir-riċerka dwar id-difiża fl-Ewropa.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża (COM(2018)0476).

13 03 01 Riċerka fid-difiża

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
270 232 000	82 000				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 03 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA *(ikompli)*

13 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-attivitajiet ta' riċerka tal-EDF għal proġetti ta' riċerka kollaborattiva, attivitajiet ta' riċerka f'teknoloġiji ta' difiża fixkiela u azzjonijiet ta' appoġġ immirati lejn il-ħolqien jew it-titjib tal-għarfien fis-settur tad-difiża.

L-EDF għandu jappoġġa azzjonijiet li jkopru prodotti u teknoloġiji ġodda u aġġornati, meta l-użu tal-informazzjoni diġà eżistenti li hemm bżonn biex isir l-aġġornament ma jkunx soġġett direttament jew indirettament għal restrizzjoni minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati. Azzjonijiet eliġibbli għandhom ikunu relatati ma' waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

— attivitajiet immirati biex joħolqu, jirfdu u jtejbu għarfien ġdid u teknoloġija ġdida fid-difiża li jistgħu jħallu effetti sinifikanti fil-qasam tad-difiża,

— attivitajiet immirati biex iżidu l-interoperabbiltà u r-reżiljenza, inkluż il-produzzjoni u l-iskambju siguri tad- *data*, jinħakmu teknoloġiji kritiċi tad-difiża, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jsir possibbli l-isfruttament effettiv tar-riżultati għal prodotti u teknoloġiji tad-difiża,

— studji, bħal studji ta' fattibbiltà li jesploraw il-fattibbiltà ta' teknoloġija, prodott, proċess, servizz, soluzzjoni jew statistika, ġodda jew imtejba, dwar l-industrija tad-difiża u proġetti pilota dwar il-ġbir tad- *data*,

— id-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża kif ukoll id-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li skonthom ikun ġie żviluppat dan id-disinn u li jistgħu jinkludu testijiet parzjali għal tnaqqis tar-riskju f'ambjent industrijali jew rappreżentattiv,

— l-iżvilupp ta' mudell ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża, li jkunu jistgħu juru l-prestazzjoni tal-element waqt li jkun qed jitħaddem (prototip ta' sistema),

— l-ittestjar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża,

— l-ikkwalifikar ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża li huwa l-proċess kollu li juri li d-disinn ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża jkun jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati. Dan il-proċess jipprovdi evidenza oġġettiva li turi liema rekwiżiti partikolari ta' disinn ġew issodisfati,

— iċ-ċertifikazzjoni ta' prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża li hija l-proċess li skontu l-awtorità nazzjonali tiċċertifika li prodott, komponent tanġibbli jew intanġibbli, jew teknoloġija tad-difiża jikkonformaw mar-regolamenti applikabbli,

— l-iżvilupp ta' teknoloġiji jew assi li jżidu l-effiċjenza tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti u teknoloġiji tad-difiża,

— attivitajiet ta' disseminazzjoni, avvenimenti ta' networking u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-ħidma ta' esperti indipendenti b'assistenza lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-proposti u li jagħtuha pariri jew jassistuha fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet finanzjati.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 03 — IL-FOND EWROPEW GĦAD-DIFIŻA (FED) — RIĊERKA *(ikompli)*

13 03 01 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	6 782 823 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 04 — MOBBILTÀ MILITARI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 04	MOBBILTÀ MILITARI								
13 04 01	***Mobbiltà militari***	5	225 398 198	15 000 000					
	Kapitolu 13 04 — Total		**225 398 198**	**15 000 000**					

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru nefqiet li jimmiraw li jiġi adattat in-network TEN-T għar-rekwiżiti tal-mobbiltà militari.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) 283/2014 (COM (2018)0438).

Rekwiżiti militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha (ST 11373/19).

13 04 01 Mobbiltà militari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
225 398 198	15 000 000				

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 04 — MOBBILTÀ MILITARI *(ikompli)*

13 04 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu ġdid

L-objettiv tal-linja baġitarja huwa li tittejjeb il-mobbiltà militari madwar l-Unjoni filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji potenzjali għall-protezzjoni ċivili billi jittieħed vantaġġ mill-opportunità li jiżdiedu s-sinerġiji bejn il-bżonnijiet ta' difiża u n-networks ewlenin u komprensivi TEN-T kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013.

Dan l-objettiv se jiġi implimentat prinċipalment permezz tas-sejħiet għall-proposti skont il-programmi ta' ħidma multiannwali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Se jkun disponibbli finanzjament għal sezzjonijiet jew nodi identifikati mill-Istati Membri fl-Annessi tar-"Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha" kif adottati mill-Kunsill fit-15 ta' Lulju 2019 jew kwalunkwe dokument sussegwenti adottat wara dan, sa fejn dawn is-sezzjonijiet jew nodi jkunu wkoll parti minn networks ewlenin u komprensivi TEN-T u għal kwalunkwe lista indikattiva ulterjuri ta' proġetti ta' prijorità li jistgħu jiġu identifikati mill-Istati Membri.

Sa 1 % tal-pakkett finanzjarju globali għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se jkopru l-ispejjeż marbuta ma' azzjonijiet ta' appoġġ għall-programmi u kwalunkwe miżura akkumpanjanti oħra li tappoġġja l-preparazzjoni ta' proġetti u tipprovdi pariri lill-promoturi tal-proġetti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 13 — DIFIŻA

KAPITOLU 13 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/ 2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
13 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA								
13 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	5	p.m.	4 500 000	p.m.	18 000 000	25 000 000,—	28 746 890,—	638,82
	Kapitolu 13 20 — Total		**p.m.**	**4 500 000**	**p.m.**	**18 000 000**	**25 000 000,—**	**28 746 890,—**	**638,82**

13 20 02 Azzjonijiet preparatorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	4 500 000	p.m.	18 000 000	25 000 000,—	28 746 890,—

Kummenti

Artikolu ġdid

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjonijiet tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri.

Il-lista tal-azzjonijiet preparatorji hija stabbilita fl-Anness "Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji" ta' din it-Taqsima, fil-Kapitolu PA 13.

Bażiġuridika

L-Artikolu 58(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 01	NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"	341 754 224	341 754 224	183 828 170	183 828 170	181 543 354,30	181 543 354,30
14 02	L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI)	11 744 125 623	6 187 424 534	6 790 993 706	5 891 771 138	6 501 234 718,05	5 107 708 381,54
14 03	GĦAJNUNA UMANITARJA	1 491 512 450	1 888 615 000	1 577 234 779	1 265 700 000	1 957 222 254,05	1 730 950 152,74
14 04	POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI	351 327 000	328 068 070	351 427 000	328 150 000	342 857 000,—	308 200 000,—
14 05	PAJJIŻI U TERRITORJI EXTRA-EWROPEJ	65 670 651	32 098 369	33 220 000	33 104 000	32 640 000,—	29 137 600,—
14 06	L-ISTRUMENT EWROPEW GĦAS-SIKUREZZA NUKLEARI (EINS)	36 115 200	31 000 000	31 394 290	31 200 000	32 154 049,—	34 252 976,26
14 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	165 252 583	119 643 086	120 316 890	123 790 990	94 240 285,57	96 506 139,44
	Titolu 14 — Total	**14 195 757 731**	**8 928 603 283**	**9 088 414 835**	**7 857 544 298**	**9 141 891 660,97**	**7 488 298 604,28**

TITOLU 14

AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
14 01	NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA"					
14 01 01	***Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)***					
14 01 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali	6	322 358 525	167 734 239	165 991 496,89	51,49
14 01 01 65	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għat-tlestija ta' programmi preċedenti	6	4 245 000	4 245 000	4 439 000,—	104,57
14 01 01 75	L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali	6	229 000			
	Artikolu 14 01 01 — Sub-total		326 832 525	171 979 239	170 430 496,89	52,15
14 01 02	***Appoġġ għan-nefqa għal għajnuna umanitarja***	6	11 487 550	9 589 221	9 227 527,32	80,33
14 01 03	***Nefqa ta' appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni***	6	600 000	500 000	271 598,13	45,27
14 01 04	***Nefqa ta' appoġġ fuq pajjiżi u territorji extra Ewropej***	6	1 329 349	269 000	159 568,90	12
14 01 05	***Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari***	6	1 504 800	1 490 710	1 454 163,06	96,63
	Kapitolu 14 01 — Total		**341 754 224**	**183 828 170**	**181 543 354,30**	**53,12**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jkopru n-nefqa fuq il-persunal estern u fuq l-assistenza teknika marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-programmi fil-kuntest ta' dan it-titolu. L-assistenza teknika tinkludi attivitajiet ta' appoġġ u ta' bini ta' kapaċità li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programm jew azzjoni, partikolarment l-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, komunikazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, awditu u kontroll u l-kofinanzjament ta' teknoloġija tal-informatika korporattiva.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti mdaħħla fil-linji tan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

14 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI)

Kummenti

Meta n-nefqa ta' appoġġ ma tkunx inkluża fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-miżuri tal-NDICI, fejn applikabbli, il-miżuri ta' appoġġ jistgħu jkopru:

— studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aqwa prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' assistenza teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni tal-azzjonijiet, inklużi esperti esterni remunerati,

— attivitajiet ta' riċerka u studji dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni tagħhom,

— nefqa relatata mal-proviżjon ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 14 02.

14 01 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
322 358 525	167 734 239	165 991 496,89

Kummenti

Partiti preċedenti

19 01 04 01	*19 01 04 03*	*19 01 04 04*	*21 01 04 01*	*21 01 04 03*	*21 01 04 04*	*22 01 04 02*

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 01 *(ikompli)*

14 01 01 01 *(ikompli)*

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal ta' aġenzija) bil-ħsieb li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċji ta' assistenza teknika li issa huma magħluqin jew imwettqa skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; in-nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali, li minnha 95 % hija r-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % l-kost addizzjonali tat-taħriġ, tal-laqgħat, tal-missjonijiet, tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-partita,

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni ta' kompiti ta' assistenza teknika li tneħħew gradwalment, jew imwettqa skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza tad-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	8 792 216 3 3 0, 3 3 8,3 3 9, 6 5 0 0

14 01 01 65 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għat-tlestija ta' programmi preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 245 000	4 245 000	4 439 000,—

Kummenti

Partiti preċedenti

19 01 06 01 21 01 06 01 22 01 06 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura mġarrba b'riżultat tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet pendenti fid-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+ ffinanzjati mill-istrumenti preċedenti relatati mal-NDICI (l-Intestatura 6) fil-perjodi ta' programmar preċedenti, u fdati lill-Aġenzija.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	114 615 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 01 *(ikompli)*

14 01 01 65 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18 ta' Diċembru 2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokazzjonijiet tal-FEŻ.

14 01 01 75 L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
229 000		

Kummenti

Partita ġdida

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet operatorji tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura mġarrba b'riżultat tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+ iffinanzjati mill-NDICI (l-Intestatura 6) fdati lill-Aġenzija.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 01 *(ikompli)*

14 01 01 75 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	6 183 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/173 tat-12 ta' Frar 2021 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u d-Diġitali, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-SMEs, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, u l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2013/801/UE, 2013/771/UE, 2013/778/UE, 2013/779/UE, 2013/776/UE u 2013/770/UE (ĠU L 50, 15.2.2021, p. 9).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2018, li jistabbilixxi l-"Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport u li jħassar ir-Regolament Nru 1288/2013 (COM(2018) 367).

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (COM (2020) 460).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 951 tat-12 ta' Frar 2021 li tiddelega s-setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, iċ-ċittadinanza u s-solidarjetà, li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

14 01 02 ***Appoġġ għan-nefqa għal għajnuna umanitarja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
11 487 550	9 589 221	9 227 527,32

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 02 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

23 01 04 01

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati u persunal tal-aġenzija), limitata għal EUR 1 800 000. Dan il-persunal hu maħsub biex jieħu f'idejh il-kompiti li ġew fdati f'idejn kuntratturi esterni li jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni ta' esperti individwali u biex jamministraw programmi f'pajjiżi terzi. Dak l-ammont, ibbażat fuq stima ta' nefqa annwali għal kull persuna kull sena, hu maħsub biex ikopri r-rimunerazzjoni tal-persunal estern inkwistjoni u t-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u n-nefqa fuq ICT relatata mal-kompiti tagħhom,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-ICT u servizzi tekniċi neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-Unjoni għad-diżastru, b'mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili,

— nefqa għall-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operazzjoni u l-appoġġ tas-sistemi tal-informazzjoni, maħsuba għall-użu intern jew għat-titjib tal-iżvilupp tar-rabta umanitarja f'setturi fundamentali bħall-assistenza alimentari u n-nutrizzjoni, kif ukoll għal koordinament bejn il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-aġenziji, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-sħab l-oħra fl-għajnuna umanitarja u l-esperti fil-qasam tad-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (ECHO).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Pajjiżi oħra	1 301 562 6 5 0 1
Dħul ieħor assenjat	4 000 000 3 3 0, 3 3 8, 3 3 9, 6 5 0 1

Bażiġuridika

Ara l-Kapitolu 14 03.

14 01 03 ***Nefqa ta' appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
600 000	500 000	271 598,13

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

19 01 04 02

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

— in-nefqa għal għajnuna teknika u assistenza amministrattiva li l-Kummissjoni tista' tiddelega lil aġenzija ta' implimentazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni,

— in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji. Din tinkludi l-kostijiet assoċjati mal-aġġornament u ż-żamma tal-"Lista elettronika-Konsolidata ta' Sanzjonijiet Finanzjarji Mmirati (e-CTFSL)" neċessarja għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet finanzjarji applikati biex jintlaħqu l-objettivi PESK speċifiċi stabbiliti fit-TUE,

— miżuri ta'segwitu u verifiki tal-miżuri tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-finanzjament ta' kull nefqa għar-regolarizzazzjoni ta' miżuri magħluqa qabel.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa ta' sostenn amministrattiva għall-pjattaforma ta' sostenn tal-missjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	590 000 3 2 0 1, 4 0 1, 6 5 0 2

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 14 04.

14 01 04 ***Nefqa ta' appoġġ fuq pajjiżi u territorji extra Ewropej***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 329 349	269 000	159 568,90

Kummenti

Partita preċedenti

21 01 04 06

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 01 — NEFQA AMMISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER "AZZJONI ESTERNA" *(ikompli)*

14 01 04 *(ikompli)*

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal ta' aġenzija) bil-ħsieb li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu mwettqa skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li minnha 95 % hija maħsuba għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % għall-kost addizzjonali tat-taħriġ, tal-laqgħat, tal-missjonijiet, tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt dan l-artikolu,

— in-nefqa għal persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew imwettqa skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll il-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet u l-kiri tal-akkomodazzjoni, direttament ikkawżati mill-preżenza tad-delegazzjoni tal-Unjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu.

Atti ta' referenza

Ara l-Kapitolu 14 05.

14 01 05 ***Nefqa ta' sostenn għall-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 504 800	1 490 710	1 454 163,06

Kummenti

Partita preċedenti

21 01 04 05

Minbarra n-nefqa deskritta fil-livell ta' dan il-kapitolu, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll, u b'mod aktar speċifiku, li tkopri:

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li għandu l-għan li jieħu f'idejh il-kompiti li qabel kienu r-responsabbiltà tal-uffiċċji ta' assistenza teknika issa magħluqin li minnha 95 % hija maħsuba għar-remunerazzjoni għall-persunal ikkonċernat u 5 % għal-kost addizzjonali tat-taħriġ, tal-laqgħat, tal-missjonijiet, tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet relatati mal-persunal estern iffinanzjat taħt dan l-artikolu.

— sa ammont ta' EUR 590 983 l-kostijiet amministrattivi oħrajn tan-nefqa relatata direttament mal-ksib tal-objettiv tal-Istrument Ewropew għas-Sikurezza Nukleari (INSC).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 02 — L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
14 02	L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI)								
14 02 01	***Programmi ġeografiċi***								
14 02 01 10	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	6	1 470 187 766	153 274 953					
14 02 01 11	Il-Viċinat tal-Lvant	6	730 004 692	p.m.					
14 02 01 12	Viċinat — Il-Kooperazzjoni territorjali u transfruntiera u miżuri ta' appoġġ	6	87 470 000	6 247 548					
14 02 01 20	L-Afrika tal-Punent	6	1 570 844 222	36 288 430					
14 02 01 21	L-Afrika tal-Lvant u Ċentrali	6	1 135 550 040	26 232 600					
14 02 01 22	In-Nofsinhar tal-Afrika u l-Oċean Indjan	6	1 078 772 538	24 920 970					
14 02 01 30	Il-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali	6	449 537 010	p.m.					
14 02 01 31	In-Nofsinhar u il-Lvant tal-Asja	6	521 029 643	p.m.					
14 02 01 32	Il-Paċifiku	6	112 655 058	p.m.					
14 02 01 40	Il-Kontinent Amerikan	6	254 243 790	p.m.					
14 02 01 41	Il-Karibew	6	178 880 214	p.m.					
14 02 01 50	Erasmus+ — kontribuzzjoni għall-NDICI	6	20 000 000	4 302 000					
14 02 01 60	Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — Riflussi tal-Faċilità ta' Investiment tal-AKP	6	p.m.	p.m.					
14 02 01 70	NDICI — Il-proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni	6	1 318 306 110	28 228 584					
	Artikolu 14 02 01 — Sub-total		8 927 481 083	279 495 085					

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 02 — L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
14 02 02	***Programmi tematiċi***								
14 02 02 10	Missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali — Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija	6	50 297 224	23 717 000					
14 02 02 11	Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali — Id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija	6	150 891 672	10 781 000					
14 02 02 20	Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili	6	201 188 896	2 156 000					
14 02 02 30	Stabbiltà u Paċi	6	134 125 930	32 342 000					
14 02 02 40	Nies — Sfidi globali	6	132 784 671	5 336 430					
14 02 02 41	Pjaneta — Sfidi Globali	6	128 760 893	5 174 720					
14 02 02 42	Prosperità — Sfidi Globali	6	108 642 004	4 366 170					
14 02 02 43	Sħubijiet — Sfidi Globali	6	32 190 223	1 293 680					
	Artikolu 14 02 02 — Sub-total		938 881 513	85 167 000					
14 02 03	***Azzjonijiet ta' reazzjoni rapida***								
14 02 03 10	Reazzjoni għall-kriżijiet	6	261 039 460	128 074 000					
14 02 03 20	Reżiljenza	6	159 524 114	22 235 000					
14 02 03 30	Ħtiġijiet tal-politika barranija	6	49 291 517	12 090 000					
	Artikolu 14 02 03 — Sub-total		469 855 091	162 399 000					
14 02 04	***Riżervi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti***	6	1 407 907 936	264 126 000					
14 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***								
14 02 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2021)	6	p.m.	2 386 617 319	2 840 723 605	2 422 104 175	2 693 161 815,—	2 016 398 007,64	84,49

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 02 — L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
14 02 99	*(ikompli)*								
14 02 99 02	Tlestija ta' strumenti preċedenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (qabel l-2021)	6	p.m.	2 501 419 000	3 226 361 217	2 840 564 239	3 131 322 512,74	2 504 241 079,44	100,11
14 02 99 03	Tlestija tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-kuntest tal-istrument ta' shubija u l-istrument ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati (qabel l-2021)	6	p.m.	133 201 130	156 145 000	127 102 724	143 165 863,31	128 702 651,32	96,62
14 02 99 04	Tlestija tal-Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-missjonijiet ta' osservazzjonijiet elettorali (qabel l-2021)	6	p.m.	133 000 000	184 656 707	163 000 000	167 347 350,—	150 393 733,54	113,08
14 02 99 05	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tat-theddid globali għas-sigurtà, ir-reazzjoni u t-thejjija għall-kriżijiet (qabel l-2021)	6	p.m.	242 000 000	383 107 177	339 000 000	366 237 177,—	307 972 909,60	127,26
	Artikolu 14 02 99 — Sub-total		p.m.	5 396 237 449	6 790 993 706	5 891 771 138	6 501 234 718,05	5 107 708 381,54	94,65
	Kapitolu 14 02 — Total		**11 744 125 623**	**6 187 424 534**	**6 790 993 706**	**5 891 771 138**	**6 501 234 718,05**	**5 107 708 381,54**	**82,55**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba li jkopru nefqa operazzjonali relatata ma' azzjonijiet imwettqa skont ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (INDICI) li l-objettiv ġenerali tiegħu huwa li jirrispetta u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex iwettaq l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stipulat fl-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 8 u 21 tat-TUE.

B'konformità ma' dak l-objettiv ġenerali ta' hawn fuq, l-objettivi speċifiċi tal-NDICI huma dawn li ġejjin:

(a) li jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

(b) fil-livell dinji, li jikkonsolida u jappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, aktar stabbiltà u paċi u li jindirizza sfidi dinjija oħra, inkluż il-migrazzjoni u l-mobbiltà;

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 14 — AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 14 02 — L-ISTRUMENT GĦALL-VIĊINAT, GĦALL-IŻVILUPP U GĦALL-KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI (NDICI) *(ikompli)*

(c) li jirrispondi b'ħeffa għal: sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt; sfidi għar-reżiljenza u jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp; u l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera.

Mill-anqas 92 % tan-nefqa mill-NDICI għandha tissodisfa l-kriterji għall-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Barra minn hekk, azzjonijiet taħt l-NDICI mistennija jikkontribwixxu 25 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tiegħu u 10 % biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat u għall-appoġġ tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-governanza.

B'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-Kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Atti ta' referenza

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Ġunju 2018, li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (COM (2020) 460).

14 02 01 Programmi ġeografiċi

Kummenti

— kostijiet tal-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-binjiet, liftijiet, tisħin ċentrali, tagħmir tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba minħabba operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, għall-ħasil tat-tessuti għad-dry cleaning, u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni trid tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,

— ir-rikondizzjonar ta' bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimentalizzazzjoni, alterazzjonijiet fl-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, tagħmir elettriku, plumbing, tibjid jew kisi tal-art, il-kost tat-tibdil tal-kablaġġ assoċjat ma' stallazzjonijiet, u l-kost tat-tagħmir meħtieġ,

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwiżizzjoni, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra relatata mal-binjiet, partikolarment tariffi ta' ġestjoni tal-binjiet b'diversi lokatarji, kostijiet ta' kejl tal-binjiet u tariffi għall-utilitajiet (tindif u manutenzjoni tat-toroq, ġbir tal-iskart, eċċ.),

— tariffi għal assistenza teknika marbuta ma' operazzjonijiet kbar ta' tiswijiet, trasformazzjoni u konverżjoni tal-binjiet.

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 03 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
234 000	301 000	104 331,24

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 03 *(ikompli)*

20 03 03 03 *(ikompli)*

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*17 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba mill-Uffiċċju għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa fi Grange:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinnovament ta' apparat tekniku u stallazzjonijiet, u partikolarment:

  — tagħmir (inklużi photocopiers) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (stampati, mezzi elettroniċi, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-kċina u apparat tar-ristoranti,

  — diversi għodod għall-uffiċina tal-manutenzjoni tal-binjiet,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabbiltà,

  — studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

  — ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

  — il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,

  — provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

  — attrezzaturi speċifiċi għall-kantins u ristoranti,

  — il-kiri ta' għamara,

  — kostijiet tal-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni trid tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

  — xiri ġdid ta' vetturi, inklużi l-kostijiet kollha relatati,

  — il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, jilħqu kilometraġġ totali li jiġġustifika s-sostituzzjoni,

  — il-kost tal-kiri ta' karozzi għal perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 03 *(ikompli)*

20 03 03 03 *(ikompli)*

— il-kost tal-manutenzjoni, tiswija u assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (fjuwil, lubrikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxellanji, spare parts, għodod, eċċ.), inkluż it-testijiet nazzjonali tal-karozza kull sena,

— diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' terzi u assigurazzjoni kontra s-serq) u taxxi nazzjonali fejn ikunu pagabbli u l-kostijiet tal-assigurazzjoni,

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:

— ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

— ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għal persunal tal-uffiċina teknika u għal persunal li meħtieġ jagħmel xogħol li għalih tkun meħtieġa protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkagħbir u ħmieġ anormali,

— xiri jew rimborż tal-kost ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— in-nefqa għall-operat ta' ristoranti, kafetteriji u kantins, b'mod partikolari l-kostijiet tal-manutenzjoni tat-tagħmir u x-xiri ta' diversi provvisti, nefqa għall-konverżjonijiet attwali u r-rinnovament ta' tagħmir, u nefqa sostanzjali għall-konverżjoni u rrinnovament li jenħtieġ li tkun demarkata b'mod ċar mill-konverżjonijiet, it-tiswijiet u r-rinnovament attwali ta' tagħmir u provvisti.

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 03 04 Servizzi u nefqa operatorja oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
22 000	22 000	17 026,—

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 03 *(ikompli)*

20 03 03 04 *(ikompli)*

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*17 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba mill-Uffiċċju għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa fi Grange:

— il-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u bażijiet ta' *data* esterni u l-kisba ta' midja elettronika (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex tiġi aċċessata l-informazzjoni,

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti għall-uffiċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,

— nefqa għall-ispejjeż postali u ta' spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,

— ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju.

20 03 04 ***Infrastruttura u loġistika — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni***

20 03 04 01 Akkwiżizzjoni u kiri tal-binjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
12 113 000	11 005 000	8 065 682,15

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— il-ħlas tal-kera u ta' ċens b'rabta ma' binjiet jew partijiet ta' binjiet okkupati, u l-kera ta' swali tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— kwalunkwe nefqa biex tkopri l-kost tax-xiri jew għall-kiri bl-opzjoni ta' xiri ta' binjiet.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 04 *(ikompli)*

20 03 04 01 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	1 550 000	3 3 8	

Bażiġuridika

Kompiti li jikkonċernaw l-indipendenza amministrattiva tal-Kummissjoni

20 03 04 02 Nefqa relatata ma' binjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 657 000	3 699 000	5 923 476,97

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— assigurazzjoni u l-ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku, tat-tisħin u spejjeż għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart eċċ.),

— l-ispiża għax-xogħol tal-manutenzjoni u l-ispejjeż tal-manutenzjoni, ikkalkulati fuq il-bażi tal-kuntratti attwali, għall-bini, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba mill-operazzjonijiet regolari ta' tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tat-tessuti u għad-dry cleaning, u mit-tibjid, tiswija u provvisti użati mis-servizzi tal-manutenzjoni,

— it-tagħmir għall-binjiet, pereżempju alterazzjonijiet għall-kompartimenti , alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi u apparat elettriku, xogħlijiet sanitarji, tibjid jew kisi tal-art,

— il-kost għall-apparat meħtieġ,

— nefqa oħra fuq bini, b'mod partikolari tariffi tal-ġestjoni għall-binjiet b'ħafna inkwilini, l-ispejjeż tal-istħarriġiet, l-istudji tal-bini, il-permessi tal-ippjanar, eċċ., kif ukoll it-tariffi legali relatati mal-binjiet,

— tariffi għal assistenza teknika b'rabta ma' operazzjonijiet kbar ta' stallazzjoni fil-binjiet.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 04 *(ikompli)*

20 03 04 02 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	925 000 3 3 8

Bażiġuridika

Kompiti li jikkonċernaw l-indipendenza amministrattiva tal-Kummissjoni

20 03 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 024 000	1 024 000	720 670,24

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— il-kost tax-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tekniku u tagħmir, għamara u vetturi,

— l-ispejjeż għall-ewwel istallazzjoni, rinnovament, manutenzjoni, tiswija, kiri, u tagħmir,

— il-kost tal-istallazzjoni, tal-manutenzjoni u tal-operat tal-erjas tal-catering,

— l-ispejjeż għax-xiri ta' uniformijiet tal-ushers u tax-xufiera u għax-xiri u għat-tindif tal-ħwejjeġ tax-xogħol,

— it-tiġdid ta' vetturi li, matul is-sena, se jilħqu kilometraġġ għoli li jiġġustifika s-sostituzzjoni tagħhom, kostijiet tal-kiri tal-karozzi, għal żmien qasir jew fit-tul, meta l-ħtiġijiet jaqbżu l-kapaċità tal-flotta, il-kostijiet tal-manutenzjoni, tat-tiswija u tal-assigurazzjoni tal-vetturi tas-servizz (xiri tal-karburant, lubrikanti, tajers, kompartimenti tal-arja, provvisti mixxellanji, spare parts, għodod, eċċ.) u r-rimborż tal-kostijiet tat-trasport pubbliku.

20 03 04 04 Servizzi u nefqa operatorja oħra

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
691 000	825 000	1 379 839,37

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 04 *(ikompli)*

20 03 04 04 *(ikompli)*

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— il-kost tal-kartolerija u provvisti għall-uffiċċji,

— il-kost għal materjali tax-xogħol,

— l-ispejjeż għal-laqgħat interni,

— il-kost tal-istallazzjoni, iż-żamma u l-operat taż-żoni tal-catering,

— l-ispiża tal-ġarr dipartimentali,

— in-nefqa operatorja oħra,

— spejjeż postali u ta' spedizzjoni.

Bażiġuridika

Kompiti li jikkonċernaw l-indipendenza amministrattiva tal-Kummissjoni

20 03 05 ***Infrastruttura u loġistika — Delegazzjonijiet tal-Unjoni***

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

20 03 05 01 Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
22 097 000	21 818 000	26 728 537,22

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 05 *(ikompli)*

20 03 05 01 *(ikompli)*

Kummenti

*Partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*19 01 03 02**	*20 01 03 02**	*21 01 03 02**	*22 01 03 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni:

— gratifiki għal akkomodazzjoni temporanja u kumpens għas-sussistenza għal kull jum,

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini għall-uffiċjali stazzjonati barra mill-Unjoni: kirjiet (inkluż l-akkomodazzjoni temporanja) u taxxi.

20 03 05 02 Nefqa relatata ma' binjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
453 000	426 000	0,—

Kummenti

*Partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*19 01 03 02**	*20 01 03 02**	*21 01 03 02**	*22 01 03 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-binjiet kollha jew għal partijiet mill-binjiet għall-akkomodazzjoni ta' uffiċjali u aġenti kuntrattwali stazzjonati barra mill-Unjoni:

— primjums tal-assigurazzjoni,

— manutenzjoni, rikondizzjonar u tiswijiet kbar.

20 03 05 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
298 000	353 000	322 091,35

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 05 *(ikompli)*

20 03 05 03 *(ikompli)*

Kummenti

*Partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

19 01 03 02 20 01 03 02* 21 01 03 02* 22 01 03 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-binjiet kollha jew għal partijiet mill-binjiet għall-akkomodazzjoni ta' uffiċjali u aġenti kuntrattwali stazzjonati barra mill-Unjoni:

— xiri, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir bħal ġeneraturi u unitajiet tal-arja kondizzjonata,

— għall-binjiet jew partijiet mill-binjiet okkupati minn persunal tal-Kummissjoni li għandu pożizzjonijiet ta' maniġment intermedju fit-territorju tal-Unjoni: ir-rimborż tal-ispejjeż kif stipulat fl-Artikolu 14 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal,

— nefqa għall-għamara u attrezzaturi għall-akkomodazzjoni residenzjali disponibbli għall-persunal f'tranżizzjoni.

20 03 06 ***Proġetti ta' bini tal-Kummissjoni — Pagamenti bil-quddiem***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Artikolu preċedenti

26 01 29

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti bil-quddiem relatati mal-proġetti ta' bini tal-Kummissjoni

Sommarju dettaljat tal-pagamenti bil-quddiem għal kull proġett se jkun pprovdut mill-Kummissjoni fid-dokument ta' ħidma dwar il-politika tagħha dwar il-bini skont l-Artikolu 266(1) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 06 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 07 ***Nefqa fuq is-sigurtà u l-kontroll***

20 03 07 01 Sigurtà u monitoraġġ — Kwartieri ġenerali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
11 249 000	12 199 256	14 891 474,35

Kummenti

*Artikolu u partita preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

26 01 23 06 26 01 40**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta':

— is-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u tal-proprjetà, u speċjalment ix-xiri, il-kiri u l-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinnovament ta' apparat tekniku tas-sigurtà,

— is-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, partikolarment kostijiet ta' spezzjonijiet statutorji (spezzjonijiet ta' stallazzjonijiet tekniċi fil-binjiet, il-koordinazzjoni tas-sikurezza u l-ispezzjonijiet sanitarji u iġeniċi tal-oġġetti tal-ikel), ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni tat-tagħmir tat-tifi tan-nar, in-nefqiet f'taħriġ u tagħmir għall-pumpieri ewlenin (ECI) u għall-gwardjani tan-nirien (EPI), li l-preżenza tagħhom fil-bini hija rekwiżita bil-liġi,

— evalwazzjonijiet perjodiċi tal-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali fi ħdan l-istituzzjoni,

— it-tfassil, il-produzzjoni u l-personalizzazzjoni tal- *laissez-passer* maħruġ mill-Unjoni.

Qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti tat-titoli kkonċernati.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 07 *(ikompli)*

20 03 07 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, ħlief:

— ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni,

— Id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	779 000	3 2 0 2

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1417/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-forma tal- *laissez-passer* maħruġin mill-Unjoni Ewropea. (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 26).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 07 02 Gwardja tal-binjiet — Brussell

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 401 000	29 451 000	27 639 790,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*26 01 22 06**

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 07 *(ikompli)*

20 03 07 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għall-għassa ta' sorveljanza, il-kontroll tal-aċċess u servizzi oħra relatati għall-binjiet okkupati mill-Kummissjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili).

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, ħlief:

— ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni,

— id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	3 700 000 3 2 0 2

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 07 03 Gwardja tal-binjiet — Lussemburgu

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 207 000	7 908 000	7 882 133,74

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 07 *(ikompli)*

20 03 07 03 *(ikompli)*

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*26 01 23 06**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba fit-territorju tal-Unjoni:

— spejjeż li jikkonċernaw is-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, partikolarment kuntratti għall-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni tal-installazzjonijiet ta' sigurtà, korsijiet ta' taħriġ u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' apparat (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili),

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi waqt ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' apparat għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' apparat għall-installazzjonijiet tan-nar, korsijiet ta' taħriġ u kostijiet tal-ispezzjonijiet statutorji (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili).

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti tat-titoli kkonċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, ħlief:

— ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni,

— id-delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni.

— Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat iehor	102 000 3 2 0 2

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 07 *(ikompli)*

20 03 07 03 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 07 04 Sigurtà — Grange

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
445 000	435 000	426 912,38

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*17 01 03 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja mġarrba mill-Uffiċċju għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa fi Grange:

— l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni u t-titjib ta' istallazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti ta' tagħmir,

— l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-persuni li jitfu n-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji.

20 03 07 05 Sigurtà — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 350 000	3 000 000	4 029 659,56

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 07 *(ikompli)*

20 03 07 05 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— l-ispejjeż relatati mas-sigurtà tal-persuni u l-bini, kemm fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi kif ukoll is-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju kuntratti għall-ħarsien tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni tal-installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' tagħmir għall-persuni li jitfu n-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji kif ukoll sessjonijiet ta' informazzjoni lill-persunal dwar kif jużaw it-tagħmir tas-sigurtà.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni mir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	1 650 000 3 3 8

Bażiġuridika

Kompiti li jikkonċernaw l-indipendenza amministrattiva tal-Kummissjoni.

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' April 2006 li tistabbilixxi Politika Armonizzata għas-Saħħa u s-Sikurezza fil-post tax-xogħol għall-persunal kollu tal-Kummissjoni C(2006) 1623.

20 03 07 06 Sigurtà — Delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 685 000	5 615 000	0,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*19 01 03 02**	*20 01 03 02**	*21 01 03 02**	*22 01 03 02**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-binjiet jew għal partijiet mill-binjiet għall-akkomodazzjoni ta' uffiċjali u aġenti kuntrattwali stazzjonati fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni:

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini għall-uffiċjali stazzjonati barra mill-Unjoni: nefqa ta' rutina relatata mas-sigurtà tal-persuni u l-akkomodazzjoni tagħhom,

— għall-binjiet jew partijiet mill-binjiet okkupati mill-uffiċjali fit-territorju tal-Unjoni: rimborż tan-nefqa relatata mas-sigurtà tal-akkomodazzjoni.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 08 Pubblikazzjonijiet u informazzjoni

20 03 08 01 Pubblikazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
464 000	364 000	737 666,12

Kummenti

*Artikolu u partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*25 01 11**	*26 01 22 05**	*27 01 07*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa marbuta ma':

— il-ġbir, l-analiżi u l-preparazzjoni ta' dokumenti, inklużi l-kuntratti tal-awtur u xogħol freelance,

— il-ġbir, inkluż ix-xiri ta' *data*, ta' dokumentazzjoni u tad-drittijiet għall-użu,

— l-editjar inkluż id-dħul tad- *data* u l-ġestjoni tad-*data*, ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni,

— it-tixrid permezz ta' kwalunkwe mezz, inkluż l-istampar, l-istazzjonar fuq l-Internet, id-distribuzzjoni, u l-ħażna,

— l-ipproċessar tal-arkivji storiċi tal-Kummissjoni,

— il-promozzjoni ta' dawk it-testi u d-dokumenti,

— nefqa għax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar esternalizzat,

— il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni fi kwalunkwe forma u fuq kwalunkwe mezz dwar l-ipprogrammar finanzjarju u l-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni, ħlief ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni. L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti tat-titoli kkonċernati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	34 000 3 2 0 2

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 08 *(ikompli)*

20 03 08 01 *(ikompli)*

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

20 03 08 02 Librerija u riżorsi elettroniċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 719 000	2 719 000	2 594 000,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

15 01 60

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— ix-xiri ta' abbonamenti għal perjodiċi speċjalizzati u kwotidjani (f'format elettroniku u stampat) għas-servizz tal-librerija u tar-riżorsi elettroniċi tal-KE, id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi tal-Kummissjoni, u l-Kabinetti,

— ix-xiri ta' kotba u kotba elettroniċi għas-servizz tal-librerija u tar-riżorsi elettroniċi tal-KE, id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi tal-Kummissjoni, u l-Kabinetti,

— il-miżati tal-abbonament biex jiġu aċċessati bażijiet ta' *data*, inkluż bażijiet ta' *data* tal-katalogar u dokumentarji,

— ix-xiri ta' materjal tat-taħriġ u promozzjonali.

Il-kollezzjonijiet tas-servizz tal-librerija u tar-riżorsi elettroniċi tal-KE jkopru s-suġġetti kollha relatati mal-integrazzjoni Ewropea u mal-politiki tal-Unjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni u fil-lingwi tal-pajjiżi kandidati.

L-informazzjoni kollha hija akkwistata b'risposta għall-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-persunal u tas-servizzi tal-Kummissjoni. Il-biċċa l-kbira tal-abbonamenti jridu jiġġeddu kull sena biex tkun żgurata l-kompletezza u l-kontinwità tal-kollezzjonijiet tal-librerija tal-KE; titoli ġodda jinxtraw fuq talba.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 08 *(ikompli)*

20 03 08 03 Xiri ta' informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 470 000	1 465 000	1 313 868,83

Kummenti

*Artikolu u partiti preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*01 01 03 04**	*16 01 03 03**	*16 01 60**	*26 01 22 05**	*27 01 12 03*	*31 01 08 02**

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri n-nefqa mġarrba fl-Unjoni li ġejja:

— il-prezz tal-abbonamenti u l-aċċess għal sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet bħal aġenziji tal-istampa, aħbarijiet fuq l-internet, fornituri tal-informazzjoni u bażijiet tad- *data* esterni,

— ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, l-aġġornament ta' volumi eżistenti, kostijiet tal-legatura u x-xiri ta' apparat elettroniku ta' identifikazzjoni,

— in-nefqa għal abbonamenti għall-gazzetti, perjodiċi speċjalisti, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika tal-kummerċ barrani, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet oħra speċjalizzati,

— il-kost tas-sottoskrizzjonijiet u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u bażijiet tad- *data* esterni u l-akkwist ta' media elettroniċi,

— it-taħriġ u s-sostenn meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,

— tariffi tad-drittijiet tal-awtur.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettroniċi u bażijiet tad- *data* esterni li jipprovdu informazzjoni finanzjarja dwar is-solvenza tal-benefiċjarji tal-fondi mill-bagit ġenerali tal-Unjoni u tad-debituri tal-Kummissjoni, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Kummissjoni fuq diversi livelli tal-proċeduri finanzjarji u tal-proċeduri ta' kontabilità.

Din saret ukoll biex tiġi aċċertata informazzjoni fuq l-istruttura ta' gruppi, il-proprjetarji u l-maniġment tal-benefiċjarji tal-fondi mill-bagit ġenerali tal-Unjoni u tad-debituri tal-Kummissjoni.

Fir-rigward tat-terminoloġija u l-bażijiet tad- *data* lingwistiċi, għodod tat-traduzzjoni u nefqa dokumentarja u bibbjotekarja għad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— in-nefqa għall-akkwist, l-iżvilupp u l-adattatament ta' softwer tat-traduzzjoni u għodod jew għajnuniet għat-traduzzjoni u l-akkwist, il-konsolidament u l-estensjoni tal-kontenuti tal-bażijiet tad- *data* lingwistiċi u terminoloġiċi, memorji tat-traduzzjoni u d-dizzjunarji tat-traduzzjoni awtomatika, partikolarment biex ikun hemm trattament aktar effiċjenti tal-multilingwiżmu u kooperazzjoni interistituzzjonali mtejba,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 08 *(ikompli)*

20 03 08 03 *(ikompli)*

— in-nefqa dokumentarja u bibbjotekarja biex tissodisfa l-ħtiġijiet tat-tradutturi, partikolarment:

— biex il-libreriji jitfornew b'kotba monolingwi u b'abbonamenti għal gazzetti u perjodiċi magħżula,

— biex jiġu pprovduti allokazzjonijiet individwali għall-kisba ta' stokks ta' dizzjunarji u gwidi għal-lingwa għat-tradutturi l-ġodda,

— biex jinkisbu dizzjunarji, enċiklopediji u vokabolarji f'forma elettronika jew permezz tal-web minn databażijiet dokumentarji,

— biex jiġi kostitwit u jinżamm stokk bażiku ta' libreriji multilingwi billi jinxtraw kotba ta' referenza.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa relatata mal-ikkuppjar ta' xogħlijiet bi drittijiet tal-awtur.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa mġarrba fit-territorju tal-Unjoni.

L-approprjazzjonijiet li jkopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka huma mdaħħlin taħt diversi partiti tat-titoli kkonċernati.

20 03 08 04 Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjoni tal-arkivji storiċi tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 525 492	1 497 367	1 472 000,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

25 01 10

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għall-ġestjoni (persunal u kostijiet operatorji) tal-Istitut Universitarju Ewropew tal-arkivji storiċi tal-Unjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	942 508 6 6 8

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1).

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 08 *(ikompli)*

20 03 08 04 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 43, 15.2.1983, p. 14).

20 03 09 ***Nefqa b'rabta ġuridika***

20 03 09 01 Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — Spejjeż ġuridiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 500 000	3 500 000	3 375 425,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

25 01 08

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' qabel il-kawża, tal-kawża u ta' medjazzjoni u għas-servizzi tal-avukati u esperti oħra li jintalbu jagħtu pariri lill-Kummissjoni.

Tkopri wkoll kostijiet ta' aġġudikamenti kontra l-Kummissjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew qrati oħra.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	250 000 3 3 8

20 03 09 02 Spejjeż ġuridiċi — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	16 200,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*16 01 03 03**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 09 *(ikompli)*

20 03 09 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa ġuridika tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

Bażiġuridika

Kompiti li jikkonċernaw l-indipendenza amministrattiva tal-Kummissjoni.

20 03 09 03 Ħsarat

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
150 000	150 000	150 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

26 01 60 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— danni u l-kost tas-saldu ta' pretensjonijiet kontra l-Kummissjoni (responsabilità fil-konfront ta' terzi) fir-rigward tal-persunal tal-istituzzjoni stess u l-proċessi amministrattivi,

— nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jingħata kumpens.

20 03 09 04 Talbiet għad-danni li jirriżultaw minn proċedimenti ġuridiċi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	90 856,48

Kummenti

Artikolu preċedenti

03 01 07

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 09 *(ikompli)*

20 03 09 04 *(ikompli)*

Sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni dwar akkordji, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiki miftiehma (l-Artikolu 101 TFUE), abbużi ta' pożizzjoni dominanti (l-Artikolu 102 TFUE), għajnuniet mogħtija mill-Istati (l-Artikoli 107 u 108 TFUE) u konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament (KE) Nru 139/2004), il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet, twettaq investigazzjonijiet u timponi penali jew tordna l-irkupru.

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma suġġetti għal kontroll ġudizzjarju mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont it-TFUE.

Bħala miżura prudenzjali, huwa xieraq li titqies il-possibbiltà ta' implikazzjonijiet baġitarji li joħorġu minn deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri kwalunkwe nefqa li toriġina minn danni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lil rikorrenti u li jirriżultaw minn proċedimenti ġuridiċi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

Minħabba li ma tistax tiġi stabbilita minn qabel stima raġonevoli tal-impatt finanzjarju fuq il-baġit ġenerali, f'dan l-Artikolu qed jidher dħul "pro memorja ("p.m."). Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel disponibbli l-approprjazzjonijiet relatati mal-ħtiġijiet attwali permezz ta' trasferimenti jew permezz ta' abbozz ta' baġit emendatorju.

Bażiġuridika

L-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni derivata, b'mod partikolari:

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1),

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

L-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-leġiżlazzjoni derivata, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

20 03 10 ***Nefqa b'rabta mat-teżor***

20 03 10 01 Imposti finanzjarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
946 000	320 000	320 000,—

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 10 *(ikompli)*

20 03 10 01 *(ikompli)*

Kummenti

*Artikolu u partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*01 02 01**	*27 01 12 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri imposti tal-bank (kummissjoni, agios u nefqa mixxellanja), imposti tal-klassifikazzjoni (kostijiet relatati ma' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu), u l-kost tal-konnessjoni man-network tas-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT).

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	230 000 6 1 1 1

20 03 10 02 Amministrazzjoni tat-teżorerija

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

27 01 12 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri aġġustamenti baġitarji.

— f'sitwazzjoni fejn pretensjoni sħiħa jew parti minnha tiġi kkanċellata wara li tkun tniżżlet fuq il-kontijiet bħala dħul (partikolarment fiċ-ċirkostanza ta' tpaċija ta' dejn),

— f'każi fejn il-VAT ma tkunx ġiet irkuprata u fejn ma jkunx għadu possibbli li l-ammont jitniżżel mal-linja li tkun kopriet in-nefqa prinċipali,

— għal kwalunkwe imgħax fuq il-każijiet ta' hawn fuq, fejn ma tkunx tista' titniżżel ma' linja baġitarja speċifika oħra.

Din il-partita hija intenzjonata wkoll biex takkomoda, jekk ikun hemm il-ħtieġa, approprjazzjoni biex jiġi kopert xi telf li jista' jkun hemm jew mil-likwidazzjoni jew inkella mit-tmiem tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji li magħhom il-Kummissjoni jkollha kontijiet jew mill-ġestjoni ta' assi finanzjarji.

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 10 *(ikompli)*

20 03 10 03 Nefqa eċċezzjonali f'każ ta' kriżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

27 01 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri kwalunkwe nefqa li ssir waqt kriżi ddikjarata li tkun attivat pjan ta' kontinwità tal-ħidma wieħed jew aktar, u li n-natura u/jew l-ammont tagħha ma jkunux għamluha possibbli li tiġi allokata għal-linji baġitarji amministrattivi l-oħra tal-Kummissjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jiġu infurmati dwar in-nefqa mġarrba sa mhux aktar tard minn tliet ġimgħat wara li l-kriżi tkun intemmet.

20 03 11 ***Interpretazzjoni***

20 03 11 01 Nefqa għall-interpretazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
16 300 000	16 140 000	18 560 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

31 01 07 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— ir-rimunerazzjoni tal-interpreti freelance (aġenti tal-interpretar fil-konferenzi — ACIs) impjegati mid-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni skont l-Artikolu 90 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi ta' Uffiċjali Oħra mal-Unjoni Ewropea, biex id-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni jkun jista' jagħmel għadd biżżejjed ta' interpreti tal-konferenzi kwalifikati disponibbli għall-istituzzjonijiet li lilhom jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni,

— ir-remunerazzjoni tinkludi, minbarra t-tariffi, il-kontribuzzjonijiet għal skema tal-provvediment tal-pensjoni u tas-saħħa, u għal assigurazzjoni tal-mard u tal-aċċidenti, flimkien ma', għall-interpreti li l-post tad-domiċilju professjonali mhuwiex il-post tal-assenjament, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-pagament ta' gratifiki ta' sussistenza,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 11 *(ikompli)*

20 03 11 01 *(ikompli)*

— l-ispejjeż b'rabta mat-testijiet tal-akkreditazzjoni tal-ACIs, prinċipalment ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, u l-ħlas ta' gratifiki għas-sussistenza,

— is-servizzi lill-Kummissjoni provduti mill-interpreti tal-Parlament Ewropew (uffiċjali, persunal temporanju u AIK),

— kosti b'rabta ma' servizzi pprovduti minn interpreti b'rabta mal-preparazzjoni ta' laqgħat,

— il-kuntratti għas-servizzi tal-interpretazzjoni li kkonkluda d-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni permezz ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-laqgħat li organizzat il-Kummissjoni f'pajjiżi terzi.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	32 550 000 3 2 0 2

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Atti ta' referenza

Id-direttiva interna tal-Kummissjoni; Il-Konklużjoni 252/08 tal-15 ta' Frar 2008 — Ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-reġim pekunarju għall-aġenti tal-interpretar fil-konferenzi (ACI's) ikkuntrattati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

20 03 11 02 Appoġġ professjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
195 000	226 720	218 060,—

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

20 03 11 *(ikompli)*

20 03 11 02 *(ikompli)*

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*31 01 07 02**

  — l-irkupru mid-diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-irkupru mid-diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twettiq ta' ttestjar ,

— l-infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT; din tinkludi n-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-intrapriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU O3 10 — RIŻERVI

Bażiġuridika

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O3 10 01 ***Approprjazzjonijiet provviżorji***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A5 10 01

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn kapitoli oħra skont il-proċedura rilevanti stipulata fir-Regolament Finanzjarju.

UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

KAPITOLU O3 10 — RIŻERVI *(ikompli)*

O3 10 02 ***Fond ta' kontinġenza***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A5 10 02

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Taxxi u imposti***				
3 0 0 0	Taxxi fuq remunerazzjonijiet	3 204 000			
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	585 000	p.m.	0,—	
	Artikolu 3 0 0 — Total	3 789 000	p.m.	0,—	
3 0 1	***Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni***				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni	5 739 000			
	Artikolu 3 0 1 — Total	5 739 000			
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	9 528 000	p.m.	0,—	
	Titolu 3 — Total	**9 528 000**	**p.m.**	**0,—**	

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 ***Taxxi u imposti***

3 0 0 0 Taxxi fuq remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
3 204 000		

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
585 000	p.m.	0,—

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mir-remunrazzjoni tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-persunal tal-Uffiċċju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL *(ikompli)*

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
5 739 000		

Kummenti

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul kollu mill-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Atti ta' referenza

Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 6 6				
6 6 8	***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MAL-POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 8 ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li jintuża biex jagħti approprjazzjonijiet addizzjonali biex tkun iffinanzjata n-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

NEFQA

TITOLU O4

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU O4 01				
O4 01 01	***Uffiċjali u aġenti temporanji***				
O4 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	36 045 000	36 876 000	33 692 576,47	93,47
O4 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar tas-servizzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	275 000	286 000	226 445,99	82,34
O4 01 01 03	Politika tal-persunal u maniġment				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu O4 01 01 — Total	36 320 000	37 162 000	33 919 022,46	93,39
O4 01 02	***Persunal estern***				
O4 01 02 01	Persunal estern — OIB				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	19 365 000	18 574 000	18 381 210,85	94,92
O4 01 02 02	Persunal estern — Faċilitajiet tal-kura tat-tfal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	12 882 000	13 358 000	13 946 378,66	108,26
	Artikolu O4 01 02 — Total	32 247 000	31 932 000	32 327 589,51	100,25
O4 01 03	***Nefqa maniġerjali oħra***				
O4 01 03 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	124 000	138 000	164 600,—	132,74
O4 01 03 02	Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 000	2 000	3 850,—	192,50
O4 01 03 03	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	262 000	262 000	275 000,—	104,96

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
O4 01 03	*(ikompli)*				
O4 01 03 04	Laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	13 000	13 000	20 553,71	158,11
	Artikolu O4 01 03 — Total	401 000	415 000	464 003,71	115,71
O4 01 04	***Infrastruttura u loġistika***				
O4 01 04 01	Kirjiet u xirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 138 000	6 053 000	5 957 000,—	97,05
O4 01 04 02	Nefqa marbuta mal-binjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 562 000	1 557 000	0,—	
O4 01 04 03	Tagħmir u għamara				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	106 000	106 000	1 625 417,72	1 533,41
O4 01 04 04	Servizzi u nfiq operatorju ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	674 000	693 000	1 818 654,87	269,83
	Artikolu O4 01 04 — Total	8 480 000	8 409 000	9 401 072,59	110,86
O4 01 05	***Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 137 000	1 136 000	1 084 068,56	95,34
O4 01 06	***Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O4 01 07	***Politika tal-infrastruttura u maniġment***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O4 01 08	***Nefqa marbuta mal-aspett legali***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O4 01 09	***Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***				
O4 01 09 01	Sistemi ta' informazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 562 477	2 429 000	1 557 265,91	99,67

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*
KAPITOLU O4 10 — RIŻERVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
O4 01 09	*(ikompli)*				
O4 01 09 02	Post tax-xogħol diġitali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 573 000	1 714 000	256 985,84	16,34
O4 01 09 03	Servizzi ta' Ċentru tad-				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 619 000	322 000	1 668 990,29	63,73
	Artikolu O4 01 09 — Total	5 754 477	4 465 000	3 483 242,04	60,53
	KAPITOLU O4 01 — TOTAL	84 339 477	83 519 000	80 678 998,87	95,66
	KAPITOLU O4 10				
O4 10 01	***Approprjazzjonijiet provviżorji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
O4 10 02	***Riżerva ta' kontinġenza***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU O4 10 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu O4 — Total	**84 339 477**	**83 519 000**	**80 678 998,87**	**95,66**

TITOLU O4

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

Bażiġuridika

Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

O4 01 01 Uffiċjali u aġenti temporanji

O4 01 01 01 Remunerazzjoni u gratifiki

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
36 045 000	36 876 000	33 692 576,47

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom post fuq il-pjan ta' stabbiliment:

— salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra aċċidenti u mard u debiti oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-persunal temporanju u pagamenti mill-istituzzjoni sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— il-kost tal-ponderazzjonijiet applikati għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u persunal temporanju u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikat lill-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	1 000 000 3 2 0 2

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 01 *(ikompli)*

O4 01 01 02 Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, mat-trasferimenti u mal-irtirar tas-servizzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
275 000	286 000	226 445,99

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fir-rigward tal-uffiċjali u l-persunal temporanju li jkollhom post fuq il-pjan ta' stabbiliment:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg,

— il-gratifiki għall-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw xi mkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor tal-impjieg, u meta dawn itemmu l-impjieg u jirrisistemaw xi mkien ieħor.

O4 01 01 03 Politika tal-persunal u maniġment

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A6 01 50

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kostijiet taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet u inizjattivi oħra kulturali u sportivi li jippromwovu l-kuntatt soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kostijiet tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,

— in-nefqa bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:

— uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 01 *(ikompli)*

O4 01 01 03 *(ikompli)*

— konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

— it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta' natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta' xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

O4 01 02 Persunal estern

O4 01 02 01 Persunal estern — OIB

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
19 365 000	18 574 000	18 381 210,85

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

— il-kost tal-persunal inkluż fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettwali,

— il-kost ta' ħaddiema maċ-ċivil nazzjonali jew esperti oħra sekondati jew assenjati temporanjament mal-Uffiċċju u spejjeż supplimentari li joriġinaw mis-sekondar ta' uffiċjali ma' servizzi ċivili nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	3 000 000 3 2 0 2

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 02 *(ikompli)*

O4 01 02 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O4 01 02 02 Persunal estern — Faċilitajiet tal-kura tat-tfal

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
12 882 000	13 358 000	13 946 378,66

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

— il-kost tal-persunal inkluż fil-kuntratti ta' servizz għas-sottokuntrattar tekniku u amministrattiv, assistenza supplimentari u l-forniment ta' servizzi intellettwali,

— il-kost ta' ħaddiema maċ-ċivil nazzjonali jew esperti oħra sekondati jew assenjati temporanjament mal-Uffiċċju u spejjeż supplimentari li joriġinaw mis-sekondar ta' uffiċjali ma' servizzi ċivili nazzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	7 000 000 3 2 0 2

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 03 Nefqa maniġerjali oħra

O4 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
124 000	138 000	164 600,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali mġarrba b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal kopert bir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew sekondati,

— ir-rimborż ta' kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni fir-rigward ta' persunal tal-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni).

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O4 01 03 02 Spejjeż għal laqgħat, gruppi ta' esperti u konferenzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 000	2 000	3 850,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-kostijiet inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 03 *(ikompli)*

O4 01 03 02 *(ikompli)*

— nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O4 01 03 03 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
262 000	262 000	275 000,—

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-persunal, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — tariffi għall-esperti impjegati biex jidentifikaw il-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati,

  — tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi organizzazzjonali, immaniġġjar, strateġija, kwalità u mmaniġġjar tal-ħaddiema,

  — il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikliet u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,

— l-iffinanzjar ta' materjal pedagoġiku.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 03 *(ikompli)*

O4 01 03 04 Laqgħat interni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
13 000	13 000	20 553,71

Kummenti

*Partita preċedenti (*trasferita parzjalment)*

*A6 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' xorb u ikel servut f'okkażjonijiet speċjali matul laqgħat interni.

Bażiġuridika

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u r-remunerazzjoni u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

O4 01 04 Infrastruttura u loġistika

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O4 01 04 01 Kirjiet u xirjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 138 000	6 053 000	5 957 000,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

— il-kostijiet tax-xiri jew kiri b'lokazzjoni tal-binjiet jew il-kostruzzjoni tal-binjiet,

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 04 *(ikompli)*

O4 01 04 01 *(ikompli)*

— kera u ċens, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	500 000 3 2 0 2

O4 01 04 02 Nefqa marbuta mal-binjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 562 000	1 557 000	0,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

— il-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— assigurazzjonijiet varji,

— tariffi tal-ilma, gass, elettriku u tisħin tal-binjiet jew partijiet minn binjiet okkupati mill-Uffiċċju,

— il-kostijiet għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-binjiet, il-liftijiet, it-tisħin ċentrali, it-tagħmir tal-arja kundizzjonata, eċċ.; in-nefqa mġarrba minn tindif regolari, ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għat-tindif, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry cleaning, eċċ., kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u r-rimi ta' skart,

— rinnovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid u kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablaġġ marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jingħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jingħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 04 *(ikompli)*

O4 01 04 02 *(ikompli)*

— spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jingħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— il-kost ta' konsulenza ġuridika, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' binjiet,

— nefqa oħra fuq binjiet, partikolarment tariffi maniġerjali għall-binjiet b'ħafna inkwilini, kostijiet tal-kejl tal-postijiet u tariffi għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart, eċċ.),

— tariffi għal assistenza teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' arredament għall-binjiet.

O4 01 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
106 000	106 000	1 625 417,72

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

— ix-xiri, il-kiri jew il-lokazzjoni, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rinnovament ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju.

O4 01 04 04 Servizzi u nfiq operatorju ieħor

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
674 000	693 000	1 818 654,87

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 04 *(ikompli)*

O4 01 04 04 *(ikompli)*

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u partikolarment:

  — xiri ta' uniformijiet (prinċipalment għall-messaġġiera, għax-xufiera u għall-persunal tar-ristoranti u tal-kaffetteriji),

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal tal-workshops u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih ikun meħtieġ protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkagħbir mhux normali u ħmieġ,

  — xiri jew rimborż tal-kost ta' kwalunkwe tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— ġarr, riorganizzazzjonijiet u ġestjoni dipartimentali (teħid tal-konsenji, ħżin, konsenja) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-uffiċina tal-istampar, u ta' xi stampar li jiġi esternalizzat,

— nefqa għad-debiti tal-posta u spedizzjoni għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,

— nefqa operatorja oħra mhux speċifikament dispost għaliha hawn fuq.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

O4 01 05 Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 137 000	1 136 000	1 084 068,56

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 05 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-binjiet tal-Uffiċċju u nefqa oħra relatata, inkluż b'mod partikolari:

— l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-għassa tal-binjiet, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir,

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O4 01 06 Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A6 01 60

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa biex isir u jkun żviluppat is-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-produzzjoni tar-rivista interna ta' kull xahar *Commission en direct*; il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-*data*; il-kost ta' llegar u nfiq ieħor meħtieġ għall-preservazzjoni tal-kotba u pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għal xiri ta' gazzetti, rivisti speċjalizzati, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika kummerċjali barranija, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet speċjalizzati oħrajn; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 07 Politika tal-infrastruttura u maniġment

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 51**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet għall-operat u l-konverżjoni ta' rutina għar-ristoranti, il-kafetteriji u l-kantins.

O4 01 08 Nefqa marbuta mal-aspett legali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 51**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri d-danni li għandhom jitħallsu mill-Uffiċċju u dawk li jirriżultaw minn responsabbiltà ta' parti terza, u n-nefqa relatata ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jitħallas kumpens mingħajr ebda pretensjoni legali li tirriżulta minnu.

O4 01 09 Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

Il-kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 09 *(ikompli)*

O4 01 09 01 Sistemi ta' informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 562 477	2 429 000	1 557 265,91

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sistemi ta' informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) tal-Uffiċċju u n-nefqa relatata. L-ambitu tagħha jinkludi l-kost tas-software tan-negozju u l-kostijiet għall-iżvilupp, il-ġestjoni u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet għall-Uffiċċju. Din tkopri b'mod partikolari:

— l-iżvilupp ta' sistemi tal-informazzjoni: riżorsi involuti fl-analiżi, id-disinn, l-iżvilupp, il-kodifikar, l-ittestjar u r-rilaxx ta' servizzi tal-imballaġġ assoċjati ma' proġetti tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet,

— l-appoġġ u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, it-tiswija u t-titjib żgħir assoċjati mal-applikazzjonijiet eżistenti,

— l-akkwiżizzjoni ta' software tan-negozju: nefqiet tas-software, inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri ta' software disponibbli kummerċjalment,

— il-ġestjoni ta' sistemi tal-informazzjoni: kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT, inkluż in-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	524 200 3 2 0 2

O4 01 09 02 Post tax-xogħol diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 573 000	1 714 000	256 985,84

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 09 *(ikompli)*

O4 01 09 02 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utenti finali u l-appoġġ għall-utenti finali. L-ambitu tagħha jinkludi l-kostijiet biex jinxtara, jinbena, jiġi ġestit u jiffunzjona l-apparat tal-computing tal-utenti finali, u jitwassal appoġġ ċentralizzat lill-utenti finali fil-Kummissjoni. Tkopri b'mod partikolari:

— l-infrastruttura tal-computing personali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti, laptops portabbli, magni tal-klijenti rqaq, periferali (inkluż moniters, apparat tal-punti u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu l-ħidma,

— apparat mobbli: tablets komputazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,

— software tal-utent finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor bħall-emails, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,

— printers f'network: printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room,

— konferenzi u l-awdjo/vidjow: tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex ikunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet tal-forza tax-xogħol,

— helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet,

— appoġġ fuq il-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fuq il-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali,

— spejjeż relatati mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari x-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni tat-tifi tan-nar.

O4 01 09 03 Servizzi ta' Ċentru tad- *Data* u networking

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 619 000	322 000	1 668 990,29

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferit parzjalment)*

*A6 01 03**

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 09 *(ikompli)*

O4 01 09 03 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u l-servizzi ta' Ċentru tad- *Data*, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Din tkopri b'mod partikolari:

— Faċilitajiet ta' Ċentri tad- *Data*: faċilitajiet ta' ċentri tad-*data* mibnija apposta biex iżommu u jipproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-ispazju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti"; din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor;

— il-kompjutazzjoni fil-binja u bil-cloud; din tinkludi:

  — is-servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ,

  — l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda,

  — il-mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali,

— il-ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad- *data* u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u *data* li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista' tinkludi *data* għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-*data*, il-fajls, il-midja, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-*data*, il-korruzzjoni tad-*data*, irkupri minn diżastri u r-rekwiżiti tal-konformità),

— in-network: tagħmir tad- *data* u tal-vuċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jitkellmu; din tinkludi:

  — il-LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnetta tagħmir fiċ-ċentri tad- *data* ewlenin u li jikkonnetta lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni u t-tagħmir tan-network taż-żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettaw direttament lil ċentri tad-*data*, uffiċċji u partijiet terzi,

  — il-vuċi: riżorsi ta' vuċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-vuċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP u l-voicemail,

  — it-trasport: ċirkwiti tan-network tad- *data* u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati; dan jinkludi networks tad-*data* apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet u kif ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżiti oħrajn tad-*data* bbażati fuq kontijiet tal-użu u ċirkwiti tan-network tal-vuċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati u kif ukoll l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-vuċi u tad-*data* jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (eż. bis-satellita),

— il-pjattaforma: il-kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad- *data* distribwiti u sistemi ta' middleware. Il-kostijiet jinkludu s-software u l-għodod tal-ġestjoni tal-bażijiet tad-*data*, u servizzi esterni,

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O4 01 09 *(ikompli)*

O4 01 09 03 *(ikompli)*

— it-twassil: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT, din tinkludi:

  — il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi involuti fl-attivitajiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),

  — il-ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi involuti fil-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,

  — il-ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "maniġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhmu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,

  — iċ-ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent, eż., l-iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network (NOC), iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali (GOC),

— is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet biex jiġu definiti, stabbiliti, infurzati u mkejla s-sigurtà, il-konformità, u t-tħejjija għall-irkupru minn diżastri, din tinkludi:

  — sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-Sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u tirrispondi għal ksur tas-sigurtà, u tipprovdi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma skennjar tal-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni minn intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,

  — konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,

  — rkupru minn diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-Irkupru mid-Diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twettiq ta' ttestjar ta' rkupru minn diżastri,

— infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): kostijiet relatati mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT, din tinkludi n-nefqa għall-assistenza fuq il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriża, il-finanzi tal-IT u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU O4 10 — RIŻERVI

O4 10 01 Approprjazzjonijiet provviżorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

KAPITOLU O4 10 — RIŻERVI *(ikompli)*

O4 10 01 *(ikompli)*

Kummenti

Artikolu preċedenti

A6 10 01

L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lejn titoli oħrajn tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

O4 10 02 Riżerva ta' kontinġenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A6 10 02

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Taxxi u imposti***				
3 0 0 0	Taxxa fuq remunerazzjonijiet	1 079 000			
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	191 000	p.m.	0,—	
	Artikolu 3 0 0 — Total	1 270 000	p.m.	0,—	
3 0 1	***Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni***				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni	1 757 000			
	Artikolu 3 0 1 — Total	1 757 000			
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	3 027 000	p.m.	0,—	
	Titolu 3 — Total	**3 027 000**	**p.m.**	**0,—**	

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 ***Taxxi u imposti***

3 0 0 0 Taxxa fuq remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
1 079 000		

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Atti ta' referenza

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
191 000	p.m.	0,—

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-ħlas tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL *(ikompli)*

3 0 1 Kontribuzzjonijiet tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
1 757 000		

Kummenti

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użati biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIBASSI RELATATI MA' POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 6 6				
6 6 8	***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIBASSI RELATATI MA' POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

6 6 8 Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra — Dħul assenjat

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jakkomoda, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun assenjat.

NEFQA

TITOLU O5

UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA FIL-LUSSEMBURGU

KAPITOLU O5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

— gratifiki ta' installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor.

O6 01 01 03 Politika tal-persunal u maniġment

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 000	3 000	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A3 01 50

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-kostijiet taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi fi Brussell u inizjattivi li jippromwovu l-kuntatt soċjali bejn il-persunal ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispiża tal-crèches u għat-trasport tal-iskola,

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 01 *(ikompli)*

O6 01 01 03 *(ikompli)*

— nefqa għall-kategoriji ta' persuni li ġejjin, bħala parti minn politika ta' assistenza għall-persuni b'diżabilità:

— uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

— konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,

— it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

O6 01 02 Persunal estern

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 329 000	2 466 000	2 349 724,80

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 01**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), inkluż dik li tkun saret disponibbli lis-segretarjat tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-kost tal-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa mġarrba (remunerazzjoni, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba l-użu ta' persunal estern u persunal ta' aġenzija b'kuntratti rregolati mid-dritt privat,

— il-kostijiet tal-persunal inklużi f'kuntratti tas-servizz u f'subkuntrattar tekniku u amministrattiv,

— il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 03 Nefqa maniġerjali oħra

O6 01 03 01 Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 314 000	1 460 000	1 642 451,98

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, inklużi kostijiet anċillari marbuta ma' biljetti u riservazzjonijiet, il-benefiċċji ta' sosteniment ta' kuljum u nfiq anċillari jew eċċezzjonali mġarrba b'rabta ma' missjonijiet mill-persunal tal-Kummissjoni koperti bir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— ir-rimborż ta' kostijiet imġarrba minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni fir-rigward ta' persunal tal-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni).

O6 01 03 02 Spejjeż għal-laqgħat u għall-gruppi ta' esperti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
260 000	260 000	301 073,91

Kummenti

Partita preċedenti

A3 01 02 11

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sussistenza u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-kost għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju.

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 03 *(ikompli)*

O6 01 03 03 Studji u konsultazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex persunal adattat biex jagħmel dan ix-xogħol. Din tkopri wkoll ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà jew miżati ta' sħubija f'istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzata.

O6 01 03 04 Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
138 000	138 000	125 000,—

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— taħriġ ġenerali biex jissaħħu l-ħiliet tal-persunal, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — miżati għall-esperti impjegati biex jidentifikaw il-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-persunal,

  — il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ikel u l-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 03 *(ikompli)*

O6 01 03 04 *(ikompli)*

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti multimedjali,

— l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

O6 01 03 05 Laqgħat interni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
19 000	19 000	19 974,11

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 11**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' xorb u ikel servut f'okkażjonijiet speċjali matul laqgħat interni.

O6 01 04 Infrastruttura u loġistika

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O6 01 04 01 Kirjiet u xirjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 507 000	5 292 000	5 487 605,12

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 04 *(ikompli)*

O6 01 04 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini ,

— kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ.

O6 01 04 02 Nefqa relatata mal-binjiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
922 000	919 000	973 393,40

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— il-ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

— il-kostijiet għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry-cleaning, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— rinnovament tal-bini, eż. alterazzjonijiet fil-kompartimenti, alterazzjonijiet fl-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, apparat elettriku, xogħol sanitarju, tibjid, kisi tal-art, u l-kost ta' bidliet fil-kablaġġ marbut mal-attrezzaturi, u l-kost tal-apparat neċessarju (qabel ma kuntratti ta' ammont li jaqbeż EUR 300 000 jiġġeddu jew jingħalqu, u bil-ħsieb li tkun razzjonalizzata n-nefqa), l-Uffiċċju jeħtieġ jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, l-indiċjar, id-durata, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— il-kost ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 04 *(ikompli)*

O6 01 04 02 *(ikompli)*

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, il-kostijiet marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart, eċċ.),

— tariffi għall-assistenza teknika relatata ma' xogħol ta' titjib konsiderevoli fil-bini.

O6 01 04 03 Tagħmir u għamara

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
133 000	135 000	125 947,80

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-installazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju.

O6 01 04 04 Servizzi u nfiq operatorju ieħor

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
201 000	206 000	187 100,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 04 *(ikompli)*

O6 01 04 04 *(ikompli)*

— il-kost tax-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għall-persunal li jaħdem fil-workshops u ta' persunal meħtieġa jagħmlu xogħol li għalih tkun meħtieġa protezzjoni kontra temp ħażin jew kesħa, tkagħbir mhux normali u ħmieġ,

  — ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

O6 01 04 05 Nefqa għat-traduzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	23 000,—

Kummenti

Partita preċedenti (trasferita parzjalment)*

*A3 01 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mas-servizzi tat-traduzzjoni.

O6 01 05 Nefqa għas-sigurtà u l-kontroll

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
335 000	333 000	497 908,74

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 05 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— l-ispejjeż relatati mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar,

— spejjeż marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-gwardjani tan-nirien u l-kostijiet ta' spezzjonijiet mandatorji,

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġu mġedda jew konklużi, u bil-ħsieb li tiġi razzjonalizzata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili.

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

O6 01 06 Nefqa għad-dokumentazzjoni u libreriji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
10 000	10 000	7 532,01

Kummenti

Artikolu preċedenti

A3 01 60

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (My IntraComm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad- *data*; il-kost tal-legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 07 Politika tal-infrastruttura u maniġment

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 51**

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' rutina marbutin mat-tmexxija u tal-konverżjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens.

O6 01 08 Nefqa marbuta mal-aspett legali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 51**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri d-danni li għandhom jitħallsu mill-Uffiċċju u dawk li jirriżultaw minn responsabbiltà ta' parti terza, u n-nefqa relatata ma' ċerti każijiet fejn, għal raġunijiet ta' ekwità, għandu jitħallas kumpens mingħajr ebda pretensjoni legali li tirriżulta minnu.

O6 01 09 Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Atti ta' referenza

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2018/559 tas-6 ta' April 2018 dwar l-istipular ta' regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 93, 11.4.2018, p. 4).

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 09 *(ikompli)*

O6 01 09 01 Sistemi ta' informazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 456 575	1 571 000	2 284 912,82

Kummenti

*Artikoli preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**	*A3 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sistemi ta' informazzjoni (jiġifieri l-applikazzjonijiet) tal-Uffiċċju u nefqa relatata. L-ambitu jinkludi l-kost tas-software tan-negozju u l-kostijiet biex jiġu żviluppati, ġestiti u jiffunzjonaw applikazzjonijiet għall-Uffiċċju. Tkopri b'mod partikolari:

— l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni: riżorsi involuti fis-servizzi ta' analiżi, disinn, żvilupp, ikkodifikar, ittestjar u rilaxx ta' imballaġġ assoċjati mal-proġetti ta' żvilupp tal-applikazzjonijiet,

— appoġġ u manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni: l-operazzjonijiet, l-appoġġ, l-iffissar u t-titjib minuri assoċjat mal-applikazzjonijiet eżistenti,

— akkwist tas-software tan-negozji: spejjeż tas-software inkluż il-liċenzjar, il-manutenzjoni u l-appoġġ relatat max-xiri tas-software disponibbli kummerċjalment,

— żvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni: il-kostijiet marbuta mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-IT inkluż in-nefqa għall-assistenza dwar il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriżi, il-finanzjament tal-IT, u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

O6 01 09 02 Post tax-xogħol diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
669 000	2 305 000	1 182 933,—

Kummenti

*Artikoli preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**	*A3 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-apparat tal-computing tal-utenti finali u l-appoġġ għall-utenti finali. L-ambitu tagħha jinkludi l-kostijiet biex jinxtara, jinbena, jiġi ġestit u jiffunzjona l-apparat tal-computing tal-utenti finali, u jitwassal appoġġ ċentralizzat lill-utenti finali fil-Kummissjoni. Tkopri b'mod partikolari:

— infrastruttura tal-computing personali: desktops fiżiċi komputazzjonali tal-klijenti, laptops portabbli, magni tal-klijenti rqaq, periferali (inkluż moniters, apparat tal-punti u printers personali mwaħħla) użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 09 *(ikompli)*

O6 01 09 02 *(ikompli)*

— apparat mobbli: tablets kompjutazzjonali tal-klijenti, smartphones u apps użati minn individwi biex iwettqu x-xogħol,

— is-software tal-utenti finali: software relatat mal-klijenti użat għall-kitba, il-ħolqien, il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni ta' dokumenti u kontenut ieħor bħall-emails, il-komunikazzjonijiet, il-messaġġi, il-word processing, l-ispreadsheets, il-preżentazzjonijiet, il-pubblikazzjonijiet desktop u l-grafika,

— printers f'network: printers personali konnessi ma' network, il-printers inkjet, il-printers tal-laser, il-printers dipartimentali jew tal-copy-room, eċċ.,

— il-konferenzi u l-awdjo/vidjow: tagħmir tal-awdjo u tal-vidjokonferenzi użat tipikament fil-kmamar tal-konferenzi u fil-kmamar apposta għat-telepreżenza biex ikunu jistgħu jsiru komunikazzjonijiet tal-forza tax-xogħol,

— helpdesk tal-IT: riżorsi ċentralizzati ta' helpdesk tal-Grad 1 li jirċievi u jittratta talbiet tal-utenti, iwieġeb mistoqsijiet u jsolvi kwistjonijiet,

— appoġġ fuq il-post: riżorsi ta' appoġġ lokali li jipprovdu appoġġ fuq il-post għaċ-ċaqliq, żidiet, bidliet u riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet reali.

O6 01 09 03 Servizzi ta' Ċentru tad- *Data* u networking

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 811 989	2 061 750	737 440,—

Kummenti

*Artikoli preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 01 03**	*A3 02 01**

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet marbuta mal-faċilitajiet u l-servizzi ta' Ċentru tad- *Data*, u l-kostijiet relatati mas-sigurtà tal-IT u l-konformità. Tkopri b'mod partikolari:

— il-faċilitajiet ta' Ċentru tad- *Data*: faċilitajiet ta' ċentri tad-*data* mibnija apposta biex iżommu u jipproteġu tagħmir kritiku tal-IT, inkluż l-ispazju, l-enerġija, il-kontrolli ambjentali, l-ixkafef, il-wajers u l-appoġġ "intelliġenti", din tinkludi faċilitajiet oħra bħall-kmamar tal-kompjuters u closets li jospitaw tagħmir tal-IT fi kwartieri korporattivi, ċentri telefoniċi jew binjiet ta' uffiċċji bi skop ġenerali ieħor;

— il-kompjutazzjoni fil-binja u bil-cloud; din tinkludi:

— is-servers: is-servers fiżiċi u virtwali li jaħdmu fuq sistemi operattivi differenti; inkluż il-hardware, is-software u s-servizzi ta' appoġġ,

— l-infrastruttura konverġenti: tagħmir mibni apposta li jipprovdi kapaċitajiet ta' komputazzjoni, ħażna u network f'kaxxa waħda,

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 09 *(ikompli)*

O6 01 09 03 *(ikompli)*

— il-mainframe: kompjuters mainframe tradizzjonali u operazzjonijiet li jħaddmu sistemi operattivi tradizzjonali,

— il-ħżin fil-binja u bil-cloud: il-ħżin ċentralizzat tad- *data* u ż-żamma sigura ta' informazzjoni u *data* li tkun meħtieġa aktar tard. Il-ħażna tista' tinkludi *data* għall-programmi tal-applikazzjoni u għall-kodiċi, il-bażijiet tad-*data*, il-fajls, il-midja, l-emails u forom oħra tal-informazzjoni. Din tinkludi t-tagħmir u s-software għall-ħżin online (għall-infrastruttura ta' komputazzjoni distribwita) u għall-ħżin offline (għal arkivju, riżerva u rkupru li jappoġġaw it-telf tad-*data*, il-korruzzjoni tad-*data*, irkupri minn diżastri u r-rekwiżiti tal-konformità),

— in-network: tagħmir tad- *data* u tal-vuċi flimkien mal-metodi tat-trasport għal konnessjoni ta' sistemi u persuni, u biex in-nies ikunu jistgħu jitkellmu; din tinkludi:

— il-LAN/WAN: network lokali fiżiku u bla fili li jikkonnettja tagħmir fiċ-ċentri tad- *data* ewlenin u li jikkonnettja lill-utenti finali fiż-żoni tax-xogħol fl-uffiċċju man-networks usa' tal-organizzazzjoni u t-tagħmir tan-network taż-żona wiesgħa u s-servizzi ta' appoġġ li jikkonnettjaw direttament lil ċentri tad-*data*, uffiċċji u partijiet terzi;

— il-vuċi: riżorsi ta' vuċi li jippermettu jew jiddistribwixxu servizzi bil-vuċi permezz ta' tagħmir fil-bini, inkluż il-PBX, il-VoIP u l-voicemail;

— it-trasport: ċirkwiti tan-network tad- *data* u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati; inkluż networks tad-*data* apposta u virtwali, u l-aċċess għall-internet u kif ukoll l-użu assoċjat mal-mobbiltà u ma' tranżiti oħrajn tad-*data* bbażati fuq kontijiet tal-użu u ċirkwiti tan-network tal-vuċi u faċilitajiet u servizzi ta' aċċess assoċjati; u kif ukoll l-użu assoċjat ma' telefonati standard. Kemm it-trasport tal-vuċi kif ukoll tad-*data* jistgħu jinkludu teknoloġiji terrestri u mhux terrestri (eż. bis-satellita);.

— il-pjattaforma: il-kostijiet assoċjati ma' bażijiet tad- *data* distribwiti u sistemi ta' middleware; dawn jinkludu s-software u l-għodod tal-ġestjoni tal-bażijiet tad-*data*, u servizzi esterni;

— it-twassil: il-kostijiet għall-monitoraġġ, l-appoġġ, il-ġestjoni, u t-tħaddim ta' operazzjonijiet tal-IT, din tinkludi:

— il-ġestjoni tas-servizzi tal-IT: riżorsi involuti fl-attivitajiet ta' ġestjoni ta' inċidenti, ta' problemi u ta' tibdil bħala parti mill-proċess ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT (għajr il-helpdesk tal-Grad 1),

— il-ġestjoni tal-programmi, tal-prodotti u tal-proġetti: riżorsi involuti fil-ġestjoni u l-appoġġ ta' proġetti relatati mal-IT u/jew l-iżvilupp kontinwu ta' prodotti b'inizjattivi fost in-negozju u xprunati mill-IT,

— il-ġestjoni tal-klijenti: riżorsi jew "maniġers tal-kontijiet" allinjati mal-linji tan-negozju biex jifhmu l-ħtiġijiet tan-negozju, jikkomunikaw prodotti, servizzi u status tal-IT ta' proġetti tal-IT,

— iċ-ċentru tal-operazzjonijiet: riżorsi ċentralizzati taċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-IT, inkluż il-monitoraġġ u l-intervent, eż., iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tan-network (NOC), iċ-ċentru tal-operazzjonijiet globali (GOC),

KAPITOLU O6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

O6 01 09 *(ikompli)*

O6 01 09 03 *(ikompli)*

— is-sigurtà, il-konformità, l-irkupru minn diżastri: il-kostijiet biex jiġu definiti, stabbiliti, infurzati u mkejla s-sigurtà, il-konformità, u t-tħejjija għall-irkupru minn diżastri, din tinkludi:

  — sigurtà: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tas-sigurtà tal-IT u taċ-ċibersigurtà, li tistabbilixxi proċess u mezzi, tistħarreġ il-konformità, u tirrispondi għal ksur tas-sigurtà, u tipprovdi sigurtà operazzjonali f'ħin reali bħalma huma skennjar tal-vulnerabbiltà, il-ġestjoni ta' firewalls, sistemi tal-prevenzjoni minn intrużjonijiet, u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni u tal-eventwalitajiet,

  — konformità: politika għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-konformità tal-IT, li tistabbilixxi kontrolli u tistħarreġ il-konformità mar-rekwiżiti legali u ta' konformità rilevanti,

  — irkupru mid-diżastri: politika tal-irkupri mid-diżastri għall-istabbiliment ta' riżorsi tal-Irkupru mid-Diżastri tal-IT, li tistabbilixxi proċessi u mezzi, faċilitajiet apposta għall-kommutazzjoni awtomatika, it-twettiq ta' ttestjar tal-irkupru mid-diżastri,

— infrastruttura ta' ġestjoni tal-IT (inkluż il-loġistika): il-kostijiet marbuta mal-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-ippjanar tal-infrastruttura tal-IT, din tinkludi n-nefqa għall-assistenza dwar il-ġestjoni eżekuttiva, il-ġestjoni strateġika, l-arkitettura tal-impriżi, il-finanzjament tal-IT, u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

KAPITOLU O6 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

O6 02 01 Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
650 000	612 250	2 736 806,99

Kummenti

*Artikolu preċedenti (*trasferiti parzjalment)*

*A3 02 01**

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

O6 02 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprjazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

— it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-għotja lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' bażijiet tad- *data*),

— li jkunu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,

— miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntrabandu tas-sigaretti,

— l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,

— li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta' vvjaġġar u l-benefiċċji ta' sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b'rabta ma' żjajjar ta' kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta' koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta' investigazzjoni tiġġustifikahom,

— li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta' sosteniment u l-kostijiet anċillari ta' esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,

— li jkunu koperti l-kostijiet ta' konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

O6 02 02 Miżuri tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
150 000	150 000	156 489,61

Kummenti

Artikolu preċedenti

A3 02 03

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kost għal miżuri ta' tagħrif u komunikazzjoni li jkunu ttieħdu mill-Uffiċċju.

L-istrateġija esterna tal-Uffiċċju fuq it-tagħrif u l-komunikazzjoni hija ċentrali għax-xogħol tiegħu. L-Uffiċċju twaqqaf bħala entità investigattiva indipendenti, u għalhekk għandu jkollu l-istrateġija tal-komunikazzjoni tiegħu. Ix-xogħol tal-Uffiċċju ħafna drabi jkun tekniku ħafna biex jiftiehem mill-ewwel mill-pubbliku. L-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-interlokuturi tiegħu u lill-pubbliku kollu dwar ir-rwol u l-ħidmiet tiegħu. Il-perċezzjoni pubblika tax-xogħol tal-Uffiċċju hija ta' importanza kbira.

IL-KUMMISSJONI
L-UFFIĊĊJU EWROPEW KONTRA L-FRODI (OLAF)

KAPITOLU O6 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI *(ikompli)*

O6 02 02 *(ikompli)*

Bħala servizz tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jrid iqis ukoll l-iżbilanċ demokratiku li jeżisti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-Kummissjoni għarfet dan l-iżbilanċ u fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizzah.

L-istrateġija tal-komunikazzjoni li l-Uffiċċju żviluppa u li se jkompli jimplimenta għandha turi l-indipendenza tagħha.

KAPITOLU O6 10 — RIŻERVI

O6 10 01 Approprjazzjonijiet provviżorji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A3 10 01

L-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan il-kapitolu huma purament proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment lil kapitoli oħra skont il-proċedura stipulata għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

O6 10 02 Riżerva ta' kontinġenza

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Artikolu preċedenti

A3 10 02

PROĠETTI PILOTA U AZZJONIJIET PREPARATORJI

IL-KUMMISSJONI

PROĠETTI PILOTA

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

NEFQA

TITOLU PP

PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
	KAPITOLU PP 01							
PP 01 14	***2014***							
PP 01 14 01	Proġett pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	283 764,35	
	Artikolu PP 01 14 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	283 764,35	
PP 01 16	***2016***							
PP 01 16 01	Proġett pilota – Immunizzazzjoni materna: nagħlqu l-lakuni fl-għarfien sabiex isir progress fl-immunizzazzjoni materna f'kuntesti fejn hemm riżorsi limitati							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	239 955	p.m.	239 955	0,—	179 966,70	75
PP 01 16 02	Proġett pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	39 758	0,—	159 030,50	
PP 01 16 03	Proġett pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjiegi ġodda							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	238 752,50	
	Artikolu PP 01 16 — Total	p.m.	239 955	p.m.	279 713	0,—	577 749,70	240,77
PP 01 17	***2017***							
PP 01 17 01	Proġett pilota — Teknoloġiji spazjali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	372 594,89	
PP 01 17 02	Proġett pilota — Qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali fuq il-minuri							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	345 164	0,—	431 453,50	

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 01 17	*(ikompli)*							
PP 01 17 03	Proġett pilota — Inizjattiva għall-Bini ta' Sensibilizzazzjoni Algoritmika							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	300 000	0,—	0,—	
PP 01 17 04	Proġett pilota — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-holqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Aċċess By Default)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	14 972	0,—	7 495,91	
PP 01 17 05	Proġett pilota — Faċilitaturi diġitali fl-SMEs: appoġġ għad-diġitalizzazzjoni għat-tishiħ tal-kapaċità tal-SMEs li jinternazzjonalizzaw ruħhom u jinnovaw							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	198 800	0,—	0,—	
PP 01 17 06	Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea dwar il-persuni vulnerabbli fis-Soċjetà tal-Informazzjoni: l-immappjar tal-aħjar prattiki u l-impatt soċjoekonomiku għat-tishiħ tal-komunitajiet vulnerabbli permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	169 267	p.m.	398 053	0,—	128 785,33	76,08
PP 01 17 07	Proġett pilota — Ibdiha Ekosistema bbażata fuq in-negozji ġodda (li tgħaqqad l-universitajiet, intraprendituri u ċentru tan-negozji ġodda fil-Pomerania tal-Punent) biex jiġi sfruttat il-potenzjal reġjonali barra mill-bliet ċentrali fil-Polonja							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	295 842,93	
	Artikolu PP 01 17 — Total	p.m.	169 267	p.m.	1 256 989	0,—	1 236 172,56	730,31
PP 01 18	***2018***							
PP 01 18 01	Proġett pilota — Grafika tal-ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	178 436	p.m.	250 000	0,—	0,—	
PP 01 18 02	Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	420 000	p.m.	1 185 000	1 050 000,—	522 909,—	124,50

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 01 18	*(ikompli)*							
PP 01 18 03	Proġett pilota — Ekosistema Ewropea ta' teknoloġiji tar-reġistru distribwit għall-ġid soċjali u pubbliku							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	259 870	p.m.	120 000	0,—	649 482,—	249,93
PP 01 18 04	Proġett pilota — Organizzazzjoni ta' avvenimenti fuq skala kbira — "Ix-Xjenza tiltaqa' mal-Parlamenti u r-Reġjuni"							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	150 000	0,—	740 264,11	
	Artikolu PP 01 18 — Total	p.m.	858 306	p.m.	1 705 000	1 050 000,—	1 912 655,11	222,84
PP 01 19	***2019***							
PP 01 19 01	Proġett pilota — Ittestjar ta' teknoloġiji retroattivi							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	419 973	p.m.	630 000	1 049 931,—	0,—	
PP 01 19 02	Proġett pilota — Ġestjoni tat-traffiku spazjali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	200 000	p.m.	350 000	700 000,—	0,—	
PP 01 19 03	Proġett pilota — L-identifikazzjoni tal-mogħdijiet ta' impatt u l-iżvilupp ta' indikaturi biex jiġi ntraċċat u mkejjel l-impatt soċjetali tar-riċerka u l-innovazzjoni bijomediċi ffinanzjati mill-UE							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	245 000	p.m.	105 000	350 000,—	0,—	
PP 01 19 04	Proġett pilota — Riċerka dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	614 004	p.m.	499 064	1 275 000,—	637 500,—	103,83
PP 01 19 05	Proġett pilota — Girls 4 STEM fl-Ewropa							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	280 000	350 000,—	277 160,—	
PP 01 19 06	Proġett pilota — Pjattaforma diġitali Ewropea għall-fornituri ta' kontenut tal-kwalità							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	390 000	390 000	214 500	390 000,—	0,—	
PP 01 19 07	Proġett pilota — Diżabilità fil-qari u aċċess għal dokumenti – approċċ possibbli							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	175 000	350 000,—	175 000,—	

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 01 19	*(ikompli)*							
PP 01 19 08	Proġett pilota — Tekniki integrati għat-tisħiħ siżmiku u l-effiċjenza enerġetika ta' bini eżistenti							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	525 000	p.m.	637 500	1 275 000,—	199 800,—	38,06
PP 01 19 09	Proġett pilota — Implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' riċerka Qafas Multidimensjonali dwar l-Inugwaljanzi għall-Unjoni Ewropea							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	340 000	p.m.	637 500	1 275 000,—	57 501,95	16,91
	Artikolu PP 01 19 — Total	p.m.	2 733 977	390 000	3 528 564	7 014 931,—	1 346 961,95	49,27
PP 01 20	***2020***							
PP 01 20 01	Proġett pilota — Ir-reżiljenza tal-avjazzjoni għall-interferenzi u t-theddid ċibernetiku fil-konfront tal-GNSS							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	450 000	1 500 000	375 000			
PP 01 20 02	Proġett pilota — L-użu ta' Galileo u EGNOS biex jitnaqqsu l-imwiet relatati mal-arrest kardijaku							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	150 000	500 000	125 000			
PP 01 20 03	Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: nilliberaw l-kreattività għall-ġestjoni tal-ilma fl-Ewropa							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	550 000	1 000 000	250 000			
PP 01 20 04	Proġett pilota — Aċċessibbiltà inklużiva għall-persuni b'diżabbiltajiet konjittivi (internet inklużiv: aċċess għal kulħadd)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	640 000	900 000	225 000			
	Artikolu PP 01 20 — Total	p.m.	1 790 000	3 900 000	975 000			
PP 01 21	***2021***							
PP 01 21 01	Proġett pilota — Studju tal-fattibbiltà dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' partikolati dovuti għat-traffiku permezz ta' sistema ta' filtrazzjoni tat-trab fin immuntata fuq il-vettura							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 500 000	375 000					

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*
KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 01 21	*(ikompli)*							
PP 01 21 02	Proġett pilota — Servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 000 000	250 000					
PP 01 21 03	Proġett pilota — Il-promozzjoni fid-dinja ta' stil Ewropew tal-innovazzjoni diġitali radikata fil-kultura							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 000 000	250 000					
PP 01 21 04	Proġett pilota — Soluzzjonijiet madwar l-Ewropa kollha għall-użu ta' software b'xejn u b'sors miftuħ mis-servizzi pubbliċi fl-UE							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	500 000	125 000					
PP 01 21 05	Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea ta' tagħlim elettroniku għall-imprenditorija biex tgħin lill-SMEs jadattaw għall-kuntest attwali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	400 000	100 000					
	Artikolu PP 01 21 — Total	4 400 000	1 100 000					
	KAPITOLU PP 01 — TOTAL	4 400 000	6 891 505	4 290 000	7 745 266	8 064 931,—	5 357 303,67	77,74
	KAPITOLU PP 02							
PP 02 15	***2015***							
PP 02 15 01	Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	519 992,—	
PP 02 15 02	Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u ohrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	325 504	0,—	203 440,25	
	Artikolu PP 02 15 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	325 504	0,—	723 432,25	
PP 02 17	***2017***							
PP 02 17 01	Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	459 717	p.m.	640 000	0,—	263 400,—	57,30

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 02 17	*(ikompli)*							
PP 02 17 02	Proġett pilota — Mobilità sostenibbli kondiviża interkonnessa mat-trasport pubbliku f'żoni rurali Ewropej (l-iżvilupp tal-kunċett ta' "żoni tat-trasport rurali intelliġenti" (SMARTAs))							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	307 500	p.m.	676 000	0,—	282 000,—	91,71
PP 02 17 03	Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	600 000	0,—	152 657,—	
PP 02 17 04	Proġett Pilota — Inventarju tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	172 584,—	
PP 02 17 05	Proġett pilota — Żoni ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	532 700,—	
	Artikolu PP 02 17 — Total	p.m.	767 217	p.m.	1 916 000	0,—	1 403 341,—	182,91
PP 02 18	***2018***							
PP 02 18 01	Proġett pilota — L-imġiba tal-bniedem b'rabta mas-sewqan awtonomu							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	145 000	0,—	0,—	
PP 02 18 02	Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	178 215	p.m.	178 215	0,—	0,—	
PP 02 18 03	Proġett pilota — OREL — Sistema Ewropea li tillimita l-frodi relatata mal-odometru: proċess rapidu għall-affidabbiltà stradali fl-Unjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	137 681	0,—	103 312,80	
PP 02 18 04	Proġett pilota — Studju ta' fattibilità għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	250 000	p.m.	400 000	420 000,—	240 000,—	96
	Artikolu PP 02 18 — Total	p.m.	428 215	p.m.	860 896	420 000,—	343 312,80	80,17

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 02 19	***2019***							
PP 02 19 01	Proġett pilota — TachograApp: studju ta' fattibbiltà u analiżi tal-kostijiet tal-iżvilupp ta' applikazzjoni ċertifikata biex tintuża bħala takografu							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	581 867	300 000	355 000	509 810,—	0,—	
PP 02 19 02	Proġett pilota — L-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli fil-proċessi industrijali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	367 500	p.m.	262 500	525 000,—	0,—	
PP 02 19 03	Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	1 248 000	1 800 000	1 500 000	2 100 000,—	0,—	
PP 02 19 04	Proġett pilota — Kuntest tal-Ipprogrammar madwar l-UE							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	595 000	700 000,—	0,—	
PP 02 19 05	Proġett pilota — Pjattaforma ta' servizzi diġitali integrati għaċ-ċittadini u n-negozji							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	262 500	p.m.	p.m.	1 050 000,—	0,—	
	Artikolu PP 02 19 — Total	p.m.	2 459 867	2 100 000	2 712 500	4 884 810,—	0,—	
PP 02 20	***2020***							
PP 02 20 01	Proġett pilota — Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 800 000	950 000	1 000 000	250 000			
PP 02 20 02	Proġett pilota — Ekotikkettar għall-avjazzjoni / Proġett ta' dimostrazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema ta' ekotikketta volontarja fil-qasam tal-avjazzjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	1 125 000	1 500 000	375 000			
PP 02 20 03	Proġett pilota — Interkonnessjoni tal-mobilità urbana bl-infrastrutturi tat-trasport bl-ajru							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	225 000	300 000	75 000			
PP 02 20 04	Proġett pilota — Rivitalizzazzjoni tal-ferroviji transfruntieri ta' billejl							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	375 000	500 000	125 000			

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 02 20	*(ikompli)*							
PP 02 20 05	Proġett pilota — Kapaċità ta' ekoloġizzazzjoni tal-portijiet marittimi Ewropej							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	225 000	300 000	75 000			
PP 02 20 06	Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	250 000	1 000 000	250 000			
PP 02 20 07	Proġett pilota — L-involviment tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	875 000	437 500	875 000	218 750			
PP 02 20 08	Proġett pilota — Żvilupp ta' intelliġenza artifiċjali (AI) għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer pedjatriku							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 350 000	837 500	1 000 000	250 000			
PP 02 20 09	Proġett pilota — Mobilità urbana intelliġenti li tinvolvi vetturi awtonomi							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	750 000	1 000 000	250 000			
PP 02 20 10	Proġett pilota — L-iżvilupp ta' aġenda strateġika ta' riċerka, innovazzjoni u implimentazzjoni kif ukoll ta' pjan direzzjonali għal ugwaljanza lingwistika diġitali sħiħa fl-Ewropa sal-2030							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 000 000	1 150 000	1 800 000	450 000			
PP 02 20 11	Proġett pilota — Appoġġ għal kooperazzjoni akbar fost l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għat-tneħħija immedjata ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	800 000	1 000 000	250 000			
	Artikolu PP 02 20 — Total	5 025 000	7 125 000	10 275 000	2 568 750			
PP 02 21	***2021***							
PP 02 21 01	Proġett pilota — L-ikkompletar tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali: Alleanza Diġitali Ekoloġika Ewropea							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 200 000	300 000					

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 02 21	*(ikompli)*							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	353 975,—	
	Artikolu PP 14 18 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	430 000	1 080 000,—	845 355,—	

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*
KAPITOLU PP 15 — ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI
KAPITOLU PP 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 14 19	***2019***							
PP 14 19 01	Proġett pilota — Estensjoni tal-kopertura universali tas-saħħa fil-Mauritania							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu PP 14 19 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
PP 14 21	***2021***							
PP 14 21 01	Proġett pilota — Osservatorju Ewropew għall-ġlieda kontra l-impunità							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	175 000	43 750					
	Artikolu PP 14 21 — Total	175 000	43 750					
	KAPITOLU PP 14 — TOTAL	175 000	43 750	p.m.	2 030 153	1 080 000,—	4 380 703,04	10 013,04
	KAPITOLU PP 15							
PP 15 08	***2008***							
PP 15 08 01	Proġett pilota — Preservazzjoni u restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	Artikolu PP 15 08 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	KAPITOLU PP 15 — TOTAL	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—	
	KAPITOLU PP 20							
PP 20 15	***2015***							
PP 20 15 01	Proġett pilota — Komunikazzjonijiet elettroniċi kriptati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	29 900,—	
	Artikolu PP 20 15 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	29 900,—	

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PP 20 17	***2017***							
PP 20 17 01	Proġett Pilota — Teknoloġiji u għodod tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) ġodda għall-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-Inizjattivi tać-Ċittadini Ewropej (ECI)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	396 942,—	
PP 20 17 02	Proġett pilota — Attivazzjoni tal-identifikazzjonijiet elettroniċi u l-firem diġitali fuq l-internet bħala implimentazzjoni tar-Regolament eIDAS mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	84 500	0,—	275 000,—	
	Artikolu PP 20 17 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	84 500	0,—	671 942,—	
PP 20 19	***2019***							
PP 20 19 01	Proġett pilota — Użu mill-ġdid tal-istandards diġitali għas-sostenn tas-settur tal-SMEs							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	340 000	p.m.	525 000	1 050 000,—	53 177,30	15,64
	Artikolu PP 20 19 — Total	p.m.	340 000	p.m.	525 000	1 050 000,—	53 177,30	15,64
	KAPITOLU PP 20 — TOTAL	p.m.	340 000	p.m.	609 500	1 050 000,—	755 019,30	222,06
	Titolu PP — Total	**40 000 000**	**54 020 930**	**40 000 000**	**49 935 117**	**38 079 765,52**	**29 557 959,83**	**54,72**

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

TITOLU PP

PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt skont dan il-Kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi mal-livell tal-approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 01 20 01.

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 01 14 2014

PP 01 14 01 Proġett pilota — Teknoloġiji ta' Għarfien Miftuħ: Immappjar u validazzjoni tal-għarfien

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	283 764,35

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 01 16 2016

PP 01 16 01 Proġett pilota – Immunizzazzjoni materna: nagħlqu l-lakuni fl-għarfien sabiex isir progress fl-immunizzazzjoni materna f'kuntesti fejn hemm riżorsi limitati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	239 955	p.m.	239 955	0,—	179 966,70

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 16 *(ikompli)*

PP 01 16 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

08 02 77 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 16 02 Proġett pilota — L-iżvilupp tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u għodod diġitali fl-edukazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	39 758	0,—	159 030,50

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 16 03 Proġett pilota — Ħiliet diġitali: professjonijiet ġodda, metodi edukattivi ġodda, impjiegi ġodda

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	238 752,50

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 17 2017

PP 01 17 01 Proġett pilota — Teknoloġiji spazjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	372 594,89

Kummenti

Partita preċedenti

02 04 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 17 02 Proġett pilota — Qafas tal-aħjar prattiki biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali fuq il-minuri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	345 164	0,—	431 453,50

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 17 03 Proġett pilota — Inizjattiva għall-Bini ta' Sensibilizzazzjoni Algoritmika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	300 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 11

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 17 *(ikompli)*

PP 01 17 03 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Atti ta' referenza

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.03.2010, p. 47), b'mod partikolari l-Artikoli 10, 169.

It-Trattat dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.03.2010, p. 389), b'mod partikolari l-Artikoli 8, 11 u 38.

Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2016 dwar "Il-Pjattaformi Online u s-Suq Diġitali, Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa" (COM(2016) 288 final).

Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Online Platforms" li jakkumpanjaw id-dokument Komunikazzjoni fuq Pjattaformi Online u s-suq uniku diġitali (SWD (2016) 172 final).

PP 01 17 04 Proġett pilota — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Aċċess By Default)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	14 972	0,—	7 495,91

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 15

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 17 05 Proġett pilota — Faċilitaturi diġitali fl-SMEs: appoġġ għad-diġitalizzazzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-SMEs li jinternazzjonalizzaw ruħhom u jinnovaw

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	198 800	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 17 *(ikompli)*

PP 01 17 05 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 17 06 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea dwar il-persuni vulnerabbli fis-Soċjetà tal-Informazzjoni: l-immappjar tal-aħjar prattiki u l-impatt soċjoekonomiku għat-tisħiħ tal-komunitajiet vulnerabbli permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	169 267	p.m.	398 053	0,—	128 785,33

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 17 07 Proġett pilota — Ibdiha Ekosistema bbażata fuq in-negozji ġodda (li tgħaqqad l-universitajiet, intraprendituri u ċentru tan-negozji ġodda fil-Pomerania tal-Punent) biex jiġi sfruttat il-potenzjal reġjonali barra mill-bliet ċentrali fil-Polonja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	295 842,93

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 17

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 18 2018

PP 01 18 01 Proġett pilota — Grafika tal-ekosistemi ta' negozji ġodda u li qed jespandu Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	178 436	p.m.	250 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 19

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 18 02 Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	420 000	p.m.	1 185 000	1 050 000,—	522 909,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 20

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 18 03 Proġett pilota — Ekosistema Ewropea ta' teknoloġiji tar-reġistru distribwit għall-ġid soċjali u pubbliku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	259 870	p.m.	120 000	0,—	649 482,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 18 *(ikompli)*

PP 01 18 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 21

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 18 04 Proġett pilota — Organizzazzjoni ta' avvenimenti fuq skala kbira — "Ix-Xjenza tiltaqa' mal-Parlamenti u r-Reġjuni"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	150 000	0,—	740 264,11

Kummenti

Partita preċedenti

10 02 77 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 2019

PP 01 19 01 Proġett pilota — Ittestjar ta' teknoloġiji retroattivi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	419 973	p.m.	630 000	1 049 931,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 04 77 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 19 *(ikompli)*

PP 01 19 02 Proġett pilota — Ġestjoni tat-traffiku spazjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	p.m.	350 000	700 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 04 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 03 Proġett pilota — L-identifikazzjoni tal-mogħdijiet ta' impatt u l-iżvilupp ta' indikaturi biex jiġi ntraċċat u mkejjel l-impatt soċjetali tar-riċerka u l-innovazzjoni bijomediċi ffinanzjati mill-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	245 000	p.m.	105 000	350 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

08 02 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 04 Proġett pilota — Riċerka dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 fil-produzzjoni tal-azzar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	614 004	p.m.	499 064	1 275 000,—	637 500,—

Kummenti

Partita preċedenti

08 05 77 01

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 19 *(ikompli)*

PP 01 19 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 05 Proġett pilota — Girls 4 STEM fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	280 000	350 000,—	277 160,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 22

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 06 Proġett pilota — Pjattaforma diġitali Ewropea għall-forniturі ta' kontenut tal-kwalità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	390 000	390 000	214 500	390 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Issa huwa l-mument li jerġa' jiġi kkunsidrat il-kunċett tal-libertà fl-isfera diġitali. L-istat attwali tal-ekonomija diġitali juri b'mod qawwi l-paradossi tal-libertà tan-network: il-ġganti tal-internet jibbenefikaw minn suq dinamiku li huwa estremament liberu, li jrendi profitt kbir, madankollu, il-mudelli ta' negozju tagħhom iqajjem mistoqsijiet bażiċi preċiżament dwar din il-libertà fl-isfera diġitali. Minkejja li diġà jeżistu xi azzjonijiet leġiżlattivi li jirregolaw il-kumpaniji diġitali – f'dan ir-rigward għandu jsir riferiment għall-proposta tal-Kummissjoni dwar it-taxxa diġitali – dawn il-miżuri jittrattaw biss parti mill-problemi tal-monopolji diġitali. Il-qafas regolatorju, inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 19 *(ikompli)*

PP 01 19 06 *(ikompli)*

tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali *data*, u li tħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p.1) u d-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92), juri li l-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* tal-utenti u fl-iżgurar tad-diversità kulturali billi tiggarantixxi remunerazzjoni ġusta għall-artisti.

Madankollu, ma hemm l-ebda sorveljanza Ewropea tal-kompetizzjoni tal-monopolji diġitali li jinsabu l-aktar fl-Istati Uniti, li ħafna drabi jużaw il-poter tagħhom fis-suq biex jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika jew il-leġiżlaturi. Barra minn hekk, fl-aħjar ipoteżi, dawn huma bbażati fuq mudell kummerċjali dubjuż, kif ħareġ fl-iskandlu ta' Cambridge Analytica u Facebook.

Il-Kummissjoni ħarġet b'kunsiderazzjonijiet simili fil-komunikazzjoni tagħha dwar "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: approċċ Ewropew ", maħruġa f'April 2018, li fiha tiddikjara l-ħtieġa ta' ekosistema online aktar trasparenti, affidabbli u responsabbli. Dwar is-suġġett tal-aħbarijiet foloz, hija tidentifika li l-mekkaniżmi li "jippermettu l-ħolqien, l-amplifikazzjoni u d-disseminazzjoni tad-diżinformazzjoni jiddependu fuq nuqqas ta' trasparenza u traċċabbiltà fl-ekosistema eżistenti tal-pjattaformi u fuq l-impatt tal-algoritmi u tal-mudelli tar-reklamar online. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu promossi bidliet xierqa fl-imġiba tal-pjattaformi, ekosistema tal-informazzjoni aktar responsabbli, kapaċitajiet ta' verifika tal-fatti msaħħa u għarfien kollettiv dwar id-diżinformazzjoni, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda sabiex jittejjeb il-mod kif l-informazzjoni tiġi prodotta u disseminata online".

Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tiddikjara l-ħtieġa li titjieb it-trasparenza tal-oriġini tal-informazzjoni u l-mod kif tiġi prodotta, tinkoraġġixxi d-diversità tal-informazzjoni, u tivverifika l-kredibbiltà tagħha. Fl-osservazzjonijiet ulterjuri, hija tfittex li "tfassal soluzzjonijiet inklużivi. Is-soluzzjonijiet effikaċi fit-tul jirrikjedu s-sensibilizzazzjoni, aktar litteriżmu fil-midja, l-involviment mifrux tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-pjattaformi online, ta' dawk li jirreklamaw, tas-sinjalaturi fdati, tal-ġurnalisti u tal-gruppi tal-midja".

Fl-istess spirtu, dan il-proġett pilota se joħloq pjattaforma diġitali Ewropea ġdida f'konformità ma' qafas regolatorju b'saħħtu tal-Unjoni. Il-pjattaforma se taħdem fuq mudell kummerċjali li huwa fundamentalment differenti mill-mudell tal-kummerċ tad- *data* li jużaw Facebook u Google. L-alternattiva Ewropea se timmira li tipprovdi kontenut ta' kwalità mingħajr ma tirrestrinġi l-libertà ta' konnessjoni. Minflok, għandu jkun hemm reġim tal-ħruġ tal-liċenzji li ssaħħaħ il-ġurnaliżmu ta' kwalità għolja. Għaldaqstant, pjattaforma Ewropea komuni tista' tfisser azzjoni konġunta fuq livell Ewropew kontra l-aħbarijiet foloz u d-diskors ta' mibegħda. Il-ħtieġa li tiġi offruta alternattiva mhux biss ġiet enfasizzata wara l-iskandli reċenti iżda wkoll mill-fatt li hemm inizjattivi fi ħdan l-Unjoni biex jitnedew pjattaformi alternattivi, bħal Verimi.

Barra minn hekk, il-proġett pilota se jkopri firxa wiesgħa ta' objettivi u politiki, filwaqt li janalizza l-qagħda tal-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam. Huwa wkoll parti mill-isforzi tagħha biex jinħoloq suq uniku diġitali. Il-Kummissjoni timmira li tagħmel ir-regoli tal-Unjoni aktar orjentati lejn il-futur u allinjati mal-avvanz rapidu tal-iżvilupp teknoloġiku.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 19 *(ikompli)*

PP 01 19 06 *(ikompli)*

Il-proġett pilota se jkun għodda addizzjonali għall-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni ppubblikata mill-kumpaniji elenkati fl-Ewropa, inkluż l-użu ta' teknoloġiji innovattivi biex jiġu interkonnessi d-databażijiet nazzjonali. Barra minn hekk, il-proġett pilota jista' jgħaqqad il-pjattaforma eżistenti ta' Europeana, li diġà hija pjattaforma diġitali mmexxija mill-Kummissjoni dwar il-wirt kulturali. Permezz ta' Europeana, iċ-ċittadini u l-industriji kulturali u kreattivi jistgħu jaċċedu għall-kultura Ewropea għall-akbar firxa wiesgħa possibbli ta' skopijiet. Din il-Pjattaforma Ewropea l-ġdida tista' tingħaqad ma' Europeana fil-futur. Ikun tajjeb li jipparteċipaw ix-xandara pubbliċi bħal ARTE, il-pubblikaturi ta' gazzetti, l-istituti kulturali bħall-universitajiet, t-teatri, il-mużewijiet u ħafna oħrajn.

Il-proġett pilota se jinqasam f'żewġ fażijiet:

Fażi 1: Stampa ġenerali

L-ewwel fażi se tinvolvi l-analiżi tal-qagħda tal-inizjattivi marbuta mal-pjattaformi online fi ħdan l-Unjoni f'livell lokali, reġjonali u (inter)nazzjonali, kemm jekk ikunu privati kif ukoll jekk ikunu pubbliċi. Jeħtieġ li l-partijiet ikkonċernati u l-esperti jiġu kkonsultati u jista' jitnieda studju biex tinkiseb stampa ġenerali tal-inizjattivi fuq il-livelli kollha. Fl-aħħar nett, dawn l-inizjattivi se jiġu analizzati biex jinstab sa liema punt u f'liema oqsma speċifiċi huma adatti biex jgħinu l-ħolqien ta' pjattaforma Ewropea. Barra minn hekk, jeħtieġ li jinstab mudell ta' negozju alternattiv għall-kummerċ tad- *data*.

Fażi 2: ħolqien tal-pjattaforma

Fit-tieni fażi, il-pjattaformi eżistenti jridu jiġu adegwati u kollegati flimkien mal-partijiet ikkonċernati sabiex tinħoloq pjattaforma Ewropea li tkopri kwalunkwe tip ta' kontenut, inkluż ġurnaliżmu, filmati u stampi. Il-pjattaforma tidħol sew fil-pjan tal-Kummissjoni li tistabbilixxi pjattaforma dwar id-diżinformazzjoni.

PP 01 19 07 Proġett pilota — Diżabilità fil-qari u aċċess għal dokumenti – approċċ possibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	175 000	350 000,—	175 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 25

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 19 *(ikompli)*

PP 01 19 08 Proġett pilota — Tekniki integrati għat-tisħiħ siżmiku u l-effiċjenza enerġetika ta' bini eżistenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	525 000	p.m.	637 500	1 275 000,—	199 800,—

Kummenti

Partita preċedenti

10 02 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 19 09 Proġett pilota — Implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' riċerka Qafas Multidimensjonali dwar l-Inugwaljanzi għall-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	340 000	p.m.	637 500	1 275 000,—	57 501,95

Kummenti

Partita preċedenti

10 02 77 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 01 20 2020

PP 01 20 01 Proġett pilota — Ir-reżiljenza tal-avjazzjoni għall-interferenzi u t-theddid ċibernetiku fil-konfront tal-GNSS

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	1 500 000	375 000		

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 20 *(ikompli)*

PP 01 20 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

02 04 77 08

Dan il-proġett se janalizza t-theddid ta' interferenzi u attakki ċibernetiċi fuq is-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) għall-funzjonament tal-avjazzjoni u jidentifika miżuri ta' mitigazzjoni.

Dan hu proġett ta' sentejn li għandu jitmexxa mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) f'koordinazzjoni mas-sħab Ewropej biex tkun żgurata s-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili bl-implimentazzjoni ta' miżuri tas-sigurtà u ta' mekkaniżmi ta' prova ta' interferenzi integrati. Il-proġett jidentifika prattiki tajbin għar-regolaturi u l-operaturi, u jipprovdi gwida relatata mas-sigurtà tas-sistema GNSS u ta' inizjattivi futuri li jistgħu jittieħdu fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

Il-proġett jindirizza wkoll il-kwistjoni tat-tagħmir GNSS/PNT (b'mod partikolari r-riċevituri) billi jipproponi strateġiji ta' installazzjoni u operazzjoni li jistgħu jiġu implimentati għat-tagħmir attwali kif ukoll strateġiji li jistgħu jwasslu għal prodotti aħjar u/jew aktar reżiljenti.

Barra minn hekk, il-proġett jivvaluta jekk l-istrateġiji proposti humiex applikabbli għal dominji oħra apparti l-avjazzjoni.

PP 01 20 02 Proġett pilota — L-użu ta' Galileo u EGNOS biex jitnaqqsu l-imwiet relatati mal-arrest kardijaku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	150 000	500 000	125 000		

Kummenti

Partita preċedenti

02 05 77 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-arresti kardijaċi għal għarrieda jirrappreżentaw 20 % tal-imwiet fl-Unjoni. Din iċ-ċifra tista' tkun notevolment aktar baxxa jekk issir kompressjoni bikrija tas-sider u defibrillazzjoni bikrija fuq il-vittmi kollha. Fil-fatt, ir-riċerka turi li l-ewwel defibrillazzjoni inqas minn tliet minuti wara l-arrest kardijaku tirriżulta f'rata ta' sopravivenza ta' 74 %. Minkejja dan, inqas minn 5 % tal-vittmi ta' arrest kardijaku jiġu ttrattati b'kompressjoni tas-sider u b'defibrillazzjoni bikrija.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 20 *(ikompli)*

PP 01 20 02 *(ikompli)*

Illum il-ġurnata, qed isiru dejjem aktar kampanji ta' informazzjoni biex jippromwovu t-tagħlim ta' kif wieħed iwettaq rianimazzjoni kardjopulmonari (CPR) u l-akkwist ta' defibrillaturi awtomatiċi esterni (DAE) minn individwi, organizzazzjonijiet privati jew awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, l-oħrajn, inklużi s-servizzi tal-emerġenza, ħafna drabi ma jkunux jafu fejn ikun jinsab dan l-apparat. Dan iwassal għal sitwazzjoni li fiha l-vittmi ta' attakk tal-qalb ma jistgħux jiġu rianimati fil-ħin. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġu żviluppati u promossi miżuri għall-immappjar tad-DAE aċċessibbli għall-pubbliku.

Fl-istess ħin, diġà ntwera l-valur miżjud tas-sistemi globali Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, EGNOS u Galileo, fir-rigward tas-servizzi li jużaw il-ġeolokalizzazzjoni. Dawn is-sistemi għandhom jintużaw ukoll biex jiġu salvati l-ħajjiet bil-lokalizzazzjoni tad-DAE.

Reġistru tad-DAE kollha aċċessibbli għandu jkun disponibbli għas-servizzi tal-emerġenza, li jistgħu jinfurmaw lill-persuni li jkunu qegħdin iċemplu lis-servizzi tal-emerġenza dwar fejn ikun jinsab l-eqreb defibrillatur. Meta jkun possibbli, ir-reġistru għandu jkun disponibbli wkoll direttament għall-membri tal-pubbliku.

Madankollu, għandu jitqies li:

— ċerti defibrillaturi mhumiex disponibbli 24 siegħa fuq 24, peress li jistgħu jkunu f'postijiet li jkunu magħluqa f'xi ħinijiet speċifiċi (uffiċċji, ħwienet, skejjel, eċċ.);

— f'ċerti każijiet, bħal f'bini kbir, l-indirizz tad-defibrillatur jaf ma jkunx biżżejjed biex jippermetti li dak li jkun isibu malajr. L-informazzjoni dwar il-post għandha għalhekk tinkludi wkoll dettalji importanti bħas-sular;

— hija wkoll importanti ħafna l-informazzjoni li turi li d-defibrillaturi huma fi stat tajjeb li jaħdmu. Pereżempju, id-defibrillaturi moderni llum jistgħu jikkomunikaw il-livell tal-batterija tal-apparat.

L-informazzjoni pprovduta f'dan ir-reġistru għandha tkun disponibbli b'żewġ metodi:

— id-DAE jkunu mgħammra b'chipsets kompatibbli ma' Galileo, li bis-saħħa tagħhom ikun possibbli li tiġi identifikata bi preċiżjoni l-pożizzjoni eżatta tal-apparat, u

— l-informazzjoni tiżdied manwalment fuq id-DAE li mhumiex mgħammra b'chipsets.

Il-proġett se juri l-valur miżjud ta' Galileo biex jiġu salvati l-ħajjiet. Bis-saħħa tal-prestazzjonijiet tiegħu f'termini ta' preċiżjoni u disponibbiltà tas-sinjal, Galileo se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ħin tal-intervent għall-vittmi ta' attakk tal-qalb, billi kull minuta mitlufa qabel il-kompressjoni tas-sider jew tad-defibrillazzjoni tnaqqas ir-rata ta' sopravivenza b'10 %.

L-objettiv ċentrali tal-proġett pilota għalhekk għandu jinkludi:

— l-analiżi tal-aħjar mod kif jiġi żviluppat, organizzat u ġestit reġistru ta' DAE aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li tiġi sfruttata l-informazzjoni dwar il-lokalizzazzjoni pprovduta minn Galileo;

— is-sejba ta' soluzzjoni alternattiva għal reġistru, abbażi ta' Galileo.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 20 *(ikompli)*

PP 01 20 03 Proġett pilota — L-arti u t-teknoloġija diġitali: nilliberaw l-kreattività għall-ġestjoni tal-ilma fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	550 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 28

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma hija essenzjali għall-Ewropa, meta titqies ix-xejra globali tal-konsum tal-ilma dejjem akbar. L-iskarsezza tal-ilma u r-rwol tal-ilma f'kuntest usa' tal-preservazzjoni tal-ħabitats naturali għandhom jiġu indirizzati permezz ta' metodi għall-użu mill-ġdid tal-ilma, it-tnaqqis tal-iskart u l-miżuri għall-konservazzjoni tal-ħabitats naturali tal-ilma. Il-kapaċità tar-reġjuni Ewropej li jindirizzaw il-kwistjoni tal-iskarsezza tal-ilma lil hinn mill-effiċjenza tar-riżorsi hija kwistjoni importanti li għandha tiġi indirizzata. Se jkun importanti, b'mod partikolari, li jkun hemm governanza multiparteċipattiva ta' dawn ir-riżorsi skarsi u li jiżdied l-għarfien dwar il-fatt li l-ilma huwa riżorsa prezzjuża.

Il-ftuħ tas-settur tradizzjonali tal-ilma għal teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari t-teknoloġiji diġitali, se jgħin biex jiġu introdotti l-effiċjenza u l-produttività fil-ġestjoni tal-ilma, iżda se jgħin ukoll biex titqajjem kuxjenza dwar il-problemi u jinkwadra l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma f'kuntest aktar wiesa' ta' sostenibbiltà u konservazzjoni. Pereżempju, id- *data* miġbura grazzi għas-sensuri u r-robotika tista' tgħin biex jiġi ttrattat l-ilma mormi, ir-realtà virtwali tista' tintroduċi xenarji għal użu futur tar-riżorsi tal-ilma, ir-realtà awmentata tista' tgħin biex jiġu evalwati politiki differenti u tgħin liċ-ċittadini biex jifhmu aħjar u jirreaġixxu għall-problemi tal-ilma. Aspett importanti tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali huwa l-involviment tal-komunità (pereżempju, kejl ibbażat fuq il-komunità ta' livelli ta' tniġġis jew nuqqas ta' ilma), fejn teknoloġiji diġitali jista' jkollhom rwol importanti.

Trid tittieħed azzjoni biex nitkellmu b'mod li jappella għas-sentimenti tal-innovaturi u li nistimolaw l-imħuħ tagħhom għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet kreattivi. L-argument huwa li f'dan il-kuntest jinħolqu opportunitajiet ġodda għal sforzi konġunti bejn it-teknoloġiji diġitali u l-prattiki artistiċi. Ix-xogħlijiet artistiċi teatrali u r-realtà virtwali jew awmentata jistgħu jindirizzaw b'mod konġunt il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza. L-artisti jistgħu joħorġu b'użi ġodda għat-teknoloġiji diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, biex jgħinu ħalli tiġi indirizzata s-sostenibbiltà tal-ilma b'modi ġodda u mhux previsti. Il-konnessjonijiet bejn it-teknoloġiji diġitali mat-tradizzjoni artiġjanali (bħal pereżempju l-bini ta' dgħajjes) jistgħu jagħtu lok għal forom ġodda ta' alleanzi għall-konservazzjoni tal-ħabitats tal-ilma, pereżempju permezz ta' kollegamenti bejn l-aspetti kulturali u ekoloġiċi tat-turiżmu.

Il-proġett se jesplora rabtiet bejn l-arti u t-teknoloġiji diġitali għall-ġestjoni tal-ilma f'kuntesti reġjonali partikolari u se jimmobilizza r-riżorsi teknoloġiċi u kulturali tar-reġjuni Ewropej biex jgħin fl-indirizzar tal-isfida imminenti tal-ġestjoni tal-ilma.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 20 *(ikompli)*

PP 01 20 04 Proġett pilota — Aċċessibbiltà inklużiva għall-persuni b'diżabbiltajiet konjittivi (internet inklużiv: aċċess għal kulħadd)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	640 000	900 000	225 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 29

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota se jappoġġja azzjonijiet fil-qasam tal-aċċess indipendenti u inklużiv għall-kontenut u s-servizzi online għall-persuni b'diżabbiltajiet konjittivi. Il-proġett għandu jibni fuq ix-xogħol tal-Web Accessibility Initiative tad-W3C u, fl-ambitu ta' dan il-proġett, se jsiru żewġ azzjonijiet speċifiċi. L-ewwel nett se jagħti ħarsa ġenerali lejn ir-riċerka/l-istudji eżistenti u jidentifika l-lakuni fir-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà għall-internet għad-diżabbiltajiet konjittivi. Din il-ħarsa ġenerali mbagħad se sservi ta' gwida dwar il-miżuri prattiċi biex titjieb l-aċċessibbiltà. It-tieni nett, il-proġett se jipproponi u jippromwovi għodod li jieħdu spunt mill-intelliġenza artifiċjali, l-apprendiment awtomatiku jew soluzzjonijiet simili biex it-trasformazzjoni u/jew l-adattament tal-kontenut online jiġu awtomatizzati b'tali mod li l-persuni b'diżabbiltajiet konjittivi jkunu jistgħu jifhmu u jużaw tali kontenut u servizzi (assorbiment tal-kontenut). Bl-istess mod, il-proġett jista' jipproponi wkoll is-simplifikazzjoni jew l-adattament ta' għodod ta' web-authoring li jistgħu jintużaw minn persuni b'diżabbiltajiet konjittivi biex joħolqu kontenut online (ħolqien ta' kontenut). Dan il-proġett jista' jiġi implimentat permezz ta' sejħa għal offerti għall-ewwel azzjoni u permezz ta' għotja pubblika għall-azzjoni(jiet) suċċessiv(i); jista' jiġi implimentat b'tali mod li jikkomplementa proġetti eżistenti, iżda għandu jiġi evitat kwalunkwe xogħol doppju.

PP 01 21 2021

PP 01 21 01 Proġett pilota — Studju tal-fattibbiltà dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' partikolati dovuti għat-traffiku permezz ta' sistema ta' filtrazzjoni tat-trab fin immuntata fuq il-vettura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

Minkejja l-leġiżlazzjoni eżistenti, it-tniġġis tal-arja għadu fost l-akbar problemi ambjentali fl-Ewropa. It-trasport huwa wieħed mill-kontributuri ewlenin f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-arja fl-ibliet. L-emissjonijiet relatati mat-trasport ikopru l-ossidu tan-nitroġenu (NO_x) u d-diossidu tal-karbonju (CO_2) ikkawżati minn vetturi b'magna tal-

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 01 *(ikompli)*

kombustjoni kif ukoll trab fin (materja partikolata PM2.5 u PM10). L-emissjonijiet ta' materja partikolata se jkomplu jkunu partikolarment ta' sfida mhux biss fil-flotta eżistenti, li għandha maġġoranza tal-vetturi b'magna tal-kombustjoni. Din l-isfida x'aktarx tkompli anke wara l-eletrifikazzjoni sħiħa tal-flotta billi l-elettrifikazzjoni nfisha se tevita l-emissjonijiet ta' NO_x u CO_2, iżda ftit li xejn se jkollha impatt fuq l-emissjonijiet ta' trab fin (PM2.5 u PM10). Dan hu dovut għall-fatt li l-emissjonijiet mill-egżost biss jiġu evitati, iżda huma l-brejkijiet, it-tajers u t-tkagħbir bl-użu fit-triq li huma meqjusa bħala l-emittenti ewlenin ta' trab fin.

F'dawn l-aħħar snin saru sforzi kbar mill-manifatturi tat-tajers (eż. wear-optimised tyres) u l-manifatturi tal-brejkijiet (eż. materjali u kisjiet ottimizzati) biex l-emissjonijiet jitnaqqsu direttament mis-sors. Madankollu, it-tnaqqis fl-emissjonijiet miksub mhuwiex biżżejjed. Barra minn hekk, it-tiġdid tal-flotta attwali qed isir bil-mod wisq biex ikun hemm impatt immedjat fuq il-kwalità tal-arja fl-ibliet imniġġsa. Għalhekk wieħed għandu jistenna li, fis-snin li ġejjin, il-kwistjonijiet relatati mal-kwalità tal-arja se jibqgħu jkunu attwali fl-ibliet Ewropej.

Dan jindika li hemm bżonn soluzzjonijiet oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' partikolati u titjieb il-kwalità tal-arja, lil hinn mis-sostituzzjoni tal-vetturi konvenzjonali kollha b'vetturi elettriċi jew it-titjib inkrimentali tal-magni tal-karozzi u l-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-egżost.

Fil-leġiżlazzjoni attwali, l-emissjonijiet tal-egżost biss huma rregolati permezz ta' standards Ewropej. B'mod aktar speċifiku, ir-regolamenti dwar l-istandards ta' limitu tal-emissjonijiet Euro 5 u 6 għall-vetturi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief kif ukoll l-istandard EURO VI għall-vetturi heavy-duty introduċew limiti ta' emissjonijiet aktar stretti għall-emissjonijiet tal-egżost. Bħalissa m'hemmx regolamenti fis-seħħ għal emissjonijiet mhux tal-egżost, iżda reċentement bosta gruppi ta' ħidma kienu qed jiżvilluppaw regolamenti dwar l-emissjonijiet mit-tajers u l-brejkijiet, li mistennija jiġu inklużi fl-istandard Euro 7.

Dan l-aħħar intwera li anki t-teknoloġiji ta' filtrazzjoni ġodda għandhom il-kapaċità li jikkumpensaw parti mill-emissjonijiet tal-vetturi. Dan il-proġett pilota jindirizza l-potenzjal ta' dawn l-approċċi l-ġodda. Konkretament, it-teknoloġiji ta' filtrazzjoni li għandhom jiġu investigati f'dan il-proġett pilota huma:

(a) Filtru ta' partikoli tat-trab tal-brejkijiet, li jikkonsisti f'qafas u apparat mhux minsuġ. Dan jiġi mmuntat wara l-kaliper tal-brejk. Minħabba l-post fejn jiġi mmuntat, il-filtru jista' jagħlaq il-partikoli f'apparat filtranti mhux minsuġ eżatt wara li jiġu emessi fil-parti fejn il-pedd u d-diska tal-brejk jagħmlu kuntatt.

(b) Filtru ta' partikoli tat-trab fin, li jiġi installat fuq jew taħt il-vettura. Fann installat jgħaddi attivament l-arja ambjentali mniġġsa permezz ta' apparat filtranti fejn it-trab fin ikun jista' jiġi sseparat. B'dan il-mod il-filtru jkun jista' jissepara l-emissjonijiet iġġenerati minnu stess kif ukoll l-emissjonijiet tal-arja ambjentali u l-vetturi tal-madwar.

B'mod ġenerali, iż-żewġ sistemi jistgħu jiġu applikati għal kull tip ta' vettura inkluż vetturi ħfief, kummerċjali u heavy-duty. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt fuq il-kwalità tal-arja globali, il-flotta kollha tal-karozzi tal-linja, il-flotot tat-taxi jew il-vetturi tal-konsenja jistgħu pereżempju jiġu mgħammra b'dawn is-soluzzjonijiet, u b'hekk l-arja titnaddaf waqt is-sewqan jew waqt l-iċċarġjar. B'dan il-mod, dawk il-vetturi mgħammra b'dan l-apparat iħallu l-arja aktar nadifa minn qabel.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 01 *(ikompli)*

L-enfasi tal-proġett pilota hi fuq it-tnaqqis tal-materja partikolata bl-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' filtrazzjoni, ir-restrizzjoni tal-emissjonijiet mill-brejkijiet (qrib is-sors tiegħu) u l-filtrazzjoni tal-arja mniġġsa fl-ambjent permezz ta' filtri tat-trab fin. Fost ir-riżultati mistennija, dan il-proġett pilota għandu jipprovdi evidenza kwantifikabbli dwar kif sistemi bħal dawn għandhom jiġu ttestjati biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tagħhom, x'impatt li tali teknoloġiji ta' filtrazzjoni jista' jkollhom fuq il-kwalità tal-arja u kif dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jissupplimentaw il-miżuri fil-pjanijiet ta' kontroll tat-tniġġis tal-arja biex jipprovdu arja nadifa lir-residenti.

Għalhekk l-objettivi konkreti u speċifiċi li għandhom jintlaħqu matul il-proġett pilota huma:

(1) Identifikazzjoni u valutazzjoni tal-impatt li jista' jkun hemm bis-saħħa ta' soluzzjonijiet ta' filtrazzjoni wara modifika retroattiva għall-vetturi tat-triq ħfief, kummerċjali u heavy-duty

Hija prevista analiżi olistika tat-teknoloġija għal soluzzjonijiet ta' filtrazzjoni wara modifika retroattiva għal vetturi tat-triq ħfief, kummerċjali u heavy-duty, biex tingħata ħarsa ġenerali lejn is-soluzzjonijiet disponibbli fis-suq, inklużi l-impatti potenzjali rispettivi identifikati fil-pubblikazzjonijiet u l-istudji.

(2) Definizzjoni ta' proċedura ta' kejl għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' filtri attivi tat-trab fin u filtri tal-partikoli tat-trab tal-brejkijiet

Il-prestazzjoni tas-sistemi ta' filtrazzjoni deskritti ma tiddependix biss fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom iżda wkoll fuq l-ambjent li jitħaddmu fih. Dan jinkludi kundizzjonijiet ambjentali bħat-temperatura ambjentali u l-umdità iżda anke l-konċentrazzjoni tat-trab attwali billi l-massa tal-partikoli separati ta' filtru hija ogħla f'konċentrazzjonijiet akbar. Bħalissa m'hemm l-ebda proċedura ta' kejl definita b'mod ġenerali disponibbli għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' sistemi bħal dawn u utilizzabbli f'regolamenti futuri. Għaldaqstant, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jibni s-sisien sperimentali għad-definizzjoni ta' proċedura ta' kejl. Dan għandu jsir permezz tal-passi li ġejjin:

(a) Testijiet fil-laboratorju, li jevalwaw it-tnaqqis fl-impronta tal-emissjonijiet permezz tal-filtrazzjoni tal-partikoli tat-trab tal-brejkijiet

Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tal-filtrazzjoni tat-trab tal-brejkijiet għandu jiġi evalwat. Minħabba l-kundizzjonijiet kumplessi fil-viċinanza tal-brejkijiet u l-ispazju madwar ir-rota, it-testijiet fil-laboratorju fuq bank tat-test tad-dinamometru b'inerzja għandhom isiru bħala l-ewwel pass, skont l-approċċ tal-grupp ta' ħidma tal-Programm ta' Kejl tal-Partikoli. It-testijiet fil-laboratorju għandhom jitwettqu mill-inqas tliet vetturi, li jkopru l-brejkijiet tal-vetturi kummerċjali u ħfief.

(b) Testijiet addizzjonali fuq il-post, li jevalwaw it-tnaqqis fl-impronta tal-emissjonijiet permezz tal-filtrazzjoni tat-trab tal-brejkijiet

Il-kundizzjonijiet kumplessi fl-ispazju madwar ir-rota qrib il-brejkijiet ma jistgħux jiġu koperti kif xieraq minn testijiet fil-laboratorju. Għaldaqstant għandhom isiru testijiet addizzjonali fuq il-post għal mill-inqas tliet vetturi, li jkopru l-brejkijiet tal-vetturi kummerċjali u ħfief. Abbażi tal-kejl gravimetriku, it-tnaqqis ta' materja partikolata f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali għandu jintwera u jitqabbel mar-riżultati tal-laboratorju.

(c) Testijiet fil-laboratorju, li jevalwaw it-tnaqqis fl-impronta tal-emissjonijiet permezz ta' sistemi ta' filtrazzjoni attiva tal-arja ambjentali

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 01 *(ikompli)*

Ir-rata tal-fluss tal-volum mis-sistema tal-filtru tal-arja attiva għandha tiġi ddeterminata għal diversi veloċitajiet tas-sewqan fuq l-iskala tal-laboratorju. L-istruttura tal-laboratorju tippermetti ttestjar riproduċibbli u indipendenti mill-kundizzjonijiet ambjentali. Għalhekk huma previsti esperimenti fil-mina tar-riħ. Abbażi tar-rati tal-fluss tal-volum determinati, it-tnaqqis fl-emissjonijiet jista' jiġi kkalkulat abbażi tal-għarfien dwar il-konċentrazzjonijiet tipiċi tal-kanali tal-arja ambjentali. It-testijiet tal-mina tar-riħ għandhom jitwettqu għal mill-inqas tliet vetturi, li jkopru vetturi ħfief, kummerċjali u heavy-duty.

(d) Testijiet addizzjonali fuq il-post, li jevalwaw it-tnaqqis fl-impronta tal-emissjonijiet permezz ta' sistemi ta' filtrazzjoni attiva tal-arja ambjentali

Il-potenzjal tas-soluzzjonijiet identifikati li jnaqqsu l-emissjonijiet għandu jiġi ttestjat ukoll f'test fuq il-post f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali. Għandhom jiġu ttestjati mill-inqas żewġ soluzzjonijiet li jinvolvu modifika retroattiva u t-tnaqqis ta' PM10 u PM2.5 għandu jiġi kkwantifikat f'diversi kundizzjonijiet ambjentali (temperatura, umdità, konċentrazzjoni tal-materja partikolata, intensità tat-traffiku). It-test fuq il-post għandu jitwettaq għal mill-inqas 20 vettura, li jkopru vetturi ħfief, kummerċjali u heavy-duty, f'mhux inqas minn tlett ibliet Ewropew. Ir-riżultati tat-testijiet fuq il-post għandhom jagħtu indikazzjoni għal aktar leġiżlazzjoni dwar l-influwenza tal-kundizzjonijiet ambjentali fuq l-impronta ġenerali tal-materja partikolata tal-vetturi.

(3) Studju tal-fattibbiltà u veikolu dimostrattiv għal sistemi integrati ta' filtrazzjoni għall-partikoli tat-trab fin

Għandu jsir studju tal-fattibbiltà biex jiġu investigati l-possibbiltajiet li s-soluzzjonijiet ta' modifika retroattiva deskritti qabel jiġu integrati fil-vetturi fil-futur. B'mod aktar speċifiku, għandu jiġi spjegat sa liema punt is-sistemi ta' filtrazzjoni jistgħu jiġu integrati fil-flotta tal-futur. Għandu jsir rieżami tekniku olistiku biex jiġi stmat l-impatt globali fuq l-impronta tal-emissjonijiet tal-vetturi.

Barra minn hekk, għandha tinbena vettura prototip (karozza dimostrattiva) biex turi l-kunċetti integrati u għall-użu għal aktar testijiet fuq il-post.

(4) Stima tal-impatt li jista' jkun hemm fuq il-kwalità tal-arja fl-ibliet

Fit-testijiet fuq il-post u fil-laboratorju ddefiniti qabel, il-prestazzjoni tas-sistemi ta' filtrazzjoni tista' tiġi vvalutata biss għal għadd żgħir ta' vetturi. Biex dawn ir-riżultati jiġu ttrasferiti u estrapolati fid-dawl tal-possibbiltà ta' kopertura għall-flotta kollha, għandhom jiġu investigati diversi xenarji permezz ta' simulazzjonijiet, eż. bis-suppożizzjoni li ċertu perċentwal ta'

karozzi tal-linja,

vetturi tal-konsenja fiċ-ċentri urbani u

karozzi privati fil-flotta tal-futur

se jkunu mgħammra b'dawn is-sistemi ta' filtrazzjoni. Dan għandu jagħti indikazzjoni ċara, għal finijiet leġiżlattivi, dwar liema miri ta' tnaqqis fl-emissjonijiet jistgħu jintlaħqu.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 01 *(ikompli)*

(5) Analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja

Sabiex tiġi evalwata s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' filtrazzjoni investigati, għandha titwettaq analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja għall-fażi tal-produzzjoni, il-fażi tal-użu u l-fażi tar-riċiklaġġ, b'mod partikolari bl-inklużjoni tal-aspetti tal-emissjonijiet ta' CO_2, il-konsum tal-enerġija primarja u l-emissjonijiet ta' PM10 matul il-produzzjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi vvalutat kif is-sistemi ta' filtrazzjoni jinfluwenzaw il-konsum tal-fjuwil u allura l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

(6) Valutazzjoni tan-nuqqasijiet fil-proċedura u r-regolamentazzjoni attwali tal-kejl kif ukoll il-ħolqien tal-bażi għal leġiżlazzjoni futura għall-emissjonijiet mhux tal-egżost b'enfasi speċifika fuq soluzzjonijiet li jinvolvu modifika retroattiva

Abbażi tal-konklużjonijiet għandu jingħata suġġeriment għal leġiżlazzjoni futura. B'kuntrast mar-regolamenti tal-passat dwar l-emissjonijiet tal-egżost, il-każ ta' sistemi ta' filtrazzjoni integrati jew installati wara modifika retroattiva joħloq l-isfida li vettura trid tiġi kkunsidrata f'ċertu ambjent u ma tistax tiġi kkaratterizzata bħala oġġett indipendenti. Ir-regolamenti fis-seħħ ma jqisux dan l-aspett.

B'dan il-mod, il-proġett pilota se jkun mhux biss faċilitatur ewlieni għal trasport sostenibbli fi ħdan il-flotta eżistenti, iżda se jixpruna wkoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għal elettromobbiltà nadifa.

Jista' wkoll jagħti spinta lill-innovazzjoni fl-industrija awtomobilistika Ewropea u jikkatalizza l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u prodotti oħra li jinvolvu modifika retroattiva u li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett (filtri tal-arja tal-kabina, filtri tal-elmu, eċċ.). Fl-istess ħin, ir-riżultati jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-għajxien b'saħħtu u jippromwovu l-benessri tal-abitanti tal-ibliet.

PP 01 21 02 Proġett pilota — Servizz ta' appoġġ għal proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Dal-proġett pilota għandu l-għan li jegħleb l-ostakli finanzjarji, legali u tekniċi għall-proġetti ta' rinnovazzjoni mmexxija miċ-ċittadini. Għandu jinħoloq servizz ta' appoġġ speċifiku tal-UE għall-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (CEC) u għall-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (REC) li huma atturi ġodda mnaqqxa fil-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni li kapaċi jikkatalizzaw l-involviment taċ-ċittadini f'diversi aspetti tat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-ħolqien ta' tali servizz jista' jibni fuq l-esperjenza tal-kooperattivi li jirnexxilhom jgħaqqdu l-proġetti fuq skala ta' viċinat. Is-servizz ta' appoġġ għandu l-għan li jsaħħaħ il-bini tal-komunità u jespandi u jirreplika programmi ta' suċċess. Din għandha tinkludi:

1. Pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-mudelli, sabiex tinbena dinamika komunitarja b'saħħitha biex jiġu mobilizzati ċ-ċittadini Ewropej madwar rinnovazzjoni integrata tal-bini u l-użu tal-enerġija rinnovabbli permezz tas-CEC u l-REC.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 02 *(ikompli)*

2. Appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet ta' investiment, peress li l-identifikazzjoni ta' opzjonijiet finanzjarji hija element ewlieni għall-ħolqien ta' riżervi ta' proġetti. It-tiftix għal aspetti komuni biex jiżdied l-iżvilupp ta' proġetti mmexxija miċ-ċittadini. L-investigazzjoni tal-iżvilupp ta' mudelli li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni flimkien mal-użu rinnovabbli.

3. L-għoti ta' evidenza u indikaturi sabiex titqajjem kuxjenza fost is-CEC u l-REC eżistenti dwar il-valur tar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija.

4. L-għoti ta' assistenza teknika u kkowċjar lil gruppi ta' ċittadini, organizzazzjonijiet komunitarji eżistenti kif ukoll awtoritajiet lokali biex jistabbilixxu CEC u REC li jittrattaw ir-rinnovazzjoni tal-bini, l-aċċess għas-sjieda tad-djar u l-faqar enerġetiku.

5. Il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' traspożizzjoni b'saħħitha tad-dispożizzjonijiet tal-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa li jikkonċernaw is-CEC u l-REC, li għandhom iservu ta' opportunità għall-Istati Membri biex isaħħu r-rwol taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija.

L-għan tal-proġett pilota se jkun li jħarreġ is-CEC u l-REC permezz tal-proċess tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni territorjali.

PP 01 21 03 Proġett pilota — Il-promozzjoni fid-dinja ta' stil Ewropew tal-innovazzjoni diġitali radikata fil-kultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

L-attivitajiet internazzjonali koperti se jinkludu avvenimenti (fieri, wirjiet, gruppi ta' ħidma, hackathons, eċċ.) li fihom l-impriżi lokali u Ewropej jiltaqgħu mal-artisti lokali u Ewropej u mar-rappreżentanti tas-setturi kulturali. L-għan se jkun jikkonsisti fil-ħolqien ta' kollaborazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ridefinizzjoni taċ-ċiklu tal-innovazzjoni radikat fil-prijoritajiet kulturali u fl-iskoperta ta' opportunitajiet kummerċjali mal-Ewropa.

L-attivitajiet għandhom ikunu limitati għal għadd ta' reġjuni magħżulin fejn hu mistenni li l-innovazzjoni radikata fil-kultura u fl-arti se tinżel tajjeb mal-ħsieb lokali. L-Afrika sub-Saħarjana u l-Lvant Nofsani jintgħażlu bħala reġjuni fejn il-preżenza Ewropea tista' tissaħħaħ b'approċċ fil-konfront tal-innovazzjoni mmexxi mill-kultura. Silicon Valley huwa reġjun fejn tali kunsiderazzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq iż-żieda tas-sensittività tal-atturi dominanti fis-settur diġitali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 04 Proġett pilota — Soluzzjonijiet madwar l-Ewropa kollha għall-użu ta' software b'xejn u b'sors miftuħ mis-servizzi pubbliċi fl-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	125 000				

Kummenti

Il-proġett pilota għandu perspettiva tal-Unjoni mifruxa ta' sors miftuħ bil-ħsieb li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet komuni għall-isfidi ffaċċjati mis-servizzi pubbliċi fl-Unjoni u li jissaħħaħ l-adattament kontinwu ta' sors miftuħ b'dan li ġej:

Katalgu tas-Soluzzjonijiet

Il-ħolqien ta' katalogu online ta' software b'sors miftuħ użat fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE biex jippermetti l-identifikazzjoni ta' sistemi simili li jistgħu jiġu mmodifikati faċilment u b'hekk jitnaqqsu s-sistemi ta' żvilupp mill-ġdid u ta' sjieda minħabba nuqqas ta' għarfien dwar l-alternattivi. Se jeżamina wkoll kif is-software lokali jista' jsir adattat għall-użu madwar l-Ewropa kollha u jissuġġerixxi perspettiva Ewropea għal żviluppi futuri ta' soluzzjonijiet b'sors miftuħ.

Inventarju

Il-ħolqien ta' inventarju ta' software b'sors miftuħ użat mis-servizzi pubbliċi fl-Unjoni, li jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-aktar użu kritiku ta' sors miftuħ fl-Ewropa, u jippermetti aktar inizjattivi biex tali software jiġi protett u ssalvagwardjat.

PP 01 21 05 Proġett pilota — Pjattaforma Ewropea ta' tagħlim elettroniku għall-imprenditorija biex tgħin lill-SMEs jadattaw għall-kuntest attwali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	100 000				

Kummenti

Il-proġett pilota għandu jikkomplementa l-azzjonijiet attwali li jappoġġaw lill-SMEs matul il-kriżi tal-COVID-19, iżda jista' jappoġġa wkoll lill-imprendituri li qed jiffaċċjaw l-isfidi li jirriżultaw billi jsiru aktar diġitali u sostenibbli. Proġett bħal dan jista' jagħti lill-imprendituri l-mentalità t-tajba, ir-reżiljenza u l-ħiliet li jeħtieġu biex jadattaw għal kuntest li

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

PP 01 21 *(ikompli)*

PP 01 21 05 *(ikompli)*

qed jinbidel u diffiċli. Fil-kuntest attwali, l-imprendituri jeħtieġ li jsibu soluzzjonijiet għal problemi urġenti bħall-finanzjament, il-ġestjoni, l-iskalar jew it-tranżizzjoni ekoloġika. Sabiex jiffaċċjaw l-isfidi mill-kriżi tal-COVID-19, kif ukoll mid-diġitalizzazzjoni u mit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, l-imprendituri jeħtieġu moduli ta' taħriġ flessibbli u interattivi dwar oqsma bħal-litteriżmu finanzjarju, il-konsultazzjoni tal-investituri jew l-espansjoni tan-negozju tagħhom, kif ukoll ta' coaching u mentoring min-naħa ta' imprendituri oħra jew professjonisti esperti. Din l-informazzjoni tista' tiġi ospitata jew marbuta ma' pjattaformi eżistenti, bħall-EEN, il-Pjattaforma għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, EntreComp360, WEgate u Early Warning Mentors, sabiex l-SMEs kollha fl-Ewropa jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni rilevanti.

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi mal-livell tal-approprjazzjonijiet murija taħt l-artikolu 02 20 01.

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 02 15 2015

PP 02 15 01 Proġett Pilota — Lil hinn mit-traffiku: soluzzjonijiet ta' trasport integrati u intelliġenti għall-infrastruttura stradali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	519 992,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 15 *(ikompli)*

PP 02 15 02 Proġett pilota — Faqar fil-fjuwil/fl-enerġija — valutazzjoni tal-impatt tal-kriżi u rieżami tal-miżuri eżistenti u oħrajn ġodda possibbli fl-Istati Membri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	325 504	0,—	203 440,25

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 08

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 17 2017

PP 02 17 01 Proġett pilota — Is-sensibilizzazzjoni ta' alternattivi għal karozza privata

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	459 717	p.m.	640 000	0,—	263 400,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 15

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 17 02 Proġett pilota — Mobilità sostenibbli kondiviża interkonnessa mat-trasport pubbliku f'żoni rurali Ewropej (l-iżvilupp tal-kunċett ta' "żoni tat-trasport rurali intelliġenti" (SMARTAs))

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	307 500	p.m.	676 000	0,—	282 000,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 17 *(ikompli)*

PP 02 17 02 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 17 03 Proġett Pilota — Arkitettura tal-ispazju tal-ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	600 000	0,—	152 657,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 17

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 17 04 Proġett Pilota — Inventarju tat-trasport aċċessibbli għall-persuni b'mobilità mnaqqsa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	172 584,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 18

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 17 *(ikompli)*

PP 02 17 05 Proġett pilota — Żoni ta' parkeġġ siguri għat-trakkijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	532 700,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 19

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 02 18 2018

PP 02 18 01 Proġett pilota — L-imġiba tal-bniedem b'rabta mas-sewqan awtonomu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	145 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 20

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jindirizza n-nuqqas ta' attenzjoni mogħtija mill-Unjoni għall-imġiba b'rabta mas-sewqan awtonomu. F'dawn l-aħħar snin, kemm l-atturi tal-industrija awtomobilistika kif ukoll il-komunità tar-riċerka żviluppaw ħafna riċerka fil-qasam tas-sewqan awtonomu. Prinċipalment, iffukat fuq l-aspetti teknoloġiċi tas-sewqan awtonomu, jiġifieri l-interoperabbiltà tal-vetturi, l-interazzjoni mal-infrastrutturi stradali, is-sigurtà tad- *data*, l-affidabbiltà tad-*data*, il-protezzjoni tad-*data* u r-responsabbiltà, eċċ.

Il-proġett pilota jipprovdi tema ġdida għall-istudji u għar-riċerka li tenfasizza fuq l-imġiba tas-sewwieqa, tema li ġiet pjuttost injorata kemm minn min jiddeċiedi l-politiki kif ukoll mill-industrija. Hu jagħti lill-Kummissjoni u lill-awtorità leġiżlattiva ħarsa komplementari lejn l-interazzjoni bejn l-imġiba tal-bniedem u s-sewqan awtonomu, bil-għan li jiġu indirizzati l-problemi potenzjali li jinħolqu meta jiddaħħal fuq skala kbira s-sewqan awtonomu fl-Unjoni biex dan tal-aħħar jirnexxi u jtejjeb is-sikurezza tat-toroq.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 18 *(ikompli)*

PP 02 18 01 *(ikompli)*

Il-proġett pilota jiġbor informazzjoni mingħand il-komunità xjentifika speċjalizzata fis-sikurezza stradali bil-għan li jiġu indirizzati dawn l-oqsma li ġejjin:

— il-fattur uman fis-sewqan awtonomu l-ġdid, l-opinjonijiet u l-fehmiet tas-sewwieqa professjonisti, regolari u okkażjonali, skont l-età u kriterji rilevanti oħrajn (pajjiż, sess, eċċ.);

— identifikazzjoni u proposta ta' soluzzjonijiet biex tingħeleb ir-"reżistenza"" tal-komunità tas-sewwieqa għall-introduzzjoni ta' vetturi awtonomi;

— il-bżonnijiet ta' taħriġ tas-sewwieqa b'rabta ma' forom awtonomi ġodda ta' sewqan, il-bżonn ta' ċertifikazzjoni supplementari, speċifika jew inqas estensiva għas-sewqan awtonomu (taħriġ obbligatorju, rekwiżiti addizzjonali biex tikseb liċenzja tas-sewqan, skemi volontarji, eċċ.);

— interazzjoni bejn is-sewwieqa awtonomi u dawk tradizzjonali, l-attitudnijiet tas-sewwieqa u tal-utenti l-oħra tat-triq fir-rigward tas-sewwieqa awtonomi, il-mezzi li javżaw lill-utenti l-oħra bil-preżenza tas-sewqan awtonomu.

PP 02 18 02 Proġett pilota — Kampanja ta' sensibilizzazzjoni pan-Ewropea dwar is-sikurezza stradali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	178 215	p.m.	178 215	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 21

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-Unjoni hija impenjata li tnaqqas bin-nofs in-numru ta' inċidenti fatali fit-toroq sal-2020. Operazzjonijiet ta' infurzar fuq skala Ewropea appoġġati minn kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jgħinu biex jintlaħaq dan l-għan. Għaldaqstant, madwar in-network TEN-T kollu jkun xieraq li jittella' avveniment ta' infurzar ikkoordinat fuq skala pan-Ewropea li fih għandhom jinkitbu l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni għalhekk iffinanzjat operazzjoni koordinata ta' xahar fin-network TEN-T. Ikun xieraq li jiġu kkoordinati l-operazzjonijiet tal-pulizija Ewropej fl-Istati Membri. Fid-dawl tal-fatt li aktar minn nofs l-inċidenti fatali jiġru fit-toroq rurali, l-avveniment jista' jsir f'dawn it-toroq u jkollu l-appoġġ ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati. Ikun xieraq li jiġi ffokat fuq il-kawża prinċipali tal-fatalitajiet: il-veloċità.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 18 *(ikompli)*

PP 02 18 03 Proġett pilota — OREL — Sistema Ewropea li tillimita l-frodi relatata mal-odometru: proċess rapidu għall-affidabbiltà stradali fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	137 681	0,—	103 312,80

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 22

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jnaqqas il-frodi relatata mal-odometri billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni tal-odometru fl-Unjoni.

Dan jinkludi valutazzjoni, studju ta' fattibilità u analiżi kummerċjali teknika biex jiġu identifikati u esplorati soluzzjonijiet u biex jiġi definit l-iskop għal sistema futura ta' skambju ta' informazzjoni tal-odometru fl-Unjoni. Il-proġett joffri appoġġ għaċ-ċertifikazzjoni tal-affidabbiltà stradali b'rabta mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

Studji riċenti juru li fis-swieq Ewropej ewlenin għall-karozzi użati, terz tal-vetturi kollha għandhom odometri mbagħbsa. Il-valur medju tal-frodi huwaa bejn wieħed u ieħor EUR 3 000, u t-telf ta' dħul baġitarju ċentrali huwa stmat li jilħaq bejn EUR 5 600 000 000 u EUR 9 600 000 000 fis-sena. Il-vetturi l-ġodda jiġu kkontrollati u sservisjati mill-bejjiegħa uffiċjali prinċipalment bħala kundizzjoni tal-garanzija. Il-bejjiegħa jżommu rekords taċ-ċifri tal-odometri, iżda din l-informazzjoni mhijiex aċċessibbli għall-pubbliku. Il-vetturi l-ġodda ma jsirulhomx kontrolli tal-affidabbiltà stradali qabel jagħlqu erba' snin. Matul l-ispezzjonijiet annwali sussegwenti tal-vettura, iċ-ċifri tal-odometru jiġu trażmessi f'bażijiet ta' *data* fl-Istati Membri iżda ma jiġux skambjati. Meta vettura tbiddel l-idejn jew tinbiegħ barra l-pajjiż, ma jkunx hemm kontinwità fir-reġistru tal-odometru u din hija l-opportunità biex isir tbagħbis fl-odometru. Dan qed isir dejjem aktar faċli, b'investiment minimu fis-softwer, fl-għarfien u fil-ħin.

Il-grupp fil-mira jinkludi l-konsumaturi, l-awtoritajiet tat-taxxa u tad-dħul u l-bejjiegħa tal-karozzi.

Il-proġett pilota għandu l-appoġġ tal-Fédération Internationale de l'Automobile u tal-Għaqda tal-Konsumaturi Ewropea BEUC.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 18 *(ikompli)*

PP 02 18 04 Proġett pilota — Studju ta' fattibilità għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit fis-suq tal-enerġija Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	250 000	p.m.	400 000	420 000,—	240 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jistabbilixxi pjattaforma tal-aħjar prattiki u parir tekniku, abbażi tal-esperjenza u l-ħtiġijiet tal-atturi l-ġodda fis-suq tal-enerġija, biex b'hekk il-Kummissjoni tiġi megħjuna tistimola l-iżvilupp ta' standards tekniċigħar-reġistri distribwiti.

Biex dan iseħħ, jitwettqu l-attivitajiet li ġejjin matul il-proġett:

— l-analiżi tar-reġistru distribwit eżistenti abbażi tat-teknoloġija bi blokok f'katina, fejn l-għan huwa l-fehim tal-problemi u s-soluzzjonijiet li jinstabu matul l-istabbiliment u l-użu ta' reġistru distribwit f'każijiet reali,

— l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-partijiet interessati fis-suq tal-enerġija (fornituri tal-enerġija istituzzjonalizzati, organizzazzjonijiet tal-prosumaturi, organizzazzjonijiet tal-komunitajiet tal-enerġija, eċċ.); minn stħarriġ li sar fl-2016 mill-Aġenzija tal-Enerġija Ġermaniża (Dena) irriżulta li 52 % tal-atturi tal-enerġija Ġermaniżi kienu diġà qed jimplimentaw jew jippjanaw attivitajiet fil-qasam tal-katina bi blokok; l-analiżi se tiffoka fuq dawn l-attivitajiet biex tifhem il-ħtiġijiet tal-atturi kkonċernati; se jiġi stabbilit ukoll grupp tal-assoċjazzjonijiet tal-prosumaturi,

— l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' informazzjoni dwar ir-reġistri distribwiti abbażi tat-teknoloġija bi blokok f'katina,

— l-istabbiliment ta' network għall-partijiet interessati fis-suq il-ġdid tal-enerġija; dan se jkun għodda biex jinxterdu u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u parir tekniku.

PP 02 19 2019

PP 02 19 01 Proġett pilota — TachograApp: studju ta' fattibbiltà u analiżi tal-kostijiet tal-iżvilupp ta' applikazzjoni ċertifikata biex tintuża bħala takografu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	581 867	300 000	355 000	509 810,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 23

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

It-takografu, li ilu obbligatorju mill-1985, jirrappreżenta l-pedament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tat-trasport bit-triq, partikolarment biex jimmonitorja l-veloċità tal-vetturi, id-distanza li tkun saret u l-perjodi ta' sewqan u ta' mistrieħ tas-sewwieqa. Maż-żmien, hekk kif it-teknoloġija mxiet 'il quddiem, il-ġenerazzjonijiet suċċessivi ta' takografi inkorporaw karatteristiċi ġodda li ħallew progressivament li jsiru kontrolli aktar effiċjenti u li jiġu evitati l-frodi. It-'takografu intelliġenti' l-aktar reċenti mistenni li jforni informazzjoni f'ħin reali billi jaqbad mas-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita u mal-awtoritajiet tal-infurzar.

Skont studju kkummissjonat mill-Parlament Ewropew fl-2018, l-installazzjoni a posteriori ta' takografi intelliġenti fuq il-vetturi tqal kollha sal-2020 kienet mistennija tqum bejn EUR 6 400 000 000 u EUR 15 900 000 000-għax-xiri tal-apparat u għax-xogħol assoċjat mas-servizz ta' installazzjoni biss.

Filwaqt li jitqies l-użu mifrux ta' smartphones u l-iżvilupp kontinwu tal-funzjonalitajiet tagħhom, kif ukoll tal-varar ta' Galileo u tal-opportunitajiet li dan joffri f'termini ta' lokalizzazzjoni f'ħin reali, li bosta mobiles diġà jużaw, il-proġett pilota jeżamina l-possibbiltà li jiżviluppa u jiċċertifika applikazzjoni mobbli li toffri l-istess vantaġġi bħal tat-takografu intelliġenti u l-ispejjeż assoċjati.

L-istudju dwar il-fattibilità se jkun strutturat b'dan il-mod:

(1) identifikazzjoni, skont ir-Regolament rivedut (UE) 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar tagħmir ta' reġistrazzjoni fit-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti leġiżlazzjonijiet soċjali relatati mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1), tad-*data* li l-applikazzjoni għandha tiġbor biex tagħmilha ta' takografu intelliġenti;

(2) valutazzjoni tal-fattibbiltà teknika tal-ġbir ta' tali *data* min-naħa ta' applikazzjoni, possibbilment permezz ta' Galileo jew bis-saħħa ta' konnessjoni diretta mal-vettura, u r-rekwiżiti tekniċi għal trażmissjoni f'ħin reali tad-*data* lill-awtoritajiet;

(3) valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u t-theddid potenzjali għaċ-ċibersigurtà assoċjat ma' din l-applikazzjoni;

(4) valutazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-hardware u tas-software li jiġu implimentati fl-ismartphone biex jittaffu r-riskji msemmija fil-punt 3;

(5) forniment ta' stima tal-kostijiet ta' żvilupp u ċertifikazzjoni ta' applikazzjoni bħal din.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 02 Proġett pilota — L-avvanz tad-dekarbonizzazzjoni industrijali permezz ta' valutazzjoni tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli fil-proċessi industrijali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	367 500	p.m.	262 500	525 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 14

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota joħloq studju li janalizza d-domanda preżenti u futura għall-enerġija rinnovabbli tas-setturi u l-proċessi industrijali, u jagħmel analiżi komparattiva tal-ambizzjonijiet, tal-effiċjenza fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2, tal-ħtiġijiet tat-teknoloġija u tal-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom, biex jiġu identifikati l-prijoritajiet tal-elettrifikazzjoni diretta u indiretta tal-proċessi industrijali, li huma indispensabbli għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tal-Unjoni.

Il-paragun jeżamina l-kwistjonijiet li ġejjin:

(1) l-emissjonijiet ta' CO_2 ffrankati fi proċessi industrijali permezz tal-elettrifikazzjoni diretta jew indiretta;

(2) il-valur maħluq permezz tal-elettrifikazzjoni diretta jew indiretta (jiġifieri il-valur miżjud tal-użu tal-elettriku jew idroġenu dekarbonizzat f'settur jewfi proċess speċifiku mqabbel ma' mezzi oħra ta' dekarbonizzazzjoni);

(3) l-impatt tal-elettrifikazzjoni (diretta jew indiretta) fuq is-sistema tal-enerġija, b'mod partikolari f'termini tal-flessibbiltà tad-domanda biex jikkontribwixxi għall-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda, l-akkoppjament tas-settur u l-ħżin tal-elettriku (jiġifieri minbarra l-impatt fuq id-domanda għall-elettriku, jekk l-elettrifikazzjoni ta' settur jew ta' proċess industrijali tistax tikkontribwixxi biex is-sistema tal-enerġija ssir aktar flessibbli, stabbli u sigura, pereżempju permezz ta' risposta għad-domanda jew ħżin fit-tul jew permezz ta' tnaqqis jew użu mill-ġdid tas-sħana mitlufa).

Il-proġett pilota jiffoka fuq kemm jista' jkun setturi industrijali, b'mod partikolari fuq l-emittenti industrijali ewlenin tas-CO_2 kif ukoll fuq prodotti intermedji li jagħmlu possibbli l-ħolqien ta' katina tal-provvista aktar sostenibbli, u fuq proċessi industrijali ta' valur miżjud għoli. Il-proġett se jinkludi metodoloġija biex jipprijoritizza s-setturi u l-industriji.

Il-proġett pilota jinkludi għadd ta' studji ta' każijiet tas-sħab industrijali biex tiġi ttestjata l-analiżi fl-ambitu ta' każijiet ta' negozju konkreti.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 03 Proġett pilota — Patt tas-Sindki bħala strument għall-indirizzar tal-faqar enerġetiku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 248 000	1 800 000	1 500 000	2 100 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 15

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

L-għan tal-proġett pilota hu li jnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-settur domestiku u jiggarantixxi l-aċċess universali għall-enerġija. Il-faqar enerġetiku huwa problema fl-Ewropa kollha li teħtieġ approċċ olistiku mirfud minn sforz konġunt u b'saħħtu f'kull livell: lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Il-bliet u r-reġjuni spiss qegħdin fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw fi stadju bikri dawk l-unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar enerġetiku u b'hekk jindirizzawh bl-aktar mod effikaċi.

Sa tmiem dan il-proġett pilota, fost ir-riżultati se jkun hemm:

— forniment ta' djar vulnerabbli b'appoġġ tekniku biex jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-ispejjeż, flimkien ma' appoġġ biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija,

— azzjoni mifruxa fuq diversi dipartimenti tal-gvern li tinvolvi s-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-alloġġ u s-servizzi ambjentali, sabiex tittieħed azzjoni kkoordinata biex jiġu indirizzati d-diversi aspetti tal-faqar enerġetiku, li jikkawża problemi tas-saħħa pubblika u vulnerabbiltà soċjali u spiss huwa marbut ma' binjiet bi prestazzjoni batuta tal-enerġija; u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija għandu wkoll effett pożittiv f'termini ta' ġlieda kontra t-tibdil fil-klima,

— azzjonijiet li jorbtu l-iffrankar tal-enerġija fil-faċilitajiet pubbliċi lokali mal-ħolqien ta' fond għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku fil-muniċipalitajiet kollha,

— azzjonijiet biex jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi fil-mudelli tagħhom ta' konsum tal-enerġija,

— valutazzjonijiet dwar il-mod kif il-proġetti dwar il-faqar enerġetiku jistgħu jtejbu l-ekonomija lokali billi joħolqu opportunitajiet għall-investimenti fl-enerġija fid-djar privati, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi,

— azzjonijiet ta' disseminazzjoni inkluż l-iskambju ta' prattiki tajba fuq skala Ewropea.

Objettivi

Il-proġett pilota jikkonċentra kemm fuq il-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u skambju ta' prattika tajba fil-livell lokali u reġjonali biex ikun indirizzat il-faqar enerġetiku kif ukoll fuq miżuri konkreti biex jonqos il-faqar enerġetiku fl-Ewropa.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 03 *(ikompli)*

Skont il-Buildings Performance Institute Europe (BPIE-2014) bejn 50 000 000 u 125 000 000 persuna fl-Unjoni bħalissa qed ibatu minn faqar tal-fjuwil u ma jifilħux iħallsu kumditàtermika interna adegwata. Barra minn hekk, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jgħinu biex jiġi evitat il-faqar tal-fjuwil u, kif affermat fid-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija, għandhom ikunu prijorità fl-unitajiet domestiċi milquta mill-faqar enerġetiku.

Il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija, li dan l-aħħar iċċelebra l- hdax anniversarju tiegħu, huwa moviment uniku minn isfel għal fuq b'7 755 belt firmatarja, li jiġbor flimkien l-awtoritajiet lokali u reġjonali b'impenn volontarju favur l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li joffri liċ-ċittadini kwalità tal-ħajja għolja fi bliet sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Fit-25 ta' Settembru 2015, in-Nazzjonijiet Uniti adottaw ġabra ta' għanijiet biex itemmu l-faqar, jipproteġu l-pjaneta u jiżguraw prosperità għal kulħadd bħala parti minn Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli ġdida. Kull Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) għandu objettivi speċifiċi li għandhom jintlaħqu fil-15-il sena li ġejjin. L-SDG 1 "Jintemm il-faqar" u l-SDG 7 "Niżguraw aċċess għal enerġija bi prezzijiet aċċessibbli, affidabbli, sostenibbli u modern għal kulħadd" huma relatati ma' dan il-proġett. B'mod parallel hemm inizjattiva kontinwa, l-Aġenda urbana għall-UE, biex jiġu indirizzati diversi aspetti ewlenin tal-politika futura tal-Unjoni f'dan il-qasam. Il-proċess relatat jinvolvi żewġ sħubijiet speċifiċi: tranżizzjoni enerġetika u faqar urban.

Biex nirrikapitolaw: l-enerġija hija ċentrali għal kważi kull sfida u opportunità ewlenija għall-Ewropa tal-lum; kemm fir-rigward tal-impjiegi, is-sigurtà, it-tibdil fil-klima, il-produzzjoni tal-ikel jew iż-żieda fl-introjtu, l-aċċess unisersali għall-enerġija huwa essenzjali.

PP 02 19 04 Proġett pilota — Kuntest tal-Ipprogrammar madwar l-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	595 000	700 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Id-diġitalizzazzjoni hija sfida maġġuri tal-preżent u tal-ġejjieni fl-Ewropa. Madankollu, hija tirrappreżenta wkoll opportunità għall-holqien ta' tipi ġodda ta' impjiegi. F'ħafna mill-każijiet, dawn l-impjiegi jirrikjedu ħiliet fil-programmazzjoni b'ħekk dawn għandhom jiġu promossi aktar fost iż-żgħażagħ, peress li ħafna darbi mhumiex parti mill-kurrikuli skolastiċi. L-Unjoni għandha tħeġġeġ liż-żgħażagħ jinteressaw ruħhom fit-teknoloġija u fil-programmazzjoni u tgħinhom jiżviluppaw ħiliethom sabiex tippreparahom għas-suq tax-xogħol tal-ġejjieni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 04 *(ikompli)*

L-organizzazzjoni ta' konkors tal-programmazzjoni fil-livell tal-UE se jkollha l-vantaġġi li ġejjin:

— promozzjoni tal-interess u tal-ħiliet fil-qasam tal-programmazzjoni u tat-teknoloġiji u tal-ħiliet relatati,

— offerta ta' inċentiv għaż-żgħażagħ biex jiżviluppaw ħiliet fil-programmazzjoni permezz ta' forma ta' tagħlim bil-logħob,

— promozzjoni tal-idea Ewropea.

Il-qafas tal-konkors tal-programmazzjoni:

— il-konkors għandu jiġi implimentat fil-kuntest tal-Ġimgħa Ewropea tal-Kodifikazzjoni fl-2019 u fl-2020, u l-objettiv tal-Unjoni huwa dak li tinvolvi minn tal-inqas 50 % tal-iskejjel fl-UE u fil-Balkani tal-Punent sal-2020; Il-Ġimgħa Ewropea tal-Kodifikazzjoni tipprovdi l-infrastruttura u l-kuntest eżistenti,

— ħolqien ta' inizjattiva speċjali (possibbilment tissejjaħ "createathon") għaż-żgħażagħ b'talent li jista' jingħatawlhom kompiti bħall-iżvilupp ta' applikazzjoni,

— kors bażiku fil-programmazzjoni għandu jingħata f'dan il-kuntest fil-livell tal-Istati Membri,

— il-konkors għandu jikkoopera mal-industrija bil-għan li tinkiseb esperjenza diretta fl-attivitajiet tal-programmazzjoni.

PP 02 19 05 Proġett pilota — Pjattaforma ta' servizzi diġitali integrati għaċ-ċittadini u n-negozji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	262 500	p.m.	p.m.	1 050 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Għalkemm l-iżvilupp u l-adozzjoni tas-servizzi diġitali min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi qiegħed dejjem jiżdied, l-aċċess u l-użu tagħhom fl-Ewropa – kemm bejn pajjiż u ieħor u kemm fil-pajjiżi nfushom – għadu jvarja ħafna. Waħda mir-raġunijiet hija l-ambitu limitat ta' pjattaformi "one-stop shop" faċli biżżejjed biex jintużaw miċ-ċittadini u n-negozji.

It-teknoloġiji tar-reġistru distribwit (DLTs) jistgħu jipprovdu tweġiba għal din l-isfida bl-appoġġ li joffru għall-integrazzjoni ta' servizzi differenti, li jvarjaw milll-ġestjoni tal-identità u l-iskambju ta' dokumenti għall-ipproċessar ta' flussi ta' informazzjoni u l-garanzija taż-żamma ta' arkivji u reġistri.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 19 *(ikompli)*

PP 02 19 05 *(ikompli)*

Id-DLTs jistgħu jagħmlu dan b'mod sigur u mingħajr il-bżonn ta' funzjoni ta' konvalida ċentrali. Dan iqassar il-ħin tal-ipproċessar, jinkoraġġixxi l-awtomatizzazzjoni tal-proċess u jnaqqas il-marġni ta' żbalji u frodi. Barra minn hekk, l-informazzjoni tista' tiġi pproċessata b'mod sigur f'konformità mal-prinċipji tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali dejta, u li tħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad- *Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1) u abbażi ta' proċessi ta' komputazzjoni li jipprevedu l-privatezza mid-disinn.

Filwaqt li d-DLTs qed jiġu adottati dejjem aktar f'oqsma differenti, l-adozzjoni tagħhom fl-amministrazzjoni pubblika għadha lura minħabba l-immaturità relattiva tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi u n-nuqqas ta' sperimentazzjoni li tindirizza speċifikament il-bżonn li ċ-ċittadini jiġu offruti pjattaformi ta' servizzi.

Dan il-proġett pilota jinvolvi t-twaqqif ta' pjattaforma diġitali għall-amministrazzjoni pubblika fuq skala żgħira u bbażata fuq id-DLTs sabiex l-utenti jingħataw servizzi pubbliċi abbażi ta' komponenti essenzjali bħalma huma l-identifikazzjoni diġitali, is-servizzi notarizzati u l-ġestjoni ta' skambju ta' dokumenti sigur. Il-pjattaforma tkun ibbażata fuq ir-riutilizzazzjoni ta' komponenti b'sors miftuħ appoġġjati minn mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni mal-komunità tal-blockchain. Il-proġett pilota se jivvaluta l-fattibbiltà teknika ta' pjattaforma ta' servizzi bħal din, flimkien mal-utilizzabbiltà u r-rendiment tagħha. Jivvaluta wkoll il-potenzjal tagħha ta' riutilizzazzjoni f'awtoritajiet pubbliċi differenti fl-Ewropa, bil-ħsieb li tinħoloq bażi għal infrastruttura tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea bbażata fuq il-blockchain.

PP 02 20 2020

PP 02 20 01 Proġett pilota — Mudelli ta' approċċi bbażati fuq l-impatt soċjali għall-akkomodazzjoni soċjali u l-emanċipazzjoni tar-Rom: l-ittestjar tal-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi għal eżiti soċjali aħjar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 800 000	950 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

01 04 77 03

Għal gruppi konċentrati ta' ċittadini Ewropej, il-privazzjoni ta' abitazzjoni ilha teżisti għexieren ta' snin. Ir-Rom huma wieħed mill-gruppi ta' minoranza fl-Ewropabl-ogħla rati ta' faqar u esklużjoni soċjali. Minkejja l-isforzi li ilhom isiru, inkluż il-qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom (NRIS) għall-2020 li ġie introdott sa mill-2011, l-indirizzar tal-esklużjoni soċjoekonomika u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom jibqa' objettiv.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 01 *(ikompli)*

L-implimentazzjoni tal-NRIS kienet tiddependi ħafna fuq finanzjar b'għotjiet mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). L-użu ta' fondi tal-FSIE sfortunatament kien limitat min-nuqqas ta' impenn politiku u tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali inkarigati mill-ġestjoni tal-fondi. Sal-lum, l-istrumenti finanzjarji bħal self u garanziji ma tantx intużaw biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet Rom marġinalizzati.

Dan il-proġett pilota huwa parti mill-isforzi tal-Unjoni biex:

— jappoġġja l-innovazzjoni soċjali u approċċi ġodda u olistiċi għall-għoti ta' servizzi soċjali, l-emanċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati u s-sejbien ta' soluzzjonijiet trasformattivi għal sfidi soċjali ewlenin, b'mod partikolari l-inklużjoni tar-Rom;

— jistimola kollaborazzjonijiet transsettorjali u sħubijiet ta' impatt soċjali (involviment pubbliku-privat u ċiviku) bħala mezz ġdid għall-ħolqien tal-valur pubbliku;

— jittestja l-użu ta' strumenti finanzjarji ġodda u ta' appoġġ imħallat (strumenti finanzjarji, għotjiet u tisħiħ tal-kapaċitajiet) għal proġetti b'esternalitajiet soċjali għolja;

— fuq perjodu ta' żmien itwal, tappoġġja l-iżvilupp tas-suq tal-investimenti soċjali u l-interventi bbażati fuq l-impatt soċjali permezz tal-ittestjar/l-irfinar ta' mudell li jista' jiġi estiż għall-Ewropa kollha taħt, pereżempju, il-programm futur ta' investiment uniku tal-Unjoni (InvestEU).

Il-programm InvestEU jista' jkun fattur ta' bidla, bis-saħħa ta' allokazzjoni finanzjarja b'appoġġ għall-infrastruttura soċjali (jiġifieri l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni), l-innovazzjoni soċjali u l-iskemi bbażati fuq l-impatt soċjali. Il-programm ta' investiment integrat tal-UE li jmiss jista' joffri opportunità sinifikanti biex isir progress biex tinkiseb l-inklużjoni tar-Rom.

Kamp ta' applikazzjoni tal-proġett pilota:

— dan il-proġett jiżviluppa soluzzjoni mudell fis-settur tal-akkomodazzjoni u opportunitajiet ta' ħajja aħjar għal grupp speċifiku ta' komunitajiet Rom emarġinati. Il-benefiċjarji fil-mira tipikament se jirrisjedu f'insedjamenti mhux regolati/illegali fil-periferija u jiffaċċjaw diffikultajiet fir-rigward tal-aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg bi dħul jew qligħ u għal opportunitajiet oħra ta' inklużjoni.

— essenzjalment, dan huwa mudell b'diversi fażijiet, li jinvolvi t-tħejjija (f'termini ta' litteriżmu finanzjarju, motivazzjoni, għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u ħiliet għall-ħajja, u assistenza fis-settur tal-kostruzzjoni) tal-familji Rom fit-triq lejn is-sjieda ta' proprjetà u l-emanċipazzjoni.

L-attivitajiet għalhekk se jinkludu:

— l-għoti ta' edukazzjoni finanzjarja, għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u taħriġ dwar il-ħiliet għall-ħajja għall-parteċipanti speċifiċi minn ambjent żvantaġġat li jkunu rreġistrati fil-programm;

— l-appoġġ għal skemi ta' tfaddil għal kull familja, għal madwar sena, biex ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet fuq self għax-xiri ta' materjali ta' kostruzzjoni għal djar ġodda;

— il-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi għall-allokazzjoni ta' art għall-intervent u l-għoti ta' taħriġ lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw u jimmaniġġjaw programmi ta' inklużjoni jew desegregazzjoni u jkomplu jipprovdu servizzi soċjali lill-komunità lokali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 01 *(ikompli)*

Dan il-mudell b'diversi fażijiet se jipprova juża approċċi innovattivi li jikkombinaw strumenti finanzjarji (self, garanziji, eċċ.), għotjiet u għajnuna għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

Il-proġett pilota jista' jitwettaq fi sħubija ma' organizzazzjoni inkarigata mill-implimentazzjoni. Fil-qafas ta' kuntratt uniku ta' għotja konklużż mal-Kummissjoni, is-sieħeb magħżul inkarigat mill-implimentazzjoni joffri l-appoġġ permezz ta':

— garanzija għall-portafolli ta' tneħħija tar-riskji ta' self għall-akkomodazzjoni soċjali għal benefiċjarji mmirati, li tammonta għal madwar 25 % tal-baġit; kif ukoll

— għotjiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-NGOs li jipprovdu servizzi ta' taħriġ jew mentoring lill-muniċipalitajiet, li jippermettu x-xiri ta' appartamenti jew djar, kostruzzjonijiet (għoti ta' art u infrastruttura meħtieġa) u lill-komunitajiet lokali tar-Rom għal-litteriżmu finanzjarju u t-taħriġ fil-kostruzzjoni, l-impjieg u l-edukazzjoni ċivika, li jammontaw għal madwar 75 % tal-baġit.

L-attivitajiet se jiġu strettament allinjati u se jkunu komplementari għall-proġetti pilota attwali favur l-inklużjoni tar-Rom (ROMACT), u għall-strumenti finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni li jistgħu jiġu mobilizzati konsegwenza ta' dan, kif ukoll għall-gwida rilevanti ta' desegregazzjoni u għall-approċċi olistiċi għall-prinċipji ta' żvilupp lokali.

Il-proġett pilota se jittestja u jiżviluppa mudelli integrati ta' finanzjament soċjali, bħala parti minn approċċ pan-Ewropew f'diversi pajjiżi, possibbilment bħala prodott pilota kkombinat ta' finanzjament u konsultazzjoni fl-ambitu tal-Programm InvestEU għal wara l-2020. Dan għandu jikkomplementa l-appoġġ għall-finanzjament ta' koeżjoni u jsaħħaħ l-objettivi tal-inklużjoni soċjali, id-desegregazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni, l-appoġġ għall-impjiegi u l-iżvilupp reġjonali. Jista' jipprovdi wkoll mudelli għar-replikazzjoni fil-qafas ta' mekkaniżmi kontraenti b'implikazzjoni soċjali.

Wara li jiġi ttestjat f'diversi postijiet li għandhom komunitajiet sostanzjali tar-Rom, se jespandi f'postijiet differenti f'pajjiżi b'komunitajiet sostanzjali tar-Rom (eż. is-Slovakkja tal-Lvant, iċ-Ċekja tal-Lvant, il-Bulgarija, ir-Rumanija, l-Ungerija), u jerġa jitwettaq għal darb'oħra f'kuntest urban.

L-attivitajiet se jiġu strettament allinjati u se jikkomplementaw proġetti pilota attwali favur l-inklużjoni tar-Rom (ROMACT), u strumenti finanzjarji addizzjonali tal-politika ta' koeżjoni li jistgħu jiġu mobilizzati. Il-proġett pilota se jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-politika fil-qasam ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni u jappoġġja t-tħejjija tal-qafas tal-UE għal wara l-2020 għall-NRIS.

Gruppi fil-mira:

— familji Rom emarġinati, bħala wieħed mill-gruppi l-aktar esklużi fl-Ewropa, li d-destin tagħhom jirrappreżenta waħda mill-isfidi soċjali l-aktar akuti fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u, tabilħaqq, fl-Unjoni kollha;

— awtoritajiet pubbliċi, intermedjarji finanzjarji u atturi soċjali (fondazzjonijiet, fornituri ta' servizzi).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 02 Proġett pilota — Ekotikkettar għall-avjazzjoni / Proġett ta' dimostrazzjoni għall-introduzzjoni ta' sistema ta' ekotikketta volontarja fil-qasam tal-avjazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 125 000	1 500 000	375 000		

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 25

Dan il-proġett se jipprovdi lil min jivvjaġġa u lill-persuni li jgħixu qrib l-ajruporti informazzjoni, aċċessibbli b'mod faċli, dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-avjazzjoni, idealment minn sors newtrali u indipendenti.

Bl-istess mod li ċ-ċittadini Ewropej ikunu informati dwar il-prodotti organiċi, il-passiġġieri se jiġu informati dwar il-prestazzjoni ekoloġika tal-inġenji tal-ajru u tal-linji tal-ajru. Il-proġett se jħares lejn il-prestazzjoni ekoloġika tal-inġenju tal-ajru individwali (storbju u emissjonijiet), tat-trasportaturi tal-ajru (emissjonijiet ta' gassijiet serra, emissjonijiet ta' partikuli, kumpens u fjuwils (bio) sostenibbli, storbju tal-inġenji tal-ajru) kif ukoll ta' miżuri operazzjonali.

L-attivitajiet prinċipali jiffokaw fuq l-iżvilupp tal-governanza, tal-indikaturi, tal-mudell ta' komunikazzjoni u tal-ecoPortal, li huwa pjattaforma informatika eżistenti li setiġi estiża biex tinkludi l-emissjonijiet, il-flotta u d- *data* operazzjonali b'appoġġ għall-iskema tat-tikketta.

L-iskema se tippermetti wkoll li l-ajruporti jikklassifikaw il-linji tal-ajru skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom sabiex tipprovdi inċentivi lokali.

PP 02 20 03 Proġett pilota — Interkonnessjoni tal-mobilità urbana bl-infrastrutturi tat-trasport bl-ajru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	300 000	75 000		

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 26

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 03 *(ikompli)*

Dan il-proġett pilota huwa implimentat fil-forma ta' studju; huwa mfassal biex jiżgura l-aħjar interkonnessjoni bejn iċ-ċentri urbani u l-ajruporti. Waqt li xi ajruporti jinsabu viċin il-periferija ta' xi bliet kbar, xi ajruporti żgħar kultant huma 'l bogħod. Il-mobilità urbana għandha tkun investigata bħala soluzzjoni possibbli f'każ ta' nuqqas ta' kapaċità tal-infrastruttura, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-dimensjoni ambjentali, bħall-kwalità tal-arja lokali u l-istorbju. Il-ġestjoni tat-traffiku kif ukoll għażliet teknoloġiċi oħra se jiġu valutati.

L-istudju se jindirizza wkoll il-kwistjoni ta' konnessjonijiet ferrovjarji ta' veloċità għolja fuq distanza twila bejn l-ajruporti u ż-żoni urbani.

PP 02 20 04 Proġett pilota — Rivitalizzazzjoni tal-ferroviji transfruntieri ta' billejl

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	375 000	500 000	125 000		

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 27

Fid-dawl tal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni li "tirrivitalizza l-ferroviji", tibni "żona ferrovjarja unika Ewropea" u biex tikseb "bidla modali", u anke fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jinstabu alternattivi għal titjiriet fuq distanza medja u li jiġu ssodisfati l-miri klimatiċi internazzjonali, dan il-proġett pilota se jiffoka fuq l-enfasi ta' dan il-proġett pilota huwa fuq l-analiżi, l-istudju u l-formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet politiċi speċifiċi li jgħinu lill-kumpaniji jistabbilixxu servizzi ferrovjarji internazzjonali vijabbli, b'mod partikolari ta' veloċità għolja, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni dwar l-għoti ta' servizzi pubbliċi.

Il-proġett se jinvolvi analiżi komprensiva tas-servizzi internazzjonali ġodda tal-kumpaniji (ferroviji b'veloċità għolja iżda anke, b'mod partikolari, ferroviji ta' billejl), u tal-esperjenzi l-aktar riċenti u d-diffikultajiet perċepiti tagħhom, inklużi l-aspetti ta' ħruġ ta' biljetti, diffikultajiet potenzjali biex jiġu konklużi kuntratti internazzjonali ta' servizzi pubbliċi u l-akkwist u l-finanzjament għall-modernizzazzjoni u l-manutenzjoni ta' vetturi ferrovjarji.

PP 02 20 05 Proġett pilota — Kapaċità ta' ekoloġizzazzjoni tal-portijiet marittimi Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	300 000	75 000		

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 05 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 28

Attività mwettqa mill-awtoritajiet portwarji li dan l-aħħar kienet qed iżżid fl-impetu tagħha kienet li tiddetermina sett ta' attivitajiet u investimenti ta' żvilupp li, jipprovdu kemm l-istruttura teknika u organizzattiva mistennija għal operazzjonijiet portwarji futuri u wkoll iqisu diversi rekwiżiti soċjali u ambjentali biex jinżamm jew jittejjeb il-livell ta' kwalità imwassal minn dawn iż-żewġ oqsma. Il-proġett se jippreżenta r-riċerka li twettqet dwar il-livell ta' għarfien u l-imġiba tal-portijiet Ewropej fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, u fir-rigward tal-Kunċett ta' Port Ekoloġiku (GPC) b'mod partikolari. Tfasslet ipoteżi li tgħid li l-inkorporazzjoni tal-GPC fl-istrateġija dwar l-iżvilupp tal-portijiet marittimi Ewropej ittejjeb ir-relazzjonijiet ambjentali tagħhom u tagħmilhom aktar kompetittivi. Ir-riżultati tal-istħarriġ jippermettu li jiġi identifikat l-approċċ li għandu jittieħed għall-iżvilupp ta' portijiet ekoloġiċi u biex titwettaq ir-riċerka fil-ħolqien ta' pakkett ta' strumenti li jappoġġjaw dawn l-attivitajiet. Għaldaqstant, ikun possibbli li jiġu indirizzati l-istrateġiji dwar l-iżvilupp tal-portijiet marittimi Ewropej b'konformità mal-GPC.

Eżitu u evoluzzjoni possibbli tal-proġett

Minħabba l-użi potenzjali wiesa' tar-riżultati tar-riċerka, l-awturi għandhom pjanijiet għal sensiela ta' attivitajiet biex jippubbliċizzawhom, li jinkludu rapport dwar l-istħarriġ kwantitattiv, sensiela ta' artikli xjentifiċi u monografu.

Natura innovattiva u sperimentali tal-proġett

L-awturi ta' dan il-proġett se jwettqu stħarriġ — l-ewwel wieħed ta' dan it-tip fl-Ewropa — dwar il-perċezzjoni tal-attivitajiet tal-awtoritajiet portwarji tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli tal-GPC. Wara tiġi studjata l-interdipendenza tal-azzjonijiet imwettqa u l-prestazzjoni ekonomika tal-port marittimu. L-għarfien ġdid miksub mill-proġett se jistabbilixxi approċċ kumpless u interdixxiplinari ġdid għall-organizzazzjoni u l-operat ta' port marittimu għall-fini ta' implimentazzjoni kummerċjali. Barra minn hekk, kwalunkwe port ikun jista' jiġi vvalutat fir-rigward ta' kemm diġà qed jimplimenta l-kunċett ta' port ekoloġiku u, sussegwentement, dwar liema tip ta' azzjonijiet għandhom jittieħdu bil-għan li jitwettaq l-approċċ adatt sabiex biex titkompla l-ekoloġizzazzjoni tal-port. Dan għandu jkun il-bażi għal żvilupp ulterjuri tal-valutazzjonijiet tal-Portijiet Ekoloġiċi b'miżuri xierqa u b'valuri skont l-objettivi tal-GPC.

Is-settur marittimu qed jesperjenza intensifikazzjoni tal-attività li tiffoka fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet marittimi. Din l-attività tkopri ż-żewġ oqsma ewlenin tal-operazzjonijiet esterni tagħhom, jiġifieri, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali negattiv tal-investiment fil-portijiet u tal-attività operattiva u tar-relazzjoni tal-portijiet mal-ambjent tagħhom. Ir-responsabbiltà soċjali tal-portijiet marittimi hija element biex issir differenza, speċjalment fil-qasam ta'

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 05 *(ikompli)*

dan tal-aħħar. Fl-istess ħin, il-korpi ta' ġestjoni tal-portijiet u l-awtoritajiet muniċipali qed juru dejjem aktar interess f'dawn iż-żewġ oqsma. In-natura ekoloġika tal-portijiet u r-relazzjonijiet komunitarji hija vverifikata kull sena permezz ta' kompetizzjonijiet u tabelli ta' klassifikazzjoni (eż. il-Green Port Awards).

PP 02 20 06 Proġett pilota — Repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija — Monitoraġġ u appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	250 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 18

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-konsumatur fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82) u Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125) huma fost l-aktar innovattivi fil-pakketti kollha Ewropej dwar l-Enerġija Nadifa. Huma jobbligaw lill-Istati Membri jadottaw oqfsa abilitanti għall-komunitajiet tal-enerġija. Id-Direttiva (UE) 2019/944 tipprovdi l-għoti ta' kundizzjonijiet ekwi għall-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini fis-swieq tal-elettriku, filwaqt li d-Direttiva (UE) 2018/2001 teħtieġ l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi u inċentivi għal komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli attivi fl-oqsma kollha tal-enerġija rinnovabbli. Filwaqt li f'xi Stati Membri diġà jeżistu komunitajiet tal-enerġija, dawn huma novità f'oħrajn.

Ir-repożitorju tal-komunitajiet tal-enerġija għandu jwettaq żewġ funzjonijiet bażiċi: (i) jimmonitorja u jiġbor *data* dwar l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni u (ii) jipprovdi lill-komunitajiet mudelli għal soluzzjonijiet teknoloġiċi u amministrattivi.

Id- *data* miġbura permezz tar-repożitorju tkun tikkostitwixxi sors importanti ħafna ta' informazzjoni għall-istituzzjonijiet Ewropej u l-gvernijiet nazzjonali u lokali. Id-*data* tiġi integrata fir-riflessjonijiet politiċi eżistenti u futuri. Fi kliem ieħor, tiffaċilita l-implimentazzjoni jew, jekk ikun hemm bżonn, ir-reviżjoni jew it-titjib tal-qafas regolatorju.

Barra minn hekk, ir-repożitorju jista' jkun sors kbir ta' għarfien għaċ-ċittadini u l-assoċjazzjonijiet taċ-ċittadini li jixtiequ jistabbilixxu l-komunitajiet tal-enerġija tagħhom, b'mod partikolari fl-Istati Membri li s'issa ma żviluppawx oqfsa regolatorji jew l-aħjar prattiki. L-aħjar prattiki jistgħu jinkludu soluzzjonijiet teknoloġiċi, eż. għall-kondiviżjoni tal-elettriku, l-użu tal-blockchain u r-reġistri distribwiti għal tranżazzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-oriġini tal-elettriku minn sorsi li jappartjenu lill-komunità, u dokumentazzjoni biex tiġi stabbilita komunità u eż. mudelli għal regoli ta' assoċjazzjonijiet, eżempji ta' ftehimiet mal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 07 Proġett pilota — L-involviment tal-kumpaniji fit-tranżizzjoni tal-enerġija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
875 000	437 500	875 000	218 750		

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 19

Se tiġi żviluppata dimensjoni tas-settur privat Ewropew biex tikkomplementa l-inizjattivi attwali minn isfel għal fuq dwar l-enerġija jew il-klima tal-muniċipalitajiet lokali tal-bliet (eż. il-Patt tas-Sindki). Bl-involviment tal-kumpaniji (industrijali u kummerċjali) ewlenin biex jiffurmaw moviment (volontarju) fl-Unjoni kollha, nistgħu nżidu l-iskala, l-impatt u s-sinerġiji tal-azzjonijiet meħuda minn livelli differenti ta' governanza. Inċentivi volontarji għall-azzjoni huma meħtieġa billi s-sehem ta' emissjonijiet ta' CO_2 mill-industrija huwa mistenni jikber, mil-lum sal-2050, f'termini relattivi meta mqabbel mal-provvista tal-enerġija u t-trasport bit-triq.

PP 02 20 08 Proġett pilota — Żvilupp ta' intelliġenza artifiċjali (AI) għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer pedjatriku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 350 000	837 500	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 03 77 02

Il-kanċers pedjatriċi huma ġabra ta' mard rari varjat li flimkien jirrappreżentaw, fuq livell individwali, mard li jkun ta' theddida għall-ħajja u li kollettivament jikkostitwixxu riskju kbir għas-saħħa pubblika. Peress li kull sena fl-Ewropa jkun hemm 35 000 każ ġdid u jmutu aktar minn 6 000 tifel u tifla u żagħżugħ u żagħżugħa, il-kanċer pedjatriku jibqa' l-kawża ewlenija tal-mewt mill-mard għat-tfal u l-adolexxenti. Barra minn hekk, fl-Ewropa hemm aktar minn 300 000 superstitu tal-kanċer fit-tfulija (kważi nofs miljun sal-2020). Żewġ terzi tas-superstiti jgħixu bl-effetti sekondarji relatati mat-trattament fit-tul li jistgħu jkunu severi u jħallu impatt fuq il-ħajja ta' kuljum ta' nofs dawk affettwati.

L-implimentazzjoni effikaċi ta' teknoloġiji ta' tagħlim awtomatiku u ta' intelliġenza artifiċjali tista' ġġib magħha soluzzjonijiet għal ħafna sfidi tas-soċjetà, inklużi mezzi ta' dijanjożi u ta' trattament aħjar. Il-pjattaformi integrati dwar id- *data* tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka li jiġbru informazzjoni dwar il-fenotipi kliniċi, it-testijiet dijanjostiċi (inklużi

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 08 *(ikompli)*

patoloġija, ġenomika u l-immaġnijiet radjoloġiċi), l-interventi ta' trattament u riżultati kliniċi se jkunu għodod b'saħħithom għal dijanjożi bikrija u preċiża, jippermettu l-preċiżjoni fl-istratifikazzjoni tal-koorti tal-pazjenti skont il-ħtiġijiet terapewtiċi u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' innovazzjoni terapewtika ġdida.

In-natura partikolari tal-kanċer pedjatriku li huwa marda rari teħtieġ approċċ kollaborattiv għall-ġbir u l-integrazzjoni tad- *data* miġbura fl-Istati Membri kollha, inklużi l-aħjar prattiki u teknoloġiji ġodda sabiex jiġu żviluppati aktar soluzzjonijiet komuni. L-użu tal-big *data* għal għarfien aħjar fir-rigward tal-ġenesi tal-kanċer, l-eżiti u l-effetti sekondarji fit-tul tat-trattamenti bħalissa mhuwiex żviluppat biżżejjed. L-intelliġenza artifiċjali u t-tagħlim awtomatiku huma għodod futuri biex jiġu pproċessati settijiet kumplessi ta' *data* u biex titrawwem il-mediċina ta' preċiżjoni kontra l-kanċer għaż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa.

Progressi ulterjuri fid-dijanjożi u t-trattament tal-onkoloġija pedjatrika se jeħtieġu pjattaformi integrati dwar id- *data* tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka multinazzjonali u multidixxiplinari li jippermettu simulazzjonijiet ta' *data* f'sitwazzjonijiet reali ta' algoritmi ta' tagħlim awtomatiku u intelliġenza artifiċjali li jistgħu jiġu sfruttati f'applikazzjonijiet ta' appoġġ għal deċiżjoni klinika mmexxija mid-*data* li jkunu ta' benefiċċju dirett għall-pazjenti.

Il-proġett pilota jappoġġja r-riċerka fit-teknoloġiji tal-IA b'applikazzjoni preċiża għad-dijanjożi u t-trattament tal-kanċer pedjatriku.

Il-proġett pilota jsegwi approċċ ta' żewġ stadji:

1. jiżviluppa approċċi multinazzjonali biex jiffaċilita l-qbid ta' *data* minn sorsi multipli. Abbażi ta' pjattaformi u settijiet ta' *data* multidixxiplinari eżistenti, jiżviluppa pjattaformi integrati dwar id-*data* tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka li jiġbru *data* klinika, inklużi, pereżempju, storja klinika, testijiet dijanjostiċi rilevanti (patoloġija, ġenomika, immaġnijiet radjoloġiċi), interventi ta' trattament u riżultati kliniċi għal kanċers fit-tfulija, li jgħaqqdu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-onkoloġija pedjatrika u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija.

2. jiżviluppa applikazzjonijiet ta' teknoloġiji bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex itejjeb id-dijanjożi tal-mard, il-ġestjoni, u l-iżvilupp ta' terapiji effettivi: juża pjattaformi integrati dwar id- *data* tal-kura tas-saħħa u tar-riċerka biex jiżviluppa applikazzjonijiet tat-tagħlim awtomatiku u tat-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali rilevanti. Il-proġett pilota jista' jiffoka fuq applikazzjoni waħda jew aktar inkluż b'rabta mal-immaġnijiet radjoloġiċi, il-patoloġija diġitali, il-ġenotipar integrat u l-algoritmi ta' previżjonijiet ta' eżitu u teħid ta' deċiżjonijiet kliniċi.

PP 02 20 09 Proġett pilota — Mobilità urbana intelliġenti li tinvolvi vetturi awtonomi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 15

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 09 *(ikompli)*

Għal perjodu ta' żmien medju u twil, il-bliet fl-Unjoni kollha għandhom jimplimentaw fuq skala kbira l-kunċett ta' karozzi elettriċi awtonomi/mingħajr sewwieq, billi jgħinuhom jippromwovu politika ta' mobilità urbana aħjar u ekoloġika għaċ-ċittadini, it-turisti, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra, u l-ambjent. Dan il-proġett pilota jinvolvi sett ta' azzjonijiet integrati f'mill-inqas 10 bliet (bliet pilota), ta' diversi daqsijiet, fi Stati Membri differenti, inklużi ċentri urbani konġestjonati u akkwati ewlenin, destinazzjonijiet turistiċi, inklużi fortizzi, parks ta' divertiment tematiċi jew kumplessi, ajruporti, kampusijiet edukattivi, sptarijiet kbar, eċċ. Il-proġett jiżgura bilanċ ġeografiku sod bejn il-bliet li huma mifruxa fi Stati Membri (it-Tramuntana, in-Nofsinhar, il-Lvant, il-Punent, iċ-ċentru), bejn bliet aktar sinjuri u fqar, u bejn bliet kbar jew żgħar jew ta' daqs medju. Filwaqt li nqisu rieda politika qawwija u kapaċità amministrattiva u teknika kompetenti, se tittieħed azzjoni biex jiġu ttestjati l-vetturi awtonomi u tiġi ppersonalizzata inizjattiva futura li tbiddel fażi pilota f'waħda Komunitarja.

Il-proġett jgħaqqad b'mod integrat l-akkwist ta' xarabankijiet elettriċi żgħar mingħajr sewwieq b'kapaċità ta' 15-il persuna, inkluż aċċess għal persuni b'diżabilità, li joffru mobilità aktar effiċjenti u intelliġenti għal bliet pilota u s-siti privati.

Ix-xarabankijiet żgħar se jużaw *data* minn sensuri LIDAR, kameras, faċilitajiet tal-GPS, sorsi ta' pożizzjonar kinetiċi f'ħin reali, sensuri tal-IMU u odometrija, li se jingħaqdu flimkien u jiġu interpretati minn programmi ta' tagħlim fil-fond, bl-użu ta' intelliġenza artifiċjali u konnettività b'veloċità għolja.

L-akkwist se jiġi kkomplementat minn kampanji edukattivi intensivi promossi permezz ta' mezzi tal-midja soċjali fil-kunsilli lokali, l-iskejjel, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' informazzjoni turistiċi, l-assoċjazzjonijiet tal-akkomodazzjoni, it-trade unions, eċċ. L-għan huwa li tiġi żviluppata mentalità urbana b'saħħitha orjentata lejn l-użu ta' dan il-mudell alternattiv ta' trasport, it-tisħiħ tal-importanza ta' alternattivi ta' mobilità ekoloġika fl-ambjent urban Ewropew, kif ukoll il-promozzjoni viżibbli tal-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni. Fi tmiem il-proġett pilota, se tiġi prodotta gwida dwar it-tagħlimiet meħuda u se tkun offruta pubblikament bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Din il-gwida se tinxtered permezz tal-mezzi uffiċjali rilevanti (eż. assoċjazzjoni ta' muniċipalitajiet f'kull Stat Membru, networks ċentrali rilevanti għall-gvern lokali, destinazzjonijiet turistiċi, u unions tat-trasport). Avvenimenti pubbliċi (eż. konferenzi stampa) u dimostrazzjonijiet prattiċi se jsiru fil-Parlament Ewropew, fil-Kumitat tar-Reġjuni u fil-Kummissjoni Ewropea u f'kull belt pilota.

Ix-xarabankijiet se jkunu mgħammra b'faċilitajiet intelliġenti (eż. displays diġitali) li jagħtu informazzjoni rilevanti dwar il-vjaġġ, id-destinazzjonijiet, il-marka tal-karbonju u l-messaġġi edukattivi dwar l-importanza li wieħed jgħix f'ambjent urban ekoloġiku; dawn se jkejlu l-kwalità tal-arja f'ħin reali, bl-użu ta' sensuri, u jikkomunikaw il-wasliet u t-tluq fi stazzjonijiet, bl-użu ta' messaġġi awdjo u diġitali; se jipprovdu lill-passiġġieriwi-fi b'xejn. Waqt il-proġett pilota, l-użu tax-xarabankijiet se jkun b'xejn. L-ispejjeż operattivi meħtieġa għall-funzjonament ottimali se jkunu koperti mill-proġetti u l-garanziji offruti mill-kumpanija li tirbaħ l-offerta pubblika biex tipprovdi x-xarabankijiet.

Argument fundamentali ieħor huwa li, permezz ta' riżultati tanġibbli, dan it-tip ta' proġett pilota se joħloq mudell skalabbli li jista' jintuża għal bliet differenti madwar l-Unjoni, bi ħtiġijiet ta' mobilità differenti u speċifiċi. Ir-riżultati tiegħu se jgħinu lill-muniċipalitajiet u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra (inklużi operaturi privati) biex iħejju l-proġetti ta' mobilità futuri tagħhom li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-gvernijiet nazzjonali fil-perjodu ta' allokazzjoni li jmiss (2021–2024) permezz ta' programmi operattivi reġjonali u programmi oħra li jappoġġjaw il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni. Se jsiru aktar konxji tal-ispejjeż, tar-rekwiżiti ta' sikurezza u ta' sigurtà,

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 09 *(ikompli)*

tal-loġistika, tal-ispejjeż tal-manutenzjoni, u kunsiderazzjonijiet ta' affordabilità. Il-bliet jistgħu jadattaw u jadottaw deċiżjonijiet u politiki lokali ġodda għal mobilità urbana intelliġenti, filwaqt li jsaħħu l-importanza tal-użu ta' mezzi urbani alternattivi integrati, bil-mobilità bħala faċilità ta' servizz u flotot ta' vetturi ekoloġiċi użati b'mod effiċjenti u adattati f'ambjent urban xieraq.

PP 02 20 10 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' aġenda strateġika ta' riċerka, innovazzjoni u implimentazzjoni kif ukoll ta' pjan direzzjonali għal ugwaljanza lingwistika diġitali sħiħa fl-Ewropa sal-2030

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	1 150 000	1 800 000	450 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 12

L-Unjoni għandha 24 lingwa tal-Istati Membri uffiċjali. Barra minn hekk jeżistu lingwi reġjonali mhux uffiċjali kif ukoll lingwi minoritarji u lingwi użati mill-immigranti u minn sħab kummerċjali importanti. Bosta studji sabu żbilanċ evidenti f'termini ta' teknoloġiji lingwistiċi diġitali. Ftit lingwi biss — bħall-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol — għandhom appoġġ teknoloġiku tajjeb, filwaqt li aktar minn 20 lingwa jinsabu fil-periklu ta' estinzjoni diġitali. L-istudju riċenti dwar "L-ugwaljanza lingwistika fl-era diġitali" kkummissjonat mill-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA) tal-Parlament Ewropew, jagħmel 11-il rakkomandazzjoni ġenerali dwar kif għandha tiġi indirizzata din it-theddida li qed tikber. Dan l-istudju kien segwit minn riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2018 dwar l-ugwaljanza lingwistika fl-era diġitali (abbażi ta' rapport konġunt CULT/ITRE), li tagħmel 45 rakkomandazzjoni ġenerali. Bosta minn dawn isegwu l-istudju tal-iSTOA.

Il-multilingwiżmu b'teknoloġiji abilitanti hu nieqes minn element kruċjali u kritiku għall-missjoni: aġenda ta' implimentazzjoni u riċerka strateġika. Dan il-proġett pilota jiżviluppa aġenda u pjan direzzjonali biex sal-2030 ikun hemm ugwaljanza lingwistika diġitali sħiħa fl-Ewropa. B'kollaborazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej, il-proġett għandu jiġbor flimkien lill-partijiet ikkonċernati kollha (inklużi l-industrija, il-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-innovazzjoni, l-assoċjazzjonijiet u l-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u internazzjonali) u permezz tiegħu jitnieda djalogu strutturat u konsultazzjonijiet pubbliċi, jiġu organizzati sessjonijiet u konferenzi ta' brainstorming fl-Ewropa kollha u jinġabru flimkien l-inizjattivi kollha li bħalissa huma iżolati u frammentati bil-għan li tinħoloq strateġija sostenibbli u minsuġa għat-teknoloġiji lingwistiċi umani fl-Ewropa fis-setturi u fl-oqsma tal-ħajja kollha rilevanti, fosthom il-kummerċ, l-edukazzjoni, is-saħħa, it-turiżmu, il-kultura u l-governanza. Dan se jkun estiż ukoll għal investigazzjoni tal-impatt tat-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali fuq ix-xenarju lingwistiku fl-Ewropa, inkluż l-eżodu tal-imħuħ dejjem akbar ta' talent żagħżugħ lejn kontinenti oħrajn.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 20 *(ikompli)*

PP 02 20 11 Proġett pilota — Appoġġ għal kooperazzjoni akbar fost l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-awtoritajiet tal-Istati Membri għat-tneħħija immedjata ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	800 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 13

Il-proġett pilota jinvolvi l-proposta li għotjiet provduti mill-Kummissjoni lil NGO waħda jew aktar b'appoġġ għal inizjattivi għat-tneħħija immedjata ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet. Huwa importanti li tingħata għajnuna lil organizzazzjonijiet li diġà qed jaħdmu b'mod proattiv biex jinbnew pjattaformi u organizzazzjonijiet ċentrali għal aktar kooperazzjoni fost l-Istati Membri kollha. Jekk il-partijiet ikkonċernati jirċievu aktar fondi, dawn ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod aktar effikaċi biex jiġi evitat it-tixrid ta' dan it-tip ta' materjal. Il-proġett pilota jappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fl-għoti ta' taħriġ għall-persunal, l-iżvilupp ta' riżorsi diġitali u l-iskambju ta' informazzjoni biex jinstab u jitneħħa kwalunkwe materjal li jista' jkun ta' ħsara. Peress li l-komunikazzjoni f'dan il-qasam trid tkun rapida u sikura, għandhom ikunu appoġġjati anke soluzzjonijiet f'dan is-sens.

PP 02 21 2021

PP 02 21 01 Proġett pilota — L-ikkompletar tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali: Alleanza Diġitali Ekoloġika Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	300 000				

Kummenti

L-Unjoni għandha l-ambizzjoni li tkun fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fis-sostenibbiltà, billi timmobilizza l-ekonomija Ewropea kollha bl-objettiv li tikseb newtralità klimatika u tibdil lejn ekonomija ċirkolari filwaqt li tgħaqqad dan l-isforz mat-trasformazzjoni diġitali li għaddejja. It-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali se jikkostitwixxu wkoll iż-żewġ pilastri ewlenin tal-irkupru ekonomiku Ewropew post-COVID-19.

Minn naħa, l-Ewropa trid tisfrutta l-potenzjal tat-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet diġitali bħala faċilitaturi tat-tranżizzjoni ekoloġika billi t-teknoloġiji diġitali għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi kollha b'10 darbiet aktar milli jarmu huma stess. Rapport reċenti maħruġ mill-GSMA u l-Carbon Trust jikkalkula li, fl-2018, it-teknoloġija mobbli ppermettiet tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO_2 ekwivalenti għal kważi 10 darbiet aktar mill-impronta tal-karbonju globali tal-industrija mobbli nfisha. Huwa stmat li sal-2030 is-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jgħinu biex l-emissjonijiet tas-CO_2 jonqsu b'20 %.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 01 *(ikompli)*

Min-naħa l-oħra, l-objettiv ta' "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali" jista' jmur kontra l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Is-settur tal-ICT jirrappreżenta bejn 5 u 9 % tal-konsum globali ta' enerġija u, mingħajr azzjonijiet ta' aġġustament ekoloġiku xierqa, dan jista' jiżdied għal 20 % sal-2030. B'aktar minn 12-il miljun tunnellata fis-sena, l-Ewropa qiegħda fit-tieni post wara l-Asja f'termini ta' skart elettroniku. Fl-Unjoni, l-iskart elettroniku ġġenerat kull sena qed jiżdied b'rata ta' bejn 3 u 5 % u qed jiġi riċiklat inqas minn 40 %. Il-valur mitluf fl-iskart elettroniku, bħal minerali tal-art rari u metalli prezzjużi, globalment hu stmat li jammonta għal EUR 55 biljun fis-sena.

Sabiex jiġi żgurat li t-teknoloġiji, l-infrastrutturi u s-soluzzjonijiet diġitali l-ġodda jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi Ewropej (ICT favur l-Ekoloġija) u li s-settur tal-ICT innifsu jnaqqas l-impronta tal-karbonju tiegħu (ICT Ekoloġika), il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jridu jimpenjaw ruħhom. Iridu jtejbu l-effiċjenza enerġetika, inaqqsu l-konsum ġenerali tal-enerġija u, kemm jista' jkun, jużaw sorsi rinnovabbli. Iridu jtejbu wkoll l-effiċjenza fl-użu tal-materjal u ċ-ċirkolarità tal-prodotti tagħhom biex l-iskart elettroniku jitnaqqas kemm jista' jkun u b'hekk il-valur għall-ekonomija u l-konsumaturi jiġi massimizzat.

Is-suq u dawk li jfasslu l-politika jeħtieġ jieħdu passi rapidi u determinati lejn ekonomija aktar diġitali, ċirkolari, newtrali għall-klima u modernizzata. Madankollu, l-Unjoni m'għandhiex forum biex tlaqqa' l-atturi rilevanti kollha flimkien. L-Alleanza Diġitali Ekoloġika qed tiġi proposta bħala inizjattiva bl-għan li jitrawwem impenn qawwi minn naħa tas-settur diġitali favur l-ambjent. Din għandha toħloq qafas koerenti u affidabbli li jista' jirfed l-isforzi tal-industrija diġitali mhux biss biex issir newtrali għall-klima iżda anke biex tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi ta' setturi oħra bħall-agrikoltura, il-mobbiltà, l-enerġija, l-iżvilupp urban u l-manifattura.

Taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, l-Alleanza Diġitali Ekoloġika se:

1. tiġbor, tiskrinja u timmonitorja l-impenji meħuda u r-riżultati miksuba mill-atturi tas-suq u minn organizzazzjonijiet oħra abbażi ta' qafas ta' valutazzjoni u monitoraġġ maqbul;

2. tippubblika, teżamina u tiddibatti studju dwar l-impatt ta' teknoloġiji diġitali l-ġodda fuq l-ambjent;

3. tipproponi u timplimenta Tabella ta' Valutazzjoni tal-ICT Ekoloġika u Premju Diġitali Ekoloġiku Ewropew, għall-aktar innovazzjoni Ewropea ekoloġika u rivoluzzjonarja, li għandu jingħata f'avveniment annwali koorganizzat mill-Alleanza. Dawn l-inizjattivi se jagħtu viżibbiltà u jippremjaw prattiki ambjentali tajbin.

L-Alleanza Diġitali Ekoloġika tkun magħmula mill-industrija tal-ICT u partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali u reġjonali u NGOs ambjentali. Se jinbena ambjent kooperattiv affidabbli biex jiġu vvalutati u mmonitorjati l-impenji u l-implimentazzjoni tagħhom, jiġu kondiviżi prattiki tajbin u jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet ta' politika.

L-avvenimenti għandhom jiġu organizzati mill-Alleanza taħt l-awspiċji tal-Kummissjoni, b'kooperazzjoni ma' sħab lokali. Dawn jistgħu jsiru fi Stati Membri differenti, b'enfasi fuq oqsma ta' politika kruċjali li jorbtu l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji diġitali u industrijali l-ġodda tal-Unjoni.

L-oqsma li jorbtu l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji industrijali u diġitali l-ġodda tal-Unjoni jkopru, fost elementi oħra:

1. il-ġbir tal-impenji tal-organizzazzjonijiet differenti rigward il-miri ekoloġiċi tagħhom biex jitħaffef il-progress lejn l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 01 *(ikompli)*

2. metodi aġġornati li jivvalutaw l-impatt tat-teknoloġiji u s-servizzi diġitali ekoloġiċi u jimmonitorjaw l-impenji tal-membri;

3. kontribut għall-ekoloġizzazzjoni tas-settur tal-ICT, b'enfasi partikolari fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni kif definiti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-pakkett dwar l-Istrateġija Diġitali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari;

4. il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-ICT favur l-Ekoloġija, eż. l-iżgurar li l-intelliġenza artifiċjali, il-5G, il-cloud u l-edge computing u l-internet tal-oġġetti jistgħu jaċċeleraw u jimmassimizzaw l-impatt tal-politiki ambjentali tagħna;

5. appoġġ lill-atturi nazzjonali u reġjonali li jimplimentaw akkwisti pubbliċi ekoloġiċi għal soluzzjonijiet diġitali;

6. titjib tad-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ekoloġiċi tal-apparat elettroniku mibjugħ fl-Unjoni.

L-avvenimenti għandhom jixxandru fuq l-internet biex tiġi żgurata kopertura pubblika wiesgħa u aċċessibbiltà għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini Ewropej. L-eżiti tal-avvenimenti jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni tal-politika.

PP 02 21 02 Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-ġestjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 600 000	400 000				

Kummenti

Il-portijiet fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju huma nodi sinifikanti fil-ktajjen tal-loġistika u tat-trasport li jiffurmaw is-sinsla ekonomika tar-reġjun tad-Danubju. Filwaqt li portijiet effiċjenti huma vitali għall-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni interni tagħhom, it-traffiku relatat tal-vapuri, l-immaniġġar tal-merkanzija fil-portijiet u l-konnessjonijiet fuq l-art maż-żoni interni jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent (jiġifieri t-tniġġis, is-CO_2), in-nies u l-potenzjal ekonomiku tal-port innifsu. Il-portijiet jiġu affettwati wkoll mill-impatti ambjentali (jiġifieri t-tibdil fil-klima, avvenimenti estremi tat-temp, żieda fil-livell tal-baħar, għargħar u nixfiet). Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni ambjentali u klimatika toħloq sfidi ġodda għall-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet.

Dawn l-isfidi jirrikjedu li l-portijiet jidentifikaw u jimplimentaw soluzzjonijiet ġodda sostenibbli u favur l-ambjent inkluż titjib fl-effiċjenza enerġetika, strateġiji ambjentali u għodod ta' monitoraġġ li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija rinnovabbli u emissjonijiet żero, kif ukoll konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika rilevanti tal-Unjoni. B'kunsiderazzjoni ta' għan wieħed importanti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, it-trasferiment tal-merkanzija bit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni u l-portijiet ferrovjarji, interni u tax-xmajjar fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju se jsir punt fokali għall-iżvilupp sostenibbli tal-kuritur TEN-T Renu-Main-Danubju.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 02 *(ikompli)*

Sabiex l-isfidi jiġu ġestiti bl-aħjar mod effettiv, huwa previst approċċ f'żewġ fażijiet:

— Fażi 1 — Proġett Pilota (PP) — l-indirizzar tal-impatti ambjentali li jirriżultaw mill-attivitajiet portwarji ta' għadd ta' portijiet tax-xmajjar u tal-baħar fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod speċifiċi (Sistemi ta' Ġestjoni Ambjentali - EMS) u billi jiġi definit pjan ta' azzjoni speċifiku għall-port għall-operazzjonijiet portwarji sostenibbli.

— Fażi 2 — potenzjalment, azzjoni preparatorja (AP) — abbażi tas-sejbiet tal-proġett pilota ikun jista' jiġi introdott fuq skala wiesgħa "Pjan ta' Azzjoni Ekoloġiku għall-Portijiet tad-Danubju" integrat bħala parti minn azzjoni preparatorja ġdida. Għal dan il-għan, il-pjattaforma ta' koordinazzjoni u kollaborazzjoni stabbilita reċentement, in-Network tal-Portijiet tal-baċir tar-Renu-Main-Danubju (DPN) tista' tiffunzjona bħala struttura ta' governanza multiplikanti.

Fil-proġett pilota, seba' portijiet tax-xmajjar u tal-baħar magħżula li jirrappreżentaw kampjun rappreżentattiv ta' madwar sebgħin port tar-reġjun tad-Danubju se jindirizzaw b'mod konġunt ir-responsabbiltajiet ambjentali tagħhom permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-EMS kif ukoll l-elaborazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għall-port li joħolqu nukleu għall-introduzzjoni fuq skala wiesgħa ta' ġestjoni u operazzjonijiet ambjentalment sostenibbli tal-portijiet.

Filwaqt li kull EMS hija unika għall-kultura, l-istruttura, l-attivitajiet u l-kwistjonijiet ambjentali prijoritarji tal-organizzazzjoni, fi ħdan il-proġett, il-Mudell Ippjanifika-Wettaq-Ivverifika-Aġixxi (Plan-Do-Check-Act Model) u l-ekoġestjoni u l-awditjar għandhom jiġu ttrasferiti mis-sħab benefiċjarji tal-proġett pilota għal portijiet oħra fil-baċir tar-Renu-Main-Danubju kif ukoll għal gruppi fil-mira identifikati (utenti tal-port, sidien tal-merkanzija, fornituri ta' servizzi loġistiċi, pubbliku ġenerali). Għalhekk, se jiġi definit qafas ġeneriku aċċessibbli li jappoġġa l-ippjanar tal-operazzjonijiet portwarji sostenibbli, jiffaċilita l-mitigazzjoni tar-riskji potenzjali u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-port u l-operaturi tal-port u tat-terminal biex jimpenjaw ruħhom f'aġendi ta' sostenibbiltà u jippjanaw l-operazzjonijiet portwarji tagħhom u l-espansjonijiet futuri tal-kapaċità u l-proġett tal-infrastruttura tal-portijiet emerġenti b'mod sostenibbli u intelliġenti. Il-pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi elaborati għall-portijiet tas-seba' mudelli ta' portijiet għandhom iservu bħala prattiki tajbin għall-portijiet sussegwenti. Uħud mill-miżuri proposti fil-pjanijiet ta' azzjoni se jkunu ta' rilevanza kummerċjali u saħansitra bankabbli. L-implimentazzjoni tagħhom bl-għajnuna ta' self għandha tiġi kkunsidrata. Il-finanzjament minn stituzzjonijiet finanzjarji bħall-BEI, il-BERŻ iżda wkoll mezzi ġodda ta' finanzjament (kuntrattar tal-enerġija, finanzjament kollettiv) se jiġu eżaminati.

PP 02 21 03 Proġett pilota — It-trawwim tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku u t-tranżizzjoni ekoloġika fl-Ewropa permezz tal-użu ta' pjattaforma innovattiva Ewropea GovTech

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 13

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 03 *(ikompli)*

Objettivi:

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jappoġġa l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali kosteffikaċi u flessibbli permezz tal-introduzzjoni tal-ekosistema GovTech fis-settur pubbliku Ewropew.

Billi jsegwu u jespandu l-mudell tal-pjattaforma GovTech, l-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-Ewropa jistgħu jaħdmu flimkien b'mod aktar faċli biex isolvu l-isfidi komuni u jadattaw il-proġetti eżistenti għall-ħtiġijiet individwali tagħhom b'mod aktar kosteffettiv. Dan jinkludi, fejn fattibbli, l-użu ta' liċenzjar b'sors miftuħ.

L-użu tal-mudell GovTech fl-UE-27 joffri l-benefiċċji ta' skala kemm lill-amministrazzjonijiet pubbliċi kif ukoll lill-fornituri tas-servizzi diġitali, kif iddikjarat fl-Istrateġija l-Ġdida għall-SMEs (2020). Barra minn hekk, dan il-proġett ikun jgħin fl-iżvilupp tas-suq Ewropew tal-GovTech u jappoġġa lis-settur pubbliku biex ikollu aċċess għal soluzzjonijiet diġitali mfassla apposta malajr u b'mod effiċjenti. Bil-ħolqien ta' hub għall-amministrazzjonijiet pubbliċi differenti, in-negozji u ċ-ċittadini parteċipanti se jkunu jistgħu jikkollaboraw u jiskambjaw l-ideat, ikunu jistgħu jiġu ċċirkolati l-aħjar prattiki, u l-ispejjeż tal-proġetti jkunu jistgħu jinqasmu, biex b'hekk jittejbu l-interoperabbiltà u l-kooperazzjoni transfruntiera.

Fl-istess ħin il-fornituri, b'mod partikolari l-SMEs Ewropej u n-negozji ġodda li joffru teknoloġiji avvanzati li jirrispettaw l-ambjent jew soluzzjonijiet innovattivi, jiksbu rikonoxximent bħala sħab fdati fit-twettiq ta' soluzzjonijiet diġitali moderni għas-servizzi pubbliċi. Il-proġett għandu jiġi żviluppat bl-użu tal-aħħar standards tad-disinn tas-servizzi disponibbli u bi djalogu ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi korpi pubbliċi u SMEs minn madwar l-Unjoni kollha.

Dan ikun jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-Unjoni kollha, billi jsaħħaħ l-isforzi biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa permezz tal-adozzjoni aktar effiċjenti ta' soluzzjonijiet innovattivi. Huwa wkoll għodda importanti biex jiġu involuti ċ-ċittadini tal-Unjoni.

Din l-inizjattiva għandha l-għan ukoll li tappoġġa l-objettiv tal-Kummissjoni li tistimula trasformazzjoni diġitali li se tkun ta' benefiċċju għal kulħadd, inklużi ċ-ċittadini u n-negozji. Jekk jiġi implimentat bis-sħiħ, il-proġett se jikkontribwixxi b'mod pożittiv biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni li ġejjin: (a) l-Istrateġija Diġitali, (ba) l-Istrateġija Ġdida għall-SMEs, (c) l-Istrateġija Indusrijali u (d) Patt Ekoloġiku Ewropew. Din l-inizjattiva tipprovdi wkoll input importanti għal ġol-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-Gvern elettroniku, li għalih diġà għaddejjin xogħlijiet preparatorji, u bħala tweġiba għall-ħtiġijiet diġitali li qed jiżdiedu. Il-pjattaforma innovattiva GovTech u s-soluzzjonijiet ipprovduti minn intrapriżi kosteffiċjenti u li jirrispettaw l-ambjent se jkomplu jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku tal-Unjoni, li huwa ta' importanza kritika għar-realtà ta' wara l-COVID-19.

Il-proġett pilota se jilħaq l-objettivi tiegħu billi jgħaqqad flimkien l-attivitajiet minn fuq għal isfel, l-attivitajiet minn isfel għal fuq u r-riċerka diretta tal-fehmiet taċ-ċittadini.

Attivitajiet minn fuq għal isfel:

Din l-azzjoni għandha l-għan li tinvolvi ruħha mal-amministrazzjonijiet pubbliċi f'eżerċizzju ta' prospettiva maħsub biex jippromwovi l-allinjament tal-istrateġiji tagħhom u l-pjanijiet direzzjonali tal-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali. Permezz ta' dan, il-proġett se jappoġġa s-simplifikazzjoni tas-servizzi pubbliċi u jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni sostenibbli tal-Ewropa. L-approċċ ta' bini tax-xenarji, flimkien mal-kondiviżjoni tal-istejjer ta' suċċess, se jintuża biex jiżvela d-dinamika ta' ekosistema li qed tevolvi malajr. Hija għandha tidentifika wkoll fejn l-użu u

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 03 *(ikompli)*

l-provenjenza konġunta tas-soluzzjonijiet diġitali mill-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu joħolqu opportunitajiet ġodda għall-SMEs u għan-negozji ġodda. Din l-analiżi se tappoġġa l-isforzi biex jintużaw soluzzjonijiet diġitali fl-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni, inkluża l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-promozzjoni tat-tranżizzjoni diġitali.

Attivitajiet minn isfel għal fuq:

Din l-azzjoni għandha l-għan li tinvolvi ruħha mal-ekosistema GovTech li qed tikber b'rata mgħaġġla sabiex tiġbor l-ideat li jgħinu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jadottaw soluzzjonijiet diġitali. Din se tappoġġa l-iżvilupp jew l-użu ta' pjattaforma komuni waħda biex jinġabru l-isfidi u biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi l-oħra jkunu jistgħu jikkontribwixxu jew jiffurmaw parti minn konsorzju involut fi sfida partikolari u jiksbu soluzzjonijiet mill-forniturі. Fil-fażi pilota, l-azzjoni għandha tikkonċentra fuq ideat biex jingħata appoġġ lil objettiv wieħed jew aktar tal-Unjoni kif imsemmi fid-dokumenti strateġiċi ppreżentati mill-Kummissjoni fl-2020.

Pereżempju: L-isfida tal-Innovazzjoni Diġitali, varata mill-proġett pilota "L-użu mill-ġdid tal-istandards diġitali biex jiġi appoġġat is-settur tal-SMEs, u approvata fl-ambitu tal-baġit tal-2019, tista' tintuża bħala sors ta' ispirazzjoni peress li dan il-format ħareġ ta' suċċess billi involva ekosistema wiesgħa ta' atturi u ideat innovattivi tal-crowdsourcing (*).

Riċerka diretta maċ-ċittadini:

Minbarra l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, din l-azzjoni għandha l-għan li tuża wkoll metodi innovattivi ta' tfassil ta' servizzi biex tinkludi l-fehmiet taċ-ċittadini fil-flussi ta' ħidma msemmija hawn fuq. Dan l-approċċ inklużiv u komprensiv għandu jipprova jiżvela kif iċ-ċittadini jipperċepixxu l-opportunitajiet ġodda offruti mis-soluzzjonijiet diġitali fis-simplifikazzjoni tal-komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini, jew fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u r-rwol tal-amministrazzjonijiet pubbliċi f'dan il-proċess.

==========

(*) L-isfida tal-Innovazzjoni Diġitali ġġenerat:

aktar minn 6 000 żjara unika lis-sit web tagħha,

kuntatt ma' aktar minn 1 500 SME u negozji ġodda,

djalogu ma' aktar minn 320 SME eż. f'sessjonijiet ta' ħidma, emails, sessjonijiet ta' informazzjoni,

aktar minn 100 reġistrazzjoni għall-isfida (konverżjoni ta' 30 %),

aktar minn 49 applikazzjoni kompluta b'ideat innovattivi dwar l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ipprovduti minn programmi tal-Unjoni (konverżjoni ta' 50 %) L-aqwa ideat jittrattaw (1) il-mobilità/bliet intelliġenti (2) iċ-CiberSigurtà u (3) l-FinTech,

se jintgħażlu aktar minn 10 applikazzjonijiet u jingħaqdu magħna f'Bootcamp ta' kokreazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 04 Proġett pilota — RESTwithEU

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

It-tifqigħa tal-COVID-19 affettwat is-settur turistiku tal-Unjoni b'mod drammatiku minħabba l-għeluq furzat ta' ristoranti, bars, snack bars, lukandi u stabbilimenti oħra madwar l-Ewropa kollha. Wieħed jista' raġonevolment jistenna li l-konsegwenzi tal-kriżi se jġibu bidliet fil-mod kif jopera dan is-settur. B'mod partikolari, il-konsumaturi jistgħu jsiru jagħtu kas aktar li l-proċessi jkunu sikuri, li l-persunal ikun imħarreġ sew u li l-kundizzjonijiet iġjeniċi jiġu vverifikati.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jiżviluppa l-infrastruttura diġitali tal-SMEs li joperaw fis-settur turistiku fl-Unjoni. Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni dejjem kienet importanti, din is-sitwazzjoni żiedet b'mod sinifikanti l-valur u l-importanza tagħha għall-SMEs, li, skont diversi studji, ġeneralment huma inqas diġitalizzati minn kumpaniji akbar. Jekk dawn il-kumpaniji ma jadattawx ruħhom, ħafna minnhom jispiċċaw bla negozju.

Fil-prattika, dan il-proġett pilota jappoġġja lill-kumpaniji tas-settur turistiku, b'mod partikolari l-SMEs, biex ikunu jistgħu jiżviluppaw u jimplimentaw soluzzjonijiet diġitali bħala strateġija biex jingħelbu l-isfidi li ġġib magħha din il-kriżi. Dawn is-soluzzjonijiet għandhom jinkludu sistemi ta' prenotazzjoni li jqisu t-tbegħid soċjali, soluzzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) li jimmaniġġjaw il-folol u tagħmir tad-diżinfezzjoni robotiku biex l-ispazji pubbliċi jitnaddfu malajr.

Dawn is-soluzzjonijiet għandhom jiġu implimentati fuq żewġ livelli. L-ewwel: il-ħolqien ta' pjattaforma diġitali pubblika bla ħlas għall-industriji differenti li joperaw fis-settur turistiku. Din il-pjattaforma tippromwovi l-interazzjoni bejn il-klijenti u l-kumpaniji permezz ta' sistemi ta' prenotazzjoni li jqisu t-tbegħid soċjali u soluzzjonijiet tal-IA li jimmaniġġjaw il-folol, pereżempju billi jippermettu li l-ikel jiġi ordnat għal take-away jew li jsiru prenotazzjonijiet skont il-pjan tar-ristoranti, il-bars, il-lukandi, eċċ. Fil-prattika, is-sidien jistgħu jtellgħu filmati, ritratti u sorsi oħra ta' informazzjoni fl-app, biex il-klijenti jkunu jistgħu jiddeċiedu eżatt fejn u meta jpoġġu u jingħataw servizzi u jagħmlu l-prenotazzjonijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, is-sidien jistgħu jtejbu parti mis-sistemi tagħhom billi jiżviluppaw u jimplimentaw l-għodod u l-infrastruttura meħtieġa biex ikunu konnessi aħjar mal-klijenti tagħhom. B'din l-app, il-konsumaturi jħossuhom aktar kunfidenti li jiffrekwentaw bars, ristoranti, lukandi u stabbilimenti oħra fis-settur turistiku.

It-tieni: l-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni fl-operazzjonijiet interni tal-kumpaniji li joperaw fis-settur, sabiex ir-ristoranti, il-bars u l-lukandi mhux biss iżidu l-produttività tagħhom iżda jsiru wkoll aktar sikuri għall-partijiet kollha involuti, li jista' jkun ta' importanza partikolari fil-futur qrib. Biex dan jintlaħaq, il-kumpaniji jistgħu, pereżempju, jużaw tagħmir tad-diżinfezzjoni robotiku biex inaddfu l-ispazji pubbliċi malajr jew jiżviluppaw u jimplimentaw soluzzjonijiet li jnaqqsu l-ħtieġa ta' interazzjonijiet bejn il-persuni, bħal sistemi ta' kodiċi QR jew sistemi ta' ħlas mingħajr flus kontanti.

Barra minn hekk, il-proġett ikun qed jgħin lis-settur turistiku permezz ta' servizzi ta' konsulenza lis-sidien. Dan il-kontenut huwa mfassal speċifikament għan-negozji tat-tip tagħhom. U l-fatt li hija app tal-UE jiggarantixxi li ħadd – jiġifieri l-ebda kumpanija – ma titħalla lura.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 04 *(ikompli)*

L-eżitu ewlieni ta' dan il-proġett pilota se jkun livell ogħla ta' diġitalizzazzjoni għall-SMEs fis-settur turistiku, li permezz tiegħu mistennija jsiru aktar ippreparati biex jindirizzaw il-bidliet li rriżultaw mit-tifqigħa tal-COVID-19. L-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs Ewropej huwa prijorità ċara għall-Kummissjoni. Din saret saħansitra aktar importanti fis-sitwazzjoni attwali. Fid-dawl tal-importanza tal-SMEs fl-industriji differenti tas-settur turistiku, kemm bħala sors ta' valur miżjud kif ukoll bħala sors ta' impjiegi, matul din il-kriżi huwa kruċjali li jsiru l-isforzi biex il-kumpaniji ta' dan is-settur jiġu appoġġjati.

PP 02 21 05 Proġett pilota — Mobbiltà rurali sostenibbli għar-reżiljenza rigward il-COVID-19 u appoġġ għall-ekoturiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Madwar l-Unjoni kollha, l-irħula u r-reġjuni rurali jbatu minn iżolament kroniku, li jirriżulta f'telf ta' dinamiżmu kulturali u ekonomiku, popolazzjoni li qed tixjieħ, u dipendenza qawwija tal-mobbiltà fuq it-trasport individwali. Il-kriżi tal-COVID-19 dgħajfet b'mod sever dawn iż-żoni u ħolqot sfidi enormi - fost l-oħrajn għas-settur tat-turiżmu Ewropew. Ix-xejriet ta' qabel il-kriżi juru li hemm domanda qawwija u li qed tikber għal destinazzjonijiet turistiċi sostenibbli rurali. Iż-żoni rurali għandhom potenzjal naturali, uman, ekonomiku u kulturali sinifikanti u l-iżvilupp tagħhom jappoġġa t-tkabbir reġjonali. L-offerta ta' soluzzjonijiet tat-trasport rurali sostenibbli, filwaqt li fl-istess ħin tiġi appoġġata s-sostenibbiltà tad-destinazzjonijiet turistiċi lil hinn mill-perkorsi ewlenin hija sitwazzjoni li minnha jgawdi kulħadd, li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konsegwenzi negattivi tat-turiżmu relatati mat-trasport kif ukoll tippromwovi alternattivi tal-mobbiltà aktar sostenibbli għaċ-ċittadini fiż-żoni rurali. Il-fatt li ma hemmx biżżejjed għażla ta' mobbiltà sostenibbli spiss jiddisinċentiva lit-turisti milli jagħżlu destinazzjonijiet turistiċi rurali u b'hekk dan jipprevjeni l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli. Il-konnessjoni insuffiċjenti man-networks tat-trasport pubbliku lokali tiskoraġġixxi wkoll l-isforzi tal-forniturilokali biex joffru destinazzjonijiet u attivitajiet sostenibbli u b'livell baxx ta' karbonju.

Il-proċess ta' politika tal-Unjoni tal-mobbiltà sostenibbli fiż-żoni rurali għadu fi stadju bikri ta' żvilupp. Il-proġett pilota għalhekk se jibbaża ruħu fuq l-istorja ta' suċċess tal-Pjani tal-Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMPs) fil-kuntest urban u se jistabbilixxi ekwivalent rurali ta' pjanijiet ta' mobbiltà rurali sostenibbli integrattivi li jinkludu kemm il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali kif ukoll dawk tat-turisti. Il-proġett pilota se jibni wkoll fuq il-prattiki tajbin identifikati permezz ta' SMARTA u SMARTA 2 dwar soluzzjonijiet ta' mobbiltà kondiviża sostenibbli interkonnessi mat-trasport pubbliku u appoġġati minn servizzi tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali. Se jkollu fokus usa' mill-proġetti preċedenti u se tkun komplementari, jiffoka fuq l-interkonnessjoni tal-ħtiġijiet tal-mobbiltà, u jestendi għall-mobbiltà tat-turiżmu rurali. Se jkun hemm enfasi partikolari fuq l-irkupru ta' żoni rurali u remoti fil-perjodu ta'

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 05 *(ikompli)*

wara l-COVID-19. Filwaqt li jibni fuq il-prinċipji gwida tas-SUMPs, il-proġett pilota għandu jidentifika ż-"żoni rurali funzjonali" rispettivi bbażati fuq il-flussi reali ta' persuni u oġġetti kif ukoll bil-għan li jiġu interkonnessi u promossi destinazzjonijiet tat-turiżmu lokali sostenibbli. Din l-orjentazzjoni doppja se toħloq sinerġiji bejn il-ħtiġijiet tal-mobbiltà tal-popolazzjonijiet lokali u t-turisti. It-titjib tas-soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli fl-istaġun l-iktar popolari se joħloq impjiegi għan-nies tal-post (kemm fis-settur tat-trasport kif ukoll fis-settur turistiku) u se joħloq dħul staġjonali li se jkun kapaċi jiffinanzja soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli permanenti. Fi tmiem il-perjodu tal-proġett pilota, il-valutazzjoni għandha tinkludi l-livelli ta' utilizzazzjoni u ta' sodisfazzjon tal-utenti kif ukoll it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Il-proġett pilota se jħares lejn kif l-aħjar jiġu organizzati u żviluppati żoni rurali bis-soluzzjonijiet ta' mobbiltà tagħhom biex jingħaqdu ma' agglomerazzjonijiet urbani ġirien. Dan jinkludi l-impatt tal-imġiba tal-mobbiltà ta' swieq tax-xogħol mibdula, inklużi l-pjanijiet ta' mobbiltà tal-kumpaniji u l-aspett transfruntier, l-impatt tad-diġitalizzazzjoni kif ukoll il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-impatt tiegħu fuq il-mobbiltà intelliġenti sostenibbli fiż-żoni rurali kif ukoll it-turiżmu. Il-possibbiltajiet b'rabtiet ma' proġetti oħra għaddejjin bħalissa jistgħu jinstabu billi ssir enfasi fuq l-interoperabbiltà, l-interkonnettività, l-intermodalità (inkluż il-mixi u ċ-ċikliżmu), l-iżvilupp reġjonali sostenibbli, il-koeżjoni, l-impjiegi, it-tranżizzjoni ġusta, id-diġitalizzazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Rabta oħra mal-għanijiet Ewropej eżistenti tkun aktar riċerka dwar l-istabbiliment ta' sistema Ewropea ta' informazzjoni, ġestjoni u ħlas tat-trasport multimodali. Biex ikompli jappoġġa t-turiżmu rurali fl-Ewropa, il-proġett pilota għandu jaħdem lejn l-iżvilupp ta' App jew sit web li jipprovdi rakkomandazzjoni tal-ekoturiżmu bbażat fuq il-post attwali u pprovdut b'informazzjoni dwar id-distanza u l-faċilitajiet f'kull reġjun tal-ekoturiżmu.

Il-proġett pilota għandu jippromwovi:

carpooling, car sharing u l-użu kondiviż tar-roti elettriċi interkonnessi mat-trasport pubbliku,

vetturi skont id-domanda, li jirċievu prenotazzjonijiet permezz ta' telefonati kif ukoll b'mod diġitali u li jiġbru flimkien talbiet għal vjaġġi simili biex tiġi ffrankata l-enerġija u jiġi offrut trasport bieb bieb,

aktar soluzzjonijiet diġitali u organizzattivi biex tiżdied il-frekwenza tal-passaġġ fir-reġjuni muntanjużi bi rħula mxerrda.

Il-proġett pilota se jappoġġa lill-awtoritajiet lokali u lill-fornituri tat-turiżmu rurali sostenibbli biex jikkollegaw id-destinazzjonijiet turistiċi tagħhom man-networks ta' mobbiltà sostenibbli eżistenti u biex jadattaw l-offerti tat-trasport pubbliku għall-ħtiġijiet tat-turisti (l-iskedar tal-ħin, il-frekwenzi, il-koerenza u l-informazzjoni dwar il-linji u l-modi, il-possibbiltà li jinxtraw biljetti intermodali ta' ġurnata). Il-proġett pilota għandu jappoġġa l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet u destinazzjonijiet li jistgħu jsiru/jintlaħqu bl-użu ta' mobbiltà sostenibbli. Għall-fornituri lokali tat-turiżmu sostenibbli, il-proġett pilota se jagħmel disponibbli finanzjament tal-Unjoni biex isir investiment f'infrastruttura tal-mobbiltà sostenibbli li tgħaqqad id-destinazzjonijiet tagħhom man-network tat-trasport lokali bħal:

mogħdijiet ġodda għaċ-ċikliżmu u l-hiking flimkien mat-trasport pubbliku,

Finanzjament mill-Unjoni għar-roti elettriċi.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 06 Proġett pilota — Soluzzjonijiet intelliġenti għat-telexogħol fl-industriji mhux diġitalizzati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
550 000	137 500				

Kummenti

Il-proġett pilota jindirizza lill-industriji mhux diġitalizzati. Għandu jimmira li jidentifika r-reġjuni b'Indiċi ta' Integrazzjoni tat-Teknoloġiji Diġitali (DTII) u b'Indiċi tal-Faċilitaturi tat-Trasformazzjoni Diġitali (DTEI) baxxi. Huwa se jimmira li jidentifika l-aħjar korrispondenza bejn it-teknoloġiji diġitali (midja soċjali, big data, internet tal-oġġetti, robotika, stampar tridimensjonali, ċibersigurtà, servizzi mobbli, intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji cloud, eċċ.) u kull industrija (ajrunawtika, awtomobilistika, bijoteknoloġija, ikel, sustanzi kimiċi, kostruzzjoni, kożmetika, difiża, inġinerija elettrika u elettronika, eċċ.) u kif ukoll jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati tal-industriji li l-aktar intlaqtu minnuqqas ta' diġitalizzazzjoni u operazzjonalizzazzjoni tat-telexogħol. Il-proġett pilota jista' wkoll iforni pjanijiet ta' kontinġenza għal kull industrija, li joffru mekkaniżmi ta' protezzjoni għall-proċessi u għall-ħaddiema biex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tagħhom. Il-proġett pilota għandu wkoll ikun indirizzat lill-industriji meqjusin li għandhom importanza strateġika.

PP 02 21 07 Proġett Pilota — Kuntratti Intelliġenti — Standards Ewropej għal protokolli ta' tranżazzjonijiet awtomatizzati li jeżegwixxu kuntratti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
350 000	87 500				

Kummenti

L-objettiv ta' dan il-Proġett Pilota huwa li jivvaluta l-fattibbiltà teknika u legali tal-adozzjoni tat-teknoloġija tal-kuntratti intelliġenti mal-Ewropa kollha u jistabbilixxi rekwiżiti għal protokolli ta' kuntratti intelliġenti sabiex il-kuntratti intelliġenti jkunu jistgħu jikkostitwixxu kuntratti legalment validi skont il-liġi kuntrattwali tal-Istati Membri. Għalhekk, dan il-Proġett Pilota għandu jivvaluta liema rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati għal kuntratti intelliġenti biex jikkonformaw mal-prinċipji tal-liġi kuntrattwali Ewropea u jissalvagwardja l-interessi taċ-ċittadini u l-konsumaturi tal-Unjoni.

PP 02 21 08 Proġett Pilota — Żona Ferrovjarja Unika Ewropea - Kuritur Prototip Munich-Verona

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
600 000	150 000				

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 08 *(ikompli)*

Kummenti

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jipprovdi appoġġ, għarfien u, fi stadju aktar tard, lezzjonijiet imprezzabbli biex titħaffef it-tlestija kontinwa taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea. Il-proġett pilota għandu jidentifika u jindirizza n-nuqqasijiet fl-ekosistema ferrovjarja billi janalizza rotta waħda magħżula b'approċċ olistiku ċċentrat fuq operazzjonijiet transfruntiera.

Ir-rotta għall-proġett pilota għandha tkun dik bejn Munich u Verona. Tliet Stati Membri (DE/Bavarja, AT/Tyrol u IT/Veneto) se jkunu involuti tul il-linja li tinkludi waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-proġetti ta' kostruzzjoni transfruntiera tal-infrastruttura TEN-T: Mina ta' Bażi ta' Brenner.

L-approċċ olistiku għandu jiżgura li l-aspetti u l-ħtiġijiet kollha jiġu identifikati u kkunsidrati fuq l-istess livell. L-għan huwa li tiġi koperta l-katina kollha tat-trasport, mill-klijenti għal operaturi tat-trasport u għal impriżi ferrovjarji kif ukoll il-maniġers tal-infrastruttura u l-korpi regolatorji.

L-għan ewlieni huwa li jiġi stabbilit sett konġunt ta' regoli għall-infrastruttura tal-kuritur li tkopri tliet ġurisdizzjonijiet u li jiġu eliminati l-ostakoli li jirriżultaw għat-traffiku ferrovjarju. Illum, dan it-tip ta' arranġamenti konġunti mhumiex previsti mil-leġiżlazzjoni. L-azzjonijiet meħtieġa għat-tħejjija ta' dan, u li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal infrastruttura Ewropea oħra, għandhom jinkludu:

Rekwiżiti obbligatorji għall-involviment fit-teħid ta' deċiżjonijiet kollaborattivi fl-operazzjonijiet tat-traffiku ferrovjarju u għall-involviment fi ftehimiet ta' prestazzjoni vinkolanti bejn il-partijiet ikkonċernati kollha fi trasport tal-merkanzija bil-ferrovija (multimodali).

L-allokazzjoni strateġika tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja għal tipi differenti ta' traffiku (jiġifieri diversi snin bil-quddiem), f'dan il-każ b'mod partikolari għat-traffiku internazzjonali tal-merkanzija bil-ferrovija, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti ġenerali mill-Italja, l-Awstrija u l-Ġermanja, u t-trasport alternattiv bit-triq li jgħaddi mill-Alpi.

Il-ġestjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tat-traffiku fil-livell tal-kuritur propost, eż. billi tiġi żgurata l-governanza jew il-ħatra ta' entità supranazzjonali inkarigata mid-definizzjoni u l-impożizzjoni ta' tali regoli u proċeduri b'mod vinkolanti.

Rekwiżiti għat-teħid konġunt tad-deċiżjonijiet mill-korpi regolatorji ferrovjarji fir-rigward tat-traffiku internazzjonali li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni bejn il-korpi regolatorji definiti fl-Artikolu 57 tad-Direttiva 2012/34/UE.

Ġestjoni konġunta ċentralizzata u awtomatizzata tat-traffiku, inklużi interfaċċi ma' sistema ta' lokkjatura/sinjalar, fuq networks ta' maniġers tal-infrastruttura ferrovjarja differenti.

Il-metodoloġija li tirriżulta matul il-ħidma se tiġi dokumentata mill-qrib sabiex l-output imur lil hinn mill-produzzjoni ta' riċetta biex tiġi ottimizzata r-rotta pilota sabiex tiġi pprovduta linja gwida Ewropea dwar l-aħjar prattiki potenzjalment applikabbli fiż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea kollha.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 09 Proġett Pilota — Proġett IRS Bliet Intelliġenti: kunċett ġdid tal-istazzjon ferrovjarju għal bliet intelliġenti ekoloġiċi u soċjalment inklużivi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
700 000	175 000				

Kummenti

Il-proġett pilota għandu l-għan li jiżviluppa metodoloġija kondiviża għat-trasformazzjoni tal-istazzjonijiet eżistenti, jew għall-proġettazzjoni ta' oħrajn ġodda f'sistemi soċjotekniċi li joperaw simultanjament bħala magni ta' ekoloġizzazzjoni tal-belt għall-ambjent tal-madwar, u ċentri urbani ġodda li jaggregaw diversi servizzi integrati bis-sħiħ ma' mobilità effiċjenti fl-użu tal-enerġija u soċjalment inklużiva.

Il-proġett pilota huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-ksib ta' soċjetà klimatikament newtrali, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU li jikkonċernaw il-bliet sostenibbli, intelliġenti u inklużivi, it-trasport u l-infrastruttura, il-ġestjoni tar-riżorsi, il-mitigazzjoni u l-adattament għall-klima, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, is-saħħa, il-protezzjoni ambjentali u r-riġenerazzjoni tal-bijodiversità, l-użu sostenibbli tal-art u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Jista' jikkontribwixxi wkoll għall-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, jew is-suċċessur tagħha fil-kuntest tal-infrastruttura, tad-diġitali u tal-multimodalità.

L-istazzjonijiet ferrovjarji jgħaqqdu s-servizzi tal-mobilità multimodali u l-bqija tal-ambjent urban. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet huma wkoll nodi tan-networks tal-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni, tad-distribuzzjoni tal-ilma u tar-rimi tal-iskart, b'densità għolja ta' tagħmir tekniku installat. Dawn għandhom potenzjal kbir mhux sfruttat kemm bħala ċentri urbani vitali ġodda kif ukoll bħala installazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' inġinerija avvanzata għall-protezzjoni ambjentali, soluzzjonijiet sostenibbli li jikkonċernaw il-mobilità, l-ekonomija kollaborattiva, u s-servizzi soċjali, li jikkontribwixxu għall-ksib tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew f'termini ta': mobilizzazzjoni tal-industrija għal ekonomija ċirkolari, provvista tal-enerġija nadifa u bi prezzijiet aċċessibbli, bini intelliġenti u effiċjenti f'termini ta' riżorsi, ambizzjonijiet ta' tniġġis urban żero, ir-rispett tal-ekosistemi u tal-bijodiversità, l-implimentazzjoni tal-istrateġija "mill-għalqa sal-platt" eċċ, b'rabta organika mal-mobilità intelliġenti u multimodali (ferrovija, elettromobbiltà, car sharing, bike sharing, eċċ.). Barra minn hekk, l-istazzjonijiet jistgħu jagħtu risposta lill-kriżijiet tas-saħħa (eż. COVID-19) u diżastri naturali (minħabba t-tibdil fil-klima), peress li dawn jistgħu jerġgħu jiġu adattati jew ikkonvertiti f'faċilitajiet ta' akkoljenza temporanja, djar ta' kenn, sptarijiet u kwalunkwe tipoloġija oħra li teħtieġ id-disponibbiltà ta' spazji kbar.

Dawn l-għanijiet kollha se jiġu integrati u miksuba fi ħdan il-proposti tal-proġetti żviluppati għal-istazzjonijiet b'metodoloġija komuni.

Il-mudell għandu l-għan li jiżviluppa analiżi ġdida tal-kunċett li għandha tirrappreżenta bidla fundamentali fit-tfassil tal-attivitajiet soċjali kollha marbuta mal-istazzjonijiet ferrovjarji fiż-żoni kollha li joperaw fihom, filwaqt li jwessa' l-iskop oriġinali u l-funzjonijiet tiegħu bħala sempliċiment punt tat-tluq/tal-wasla tat-trasport ferrovjarju. L-istazzjon ferrovjarju l-ġdid jista' jkun mhux biss faċilità li taħli inqas enerġija u li tniġġes inqas, iżda fil-fatt ikun impjant ekoloġiku fil-belt li jikkontribwixxi bilanċ pożittiv nett għall-ambjent.

Fl-istess ħin, jista' jsir nodu dens ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali integrati b'mod inerenti ma' soluzzjonijiet ta' mobilità effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li jimmultiplikaw l-opportunitajiet u s-soluzzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku, l-ekonomija kollaborattiva, u l-inklużjoni soċjali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 09 *(ikompli)*

Sabiex jinkiseb livell adegwat ta' interoperabbiltà tan-networks tat-trasport fl-Unjoni, huwa meħtieġ ċertu grad ta' standardizzazzjoni tal-karatteristiċi essenzjali tal-istazzjonijiet ferrovjarji u, bħala konsegwenza, il-biċċa l-kbira tal-elementi fundamentali tal-proġettazzjoni u l-operat tal-istazzjon ferrovjarju jistgħu jikkontribwixxu biex iwasslu l-innovazzjoni b'mod usa'. Għal din ir-raġuni, il-proġettazzjoni, l-operat u l-ġestjoni tal-kunċett ġdid ta' stazzjon ferrovjarju jridu jitwettqu skont qafas jew metodoloġija komuni għall-Ewropa kollha li, filwaqt li jippermettu latitudni suffiċjenti biex takkomoda kundizzjonijiet lokali speċifiċi jew opportunitajiet prevalenti, xorta waħda jistgħu jiggarantixxu l-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni u objettivi komuni.

Barra minn hekk, l-Unjoni jeħtiġilha tistabbilixxi metodi u għodod biex tivvaluta aħjar l-impatti – fid-dimensjonijiet kollha tagħhom – ta' xejriet innovattivi li jaffettwaw il-prattiki tal-ippjanar urban u l-mobilità urbana b'mod ġenerali. Metodoloġija komuni biex tissimplifika u tikkoordina dawn l-istrumenti se tgħin lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jiżviluppaw politiki favur il-parteċipazzjoni minn atturi pubbliċi u privati fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi u kkoordinati għall-mobilità. Għalhekk, il-metodoloġija li tirriżulta għandha tinkorpora l-prinċipji tal-immudellar tan-negozju, il-mudelli ekonomiċi tal-imġiba u l-approċċi ta' proġettazzjoni konġunta mmirati lejn l-inkorporazzjoni tal-bidu fit-tfassil tal-infrastruttura teknika. L-inklużjoni tal-muturi soċjoekonomiċi tal-mobilità, tal-imġiba u tal-impriżi favur il-klima u l-inklużjoni soċjali se tixpruna u tikkomplementa l-innovazzjoni miġjuba fl-istazzjonijiet u fiż-żoni ta' madwarhom, filwaqt li fl-istess ħin tipprovdi lill-atturi ekonomiċi b'inċentivi għall-investimenti.

It-tlaqqigħ flimkien tal-maniġers tal-istazzjonijiet u tal-operaturi ferrovjarji, tas-sindki u tal-amministrazzjonijiet lokali, tal-operaturi tat-trasport pubbliċi u privati, tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-korpi rappreżentattivi taċ-ċittadini, tal-NGOs u tal-Istituzzjonijiet tar-Riċerka madwar pjan komuni mmirat għall-ambjent urban li jinkludi l-istazzjonijiet pubbliċi u l-ambjent ta' madwarhom se jissimplifika l-interventi pubbliċi u l-investimenti privati, filwaqt li jipprovdi qafas istituzzjonali għall-mudell li se jinħoloq.

Il-proġett pilota se jiġi żviluppat permezz tal-implimentazzjoni ta' mill-inqas erba' "Laboratorji Ħajjin" f'erba' Stati Membri differenti tal-UE. Dan se jsegwi perkors ta' riċerka applikata li tħallat ir-riċerka fundamentali mal-proġettazzjoni u l-ħolqien ta' mudelli ġodda li jkunu skalabbli u applikabbli għal kuntesti reali.

Minn naħa, is-sħab tal-proġett pilota se jikkooperaw sabiex ikunu jafu, jifhmu u jispjegaw liema għażliet operattivi jistgħu jwasslu biex l-istazzjonijiet ferrovjarji u l-akkwati ta' madwarhom isiru l-mutur ewlieni ta' prattiki sostenibbli tal-mobilità, tal-loġistika u tax-xogħol, u infrastrutturi reżiljenti li jkunu kapaċi jerġgħu jadattaw meta jkun meħtieġ. Sussegwentement, filwaqt li jieħu vantaġġ mir-riżultati tar-riċerka urbana bażika, il-proġett se jinvestiga kif il-partijiet ikkonċernati jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-mudell il-ġdid propost li għandu l-għan li joħloq valur għall-partijiet ikkonċernati u għaċ-ċittadini.

Il-laboratorji ħajjin se jiġu żviluppati kif ġej:

(1) Iwettqu sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati impenjati biex jistabbilixxu metodoloġija ta' ħidma u struttura ta' ġestjoni għall-proġett pilota, u biex iniedu attivitajiet ta' proġettazzjoni konġunta tal-proġett f'kollaborazzjoni u interfaċċa miftuħa mal-Impriża Konġunta Shift2Rail jew mas-suċċessur tagħha.

(2) Iwettqu sessjonijiet ta' ħidma biex jivvalutaw il-potenzjal tal-istazzjonijiet ferrovjarji sottożviluppati bħala infrastrutturi ta' diversi servizzi, ċentru ta' mobilità u ekoloġizzazzjoni urbana, fir-rigward tal-kontribut possibbli tagħhom għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 09 *(ikompli)*

(3) Jiżviluppaw kriterji metodoloġiċi u jiddefinixxu riżultati kwantitattivi u kwalitattivi għall-proġettazzjoni konġunta u t-trasformazzjoni tal-istazzjonijiet ferrovjarji f'infrastrutturi ta' diversi servizzi, li jkunu ċentri nevralġiċi tal-mobilià u għall-ekoloġizzazzjoni urbana, filwaqt li jiżguraw evalwazzjoni adegwata tar-riżultati miksuba ladarba l-pjan jiġi implimentat meta mqabbel mal-aspettattivi inizjali.

(4) Jadottaw approċċ miftuħ u ta' aġġornament kostanti għall-ġestjoni tal-istazzjonijiet li se jagħti s-setgħa liċ-ċittadini biex jiżviluppaw b'mod konġunt soluzzjonijiet ta' mobilità alternattiva għall-inklużjoni soċjali, l-ekonomija kollaborattiva u l-mobilità elettronika u intelliġenti, u jimplimentawh b'mod aktar flessibbli. L-adozzjoni koerenti tal-mudell għandha tgħin lill-amministrazzjonijiet lokali u nazzjonali biex jilħqu l-objettivi li ġejjin:

— it-trawwim tal-koeżjoni territorjali permezz tat-trasport pubbliku u soluzzjonijiet alternattivi ta' mobilità

— id-dekarbonizzazzjoni tal-mobilità u tas-sorsi tal-enerġija urbana

— id-definizzjoni ta' mekkaniżmi li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fi ħdan kull impriża u servizz operati fl-istazzjon u f'kontinwità ininterrotta mal-ambjent ta' madwaru

— il-promozzjoni ta' sħubijiet ġodda, speċjalment bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-gruppi industrijali kbar, l-istituzzjonijiet lokali u l-SMEs filwaqt li jiġu integrati ċ-ċittadini u s-soluzzjonijiet kollaborattivi ta' daqs żgħir fil-proċess ġenerali tal-ippjanar u tat-tfassil tal-politika

— il-fehim ta' kif dawn l-infrastrutturi jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-komunità f'każ ta' emerġenza, kriżi sanitarja jew diżastru naturali.

5) Jorganizzaw konferenza finali li tippreżenta r-riżultati tal-proġett f'kull laboratorju ħaj u li turi l-mudelli miksuba ta' stazzjonijiet ferrovjarji trasformati.

PP 02 21 10 Proġett pilota — L-effett ta' vetturi effiċjenti fl-enerġija u li jiġġeneraw l-enerġija solari fuq il-kapaċità tal-grilja u l-infrastruttura tal-iċċarġjar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 500 000	875 000				

Kummenti

Peress li l-espansjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u ż-żieda fil-kapaċità tal-grilja huma kwistjonijiet importanti biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirnexxi, dan jista' jittejjeb mil-lat tad-domanda billi jiżdiedu kemm l-effiċjenza enerġetika

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PP 02 21 *(ikompli)*

PP 02 21 10 *(ikompli)*

kif ukoll il-ġenerazzjoni tal-enerġija abbord għall-vetturi. Il-programmi ta' studju jsemmu kemm l-effiċjenza enerġetika tal-vetturi kif ukoll l-innovazzjonijiet fl-infrastruttura tal-grilja/tal-iċċarġjar bl-użu ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar intelliġenti. Madankollu, l-ebda studju ma rabat il-kombinament tal-effiċjenza enerġetika fil-livell tal-vetturi, il-ġenerazzjoni tal-enerġija fil-vettura u l-impatt fuq l-infrastruttura tal-iċċarġjar u ttestja dan fil-ħajja reali bl-użu ta' proġetti pilota. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar li miljun stazzjon tal-iċċarġjar huma meħtieġa biex ilaħħqu mal-introduzzjoni tal-vetturi elettriċi. L-iffukar fuq l-effiċjenza enerġetika u l-ġenerazzjoni tal-enerġija solari abbord jaf ikun jeħtieġ inqas domanda għall-enerġija minn din l-infrastruttura tal-iċċarġjar. Il-politika mbagħad tista' tiġi adattata biex takkomoda din l-opportunità. Studji bikrija juru riżultati promettenti. Żieda ta' 20 % sa 40 % tal-effiċjenza tal-vetturi għall-vetturi tnaqqas id-domanda għall-enerġija ta' dawn il-vetturi bi kważi 60 %. Barra minn hekk, operatur tal-grilja fin-Netherlands wera li l-investimenti fl-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jistgħu jonqsu b'aktar minn 30 %. Dan huwa riżultat ta' awtoċċarġjar ta' vetturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija li jistgħu jiċċarġjaw b'rata ta' ċċarġjar rapida anke fuq grilji ta' 220-230V. Il-mudelli tal-fluss tal-enerġija tal-organizzazzjoni tar-riċerka u t-teknoloġija jistgħu jintużaw biex jiddeterminaw dan l-effett f'aktar dettall.

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jivvaluta l-effiċjenza enerġetika tal-vetturi personali, tal-vetturi tat-trasport pubbliku u tal-vetturi tat-twassil (f'termini ta' kilometri misjuqa għal kull kWh ikkunsmat), u l-potenzjal għall-ġenerazzjoni tal-enerġija solari abbord billi jesperimenta b'każijiet ta' użu fil-ħajja reali. Dan il-proġett pilota se jkun wieħed mill-ewwel esperimenti bil-ġenerazzjoni solari abbord fuq skala akbar fuq modalitajiet u postijiet differenti. Ir-rekwiżiti tat-tariffi li jirriżultaw minn kull vettura jistgħu jipprovdu evidenza li ssaħħaħ b'mod ulterjuri u aktar malajr il-politika tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-trasport. Barra minn hekk, politika adattata bħal din se tistimula l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur tal-Unjoni għall-ġenerazzjoni tal-enerġija solari abbord, li min-naħa tagħha għandha l-potenzjal li żżid l-opportunitajiet ta' impjieg.

Se jitwettaq studju komparattiv dwar il-ħtiġijiet tal-iċċarġjar ta' vetturi b'effiċjenza enerġetika għolja u baxxa. Il-vetturi għandhom l-għan li jkollhom speċifikazzjonijiet komparabbli f'termini ta' numru ta' passiġġieri, kapaċità ta' tagħbija jew volum. Minbarra l-effiċjenza enerġetika, il-vetturi li jiġġeneraw l-enerġija u l-vetturi li ma jiġġenerawx l-enerġija se jiġu vvalutati wkoll. Il-potenzjal tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq il-vetturi jvarja skont il-post, għalhekk il-postijiet differenti fl-Unjoni se jiġu evalwati b'enfasi speċjali fuq il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant fl-Unjoni.

Fl-aħħar nett, se jiġi vvalutat kif jistgħu jitnaqqsu speċifikament il-kwantità u s-separazzjoni tal-elementi fl-infrastruttura tal-iċċarġjar. Bħala konklużjoni, dan il-proġett pilota għandu jagħti għarfien dwar l-effett tal-effiċjenza tal-vetturi u l-ġenerazzjoni tal-enerġija solari abbord li jistgħu jipprovdu valur miżjud għall-abbozzar ta' politiki tal-Unjoni li jippermettu vetturi elettriċi u jistimulaw il-ktajjen tal-valur tal-Unjoni u l-impjiegi f'dan il-qasam.

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 03 20 01.

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 15 2015

PP 03 15 01 Proġett pilota — Taħriġ għall-SMEs dwar id-drittijiet tal-konsumatur fl-era diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	307 072,—

Kummenti

Partita preċedenti

33 04 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 15 02 Proġett pilota — Investituri privati nisa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	410 253,04

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 18

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 2016

PP 03 16 01 Proġett pilota — Żvilupp tal-kapaċità, żvilupp programmatiku u komunikazzjoni fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 16 *(ikompli)*

PP 03 16 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

14 03 77 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 02 Proġett pilota — Il-Marka Destinazzjoni Ewropa - Il-promozzjoni tal-Ewropa fis-settur tat-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	785 437,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 03 Proġett pilota — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għal migranti żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	320 681	p.m.	531 206	0,—	200 805,22

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 25

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 16 *(ikompli)*

PP 03 16 04 Proġett pilota — Inizjattiva għall-Impriżi Start-up fil-Qasam tal-Ekonomija Kollaborattiva — Finanzjament tal-futur tal-imprenditorija Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	566 300	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 26

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 05 Proġett Pilota — Awtonomizzazzjoni u edukazzjoni tal-konsumatur dwar is-sigurtà tal-prodotti u sorveljanza tas-suq fis-Suq Uniku Diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

33 04 77 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 06 Proġett pilota — "L-istrument tal-SMEs li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 16 *(ikompli)*

PP 03 16 06 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 28

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 16 07 Proġett Pilota — L-edukazzjoni diġitali fil-qasam fiskali u l-ħlasijiet tat-taxxa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

14 03 77 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 17 2017

PP 03 17 01 Proġett pilota — Kisba ta' Tmexxija fl-Imprenditorija u Opportunitajiet ta' Kooperazzjoni (ALECO)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 431	p.m.	225 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 30

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 17 *(ikompli)*

PP 03 17 02 Proġett pilota — Żvilupp dinamiku tal-kummerċ elettroniku transfruntier permezz ta' soluzzjonijiet effiċjenti ta' twassil ta' pakketti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	247 600,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 17 03 Proġett pilota — Task Force orizzontali dwar it-Teknoloġija ta' Reġistri Distribwiti u l-każijiet ta' użu min-naħa tal-Gvernijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	446 532	0,—	620 748,43

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 17 04 Proġett pilota – Ħolqien ta' suq intern armonizzat għall-majjal minn ħnieżer li ma jkunux ġew ikkastrati kirurġikament

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	3 095,97

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 17 *(ikompli)*

PP 03 17 04 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

17 04 77 05

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 17 05 Proġett pilota — monitoraġġ ambjentali tal-użu tal-pestiċidi permezz tan-naħal tal-għasel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	404 605	p.m.	304 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

17 04 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 2018

PP 03 18 01 Proġett pilota — Tisħiħ tal-kapaċità ta' internazzjonalizzazzjoni permezz ta' networks Ewropej ta' SMEs

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	470 594	p.m.	p.m.	0,—	1 029 406,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 34

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 18 *(ikompli)*

PP 03 18 02 Proġett pilota — Ittestjar indipendenti emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 022 909	p.m.	1 071 460	579 156,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 03 Proġett pilota — Valutazzjoni tad-differenzi allegati fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq uniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	315 000	p.m.	715 000	630 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 08

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 04 Proġett pilota — Ħolqien ta' Unjoni Bankarja reali — Riċerka dwar differenzi fil-liġijiet u fir-regolamenti relatati mal-banek fil-pajjiżi taż-żona tal-euro u l-bżonn ta' armonizzazzjoni tagħhom f'Unjoni Bankarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	384 160,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 18 *(ikompli)*

PP 03 18 04 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 18 05 Proġett pilota — Fond Ewropew ta' Investimenti bil-finanzjament kollettiv

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	190 000	0,—	190 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 08

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 2019

PP 03 19 01 Proġett pilota — Il-kwalità tas-servizzi fit-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	230 970	350 000	207 500	419 900,—	125 970,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 39

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 19 *(ikompli)*

PP 03 19 02 Proġett pilota — Aċċess għall-internet b'banda wiesgħa bis-satellita mill-iskejjel mhux konnessi għal kontenuti multimedjali edukattivi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	490 000	980 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 40

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 03 Proġett pilota — Eliminazzjoni tal-lakuni fid- *data* u l-istabbiliment ta' miżuri pan-Ewropej għas-sikurezza kontra n-nirien

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	441 000	p.m.	630 000	630 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 09

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 04 Proġett pilota — Tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp ta' stadji metodoloġiċi importanti għall-integrazzjoni tar-riskji ambjentali u klimatiċi fil-qafas prudenzjali bankarju tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	168 000	p.m.	550 000	550 000,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 19 *(ikompli)*

PP 03 19 04 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 09

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 05 Proġett pilota — Monitoraġġ tal-ammont ta' ġid moħbi mill-individwi fiċ-ċentri finanzjarji offshore u l-impatt tal-istandards maqbula dan l-aħħar fil-livell internazzjonali dwar it-trasparenza tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	70 000	140 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

14 03 77 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 03 19 06 Proġett pilota — Limitazzjoni tal-kwalità doppja u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	252 000	p.m.	630 000	1 260 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

33 04 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 20 2020

PP 03 20 01 Proġett pilota — Destinazzjonijiet "Intelliġenti"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 42

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Destinazzjoni intelliġenti hija r-riżultat ta' diversi fatturi, inklużi teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jippromwovu territorju innovattiv, il-kooperazzjoni u l-kokreazzjoni, prinċipalment mill-viżitaturi. Abbażi tal-fehim ta' dan l-aspett, l-aċċessibbiltà hija waħda mill-fatturi ta' destinazzjoni turistika intelliġenti, kemm fiżikament kif ukoll virtwalment. L-intelliġenza tas-sistema ssaħħaħ il-kwalità tal-esperjenza fid-destinazzjoni kemm għall-viżitaturi u għar-residenti.

Belt intelliġenti tista' titqies bħala spazju urban li jieħu vantaġġ mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u x-xjenza tad- *data* biex tindirizza l-isfidi tal-lum, jiġifieri biex issir aktar effiċjenti fis-servizzi u l-ġestjoni tal-infrastruttura u biex tagħti kwalità ta' ħajja mtejba lill-persuni li jgħixu jew jaħdmu fil-belt jew jgħixu fiha, inkluż l-appoġġ għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet jinsabu taħt pressjoni u għaddejjin minn proċess ta' trasformazzjoni diġitali li ġew riflessi fil-proliferazzjoni ta' inizjattivi ta' bliet intelliġenti madwar id-dinja. Din hija parti mir-reazzjoni strateġika għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tkabbir tal-urbanizzazzjoni u t-tibdil fil-klima flimkien mal-ħolqien ta' bliet bħala spazju għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku mfassal minn ħtieġa urġenti għal sostenibbiltà globali.

Studju dwar ibliet intelliġenti se jkopri kunċett ta' intelliġenza urbana u l-elementi kostitwenti tiegħu li jirriżultaw mill-proċess ta' trasformazzjoni diġitali tal-belt, li se jwassal għal bidla fundamentali li tittrasforma l-belt bħala pjattaforma fejn l-ippjanar u l-ġestjoni urbani għas-sostenibbiltà jkunu appoġġati minn analitika urbana u *data* f'ħin reali.

Fid-dawl ta' dan, se jitwettaq studju abbażi ta' pjan ta' implimentazzjoni f'belt/reġjun speċifiku bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm:

— *data* kwantitattiva u kwalitattiva dwar it-turiżmu u d-destinazzjonijiet intelliġenti;

— għarfien aħjar tal-impatt tat-turiżmu;

— l-iżvilupp u l-ħolqien ta' metodoloġija Ewropea ta' analiżi tat-turiżmu bbażata fuq il-big data applikata fil-livell tal-Unjoni għal destinazzjonijiet intelliġenti;

— riċerka u żvilupp aħjar għal soluzzjonijiet imfassla fil-livell tal-Unjoni;

— skop għall-ittestjar lokali u l-applikabbiltà futura (pjan ta' implimentazzjoni f'belt speċifika).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 20 *(ikompli)*

PP 03 20 02 Proġett pilota — Valutazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq b'rabta mat-teknoloġiji l-ġodda u l-katina tal-provvista diġitali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
90 000	172 500	300 000	75 000		

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jivvaluta l-isfidi u l-opportunitajiet li jġibu magħhom it-teknoloġiji emerġenti (bħat-tagħmir konness mal-internet, il-blockchain eċċ.) u l-ktajjen tal-provvista diġitali għall-konsumaturi u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'rabta mas-sikurezza tal-prodotti, inklużi dawk mibjugħa online. Il-proġett pilota jista' jiffinanzja studju dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħall-blockchain biex tiġi żgurata s-sorveljanza effikaċi tas-suq u tiżdied it-traċċabbiltà tal-prodotti.

PP 03 20 03 Proġett pilota - Studju ta' fattibbiltà ta' reġistru Ewropew tal-assi fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	400 000	100 000		

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Kif muri mill-investigazzjonijiet reċenti tal-midja dwar l-evażjoni fiskali u l-ħasil tal-flus bħall-Panama Papers u l-Paradise Papers, l-użu ta' strutturi "offshore", bħal kumpaniji, trusts, fondazzjonijiet u strumenti finanzjarji miżmuma f'ġurisdizzjonijiet oħra jew permezz ta' ġurisdizzjonijiet oħra, jippermetti mhux biss li s-sjieda reali tal-assi, iżda wkoll il-post li fih jinsabu u forsi l-eżistenza tagħhom stess. Fit-terminu qasir sa dak medju, din is-segretezza

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 20 *(ikompli)*

PP 03 20 03 *(ikompli)*

tippermetti li l-assi jaħarbu t-tassazzjoni iżda wkoll toħloq art fertili għal reati finanzjarji bħall-korruzzjoni, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, kif ukoll il-finanzjament tat-terroriżmu. Fit-terminu twil, din is-segretezza taggrava l-inugwaljanza, billi madwar 50 % tal-assi moħbija offshore (assi miżmuma offshore u mhux dikjarat lill-awtoritajiet) jappartjenu għall-0,01 % tal-aktar nies sinjuri fid-dinja. L-assi offshore x'aktarx li jkunu, għalhekk, fattur ewlieni responsabbli għall-aggravar tal-inugwaljanza ekonomika jekk jibqgħu intaxxati anqas milli suppost.

Twettaq xi progress fl-indirizzar tas-segretezza, b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni. Bosta Stati Membri għandhom katasti; adottaw id-direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva biex awtomatikament jiskambjaw informazzjoni finanzjarja bejniethom (inklużi kontijiet bankarji); u bir-reviżjoni tad-direttiva kontra l-ħasil tal-flus dalwaqt se jkollhom ir-reġistri pubbliċi kollha tas-sidien benefiċjarji ta' kumpaniji u r-reġistri ta' sidien benefiċjarji ta' trusts aċċessibbli għall-persuni b'interess leġittimu li jiksbu dik l-informazzjoni.

Madankollu, għad hemm lakuni fid-disponibbiltà ta' informazzjoni importanti sabiex fl-Unjoni r-rikkezzi jiġu intaxxati b'mod xieraq u jkun ikkonfrontat il-ħasil tal-flus. Approċċ anqas frammentat fl-Unjoni jkun ta' benefiċċju. L-Unjoni għandha tikkunsidra l-fattibbiltà ta' u l-arranġamenti għall-ħolqien ta' reġistru għall-Unjoni kollha, li fih jiddaħħlu d-dettalji dwar is-sjieda ta' ċerti tipi ta' assi, bil-għan li jkun żgurat il-koordinament bejn il-mekkaniżmi ta' trasparenza eżistenti u bil-ħsieb li tiżdied informazzjoni ewlenija ġdida neċessarja għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

Dan il-proġett pilota għandu jintuża mill-Kummissjoni biex tesplora kif tiġbor u tikkollega aħjar l-informazzjoni kollha fuq is-sidien benefiċjarji (eż. katasti, kumpaniji, trusts u fondazzjonijiet; kif ukoll depożitarji ċentrali ta' sjieda ta' trusts) u tanalizza oqsma għal ħidma ulterjuri (eż. disinn, firxa ta' applikazzjoni, restrizzjonijiet ta' kapaċità ...) għal tali reġistru tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali lill-kamp ta' applikazzjoni biex jiġu inklużi assi oħra f'tali reġistru (eż. bitcoins, arti, deheb, proprjetà immobbli) u għat-teknoloġiji ta' informazzjoni u tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' privatezza.

Permezz ta' mmappjar ta' informazzjoni eżistenti (f'forma pubblika u mhux pubblika) u permezz ta' skambji ma' esperti fil-qasam rilevanti (tassazzjoni, korruzzjoni, ħasil tal-flus, swieq finanzjarji, IT u l-liġi), dan il-proġett pilota se jipprovdi rakkomandazzjonijiet għal ħolqien possibbli ta' reġistru tal-assi, li jista' jinbidel f'azzjoni politika fil-futur, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tekniċi u politiċi.

PP 03 20 04 Proġett pilota — Il-benessri tal-baqar tal-ħalib, inklużi miżuri għall-protezzjoni ta' għoġġiela tal-ħalib mhux miftuma u annimali li jkunu waslu fi tmiem il-karriera tagħhom

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	285 000	950 000	237 500		

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 20 *(ikompli)*

PP 03 20 04 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

17 04 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

L-espansjoni tas-settur tal-ħalib, iż-żieda fil-produttività medja tal-baqar tal-ħalib, u l-ammont eċċessiv ta' għoġġiela maskili ma kinux akkumpanjati minn politiki aġġornati dwar il-benessri tal-annimali. Rapport riċenti tal-Kummissjoni jindika li mhux qed tingħata biżżejjed attenzjoni għal parametri bħall-mastite, iz-zappip, id-disinn tal-kompartimenti u l-kumdità ta' fejn joqogħdu l-bhejjem, li huma magħrufa li jinfluwenzaw mhux biss il-benessri iżda anke s-saħħa u t-tul ta' ħajja tal-baqar tal-ħalib fil-farms. L-Istati Membri għandhom reġimi regolatorji differenti, u dan ifixkel il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi. Barra minn hekk, iż-żieda fid-daqs tal-merħliet tal-ħalib f'xi pajjiżi qed tikkawża eċċess kroniku ta' għoġġiela tal-ħalib maskili, li – waqt li jkunu għadhom mhux miftuma – iridu jinġarru fuq distanzi twal ħafna lejn farms speċjalizzati tat-tismin. L-isfidi ffaċċjati waqt it-trasport ta' għoġġiela tal-ħalib mhux miftuma fuq distanzi twal għadhom ma ġewx solvuti, u l-evidenza ta' diversi NGOs turi li dan it-trasport ma jistax jiggarantixxi protezzjoni għal dawn l-annimali vulnerabbli. Aspett traskurat ieħor huwa t-trattament ta' annimali li jkunu waslu fi tmiem il-karriera tagħhom. Hemm evidenza li baqar "debboli" (jiġifieri, mhux tajbin għat-trasport) jaf qed jittieħdu għall-qatla f'biċċeriji negliġenti. Dan mhuwiex biss ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport u l-qtil tal-annimali, iżda jirrappreżenta wkoll theddida għas-sikurezza tal-ikel.

Dan il-proġett pilota għandu erba' miri ewlenin: (1) il-produzzjoni ta' sett ċar ta' linji gwida tal-aħjar prattika għall-benessri tal-erieħ, il-baqar u l-għoġġiela abbażi ta' indikaturi robusti bbażati fuq l-annimali, kif ukoll gwida dwar it-trattament korrett tal-baqar fi tmiem il-karriera tagħhom; (2) it-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni minn trasport tal-għoġġiela tal-ħalib maskili fuq distanzi twal għal trobbija u tismin lokali; (3) il-proposta ta' mudelli ekonomiċi biex jiġi evitat it-trasport tal-baqar tal-ħalib fi tmiem il-karriera tagħhom; (4) id-disseminazzjoni tal-eżiti fl-Istati Membri li jipproduċu l-ħalib u f'dawk affettwati mill-kummerċ intra-Unjoni ta' għoġġiela ħajjin u mhux miftuma. Il-proġett għandu jressaq flimkien mill-bidu nett partijiet konċernati rilevanti, inklużi xjenzjati, veterinarji u organizzazzjonijiet nongovernattivi. L-eżiti għandhom jibbażaw bis-sħiħ fuq l-għarfien espert xjentifiku u prattiku disponibbli, inkluż mill-aħjar prattiki diġà implimentati.

PP 03 20 05 Proġett pilota — L-aħjar prattiki għal tranżizzjoni lejn sistemi ta' produzzjoni tal-bajd mingħajr gaġeġ u b'benessri aħjar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	225 000	750 000	187 500		

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 20 *(ikompli)*

PP 03 20 05 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

17 04 77 08

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Il-pubbliku qed jaċċetta dejjem inqas l-użu ta' gaġeġ "arrikkiti" għat-tiġieġ li jbidu, b'mod partikolari fid-dawl ta' evidenza xjentifika li turi li dawn il-gaġeġ jillimitaw serjament l-imġiba normali tat-tiġieġ. Il-proġett pilota jgħin lill-produtturi tal-bajd jissodisfaw id-domanda tas-suq billi jipprovdi gwida prattika dwar it-tranżizzjoni għal sistemi alternattivi li ma jużawx gaġeġ u jiggarantixxu benessri aħjar. Diversi kumpaniji kbar tal-ikel diġà ntrabtu li, mill-2025 jew qabel, ma jixtrux ħlief bajd li ma jkunx joriġina mill-gaġeġ. Sabiex il-produtturi tal-Unjoni jkunu mħejjija għal din it-tranżizzjoni u tingħatalhom garanzija li jibqgħu fin-negozju, għandha tingħatalhom l-għajnuna biex jittrasformaw is-sistemi konvenzjonali tagħhom f'sistemi alternattivi li jiggarantixxu benessri aħjar u li ma jilħqux biss l-iskop tagħhom iżda jkunu anke adatti għall-futur. Il-proġett pilota jistudja sistemi differenti għat-tiġieġ li jbidu u jidentifika dawk li huma l-aħjar għas-saħħa u l-benessri tal-annimali. Ir-rakkomandazzjonijiet, li għandhom jinkludu l-aspetti ekonomiċi, ikunu appoġġjati minn indikaturi robusti biex jitkejlu r-riżultati għall-benessri tal-annimali. L-ewwel fażi tal-proġett pilota tiġbor informazzjoni dwar l-aħjar prattiki disponibbli biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn trobbija b'benessri aħjar u ż-żamma tat-tiġieġ fl-imqawel, fil-beraħ u b'mod organiku. It-tieni fażi tikkonsisti f'avvenimenti ta' informazzjoni f'tal-anqas erba' pajjiżi fejn is-sistemi ta' trobbija alternattivi għadhom mhumiex predominanti (eż. Spanja, il-Polonja, il-Portugall u l-Belġju) u avveniment finali fil-livell tal-Unjoni ma' partijiet ikkonċernati importanti mill-industrija u mill-politika kif ukoll rappreżentanti mill-Istati Membri kollha. Id-dokument ta' gwida li jirriżulta minn din il-fażi għandu jkun kemm jista' jkun orjentat lejn il-prattika, u għandu jkun illustrat, pereżempju, bi studji ta' każijiet (li jinkludu *data* ekonomika) dwar sistemi rilevanti minn tal-anqas erba' Stati Membri bl-ogħla proporzjon ta' produzzjoni ta' bajd mingħajr gaġeġ (pereżempju l-Ġermanja, in-Netherlands, Franza u l-Italja).

PP 03 21 2021

PP 03 21 01 Proġett pilota — Forum Ewropew dwar il-ħela tal-ikel fil-livell tal-konsumatur

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
650 000	162 500				

Kummenti

L-ammont ta' ikel li jinħela matul il-produzzjoni u l-konsum tiegħu huwa xokkanti. Bħalissa hu stmat li fl-Unjoni jiġu ġġenerati 88 miljun tunnellata ta' skart tal-ikel kull sena u l-ispejjeż stmati f'ikel moħli huma ta' EUR 143 biljun. Filwaqt li madwar 20 % tal-ikel prodott fl-Unjoni jintilef jew jinħela, kull jumejn madwar 36 miljun ruħ ma jistgħux

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PP 03 21 *(ikompli)*

PP 03 21 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 19 02 Proġett pilota — Mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida għall-ksur tal-libertà tal-istampa u tal-midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 384 096	1 380 119	1 045 030	1 400 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 09

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 19 03 Proġett pilota — Pjattaforma/i għall-innovazzjoni fil-kontenut kulturali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	311 400	p.m.	311 400	1 038 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 09

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 19 *(ikompli)*

PP 07 19 04 Proġett pilota — Appoġġ għall-ġurnaliżmu investigattiv u għall-libertà tal-midja fl-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 055 000	1 000 000	887 500	1 275 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 19 05 Proġett Pilota — Pass 'il quddiem lejn qafas Ewropew għall-mobilità tal-Makers

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	69 922	p.m.	87 500	349 607,52	104 882,25

Kummenti

Partita preċedenti

15 02 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 19 06 Proġett pilota — Premju Jan Amos għall-aħjar għalliem tal-Unjoni li jgħallem dwar l-Unjoni Ewropea

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	350 000	350 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

15 02 77 26

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 19 *(ikompli)*

PP 07 19 06 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 19 07 Proġett Pilota — Proġett ta' Rkupru Diġitali tal-Beni Kulturali tal-Lhud

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	441 000	490 000	245 000	490 000,—	98 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

15 04 77 20

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 07 20 2020

PP 07 20 01 Proġett pilota — Ir-rwol tal-paga minima fl-istabbiliment tal-Garanzija Universali tax-Xogħol

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

04 03 77 29

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Ir-rapport "Working for a Brighter Future — Global Commission on the Future of Work' (ILO, 2019) [1] jappella għall-ħolqien ta' Garanzija Universali tax-Xogħol biex jitħarsu d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema kollha, irrispettivament min-natura tar-relazzjoni tal-impjieg tagħhom, inklużi "paga li tiggarantixxi l-għajxien", limitu massimu fuq is-sigħat tax-xogħol u saħħa u sikurezza garantiti fuq il-post tax-xogħol.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 01 *(ikompli)*

L-eżistenza ta' paga minima nazzjonali, stabbilita permezz ta' negozjar u ftehimiet kollettivi, hija ċentrali għall-istabbiliment tal-Garanzija Universali tax-Xogħol, filwaqt li tgħin biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, tippromwovi l-iżvilupp tas-soċjetà u tibdel politiki li, f'dawn l-aħħar snin, kienu qed iwasslu għal prekarjat, pagi aktar baxxi u żieda fl-inugwaljanza.

Sabiex jiġu promossi skemi nazzjonali tal-paga minima b'mod aktar effikaċi bħala għodda għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-Eurofound għandha teżamina r-realtajiet differenti fl-Istati Membri, kif ukoll l-impatt ta' dan l-istrument fuq ir-rati tal-impjieg, il-kwalifiki tal-ħaddiema, il-livelli ta' prekarjat, l-iżvilupp tal-Istati Membri u fatturi oħra meqjusa rilevanti.

Il-proġett pilota għandu jiġi implimentat b'tali mod li ma jkunx hemm duplikazzjoni mal-istudji eżistenti jew li għaddejin bħalissa li se jintużaw bħala tħejjija għall-valutazzjoni tal-impatt għall-inizjattiva li ġejja dwar il-pagi minimi. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-proġett pilota propost għandu jwassal għal valur miżjud u se jikkomplementa l-ħidma eżistenti taħt l-inizjattiva, billi, pereżempju, ifassal l-iżviluppi fl-istituzzjonijiet li jistabbilixxu l-pagi minimi.

[1] Ir-rakkomandazzjonijiet huma maħsuba biex isaħħu u jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-istituzzjonijiet tax-xogħol. Mir-regolamenti u l-kuntratti tal-impjieg għan-negozjar kollettiv u s-sistemi ta' spezzjoni tax-xogħol, dawn l-istituzzjonijiet huma s-sisien ta' soċjetajiet ġusti, filwaqt li jwittu t-triq lejn il-formalizzazzjoni, inaqqsu l-faqar minkejja x-xogħol u jiggarantixxu futur ta' xogħol b'dinjità, sigurtà ekonomika u ugwaljanza. Taħt Garanzija Universali tax-Xogħol, id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema kollha, irrispettivament mill-ftehim kuntrattwali jew l-istatus ta' impjieg tagħhom, iridu jiġu rispettati, filwaqt li jiġi żgurat li jkollhom "paga li tiggarantixxi l-għajxien adegwata" (Kostituzzjoni tal-ILO, 1919), limiti fuq is-sigħat tax-xogħol tagħhom u postijiet tax-xogħol sikuri u adegwati fir-rigward tas-saħħa. Il-ftehimiet kollettivi jew il-liġijiet u r-regolamenti jistgħu jgħollu l-livell bażiku ta' protezzjoni. Din il-proposta tippermetti wkoll ir-rikonoxximent tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bħala prinċipji u drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol.

PP 07 20 02 Proġett pilota — Tfassil u ttestjar ta' infrastruttura għal mekkaniżmi ta' protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fuq l-internet abbażi tal-GDPR u ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni rilevanti għat-tfal fuq l-internet

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	592 000	1 500 000	375 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 04 77 26

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 02 *(ikompli)*

Il-proġett pilota jiżviluppa u jittestja:

(i) kontrolli affidabbli fuq l-internet biex tfal taħt tal-età jiġu identifikati u protetti jew imblukkati minn fuq siti jew apps li jipproċessaw *data* personali, jipprovdu servizzi ta' komunikazzjoni bejn il-pari u "one-to-many" jew jipprovdu oġġetti u servizzi li jistgħu jkunu dannużi għat-tfal;

(ii) mekkaniżmi ta' kunsens affidabbli għal dawk li jkollhom ir-responsabbiltà ta' ġenitur;

(iii) mekkaniżmi ta' appoġġ effettivi għat-tfal li jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet diffiċili online;

(iv) mekkaniżmu għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal fuq l-internet;

(v) għażliet ta' aċċess online għal kontenut tal-Unjoni iddedikat għat-tfal; u

(vi) mekkaniżmi li jinvolvu lit-tfal fil-proċess deċiżjonali tal-infrastruttura.

Fit-twettiq tal-kompiti msemmija hawn fuq, il-proġett pilota jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti Ewropej u tal-Istati Membri fil-katina tal-provvista tal-awtentikazzjoni u tal-validazzjoni.

B'mod partikolari, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) tappoġġja l-iskambju transfruntier ta' attributi marbuta mal-eID, b'tali mod li dawn l-attributi jistgħu jintużaw fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tat-tfal (eż. verifika tal-età għall-aċċess għal kontenut online abbażi tad-data tat-twelid fl-eID).

Il-proġett pilota se jiġi implimentat fi żmien sentejn (2020-2021).

PP 07 20 03 Proġett pilota — Għotjiet tal-Unjoni għal organizzazzjonijiet medjatiċi online fuq skala żgħira: appoġġ għal prodotti tal-aħbarijiet ta' kwalità għolja u indirizzar tal-fake news

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 100 000	2 200 000	550 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 13

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-proġett pilota jipprevedi għotjiet tal-Unjoni ddedikati għal organizzazzjonijiet medjatiċi online fuq skala żgħira li jixtiequ jiżviluppaw kapaċitajiet ta' verifika tal-fatti, verifikaturi tal-fatti u akkademiċi għall-iżvilupp u d-diffużjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, inkluż it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-verifikaturi tal-fatti, il-mezzi ta' komunikazzjoni u l-universitajiet. L-appoġġ ma għandux jaffettwa l-indipendenza tal-organizzazzjonijiet li jirċievu l-fondi.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 03 *(ikompli)*

Il-proġett pilota jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fuq l-internet u l-promozzjoni tal-innovazzjoni tal-midja fil-kuntest usa' tas-suq uniku diġitali. Jiffaċilita u jikkomplementa l-objettivi u l-azzjonijiet previsti fil-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online: approċċ Ewropew" u fil-pjan ta' azzjoni dwar id-diżinformazzjoni. B'mod partikolari, il-proġett pilota jiffaċilita l-ħolqien ta' timijiet multidixxiplinari nazzjonali, magħmula minn prattikanti tal-midja, verifikaturi tal-fatti u riċerkaturi akkademiċi. Dan jikkomplementa l-programm tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jipprovdi l-infrastruttura (il-Pjattaforma Ewropea kontra d-Diżinformazzjoni) biex titrawwem il-kooperazzjoni bejn timijiet multidixxiplinari nazzjonali fil-livell Ewropew.

Il-proġett pilota jikkomplementa wkoll l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' kodiċi ta' prattika. Dan jinkludi li l-verifikaturi tal-fatti u l-akkademiċi jkunu jistgħu – filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom – jiżviluppaw it-traċċabbiltà, ir-responsabbiltà, l-indikaturi affidabbli għat-trasparenza tas-sors u jwettqu monitoraġġ kontinwu tat-tekniki tal-iskala, l-għodod, in-natura u l-impatt tad-diżinformazzjoni. Barra minn hekk, il-proġett pilota jappoġġja l-iżvilupp u l-ittestjar ta' teknoloġiji emerġenti, inkluża l-intelliġenza artifiċjali li tidentifika d-diżinformazzjoni u t-teknoloġiji li jippermettu l-esperjenza online personalizzata, li jistgħu jipprovdu lill-utenti b'għodod biex jidentifikaw u jirrappurtaw id-diżinformazzjoni.

L-azzjonijiet appoġġjati mill-proġett pilota jibnu fuq l-azzjoni preparatorja dwar il-Litteriżmu Medjatiku għal Kulħadd billi jikkomplementah u ma jiffukax fuq iċ-ċittadini iżda fuq l-operaturi tal-midja. Il-proġett pilota jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja kif ukoll aħbarijiet u ġurnaliżmu ta' kwalità.

PP 07 20 04 Proġett pilota — L-integrità tal-media soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	450 000	900 000	225 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 14

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Il-media soċjali rrivoluzzjonaw l-ekonomija u s-soċjetà. Wara biss 15-il sena, qed jitgawdew il-benefiċċji ta' komunikazzjoni fuq distanzi twal bi spejjeż minimi u nħolqu għadd ta' opportunitajiet kummerċjali ġodda f'ħafna oqsma, li jvarjaw mir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni għax-xjenzi soċjali.

F'dawn l-aħħar snin kellhom jiġu indirizzati wkoll l-isfidi li nħolqu bħal preokkupazzjonijiet dwar il-privatezza, żbilanċ bejn l-aspetti diġitali u nondiġitali tal-ħajja, nuqqas ta' għarfien dwar kif jaħdmu l-media soċjali, disseminazzjoni ta' kontenut illegali jew ta' mibegħda u, fl-aħħar nett, il-manipulazzjoni tal-perċezzjoni taċ-ċittadini.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 04 *(ikompli)*

Il-manipulazzjoni tal-perċezzjoni taċ-ċittadini kienet is-suġġett ta' għadd ta' studji akkademiċi li wrew li jekk wieħed jimmanipula l-aħbarijiet li jingħataw fuq il-media soċjali, dan jista' jaffettwa u jinfluwenza l-burdata, l-għażliet u r-reazzjonijiet tal-individwi. Dan sar ferm aktar evidenti wara r-rivelazzjoni tal-2016 li Cambridge Analytica kienet qed tuża d- *data* miġbura mill-accounts ta' Facebook sabiex tipprova timmanipula lill-votanti fl-elezzjonijiet tal-Istati Uniti u fir-referendum dwar il-Brexit.

Dan il-proġett pilota jibni fuq ix-xogħol li sar mill-Osservatorju tal-Pjattaformi u mill-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea kontra l-aħbarijiet foloz, kif ukoll miċ-Ċentru tal-Media Xjentifiċi tal-Parlament Ewropew. Il-proġett jimmonitorja, jidentifika, jistudja u, eventwalment, jindirizza tentattivi ta' manipulazzjoni tal-perċezzjoni tal-utenti.

Dan ix-xogħol jiffoka fuq il-messaġġi negattivi u kif għandhom jiġu indirizzati, u jista' jiżviluppa wkoll skema ta' ċertifikazzjoni pan-Ewropea ta' inizjattivi kontra l-qerq, li tkun tista' tiffaċilita l-isforzi tal-Kummissjoni, billi hemm għadd ta' verifikaturi tal-fatti u siti web kontra l-qerq li joperaw fl-Unjoni iżda xi drabi jista' jkun hemm dubji dwar il-leġittimità tagħhom. Lista ta' kontroll li twassal għal ċertifikazzjoni tista' tkun soluzzjoni kosteffikaċi għall-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

PP 07 20 05 Proġett pilota — Għodda għall-monitoraġġ tas-sjieda tal-midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	300 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 02 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

It-teknoloġija diġitali baxxiet l-ispejjeż tad-dħul għall-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa u feħħet suq regolat strettament għal firxa sħiħa ta' atturi ġodda. Madankollu, hekk kif il-mudell kummerċjali tal-midja tradizzjonali qed jiddiżintegra fil-proċess, tista' tiġi osservata xejra lejn il-konċentrazzjoni tas-sjieda. Filwaqt li l-internet jibqa' għodda teknoloġika ta' aċċess għal varjetà ta' offerti bla limitu, il-fallimenti tas-suq, in-nuqqasijiet regolatorji u n-natura tad-distribuzzjoni algoritmika tal-aħbarijiet iwasslu għal limitazzjonijiet sinifikanti fil-pluraliżmu tal-midja, li huwa kundizzjoni essenzjali u importanti għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni.

Għalhekk, it-trasparenza tas-sjieda tal-midja hija kruċjali għas-salvagwardja ta' dawk il-libertajiet. Dan jgħolli l-livell tal-litteriżmu medjatiku tal-pubbliku ġenerali u jippermetti azzjonali regolatorja u kontroll sinifikanti tal-konċentrazzjoni.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 05 *(ikompli)*

L-għan tal-proġett pilota huwa li:

— joħloq databases konsultabbli u disponibbli pubblikament għal massimu ta' sitt pajjiżi Ewropej bil-lingwi rilevanti biex jitfasslu l-profili tal-aktar organi medjatiċi importanti li jsawru l-opinjoni pubblika, kif ukoll tal-individwi u l-entitajiet korporattivi li hemm warajhom; il-metodoloġija fl-għażla tal-kampjun u fir-riċerka, l-analiżi u l-preżentazzjoni tad- *data* se tkun ibbażata fuq waħda eżistenti li tkun iddokumentata sew u li diġà tkun ittestjata u implimentata f'postijiet oħra tad-dinja u b'hekk tkun tista' titqies bħala strument leġittimu u aċċettat estensivament f'dan il-qasam;

— jinkludi parti narrattiva li takkumpanja d-database u tikkontestwalizza l-ambjent li fih topera l-midja f'pajjiż speċifiku, inkluża valutazzjoni legali dettaljata bbażata fuq mudell applikat estensivament li jippermetti analiżi globali komparattiva;

— jinkludi l-komputazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' mhux aktar minn għaxar indikaturi ta' riskju għall-pluraliżmu tal-midja mil-lat legali, ekonomiku u tekniku, abbażi ta' metodoloġija ttestjata u affidabbli li tibni fuq il-ħidma eżistenti tal-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja f'dan il-qasam;

— jippubblika u jippromwovi l-konklużjonijiet u l-użu tagħhom permezz tar-riżorsa online infisha, iżda anke permezz ta' azzjonijiet ta' appoġġ, bħal konferenzi tal-aħbarijiet u avvenimenti ta' tnedija.

Dan il-proġett pilota għandu jdum għaddej sentejn.

PP 07 20 06 Proġett pilota — Sfera Pubblika Ewropea offerta ġdida ta' midja onlajn għaż-żgħażagħ Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 750 000	2 500 000	625 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 05 77 11

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

Dan il-proġett jindirizza n-nuqqasijiet fl-ikkomunikar tal-Ewropa lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ Ewropej, liema falliment jirriżulta min-nuqqas ta' sfera pubblika tal-midja tassew transnazzjonali, mill-fatt li llum il-ġurnata l-midja tradizzjonali ma tattirax liż-żgħażagħ Ewropej daqs kemm jagħmel l-internet, u l-midja nazzjonali ma tkoprix suġġetti pan-Ewropej b'mod pożittiv jew li jgħaqqad. Għalhekk il-proġett għandu l-għan li jagħti stampa aktar effikaċi tas-sens ta' għaqda li qiegħed fil-qalba tal-identità Ewropea u li huwa rifless f'kultura komuni, bi stili ta' ħajja simili u b'valuri kondiviżi.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 20 *(ikompli)*

PP 07 20 06 *(ikompli)*

Il-ġenerazzjonijiet taż-żgħażagħ Ewropej prinċipalment jużaw l-internet bħala s-sors ewlieni ta' informazzjoni u divertiment permezz tal-midja soċjali u l-pjattaformi ta' kondiviżjoni ta' kontenut. Għalhekk irid ikun ċar li ż-żgħażagħ Ewropej jiksbu l-informazzjoni tagħhom minn fuq l-internet. Sabiex jitnieda djalogu dwar l-Ewropa permezz ta' temi u suġġetti rilevanti u bil-għan li ċ-ċittadini żgħażagħ Ewropej jiġu attirati lejn l-ideat u l-valuri Ewropej, kif ukoll sabiex iċ-ċittadini Ewropej tassew jingħataw is-setgħa permezz ta' informazzjoni u pjattaformi ta' djalogu attwali u futuri, il-proġett pilota jieħu approċċ radikalment ġdid dwar kif iż-żgħażagħ jingħataw aħbarijiet u informazzjoni.

Il-proġett pilota huwa bbażat fuq kunċetti ġodda ta' ħsieb editorjali, strateġija ġdida fuq diversi pjattaformi u infrastruttura teknika innovattiva u flessibbli ħafna, li tippermetti l-adattament, it-traduzzjoni u l-konverżjoni rapida tal-kontenut f'bosta lingwi u formati fl-Ewropa kollha. B'hekk jinħoloq prodott diġitali deċiżament innovattiv li jiddistingwi ruħu intenzjonalment mill-midja tradizzjonali.

Il-proġett huwa mmirat lejn Ewropej ta' bejn it-18 u l-34 sena, u allura f'perjodu tal-ħajja meta ħafna żgħażagħ ikunu qegħdin jiżviluppaw il-fehmiet politiċi tagħhom u jkunu qed jistabbilixxu s-sisien tal-ħajja professjonali u privata tagħhom. L-enfasi hija fuq kontenut informattiv, li jġiegħlek taħseb, jiddivertik u jemozzjonak. Il-kontenut kollu se jingħabar f'servizz speċifiku wieħed. Barra minn hekk huwa aċċessibbli fuq il-midja soċjali kollha kif ukoll fuq gateways oħrajn li permezz tagħhom ikun jista' jintlaħaq il-grupp fil-mira.

Il-kontenut jitratta suġġetti li huma ta' interess attwali għaż-żgħażagħ Ewropej fl-Unjoni u se jitpoġġa f'kuntest sabiex ikun konvinċenti u attraenti għall-grupp fil-mira. Il-perspettiva Ewropea tinħoloq billi jitqabblu l-esperjenzi reġjonali u l-fehmiet personali dwar kwistjonijiet ta' importanza pan-Ewropea. Iż-żgħażagħ Ewropej jikkondividu interess fi kwistjonijiet li jirrigwardaw ix-xogħol, l-edukazzjoni, l-ugwaljanza, l-imħabba, il-kultura u l-mużika. Madankollu jeżistu differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi u bejn iż-żoni urbani u rurali. L-għan hu li jiġu indirizzati suġġetti rilevanti ta' importanza pan-Ewropea u li fl-istess ħin jinħoloq forum għall-perspettivi lokali, li jippermetti lill-utenti żgħażagħ jidentifikaw ruħhom b'mod qawwi mal-kontenut.

Opinjonijiet kontroversjali jkunu qed jagħtu spinta lid-dibattitu. Fir-rigward ta' kwistjonijiet politiċi, approċċ personali jagħmilha aktar faċli li wieħed jifhem l-effetti tad-deċiżjonijiet istituzzjonali. F'dan il-kuntest, influwenzaturi magħrufa sew u personalitajiet lokali min-networks soċjali se jkunu qed jagħtu l-fehma tagħhom flimkien mal-atturi mill-isfera politika sabiex jitnaqqas id-distakk bejn il-kwistjonijiet Ewropej u r-realtà tal-utenti fil-ħajja ta' kuljum.

Dan il-proġett ambizzjuż pan-Ewropew u multilingwi jniedi dibattitu miftuħ, reali, profond u kostruttiv, kemm fuq l-internet kif ukoll offline, dwar il-ħajja reċenti u futura fl-Ewropa fost iż-żgħażagħ Ewropej, bl-użu ta' formati innovattivi fuq il-pjattaformi diġitali, u bl-iskop aħħari li jinħoloq għarfien akbar tal-viżjonijiet u r-realtajiet Ewropej u jissaħħaħ l-impenn tal-Ewropej favur il-valuri u l-ideat tal-Ewropa, sabiex sussegwentement jikkontribwixxu għal soċjetà ċivili aktar attiva.

Il-proġett jibni fuq sħubija b'saħħitha ta' midja indipendenti u innovattiva fl-Ewropa kollha, inkluż fis-settur tal-intraprizi ġodda u tal-kreattività. Il-proġett jibbenefika wkoll minn investiment sostanzjali fir-riċerka u l-innovazzjoni, pereżempju fit-traduzzjoni awtomatika fis-settur tal-midja.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 2021

PP 07 21 01 Proġett pilota — Il-bini ta' kapaċità investigattiva biex jiġi miġġieled aħjar id-doping fl-isport fl-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

Il-ġlieda kontra d-doping fl-isport hija essenzjali għas-salvagwardja tal-integrità tal-isport u l-valuri tiegħu ta' fair play, rispett u solidarjetà. Tippromwovi wkoll stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u benesseri għaċ-ċittadini kollha. Iżda l-ġlieda kontra d-doping hija sfida dejjem akbar. Illum, biex jinkixef min iqarraq, is-sistema kontra d-doping tiddependi fuq għodod aktar sofistikati milli sempliċement twettaq testijiet tad-demm u tal-urina. Illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira tal-ksur tar-regoli tad-doping jista' jiġi identifikat permezz ta' investigazzjonijiet. Is-sistema ta' kontra d-doping hija għalhekk ikkonfrontata bil-ħtieġa li jkollha l-kapaċità li twettaq investigazzjonijiet, li tikkollabora mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u li tipproteġi lill-informaturi.

Madankollu, ir-realtà hija li għadd insuffiċjenti ta' organizzazzjonijiet kontra d-doping (ADOs), li joperaw fi ftit wisq pajjiżi, jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet u dan jikkomprometti l-ħolqien tal-aktar sistema b'saħħitha possibbli kontra d-doping madwar id-dinja. Is-sitwazzjoni hija kritika u jistħoqqilha l-implimentazzjoni ta' strateġija speċifika li tinkludi kollaborazzjoni mill-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-pajjiżi Ewropej kollha.

B'kont meħud li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tal-gvern għandhom setgħat investigattivi biex jattakkaw is-sors u l-provvista ta' sustanzi illegali, li f'ħafna każijiet jikxfu evidenza ta' ksur tar-regoli kontra d-doping, il-qofol tal-proġett pilota huwa li jiġu żviluppati protokolli għall-ADOs Ewropej biex jiġi żgurat il-ġbir ta' evidenza u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejniethom u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, dan l-approċċ jirrikjedi implimentazzjoni wiesgħa tal-proġett. M'għandux ikun limitat għal ftit Stati Membri, iżda pjuttost għandu jkollu l-għan li jkopri l-pajjiżi Ewropej kollha, inklużi pajjiżi terzi, biex jippermetti armonizzazzjoni suffiċjenti tal-istandards investigattivi fir-reġjun u biex jevita li jdgħajjef l-effiċjenza tiegħu billi jħalli lil wisq partijiet ikkonċernati barra mis-sistema armonizzata.

B'riżultat ta' dan, dan il-proġett pilota se jmur ferm lil hinn mill-isport u se jirrikjedi kooperazzjoni transsettorjali u investimenti sinifikanti, li huwa stmat li jilħqu EUR 1,5 miljun.

Meta jitqies dak li ssemma' hawn fuq, dan il-proġett ma jistax jiġi ffinanzjat mill-programmi eżistenti, bħall-programm Erasmus+.

L-għanijiet tal-proġett pilota huma dawn:

— li jiżviluppa sett ta' miżuri u attivitajiet komplementari li jindirizzaw il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq u li jkunu ta' benefiċċju konkret għal għadd massimu ta' ADOs Ewropej u aktar globalment għas-sistema ta' kontra d-doping;

— li l-ADOs ikunu jistgħu jissieħbu mal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) biex iwettqu investigazzjonijiet, jipproteġu lill-informaturi u jikkooperaw dwar investigazzjonijiet konġunti ma' aġenziji tal-infurzar tal-liġi u n-network globali ta' investigaturi;

— li tinbena l-kapaċità tas-sistema Ewropea kontra d-doping, titnaqqas il-prevalenza tad-doping fl-isport u jiġu massimizzati l-benefiċċji għas-saħħa ġġenerati mill-prattika ta' sport nadif miż-żgħażagħ Ewropej.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 01 *(ikompli)*

Il-programm ikun mibni fuq l-erba' pilastri li ġejjin:

1. l-assistenza għall-iżvilupp ta' qafas leġiżlattiv robust li jippermetti l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-ADOs, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-WADA u għall-protezzjoni tal-informaturi;

2. l-assistenza għall-iżvilupp tal-aħjar mekkaniżmu (fora, konferenzi jew pjattaformi online) għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar leġiżlazzjonijiet u l-aħjar prattiki, dwar investigazzjonijiet u dwar il-protezzjoni tal-informaturi;

3. l-assistenza għall-bini tal-kapaċità tal-ADOs fl-investigazzjonijiet permezz tal-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ lill-impjegati jew permezz tar-reklutaġġ ta' esperti; u,

4. l-assistenza għall-ADOs biex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għan-networks globali ta' investigaturi.

Il-proġett se jikkontribwixxi b'bosta modi għall-objettivi tal-Unjoni, inkluż billi:

— tiġi protetta s-saħħa pubblika — id-doping mhuwiex biss problema li taffettwa l-atleti u l-isport tal-ogħla livell, iżda wkoll theddida għas-soċjetà b'mod ġenerali, speċjalment għaż-żgħażagħ. Ir-riċerka tista' turi evidenza ta' żieda fl-użu ta' sterojdi u sustanzi oħra pprojbiti minn atleti dilettanti u żgħażagħ biex ikollhom dehra aħjar u jagħtu prestazzjoni aħjar.

— jiġu pprovduti għodod ġodda biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata – il-bejgħ ta' sustanzi tad-doping hija "attività b'riskju baxx iżda bi profitt kbir". Ir-riċerka turi l-involviment tal-kriminalità organizzata fil-manifattura u t-traffikar ta' sustanzi tad-doping fl-isport flimkien ma' sustanzi illeċiti oħra. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-ADOs u l-ADOs tal-infurzar tal-liġi se tgħin biex tiġi ottimizzata l-ġlieda kontra l-manifattura u t-traffikar fis-sustanzi tad-doping.

— tittejjeb il-governanza tal-isport fl-Ewropa u barra l-Ewropa - dan il-proġett se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-governanza tal-organizzazzjonijiet tal-isport u biex jiġu kondiviżi l-valuri tal-Unjoni ma' sħab oħra permezz tal-involviment ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Barra minn hekk, dan il-proġett se jgħin biex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tal-ġlieda kontra d-doping. Iż-żieda fl-infiq fuq fergħat ewlenin tal-ekonomiji nazzjonali minħabba l-pandemija se twassal għal waqfien fl-iżvilupp ta' ħafna ADOs. Il-proġett se jippermetti kisba parzjali mill-ġdid tal-kapaċità tagħhom. Huwa se jgħin lill-ADOs iżidu l-attivitajiet tagħhom, inkluż dawk ekonomiċi u se jikkumpensa għal parti mit-tnaqqis potenzjali mill-kontribut tal-gvern sabiex l-ADOs jimxu 'l quddiem.

PP 07 21 02 Proġett pilota — Osservatorju Ewropew tan-Narrattivi biex tiġi miġġielda d-Diżinformazzjoni wara l-COVID-19

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	300 000				

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 02 *(ikompli)*

Kummenti

Il-pandemija attwali mhijiex biss sitwazzjoni ta' periklu bla preċedent għall-ħajja u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni. Hija wkoll sfida kbira għax-xibka ta' fiduċja fraġli li tgħaqqad liċ-ċittadini mal-Istati tagħhom u mal-Unjoni. L-osservatorju propost se jeżamina l-bidla fin-narrattivi dwar l-Ewropa u l-Istat nazzjon matul u wara l-pandemija tal-COVID-19, u se jifformula rakkomandazzjonijiet bażiċi għal komunikazzjoni effikaċi u għal protezzjoni kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni.

Id-disponibbiltà u l-kwalità tal-informazzjoni huma kruċjali għall-funzjonament effikaċi tas-soċjetà, speċjalment fi żmien ta' kriżi. Bħalissa fis-soċjetajiet qed tinfirex ħafna informazzjoni falza dwar il-COVID-19, speċjalment permezz tal-midja soċjali. Waħda mill-istrateġiji ewlenin fil-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz hija d-debunking, strateġija li tqabbel l-aħbarijiet foloz b'fatti u b'teoriji aċċettati. Sfortunatament, l-istrateġiji ta' debunking eżistenti wrew li huma ineffikaċi ħafna, speċjalment peress li ma jaħdmux ma' individwi li jemmnu b'konvinzjoni l-informazzjoni falza.

Ir-riċerka turi li Twitter, YouTube, Facebook u midja soċjali influwenti oħra jagħtu spinta kruċjali lin-network internazzjonali tad-diżinformazzjoni (Smith u Graham, 2019). Billi jkebbsu l-biża' u l-kaos, ixerrdu aħbarijiet foloz u jinterpretaw id- *data* b'mod ħażin, dawn l-aġenti qed juru li huma aktar b'saħħithom minn qatt qabel (Fernández-Luque u Bau, 2015). Madankollu, il-midja soċjali ma tipprovdix biss sett ġdid ta' għodod għat-tixrid tad-diżinformazzjoni iżda toffri wkoll arma kbira kontrihom.

Ir-riċerka reċenti turi r-rwol importanti tan-narrattivi biex jiġu stabbiliti fatti u tingħata informazzjoni f'pakkett li jista' jiġi trażmess faċilment fis-soċjetà kollha u kif l-istudju tan-narrattivi jista' jkun iċ-ċavetta għal fehim aħjar tal-mod kif l-ideat jinfirxu fil-midja soċjali u għaliex ċerti ideat jieħdu kontroll fuq oħrajn. L-użu ta' din il-metodoloġija biex wieħed jifhem il-fluss ta' informazzjoni matul it-tifqigħa tal-COVID-19 jista' jkun essenzjali biex jinstab mod differenti kif is-soċjetà tiġi infurmata u biex id-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni jinżammu 'l bogħod.

Il-proġett pilota se joħloq Osservatorju Ewropew dwar id-Distribuzzjoni tan-Narrattivi li se jimmonitorja u janalizza kif jinħolqu u jinxterdu narrattivi ġodda fid-diskors pubbliku Ewropew, jiddeċifra l-valuri emozzjonali li jiggwidaw narrattivi ta' suċċess, jimmappja s-sorsi u l-atturi ewlenin attivi fit-tixrid ta' dawn in-narrattivi u jiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal komunikazzjoni u politika effikaċi.

Filwaqt li jibni fuq il-ħidma żviluppata biex isir l-istudju ffinanzjat mill-Kummissjoni dwar "Mekkaniżmi li Jiffurmaw il-Midja Soċjali u l-Impatt tagħhom fuq is-Soċjetà" , il-proġett żviluppat minn Re-Imagine Europa u miċ-Ċentru għar-Riċerka dwar ir-Riskju Sistemiku fl-Università ta' Varsavja, l-Osservatorju jidentifika n-narrattivi dominanti billi jgħaqqad l-Ipproċessar tal-Lingwa Naturali u l-metodi aktar tradizzjonali ta' narratoloġija kwalitattiva. Bl-użu ta' alogoritmi avvanzati u b'analiżi tal-aktar eżempji kwalitattivament rappreżentattivi, jistabbilixxi mudelli narrattivi dominanti u jwieġeb mistoqsijiet bħal: "Kif il-kriżi li għaddejja bħalissa qed tinfluwenza l-mudelli, metafori u narrattivi dominanti li qegħdin isawru l-perċezzjoni tagħna ta' identità u ta' komunità?", "Il-valuri Ewropej jinsabu f'riskju f'ekosistema tal-informazzjoni dejjem aktar polarizzata u użata bħal arma?", "L-atturi esterni kif qegħdin jimmanipolaw id-diskors pubbliku Ewropew biex jiżirgħu d-diskordja u jifirdu s-soċjetà?", "Liema huma l-valuri u n-narrattivi li jgħaqqduna u li jifirduna?" u "Is-sistemi tal-valuri differenti tagħna u l-esperjenzi tagħha kif qegħdin jsawru l-iżvilupp ta' identità Ewropea?"

Fi kliem Ludwig Wittgenstein: "id-dinja li nara hija definita u tingħata tifsira mill-kliem li nagħżlu. Fi ftit kliem, id-dinja hija dik li aħna nagħmlu minnha."

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 02 *(ikompli)*

L-Osservatorju jkun qed jikkoordina ma' proġetti u infrastrutturi Ewropej eżistenti inkluż l-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali (EDMO) u SoBigData++ biex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni tal-isforzi u li r-riżorsi jintużaw biex jappoġġaw il-ħidma investigattiva u tar-riċerka u biex jagħmlu użu mill-infrastrutturi u l-appoġġ tekniku disponibbli. Il-proġett ikun jappoġġa azzjoni fil-livell nazzjonali u multinazzjonali ffukata fuq l-identifikazzjoni u l-analiżi ta' kampanji ta' diżinformazzjoni marbuta mal-COVID-19. Ir-riżultati tal-proġett pilota jkunu disponibbli għal proġetti Ewropej u nazzjonali oħra u jiżguraw il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet għal komunikazzjoni effettiva.

PP 07 21 03 Proġett pilota — Inizjattiva Integrata għal Rispons Transfruntier għall-Kriżijiet (CB-CRII)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 600 000	400 000				

Kummenti

I. Il-kuntest

Il-kriżi tal-COVID-19 hija sfida kbira ħafna mhux biss għar-relazzjonijiet bejn l-istati, iżda anki għar-relazzjonijiet bejn it-territorji ġirien diviżi mill-fruntieri nazzjonali. Ħolqot pressjoni enormi fuq ir-reġjuni transfruntieri li jirrappreżentaw 40 % tat-territorju tal-Unjoni, kif ukoll fuq il-ħaddiema transfruntieri li jammontaw għal 2 miljun ruħ.

Fl-istess ħin, il-kriżi żvelat nuqqas ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-fruntieri kif ukoll interdipendenzi qawwija ta' żoni tal-fruntiera meqjusa bħala żoni funzjonali. Deċiżjoni meħuda fuq naħa waħda tal-fruntiera kellha impatt dirett fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera.

Fil-bidu tal-2020, il-kriżi l-ewwel ipprovokat għeluq mhux ikkoordinat tal-fruntieri, kif ukoll diversi azzjonijiet mhux kooperattivi kemm minn atturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati. Filwaqt li xi Stati Membri ddeċidew li jagħlqu l-fruntieri tagħhom kompletament, oħrajn naqqsu drastikament l-għadd ta' punti ta' qsim tal-fruntieri sabiex inaqqsu t-tixrid tal-COVID-19. Għalkemm il-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti huwa pedament tas-suq uniku, il-kriżi tal-COVID-19 xekklet l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ewlieni. Il-projbizzjonijiet jew il-kontrolli fil-fruntieri jpoġġu lill-ħaddiema transfruntieri, primarjament fis-settur tas-saħħa, iżda anki fil-qasam tal-kostruzzjoni, tal-agrikoltura, jew tat-trasport f'sitwazzjoni allarmanti. L-għeluq tal-fruntieri kellu impatt negattiv qawwi fuq iċ-ċittadini transfruntieri, l-ekonomija lokali, in-negozji, it-trasport ta' oġġetti essenzjali u s-servizzi pubbliċi transfruntieri (l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa). F'xi bliet, reġjuni jew anke fi Stati bħal-Lussemburgu, fejn is-sistema tas-saħħa hija dipendenti ħafna fuq il-ħaddiema transfruntieri, l-interruzzjoni tal-konnessjonijiet transfruntieri tat-trasport pubbliku ħolqot sitwazzjonijiet ikkumplikati. Is-sitwazzjoni kellha wkoll impatt fuq il-fiduċja bejn is-sħab bejn il-fruntieri li nbniet matul is-snin, u li hija essenzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 03 *(ikompli)*

Minkejja ħafna snin ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata (Interreg) u informali bejn ir-reġjuni tal-fruntiera, ir-relazzjonijiet eżistenti mhux dejjem ippermettew rispons effiċjenti u rapidu biex naffrontaw it-tifqigħa ta' kriżi bħal din. L-istrutturi transfruntieri eżistenti bħar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali rarament kienu involuti fl-elaborazzjoni jew fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza minkejja l-għarfien tagħhom dwar il-funzjonament tal-organizzazzjoni amministrattiva u politika fuq iż-żewġ naħat tal-fruntieri.

Madankollu, il-kriżi tal-COVID-19 ippermettiet ukoll l-iżvilupp ta' forom u inizjattivi ġodda ta' kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tas-settur tal-kura tas-saħħa. Diversi reġjuni ġirien tal-Grand Est (FR) urew solidarjetà billi laqgħu mijiet ta' pazjenti fl-unitajiet tal-kura intensiva tagħhom u koprew l-ispejjeż tat-trasferiment fl-isptarijiet. Fil-konurbazzjoni transfruntiera ta' Gorizia (IT)-Nova Gorica (SI), għalkemm reġgħu ddaħħlu l-kontrolli fil-fruntieri, is-sindki ta' dawn iż-żewġ bliet komplew jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni dwar din l-emerġenza komuni. Bis-saħħa tal-aġġornamenti ta' kuljum mis-Sindku ta' Gorizia, Nova Gorica kienet għalhekk kapaċi tantiċipa aħjar is-sitwazzjoni u tadotta miżuri aktar rapidi biex iżżomm l-għadd ta' persuni infettati f'Nova Gorica aktar baxx mill-bqija tas-Slovenja. L-isptar transfruntier ta' Cerdanya (ES-FR) ibbenefika pożittivament mill-appartenenza doppja tiegħu għal żewġ sistemi tal-kura tas-saħħa differenti, u dan ippermetta provvista tajba ta' maskri u mediċini u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' sptarijiet akbar fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera (Barċellona u Perpignan), fejn huma disponibbli unitajiet tal-kura intensiva. Madwar Ġinevra, inħolqot vinjetta ġdida għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa transfruntieri u korsiji tat-traffiku ddedikati sabiex jitħaffef il-qsim tal-fruntiera għal dawn il-ħaddiema essenzjali. Dawn il-forom ġodda ta' kooperazzjoni wrew il-kreattività u l-kapaċità li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera.

It-territorji transfruntieri huma laboratorji uniċi ta' koeżjoni territorjali u politiki Ewropej. L-esperjenza tar-reġjuni tal-fruntiera matul il-kriżi tal-COVID-19 li qed tiżviluppa wriet ħtieġa qawwija ta' soluzzjonijiet ġodda li jagħtu s-setgħa lit-territorji transfruntieri fil-ġestjoni ta' tali emerġenzi. Fl-istess ħin, din il-kriżi hija opportunità biex jiġi promoss mudell ġdid ta' "kożvilupp" għar-reġjuni transfruntieri integrati, billi jittejbu l-għodod eżistenti ta' governanza f'diversi livelli u billi jissaħħu u jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi transfruntieri ġodda.

II. L-objettivi

L-objettiv ġenerali ta' dan il-proġett pilota huwa li jtejjeb il-ħajja taċ-ċittadini fir-reġjuni tal-fruntiera billi jappoġġa żoni transfruntieri aktar integrati u funzjonali. Ir-reġjuni tal-fruntiera huma eżempju b'saħħtu ħafna u viżibbli tal-effetti immedjati tal-kriżi tal-COVID-19. L-istabbiliment mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri fixkel ekosistema sħiħa. Għalhekk, abbażi ta' analiżi bir-reqqa tal-esperjenza tar-reġjuni tal-fruntiera matul it-tifqigħa tal-COVID-19, dan il-proġett pilota għandu l-għan li jgħin lir-reġjuni tal-fruntiera jiffaċċjaw aħjar kriżijiet futuri u jippromwovu mudell ġdid ta' elaborazzjoni tal-politiki pubbliċi, inklużi s-servizzi pubbliċi, fir-reġjuni tal-fruntieri abbażi tal-kożvilupp u permezz ta' governanza f'diversi livelli mtejba. Il-proġett pilota għalhekk jgħaqqad approċċ fuq perjodu qasir u medju biex jipprovdi lill-operaturi u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet b'għodod u metodoloġija konkreti li jistgħu jiġu tradotti direttament f'realtà, tanġibbli għaċ-ċittadini, u applikabbli għall-fruntieri Ewropej kollha.

III. Ir-riżultati mistennija

1. Valutazzjoni fil-fond tal-ġestjoni tal-kriżi tal-COVID-19 fir-reġjuni tal-fruntieri Ewropej kollha.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 03 *(ikompli)*

Din il-valutazzjoni se tagħti stampa komprensiva tar-reazzjoni u n-nuqqas ta' reazzjoni għall-kriżi fir-reġjuni tal-fruntiera u l-konsegwenzi tagħhom. Dan jimplika l-ġbir ta' evidenza u eżempji konkreti dwar id-diffikultajiet li ffaċċjaw ir-reġjuni tal-fruntiera matul il-kriżi, dwar l-impatt fuq setturi differenti u dwar inizjattivi ta' kooperazzjoni li joħorġu mill-kriżi. Għandha tanalizza wkoll ir-rwol tal-istrutturi transfruntieri eżistenti fil-ġestjoni tal-kriżi. Din il-valutazzjoni se tagħti l-kapaċità lill-Unjoni tkejjel b'mod oġġettiv l-ispejjeż tan-nuqqas ta' kooperazzjoni. Permezz tal-ġbir ta' evidenza prattika u statistika (żoni urbani funzjonali transfruntieri, eċċ.), l-analiżi għandha tindika wkoll l-interdipendenza qawwija tat-territorji tal-fruntiera, u għandha tiżvela li miżura mhux koordinata fuq naħa waħda tal-fruntiera għandha impatt fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera. Fl-aħħar nett, għandha tindika n-natura doppja tal-fruntieri: konfini ta' Stati sovrani li jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom stess; u żoni lokali fejn jgħixu n-nies. Dan jirrikjedi l-istabbiliment ta' governanza soda f'diversi livelli tal-fruntiera, bl-involviment tal-atturi lokali.

2. Pjattaforma li tidentifika s-servizzi pubbliċi transfruntieri, l-ostakli u s-soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni transfruntiera.

Il-pjattaforma għandu jkollha aspett operattiv b'saħħtu billi tiġbor informazzjoni dwar is-servizzi pubbliċi f'setturi differenti fir-reġjuni tal-fruntiera (is-settur tas-saħħa, is-settur ġudizzjarju, l-ekonomija, eċċ.). Dan jgħin biex jiġu identifikati l-lakuni, il-ħtiġijiet u l-istrutturi eżistenti biex tiġi ffaċilitata integrazzjoni aħjar tar-reġjuni tal-fruntiera. Din il-pjattaforma għandha tibni fuq il-ħidma li diġà twettqet fuq is-servizzi pubbliċi transfruntieri, b'mod aktar speċifiku fuq is-servizzi pubbliċi transfruntieri li joperaw fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u l-ġestjoni tad-diżastri. Fuq l-eżempju tas-settur tas-saħħa, il-pjattaforma tista' tiġbor ukoll informazzjoni dwar il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi eżistenti fis-settur tas-saħħa, billi timmappja l-kuntatti ewlenin bejn il-fruntieri u tipprovdi *data* dwar l-isptarijiet. Barra minn hekk, din il-pjattaforma online se tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ostakli u s-soluzzjonijiet eżistenti għall-kooperazzjoni transfruntiera f'oqsma differenti. Għandha tibni fuq l-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħra bħall-proġett "b-solutions". Għandhom jiġu definiti l-kundizzjonijiet biex jiġi żgurat l-aġġornament tal-pjattaforma, abbażi ta' network Ewropew.

3. Pjan ta' azzjoni biex titħaffef u tiġi sistematizzata s-solidarjetà fir-reġjuni ġirien.

Permezz ta' dan il-mekkaniżmu, ir-reġjuni tal-fruntiera għandhom ikunu mgħammra aħjar biex jirreaġixxu malajr għal tipi differenti ta' kriżi (pandemija, ambjentali, sigurtà, diżastri naturali, migrazzjoni, attakki terroristiċi, eċċ.) li għandhom impatt fuq il-fruntieri u li jeħtieġu azzjoni koordinata mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

Abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19, u minn mekkaniżmi transfruntieri eżistenti, proġetti Interreg, li jittrattaw il-protezzjoni ċivili, għandu jiġi żviluppat mudell ta' protokoll f'każ ta' kriżi biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema transfruntieri u tal-oġġetti essenzjali, il-protezzjoni soċjali, il-komunikazzjoni armonizzata, eċċ. Dan il-protokoll ta' azzjonijiet li jinvolvu lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali għandu jiggwida, pass pass, l-azzjonijiet ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-protokoll għandu jintegra l-iżvilupp ta' għodod ġodda bħal "laissez-passer" għall-ħaddiema tal-fruntiera li jkunu rikonoxxuti b'mod reċiproku mir-reġjuni ġirien.

4. It-tisħiħ tal-potenzjal tar-reġjuni tal-fruntiera permezz tal-kożvilupp, l-ippjanar spazjali transfruntier u l-governanza f'diversi livelli.

It-tifqigħa tal-COVID-19 uriet li ħafna drabi l-interdipendenza transfruntiera soċjoekonomika ma tiġix indirizzata permezz ta' kooperazzjoni sistematika u koerenti bejn l-awtoritajiet pubbliċi bejn il-fruntieri. Għalhekk, il-ġestjoni tar-reġjuni transfruntieri tirrikjedi governanza f'diversi livelli, peress li dawn ir-reġjuni huma interkonnessi ħafna u jikkondividu interessi komuni. L-approċċ ta' kożvilupp għandu jiggwida l-elaborazzjoni ta' politiki pubbliċi kooperattivi inklużi l-ippjanar spazjali komuni u l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi f'setturi differenti (is-settur tas-saħħa, il-mobbiltà, l-edukazzjoni, eċċ.), inkluża sistema sostenibbli għall-finanzjament tal-investiment u l-ġestjoni transfruntieri. Dan għandu jinkludi kwistjonijiet bħall-istatus soċjali u fiskali tax-xogħol transfruntier (inkluż

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 03 *(ikompli)*

it-telexogħol, eċċ.), li kien essenzjali matul il-kriżi. Dan jimplika djalogu b'saħħtu u permanenti bejn dawk li jfasslu l-politika minn livelli differenti ta' governanza, bl-involviment ta' istituzzjonijiet transfruntieri. Illum il-ġurnata, hemm ħafna strutturi politiċi fir-reġjuni tal-fruntiera li jħeġġu d-djalogu politiku. Madankollu, it-tifqigħa tal-COVID-19 uriet li l-istrutturi eżistenti kellhom diffikultajiet biex jirreaġixxu malajr. Paradossalment, ir-reġjuni tal-fruntiera li kienu l-aktar integrati kellhom diffikultajiet biex jikkoordinaw rispons konġunt. Ir-reazzjoni naturali ta' dawn ir-reġjuni kienet li jagħlqu l-fruntieri filwaqt li rispons effiċjenti kien ikun il-koordinazzjoni. Abbażi tal-eżempju tal-"Kumitat għall-Kooperazzjoni Transfruntiera" Franko-Ġermaniż, maħluq mit-Trattat ta' Aachen, pjattaforma politika simili tista' tiġi replikata fil-fruntieri kollha tal-Unjoni u jista' jkollha tliet kompiti:

1. il-produzzjoni ta' evidenza ta' integrazzjoni u flussi transfruntieri, l-analiżi tar-rwol tal-investiment konġunt u tas-servizzi pubbliċi transfruntieri.

2. ħidma fuq ir-riżoluzzjoni ta' ostakli legali u amministrattivi għall-kooperazzjoni permezz ta' mekkaniżmi differenti (ftehimiet bilaterali, il-Mekkaniżmu Transfruntier Ewropew (ECBM), konvenzjonijiet, eċċ.) li jinvolvu wkoll lill-awtoritajiet lokali u nazzjonali.

3. żvilupp konġunt ta' strateġija komuni għal proġetti prijoritarji inklużi s-servizzi pubbliċi. Din il-pjattaforma politika għandha tirrifletti u taġixxi f'firxa wiesgħa ta' setturi li huma essenzjali għall-iżvilupp taż-żewġ naħat tal-fruntieri.

Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, tali pjattaformi politiċi għandhom ikunu responsabbli wkoll minn pjan koordinat għall-ġestjoni transfruntiera f'diversi livelli ta' kriżijiet li jkollhom impatt fuq reġjuni transfruntieri.

PP 07 21 04 Proġett Pilota — Studju dwar is-solitudni, b'enfasi fuq is-saħħa mentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	250 000				

Kummenti

Evidenza akkademika minn madwar id-dinja turi li s-solitudni u n-nuqqas ta' networks ta' appoġġ jew ħiliet komunikattivi għandhom konsegwenzi fuq is-saħħa (fiżika u mentali) u soċjali fuq livell individwali, kif ukoll impatt ekonomiku mil-lat ta' kemm persuna tkun kapaċi taħdem u mil-lat tal-interkonnettività tas-soċjetà. Is-solitudni għandha ħafna sintomi (eż. id-dipressjoni) li xi drabi jingħataw kura medika għalihom, iżda l-kawżi ewlenin tal-problema għadha ma nstabitx soluzzjoni għalihom. Waqt il-kriżi tal-COVID-19, l-effett tas-solitudni ħareġ fid-dieher fuq skala kbira u wera l-effetti negattivi tal-iżolament fuq il-koeżjoni soċjali u s-saħħa mentali. L-impatt tas-solitudni u tal-COVID-19 se jkollhom impatt kbir fuq id-demografija Ewropea, mhux biss f'termini ta' saħħa u relazzjonijiet soċjali, iżda anke fuq l-ekonomija f'termini ta' produttività.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 04 *(ikompli)*

F'dinja li qed timxi u tinbidel malajr, fejn il-kuntatt huwa sikwit aktar virtwali milli fiżiku — speċjalment waqt perjodi ta' konfinament, awtoiżolament jew kwarantina — u fejn il-popolazzjonijiet qed jixjieħu u jsiru aktar multikulturali filwaqt li d-domanda fuq il-ħiliet tal-ħaddiema qed issir aktar kumplessa, għadd dejjem akbar ta' nies qed iħossuhom mogħtija l-ġenb. L-individwalità tas-soċjetà tiddeġenera f'iżolament u fl-aħħar mill-aħħar tirriżulta f'solitudni. Fil-ftit pajjiżi fejn saru studji dwar is-solitudni qabel il-kriżi tal-COVID-19, madwar 80 % tal-popolazzjoni qalu li xi drabi jħossuhom waħedhom u 10-13 % konsistentement iħossuhom waħedhom b'mod permanenti. Mhux l-anzjani biss huma affettwati ħafna, iżda anke speċjalment ż-żgħażagħ, u n-numri huma għoljin ferm fost l-adolexxenti. F'dan il-mument, il-ftit studji eżistenti jużaw kriterji, etajiet u definizzjonijiet differenti. Fil-livell tal-Unjoni ttieħdu diversi inizjattivi fuq skala żgħira:

id-dokument ta' sintesi bit-tema "Is-solitudni – piż mhux maqsum indaqs fl-Ewropa", li jippreżenta evidenza u *data* dwar is-suġġett;

il-proġett "VulnerABLE", li kellu l-għan li jifhem aħjar kif l-aħjar tittejjeb is-saħħa tal-persuni li jgħixu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u iżolati, jiġu identifikati u rrakkomandati strateġiji politiċi bbażati fuq l-evidenza, u titqajjem kuxjenza dwar il-konklużjonijiet u jiġi appoġġjat il-bini tal-kapaċità fl-Istati Membri;

evalwazzjoni bejn il-pari li saret fil-Ġermanja f'Settembru 2019 bil-parteċipazzjoni ta' diversi Stati Membri u li ffukat fuq proġetti, miżuri u strateġiji biex jiġu indirizzati l-iżolament soċjali, is-solitudni u l-esklużjoni soċjali f'persuni akbar fl-età;

l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja, li jipprovdi informazzjoni dwar is-solitudni, fost l-oħrajn ir-rapport li jmiss bit-tema "L-għajxien, ix-xogħol u l-COVID-19".

Filwaqt li dawn l-attivitajiet jipprovdu perspettivi differenti u parzjali għas-solitudni, huwa evidenti li hemm bżonn studju komprensiv li juża *data* komparabbli biex jinkiseb għarfien aktar sħiħ sabiex jiġu offruti soluzzjonijiet effettivi u sostenibbli bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Għalhekk, l-istudju għandu jipprovdi valur miżjud ġdid filwaqt li jevita duplikazzjonijiet.

Is-solitudni u l-effett dejjiemi tagħha fuq kwistjonijiet ta' esklużjoni soċjali u saħħa mentali jseħħu f'kull grupp ta' età u sess. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, is-solitudni tolqot aktar lill-irġiel, iżda d- *data* hija skarsa. Milli jidher, id-distakk bejn il-Lvant u l-Punent u bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar huwa rifless anke fid-disparitajiet bejn il-ġeneri; il-biċċa l-kbira minn dawk fil-Lvant li jħossuhom waħedhom huma nisa, filwaqt li aktar irġiel jidher li jbatu mis-solitudni fl-Ewropa tal-Punent.

Xi Stati Membri taw bidu għal politika attiva biex jikkumbattu s-solitudni fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Tnedew ħafna inizjattivi: proġetti ta' karità/telefonati, żvilupp ta' akkomodazzjoni għal etajiet imħallta, laqgħat għall-anzjani fi djarhom. L-Irlanda, pereżempju, għandha pjan nazzjonali biex tiġi indirizzata s-solitudni fost iċ-ċittadini anzjani. Madankollu, hemm nuqqas ta' approċċ fil-livell Ewropew u d-differenzi bejn l-Istati Membri huma sinifikanti. Perspettiva Ewropea kif ukoll network u *data* fil-livell tal-Unjoni huma kruċjali biex nifhmu s-solitudni u l-impatt tagħha fuq l-esklużjoni soċjali u s-saħħa mentali tal-popolazzjoni u b'hekk inkunu nistgħu niġġieldu u nsibu soluzzjonijiet tanġibbli flimkien mal-livell reġjonali u lokali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 04 *(ikompli)*

Il-proġett pilota

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jistudja u jqabbel il-politiki nazzjonali u reġjonali attwali dwar is-solitudni, jiġbor *data* komprensiva u komparabbli fl-Unjoni kollha, janalizza l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u jipprovdi b'mod koerenti l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mas-solitudni.

Il-proġett pilota huwa maqsum f'erba' fażijiet:

(1) L-ewwel fażi se tkun qed tevalwa l-istudji u l-inizjattivi pubbliċi u privati dwar is-solitudni fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali. Dawn l-inizjattivi jiġu analizzati biex jinstab kemm u f'liema oqsma speċifiċi jkunu adatti sabiex jgħinu biex itaffu jew jimpedixxu s-solitudni. Parti integrali minn din l-ewwel fażi tkun li jsir studju komprensiv fl-UE kollha dwar l-impatt tas-solitudni abbażi ta' *data* eżistenti u ġdida – inkluż l-impatt (fit-tul) tal-COVID-19 – diżaggregata skont id-differenzi bejn il-ġeneri u li tirrifletti d-disparitajiet reġjonali.

(2) It-tieni fażi tiġbor l-inizjattivi kollha fi pjattaforma aċċessibbli u utilizzabbli faċilment biex jingħata appoġġ dirett lill-partijiet ikkonċernati u lill-persuni affettwati u tingħata informazzjoni dwar pjanijiet direzzjonali biex tittaffa s-solitudni.

(3) It-tielet fażi tlaqqa' (virtwalment) lill-atturi u l-partijiet ikkonċernati li jittrattaw is-suġġett tas-solitudni ("pazjenti", organizzazzjonijiet, unions, organizzazzjonijiet tal-karità u volontarji, dawk li jfasslu l-politika, innovaturi soċjali). Summit se jipprovdi l-opportunità biex jiġu diskussi l-aspetti u l-kawżi bażiċi u s-sintomi tas-solitudni u l-impatt tagħha fuq l-esklużjoni soċjali u s-saħħa mentali, fażijiet u profili differenti tas-solitudni (etajiet, ġeneri, sfond kulturali, post, eċċ.) biex jiġi definit fejn u meta tibda s-solitudni kif ukoll biex jiġi diskuss ir-rwol tal-midja soċjali u d-diġitalizzazzjoni (l-impatt tad-diskors ta' mibegħda online fuq is-saħħa mentali, eċċ).

(4) Ir-raba' fażi tkun waħda ta' segwitu fil-livell tal-Unjoni u tinkludi l-preżentazzjoni tal-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati mas-solitudni, abbażi tal-eżitu tal-fażijiet preċedenti. Tiġi ppreżentata deskrizzjoni ċara tal-gruppi fokus u tal-aktar miżuri effikaċi, l-objettivi fl-immedjat u fit-tul, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati.

PP 07 21 05 Proġett pilota — Nifhmu l-valur ta' soċjetà Ewropea tal-gaming

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
450 000	112 500				

Kummenti

Hija ħaġa ta' tħassib fuq firxa wiesgħa li l-avvanzi teknoloġiċi (speċjalment fl-era tal-intelliġenza artifiċjali) jistgħu joħolqu l-qgħad. Madankollu, għalkemm jistgħu jintilfu ħafna impjiegi, oħrajn ġodda se jinħolqu. Il-gaming qed jittrasforma l-kultura tagħna u qed jiddefinixxi mill-ġdid il-modi li bihom iż-żgħażagħ jikkunsmaw id-divertiment. Il-gaming qed isir rapidament il-mezz ta' komunikazzjoni l-aktar importanti u influwenti ta' żminijietna.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 05 *(ikompli)*

Illum hemm 'il fuq minn 2,5 biljun gamer mad-dinja kollha li fl-2019 nefqu USD 152,1 biljun fuq il-logħob. Dawn iċ-ċifri qed jikbru sena wara sena b'rati qrib aktar minn 10 %. Fl-Ewropa, 54 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni jilagħbu l-logħob tal-kompjuter, li huwa ugwali għal madwar 250 miljun plejer fl-Unjoni u medja ta' ħin ta' logħob tagħhom huwa ta' 8,7 sigħat.

Il-logħbiet mhumiex biss potenzjal enormi ekonomiku u kulturali, iżda l-mezz ta' komunikazzjoni soċjali ġdid fejn persuni jinġabru flimkien għal kwalunkwe raġuni. B'ħekk jitgħallmu, jiksbu konnessjoni ma' oħrajn, jesprimu ruħhom, jaqsmu bejniethom l-għarfien u l-esperjenzi, u anke jiġu introdotti għal xogħol u attivitajiet ekonomiċi ġodda.

L-attivitajiet tal-isport qed jinfirxu b'mod tremend u qed jibdew jikkompetu ma' avvenimenti sportivi tradizzjonali. Fl-2019, aktar minn 100 miljun ruħ segwew il-Kampjonat Dinji "League of Legends", u b'ħekk ikkonsolidaw mhux biss postu bħala l-isport elettroniku l-aktar popolari iżda bħala waħda mill-avvenimenti kulturali l-aktar popolari fid-dinja.

Eżempju ieħor tal-qawwa tal-gaming huwa Roblox, dinja interattiva magħmula mill-blokok li tippermetti lill-programmers żgħażagħ jaqilgħu l-għajxien billi joħolqu u jaqsmu bejniethom il-logħob f'komunità ta' 'l fuq minn 120 miljun plejer. Din ħabbret is-seba' ċerimonja annwali tal-Bloxy Awards li tiġi organizzata fid-dinja tal-logħob ta' Roblox; hija attirat aktar minn 4 miljun plejer fl-istess ħin waqt il-mument bl-ogħla numru ta' plejers, u ġġenerat USD 100 000 għal organizzazzjonijiet mingħajr profitt.

Mill-osservazzjoni sempliċi tal-fatti u ħarsa lejn l-impatt kbir li l-logħob tal-kompjuter diġà qed ikollu fuq il-ġenerazzjonijiet attwali, jidher li huwa pjuttost urġenti għall-gvernijiet tagħna u għal dawk li jfasslu l-politika li jifhmuh aħjar, u li jitgħallmu kif l-Ewropa tista' tiżvolġi rwol aktar intelliġenti u attiv mhux biss bl-użu tiegħu iżda wkoll bil-ħolqien tiegħu.

Miżuri u eżiti

Dan il-proġett pilota se joħloq network interdixxiplinari Ewropew ta' esperti, ħassieba u mexxejja li huma lesti jaqsmu l-viżjoni tagħhom dwar il-valur u l-potenzjal tal-gaming fil-ġejjieni tas-soċjetà, il-kultura tagħna u l-ekonomija tagħna.

In-network se jorganizza serje ta' laqgħat ta' skambju mal-partijiet ikkonċernati tas-setturi ewlenin u l-gruppi ta' influwenza f'oqsma bħall-politika, il-finanza, il-liġi, l-edukazzjoni, il-kultura, ix-xjenza u s-saħħa, bl-intenzjoni li tissawwar aġenda Ewropea għall-logħob.

Sabiex tiġi ppreservata l-indipendenza sħiħa tad-diskussjonijiet u l-konklużjonijiet kollha, huwa importanti li n-network mill-bidu jibqa' barra mill-influwenza ta' entitajiet u lobbies xprunati mill-interessi ta' kummerċ u l-ekonomija. Dan ifisser li l-membri se jipparteċipaw fil-livell personali u ma jirrappreżentawx kumpanija jew organizzazzjoni partikolari

L-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' dawn il-laqgħat kollha se jwasslu għal rapporti li jistgħu jiġu kondiviżi u li se jindikaw oqsma strateġiċi ta' kollaborazzjoni bejn l-industrija tal-logħob u s-settur pubbliku, partikolarment fil-livell Ewropew, sabiex jippromwovu l-fehim tal-opportunitajiet u l-isfidi quddiemna għas-settur Ewropew tal-logħob tal-komputer.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 06 Proġett Pilota — Reattività akbar tal-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-QFP li jmiss permezz ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tal-ġeneru

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
60 000	15 000				

Kummenti

Sabiex jinkisbu l-valuri ewlenin tal-Unjoni dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll biex tiġi implimentata l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (GES) ippubblikata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 2020, huwa essenzjali li titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-baġit dwar il-ġeneri biex jitkejjel l-impatt tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) tal-Unjoni l-ġdid. Għalkemm l-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru u r-rieda tal-Kummissjoni li "tħares lejn l-impatt fuq is-sessi tal-attivitajiet tagħha u dwar kif għandha titkejjel in-nefqa relatata mal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell tal-programm fil-QFP 2021–2027", hija ma tinkludix miżuri baġitarji konkreti biex titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-baġit fir-rigward tal-ġeneri. Valutazzjoni bħal din hija meħtieġa biex jiġi vvalutat l-impatt tal-proposti baġitarji fuq l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniet u tan-nisa.

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni identifikaw l-ibbaġitjar skont il-ġeneru bħala bżonn biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, saru disponibbli strumenti dwar il-mod kif l-Unjoni tista' twettaq ibbaġitjar skont il-ġeneru (eż. gwida għall-ibbaġitjar skont il-ġeneru prodotta fl-2016 mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi). Madankollu, l-Unjoni ma wettqitx eżerċizzju attwali tal-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru tal-qafas attwali tagħha jew ta' dak li jmiss. Valutazzjoni komprensiva tal-impatt tirrappreżenta pass kritiku għall-implimentazzjoni ta' approċċ ta' bbaġitjar skont il-ġeneru u għandha ssir fil-bidu nett tal-QFP il-ġdid.

Fid-dawl tal-kriżi tas-saħħa pubblika tal-COVID, huwa kruċjali li l-Kummissjoni tivvaluta kif in-nisa u l-bniet kienu u se jkomplu jiġu affettwati mill-kriżi, u tiżgura li l-proposta l-QFP il-ġdid jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-saħħa, iżda wkoll għall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ekonomiċi.

Għalhekk, dan il-proġett pilota jipproponi li jittieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

— identifikazzjoni ta' *data* diżaggregata skont il-ġeneru u l-età, meħtieġa biex jitkejjel l-impatt tal-politiki u l-programmi tal-Unjoni fuq in-nisa u l-bniet;

— ġbir ta' tali *data* diżaggregata meta jeżistu lakuni fl-għarfien;

— twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt baġitarju reali dwar il-ġeneri;

— abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt tal-baġit fir-rigward tal-ġeneri, identifikazzjoni ta' programmi li jistgħu jkunu trasformattivi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew għall-kuntrarju jistgħu indirettament isaħħu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri;

— adattament tal-programmi l-ġodda tal-QFP biex jiġi żgurat li dawn ikunu trasformattivi fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

— stabbiliment ta' raġunijiet inizjali għal evalwazzjoni ex post tal-impatt tal-programmi tal-QFP fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-2027.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 07 Proġett pilota — Introjtu Universali Bażiku (BIG) — kards ta' ħlas elettroniku għall-persuni marġinalizzati Strument finanzjarju u politiku innovattiv li jippermetti l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar estrem li jaċċedu b'mod aktar effikaċi għall-benefiċċji soċjali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	500 000				

Kummenti

Sitwazzjoni inizjali:

Skont l-istħarriġ dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni tal-2016 tal-FRA, 80 % tar-Rom huma f'riskju ta' faqar (86 % fil-Bulgarija, 58 % fiċ-Ċekja, 70 % fir-Rumanija, 87 % fis-Slovakkja). Din ir-rata hija ogħla mir-rata totali ta' faqar tal-Unjoni ta' 24 % (40 % fil-Bulgarija, 13 % fiċ-Ċekja, 39 % fir-Rumanija, 18 % fis-Slovakkja). Ir-rata ta' faqar hija partikolarment għolja fost il-persuni Rom li jgħixu f'komunitajiet marġinalizzati, b'mod partikolari fis-Slovakkja, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fl-Ungerija u fiċ-Ċekja. Barra minn hekk, ir-Rom huma fost dawk l-aktar affettwati mill-faqar fit-tul u mir-riproduzzjoni interġenerazzjonali tal-faqar.

Ċifri mill-istudju konġunt tal-2011 mill-Bank Dinji, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Kummissjoni wrew li terz mit-tfal Rom jidħlu jorqdu bil-ġuħ tal-anqas darba f'xahar peress li ma jkunx hemm biżżejjed ikel. Esperjenzi ta' depravazzjoni fis-snin bikrija tat-tfulija jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-opportunitajiet u l-perkorsi ta' ħajja aktar tard tal-persuni

Il-faqar ma jikkonsistix biss f'nuqqas ta' introjtu jew assi materjali, iżda jimplika wkoll żvantaġġi f'ħafna modi oħra. Il-faqar materjali huwa ta' spiss marbut ma' żvantaġġi (jew l-esklużjoni) fl-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kura soċjali u tas-saħħa, u l-akkomodazzjoni, kif ukoll, bl-istess importanza, ir-relazzjonijiet soċjali u n-networks. Barra minn hekk, hemm interdipendenza qawwija tal-faqar mas-segregazzjoni spażjali, li tirrestrinġi aktar l-aċċess għal tali assi materjal u soċjali u tali ħiliet. Din tirrestrinġi l-opportunitajiet għal għajxien sikur u b'hekk twassal għall-faqar assolut u l-esklużjoni soċjali.

Perċezzjonijiet li jimplikaw li individwu huwa responsabbli għall-istat ta' faqar tiegħu u li l-faqar tar-Rom huwa kwistjoni ta' etniċità jew ta' minoranza etnika jonqsu milli jirrikonoxxu li l-faqar huwa fenomenu multidimensjonali kumpless li jirriżulta minn għadd kbir ta' fatturi. Ħafna minn dawn il-fatturi jinsabu lil hinn mill-kontroll ta' persuna, u huma fil-fatt marbuta ma' trasformazzjonijiet usa' fil-politika soċjali u s-sistemi ta' governanza. Huwa madankollu ċar li l-persuni li huma esklużi mis-suq tax-xogħol huma l-aktar mhedda mill-faqar.

Il-politiċi tal-protezzjoni soċjali stabbiliti fil-qafas ta' sistemi politiċi ġodda fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, li fil-biċċa l-kbira jibbażaw ruħhom fuq il-valutazzjoni ta' sorsi ta' dħul, s'issa ma rnexxielhomx joħorġu n-nies foqra fit-tul, inkluż ir-Rom, mill-faqar. L-appoġġ mill-Istat jassumi l-forma ta' benefiċċji soċjali, li jservu biex ikopru l-bżonnijiet bażiċi tal-ħajja, il-kura tat-tfal, u l-akkomodazzjoni jew biex isostnu l-attivazzjoni tax-xogħol. Madankollu, hemm limitazzjonijiet sinifikanti tad-disinn tas-sistema, kemm fir-rigward taż-żamma tad-dinjità kif ukoll fir-rigward tal-għoti tal-aċċess għal firxa usa' ta' assi u l-għoti ta' appoġġ u inċentivi imfassla apposta għal persuni biex dawn joħorġu mill-kundizzjonijiet u l-istil ta' ħajja tal-faqar.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 07 *(ikompli)*

Dan inaqqas l-effikaċja tal-għajnuna u maż-żmien jirriżulta f'dawn is-sintomi aktar viżibbli.

— Komunitajiet li huma soċjalment esklużi ta' spiss jissetiljaw f'siti battala, li jkunu l-proprjetà tal-Istat, muniċipalitajiet u aktar rarament art privata, li mhumiex xierqa għall-użu residenzjali jew huma wisq remoti min-network urban. Dan għandu implikazzjonijiet diretti kemm fuq il-kwalità tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni kif ukoll fuq l-aċċess għal opportunitajiet vijabbli ta' impjieg. Ħafna mir-Rom u persuni vulnerabbli jwettqu xogħol temporanju, prekarju u mhux uffiċjali.

— Barra mid-dħul mill-impjieg staġonali u ta' spiss attivitajiet ta' xogħol mhux irreġistrati, ħafna unitajiet domestiċi Rom jiddependu fuq benefiċċji soċjali bl-aċċertament tas-sorsi tad-dħul provduti lill-familji kbar u ċittadini mingħajr mezzi finanzjarji. Minħabba l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tal-għajxien ħżiena u n-nuqqas ta' litteriżmu finanzjarju, ir-Rom ta' spiss jonfqu d-dħul tagħhom mix-xogħol u mill-benefiċċji soċjali fl-ewwel ġranet tax-xahar u mbagħad ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu għall-bżonnijiet bażiċi tagħhom għall-bqija tax-xahar.

— L-għajxien f'kundizzjonijiet ta' faqar fit-tul għandu effetti psikoloġiċi sinifikanti u ġieli joħloq dipendenza li jżidu l-prekarjetà u l-inkapaċità li jittieħdu deċiżjonijiet effikaċi jew li jsiru pjanijiet għat-tul (jew saħansitra għax-xahar ta' wara).

— Ħafna unitajiet domestiċi Rom ma għandhomx aċċess għas-servizzi finanzjarji, għandhom livelli baxxi ta' tfaddil u għarfien limitat ta' finanzi effikaċi għal unità domestika. Konsegwentement, ir-Rom ta' spiss jiddejnu u jisfaw vittmi tal-użura, li ddaħħalhom f'ċirku vizzjuż ta' faqar dejjem akbar.

Sforzi biex tiġi promossa l-inklużjoni tar-Rom mingħajr ma tiġi żgurata sistema ta' distribuzzjoni ta' benefiċċji soċjali li hija "adatta għall-iskop", u mingħajr d-disponibbiltà ta' servizzi finanzjarji, se jinjoraw ostaklu maġġuri li jista' jiġi indirizzat relattivament b'mod effikaċi.

Bħalissa hemm bżonn akut ta' aġġustament ulterjuri u mudelli sperimentali pilota għar-ridistribuzzjoni tal-benefiċċji soċjali u ta' sostenn effikaċi, sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli b'mod multidimensjonali. Għandna nibdew b'approċċ li jieħu kont tal-persuna fit-totalità tagħha u li japplika fl-oqsma differenti tal-ħajja.

Il-proġett pilota jipprova jegħleb perċezzjonijiet tal-faqar bħala tranżitorji jew fenomenu individwalizzat biss, li jirriżulta min-nuqqasijiet ta' persuna jew ta' grupp. Huwa jibda billi jqis il-faqar u l-marġinalità bħala fenomeni tas-soċjetà li għandhom jiġu indirizzati b'mod sistematiku. U wkoll minn intenzjoni li tinżamm d-dinjità ta' dawk li jingħataw għajnuna. Dan jinkludi wkoll is-suppożizzjoni li l-foqra huma ta' spiss fl-aħjar pożizzjoni li jiddeċiedu kif jonfqu r-riżorsi tagħhom (din hija sostnuta minn riċerka ekonomika u *data* longitudinali[4]), iżda anki li għandhom jiġu sostnuti u jingħataw aktar responsabbiltà b'numru ta' modi addizzjonali.

Barra minn hekk, il-kriżi attwali tal-coronavirus jirrappreżenta punt ta' bidla, hekk kif qed juri l-periklu ta' risposti li jesponu jew jipproduċu diviżjoni fis-soċjetà bejn dawk li huma protetti u dawk li mhumiex. Dan jistiednek thares lejn soluzzjonijiet universali ġodda b'kopertura usa' u aktar kumplessiva kemm fil-mitigazzjoni tal-konsegwenzi tal-kriżi kif ukoll fl-ippjanar għall-ekonomija li qed tinbidel u għal dinja ta' xogħol wara l-kriżi u aktar fit-tul.

Hemm bżonn ta' sperimentazzjoni permezz ta' strumenti finanzjarji u politiċi innovattivi li jwittu t-triq għall-provvediment ta' protezzjoni soċjali aktar effikaċi u investimenti li jappoġġjaw eżiti aqwa għall-persuni marġinalizzati. Il-proġett pilota għalhekk se jikkombina l-elementi u jimmira li:

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 07 *(ikompli)*

— Jappoġġja l-isperimentazzjoni tal-politika soċjali, permezz tal-għoti ta' benefiċċji soċjali flimkien ma' pakkett ta' inċentivi progressiv, permess tal-kard ta' ħlas elettroniku;

— Jappoġġja r-responsabbilizzazzjoni, permezz b'mod partikolari strateġiji ta' intraprenditorija kif ukoll ir-radd lura tas-sens tad-dinjità u azzjoni, ħalli jitwaqqaf l-iżolament soċjali minħabba l-faqar fit-tul;

L-użu tal-inklużjoni finanazjarja sabiex ir-Rom ikollhom aċċess għas-servizzi bażiċi u vitali huwa importanti bħala komponent tal-inklużjoni tar-Rom daqs l-impjieg, l-akkomodazzjoni, is-saħħa jew l-edukazzjoni. L-unitajiet domestiċi li jistgħu jaċċedu u jifhmu servizzi finanzjarji bażiċi u jiġġestixxu kont tat-tfaddil huma aktar probabbli li jużaw il-benefiċċji soċjali b'mod aktar produttiv.

Dawk li jfasslu l-politika f'kooperazzjoni mal-ġestjoni ta' proġett jistgħu jorbtu l-inklużjoni finanzjarja u s-sostenn għall-iżvilupp personali u intraprenditorjali mar-riżultati f'termini ta' żvilupp uman.

Il-proġett pilota:

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fid-definizzjoni u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż il-mod li bih huma mqassma l-benefiċċji, jittestja mekkaniżmu alternattiv ta' għoti ta' benefiċċji soċjali, imħallsa kull ġimgħa permezz tal-kards E-pay, flimkien ma' responsabbilizzazzjoni kontinwa permezz tal-intraprenditorjalità u x-xogħol ta' kowċjar dwar l-awtożvilupp u taħriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju.

L-iskema BIG hija prevista bħala taħlita ta' benefiċċji soċjali eżistenti, b'pakkett ta' inizjattivi moderat, li jista' jippermetti trasferimenti addizzjonali għall-individwi li jieħdu l-inizjattiva fil-ħajja personali u komunitarja u soċjali tagħhom. Se topera mal-miżuri, li se jgħinu jibnu l-kapaċità tal-individwi biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jservi bħala l-ewwel pass biex l-individwi u l-familji tagħhom jaġixxu b'mod progressiv biex joħorġu miċ-ċirklu tal-faqar.

Il-proġett pilota se jappoġġja direttament l-isperimentazzjoni tal-politika permezz tal-ittestjar ta' approċċ alternattiv għall-fehim u l-indirizzar tal-faqar:

— Sigurtà — l-għajxien b'sens ta' faqar u deprivazzjoni jqiegħed pressjoni psikoloġika u jirrestrinġi l-ftuħ mentali tal-persuni li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' deprivazzjoni, u b'hekk jimpedixxihom li jagħmlu pjanijiet fit-tul jew li jadottaw deċiżjonijiet aqwa fil-preżent. Dan jappella għal sperimentazzjoni billi jitnaqqsu t-trasferimenti kundizzjonali sabiex jingħata sens ta' sigurtà kif ukoll trasferimenti addizzjonali biex tiġi stimulata l-inizjattiva personali u jiġu appoġġjati persuni fl-azzjoni deċiżiva tagħhom.

— Firxa ta' assi estiża — l-issottolinjar tal-faqar bħala aktar minn kwistjoni ta' distribuzzjoni (fqar f'termini ta' flus), il-kunsiderazzjoni tar-relazzjoni għal iżolazzjoni soċjali u l-aċċess għal gamma ta' "assi" (materjali, ħiliet, soċjali, ċittadinanza) sabiex l-unitajiet domestiċi jkunu jistgħu jsegwu strateġiji tal-għajxien ġodda u aktar vijabbli.

— "Human venturing" — l-investiment fil-persuni bħala approċċ alternattiv għad-distribuzzjoni ta' servizzi soċjali, li jista' jservi bħala "kapital ta' riskju għall-persuni; u jirrappreżenta mod ġdid għall-investiment fl-kapaċitajiet umani (hekk kif nagħmlu għall-kumpaniji) u jmur lil hinn minn ambjenti soċjokulturali.

Fir-rigward tal-ewwel, l-isperimentazzjoni tal-politika hija sottolinjata minn riċerka f'diversi pajjiżi li turi li l-foqra li jirċievu benefiċċji soċjali inkondizzjonalment ma jeħlux il-flus fuq xewqat iżda bi bżonnijiet.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 07 *(ikompli)*

Fir-rigward tat-tieni, din se tgħin lill-benefiċjarji, b'mod partikolari l-vulnerabbli u l-komunitajiet soċjalment esklużi, biex isostnu strateġiji ta' għajxien differenti sabiex joħorġu miċ-ċirku vizzjuż tal-faqar u d-dejn. Se toħloq ukoll kundizzjonijiet għall-iżvilupp ekonomiku u għat-titjib tal-istandards tal-għajxien ta' dawk l-iktar foqra.

Strumenti finanzjarji innovattivi se jintużaw biex jiġi appoġġjat il-finanzjament ta' forniment usa' ta' servizzi, permezz tat-taħlita ta' riżorsi pubbliċi u privati (b'mod partikolari filantropiċi) għal eżiti aqwa.

Dan il-proġett pilota hija parti mill-isforzi tal-Unjoni biex:

tappoġġja l-innovazzjoni soċjali u approċċi ġodda u olistiċi għall-għoti ta' servizzi soċjali, l-emanċipazzjoni tal-gruppi żvantaġġati u s-sejbien ta' soluzzjonijiet trasformattivi għal sfidi soċjali ewlenin, b'mod partikolari l-inklużjoni tar-Rom.

tistimola kollaborazzjonijiet transsettorjali u sħubijiet ta' impatt soċjali (involviment pubbliku-privat u ċiviku) bħala mezz ġdid għall-ħolqien tal-valur pubbliku.

tittestja l-użu ta' strumenti finanzjarji ġodda u ta' appoġġ imħallat (strumenti finanzjarji, għotjiet u tisħiħ tal-kapaċitajiet) għal proġetti b'esternalitajiet soċjali għolja.

fuq perjodu ta' żmien itwal, tappoġġja l-iżvilupp tas-suq tal-investimenti soċjali u l-interventi bbażati fuq l-impatt soċjali permezz tal-ittestjar jew l-irfinar ta' mudelli li jista' jiġi estiż għall-Ewropa kollha taħt.

Attivitajiet:

Il-proġett pilota se jesplora kif approċċi innovattivi u orjentati lejn l-impatt jistgħu jtejbu l-effikaċja tal-politiki soċjali attwalment ibbażati fuq il-ħlas ta' benefiċċji soċjali bl-aċċertament tas-sorsi tad-dħul billi ngħaddu għal sistema bbażata fuq l-attivazzjoni intelliġenti. Dan l-approċċ jista' wkoll inaqqas l-ispejjeż amministrattivi assoċjati mas-sistema attwali ta' għoti tal-benefiċċji soċjali lill-komunitajiet marġinalizzati tar-Rom; u jżid l-effikaċja fl-infiq pubbliku fuq perjodu ta' żmien twil.

Dan il-proġett pilota se jittestja u jiżviluppa soluzzjonijiet innovattivi, b'approċċ multinazzjonali u pan-Ewropew, li jista' jerġa' jiġi replikat u adattat sabiex jagħti riżultati sostenibbli u mtejba u benesseri soċjali fl-Unjoni.

Il-proġett pilota se jkun jinkludi l-elementi li ġejjin:

Mekkaniżmu ta' għoti msaħħaħ tal-benefiċċji soċjali, li se jiġi implimentat mill-Istati Membri b'konċentrazzjoni kbira tar-Rom; 500 benefiċjarji għal kull Stat Membru.

Għal dak li jirrigwarda l-benefiċċji soċjali eżistenti:

— imħallsa lil kull individwu (kull ġimgħa): kull raġel u kull mara se jirċievu l-benefiċċji soċjali, imħallsa direttament lilhom u mhux lil "unità domestika". Il-ħlas individwali huwa prinċipju femminista vitali, li ġie abbużat b'mod sistematiku fis-sistemi tas-sigurtà soċjali dan l-aħħar seklu.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 07 *(ikompli)*

— mhux kundizzjonali. Il-benefiċjarji mhumiex obbligati li jonfqu l-flus b'mod speċifiku. Madankollu, il-kundizzjonijiet preeżistenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk marbuta mal-attendenza obbligatorja tal-iskola tat-tfal jeħtieġ li jiġu rispettati bħala prerekwiżit għal-inizjattivi addizzjonali.

— mhux revokabbli: Il-benefiċċji soċjali ma se jiġu revokati għal ebda raġuni matul il-perjodu tal-proġett. It-trasferimenti ta' inċentiv lil hinn minn dan l-ammont se jkunu marbuta ma' elementi u attivitajiet speċifiċi b'mod progressiv (eżempju, il-provediment progressiv ta' passi fit-triq lil hinn mil-faqar d-dipendenza).

— mogħtija permezz ta' kards ta' ħlas elettroniku marbut ma kont bankarju irħis jew bla ħlas.

Il-bini tal-kapaċità u l-abbiltà permezz tal-emanċipazzjoni u l-ikkowċjar dwar l-awtożvilupp taħriġ ta' impjieg u korsijiet dwar il-litteriżmu ekonomiku u finanzjarju. Barra mill-bżonn li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju tal-familji, il-proġett se jkollu l-għan ukoll li jippromwovi approċċ li jorbot l-inizjattivi finanzjarji mal-parteċipazzjoni ta' miżuri ta' inklużjoni attivi biex b'hekk ikun hemm impjieg u emanċipazzjoni.

Il-provediment ta' mikrofinanzjament għall-proġetti personali sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien (fakultattiv)

L-involviment tal-partijiet interessati kollha (nazzjonali, reġjonali u l-awtoritajiet lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-impjiegi, l-organizzazzjonijiet bla skop ta' lukru, eċċ.)

Waqt li jkun qed jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, dan il-proġett pilota se jkun ukoll allinjat mill-qrib mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għal Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti, is-Semestru Ewropew kif ukoll l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-UE għall-ugwaljanza u l-inklużjoni tar-Rom, u jimmira li jagħtihom input.

Jista' jsir fil-qafas ta' mekkaniżmi ta' subappalt b'implikazzjoni soċjali.

Wara li jiġi ttestjat f'diversi siti b'komunitajiet sinifikanti tar-Rom, il-mudell jista' jispira riformi tas-sistemi soċjali fil-Bulgarija, iċ-Ċekja, ir-Rumanija, l-Ungerija, is-Slovakkja u pajjiżi oħra.

PP 07 21 08 Proġett pilota— Ir-rappreżentanza tal-midja u l-inklużjoni għar-rifuġjati u l-migranti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
500 000	125 000				

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 08 *(ikompli)*

Kummenti

Il-preżenza, ir-rappreżentanza u l-viżibbiltà fil-midja ta' gruppi vulnerabbli bħall-migranti u r-rifuġjati jibqgħu marġinali ħafna fil-midja ewlenija madwar l-Ewropa. Il-movimenti tal-migrazzjoni u r-rifuġjati huma kwistjonijiet dinjin, li l-impatt tagħhom jaffettwa l-Ewropa fil-livell lokali, nazzjonali u dak tal-Unjoni. Qabel il-ġestjoni tal-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015, il-migranti u r-rifuġjati kienu fil-parti l-kbira assenti mill-midja ewlenija. Id-diżinformazzjoni u l-istigmatizzazzjoni qed iseħħu f'diskorsi nazzjonali, pjuttost milli fil-livell tal-Unjoni, iżda l-impatt fuqhom jinħass fuq skala ħafna akbar. Wara l-2015, il-midja bdiet tisfrutta l-kwistjonijiet tal-migrazzjoni biex ixxewwex favur retorika negattiva, anti-Ewropea u nazzjonalista fl-Istati Membri tal-Unjoni, u ħolqot preċedenti perikoluži billi biddlet l-opinjoni pubblika, u affettwat ukoll riżultati elettorali, u saħansitra l-isfidi għas-solidarjetà tal-Unjoni.

L-informazzjoni dwar ir-rappreżentanza tal-migranti u r-rifuġjati fil-midja mhijiex abbundanti, iżda hemm eżempji numeruži miġbura fil-letteratura u li huma kkaratterizzati fiha. L-Ewrobarometru Speċjali tal-Kummissjoni 2018 - 469: l-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea tikkonfronta l-opinjoni pubblika b'fatti u figuri li jġibu ċarezza għall-immaġini falza u l-perċezzjonijiet foloz imxerrda madwar l-Unjoni fir-rigward tal-migrazzjoni. Ir-rifuġjati u l-migranti minn sfondi differenti rarament jiġu intervistati jew jiġu kkwotati fl-istejjer tal-midja. Jiġu indikati, imma rarament jinstemgħu. Jittieħdu deċiżjonijiet għalihom, imma rarament jiġu involuti. Fil-midja jiġu mpinġija fil-parti l-kbira b'mod stigmatizzanti: bħala barranin perikoluži, bħala vittmi, bħala kriminali, bħala dawk li kapaċi jieħdu l-impjiegi tiegħek – il-perspettivi u l-vuċijiet tal-migranti u r-rifuġjati kienu fil-parti l-kbira nieqsa mill-midja ewlenija.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jindirizza dawn il-kwistjonijiet rikorrenti billi jippromwovi l-midja inklużiva fl-Ewropa u jinvesti fiha; din il-midja inklużiva tqis dawn il-vuċijiet. Huwa għandu l-għan li jbiddel in-narrattivi attwali tal-midja u li jkisser l-istigmi dwar il-post u r-rwol tar-rifuġjati fis-soċjetajiet u l-komunitajiet Ewropej. Huwa se jgħin biex il-vuċijiet tagħhom jiġu integrati fid-diskorsi komuni tal-midja u fuq il-pjattaformi diġitali. Se jiżgura li l-perspettivi u l-viżjonijiet mhux Ewroċentriċi ta' persuni barra mill-Ewropa iżda li huma rilevanti għall-idea tagħha, jippenetraw id-diskorsi tal-midja Ewropej u jsiru parti integrali minnhom. Huwa se jikkontribwixxi għall-valuri tan-nondiskriminazzjoni, id-diversità, l-inklużjoni ekwa għall-persuni ġodda — rifuġjati u migranti — fil-midja Ewropea. Se jgħin biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u l-polarizzazzjoni tad-diskorsi tal-midja, permezz tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet. Il-proġett pilota se jinvolvi liċ-ċittadini tal-Unjoni, lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, il-midja (pubblika, nazzjonali u internazzjonali), il-migranti u r-rifuġjati, il-pjattaformi professjonali u ċiviċi u lil dawk ikkonċernati li huma impenjati fis-suġġett.

Azzjonijiet ewlenin:

(1) Elaborazzjoni u studju tal-prattiki tajba eżistenti (il-politiki, il-bażi ġuridika, l-istrumenti, il-programmi, l-għodod, eċċ.) relatati mal-midja inklużiva u tixrid tagħhom mal-Unjoni kollha permezz ta' konferenza tal-esperti, attivitajiet li jinkludu diversi partijiet ikkonċernati u pubblikazzjonijiet (online u offline).

(2) L-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' narrattivi tal-midja inklużiva u komunikazzjoni tul il-programmi tal-Unjoni.

(3) Espansjoni tal-prattiki tajba eżistenti u l-komunità tal-għarfien madwar l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, u l-bini fuqhom, sabiex jiġu integrati l-mudelli ta' suċċess dwar il-midja inklużiva u etika, li jinvolvu l-midja, ix-xandara pubbliċi, l-Unjoni Ewropea tax-Xandara eċċ.

(4) Skambju tal-għarfien professjonali u tagħlim bejn il-pari għall-ġurnalisti f'rappurtar sensittiv.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 08 *(ikompli)*

(5) L-istabbiliment ta' prattiki ġodda ta' kollaborazzjoni, tagħlim bejn il-pari u taħriġ professjonali għar-rifuġjati u l-migranti ġodda) biex jitrawmu l-approċċi, l-għarfien, il-ħiliet u l-konsum kritiku tagħhom tal-midja u l-internet; huma jingħataw ħiliet u għodod biex jinbidel il-mod kif l-aħbarijiet jinħolqu u jitferrxu.

(6) Żieda fuq l-għodod eżistenti u żvilupp ta' oħrajn ġodda biex tiġi trattata d-diżinformazzjoni li jkollha fil-mira r-rifuġjati u l-migranti, u sforzi favur kooperazzjoni akbar bejn il-verifikaturi tal-fatti u r-riċerkaturi dwar kif għandhom jiġu ffurmati n-narrattivi pożittivi dwar il-migrazzjoni. Ħidma mill-qrib mal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (EDMO) fl-analiżi tal-fenomenu tad-diżinformazzjoni u l-iżvilupp tas-soluzzjonijiet.

PP 07 21 09 Proġett pilota — Assemblej temporanji taċ-ċittadini: nittrasformaw il-kunsens soċjetali f'mod ta' azzjoni u nistabbilixxu l-aħjar prattiki biex iċ-ċittadini jipparteċipaw aktar fil-ħajja pubblika tal-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	500 000				

Kummenti

L-għadd ta' kriżijiet sinifikanti li għaddiet minnhom l-Unjoni jindikaw li l-UE teħtieġ li tinvolvi liċ-ċittadini aktar mill-qrib f'eżerċizzju minn isfel għal fuq. L-assemblej taċ-ċittadini jirrappreżentaw eżerċizzji ta' demokrazija deliberattiva li jlaqqgħu flimkien sezzjoni trasversali tas-soċjetà biex jiddibattu u jagħtu pariri dwar sfidi soċjetali speċifiċi. Għalkemm fil-passat seħħew djalogi maċ-ċittadini tal-Unjoni, l-assemblej temporanji jirrappreżentaw opportunità rari għaċ-ċittadini biex jieħdu r-riedni minn idejn ir-rappreżentanti tagħhom u jsolvu l-kwistjonijiet huma stess. Jekk jitwettqu b'mod korrett, iċ-ċittadini jistgħu jittrasformaw il-kunsens dwar kwistjonijiet importanti għal kunsens dwar mod kif jaġixxu aħjar. Ir-riżultati pożittivi jgħinu biex iqarrbu liċ-ċittadini lejn l-Unjoni.

PP 07 21 10 Proġett pilota – Pjattaforma tal-Edukazzjoni dwar l-Istat tad-Dritt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
400 000	100 000				

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 10 *(ikompli)*

Kummenti

Objettiv

Dan il-proġett pilota se jiżviluppa pakkett edukattiv b'moduli interattivi dwar l-Istat tad-Dritt għall-istudenti fl-edukazzjoni sekondarja madwar l-Unjoni. Il-moduli se jkunu disponibbli fuq pjattaforma online li se tiffaċilita wkoll l-iskambju virtwali bejn l-għalliema madwar l-Unjoni kollha. Dawn il-moduli interattivi dwar l-istat tad-dritt se jkunu fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u huma maħsuba biex jgħinu lill-iskejjel u lill-għalliema jiżviluppaw l-għarfien dwar l-istat tad-dritt.

Sfond

Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa komponent kritiku għas-sħubija fl-Unjoni u huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament demokratiku kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-Unjoni kollha kemm hi. Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għat-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tan-nies. Bl-istess mod, spazju Ewropew ta' ġustizzja, kif ukoll suq intern li fih il-liġijiet jiġu applikati b'mod uniformi, ma jistgħux jeżistu mingħajr aderenza sħiħa mal-istat tad-dritt. L-istat tad-dritt jirfed kwalunkwe soċjetà demokratika u jrawwem il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż fis-sistema ġudizzjarja.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, l-istat tad-dritt fl-Unjoni ġie ttestjat f'diversi okkażjonijiet. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni u diversi gvernijiet tal-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar ir-rigress tal-istat tad-dritt. Fil-bosta riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-deterjorament tal-istat tad-dritt, il-Parlament Ewropew enfasizza li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà, skont it-Trattati, li tiggarantixxi r-rispett għall-istat tad-dritt bħala valur fundamentali tal-Unjoni.

Bħala parti mir-rispons tagħha għal dawn l-isfidi, il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha "It-tisħiħ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni" f'April 2019, fejn identifikat tliet pilastri għall-infurzar effettiv tal-istat tad-dritt. L-ewwel pilastru huwa l-promozzjoni, u jirreferi għall-bini tal-għarfien dwar l-istat tad-dritt u t-trawwim ta' kultura komuni tal-istat tad-dritt. B'segwitu għal din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kontributi minn diversità wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Maġġoranza kbira tal-kontributi jenfasizzaw li jeħtieġ li titqajjem aktar sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali dwar l-istandards eżistenti tal-istat tad-dritt, pereżempju permezz tal-edukazzjoni u s-soċjetà ċivili.

L-istudji jikkonfermaw in-nuqqas ta' għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni rigward l-istat tad-dritt. L-istudju speċjali tal-Ewrobarometru ta' Lulju 2019 dwar l-istat tad-dritt juri li għalkemm il-maġġoranza l-kbira jqisu li l-prinċipji tal-istat tad-dritt huma importanti ħafna, il-biċċa l-kbira taċ-ċittadini tal-UE ma jħossuhomx infurmati biżżejjed dwar il-valuri fundamentali tal-UE. Iċ-ċittadini, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, jistgħu jibbenefikaw minn fehim aktar profond tal-Istat tad-Dritt. Bħalma rrimarkat il-Kummissjoni ta' Venezja: "L-istat tad-dritt jista' biss jirnexxi f'pajjiż fejn l-abitanti tiegħu, b'mod kollettiv, iħossuhom responsabbli mill-implimentazzjoni tal-kunċett, biex dan isir parti integrali mill-kultura legali, politika u soċjali tagħhom."

Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Ujoni — Pjan għal azzjoni" minn Lulju 2019, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sistemi edukattivi tal-Istati Membri għandhom rwol fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt "billi jiżguraw post għall-istat tad-dritt fid-dibattitu pubbliku u fl-edukazzjoni". Madankollu, il-fehim u l-għarfien tal-istat tad-dritt kważi qatt ma jiġu mgħallma fl-iskejjel ġewwa l-Unjoni. Mid-"Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 10 *(ikompli)*

komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni" tal-2015 adottata f'Pariġi, ħafna Stati Membri integraw l-edukazzjoni ċivika fil-kurrikuli nazzjonali tagħhom. Studju tal-2017 mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura madankollu juri li l-istat tad-dritt mhuwiex punt fokali fit-tagħlim dwar l-edukazzjoni ċivika, u dan iwassal għal lakuna fl-għarfien fil-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Il-Pjattaforma tal-Edukazzjoni dwar l-Istat tad-Dritt tipprova tagħlaq din l-lakuna. Dan il-proġett pilota se jipprogressa fit-tisħiħ tal-għarfien u r-rispett għall-istat tad-dritt permezz tal-edukazzjoni billi jiżviluppa għodod u kontenut, li l-għalliema fl-Unjoni jistgħu jintegraw fil-prattiki ta' tagħlim u apprendiment tagħhom.

Minkejja l-programmi eżistenti tal-Unjoni li jipprovdu finanzjament għall-iżvilupp ta' pakketti edukattivi, bħall-programm Erasmus+, il-pjattaforma e-Twinning u l-pjattaforma multilingwi School Education Gateway, attwalment ma hemm l-ebda pjattaforma tal-edukazzjoni ddedikata tal-Unjoni li tippromwovi l-istat tad-dritt fl-edukazzjoni sekondarja. Dan il-proġett pilota huwa uniku f'dan is-sens, peress li se joffri materjal edukattiv dwar l-istat tad-dritt lill-iskejjel sekondarji kollha fl-UE b'mod proattiv, minflok ma jkollu jiddependi fuq konsorzju fl-ambitu tal-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni li jipproduċi biss kontenut limitat speċifiku għall-interessi partikolari proprja. Il-ħolqien ta' fond iddedikat għal dan l-iskop b'hekk jiżgura li l-istess pakkett edukattiv ikun disponibbli madwar l-Unjoni fil-lingwi kollha tal-Unjoni, u mhux biss fil-lingwi użati mill-organizzazzjonijiet li japplikaw għall-finanzjament tal-Unjoni permezz tal-kanali eżistenti.

Implimentazzjoni

Pakkett edukattiv: moduli interattivi u spazju ta' skambju għall-għalliema

Sabiex tingħalaq il-lakuna fl-għarfien imsemmija hawn fuq, dan il-proġett pilota se jiffoka fuq il-ġenerazzjoni tal-għarfien dwar l-istat tad-dritt fost iż-żgħażagħ. Biex jinkiseb dan, il-fond se:

Jiżviluppa pakkett edukattiv ta' moduli interattivi li se jkun disponibbli online bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, li se jiġi offrut lill-għalliema fl-iskejjel sekondarji madwar l-Unjoni kollha bħala mezz biex jikkomplementa l-materjali tat-tagħlim tagħhom relatati mas-soċjetà, il-ġustizzja u l-edukazzjoni ċivika;

Joħloq spazju ta' skambju online għall-għalliema madwar l-Unjoni li jaħdmu bil-pakkett.

Il-pakkett edukattiv għandu jkun fih mill-anqas l-elementi li ġejjin:

Il-fehim tal-istat tad-dritt u l-prinċipji ewlenin tiegħu (bħall-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, is-separazzjoni tas-setgħat, l-aċċess għall-ġustizzja, eċċ.)

L-importanza u l-istorja tal-istat tad-dritt fil-kostituzzjonijiet nazzjonali u fi ħdan l-Unjoni

L-interkonnettività bejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u ċ-ċittadinanza;

Għodod prattiċi, vidjows u eżerċizzji interattivi biex jiġi diskuss l-istat tad-dritt fir-rigward tal-komunità, is-soċjetà u l-ħajja tal-istudenti.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 10 *(ikompli)*

Struttura organizzazzjonali

Il-kontenut tal-pakkett edukattiv għandu jiġi żviluppat minn organizzazzjoni jew network indipendenti, li jkollhom għarfien espert dwar l-istat tad-dritt, id-didattika u l-pjattaformi online biex jiġi żgurat li l-kontenut tal-pakkett ikun kemm rilevanti u fattwali, kif ukoll aċċessibbli għall-istudenti tal-iskola sekondarja.

Il-gwida tal-2019 — "It-Tisħiħ tal-Istat tad-Dritt permezz tal-Edukazzjoni" — ippubblikata mill-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) u l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), tista' tkun punt ta' tluq utli.

Riżultati mixtieqa

assistenza lill-għalliema u lill-iskejjel fl-iżvilupp ta' korsijiet dwar l-istat tad-dritt fl-Istati Membri rispettivi u fl-UE;

trawwim tal-għarfien dwar l-istat tad-dritt fost iċ-ċittadini żgħażagħ tal-Unjoni u kontribut għal kultura komuni tal-istat tad-dritt

żieda fis-sens ta' sjieda tal-valuri Ewropej billi tingħata attenzjoni lill-istat tad-dritt fl-ordni kostituzzjonali ta' kull Stat Membru

bini tal-kapaċità b'rabta mal-edukazzjoni dwar l-istat tad-dritt fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali billi tiżdied id-disponibbiltà ta' materjal ta' gwida u jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki

kontribut għall-iżvilupp u l-ħiliet ta' ħsieb kritiku tal-ġenerazzjoni żagħżugħa billi tiġi appoġġata l-edukazzjoni ċivika eżistenti

PP 07 21 11 Proġett pilota — L-internazzjonalizzazzjoni tal-esperjenzi u l-mudelli tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura. Il-kondiviżjoni ta' mudelli ta' governanza u skambji interkulturali lejn aktar kreazzjoni konġunta u sħubija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
160 000	40 000				

Kummenti

Il-proġett jisfrutta l-potenzjal ta' internazzjonalizzazzjoni li attwalment mhux użat tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, sabiex jingħata appoġġ għal kondiviżjoni aħjar ta' mudelli ta' governanza u esperjenzi tal-esperiment tal-kapitali Ewropej tal-Kultura ta' suċċess sabiex:

o tingħata direzzjoni, tinġabar informazzjoni u jinħoloq network mas-sħab internazzjonali,

o isiru proposti għat-taħriġ u bi skop ta' kkowċjar,

o jiġu indirizzati flimkien kwistjonijiet komuni,

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 11 *(ikompli)*

o jintużaw bis-sħiħ is-sinerġiji għall-iżvilupp ta' programmi internazzjonali,

o jiġu koperti perspettivi b'mod preċiż dwar l-istorja u l-wirt,

o isiru sforzi biex jintlaħqu diversi gruppi fil-mira, u

o jingħata spazju għal skambji aktar interkulturali.

Din l-inizjattiva globali tista' tinbeda fl-ewwel fażi mal-kontinent Afrikan li diġà esprima interess biex jinbeda mudell ta' Kapitali Afrikani tal-Kultura.

Permezz ta' dawn l-azzjonijiet, għandha tinkiseb parteċipazzjoni usa' tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura f'networks tal-ibliet globali (kulturali u ta' politika), fil-kontribut għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u għal inizjattivi differenti ta' Kapitali tal-Kultura reġjonali fid-dinja. Fl-istess ħin, il-programmi tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura jibbenefikaw minn aktar kreazzjoni konġunta ma' industriji artistiċi u kreattivi ġodda minn barra l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu biex jingħelbu l-istereotipi f'partijiet mis-settur kulturali u l-popolazzjoni tal-Unjoni, u jżidu l-viżibbiltà tal-programmi tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura għal udjenza internazzjonali u parteċipazzjoni mhux Ewropea.

DĠ ippreferut: Id-DĠ DEVCO b'kollaborazzjoni mad-DĠ EAC/EACEA

PP 07 21 12 Proġett pilota — Titjib tal-impjieg għal persuni b'diżabilità permezz tal-mudell tal-intrapriża inklużiva

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
150 000	37 500				

Kummenti

1. Introduzzjoni

Il-persuni b'diżabilità għandhom l-ogħla riskju li jiġu esklużi mill-impjiegi – id-diskriminazzjoni għadha sseħħ f'ħafna pajjiżi Ewropej. Fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċifri tal-Eurostat jikkonfermaw li l-persuni b'diżabilità huma ħafna aktar affettwati mill-qgħad minn dawk mingħajr diżabilità. Bħala medja, huma biss 48,1 % tal-persuni b'diżabilità fl-UE li huma impjegati, meta mqabbla ma' 73,9 % fost il-popolazzjoni ġenerali. In-nisa b'diżabilità u l-persuni bi ħtiġijiet kbar ta' appoġġ juru rati ta' impjieg saħansitra aktar baxxi.

Din id- *data* turi li l-impjieg għal persuni b'diżabilità kien wieħed mill-objettivi l-inqas żviluppati fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità (EDS) 2010-2020. Il-qgħad jista' jwassal għall-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-garanzija tal-aċċess għall-impjiegi u x-xogħol hija kwistjoni ewlenija, peress li hija aspett kruċjali għall-inklużjoni ekonomika u soċjali ta' madwar 80 miljun persuna b'diżabilità fl-Ewropa.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PP 07 21 *(ikompli)*

PP 07 21 12 *(ikompli)*

2. Ġustifikazzjoni

L-EDS attwali qed tasal fi tmiemha fis-sena 2020. L-importanza ta' Strateġija Ewropea tad-Diżabilità hija essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UN CRPD) u, għalhekk, għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni kollha b'diżabilità. F'dan il-punt, huwa estremament importanti li tiggarantixxi d-drittijiet ta' impjieg ta' persuni b'diżabilità, permezz ta' mudell ta' intrapriża inklużiv għall-persuni b'diżabilità, abbażi tar-rispett għall-Artikolu 27 tas-CRPD: opportunitajiet indaqs, remunerazzjoni ugwali u kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa.

Hija tappella għal proġett pilota li jiffoka fuq it-tisħiħ tal-obbligi li jiġu offruti pagi raġonevoli bbażati fuq il-paga minima, u li jaħdem biex jimplimenta aħjar id-direttivi eżistenti dwar in-nondiskriminazzjoni fl-impjieg. Barra minn hekk, l-aġenda għandha tiffoka fuq l-użu tal-fondi tal-Unjoni biex jiġi ffaċilitat l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ, parzjalment permezz tar-rikonoxximent, il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' intrapriża inklużiva bħala aġent tal-ekonomija soċjali li jkollu bħala għan li jintegra kwalunkwe persuna b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, bħala ħaddiem.

p.m.	262 500	p.m.	262 500	875 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

07 02 77 52

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 09 20 2020

PP 09 20 01 Proġett pilota — Nagħmlu d-digi tal-Iron Gates passabbli għall-isturjun tad-Danubju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	600 000	2 000 000	500 000		

Kummenti

Partita preċedenti

07 02 77 56

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

Dan il-proġett pilota jivvaluta soluzzjonijiet tekniċi għall-ftuħ ta' rotta ta' migrazzjoni għall-isturjun minn naħa għal oħra tad-digi idroelettriċi Iron Gate I u II fix-Xmara Danubju fil-fruntiera bejn ir-Rumanija u s-Serbja. Meta wieħed iqis id-daqs tad-digi (l-ikbar fuq ix-Xmara Danubju), id-daqs tal-ħut (sa 7 metri tul) u l-blat tal-madwar, din hi sfida ta' inġinerija straordinarja li tirrikjedi soluzzjoni bi grad għoli ta' innovazzjoni mfassla apposta għaċ-ċirkustanzi lokali.

L-irkupru tal-għajnuniet għall-migrazzjoni tal-isturjun qed jiġi enfasizzat bħala proġett ewlieni fil-qafas tal-Istrateġija tal-ICPDR dwar l-isturjuni kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR) bil-għan li jittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-isturjun tad-Danubju. Il-proġett jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni pan-Ewropew għall-Konservazzjoni tal-Isturjun tal-Konvenzjoni ta' Berna, li l-Unjoni hija firmatarja tagħha.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 20 *(ikompli)*

PP 09 20 01 *(ikompli)*

Dan il-proġett jħejji studju tekniku ta' fattibbiltà sod u komprensiv għall-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni tal-isturjun, li jinkludi:

1) il-kunċett jew id-disinn minn qabel ta' opzjonijiet tekniċi potenzjali għall-irkupru tal-passaġġi tal-ħut upstream u downstream, inkluż il-paragun tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi (restrizzjonijiet), l-istimi tal-ispejjeż, ir-riskji (tekniċi, finanzjarji) u l-identifikazzjoni tal-passi sussegwenti li hemm bżonn għal disinn ġenerali inklużi d-disinn strutturali, id-disinn tal-komponenti tekniċi u l-kunċett operattiv;

2) mudellar idrawliku;

3) kunċett għal strateġija ta' implimentazzjoni (is-sekwenza tal-implimentazzjoni strutturali, eż. metodu pass pass wara proċess ta' tagħlim, jiġifieri approċċ ta' disinn adattiv għall-passaġġi tal-ħut);

4) identifikazzjoni ta' alternattivi amministrattivi fattibbli, b'mod partikolari għall-protezzjoni tal-ħut downstream (eż. il-ġestjoni tat-turbini, qbid u trasport), kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul;

5) stħarriġ fuq il-post meħtieġ biex jimtlew il-lakuni fl-għarfien li mhumiex koperti minn studji attwali (*data* ineżistenti jew skaduta);

6) kunċett għal evalwazzjoni jew il-monitoraġġ tal-passaġġi tal-ħut;

7) aġġornament tal-kunċett ta' finanzjament;

8) rieżami ta' kunċetti tekniċi minn analizzaturi pari jew l-esperti tal-passaġġi tal-ħut.

Dawn il-komponenti tal-istudju tekniku tal-fattibbiltà jammontaw għal madwar EUR 2 000 000. L-implimentazzjoni tal-istudju se ssir bl-involviment mill-qrib taI-CPDR u tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tar-Rumanija u s-Serbja.

L-attivitajiet li jridu jiġu implimentati jistgħu jitfasslu mill-ġdid biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' duplikazzjoni fix-xogħol li jkun għaddej.

Il-finanzjament ta' dan il-proġett bħalissa mhu previst fl-ebda programm tal-Unjoni.

M'hemm l-ebda disinn lest biex jiġi applikat għal dan it-tip ta' passaġġi ta' ħut u s-soluzzjoni innovattiva ffinanzjata taħt dan il-proġett għalhekk se tkun paradigma biex jitfasslu passaġġi ta' ħut komparabbli fuq xmajjar oħra akbar Ewropej. Sfidi simili bħal dawk li jagħmlu Iron Gate I u II passabbli għal ħut kbir (eż. daqs kbir, ħruġ qawwi ta' ilma, livelli ta' ilma varjabbli fil-ġibjun) jinstabu wkoll fil-Baħar Baltiku, fejn digi kbar fuq ix-xmara Vistula (il-Polonja), in-xmara Neman (il-Litwanja) u x-xmara Daugava (il-Latvja) jfixklu l-migrazzjoni tal-ħut u l-programmi ta' riintroduzzjoni tal-isturjun. Eżempji oħra huma d-diga Gabčíkovo kif ukoll digi akbar fuq ix-xmajjar Tisza u Drava fil-baċir tad-Danubju, fuq ix-xmara Evros fil-Bulgarija u fil-Greċja, u x-xmajjar tal-Peniżola Iberika, pereżempju Guadalquivir, xmara li qabel kien fiha l-isturjuni. Is-sejba ta' soluzzjonijiet għall-migrazzjoni tal-ħut għal dawn ix-xmajjar kollha tkun kontribut importanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 20 *(ikompli)*

PP 09 20 01 *(ikompli)*

Il-passaġġi għall-isturjuni f'digi kbar jeżistu biss fir-Russja fuq ix-xmajjar Volga u Kuban u fl-Istati Uniti fuq ix-xmajjar Connecticut u Columbia. L-esperjenza miksuba minn dawn il-faċilitajiet għandha titqies, iżda mhux se twieġeb il-mistoqsijiet kollha miftuħa. Wieħed mill-aktar eżempji magħrufa u ta' suċċess ta' passaġġi għall-isturjuni fl-Ewropa jinsab f'Geesthacht fil-Ġermanja, iżda hawnhekk id-diga hija għolja 4,5 m biss filwaqt li Iron Gate I għandha għoli ta' 60 m.

Barra minn hekk, dan il-proġett pilota jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati Serbi mill-komunità tal-ġestjoni tal-ilma, u b'hekk jgħinhom jitgħallmu kif għandhom ikunu konformi mal-acquis ambjentali.

PP 09 20 02 Proġett pilota — Intejbu l-gwida u l-qsim tal-għarfien fost il-ġesturi tal-art, il-konservazzjonisti u l-komunitajiet lokali biex nippreservaw il-pajsaġġi tal-wirt kulturali taħt in-Natura 2000 u lil hinn minnha

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	131 965	439 881	109 970		

Kummenti

Partita preċedenti

07 02 77 59

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

L-inizjattivi tal-kura tal-art huma kkaratterizzati minn kooperazzjoni mill-qrib bejn il-konservazzjonisti, il-bdiewa u l-komunitajiet lokali. L-għan tagħhom huwa li tiġi ppreżervata d-diversità tal-pajsaġġi Ewropej u l-bijodiversità tagħhom, u biex jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli ulterjuri tal-ekonomiji rurali. Attwalment diġà jeżistu sforzi kooperattivi għall-konservazzjoni tan-natura fuq il-bażi tal-kura tal-art f'sitt Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Rumanija u Spanja) u bħalissa qed jingħata bidu għal tentattivi simili fi Stati Membri oħra (eż. il-Litwanja u ċ-Ċekja).

It-titjib attiv dwar kif id-direttivi dwar in-natura tal-Unjoni jiġu implimentati jipprovdi l-qafas li fih qegħdin jitwettqu l-inizjattivi tal-kura tal-art. Il-proġett jippromwovi l-miżuri rilevanti tal-PAK, inklużi l-miżuri li jikkonċernaw l-għasafar tal-art agrikola u l-ġestjoni ta' sit ta' Natura 2000, u se jaħdem biex jinkludi l-miżuri u l-għanijiet kollha rilevanti fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1) titqies bħala fattur importanti għall-proġett u għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-natura tal-Unjoni.

Biex jinkisbu dawn l-għanijiet fir-reġjuni fil-post, l-organizzazzjonijiet parteċipanti qegħdin iwettqu firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jappoġġjaw il-partijiet ikkonċernati varji f'żoni rurali rilevanti sabiex il-miżuri ta' konservazzjoni jiġu żgurati permezz ta' perspettiva strutturali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 20 *(ikompli)*

PP 09 20 02 *(ikompli)*

L-oqsma ta' ħidma prinċipali għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura huma:

— l-għoti ta' sorsi addizzjonali ta' dħul għall-utenti tal-art permezz ta' miżuri ta' kura tal-art, eż. miżuri agroambjentali li jippreservaw il-pajsaġġi u l-bijodiversità,

— il-promozzjoni ta' prodotti reġjonali ta' kwalità għolja (eż. minn siti ta' Natura 2000),

— appoġġ għat-turiżmu rurali,

— il-ħolqien ta' impjiegi, u

— t-tisħiħ tal-identitajiet reġjonali.

L-esperjenza sa issa turi li l-approċċ tal-kura tal-art itejjeb l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni dwar in-natura billi tissaħħaħ il-bijodiversità lokali, jiġu ppreservati l-pajsaġġi kulturali tagħna u tiġi mtejba il-kwalità tal-ħajja tal-persuni fiż-żoni rurali. F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għan-natura, il-persuni u l-ekonomija, dawn l-iżviluppi jippromwovu approċċi parteċipattivi aktar intelliġenti u jsaħħu l-involviment sħiħ tal-proprjetarji tal-artijiet u tal-utenti.

Għalhekk, iridu jitwettqu sforzi li jintensifikaw il-kuntatt u l-iskambju ta' esperjenzi fi ħdan l-inizjattivi u l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-kura tal-art. Fis-snin reċenti, saru l-ewwel sforzi fil-ġbir flimkien tal-esperjenzi fost l-inizjattivi Ewropej differenti tal-kura tal-art li bbenefikaw minn dawn il-kuntatti. Matul żjarat reċiproċi u sessjonijiet ta' ħidma, ġew żviluppati approċċi ġodda għal implimentazzjoni aħjar tal-politiki tal-Unjoni li jikkonċernaw l-ambjent/in-natura u l-agrikoltura; illum il-ġurnata huwa essenzjali li din il-kooperazzjoni tissaħħaħ fil-livell Ewropew sabiex tingħata spinta lill-benefiċċju fit-tul għall-iżvilupp rurali u n-natura.

Il-proġett se jinvolvi, kemm is-sħab eżistenti kif ukoll dawk ġodda huma inklużi biex jitgħallmu mill-fatturi ewlenin definiti u mill-esperjenzi prattiċi. Huma jistgħu jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' ħidma u fil-konferenza Ewropea. B'hekk, dan il-proġett finalment jgħin biex, fl-aħħar mill-aħħar, jippromwovi s-sħubijiet Ewropej u jsaħħaħ l-Unjoni. Għaldaqstant, se jkun hemm ħames sessjonijiet ta' ħidma ma' sħab li diġà kellhom esperjenza pożittiva sabiex jiġu definiti l-fatturi ewlenin għall-kooperazzjoni dwar il-konservazzjoni tan-natura. Il-fatturi ewlenin se jingħabru fil-qosor f'pubblikazzjoni multilingwi u jiġu ppreżentati f'konferenza Ewropea finali dwar "Landcare Europe — konservazzjoni kooperattiva tan-natura għall-benefiċċju tal-bniedem u n-natura". Inizjattivi ġodda tal-kura tal-art jistgħu jużaw din biex itejbu l-ħidma tagħhom fil-post.

L-għan ewlieni tal-proġett huwa li jippromwovi l-implimentazzjoni aħjar tad-Direttivi tal-Unjoni bħalma huma d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KKE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal- *habitat* naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) u d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1), u l-impatt tal-politika agrikola komuni fuq il-pajsaġġi kulturali fl-Istati Membri differenti. Il-feedback u s-suġġerimenti se jingħabru fil-qosor u jintbagħtu lill-Kummissjoni kif ukoll lill-ministeri rispettivi fl-Istati Membri. Dan se jiffavorixxi t-trasferiment tal-għarfien u ta' esperjenzi prattiċi minn pajjiż għall-ieħor u l-iżvilupp ta' programmi xierqa, jekk ikun meħtieġ.

Minbarra l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-Unjoni li jikkonċernaw il-konservazzjoni tan-natura, se jiġu diskussi suġġetti oħrajn li ma għandhomx rabta diretta mal-ħidma ta' kuljum fil-kura tal-art fl-Ewropa, bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet u li wieħed jitgħallem minn prattiki li taw prova ta' suċċess:

— kwistjonijiet dwar il-koeżistenza ma' karnivori kbar fiż-żoni rurali;

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 20 *(ikompli)*

PP 09 20 02 *(ikompli)*

— il-lezzjonijiet miksuba u l-konklużjonijiet mill-kisba mill-ġdid tal-ħabitats tal-għasafar għall-art agrikola u l-parteċipazzjoni fil-kuntratt il-ġdid relatat mal-għasafar għall-art agrikola;

— abbażi tal-esperjenzi miksuba u tas-suġġerimenti li jirriżultaw mill-inizjattivi tal-kura tal-art fl-Ewropa, il-proġett pilota se jikkontribwixxi għall-aġġornament tal-gwida dwar Natura 2000 u l-art agrikola;

— il-konklużjonijiet se jikkontribwixxu wkoll għall-promozzjoni ta' diversi riżultati skont il-Pjan ta' Azzjoni għan-Natura;

— l-esperjenzi miksuba u l-lezzjonijiet mitgħallma jistgħu wkoll jagħtu kontribut fil-qafas tal-avvenimenti tan-network bijoġeografiku, eċċ.

Il-valur speċjali tal-kollaborazzjoni tal-inizjattivi tal-kura tal-art f'dan il-proċess huwa li jinbena pont bejn il-konservazzjoni tan-natura, l-utenti tal-art u l-komunitajiet lokali. Għalhekk, il-miri tal-politika tal-Unjoni jistgħu jinkisbu aħjar u tista' tiġi promossa atmosfera pro-Ewropea fiż-żoni rurali.

PP 09 21 2021

PP 09 21 01 Proġett Pilota — L-integrazzjoni tal-IA fl-ekonomija ċirkolari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
60 000	15 000				

Kummenti

L-Ewropa tinsab f'pożizzjoni tajba biex tibbenefika mill-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali (IA) bħala utent, bħala kreatur, u bħala produttur. Għandha ċentri ta' riċerka eċċellenti, negozji ġodda innovattivi, pożizzjoni minn ta' quddiem fid-dinja fir-robotika, u setturi kompetittivi tal-manifattura u s-servizzi. L-Ewropa tipproduċi aktar minn kwart tar-robots tas-servizzi industrijali u professjonali kollha, u għandha rwol importanti fl-iżvilupp u l-użu ta' applikazzjonijiet tas-software għall-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet, kif ukoll applikazzjonijiet għall-appoġġ tal-gvern elettroniku.

L-Ewropa żviluppat infrastruttura informatika b'saħħitha, u tippossjedi volumi kbar ta' *data* pubblika u industrijali. Madankollu, għalkemm is-soluzzjonijiet diġitali Ewropej jistgħu javvanzaw l-ekonomija ċirkolari, jappoġġjaw id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi kollha u jnaqqsu l-impronta ambjentali u soċjali tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, is-settur għadu jeħtieġ li jgħaddi mit-trasformazzjoni ekoloġika tiegħu stess. L-impronta ambjentali sinifikanti tas-settur tal-ICT hija stmata għal 5-9 % tal-użu totali tal-elettriku fid-dinja, u aktar minn 2 % tal-emissjonijiet kollha. Dawn iċ-ċifri mhux ħlief se jiżdiedu fis-snin li ġejjin.

L-Ewropa teħtieġ ċentri tad- *data* effiċjenti fl-użu tal-enerġija, industriji tat-telekomunikazzjoni u dawk relatati mal-ICT li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jużaw mill-ġdid l-enerġija mill-iskart f'kull stadju tal-attività tagħhom, ikunu korporattivi u soċjalment responsabbli u impenjati lejn il-komunità fejn iwettqu l-attività tagħhom. It-tagħmir kollu relatat mal-IA għandu jkun iddisinjat, mixtri, ikkunsmat u riċiklat skont prinċipji tal-użu effiċjenti tal-enerġija u proċessi kompletament ċirkolari - disinji li jdumu jservu, manutenzjoni xierqa, mibnija b'materjal riċiklat u żarmar u riċiklaġġ faċli.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 21 *(ikompli)*

PP 09 21 01 *(ikompli)*

L-isforz biex titmexxa 'l quddiem l-IA jwassal lill-kumpaniji jikkompetu biex jibnu mudelli aktar b'saħħithom li jagħtu prestazzjoni aħjar. Madankollu, din it-tellieqa tas-suq hija ta' theddida kbira għall-ambjent, peress li aktar ma l-mudell ikun kbir, aktar jikkonsma enerġija.

Xi studji jindikaw li l-komputazzjonijiet meħtieġa għar-riċerka tat-tagħlim fil-fond - fergħa tal-IA li tikkonfigura l-kompjuters biex iwettqu l-kompiti permezz tal-esperjenza - żdiedu bi 300 000 darba mill-2012 sal-2018. L-ittestjar tal-mudelli tal-IA huwa intensiv fl-enerġija peress li huwa "mġewwaħ għad- *data*" — aktar ma jikkonsma *data*, aktar hemm bżonn ta' enerġija. L-elementi fundamentali tal-ittestjar tal-IA jinvolvu wkoll it-teħid ta' matriċi kbar u l-multiplikazzjoni tagħhom biex isiru akbar u aktar kompetenti. Hekk kif jikbru, il-mudell isir aktar preċiż, iżda fl-istess ħin tinħela aktar enerġija peress li huma meħtieġa aktar komputazzjonijiet biex jiġi eżegwit it-taħriġ.

Sabiex il-korporazzjonijiet Ewropej kollha relatati mal-IA jirnexxu hekk kif jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni newtrali għall-klima, u jsiru soċjalment responsabbli, il-proġett pilota se jipprovdi gwida għall-industriji relatati mal-IA biex jiksbu aċċess għat-teknoloġija, is-sistemi u l-aħjar prattiki li jippermettulhom jinkorporaw il-proċessi industrijali kollha tagħhom fl-ekonomija ċirkolari.

PP 09 21 02 Proġett pilota — "Best Belt" - aktar saħħa għall-"Green Belt"

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 500 000	375 000				

Kummenti

Fejn darba l-Purtiera tal-Ħadid kienet tifred il-pajjiżi minn xulxin, in-natura issa tgħaqqadhom f'kontinwità unika ta' ħabitats naturali li jkopru t-tul kollu tal-kontinent Ewropew.

L-hekk imsejjaħ "Green Belt" Ewropew jgħaddi tul jew minn 16-il Stat Membru, ħames pajjiżi kandidati, pajjiż kandidat potenzjali wieħed u żewġ pajjiżi terzi. Dan hu l-itwal network ekoloġiku tal-Ewropa, u huwa xempju ta' infrastruttura ekoloġika li għandu jiġi protett u kkonservat għall-ġenerazzjonijiet tal-futur.

Abbażi tas-suċċess tal-iskema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST), skema simili għandha tiġi implimentata għal tali servizzi tul il-"Green Belt" Ewropew għall-voluntiera żgħażagħ jew għal dawk li jkunu qed ifittxu impjieg.

Għalhekk il-proġett għandu jissejjaħ BEST BELT (Biodiversity and Ecosystem Services and Training along the European Green Belt (Bijodiversità, Servizzi Ekosistemiċi u Taħriġ tul il-"Green Belt" Ewropew)).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 21 *(ikompli)*

PP 09 21 02 *(ikompli)*

L-azzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq:

(1) Taħriġ u edukazzjoni fil-qasam tal-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi għal voluntiera żgħażagħ u dawk li jkunu qed ifittxu impjieg:

Voluntiera u persuni li jkunu qed ifittxu impjieg mill-Ewropa kollha u mill-pajjiżi parteċipanti għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw għal proġetti differenti tul il-"Green Belt" Ewropew permezz ta' pjattaforma offruta mill-Kummissjoni. Dawn il-proġetti jistgħu jiġu ffaċilitati minn NGOs, universitajiet, kumpaniji, awtoritajiet statali jew reġjonali. Qabel ma jibdew jaħdmu fuq il-post, il-voluntiera u dawk li jkunu qed ifittxu impjieg għandhom jirċievu taħriġ dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi u għandhom ikunu mħejjija għax-xogħol li se jkunu qed jagħmlu. Barra minn hekk, moduli dwar ix-xogħol f'ambjent multikulturali kif ukoll korsijiet dwar il-fastidju għandhom ikunu parti mit-taħriġ qabel jibdew jaħdmu fuq il-post. Dan ikabbar l-għarfien u n-networks tagħhom.

(2) Servizzi ekosistemiċi u għall-bijodiversità flimkien mal-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima:

Ix-xogħol iffaċilitat fl-ambitu tal-"Green Belt" Ewropew għandu jintuża biex jiġu esplorati s-sinerġiji involuti fil-provvista ta' servizzi ekosistemiċi u għall-bijodiversità flimkien ma' miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima. Għandhom jitwettqu wkoll attivitajiet għad-dežinjazzjoni u l-ġestjoni ta' żoni protetti. Flimkien mal-esperti, għal kull proġett għandhom jiġu stabbiliti għanijiet speċifiċi li jidentifikaw ix-xogħol meħtieġ fuq il-post.

(3) Attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u komunikazzjoni bl-involviment ta' organizzazzjonijiet fir-reġjun:

Dan il-proġett pilota għandu jinvolvi wkoll lill-komunitajiet lokali u lil atturi differenti f'dan il-qasam. Ix-xogħol li jsir fuq il-post għandu jiġi spjegat lill-komunitajiet, u l-awtoritajiet lokali għandhom jingħataw taħriġ dwar ir-rabtiet bejn kwistjonijiet ambjentali interkonnessi (il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni tal-art) u proċessi relatati.

Eżempji tal-aħjar prattika għandhom jiġu kondiviżi fost il-proġetti fuq il-"Belt" u kull sena għandha ssir kompetizzjoni bejn il-proġetti għal ideat u xogħol innovattivi.

Għal aktar sensibilizzazzjoni, l-Istati Membri, l-NGOs, l-organizzazzjonijiet reġjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu involuti f'approċċ li jinvolvi d-diversi partijiet ikkonċernati. L-approċċ żviluppat mill-IUCN għal-Lista l-Ħadra jista' jintuża bħala punt tat-tluq għall-pjan ta' azzjoni.

(4) Twaqqif ta' database:

L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jikkontribwixxu għal database b'sors miftuħ u estensiva għall-"Green Belt" Ewropew li tistabbilixxi parametri differenti, mill-bijodiversità għal informazzjoni rilevanti dwar it-tibdil fil-klima. Din id-database tista' tgħin fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fuq il-post u tipprovdi informazzjoni siewja għal xjenzati u riċerkaturi minn oqsma differenti.

(5) Sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-bijodiversità:

Bil-ħolqien ta' konnessjoni bejn l-attivitajiet għall-preservazzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-informazzjoni mogħtija lit-turisti li jkunu qed jagħmlu l-itinerarju tal-Purtiera tal-Ħadid, l-edukazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali tista' tinfirex faċilment u bi threshold baxx. Livelli differenti ta' għarfien, adattati pereżempju għall-familji, jistgħu jagħmlu l-itinerarju tal-Purtiera tal-Ħadid aktar attraenti, u b'hekk jiġi promoss it-turiżmu sostenibbli.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PP 09 21 *(ikompli)*

PP 09 21 03 Proġett pilota — Valutazzjoni tal-opzjonijiet għall-użu tal-idroġenu fit-trasport marittimu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
180 000	45 000				

Kummenti

Għall-mezzi tat-trasport li d-dekarbonizzazzjoni tagħhom hija aktar diffiċli, bħat-trasport marittimu, qed jiġu eżaminati opzjonijiet differenti. Pereżempju, Maersk, l-akbar trasportatur marittimu tal-merkanzija fid-dinja kollha, qed jeżamina l-possibbiltà li, għall-propulsjoni tal-flotta tiegħu, juża alkoħols, ammonijaka u bijometan. Trasportaturi oħra qed jiġbru r-riżultati tal-ewwel esperjenzi ta' propulsjoni bl-idroġenu/ċelloli tal-fjuwil. Għad hemm bosta mistoqsijiet pendenti rigward l-idroġenu fit-trasport marittimu, fost l-oħrajn:

1. Kif jista' jiġi garantit li l-idroġenu jkun "ekoloġiku" (miksub bl-elettroliżi tal-ilma b'enerġija rinnovabbli), mhux "blu", u li jiġi prodott minn enerġija żejda, u b'hekk ma titteħidx enerġija rinnovabbli mill-grilja li tkun meħtieġa xi mkien ieħor?

2. F'liema każijiet ta' użu l-idroġenu huwa alternattiva għat-trasport bil-batteriji elettriċi? U meta l-idroġenu jintuża bħala fjuwil, f'liema każ il-propulsjoni bit-teknoloġija taċ-ċelloli tal-fjuwil tkun l-opzjoni l-aktar intelliġenti, f'liema każ ikun aktar effiċjenti li jintuża l-idroġenu prodott mill-ammonijaka jew l-alkoħols? Iż-żewġ mistoqsijiet jistgħu jiġu indirizzati fi proġett pilota li jivvaluta l-opzjonijiet għall-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu f'żona kostali b'infrastruttura tat-trasport marittimu. Il-portijiet huma ċ-ċentri naturali għall-idroġenu, peress li huma n-nodi infrastrutturali għall-konnessjoni mal-parks eoliċi offshore; il-forniment u l-ħżin tal-idroġenu minn barra; ir-riforniment tad-diversi vetturi tat-trasport; l-injezzjoni fil-pipelines għat-trasport intern.

Il-mistoqsijiet jistgħu jiġu indirizzati fi studju kkombinat fuq il-post bl-għodod li ġejjin:

1. analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għal xenarji differenti tal-produzzjoni tal-idroġenu għat-trasport marittimu: il-parks eoliċi fuq l-art vs. il-parks eoliċi fil-baħar bix-xenarju tal-parks eoliċi fil-baħar jiddifferenzja bejn l-elettroliżi fuq l-art vs dik fil-baħar (u b'hekk il-konnessjoni mal-kosta permezz tal-linja tal-elettriku vs. il-pipeline tal-idroġenu);

2. analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji għal użi differenti tal-idroġenu għat-trasport marittimu f'ċiklu ta' produzzjoni magħluq fiż-żona tal-port: propulsjoni biċ-ċelloli tal-fjuwil vs. metanol/etanol vs. ammonijaka.

L-analiżi għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tal-ostakli u l-ispejjeż legali rispettivi u relatati mal-ħruġ tal-liċenzji.

KAPITOLU PP 10 — MIGRAZZJONI

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 10 20 01.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 10 — MIGRAZZJONI *(ikompli)*

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 10 11 2011

PP 10 11 01 Proġett pilota — Network ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

18 03 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġetti pilota.

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 15 20 01.

Bażiġuridika

Il-punt (a) Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 13 2013

PP 14 13 01 Proġett pilota — Investiment strateġiku fil-paċi sostenibbli u d-demokratizzazzjoni fil-Qarn tal-Afrika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	607 161,92

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 15

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 14 2014

PP 14 14 01 Proġett pilota — It-tisħiħ tas-servizzi veterinarji f'pajjiżi li qed jiżviluppaw

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	500 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 14 02 Proġett pilota — Ninvestu f'paċi sostenibbli u f'bini mill-ġdid tal-komunità fiż-żona Cauca, fil-Kolombja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	249 333,88

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 14 *(ikompli)*

PP 14 14 02 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 18

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 15 2015

PP 14 15 01 Proġett pilota – Approċċ integrat għall-iżvilupp u t-tnedija ta' soluzzjonijiet tas-saħħa li jittrattaw il-mard tropikali ttraskurat f'żoni endemiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 22

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 15 02 Proġett pilota — Aċċess għal ġustizzja u kumpens għall-vittmi tal-aktar reati serji mwettqa fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	39 620,24

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 23

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 16 2016

PP 14 16 01 Proġett pilota – Immappjar tat-theddida globali mir-reżistenza għall-antimikrobiċi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	675 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 16 02 Proġett pilota — It-tisħiħ tad-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal u l-adolexxenti spostati fil-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 25

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 16 03 Proġett pilota — Servizzi edukattivi għat-tfal li qabel kienu assoċjati ma' forzi u gruppi armati fiż-Żona Amministrattiva ta' Greater Pibor (Greater Pibor Administrative Area – GPAA) fis-Sudan t'Isfel

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	650 153	0,—	749 847,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 16 *(ikompli)*

PP 14 16 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 26

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 16 04 Proġett Pilota – Nittestjaw l-użu tal-Ġestjoni Parteċipattiva tal-Mergħat (PRM) fil-Kenja u fit-Tanzanija

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	450 000	0,—	550 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 27

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 14 17 2017

PP 14 17 01 Proġett pilota — Appoġġ tad-dimensjoni urbana tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp: żieda fil-kapaċitajiet finanzjarji talbliet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex joħolqu żvilupp urban produttiv u sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 28

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 17 *(ikompli)*

PP 14 17 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 17 02 Proġett pilota — Santé pour tous —Saħħa għal kulħadd —Proġett konġunt ta' Aimes-Afrique (Togo) u Aktion PiT-Togohilfe e.V.

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	216 839,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 31

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 17 03 Proġett pilota — L-iżvilupp ta' ġurnaliżmu Ewropew ibbażat fuq l-għarfien relatat mal-pajjiżi tal-viċinat tal-Ewropa, permezz ta' attivitajiet edukattivi mwassla mill-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	447 546,—

Kummenti

Partita preċedenti

22 04 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 18 2018

PP 14 18 01 Proġett pilota — In-Nisa u l-Kummerċ: noħolqu mudell ta' kapitolu dwar il-ġeneru fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles abbażi ta' *data* dwar in-nisa li jipparteċipaw fil-kummerċ u n-nisa li jipparteċipaw fl-ekonomija domestika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	130 000	280 000,—	224 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

20 02 77 02

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 18 02 Proġett pilota — Trawwim tat-trasparenza u valutazzjoni tal-impatt għall-awtoritajiet lokali fil-Gwatemala

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	300 000	800 000,—	267 380,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 33

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 18 03 Proġett pilota — Garanzija li l-għajnuna lill-vittmi tal-vjolenza sesswali u sessista se titwassal b'mod aktar effikaċi f'kuntesti umanitarji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	353 975,—

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 18 *(ikompli)*

PP 14 18 03 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

23 02 77 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 19 2019

PP 14 19 01 Proġett pilota — Estensjoni tal-kopertura universali tas-saħħa fil-Mauritania

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

21 02 77 35

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 14 21 2021

PP 14 21 01 Proġett pilota — Osservatorju Ewropew għall-ġlieda kontra l-impunità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
175 000	43 750				

Kummenti

Il-proġett pilota għandu l-għan li joħloq Osservatorju Ewropew għall-ġlieda kontra l-impunità (OEI) mibni fuq il-ħtieġa li tiġi promossa l-ġlieda kontra l-impunità għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u delitti kontra l-umanità, billi l-prinċipju tar-responsabbiltà huwa pilastru ċentrali tal-arkitettura tal-ġustizzja internazzjonali.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 14 — AZZJONI ESTERNA *(ikompli)*

PP 14 21 *(ikompli)*

PP 14 21 01 *(ikompli)*

L-objettiv tal-OEI għandu jkun dak li jelabora approċċ fil-livell tal-Unjoni li jkollu l-għan li jiżgura involviment xieraq tad-dimensjoni parlamentari u skrutinju kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali.

Il-proġett pilota għandu jkun ibbażat fuq il-Prinċipji u l-Linji Gwida Bażiċi tan-NU dwar id-dritt għal rimedju u riparazzjoni għall-vittmi ta' ksur gravi tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u ksur serju tad-dritt umanitarju internazzjonali. Bil-ħsieb li jimtlew il-lakuni f'dak li għandu x'jaqsam mal-impunità, il-proġett pilota jkollu l-iskop li jindirizza l-aktar kwistjonijiet sensittivi fil-kuntest tad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem (eż. qtil extraġudizzjarju u għajbien furzat) kif ukoll il-ħtiġijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli (eż. tfal, żgħażagħ, nisa, minoranzi u persuni spostati internament). Dan jinkludi t-tiswir ta' soluzzjonijiet għall-eliminazzjoni tal-ostakli li jista' jkun hemm biex il-vittmi jiksbu aċċess għall-ġustizzja u għall-promozzjoni ta' sistemi ġudizzjarji internazzjonali, inkluża l-ġustizzja tranżizzjonali fejn ir-responsabbiltà tkun f'riskju l-aktar.

Il-ħolqien ta' struttura permanenti tal-Unjoni inkarigata mill-monitoraġġ u t-twettiq ta' attivitajiet f'dan il-qasam jista' verament itejjeb il-ġlieda kontra l-impunità u l-prinċipju tar-responsabbiltà.

L-attivitajiet ewlenin tal-OEI jkunu jinkludu:

(1) sensibilizzazzjoni dwar sitwazzjonijiet u każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li ma jkunux irrappurtati, b'mod partikolari bħala segwitu konkret għar-riżoluzzjonijiet urġenti tal-Parlament Ewropew, bl-identifikazzjoni u l-appoġġ għall-korpi u l-atturi rilevanti fuq il-post u l-koordinament ta' azzjonijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi u l-mekkaniżmi tal-Unjoni u internazzjonali rilevanti kollha; ħolqien ta' pjattaforma biex tiġi amplifikata l-vuċi tal-vittmi u r-rispons tal-Unjoni f'dak ir-rigward;

(2) monitoraġġ tal-impunità mifruxa għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-attakki fuq ir-rwol tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC), fid-dawl tal-komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024;

(3) appoġġ għall-ħidma tan-Network Ewropew għall-Ġenoċidju u ħolqien ta' sinerġiji sabiex tiġi żgurata dimensjoni parlamentari permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali (il-parlamenti), il-Parlament Ewropew, l-assemblej parlamentari f'pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; għoti ta' sostenn lill-ġudikatura fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati internazzjonali u l-valutazzjoni tal-isforzi komuni tal-Istati Membri u l-Unjoni fl-infurzar tal-dritt kriminali u l-ġurisprudenza, partikolarment bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni rilevanti u l-bini ta' networks neċessarji ma' rappreżentanti uffiċjali u mhux uffiċjali fil-livell nazzjonali u Ewropew;

(4) promozzjoni ta' sistemi ta' responsabbiltà multidixxiplinari (inkluża l-QKI) u proċessi ta' riparazzjoni f'ambjenti diffiċli, biex jonqos id-distakk bejn il-mekkaniżmi u l-vittmi (imsejħa wkoll "superstiti") billi jiġi żgurat approċċ iċċentrat fuq il-vittmi;

(5) titjib fil-profil u fil-viżibbiltà tal-involviment tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-impunità permezz ta' avveniment annwali ta' livell għoli (eż. Jiem Ewropej għall-Ġlieda kontra l-Impunità), kampanji mmirati u pubblikazzjoni ta' rapporti, kif ukoll ħolqien ta' sħubijiet u networks ġodda mad-dinja kollha, li potenzjalment ikollhom effett multiplikatur fil-livell multilaterali, reġjonali u lokali;

(6) kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli (għan nru 16) u l-objettiv tagħha li jitfasslu mekkaniżmi aħjar ta' responsabbiltà, permezz ta' aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd u l-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 15 — ASSISTENZA TA' QABEL L-ADEŻJONI

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 15 20 01.

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 15 08 ***2008***

PP 15 08 01 Proġett pilota — Preservazzjoni u restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

22 02 77 01

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

KAPITOLU PP 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' natura sperimentali mfassla biex jittestjaw il-fattibbiltà ta' azzjonijiet u l-utilità tagħhom. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 20 20 01.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA *(ikompli)*

Bażiġuridika

Il-punt (a) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PP 20 15 2015

PP 20 15 01 Proġett pilota — Komunikazzjonijiet elettroniċi kriptati tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	29 900,—

Kummenti

Partita preċedenti

26 03 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt il-proġett pilota.

PP 20 17 2017

PP 20 17 01 Proġett Pilota — Teknoloġiji u għodod tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) ġodda għall-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej (ECI)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	396 942,—

Kummenti

Partita preċedenti

25 01 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI
PROĠETTI PILOTA

KAPITOLU PP 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA *(ikompli)*

PP 20 17 *(ikompli)*

PP 20 17 02 Proġett pilota — Attivazzjoni tal-identifikazzjonijiet elettroniċi u l-firem diġitali fuq l-internet bħala implimentazzjoni tar-Regolament eIDAS mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	84 500	0,—	275 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

26 03 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

PP 20 19 2019

PP 20 19 01 Proġett pilota — Użu mill-ġdid tal-istandards diġitali għas-sostenn tas-settur tal-SMEs

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	340 000	p.m.	525 000	1 050 000,—	53 177,30

Kummenti

Partita preċedenti

25 01 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont il-proġett pilota.

IL-KUMMISSJONI

AZZJONIJIET PREPARATORJI

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

NEFQA

TITOLU PA

AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
	KAPITOLU PA 01							
PA 01 16	***2016***							
PA 01 16 01	Azzjoni preparatorja — Teknoloġiji ta' gharfien miftuħ: immappjar u validazzjoni tal-gharfien							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	699 893	p.m.	927 546	0,—	0,—	
PA 01 16 02	Azzjoni Preparatorja — REIsearch (Qafas ta' Riċerka, Eċċellenza u Innovazzjoni) — It-titjib tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz taż-żieda tal-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	499 232	p.m.	499 232	0,—	1 495 275,50	299,52
PA 01 16 03	Azzjoni Preparatorja — Fabbriki intelliġenti fl-Ewropa tal-Lvant							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	1 168 212,50	
	Artikolu PA 01 16 — Total	p.m.	1 199 125	p.m.	1 426 778	0,—	2 663 488,—	222,12
PA 01 17	***2017***							
PA 01 17 01	Azzjoni preparatorja — Netwerk ta' hubs diġitali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	466 460	0,—	699 690,—	
PA 01 17 02	Azzjoni preparatorja — Trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	147 637	0,—	295 893,21	
	Artikolu PA 01 17 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	614 097	0,—	995 583,21	
PA 01 18	***2018***							
PA 01 18 01	Azzjoni preparatorja — Il-ħolqien ta' Akkademja Diġitali Ewropea							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	471 005	p.m.	680 000	0,—	471 004,20	100
	Artikolu PA 01 18 — Total	p.m.	471 005	p.m.	680 000	0,—	471 004,20	100

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 01 — RIĊERKA U INNOVAZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
PA 01 19	***2019***							
PA 01 19 01	Azzjoni preparatorja — Tħejjija għall-programm il-ġdid Govsatcom tal-UE							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	3 000 000	p.m.	5 000 000	10 000 000,—	0,—	
PA 01 19 02	Azzjoni preparatorja — Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-internet fl-għodod u l-pjattaformi tal-ħolqien ta' siti web b'mod prestabbilit (Web Access By Default)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	300 000	p.m.	240 000	600 000,—	0,—	
	Artikolu PA 01 19 — Total	p.m.	3 300 000	p.m.	5 240 000	10 600 000,—	0,—	
PA 01 20	***2020***							
PA 01 20 01	Azzjoni preparatorja — L-arti u t-teknoloġija diġitali: Il-ħelsien tal-kreattività diġitali għall-industrija, ir-reġjuni u s-soċjetà Ewropej							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 500 000	1 185 000	1 800 000	450 000			
	Artikolu PA 01 20 — Total	1 500 000	1 185 000	1 800 000	450 000			
PA 01 21	***2021***							
PA 01 21 01	Azzjoni preparatorja — Avvanzar tal-evidenza għall-politika fil-livell tal-Unjoni, reġjonali u lokali							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 500 000	375 000					
PA 01 21 02	Azzjoni preparatorja - Inżidu l-aċċess għall-għodod edukattivi f'żoni u komunitajiet b'livell baxx ta' konnettività jew aċċess għat-teknoloġiji							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 400 000	600 000					
	Artikolu PA 01 21 — Total	3 900 000	975 000					
	KAPITOLU PA 01 — TOTAL	5 400 000	7 130 130	1 800 000	8 410 875	10 600 000,—	4 130 075,41	57,92

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019		% Pagamenti 2019/2021
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	
	KAPITOLU PA 02							
PA 02 15	***2015***							
PA 02 15 01	Azzjoni preparatorja — Lejn Sistema Unika u Innovattiva Ewropea tat-Trasport							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	874 790	0,—	874 790,—	
	Artikolu PA 02 15 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	874 790	0,—	874 790,—	
PA 02 16	***2016***							
PA 02 16 01	Azzjoni preparatorja — L-integrazzjoni ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) fl-ispazju tal-ajru Ewropew b'Servizz ta' Geofencing Attiv (AGS)							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	250 000,—	
	Artikolu PA 02 16 — Total	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	250 000,—	
PA 02 17	***2017***							
PA 02 17 01	Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn il-gżejjer fi ħdan u barra l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' identità insulari tal-Patt Globali tas-Sindki							
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	p.m.	951 350	0,—	850 917,29	
- korsijiet ta' taħriġ għall-iskejjel tal-gvern nazzjonali, reġjonali u lokali u l-akkademji (taħriġ għall-ħarrieġa);

- studju dwar il-prattiki u l-għodod biex tissaħħaħ il-kapaċità li tinħoloq u tintuża l-evidenza fil-livell reġjonali u lokali madwar l-Ewropa; li għandu fil-mira li jipprovdi ħarsa ġenerali wiesgħa tal-EIPM fil-livell sottonazzjonali;

- pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u eżempji tal-EIPM fil-livell sottonazzjonali;

- konferenza annwali organizzata b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni.

PA 01 21 02 Azzjoni preparatorja - Inżidu l-aċċess għall-għodod edukattivi f'żoni u komunitajiet b'livell baxx ta' konnettività jew aċċess għat-teknoloġiji

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 400 000	600 000				

Kummenti

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li tiżviluppa strateġija mfassla biex jiżdied l-aċċess għall-għodod tal-edukazzjoni fiż-żoni u l-komunitajiet Ewropej li l-aktar jeħtieġu tali appoġġ. Iż-żoni remoti bħaż-żoni muntanjużi, iż-żoni rurali, il-gżejjer jew id-deltas huma partikolarment sinifikanti għal din l-azzjoni preparatorja. L-azzjoni preparatorja se tikkonsisti fl-identifikazzjoni tal-aħjar soluzzjonijiet u prattiki disponibbli fil-qasam u se twassal għall-implimentazzjoni u l-ittestjar ta' whud mis-soluzzjonijiet l-aktar adegwati fuq skala kbira jew għal numru akbar ta' benefiċjarji.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi mal-livell tal-approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 02 20 02.

Bażiġuridika

Il-punt (b) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 02 15 2015

PA 02 15 01 Azzjoni preparatorja — Lejn Sistema Unika u Innovattiva Ewropea tat-Trasport

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	874 790	0,—	874 790,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 14

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 16 2016

PA 02 16 01 Azzjoni preparatorja — L-integrazzjoni ta' Sistema ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS) fl-ispazju tal-ajru Ewropew b'Servizz ta' Geofencing Attiv (AGS)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	250 000,—

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 16 *(ikompli)*

PA 02 16 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 17 2017

PA 02 17 01 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn il-gżejjer fi ħdan u barra l-Unjoni permezz tal-ħolqien ta' identità insulari tal-Patt Globali tas-Sindki

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	951 350	0,—	850 917,29

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 09

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 18 2018

PA 02 18 01 Azzjoni preparatorja — Nistabbilixxu appoġġ komprensiv għal reġjuni fi tranżizzjoni intensivi fil-faħam u l-karbonju

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	7 153 900	18 000 000	5 750 000	2 000 000,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 18 *(ikompli)*

PA 02 18 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 12

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 18 02 Azzjoni preparatorja — Settijiet ta' għodda għal parteċipanti fid-djalogu tal-pjattaforma dwar il-Faħam biex jiġu żviluppati u akkumpanjati strateġiji ta' tranżizzjoni lokali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	380 000	0,—	426 907,50

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 13

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

PA 02 19 2019

PA 02 19 01 Azzjoni preparatorja — Strument informattiv faċli li jintuża dwar l-iskemi ta' regolamentazzjoni tal-aċċess għaż-żoni urbani u reġjonali tal-vetturi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 500 000	1 000 000	750 000	1 000 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

06 02 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 19 *(ikompli)*

PA 02 19 01 *(ikompli)*

L-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tiżviluppa strument (online/app) faċli li jintuża li jippermetti lis-sewwieqa (jiġifieri sewwieqa kemm professjonali kif ukoll mhux professjonali) jinżammu informati bis-sħiħ dwar l-iskemi ta' regolamentazzjoni tal-aċċess għaż-żoni urbani u reġjonali.

L-informazzjoni tinkludi dan li ġej: kopertura ġeografika, kundizzjonijiet ta' aċċess (tip ta' vettura, ħin (inklużi restrizzjonijiet temporanji b'links għal sorsi ta' informazzjoni f'ħin reali. eċċ.), tariffi (prezzijiet u validità), modi differenti ta' pagament, politiki ta' infurzar, penali, proċeduri ta' appell, eċċ. kemm għaċ-ċittadini tal-pajjiż kif ukoll għall-barranin, bil-possibbiltà li tirċievi informazzjoni bit-teknoloġija "push" fuq talba tal-utenti.

Barra minn hekk, tista' tkun ikkunsidrata l-inklużjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament, bħall-faċilitajiet ta' "park-and-ride", ħżin ta' merkanzija, eċċ.

L-istrument huwa intiż primarjament għall-utenti privati (b'mod parallel mal-pjattaformi eżistenti b'informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri), iżda jista' wkoll jinkludi informazzjoni speċifika għall-professjonisti (eż. kumpaniji tat-trasport tal-merkanzija bit-triq) u links ma' pjattaformi ta' navigazzjoni u ta' tiftix ta' perkorsi.

It-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-estensjoni tagħha li tippermetti lill-utenti tat-triq ikunu infurmati b'mod sħiħ dwar skemi ta' aċċess urbani u reġjonali billi jaħdmu fuq l-elementi meħtieġa, jiġifieri l-istandardizzazzjoni u l-provvista ta' *data* għall-integrazzjoni tal-informazzjoni fl-għodod tan-navigazzjoni.

PA 02 20 2020

PA 02 20 01 Azzjoni preparatorja — Tagħlim għall-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer biex jitgħallmu kif isiru l-offerti għal proġett tal-enerġija rinnovabbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	2 000 000	500 000		

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

Taħt din l-azzjoni preparatorja, l-awtoritajiet u l-komunitajiet tal-gżejjer jiġu mgħallma kif jiktbu offerti miftuħa huma stess. L-offerti miftuħa mbagħad huma għal kumpaniji privati ta' enerġija nadifa biex jirrispondu b'mod kompetittiv bi proposti, b'mod partikolari b'rabta mal-enerġija solari, l-enerġija mir-riħ, il-ħżin (mhux batteriji biss) u t-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 20 *(ikompli)*

PA 02 20 01 *(ikompli)*

L-ispejjeż tal-enerġija rinnovabbli li qed jaqgħu rapidament u n-numri li qed jiżdiedu ta' forniturи ta' enerġija nadifa jfissru li issa l-gżejjer tal-Unjoni għandhom ikunu fi tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, dment li l-awtoritajiet tagħhom ikunu jafu kif jiktbu, jevalwaw u jagħtu offerti. Għall-gżejjer b'baġit amministrattiv skars, dan il-proċess huwa riskjuż billi joħloq domanda teknika, finanzjarja u ġuridika kbira. Din l-azzjoni preparatorja se tipprovdi lill-gżejjer b'mudelli standardizzati għal offerti u se tiġi żviluppata tul id-durata tagħha billi tieħu rappreżentanti tal-gżejjer biex iżuru esperti tal-enerġija rinnovabbli għal gżejjer u siti madwar l-Ewropa, fejn proġetti ta' profitt tal-enerġija nadifa diġà qed jitwettqu, fejn possibbli bl-involviment tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sabiex jaqsmu l-esperjenzi diretti u jitgħallmu dwar l-aħħar ibbaġitjar taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti għal gżejjer. Dan it-taħriġ konkret u dawn iż-żjarat ta' siti se jissarrfu f'taħriġ online b'xejn b'aċċess liberu fi tmiem l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja treġġa' lura l-proċess normali tal-proġett tal-Unjoni, peress li minflok tipprovdi proposta awtonoma b'suċċess b'reazzjoni għal offerta miftuħa tal-Kummissjoni, din se tgħallem lill-komunitajiet tal-gżejjer kif jiktbu offerti huma stess, li għalihom se jirċievu tweġibiet li jkunu ġew imħarrġa biex jipproċessaw u jimmaniġġjaw.

Fi kliem ieħor, isegwi l-mantra ferm magħrufa "agħti ħuta lil xi ħadd u tkun tmajtu għal ġurnata; għallmu kif jistad u tkun tmajtu għal ħajtu."

PA 02 20 02 Azzjoni preparatorja — Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar l-azzjoni għall-klima bejn l-irħula fl-Unjoni u lil hinn permezz tal-ħolqien ta' identità rurali tal-Patt tas-Sindki

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	2 000 000	500 000		

Kummenti

Partita preċedenti

32 02 77 17

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

L-azzjoni preparatorja hija unika inkwantu tiġbor flimkien, permezz tal-qafas il-ġdid tal-Patt Globali tas-Sindki, l-irħula u ż-żoni rurali li jinsabu fil-qalba tal-azzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima. L-irħula tal-Unjoni u l-awtoritajiet rurali madwar id-dinja, li għandhom għarfien aktar mill-qrib tal-isfidi tat-tibdil fil-klima għal territorji rurali u li insistew fuq ftehim ambizzjuż dwar il-klima globali, ser jingħaqdu biex imexxu l-isforzi ħalli jinkiseb l-objettiv tal-klima ta' emissjonijiet żero sal-2050.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 20 *(ikompli)*

PA 02 20 02 *(ikompli)*

L-irħula tal-Unjoni se jaħdmu flimkien fl-Unjoni u lil hinn minnha għall-bini tal-kapaċitajiet globali u, b'mod speċifiku, biex jaqsmu l-esperjenzi, jittrasferixxu l-għarfien u l-kompetenzi tekniċi fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima, jaqsmu l-aħjar eżempji fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih u jaqsmu l-għarfien dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi tal-Unjoni favur investimenti għall-enerġija sostenibbli.

L-azzjoni preparatorja se tinvolvi analiżi tal-aħjar prattiki eżistenti fil-qasam tal-ippjanar tal-enerġija sostenibbli u tal-klima fl-irħula u ż-żoni rurali u l-iżvilupp ta' strateġiji rurali integrati innovattivi biex jiġu indirizzati adegwatament l-aċċess għall-enerġija u l-faqar enerġetiku, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, kif ukoll l-adattament tat-territorji rurali għat-tibdil fil-klima.

Dawn l-istrateġiji għandhom ikunu konformi mal-istrateġija tal-"Pjaneta nadifa għal kulħadd" (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tat-28 ta' Novembru 2018 Pjaneta Nadifa għall-kulħadd – Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima (COM(2018) 773 final)) u fil-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", (Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tat-30 ta' Novembru 2016 "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" (COM(2016) 860 final)) kif ukoll mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-objettivi "Enerġija sostenibbli għal kulħadd".

Fl-aħħar nett, hemm dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ trasparenti, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra konformement mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

PA 02 20 03 Azzjoni preparatorja — Intelliġenza Artifiċjali u Big Data fit-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa: pjattaforma tal-Ewropea tar-reġjuni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	850 000	212 500		

Kummenti

Partita preċedenti

09 03 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

L-azzjoni preparatorja tistabbilixxi pjattaforma Ewropea għar-reġjuni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u l-Big Data (BD) sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi ċċentrati fuq l-utenti. L-integrazzjoni rapida tat-teknoloġiji diġitali toħloq għadd ta' sfidi għall-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Aspett importanti ta' din it-trasformazzjoni jirrigwarda l-aspettattivi taċ-ċittadini u l-impriżi mill-interazzjoni tagħhom mal-gvernijiet. Dan kollu jirrikjedi li t-trasformazzjoni diġitali tal-gvernijiet biex tingħeleb l-isfida.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 20 *(ikompli)*

PA 02 20 03 *(ikompli)*

Hemm bżonn li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jbiddlu l-mod kif joperaw u jorganizzaw ruħhom. Għandhom jiżguraw il-ħiliet meħtieġa biex jintużaw għodod diġitali ġodda; jeħtieġ li jaħdmu b'mod kollaborattiv u jinvolvu liċ-ċittadini u n-negozji.

Il-viżjoni tal-Unjoni hija dik li l-amministrazzjoni pubblika issir waħda miftuħa, interoperabbli, effiċjenti, inklużiva, mingħajr fruntieri u faċli għall-utent, billi toffri ambjent diġitali ġdid għas-servizzi pubbliċi. Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' April 2016 bit-titolu "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020: Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika (COM(2016) 179 final) u fil-Komunikazzjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv — Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits" (COM(2016 587 final), il-Kummissjoni tqis li t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika hija fundamentali għal Suq Uniku Diġitali ta' suċċess.

L-isforz komuni tal-Unjoni jinkludi bażi ġuridika konsistenti, politiki u programmi finanzjarji favur l-interoperabilità diġitali u soluzzjonijiet innovattivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi.

Madankollu, hemm bżonn ta' strument tal-Unjoni biex jappoġġja pjattaforma għar-reġjuni, li tkun kapaċi tindirizza t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Ewropa kollha.

L-IA u l-BD qed jixprunaw paradigma soċjali u ekonomika ġdida fl-Ewropa u lil hinn minnha. Ir-reġjuni jeħtieġu jkunu parti mill-proċess bħala l-eqreb livell ta' gvern għaċ-ċittadini.

Żdied l-użu tal-IA u l-BD mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, fatt li jixhed il-potenzjal kbir f'firxa wiesgħa ta' setturi — mill-mobilità, il-monitoraġġ ambjentali u s-simulazzjonijiet ġeofiżiċi, kif ukoll in-netwerks elettriċi intelliġenti u s-servizzi personalizzati tal-kura tas-saħħa. Pjattaforma Ewropea tar-reġjuni tikkontribwixxi għall-iskambju u għall-iżvilupp ta' risposti u soluzzjonijiet komuni. Ir-reġjuni Ewropej jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex is-sistemi tal-amministrazzjoni pubblika jsiru aktar effiċjenti u kapaċi jiġġeneraw valur pubbliku u jfornu servizzi pubbliċi aqwa.

Diġà ngħata bidu għall-bidla lejn pjattaforma Ewropea tar-reġjuni għal trasformazzjoni diġitali, li juri li l-involviment reġjonali jirrappreżenta valur miżjud għall-objettivi tas-suq uniku diġitali li jimmodernizza lill-amministrazzjoni pubblika u jnaqqas id-distakk diġitali. B'dan l-iskop, fi Brussell ġew organizzati żewġ seminars ta' livell għoli dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, bil-parteċipazzjoni tar-reġjuni, l-impriżi Ewropej kif ukoll tal-Kummissjoni — (DĠ DIGIT, DĠ CONNECT, DĠ ECOFIN u tas-Segretarju Ġenerali). Il-laqgħat ġew promossi mill-gvern reġjonali tal-Emilia-Romagna, bl-involviment tar-reġjuni ta' Hessen, il-Katalonja, il-Fjandra, il-Vallonja, l-Île-de-France, in-Nouvelle-Aquitaine u Trondheim u, min-naħa tal-impriżi, mill-fornituri tal-IT u tal-IA. L-Emilia-Romagna tospita ċ-Ċentru Ewropew ta' Tbassir tat-Temp f'terminu medju, u ntgħażlet biex tospita ċ-Ċentru tas-Supercomuting Ewropew għal Computing ta' Prestazzjoni Għolja u qiegħda tistabbilixxi fondazzjoni internazzjonali dwar il-BD u l-IA għall-iżvilupp tal-bniedem.

L-għanijiet u l-attivitajiet

Il-pjattaforma tar-reġjuni Ewropej għat-Trasformazzjoni Diġitali se:

— tikkondividi l-għarfien dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali u l-oqfsa regolatorji sabiex jiżdied l-użu tal-IA u tal-BD,

— tikkondividi mudelli li jsaħħu l-muturi strateġiċi favur id-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari l-infrastrutturi, id-*data* u s-servizzi, il-ħiliet diġitali u l-komunitajiet,

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 20 *(ikompli)*

PA 02 20 03 *(ikompli)*

— ittejjeb il-kondiviżjoni tas-settijiet tad- *data* u tal-għarfien dwar l-applikazzjonijiet tal-IA u tal-BD għas-servizzi pubbliċi,

— ittejjeb il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-IA u l-BD tal-impjegati taċ-ċivil,

— tiżviluppa u tikkondividi modi ġodda ta' ħidma, inkluża l-ħidma intelliġenti.

B'mod partikolari, l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-attivitajiet li ġejjin:

— il-ħolqien ta' pjattaforma għar-reġjuni għall-IA u l-BD, li tiġbor flimkien lill-gvernijiet reġjonali, l-aġenziji tal-ICT, lill-fornituri u l-impriżi,

— l-iżvilupp ta' arranġamenti għall-ittestjar pilota b'rabta mat-trasformazzjoni kulturali li tirriżulta mill-post tax-xogħol diġitali u l-ħidma intelliġenti,

— żewġ hackathons Ewropej dwar l-użu tad- *data*, tal-istandards u tal-interoperabilità kondiviża għall-amministrazzjonijiet pubbliċi,

— żewġ seminars għall-kokreazzjoni ta' servizzi pubbliċi ċċentrati fuq l-utenti abbażi tal-IA u tal-BD,

— it-tagħlim bejn il-pari għall-maniġers b'rabta mal-IA u l-BD.

Il-pjattaforma tinvolvi tużżana reġjuni Ewropej minn diversi Stati Membri.

L-azzjoni preparatorja tikkomplementa l-programm ISA2. B'mod speċifiku, il-pjattaforma Join Up tista' tagħti kontribut għall-azzjoni.

PA 02 20 04 Azzjoni preparatorja — Amministrazzjoni lokali intelliġenti li tuża l-Internet tal-Oġġetti, l-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u l-għodod ta' tagħlim awtomatiku biex tkun eqreb lejn iċ-ċittadin

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

09 03 77 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni ta' tħejjija.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ *(ikompli)*

PA 02 20 *(ikompli)*

PA 02 20 04 *(ikompli)*

Iċ-Ċentru għall-Innovazzjoni u l-Imaġinazzjoni Ċivika (CICI) huwa strument għall-innovazzjoni soċjali, il-komunikazzjoni, ir-riċerka u l-promozzjoni, kif ukoll forum għad-diskussjoni u l-informazzjoni għaċ-ċittadini, il-pubbliku u l-esperti f'diversi oqsma. Dan iċ-Ċentru għandu l-għan ukoll li jsir laboratorju permanenti li fih jiġu żviluppati u ttestjati forom differenti ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi tal-bliet sabiex tiġi appoġġata l-prattika parteċipattiva u jiġu promossi diskussjonijiet dwar proġetti ta' innovazzjoni urbana. Huwa jiġġestixxi l-proċessi ta' analiżi, jiżviluppa proġetti pilota għall-komunità u jipprova jsolvi l-problemi urġenti tal-belt u jippjana proġetti futuri, filwaqt li jidentifika funzjonijiet komplementari b'rabta mad-dinamika attwali tal-belt. Waħda mill-partikolaritajiet taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u l-Imaġinazzjoni Ċivika hija l-organizzazzjoni effettiva ta' laqgħat u laqgħat miftuħa u metodoloġiji ta' innovazzjoni rakkomandati mill-Kummissjoni, bl-użu tal-kunċett tal-ispiral kwadruplu (li jindirizza t-temi għall-analiżi bil-parteċipazzjoni ta' esperti fil-post tal-amministrazzjoni pubblika, l-akkademiċi, l-ambjent tan-negozju u s-settur tal-NGOs), jew anke l-mudell tal-ispiral kwintuplu, billi jinvolvi liċ-ċittadin - benefiċjarju direttta' miżuri mmirati biex iżidu l-kwalità tal-ħajja fil-belt. Iċ-Ċentru jikkoordina u jiggwida netwerks kumplessi ta' governanza parteċipattiva.

Din l-azzjoni preparatorja tenfasizza l-proattività taċ-ċittadini fil-konfront tal-gvern lokali u li tenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 03 20 02.

Bażiġuridika

Il-punt (b) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 03 09 2009

PA 03 09 01 Azzjoni preparatorja — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 09 *(ikompli)*

PA 03 09 01 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 03

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 12 2012

PA 03 12 01 Azzjoni preparatorja — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 15 2015

PA 03 15 01 Azzjoni Preparatorja — Prodott tat-turiżmu Ewropew transnazzjonali marbut mal-kultura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	600 000,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 21

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 15 *(ikompli)*

PA 03 15 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 17 2017

PA 03 17 01 Azzjoni Preparatorja — Il-Belt Kapitali Ewropea tat-Turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	640 000	p.m.	740 700	0,—	951 473,39

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 29

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 2018

PA 03 18 01 Azzjoni Preparatorja — Ewropa kulturali: promozzjoni tat-teżori Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 100 000	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 31

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 18 *(ikompli)*

PA 03 18 02 Azzjoni preparatorja — Turiżmu li Jgħaqqad id-Dinja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	900 000	p.m.	720 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 32

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 03 Azzjoni preparatorja — Bini ta' kapaċitajiet intraprenditorjali għall-migranti żgħażagħ

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	313 725	p.m.	366 010	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 33

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 04 Azzjoni preparatorja — Tħaffif tal-modernizzazzjoni industrijali bit-titjib tal-appoġġ għall-faċilitajiet ta' dimostrazzjoni pan-Ewropea – l-istampar 3D

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	160 000	p.m.	100 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 35

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 18 *(ikompli)*

PA 03 18 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 18 05 Azzjoni preparatorja — Cir©Lean: Netwerk favorevoli għan-negozju biex l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni jużaw l-opportunitajiet kummerċjali tal-ekonomija ċirkolari

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	357 405	p.m.	450 000	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 36

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 03 19 2019

PA 03 19 01 Azzjoni preparatorja — Tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ — twaqqif ta' kooperattivi biex jissaħħu l-opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	600 000	2 000 000,—	29 968,92

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 38

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 19 *(ikompli)*

PA 03 19 01 *(ikompli)*

Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu sfida sinifikanti għall-Istati Membri. Minn Frar 2018, ir-rata relatata kienet ta' 15,9 % fl-UE28 u 17,7 % fiż-żona tal-euro. L-għan tal-proġett pilota inizjali kien li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ permezz ta' kooperattivi tal-ħaddiema li joħolqu opportunitajiet imprenditorjali u ta' xogħol sostenibbli għaż-żgħażagħ sew biex jaħdmu sew biex, fl-istess ħin, isiru sidien ta' parti mill-kumpanija, kif ukoll li jistabbilixxi l-aħjar prattika fil-qasam għall-UE kollha kemm hi.

Il-proġett pilota tnieda fl-aktar tliet pajjiżi tal-UE li għandhom esperjenza f'dan il-qasam u kien jinkludi objettivi bħal titjib fl-għarfien tal-kunċett ta' negozju kooperattiv, gwida lill-istudenti relatata mal-implimentazzjoni tal-ideat tagħhom u għajnuna indirizzata lilhom biex jibdew negozji fil-forma ta' kooperattiva, mal-għoti ta' taħriġ u internships/apprendistati f'kooperattivi kif ukoll mal-eżami tal-mod kif jinħolqu sinerġiji ma' programmi relatati tal-UE.

L-azzjoni preparatorja tkompli tibni fuq l-impatt tal-proġett pilota f'dawn it-tliet Stati Membri u tesdenti azzjonijiet għal Stati Membri oħra li għadhom qed jissieltu ma' livelli għoljin ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, bħall-Greċja u Spanja.

PA 03 20 2020

PA 03 20 01 Azzjoni preparatorja — Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ Global / Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 540 000	2 200 000	550 000		

Kummenti

Partita preċedenti

02 02 77 41

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja tibni fuq is-suċċess tal-proġett pilota Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ Globali (EYE Global)/Achieve Leadership in Entrepreneurship and Cooperation Opportunities (ALECO). Tikkontribwixxi għall-objettivi fil-qasam tal-intraprenditorija u t-tkabbir ekonomiku permezz ta' appoġġ għall-ħolqien ta' negozji ġodda fl-Unjoni kollha.

L-azzjoni hija skema ta' mobilità unidirezzjonali għal imprendituri ġodda tal-Unjoni li tipprevedi massimu ta' tliet xhur fl-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, Singapore u l-Korea t'Isfel. Id-destinazzjonijiet intgħażlu abbażi tal-progress magħmul mill-proġett pilota attwali, ir-rilevanza kummerċjali (inkluża l-eżistenza ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles) u l-eżistenza ta' ekosistemi avvanzati ta' appoġġ għal negozji ġodda.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 20 *(ikompli)*

PA 03 20 01 *(ikompli)*

Mill-grupp fil-mira jintgħażlu sa 350 kandidat mill-Istati Membri, li jingħataw l-opportunità jimmaturaw esperjenza minn imprendituri ospitanti ta' suċċess u ta' esperjenza kif ukoll jinteraġixxu mal-ekosistema ta' negozji ġodda ospitanti.

Il-grupp tal-parteċipanti fil-mira jinkludi profili bil-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin: (a) imprendituri futuri li jkollhom pjanijiet ta' attività lesti għall-implimentazzjoni kif ukoll impenn vinkolanti li jistabbilixxu kumpanija; (b) imprendituri li jkunu bdew negozju fl-aħħar tliet snin, sew għal rashom u sew bi sħab.

Il-baġit tal-Unjoni jappoġġja lill-imprendituri parteċipanti billi jkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza fid-destinazzjonijiet magħżula għat-tul tas-soġġorn tagħhom u jiffinanzja wkoll il-miżuri meħtieġa biex jiġu identifikati l-imprendituri ospitanti u ssir promozzjoni tal-programm fid-destinazzjonijiet.

L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-azzjoni jibnu fuq l-arranġamenti eżistenti għall-proġett pilota EYE Global u jinkludu — fejn applikabbli — delega lill-aġenzija eżekuttiva rilevanti u aġġustament tar-riżorsi f'każ ta' bżonn.

PA 03 20 02 Azzjoni preparatorja — Ittestjar indipendenti tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) fit-triq biex jiġu żgurati informazzjoni wiesgħa u trasparenza għal sorveljanza aħjar tas-suq

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	500 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

02 03 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

B'segwitu għall-proġett pilota eżistenti taħt il-Partita PP 03 18 02 u b'kunsiderazzjoni tal-paragrafu 40 tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku (ĠU C 298, 23.8.2018, p. 140), din l-azzjoni preparatorja tkompli tiffinanzja miżuri relatati mal-ittestjar tal-RDE minn partijiet terzi, b'rabta mat-traspożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Fil-passat, partijiet terzi kkwalifikati taw lill-awtoritajiet fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali informazzjoni affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-vetturi. Dik l-informazzjoni rarament kienet tkun disponibbli min-naħa tal-awtoritajiet responsabbli. Il-finanzjament għandu jsir disponibbli sabiex ikunu jistgħu jipprovdu data affidabbli minn testijiet tal-emissjonijiet fit-triq fuq il-karozzi tal-passiġġieri li tkun indipendenti mid-data pprovduta minn manifatturi u awtoritajiet regolatorji, sabiex tiġi promossa t-trasparenza u titjieb is-sorveljanza tas-suq.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 20 *(ikompli)*

PA 03 20 02 *(ikompli)*

Partijiet terzi se jużaw proċeduri ta' ttestjar validati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151, inklużi l-erba' pakketti tal-RDE u l-linji gwida elenkati fin-notifika tal-Kummissjoni tas-26 ta' Jannar 2017. Dawn jippubblikaw ir-riżultati tal-kejl tagħhom sabiex jappoġġaw l-iżvilupp ta' proċeduri tal-aħjar prattika u l-għoti ta' informazzjoni usa' lill-awtoritajiet responsabbli u lill-pubbliku.

L-enfasi tal-ħidma tkun fuq il-konformità tul il-ħajja li tista' tiġi vvalutata bl-ittestjar ta' vetturi li jkunu qabżu l-parametri regolati attwalment jew permezz ta' konformità waqt is-servizz, jew permezz ta' sorveljanza tas-suq, i.e. vetturi b'aktar minn ħames snin jew li ntużaw għal aktar minn 100,000 km. Tali ttestjar jipprovdi informazzjoni estremament utli dwar il-kwalità tas-sistemi attwali ta' kontroll tal-emissjonijiet u jgħin biex tingħata informazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-proposta leġiżlattiva l-ġdida dwar l-emissjonijiet. L-ittestjar għandu jinkludi testijiet RDEu testijiet fil-laboratorju b'vetturi qodma, kif ukoll il-kejl tas-sustanzi niġġiesa possibbli kollha, inklużi dawk li bħalissa mhumiex regolati.

Partijiet terzi indipendenti għaldaqstant se jikkontribwixxu għal sorveljanza aħjar tal-prestazzjoni tal-istandards tal-exhaust fil-prattika, u sa liema punt qegħdin jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għal dak li jirrigwarda l-kwalità tal-arja u l-politika dwar il-klima. Dawn jikkontribwixxu biex ikun hemm fehim aħjar tal-istrateġiji għat-tnaqqis tal-exhaust għal dak li jirrigwarda l-aċċelerazzjoni, il-veloċità għolja, it-temperatura tal-madwar u kriterji oħrajn. Il-proċedura speċifika tal-ittestjar tagħhom tiġi dokumentata b'mod trasparenti u għandha tqis ir-regolamenti attwali dwar l-RDE u r-riċerka l-aktar riċenti.

PA 03 20 03 Azzjoni preparatorja — Analiżi tal-konsegwenzi ta' sjieda komuni minn investituri istituzzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	300 000	75 000		

Kummenti

Partita preċedenti

12 02 77 10

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Fil-preżent, hemm trasferiment ta' kapital minn fondi ta' ġestjoni attivi lejn fondi indiċizzati li jsegwu b'mod passiv punti ta' riferiment stabbiliti. Hemm għadd ta' raġunijiet għal dan l-iżvilupp reċenti. L-ewwel nett, il-pensjonijiet privati saru aktar importanti u l-investituri qed ifittxu prodotti b'kostijiet baxxi kif offruti minn fondi ta' ġestjoni passiva, sabiex jimmassimizzaw il-profitti tagħhom. It-tieni nett,id-Direttiva 2014/65/UE tal-PArlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349) daħlet fis-seħħ u daħlet rekwiżiti aktar stretti ta' governanza, ta' responsabilità u ta' trasparenza li kumpaniji kbar ta' investiment jistgħu jissodisfaw aktar faċilment.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 20 *(ikompli)*

PA 03 20 03 *(ikompli)*

Billi l-industrija tal-fondi indiċizzati hija kkonċentrata b'mod qawwi fi tliet kumpaniji ta' investiment kbar barra mill-Unjoni, l-iżvilupp qawwi tal-fondi indiċizzati qed jirriżulta f'konċentrazzjoni ta' sjieda fil-kumpaniji Ewropej kkwotati fil-borża. Barra minn hekk, it-trasferiment lejn fondi indiċizzati b'ġestjoni passiva jżid il-poter tas-suq ta' grupp żgħir ta' forniturі ta' indiċijiet prattikament mhux studjati li jistabbilixxi l-kriterji għall-inklużjoni ta' kumpaniji f'indiċijiet ta' punti ta' riferiment ewlenin. Din is-sitwazzjoni qabelxejn toħloq tħassib f'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza tal-kumpaniji Ewropej, inklużi iżda mhux biss, għall-kodeterminazzjoni, għall-investimenti fit-tul u għall-għażla tal-lokalizzazzjoni. Barra minn hekk, is-"sjieda komuni" toħloq preokkupazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni. Apparti dan, il-proċess ta' konċentrazzjoni li għaddej bħalissa fis-settur tal-ġestjoni tal-assi jista' jkollu konsegwenzi potenzjalment negattivi għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

Dan il-proġett pilota se jwettaq l-ewwel analiżi tal-konsegwenzi tas-sjieda komuni ta' investituri istituzzjonali fil-kumpaniji Ewropej ikkwotati fil-borża. L-analiżi se tkun tikkonsisti minn tliet aspetti, li jikkombinaw (1) l-ewwel mappatura empirika komprensiva tas-sjieda komuni fl-Istati Membri tal-Unjoni, (2) analiżi tal-imġiba tal-vot tal-impriżi ta' investiment indiċizzati l-kbar fil-kumpaniji Ewropej, (3) intervisti li jsiru minn esperti mal-operaturi tas-suq u mal-klassi maniġerjali tal-kumpaniji dwar l-influwenza kemm tal-impriżi ta' investiment indiċizzati kif ukoll tal-forniturі tal-indiċijiet u (4) l-impatt fuq il-governanza tal-kumpaniji, il-kompetizzjoni u l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni.

PA 03 20 04 Azzjoni preparatorja — Osservatorju tal-UE għar-Reati Fiskali u Finanzjarji – Bini ta' kapaċità b'appoġġ għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 200 000	1 200 000	1 200 000	300 000		

Kummenti

Partita preċedenti

14 03 77 04

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

L-abbundanza ta' rivelazzjonijiet dwar ħasil tal-flus, evażjoni fiskali u evitar tat-taxxa f'dawn l-aħħar snin heżżet b'mod sinifikanti l-fiduċja taċ-ċittadini, in-negozji u t-trade unions tal-Unjoni fir-robustezza u l-ekwità tar-regoli tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus, l-evażjoni fiskali u l-evitar tat-taxxa. Meta tliet ċittadini minn kull erba' jistennew li l-Unjoni tagħmel aktar dwar it-tassazzjoni, huwa essenzjali li jitqiesu l-interessi pubbliċi u l-interessi tal-partijiet konċernati kollha fit-tfassil ta' inizjattivi sabiex jissaħħu r-regoli Ewropej kontra r-reati finanzjarji, l-evażjoni fiskali u l-evitar tat-taxxa.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 20 *(ikompli)*

PA 03 20 04 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja toħloq osservatorju speċjalizzat u indipendenti dwar kwistjonijiet relatati mar-reati fiskali u finanzjarji fl-Unjoni b'dawn il-funzjonijiet ewlenin:

— il-ħolqien ta' repożitorju ta' data disponibbli pubblikament dwar l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fl-Unjoni u l-effetti tar-riforma politika f'dawn l-oqsma;

— id-disseminazzjoni tad-data disponibbli – b'mod faċilment utilizzabbli – u l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar kwistjonijiet relatati mal-ġustizzja fiskali, inklużi kwistjonijiet relatati bħar-regoli kontra l-ħasil tal-flus, għan-negozji, il-kontribwenti individwali u l-pubbliku ġenerali;

— il=provvediment ta' funzjonijiet segretarjali u maniġerjali għal forum ta' esperti bis-sehem ta' diversi partijiet li, fost l-oħrajn, ikun korp konsultattiv inkarigat mill-gwida metodoloġika fil-qasam tat-tassazzjoni u l-kriminalità finanzjarja;

— l-għoti ta' evidenza u rakkomandazzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, l-evitar tat-taxxa u l-kriminalità finanzjarja, abbażi tal-ħidma tal-forum;

— il-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali differenti u amministrazzjonijiet nazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mat-tfassil tal-politika tal-Unjoni dwar it-taxxa u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (i.e. il-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus hija neċessarja biex tiġi miġġielda l-evażjoni fiskali).

Minħabba r-rwol ta' dan l-osservatorju, l-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni preparatorja għandha titmexxa mid-DĠ TAXUD tal-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' Direttorati Ġenerali rilevanti oħra.

PA 03 20 05 Azzjoni preparatorja — Valutazzjoni tal-allegati differenzi fil-kwalità tal-prodotti mibjugħin fis-suq intern

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
900 000	495 000	900 000	225 000		

Kummenti

Partita preċedenti

33 04 77 07

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

Din l-azzjoni preparatorja hija segwitu għal proġetti pilota preċedenti u tkompli tindirizza l-kwistjoni ta' kwalità dupliċi, filwaqt li tqis b'mod sħiħ ir-riżultati tal-proġetti pilota, u b'hekk tiżgura l-kontinwità. Din tiffoka fuq l-estensjoni tal-ambitu tar-riċerka biex tinkludi prodotti mhux tal-ikel (eż. deterġenti, kożmetiċi, prodotti iġjeniċi u prodotti għat-trabi, kif previst taħt il-proġetti pilota), b'kampjuni mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, jiffoka fuq il-fattibbiltà li jinħoloq ċentru permanenti ta' monitoraġġ tal-kwalità mill-Istati Membri, l-NGOs jew l-inizjattivi tas-settur privat eċċ. għal prodotti mibjugħa fis-suq intern, bil-ħsieb li tittieħed azzjoni fit-tul biex tissolva l-kwistjoni kwalità dupliċi fis-suq intern.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 20 *(ikompli)*

PA 03 20 05 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja hija implimentata tramite l-akkwist. Il-Kummissjoni se tvara studju li se jitwettaq bl-għajnuna taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni.

PA 03 21 2021

PA 03 21 01 Azzjoni Preparatorja — Il-mekkaniżmu Ewropew ta' mmaniġġar ta' kriżijiet għas-settur tat-turiżmu

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 500 000	625 000				

Kummenti

L-industrija tat-turiżmu, li tinkludi aktar minn 2 miljun negozju u timpjega aktar minn 13-il miljun ruħ, tirrappreżenta madwar 7 % tad-dħul totali mill-esportazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk hija r-raba' l-akbar industrija tal-esportazzjoni fl-Unjoni.

Peress li t-turiżmu jirrappreżenta perċentwal kbir ħafna tal-PDG għal uħud mill-Istati Membri - pereżempju madwar 14% għall-Italja, Spanja u Franza u madwar 16.5% għall-Portugall, l-importanza tiegħu fil-livell nazzjonali u Ewropew hija inkontestabbli.

L-Ewropa hija l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, iżda l-pass tat-tkabbir naqas mill-2019 minħabba l-inċertezzi dwar il-Brexit, il-kollass ta' Thomas Cook u kumpaniji oħra tal-linji tal-ajru u issa l-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, ttieħdu t-tagħlimiet mill-passat, pereżempju, bħall-attakki terroristiċi tas-snin preċedenti u l-impatt negattiv tagħhom fuq is-settur tat-turiżmu. Dawn il-każijiet sfortunati kollha juru li s-settur tat-turiżmu huwa fraġli ħafna f'dak li jirrigwarda ċirkostanzi eċċezzjonali u okkorrenzi eċċezzjonali, li jikkawżaw dubji u xi drabi effetti irriversibbli fuq il-katina tal-valur - l-SMEs, l-operaturi turistiċi, il-kumpaniji tal-ajru, il-lukandi, is-settur tal-forniment tal-ikel eċċ. u b'hekk jinħoloq effett ta' domino.

F'dan it-tip ta' ċirkostanzi eċċezzjonali l-konsumaturi jiffaċċjaw kanċellazzjonijiet tar-riżervazzjonijiet, il-ħaddiema jirriskjaw li jiġu mċaħħda mis-sors ta' dħul tagħhom, il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs ikunu jeħtieġu appoġġ finanzjarju u likwidità u minkejja xi wħud mill-mekkaniżmi nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat, li joffru flessibbiltà addizzjonali, hemm nuqqas ta' ċertezza legali u ma hemmx rispons unit mill-Unjoni. L-aħħar avvenimenti jippreżentaw lis-settur tat-turiżmu u tal-ivvjaġġar bi sfidi kbar u li qed jevolvu. L-ewwel kompitu immedjat huwa li jiġi żgurat li l-ivvjaġġar u t-turiżmu jkunu integrati bis-sħiħ fil-pakkett ta' emerġenza, mitigazzjoni u appoġġ nazzjonali, reġjonali u globali. Din l-azzjoni preparatorja tiffoka fuq it-tħejjija tat-turiżmu billi jiġu stabbiliti mekkaniżmi fil-livell tal-Unjoni għall-immaniġġar ta' kriżijiet futuri filwaqt li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Hemm bżonn li jittejbu l-valutazzjoni tar-riskju u t-tħejjija għall-kriżijiet kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Fil-livell tal-Unjoni ma hemm l-ebda strateġija koerenti u strutturata tajjeb, li tista' tifforma l-bażi ta' mekkaniżmu ta' mmaniġġar ta' kriżijiet madwar l-Ewropa kollha. Ma hemm l-ebda pjan ta' azzjoni komuni b'objettivi ċari jew approċċ inklużiv b'allokazzjonijiet u responsabbiltajiet tar-riżorsi.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 03 — SUQ UNIKU *(ikompli)*

PA 03 21 *(ikompli)*

PA 03 21 01 *(ikompli)*

Il-Kummissjoni stabbiliet strumenti differenti - flessibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, programmi li jappoġġjaw lill-SMEs, il-programm SURE, leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u eżenzjoni tal-islots tal-prinċipju 80/20. Uħud minn dawk l-istrumenti jieħdu l-forma ta' self u garanziji u għandhom jingħataw lill-SMEs b'rata tal-imgħax żero jew baxxa ħafna, b'perjodu ta' grazzja u ta' mill-inqas sena bħala perjodu ta' grazzja. Madankollu, jenħtieġ mekkaniżmu uniku ta' mmaniġġar ta' kriżijiet, b'responsabbiltà kondiviża għall-Unjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, li lkoll għandhom jaqdu rwoli ewlenin fl-immaniġġar u ż-żamma tas-settur tat-turiżmu, sabiex jagħtu rispons Ewropew uniformi għal kriżijiet futuri.

L-objettiv ġenerali tal-azzjoni preparatorja huwa li toħloq mekkaniżmu Ewropew ta' mmaniġġar ta' kriżijiet għas-settur tat-turiżmu li jkun jinkludi l-elementi li ġejjin:

- pula finanzjarja xierqa għall-immaniġġar ta' kriżijiet, ibbażata fuq strumenti eżistenti jew maħluqa ġodda, li tiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi tat-turiżmu għall-appoġġ finanzjarju u l-likwidità fil-partijiet kollha tal-katina tal-valur tat-turiżmu matul perjodi ta' kriżi;

- linji gwida xierqa għall-immaniġġar ta' kriżijiet għad-drittijiet tal-passiġġieri u tal-konsumaturi, ibbażati fuq leġiżlazzjoni attwali rilevanti u wkoll fuq l-esperjenzi u l-aħjar prattiki;

- analiżi tar-regoli eżistenti biex jitqiesu aħjar iż-żminijiet ta' ċirkostanzi eċċezzjonali (jiġifieri: dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, il-pakketti tal-ivvjaġġar, is-slots, l-Għajnuna mill-Istat, ir-regoli dwar il-viża, it-taxxi fuq il-vjaġġaturi);

- gwida ċara għall-Istati Membri dwar ir-ripatrijazzjoni kkoordinata taċ-ċittadini tal-Unjoni, f'termini ta' allinjament tal-pariri dwar l-ivvjaġġar mal-gvernijiet lokali, reġjonali u nazzjonali;

- il-previżjoni ta' linji gwida u riżorsi finanzjarji għall-ippjanar ta' kampanji u inizjattivi ta' komunikazzjoni ta' wara l-kriżi;

- il-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' kejl affidabbli biex iservu bħala Ewrobarometri Flash matul perjodi eċċezzjonali biex jinftiehem tal-impatt u u b'hekk isir adattament għal xejriet futuri;

- l-għoti ta' gwida lill-industrija dwar kif tikkomunika mal-midja u man-network soċjali abbażi ta' prattiki tajba;

- linji gwida b'miżuri addizzjonali bbażati fuq prattiki tajbin fis-settur tat-turiżmu f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex jiġi żgurat irkupru rapidu u sħiħ.

L-għanijiet operattivi tal-azzjoni preparatorja huma:

- il-ħolqien ta' mekkaniżmu bi struttura doppja, bħala tim għall-immaniġġar tal-kriżijiet għat-turiżmu u l-ivvjaġġar: li għandu jiġi attivat jew taħt ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta operatur partikolari jkun taħt theddida imminenti speċifika;

— l-iżvilupp ta' grupp ta' ħidma pan-Ewropew dwar l-isfidi diġitali bil-għan li jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-istħarriġ;

— il-provvista ta' appoġġ dirett lill-kunsilli tal-istampa l-ġodda fl-Ewropa;

— l-inklużjoni tal-kunsilli tal-istampa u tal-midja fi djalogu globali dwar l-etika tal-midja fl-era diġitali (parteċipazzjoni f'konferenzi globali dwar l-internet, eċċ.);

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari mal-intermedjarji tal-internet bil-għan li jinkiseb rikonoxximent online tal-kontenut medjatiku li diġà jkun taħt is-superviżjoni ta' kunsill tal-istampa.

PA 07 20 02 Azzjoni preparatorja — Programmi sportivi tal-massa u innovazzjoni fl-infrastruttura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
2 000 000	1 155 500	1 500 000	375 000		

Kummenti

Partita preċedenti

15 02 77 29

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-isport tal-massa huwa qasam tradizzjonali u li jevolvi bil-mod. Is-soċjetà inġenerali u l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-individwi rigward l-isport, madankollu, jinbidlu aktar malajr. Verament, iċ-ċifri tal-parteċipazzjoni jitfgħu dawl fuq id-diskrepanza li kulma jmur qed tikber bejn id-dispożizzjoni ta' opportunitajiet għall-isport permezz ta' organizzazzjonijiet sportivi tradizzjonali u d-domanda għall-isport mill-individwi. Il-mod kif inhuma organizzati l-assoċjazzjonijiet u l-klabbs sportivi u l-fatt li huma nieqsa mill-innovazzjoni ma jħalluhomx inaqqsu din il-lakuna. Dan il-proġett se jisfida lill-partijiet li jinsabu barra mill-istruttura tradizzjonali tal-isport biex jipproponi soluzzjonijiet innovattivi ħalli l-forniment tal-isport jinġieb f'konformità mad-domanda tal-individwi fil-livelli kollha, u biex tiġi provduta ekosistema ta' innovazzjoni sportiva biex isir possibbli li jiġu offruti lill-pubbliku inġenerali, aktar malajr, modi ġodda ta' kif jista' jintlagħab l-isport.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 02 *(ikompli)*

Sabiex tinħoloq ekosistema innovattiva li tiffunzjona għall-organizzazzjonijiet tal-isport tal-massa, hemm bżonn ta' żewġ affarijiet: programmi rikreattivi (soft programmes) ġodda li joffru l-isport b'modi ġodda, u infrastruttura sportiva flessibbli li tkun kapaċi tospita sports differenti f'post wieħed.

Din l-azzjoni preparatorja se tidentifika u tittestja innovazzjonijiet promettenti multipli fiż-żewġ kategoriji. Biex dan jirnexxi, se jiġu organizzati sfidi għall-innovazzjoni li jagħżlu u jippremjaw l-innovazzjonijiet promettenti ġejja mingħand kwalunkwe parti interessata (istituzzjoni, kumpanija, negozju għadu jibda, individwu/i jew partijiet oħra), li jistgħu jiġu introdotti u ttestjati fuq perjodu sostanzjali (minimu ta' sitt xhur). Il-finanzjament se jkun investit fi programmi rikreattivi u f'infrastruttura sportiva (żgħira) ġdida.

L-għan aħħari tal-azzjoni preparatorja huwa li jiġu inklużi innovazzjonijiet ittestjati fl-ekosistema tal-klabbs sportivi u l-infrastruttura eżistenti. Eżempji ta' programmi rikreattivi jistgħu jkunu futbol 3-a-side, fużjoni bejn sports differenti (eż. eżerċizzji fiżiċi u futbol) jew mini-tornej lokali rikorrenti. Eżempji ta' innovazzjonijiet ta' infrastruttura żgħira ġdida jistgħu jkunu sistemi jew sensuri ta' mmarkar flessibbli tal-linji tal-piċċ biex jiġi indikat liema piċċ ikun disponibbli u liema jkun qed jintuża. Eżempji li jkunu ġew ittestjati b'suċċess se jiġu kondiviżi mal-partijiet ikkonċernati Ewropej permezz ta' pjattaforma onlajn, bil-kooperazzjoni tal-korpi regolatorji Ewropej bħall-UEFA.

L-azzjoni se:

— toħloq soluzzjonijiet innovattivi għall-isports mhux tradizzjonali permezz tal-organizzazzjoni ta' sfidi ta' innovazzjoni miftuħa;

— iżżid l-għadd ta' persuni li jipprattikaw l-isport billi jiġu offruti kunċetti ġodda;

— iżżid l-użu tal-infrastruttura sportiva eżistenti.

Ir-riżultati mistennija jinkludu:

— għadd ta' programmi rikreattivi innovattivi ttestjati li jistgħu jiġu integrati fil-klabbs tal-isport tal-massa;

— għadd ta' elementi infrastrutturali żgħar innovattivi ttestjati li jistgħu jiġu inkorporati fl-infrastruttura sportiva eżistenti;

— metodi ġodda biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport permezz tal-innovazzjoni, li se jkollhom effetti benefiċjenti fuq is-saħħa pubblika u l-integrazzjoni soċjali;

— il-kisba ta' tagħlim dwar kif jistgħu jiġu inklużi l-partijiet ikkonċernati mhux tradizzjonali biex l-innovazzjoni tinġieb fix-xena sportiva, li għandhom jiġu kondiviżi permezz tal-istrutturi tal-assoċjazzjonijiet Ewropej.

Peress li r-riżultati mistennija ta' din l-azzjoni jinkludu bidliet fl-infrastruttura sportiva eżistenti, din mhijiex eliġibbli taħt il-programm Erasmus+.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 03 Azzjoni preparatorja — Finanzi, Tagħlim, Innovazzjoni u Privattivi għall-Industriji Kulturali u Kreattivi (FLIP għal IKK)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000	1 500 000	375 000		

Kummenti

Partita preċedenti

15 04 77 22

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Id-diversità kulturali u l-identifikazzjoni tat-taħlita kulturali xierqa huma elementi ta' importanza strateġika għall-kreattività u l-innovazzjoni. L-industriji kulturali u kreattivi (IKK) fl-Ewropa jħaddmu aktar minn 12-il miljun persuna, jew 7,5 % tal-forza tax-xogħol Ewropea, u joħolqu madwar EUR 509 000 000 000 ta' valur miżjud bħala konsegwenza, partikolarment, tal-kontribut li jagħtu l-impriżi żgħar u tal-mikroimpriżi. L-IKK huma xprun għall-ġenerazzjoni ta' vantaġġ kompetittiv għall-Ewropa, speċjalment minħabba li jfornu prodotti u servizzi li jippromwovu l-evoluzzjoni tal-paradigmi tal-produzzjoni ta' Industry 4.0.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tiddefinixxi u tittestja l-politiki u l-azzjonijiet neċessarji biex dawn l-impriżi jiġu sostnuti u żviluppati, li, bl-appoġġ xieraq, jistgħu jiġġeneraw benefiċċji trasversali u effetti konsegwenzjali fl-oqsma u fis-setturi kollha li magħhom dawn l-impriżi jinteraġixxu biex jilħqu l-objettivi kummerċjali tagħhom.

Id-direzzjoni ewlenija tal-azzjoni preparatorja tinvolvi erba' oqsma:

1. Mudell ġdid ta' analiżi tal-ħiliet

Il-mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet ġeneralment użat fis-sistemi Ewropej ta' taħriġ għandu bżonn li jkun rivedut u aġġornat biex jinkludi kif suppost lill-mudell organizzattiv ta' dawn l-impriżi, li spiss huma kkaratterizzati minn struttura ftit ġerarkika, minn tolleranza akbar għar-riskji, minn approċċ differenti tal-ġestjoni tal-ħin u minn skambju dixxiplinari qawwi u b'hekk mhumiex kompatibbli mal-paradigma tal-manifattura tradizzjonali. Dan il-mudell il-ġdid ta' analiżi u identifikazzjoni tal-ħiliet kompatibbli mal-oqsma Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija/Ambjent, Arti u Manifattura (STEAM) għandu l-għan li joħloq relazzjoni privileġġata bejn l-impriżi virtużi, l-aħjar prattiki l-aktar sinifikanti u l-istejjer ta' suċċess, bil-għan li jkunu identifikati u definiti kemm il-ħiliet kif ukoll il-karatteristiċi tal-professjonisti li jaħdmu f'dawn l-oqsma. Fi kliem ieħor, il-ġenesi u l-evoluzzjoni ta' dawn il-ħiliet iridu jerġgħu jinstabu, billi nitbiegħdu mill-paradigma l-aktar mifrux li fih il-professjonisti huma kodifikati fi ħdan proċessi tax-xogħol analitiċi-deskrittivi (tipiċi tal-organizzazzjonijiet tal-manifattura), biex jinkisbu deskrizzjonijiet tal-kompiti konsistenti mal-karatteristiċi organizzattivi distintivi ta' dawn l-impriżi.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 03 *(ikompli)*

B'mod speċifiku, l-azzjoni preparatorja tinqasam f'dawn il-fażijiet:

— selezzjoni tal-IKK bl-"aħjar prattiki" biex ikunu involuti fl-investigazzjoni biex jifformula mudell ta' klassifikazzjoni tal-ħiliet li jirrikonoxxi n-natura speċjali tad-diversi setturi (patrimonju storiku u artistiku, industrija tal-kontenut, industriji tal-ICTs u kultura tal-materjali, inklużi l-makrosetturi tal-moda, tad-design u tal-industrija tat-togħmiet) u d-dimensjonijiet reġjonali tal-Unjoni,

— żvilupp ta' mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet,

— ittestjar tal-mudell ma' grupp usa' ta' impriżi,

— rilaxx ta' mudell ta' kodifikazzjoni tal-ħiliet u tal-assoċjar tagħhom mal-professjonisti fid-dawl tal-qafas Ewropew dwar il-ħiliet.

2. Indikazzjonijiet għas-sistema tal-edukazzjoni

Illum il-ġurnata l-iżvilupp tal-ħiliet kreattivi u kulturali huwa r-riżultat ta' proċess li la huwa totalment strutturat u lanqas perfettament allinjat mal-bżonnijiet tal-ġestjoni fit-terminu medju/twil tal-IKK. Ir-riżultat prodott mill-mudell ta' rikonoxximent tal-ħiliet ikun iwitti t-triq għall-identifikazzjoni ta' aspetti u kwistjonijiet fis-sistema tal-edukazzjoni marbuta mal-karatteristiċi tal-programmi ta' taħriġ intiżi li jiżviluppaw il-ħiliet. Fil-fatt, il-ħiliet strateġiċi għall-IKK spiss jitħallew jiżviluppaw għal riħhom u għall-inizjattiva u għall-inventiva individwali, inkella għall-proċessi informali, mingħajr approċċ strutturat li jkun ġej minn viżjoni li trawwem politika ta' taħriġ preċiża u programmi mmirati.

L-objettiv prinċipali ta' din il-fażi tal-azzjoni preparatorja huwa li dawn il-ħiliet jitkomplew permezz tas-sistema ta' taħriġ, b'tali mod li jitħejja numru akbar ta' ċittadini Ewropej biex joperaw b'mod effikaċi fis-setturi kummerċjali varji li fihom huma involuti l-IKK.

Il-linji gwida għandhom ikunu strutturati b'tali mod li l-osservazzjoni tan-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali u reġjonali tal-edukazzjoni torjenta l-programmi ta' taħriġ tagħhom, mit-taħriġ primarju għall-edukazzjoni terzjarja. Jenħtieġ li jsiru sforzi biex titjieb il-kapaċità ta' komunikazzjoni tas-sistema tal-edukazzjoni mal-IKK u biex jiġu promossi mudelli innovattivi ta' taħriġ (laboratorji ta' tagħlim, ċentri kreattivi, eċċ.). Dan għandu jakkumpanja l-formulazzjoni ta' linji gwida biex jitħarrġu l-għalliema ħalli jippromwovu t-tagħlim ibbażat fuq il-ħiliet u biex imorru oltre sistema riġida ta' dixxiplini u jiffavorixxu approċċ olistiku u multidixxiplinari. Sekli ta' tradizzjonijiet ta' snajja fl-Ewropa juru l-valur tal-ħin li dak li jkun iqatta' biex jikseb esperjenza f'diversi ħwienet tax-xogħol bħala parti importanti tat-taħriġ kulturali u prattiku ta' aspirant mastru fis-snajja kreattivi. Għalkemm il-forom ta' tagħlim tal-imgħoddi tal-"Wandergeselle" fil-Ġermanja jew tal-"compagnon" fi Franza kienu forom awtoorganizzati, dawn jenfasizzaw il-bżonn ta' approċċ Ewropew komuni u strutturat biex ikunu identifikati u trasferiti l-ħiliet eluživi tal-IKK.

3. Klassifikazzjoni finanzjarja ġdida għall-IKK

L-aċċess għall-finanzjament huwa wieħed mill-ostakli ewlenin li l-IKK isibu biex jikbru, li ġeneralment huma żgħar u spiss sottokapitalizzati. Is-sistema bankarja u finanzjarja tikklassifika bil-mod dawn l-impriżi fi ħdan sistemi tradizzjonali, billi l-biċċa l-kbira tagħhom jissejsu fuq prototip jew proġett uniku u jiddependu enormement mill-prodotti u mis-servizzi tagħhom, mit-talent individwali u mill-assunzjoni ta' riskji. Għall-kuntrarju tal-impriżi li joperaw fis-setturi teknoloġiċi, l-IKK ikollhom jitħabtu biex jiksbu rikonoxximent tal-valur tal-assi intanġibbli tagħhom fil-karti tal-bilanċ tagħhom u l-investimenti tagħhom fl-iżvilupp ta' talenti ġodda u ideat kreattivi ma jikkorrispondux għall-kunċett abitwali tar-R&Ż.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 03 *(ikompli)*

L-azzjoni se tiddefinixxi l-linji gwida biex titjieb il-kapaċità tal-IKK li jikkomunikaw aħjar il-valuri finanzjarji assoċjati mal-assi intanġibbli biex jagħtu lil dawn l-impriżi aċċess ġust għas-self. B'dan il-mod l-IKK ikunilhom eħfef biex jaċċedu għal sistemi ta' garanzija (eż. Il-Programm Ewropa Kreattiva u l-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku) u għal mekkaniżmi ta' finanzjament oħrajn. Il-linji gwida se jiġu definiti fuq il-bażi ta' tqabbil mal-istrumenti eżistenti fil-pajjiżi Ewropej (eż. Bancopass fl-Italja) li dawn l-impriżi diġà jużaw biex jikkomunikaw b'mod proattiv mal-banek.

4. Valorizzazzjoni u difiża tal-proprjetà intellettwali prodotta mill-IKK

L-impriżi li jħarsu l-attivitajiet intellettwali tagħhom huma 22 % aktar produttivi (fl-istess territorju, settur u tal-istess daqs), b'żieda fid-dħul ta' 2 % ogħla mill-medja tal-kampjun. B'mod speċifiku, l-impriżi li ppreżentaw privattiva fl-2011-2013 għandhom 6,5 % aktar f'esportazzjonijiet fid-dħul totali, fl-istess territorju, settur u tal-istess daqs.

Minħabba l-organizzazzjoni spiss sottostrutturata tal-IKKs, ir-reġistrazzjoni jew il-ksib ta' privattiva għall-innovazzjonijiet li kapaċi jipproduċu mhumiex dejjem prijorità, b'hekk jonqos il-valur tar-riżultati prodotti minn tali innovazzjoni. Huwa għalhekk essenzjali li jiġi eżaminat kif dawn l-industriji, speċjalment dawk żgħar u ta' daqs medju, isiru jafu bil-benefiċċji f'termini ta' impatt aktar qawwi mir-reġistrazzjoni jew mill-ksib ta' privattiva għall-prodotti u għas-servizzi innovattivi tagħhom, u jitrawwem l-aċċess għal dawn l-opportunitajiet, billi spiss dawn l-impriżi huma sottokapitalizzati. Bis-saħħa ta' rabta stretta mar-riżultati mit-tqabbil bejn l-aħjar prattiki u l-istrumenti deskritti fil-punt 3, l-azzjoni preparatorja se tiżviluppa l-istrumenti eżistenti fil-pajjiżi Ewropej li l-impriżi jużaw biex jikkomunikaw mal-banek, mal-entitajiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji, bl-involviment ta' punti speċifiċi li jistgħu jqawwu l-valur tar-reġistrazzjoni u tal-ksib ta' privattiva għall-innovazzjoni.

Qafas ta' żvilupp tal-azzjoni

L-inizjattiva hija żviluppata permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet Ewropej li jqawwu l-kompetenzi ta' organizzazzjonijiet kwalifikati fid-diversi fażijiet u attivitajiet li jikkomponu l-azzjoni. L-organizzazzjonijiet li jwettqu l-azzjoni għandhom jirrappreżentaw ir-reġjuni ta' riferiment ewlenin għall-IKK u jkunu mgħammra bir-riżorsi neċessarji biex jimmassimizzaw l-impatt tal-azzjoni.

PA 07 20 04 Azzjoni preparatorja — Il-protezzjoni taċ-ċimiterji tal-Lhud tal-Ewropa: proċess ta' mmappjar sħiħ b'riċerka u monitoraġġ u bi proposti bl-ispejjeż individwali għall-protezzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	360 000	1 200 000	300 000		

Kummenti

Partita preċedenti

15 04 77 23

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 04 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Iċ-ċimiterji tal-Lhud fl-Ewropa huma forma universali ta' wirt kulturali; dawn jixhdu l-istorja multikulturali tal-kontinent u spiss ikunu l-uniku wirt ta' dan it-tip f'żoni remoti u rurali. Il-protezzjoni tal-wirt storiku tiegħu inevitabbilment iġġib flimkien l-atturi tal-istat, l-NGOs, il-komunitajiet lokali, il-komunitajiet tal-Lhud u d-dixxendenti, u toffri opportunità unika biex jiġu żviluppati rabtiet kollaborattivi transsettorjali u b'saħħithom, li jsaħħu u jarrikkixxu l-identità lokali.

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' forma ta' protezzjoni minn isfel għal fuq u diċentralizzata, għalhekk isservi bħala punt ta' dħul għal ħafna lokalitajiet bħal dawn fl-infrastruttura usa' tal-konservazzjoni, il-ġestjoni tal-wirt u l-edukazzjoni orjentata lejn il-wirt. Minħabba f'hekk, il-protezzjoni taċ-ċimiterji Lhud hija element ewlieni fil-bini tal-kapaċità fis-settur kulturali, soċjetà ċivili aktar attiva u tolleranti, u infrastruttura tal-wirt Ewropew bi skali multipli.

PA 07 20 05 Azzjoni preparatorja — Żvilupp tal-Politika minn isfel għal fuq għall-Kultura u l-Benesseri fl-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	200 000	500 000	125 000		

Kummenti

Partita preċedenti

15 04 77 24

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

Fl-2018, l-Unjoni adottat l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, li kompliet tiżviluppa l-ambitu tal- "Aġenda Ewropea għall-Kultura f'Dinja Globalizzata" (2007). L-Aġenda l-Ġdida terġa' tafferma li s-setturi kulturali u kreattivi jsaħħu l-identità Ewropea, għandhom is-setgħa li jtejbu l-ħajjiet, jittrasformaw il-komunitajiet, jiġġeneraw l-impjiegi u t-tkabbir, u joħolqu effetti konsegwenzjali f'setturi oħra. B'mod aktar preċiż, wieħed mit-tliet objettivi strateġiċi tal-Aġenda l-Ġdida huwa li tiġi sfruttata l-qawwa tal-kultura u d-diversità kulturali għall-koeżjoni u l-benesseri soċjali billi jiġu promossi l-parteċipazzjoni kulturali, il-mobbiltà tal-artisti u l-protezzjoni tal-patrimonju.

Id-dokument jappella għal riċerka dwar kollegamenti kulturali biex jiġu vvalutati l-impatti f'oqsma differenti li jinkludu s-saħħa u l-benesseri.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 05 *(ikompli)*

L-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali jippromwovu s-setgħa individwali, il-kuxjenza demokratika u l-koeżjoni soċjali permezz ta' skambji ma' persuni oħra u impenn ċiviku. It-tibdil fl-imġiba tal-utent minħabba d-diġitalizzazzjoni, it-tixjiħ u soċjetajiet kulturalment differenti jirrikjedi fehim aħjar ta' tipi ta' pubbliku differenti. Jinħtieġ orjentament aktar b'saħħtu lejn l-interessi u l-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ, il-persuni anzjani, il-persuni b'diżabilità, il-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni u l-persuni li jgħixu fil-faqar jew fi privazzjoni materjali. It-teknoloġiji diġitali huma assi għall-iżvilupp tal-pubbliku u għal metodi innovattivi ta' parteċipazzjoni. Il-kooperazzjoni transsettorjali ma' oqsma oħra, bħall-edukazzjoni, il-kura soċjali, il-kura tas-saħħa, ix-xjenza u t-teknoloġija, u l-iżvilupp reġjonali u urban, għandha effett sinifikanti fuq il-koeżjoni u l-benesseri. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lir-rwol tal-kultura fil-livell lokali, lill-kwalità tal-arkitettura u lill-ambjent tal-għajxien u lill-innovazzjonijiet soċjali mmexxija mill-kultura li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-bliet u r-reġjuni mal-Unjoni kollha.

Outputs fil-mira: L-iskambju ta' esperjenzi u każijiet ta' suċċess se jgħin biex tiġi identifikata l-aqwa prassi. Jistgħu jiġu stabbiliti sinerġiji mal-Fondi Strutturali, l-Aġenda Urbana tal-UE u s-Sħubija l-ġdida tagħha dwar il-Kultura u l-Wirt Kulturali kif ukoll l-Aġenda 2030 tan-NU u l-proġett tal-OECD dwar produttività reġjonali u benesseri mmexxija mill-kultura.

L-azzjoni preparatorja tappoġġa:

1. ir-riċerka dwar il-kultura u l-benesseri;

2. il-kooperazzjoni transsettorjali u trans-Ewropea bil-għan li jiġu ġġenerati l-għarfien, il-proġetti pilota u l-linji gwida ta' politika dwar kif jittejjeb il-benesseri permezz tal-kultura – Grupp ta' riflessjoni Ewropew dwar il-Kultura u l-Benesseri;

3. xogħol sperimentali fuq il-post fi bliet pilota fl-Ewropa kollha fuq metodi, azzjonijiet u miżuri biex itejbu l-benesseri ta' individwi u komunitajiet (kwalità ta' ambjenti mibnija, kwalità ta' spazji għall-interazzjoni soċjali, kwalità ta' servizzi għal gruppi speċifiċi bħal studenti tal-iskola, tfal, anzjani u gruppi li għandhom bżonnijiet speċjali);

4. l-iżvilupp ta' linji gwida ta' azzjoni u ta' politika għall-bliet, l-istituzzjonijiet u l-atturi kulturali dwar l-użu effikaċi tal-kultura għall-benesseri;

5. il-kondiviżjoni tal-għarfien, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità tal-atturi ewlenin li jużaw il-kultura għall-benesseri – sessjonijiet ta' ħidma lokali f'diversi bliet fl-Ewropa u Forum Kultura u Benesseri fuq skala kbira.

PA 07 20 06 Azzjoni preparatorja — Monitor Ċivili tar-Rom — It-tisħiħ tal-kapaċità u l-involviment tas-soċjetà ċivili tar-Rom u favur ir-Rom fil-monitoraġġ u r-rieżami tal-politika

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 000 000	850 000	2 000 000	500 000		

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 20 *(ikompli)*

PA 07 20 06 *(ikompli)*

Kummenti

Partita preċedenti

33 02 77 17

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti skont l-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja tibni fuq il-proġett pilota *"Bini ta" kapaċità għas-soċjetà ċivili tar-Rom u tisħiħ tal-involviment tagħha fil-monitoraġġ tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom"* (Partita 07 14 01), li qed joqrob lejn tmiemu, u permezz tat-tagħlim mislut minn dak il-proġett din tkompli tikkontribwixxi, b'mod imtejjeb, għat-tisħiħ u l-bini ulterjuri tal-kapaċitajiet tar-Rom u tas-soċjetà ċivili favur ir-Rom kif ukoll għall-mekkaniżmu ta' monitoraġġ rigward l-inklużjoni tar-Rom, speċjalment permezz tal-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' rapporti indipendenti li fihom koalizzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jippreżentaw informazzjoni u data alternattiva għal dak li jinsab fir-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħhom. Dawn ir-rapporti tas-soċjetà ċivili jistgħu jipprovdu għarfien lokali li se jikkontribwixxi għall-proċessi politiċi nazzjonali u Ewropej u jirriflettu fuq l-impatt soċjali reali tal-miżuri tal-gvern.

Il-monitoraġġ jiffoka fuq l-implimentazzjoni lokali tal-istrateġiji fl-erba' oqsma ta' prijorità (l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa), għal dak li jikkonċerna l-antidiskriminazzjoni, il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u se jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-livell ta' involviment tas-soċjetà ċivili, l-użu tal-fondi tal-Unjoni u l-integrazzjoni tal-miżuri ta' inklużjoni tar-Rom.

Din l-azzjoni preparatorja hija implimentata tramite l-akkwist.

PA 07 21 2021

PA 07 21 01 Azzjoni preparatorja — Pjattaformi medjatiċi Ewropej

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
6 000 000	1 500 000				

Kummenti

Bil-għan li tikkontribwixxi għas-sovranità diġitali tal-Ewropa u għal Spazju Miftuħ Ewropew, din l-azzjoni preparatorja biħsiebha tgħaqqad il-mezzi u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi eżitenti biex toħloq pjattaforma kapaċi ttejjeb l-aċċess taċ-ċittadini tal-Unjoni għal-informazzjoni ta' fiduċja mill-Ewropa kollha.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 21 *(ikompli)*

PA 07 21 01 *(ikompli)*

Tali pjattaforma se ssostni l-proġetti editorjali u medjatiċi kollaborattivi, bl-involviment tax-xandara u tal-pubblikaturi mill-Ewropa kollha biex iwessgħu l-grupp ta' destinatarji tagħhom. Fost l-istrumenti tekniċi pprovduti mill-pjattaformi hemm il-moduli ta' traduzzjoni (traduzzjoni awtomatika ta' testi, traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit, interpretazzjoni awtomatika), it-teknoloġiji bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, il-magni tat-tiftix, l-algoritmi trasparenti u/jew ir-rakkomandazzjoni tal-kontenut. Din il-pjattaforma toffri bażi sottostanti biex liċ-ċittadini tingħata informazzjoni kuntestwalizzata mill-Ewropa kollha, li jistgħu jaċċedu għaliha permezz ta' offerti online magħrufa sew, b'hekk jiġu żgurati perċentwal ta' pubbliku mdaqqas u tiġi sostnuta l-kooperazzjoni pan-Ewropea fir-rapportar oriġinali.

Sistema ta' identifikazzjoni se tagħti liċ-ċittadini aċċess minn kwalunkwe apparat kif ukoll personalizzazzjoni tal-esperjenza tagħhom. Ix-xandara u l-pubblikaturi se jikkooperaw mal-iżviluppaturi teknoloġiċi biex jiżguraw soluzzjonijiet b'użu faċli. Is-soluzzjonijiet tekniċi li huma żviluppati għall-azzjoni jistgħu jiġu applikati għal ġeneri oħra ta' kontenut (eż. edukattiv, tal-isport, tad-divertiment) u jistgħu jiġu integrati f'applikazzjonijiet diġitali differenti (eż. (Re) Players apps, apps tal-aħbarijiet) tax-xandara.

Fl-ewwel sena tal-azzjoni preparatorja l-faċilitajiet tat-traduzzjoni jkunu lesti għal massimu ta' 8 sa 10 lingwi (Ingliż, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Spanjol u 3 jew 5 lingwi Ewropej oħra, li jirrappreżenta d-diversi reġjuni ġeografiċi).

Matul din l-azzjoni preparatorja, il-bażi tas-sħab se titwessa' u n-numru ta' lingwi jiżdied. Is-soluzzjonijiet tekniċi se jikkombinaw ma' teknoloġiji bbażati fuq l-IA u b'sors miftuħ u japplikaw trasparenza massima fir-rigward tal-algoritmi; l-utenti se jiġu infurmati dwar għaliex jaraw dak li jaraw.

Il-proġett se jkun ibbażat fuq valuri komuni, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, il-forniment ta' ambjent sikur għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Dan jista' jkun ikkomplementat minn proġetti oħra offruti mix-xandara (eż. kullani ta' dokumentarji, programmi speċifiċi għal pubbliku ta' età żgħira) u partijiet ikkonċernati oħrajn, eż. mużewijiet u libreriji, se jkunu jistgħu jipparteċipaw jekk jissottoskrivu l-istess valuri.

PA 07 21 02 Azzjoni preparatorja — Mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida għall-ksur tal-libertà tal-istampa u tal-midja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 950 000	487 500				

Kummenti

Skont l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2019 ikkumpilat minn Reporters mingħajr fruntieri, l-Unjoni, kif ukoll il-Balkani rreġistraw it-tieni l-agħar post fis-sitwazzjoni reġjonali li fih jiġi kkalkolat il-livell ta' kostrizzjonijiet u vjolazzjonijiet tal-libertà tal-istampa. Ir-rapport tal-2019 juri li l-għadd ta' pajjiżi fl-Unjoni u l-Balkani meqjusa bħala sikuri, fejn il-ġurnalisti jistgħu jaħdmu f'sigurtà sħiħa, qed ikompli jonqos.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 21 *(ikompli)*

PA 07 21 02 *(ikompli)*

Bid-deterjorament tal-libertà tal-istampa u tal-midja fl-Istati Membri u l-pajjżi kandidati għal diversi snin wara xulxin li juru tendenza preokkupanti, huwa kruċjali li l-ġurnalisti jkomplu jingħataw protezzjoni konkreta, inkluż il-ġbir ta' informazzjoni, ir-rappreżentanza, il-monitoraġġ, l-informazzjoni lill-pubbliku Ewropew u s-sensibilizzazzjoni permezz tal-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida dwar il-każijiet ta' ksur tal-libertà tal-midja.

Id-dritt għal-libertà tal-espressjoni tirrikjedi difiża qawwija għall-protezzjoni tad-demokrazija, it-tisħiħ tad-dibattitu pubbliku u l-garanzija ta' ambjent favorevoli għall-ġurnalisti investigattivi u indipendenti.

Il-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida għall-ksur tal-libertà tal-istampa u tal-midja se jkompli jagħmel il-vjolazzjonijiet viżibbli u jipprovdi għajnuna prattika lill-ġurnalisti li huma mhedda, b'kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, reġjonali u lokali fil-qasam tal-libertà tal-midja. L-għajnuna prattika trid tinkludi għodod li jipproteġu lill-ġurnalisti mhedda: għoti ta' pariri diretti u assistenza legali kif ukoll offerta ta' kenn u assistenza ħalli jkunu jistgħu jkomplu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom. Jintbagħtu delegati fil-pajjiżi affettwati u ssir rappreżentanza biex tingħata għajnuna fil-ġlieda kontra l-impunità. Il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni se jipprovdi informazzjoni affidabbli u komprensiva lill-pubbliku kif ukoll lill-awtoritajiet Ewropej. Dan se jgħin biex jippromwovi s-sensibilizzazzjoni u jippermetti twissijiet bikrin. L-istrumenti jiġu adattati skont il-ħtiġijiet individwali fuq bażi ta' każ b'każ. Dan is-sett uniku ta' għodod bħala parti mill-mekkaniżmu ta' rispons rapidu għandu jimpedixxi aktar ksur u jtejjeb il-libertà tal-istampa u tal-midja.

Il-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida ġie ffinanzjat tul l-aħħar sentejn fil-kuntest ta' proġett pilota. Billi jinbena fuq is-suċċess tal-proġett pilota u biex tiġi żgurata l-kontinwità tiegħu, il-mekkaniżmu pan-Ewropew ta' risposta rapida issa se jkompli bħala azzjoni preparatorja.

PA 07 21 03 Azzjoni Preparatorja — Il-kitba fil-kuntest Ewropew

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
3 000 000	750 000				

Kummenti

Fi żmien ta' kompetizzjoni dinjija akbar fis-settur awdjoviżiv, il-kooperazzjoni internazzjonali fil-kitba tal-iskript qed issir dejjem aktar kruċjali biex jinħolqu xogħlijiet li jistgħu jmorru lil hinn mill-fruntieri. Aktar kompetizzjoni hija meħtieġa wkoll fil-livell Ewropew biex l-atturi Ewropej jissaħħu u jkunu kapaċi jaffrontaw ir-riskju dejjem akbar ta' "eżodu ta' mħuħ" ta' professjonisti awdjoviżivi Ewropej lejn pajjiżi terzi.

L-ambizzjoni tal-iskema proposta huwa li nirrispondu għall-ħtieġa li nirrakkontaw l-istorja Ewropea b'mod adattat għall-koproduzzjoni.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 21 *(ikompli)*

PA 07 21 03 *(ikompli)*

Jeżisti potenzjal li għadu ma ġiex sfruttat biex titrawwem komunità ta' kittieba minn madwar l-Ewropa b'fehim komparabbli tal-ħila tal-kitba ta' serje għat-televiżjoni. Barra minn hekk, sabiex jinkisbu stejjer li jirriflettu l-kultura Ewropea, kemm dawk li għandna komuni bejnietna kif ukoll dawk speċifiċi għall-pajjiżi differenti, jeħtiġilna nħeġġu l-emerġenza ta' timijiet qawwija ta' kreaturi (eż. kittieba ta' skripts, maniġers ta' programmi televiżivi u awturi oħra) minn diversi pajjiżi Ewropej.

PA 07 21 04 Azzjoni preparatorja — Fond ta' appoġġ ta' emerġenza għall-ġurnalisti investigattivi u l-organizzazzjonijiet tal-midja biex tiġi żgurata l-libertà tal-midja fl-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 800 000	450 000				

Kummenti

Il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tal-midja indipendenti u tal-ġurnalisti investigattivi hija kruċjali għall-iżvelar ta' għemil ħażin madwar l-Unjoni u lil hinn mill-fruntieri tagħha, inkluż il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni. Il-ġurnaliżmu investigattiv ta' kwalità jeħtieġ għodod u riżorsi xierqa. Madankollu, il-ġurnalisti investigattivi huma professjonisti vulnerabbli ħafna, b'riżorsi limitati ħafna.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li jinħoloq fond ta' appoġġ ta' emerġenza għall-ġurnalisti investigattivi u l-organizzazzjonijiet tal-midja biex titjieb il-libertà tal-istampa u tal-midja u biex jiġi evitat il-ksur tagħhom billi tiġi appoġġata l-produzzjoni ta' kontenut ġurnalistiku indipendenti ta' kwalità fl-interess pubbliku, inkluż permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera.

L-azzjoni preparatorja għandha tibni fuq il-proġett pilota ta' suċċess IJ4EU 2018 li għandu l-għan li jiżgura l-fiduċja kontinwa fis-sorsi tal-midja indipendenti u l-protezzjoni tal-ġurnalisti madwar l-Unjoni billi jipprovdi finanzjament tal-Unjoni għall-ġurnaliżmu investigattiv transfruntier fl-interess pubbliku abbażi ta' mudell ta' ġurija esperta.

L-azzjoni preparatorja għandha tippromwovi proġetti kollaborattivi pan-Ewropej li jikkontribwixxu għal bidla minn isfel għal fuq billi jimmodifikaw l-inċentivi għal ġurnaliżmu etiku u fdat permezz ta' għodod u proċessi innovattivi. Proġetti bħal dawn huma partikolarment importanti f'nofs il-kriżi tal-COVID-19 meta l-kapaċità għal appoġġ dedikat tal-organizzazzjonijiet tal-aħbarijiet tkun limitata.

Il-finanzjament minn din il-linja baġitarja għandu jkun aċċessibbli għal organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet professjonali, konsorzji, edituri, pubblikaturi kif ukoll freelancers sakemm dawn jissodisfaw kriterji adegwati. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet tal-midja u biex tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-midja, għandu jiġi pprovdut finanzjament, inter alia, biex ikopri l-infiq għal missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni, għal taħriġ u għodod li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet investigattivi, għal proġetti investigattivi relatati mat-TV, għall-abbonament għal programmi ta' software li jikkorelataw data u bażijiet ta' data, u għall-produzzjoni ta' dokumenti għaljin meħtieġa biex jappoġġaw investigazzjoni. Soġġett għal kundizzjonijiet stretti, l-azzjoni preparatorja għandha tipprovdi wkoll finanzjament biex ikopri pleġġ u/jew l-ispejjeż legali tal-ġurnalisti investigattivi kkonċernati jekk ikunu relatati b'mod ċar ma' investigazzjoni li saret jew li tkun għaddejja.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 07 — INVESTIMENT FIN-NIES, FIL-KOEŻJONI SOĊJALI U FIL-VALURI *(ikompli)*

PA 07 21 *(ikompli)*

PA 07 21 04 *(ikompli)*

Meta jkun meħtieġ, dan il-fond ta' appoġġ ta' emerġenza pan-Ewropew jista' jintuża wkoll bħala mudell għal finanzjament ewlieni fit-tul għall-organizzazzjonijiet tal-midja u l-ġurnalisti investigattivi mhedda. Għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jagħġusta għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu biex jiżgura li dawn ikunu jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod sikur u indipendenti, biex b'hekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-midja u diversità akbar ta' sorsi ġurnalistiċi fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati.

Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-għażla tal-benefiċjarji mill-finanzjament tal-Unjoni permezz ta' din l-azzjoni preparatorja għandhom jitwettqu minn ġurija esperta indipendenti abbażi ta' kriterji ċari u trasparenti biex jiġi żgurat livell għoli ta' fiduċja fil-benefiċjarji u l-udjenzi.

KAPITOLU PA 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 08 20 02.

Bażiġuridika

Il-punt (b) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 08 13 2013

PA 08 13 01 Azzjoni preparatorja — Riżorsi ġenetiċi tal-UE tal-pjanti u tal-annimali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	192 400,—

Kummenti

Partita preċedenti

05 08 77 09

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA *(ikompli)*

PA 08 13 *(ikompli)*

PA 08 13 01 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 08 13 02 Azzjoni preparatorja — Gwardjani tal-Baħar

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	0,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

11 06 77 06

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

PA 08 18 2018

PA 08 18 01 Azzjoni preparatorja — Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 690 000	p.m.	3 650 000	4 000 000,—	0,—

Kummenti

Partita preċedenti

05 08 77 16

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jiġu saldati mis-snin preċedenti taħt l-azzjoni preparatorja.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA *(ikompli)*

PA 08 18 *(ikompli)*

PA 08 18 01 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja tħejji l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni (PAK) ta' wara l-2020 u tikkomplementa l-proġett pilota preċedenti "Irħula Ekosoċjali Intelliġenti" (2016) u l-azzjoni preparatorja "Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI" (2018). Hi tgħin fl-informazzjoni u fit-titjib tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-PAK li għalihom in-nozzjoni "Irħula Intelliġenti" hija inkluża f'indikatur ta' riżultati. Filwaqt li tikkomplementa l-proġett pilota "Irħula Ekosoċjali Intelliġenti" u l-azzjoni preparatorja "Żoni rurali intelliġenti fis-seklu XXI", din l-azzjoni preparatorja toffri għarfien, kompetenzi tekniċi u qafas ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' appoġġ favur l-iskemi ta' Rħula Intelliġenti f'firxa usa' ta' kuntesti soċjoekonomiċi. Tisfrutta t-tagħlimiet li nsiltu mill-inizjattivi previsti fl-Azzjoni tal-UE għal Irħula Intelliġenti kif ukoll l-għarfien miksub bis-saħħa ta' din l-Azzjoni. Billi l-PAK il-ġdida timmira li żżid is-sussidjarjetà, tali ħidma hija rekwiżit preliminari fundamentali biex tkun garantita implimentazzjoni adegwata ta' dan l-aspett ta' żvilupp rurali. L-għan tal-azzjoni preparatorja huwa li timplimenta prattiki li jkunu rnexxew f'għadd ta' Stati Membri, anki fil-qasam tal-ICTs u metodi online bħall-ħolqien ta' ċentri diġitali u eżempji tajbin oħra. Twaqqaf ukoll network ta' rħula kampjuni (u tal-persuni li għandhom x'jaqsmu mal-irħula intelliġenti) biex jinħoloq qafas metodoloġiku koerenti għall-appoġġ tal-Unjoni lill-Irħula Intelliġenti. Dan il-kunċett huwa marbut mill-qrib mas-Suq Uniku Diġitali, il-pjattaformi diġitali, il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali, l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni u l-bijoekonomija (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli, il-katina tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali), it-titjib tal-kwalità tal-ħajja, l-edukazzjoni u l-impjiegi, kif ukoll li titqies l-importanza tan-nisa u ż-żgħażagħ. Tista' wkoll tgħin fl-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej oħrajn, b'mod partikolari fl-ambitu tal-objettiv strateġiku għall-inizjattivi lokali.

Dawn l-għanijiet huma konformi għal kollox mad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0, kif ukoll mad-Dikjarazzjoni ta' Bled, li jirrikonoxxu l-importanza li jingħata aċċess għat-teknoloġiji u għas-soluzzjonijiet xierqa, b'mod li jrendu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

L-azzjoni preparatorja tiffoka fuq l-iżvilupp ta' metodu li jippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali permezz ta' azzjonijiet konkreti fuq il-bażi ta' rħula magħżula li għandhom karatteristiċi komuni: l-infrastruttura, diversi riżorsi, servizzi, aċċess għas-swieq. Tiżviluppa metodi biex ikunu offruti soluzzjonijiet f'dawn l-oqsma li ġejjin:

— is-Suq Uniku Diġitali,

— il-kollegamenti bejn l-ambjent urban u dak rurali,

— il-bijoekonomija u l-ekonomija ċirkolari (l-innovazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-ġestjoni ambjentali, l-enerġiji rinnovabbli fil-livell lokali, il-katina tal-provvista, is-servizzi, l-ikel lokali),

— l-ekonomija kollaborattiva u ta' kondiviżjoni (ngħidu aħna soluzzjonijiet ġodda għall-mobilità rurali bħall-car sharing jew ta' ride sharing; paradigmi ġodda fit-turiżmu; il-kondiviżjoni u l-iskambju tal-makkinarju u s-servizzi agrikoli),

— it-teknoloġija (ngħidu aħna l-internet tal-oġġetti, il-ġbir ta' big data, id-droni, il-vetturi elettriċi, il-konnessjonijiet mobbli mal-broadband tal-ġenerazzjoni li jmiss, eċċ.),

— l-aspetti soċjali,

— impjiegi full-time u part-time ġodda, li se jikbru fit-tipi ta' ekonomija msemmija.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA *(ikompli)*

PA 08 18 *(ikompli)*

PA 08 18 01 *(ikompli)*

Din l-azzjoni preparatorja hija dokumentata sewwa bis-saħħa ta' pjattaformi online biex ir-riżultati jinxterdu. Bħala eżitu importanti, tagħti eżempji emblematiċi li se jiżguraw programmazzjoni aħjar u aktar effikaċi tal-fondi tal-Unjoni fiż-żoni rurali.

PA 08 20 2020

PA 08 20 01 Azzjoni preparatorja — Karta ta' Prattiki Tajbin għall-Kruċieri

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	750 000	1 000 000	250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

11 06 77 18

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom mhux saldati mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

L-Ewropa hija suq kruċjali għall-industrija globali tal-kruċieri. Fl-2015, l-industrija globali tal-kruċieri imbarkat 25 300 000 passiġġier, li jirrappreżentaw 956 597 impjieg, u b'kollox iġġenerat USD 117 000 000 000 fid-dinja. Id-domanda għall-vjaġġi bil-kruċieri żdiedet bi 62 % fl-għaxar snin bejn l-2005 u l-2015.

Dan kollu jissarraf f'valur ekonomiku u impjiegi għall-Ewropa. Madankollu, ir-reġjuni kostali u marittimi jeħtieġu joħolqu kundizzjonijiet biex jintegraw aħjar il-vantaġġi tat-turiżmu tal-kruċieri. F'dan il-kuntest, l-azzjoni preparatorja se tistabbilixxi Karta ta' Prattiki Tajbin għall-Kruċieri fuq il-bażi tad-djalogu pan-Ewropew li diġà jeżisti bejn l-operaturi tal-kruċieri, il-portijiet u l-partijiet interessati tat-turiżmu kostali. L-enfasi trid titpoġġa fuq l-impatt ambjentali, fuq l-akkoljenza tal-kruċieri, iżda wkoll fuq l-impatt soċjali u fuq il-mod kif jenħtieġ li jiġu adattati l-faċilitajiet ta' akkoljenza tal-portijiet u tar-reġjuni kkonċernati. Din il-karta se tkopri dan li ġej:

— it-tfassil ta' proċess għall-integrazzjoni tal-partijiet interessati kollha tas-settur marittimu kkonċernati,

— l-aspetti ambjentali u l-politiki ta' mitigazzjoni biex jonqsu l-effetti esterni,

— id-dimensjoni soċjali u ekonomika tal-kruċieri fir-reġjuni kkonċernati,

— il-bżonn ta' koordinament bejn il-portijiet tal-kruċieri u l-bliet,

— l-aħjar prattiki diġà fis-seħħ.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA *(ikompli)*

PA 08 20 *(ikompli)*

PA 08 20 01 *(ikompli)*

Din il-karta se tippermetti t-tnaqqis tal-effetti esterni li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-kruċieri u twassal għal aktar benefiċċji ekonomiċi u soċjali għall-bliet u għall-abitanti tagħhom. Eżempju ta' dan huwa l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar il-ġestjoni tal-konġestjoni fl-eqqel tal-istaġun. Il-Karta se tgħin ukoll biex jiżdied il-fehim reċiproku bejn il-portijiet tal-kruċieri u l-awtoritajiet tal-belt. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta jeħtieġ li jkopri l-impatt ambjentali possibbli tas-servizzi tal-kruċieri, is-sensibilizzazzjoni dwar l-aħjar prattiki li diġà jeżistu f'diversi portijiet tal-kruċieri bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni.

KAPITOLU PA 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-applikazzjoni tat-TFUE u tat-Trattat Euratom, imfassla biex jippreparaw proposti bil-ħsieb li jiġu adottati azzjonijiet futuri. It-total tagħhom jikkorrispondi għal-livell ta' approprjazzjonijiet li jidhru taħt l-Artikolu 09 20 02.

Bażiġuridika

Il-punt (b) tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

PA 09 18 2018

PA 09 18 01 Azzjoni preparatorja — Sforzi biex il-bini ta' kapaċitajiet isir operattiv għall-iżvilupp programmatiku u objettivi ta' mmappjar fil-qasam tat-tassazzjoni ambjentali u r-riforma baġitarja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	135 000	p.m.	450 000	450 000,—	221 779,32

Kummenti

Partita preċedenti

07 02 77 45

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom mhux saldati mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PA 09 20 2020

PA 09 20 01 Azzjoni preparatorja — Monitoraġġ u indikaturi tad-dakkara tal-UE

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021		Approprjazzjonijiet 2020		Eżitu 2019	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	1 500 000	5 000 000	1 250 000		

Kummenti

Partita preċedenti

07 02 77 53

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li kienu għadhom mhux saldati mis-snin ta' qabel taħt l-azzjoni preparatorja.

L-azzjoni preparatorja tappoġġa l-implimentazzjoni ta' skema ta' monitoraġġ fl-Unjoni kollha għall-insetti dakkara selvaġġi fl-Istati Membri u l-kostruzzjoni ta' indikaturi assoċjati.

Id-dakkara huma parti integrali ta' ekosistemi b'saħħithom u t-tinqis drammatiku tagħhom jikkawża tħassib serju. Fl-Ewropa, id-dakkir permezz tal-annimali primarjament isir permezz tal-insetti: madwar 2 000 speċi ta' naħal, 900 speċi ta' hoverfly, 500 speċi ta' friefet, 8 000 speċi ta' baħrijiet. Speċijiet oħra ta' dubbien, naħal bagħlija, ħniefes ukoll għandhom rwol ta' dakkir importanti. Mingħajrhom, ħafna speċijiet ta' pjanti jonqsu u eventwalment jisparixxu, b'konsegwenzi enormi għan-natura u l-benessri tal-bniedem. Fl-Unjoni, erbgħa minn kull ħames għelejjel u speċijiet tal-pjanti bil-fjuri jiddependu, tal-inqas parzjalment, mid-dakkir permezz tal-annimali. Sa EUR 15-il biljun mill-produzzjoni agrikola annwali tal-Unjoni huma attribwiti direttament għad-dakkir permezz tal-insetti; huma rikonoxxuti ħafna bħala wieħed mill-indikaturi l-iktar importanti ta' ambjent tajjeb għas-saħħa.

Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat l-Inizjattivi tad-Dakkara tal-Unjoni, wara sejħiet mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal azzjoni biex jiġi indirizzat it-tinqis drammatiku tad-dakkara magħruf sew. L-inizjattiva tistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet biex jindirizzaw il-kawżi magħrufa tat-tinqis, iżda tiffoka wkoll fuq it-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien. Tenfasizza l-importanza ta' approċċ sistemiku għall-ġbir ta' data u informazzjoni dwar id-dakkara, sabiex jiġu evalwati l-azzjonijiet ta' politika u tittejjeb l-effikaċja tagħhom. Filwaqt li f'xi oqsma hemm livell raġonevoli ta' għarfien (it-tinqis tal-friefet, l-istat ħażin tal-ħabitats tagħhom u l-kawżi tat-tinqis), għad hemm lakuni ta' għarfien ġenerali fir-rigward tal-istatus u x-xejriet għall-biċċa l-kbira mill-popolazzjonijiet ta' dakkara, kif ukoll il-kawżi u l-konsegwenzi tat-tinqis tagħhom. Proċess ta' monitoraġġ koordinat fil-livell tal-Unjoni, immexxi mill-ġbir ta' data fil-post standardizzat, se jippermetti li nagħlqu l-lakuni kritiċi u niżviluppaw indikaturi robusti biex nirfdu l-politiki tal-Unjoni b'impatt għad-dakkara.

L-indikaturi tad-dakkara se jkunu essenzjali b'mod partikolari għal qafas ġdid tal-bijodiversità tal-Unjoni għal wara l-2020 u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida. Id-dakkara jikkostitwixxu suġġett bi profil għoli fil-ħidma tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li tistabbilixxi qafas globali ta' azzjonijiet dwar il-bijodiversità, u li għaliha tikkontribwixxi b'mod attiv l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU. Dan wassal għall-ewwel rapport globali dwar id-dakkara maħruġ mill-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi fl-2016. Hu mistenni li d-dakkara se jiġu inklużi fl-objettivi għall-qafas tal-bijodiversità globali futur. Apparti l-fatt li d-dakkara jirrappreżentaw objettiv bil-mertu tagħhom, l-indikaturi tad-dakkara se jgħinu wkoll biex jitkejjel il-progress lejn għadd ta' objettivi ta' bijodiversità oħrajn, inklużi dawk relatati mad-Direttiva dwar il-Ħabitats tal-Unjoni, in-netwerk Natura 2000, l-agrikoltura u l-forestrija.

IL-KUMMISSJONI
AZZJONIJIET PREPARATORJI

KAPITOLU PA 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA *(ikompli)*

PA 09 20 *(ikompli)*

PA 09 20 01 *(ikompli)*

Fis-7 ta' Lulju 2010, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Ukrajna faċilità ta' self għal żmien twil ta' ammont massimu ta' EUR 500 000 000 b'maturità massima ta' 15-il sena, bl-għan li tiġi assigurata sitwazzjoni ta' bilanċ ta' pagamenti sostenibbli. Il-faċilità ġiet żborżata f'żewġ porzjonijiet indaqs fl-2014 u l-2015.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-12 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja b'ammont massimu ta' EUR 46 000 000 (sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' għoti u sa EUR 23 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 ġie żborżat f'April 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 13 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2017.

Fl-14 ta' April 2014, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja fil-forma ta' self ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex ikopri l-ħtiġijiet urġenti ta' bilanċ ta' ħlasijiet tal-Ukraina kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ammont totali ta' EUR 1 000 000 000 ġie żborżat fl-2014.

Fil-15 ta' April 2015, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 1 800 000 000 u b'maturità massima ta' 15-il sena, biex jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukrajna u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Ukrajna kif identifikat fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2015 u t-tieni porzjon ta' EUR 600 000 000 ġie żborżat f'Marzu 2017.

Fit-18 ta' April 2018, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Georgia assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 45 000 000, bil-ħsieb li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Georgia u aġenda ta' riforma sostantiva. Minn dak l-ammont massimu, sa EUR 35 000 000 għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' self u sa EUR 10 000 000 fil-forma ta' għotjiet. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-għajnuna għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet ta' Georgia kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 15 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2018 u l-porzjon li jifdal ta' EUR 20 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2020 (flimkien mal-ewwel porzjon ta' EUR 75 000 000 għall-Georgia taħt il-programm speċjali tal-MFA COVID-19).

Fl-4 ta' Lulju 2018, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel disponibbli għall-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 1 000 000 000, bil-għan li jappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukrajna u aġenda ta' riforma sostantiva. Din l-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI. L-ewwel porzjon ta' EUR 500 000 000 ġie żborżat f'Diċembru 2018 u t-tieni porzjon ta' EUR 500 000 000 ġie żborżat f'Ġunju 2020.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia u l-Ukrajna fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza se tingħata fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 150 000 000 għall-Georgia (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 75 000 000) u EUR 1 200 000 000 għall-Ukrajna (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 600 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 75 000 000 għall-Georgia ġie żborżat f'Novembru 2020 u l-ewwel porzjon ta' EUR 600 000 000 għall-Ukrajna ġie żborżat f'Diċembru 2020.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

V. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LILL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta' Novembru 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Georgia (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1025/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża (ĠU L 283, 25.10.2013, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1565 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2017 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 242, 20.9.2017, p. 14).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

2. **Deskrizzjoni**

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni eċċezzjonali mutwatarja u mutwanti lill-Armenja għal ammont massimu ta' EUR 28 000 000 għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti għall-Armenja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal perjodu massimu ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 26 000 000 ġie żborżat fl-2011, it-tieni u l-aħħar wieħed fl-2012.

Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għar-Repubblika Kirgiża assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 30 000 000 (sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 15 000 000 fil-forma ta' self) b'maturità massima ta' 15-il sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 5 000 000 ġie żborżat fl-2015 u t-tieni parti f'April 2016.

Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jagħmlu disponibbli għall-Moldova assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 100 000 000 (sa EUR 40 000 000 fil-forma ta' għotjiet u sa EUR 60 000 000 fil-forma ta' self b'maturità massima ta' 15-il sena), bil-għan li tappoġġja l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Moldova u aġenda ta' riforma sostantiva. L-ewwel porzjon ta' EUR 20 000 000 ġie żborżat f'Ottubru 2019.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia u l-Ukrajna fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza se tingħata fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 100 000 000 (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 50 000 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Novembru 2020.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

VI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' SELF IKKUNTRATTATI MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA LIL PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 123, 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lil dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta' Novembru 2002 li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta' Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija u li tirrevoka d-Deċiżjoni 1999/282/KE (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/KE tat-2 ta' Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta' Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta' self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni tal-Istati tas-Serbja u Montenegro (magħrufa qabel bħala r-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/549/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31).

2. **Deskrizzjoni**

Fl-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjoni mutwatarja u mutwanti għall-Bożnija-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (Bożnija I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Ħerzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lill-dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallas lill-dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fis-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja u Montenegro I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lill-Bożnija-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena (Bożnija II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallas lill-Bożnija-Ħerzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti lis-Serbja u Montenegro (Serbja u Montenegro II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija IV ta' EUR 9 000 000, għal perjodu massimu ta' 15-il sena, tħallas fis-sħuħija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti għas-Serbja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' tmien snin. L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni mutwatarja u mutwanti għas-Serbja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 100 000 000 f'kapital għal perjodu massimu ta' 15-il sena. Iż-żewġ porzjonijiet ta' EUR 50 000 000 tħallsu fl-2013.

Fil-25 ta' Mejju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Albanija, u l-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo, il-Montenegro u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi assoċjati. L-assistenza se tingħata fil-forma ta' self għal ammont totali massimu ta' EUR 180 000 000 għall-Albanija (żewġ pagamenti parzjali ta' self ta' EUR 90 000 000), EUR 250 000 000 għall-Bożnija-Ħerzegovina (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 125 000 000), EUR 100 000 000 għall-Kosovo (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 50 000 000), EUR 60 000 000 għall-Montenegro (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 30 000 000), u EUR 160 000 000 għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (żewġ porzjonijiet ta' self ta' EUR 80 000 000). L-ewwel porzjonijiet għall-Kosovo, il-Montenegro u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq ġew żborżati f'Novembru 2020.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

VII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-EURATOM BIEX JITTEJJEB IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U TAS-SIKUREZZA TAL-IMPJANTI TAL-ENERĠIJA NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U L-COMMONWEALTH TA' STATI INDIPENDENTI

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

2. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu ta' self mill-Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self mill-Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' ffissat għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozlodoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar porzjon kien fl-2006. Fl-2000, il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalenti f'EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel porzjon) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 ġew żborżati fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

Fl-2013, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti self lil Energoatom, l-Ukrajna, ta' EUR 300 000 000 għall-programm ta' titjib fis-sigurtà tal-impjanti għall-enerġija nukleari. Is-self se jiġi pprovdut f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li b'mod parallel, jipprovdi self ieħor ta' EUR 300 000 000. Il-kundizzjonijiet li jippreċedu d-disponibbiltà inizjali tas-self ġew ivvalutati bħala totalment milħuqa fl-2015 u s-self ġie ddikjarat bħala effettiv.

Fis-27 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni awtorizzat żborżi taħt self tal-Euratom lil Energoatom f'ammont ta' mhux aktar minn EUR 100 000 000, bil-kundizzjoni li Energoatom ikun ġibed l-ammont tas-self mogħti mill-BERŻ f'ammont li ma jkunx inqas minn EUR 50 000 000. Dan is-self jibbenefika minn garanziji tal-Istat li jkopru 100 % tal-ammonti pendenti fl-aħħar tas-sena. L-ewwel porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Mejju 2017 u t-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 ġie żborżat f'Lulju 2018.

3. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u mar-Rumanija ma baqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond ta' Garanzija.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI MEDITERRANJI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokolli Mediterranji).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1273/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem taż-2 Protokolli għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.1980, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta'Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll tal-Jugoslavja).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389 31.12.1987, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1994, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerka Latina u l-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra it-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerka Latina u l-Asja u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1), emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mill-impenji finanzjarji tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Mediterran.

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fl-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-approprjazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Ġordan, is-Sirja, l-Iżrael, il-Greċja, dik li kienet il-Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l- Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Skont il-Protokolli Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment mill-fondi proprji tiegħu. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jagħti self għal finijiet li jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi inkwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agrikoli u promozzjoni ta' impriżi żgħar u medji).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterran imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

Fid-29 ta' Novembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-BEI il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estiż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-BEI bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu massimu globali ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija, li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja u t-Tuneżija. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija tal-Komunità hi ristretta għal 65 %.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerka Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014–2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet tal-oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u komunitajiet ta' oriġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur,

— l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-imgħax ta' 2 % f'għajnuna mhux rimborżabbli, suġġetta għall-ammonti globali stabbiliti mill-Protokolli Finanzjarji.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru. 2728/94 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond ta' Garanzija.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LIL PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

1. **Bażi ġuridika**

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investiment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerka Latina u l-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KE tad-19 ta' Mejju 1998 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fil-Bożnija-Ħerzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra it-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerka Latina u l-Asja u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1), emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-14 ta' Marzu 2018 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-bajit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka fir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-BEI fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awwissu 1994.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 98/348/KE u d-Deċiżjoni 98/729/KE kienu l-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Bi tweġiba għal sejħa magħmula mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 1989, il-Bord ta' Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1989 li jawtorizza self mir-riżorsi proprji tiegħu għall-finanzjament ta' proġetti ta' investiment fl-Ungerija u l-Polonja għal ammont totali li ma jaqbiżx il-EUR 1 000 000 000. Dan is-self huwa mogħti biex jiġu ffinanzjati proġetti ta' investiment li jissodisfaw ir-rekwiżiti normali tal-Bank għal self mir-riżorsi proprji tiegħu.

Fl-14 ta' Mejju 1991 u fil-15 ta' Marzu 1993, il-Kunsill iddeċieda li din il-garanzija għandha tkun estiża għal kull self li l-BEI jista' jagħmel f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (iċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija) fuq perjodu ta' sentejn għal massimu ta' EUR 700 000 000.

Fit-13 ta' Diċembru 1993, il-Kunsill iddeċieda li jġedded għal tliet snin il-garanzija tal-Komunità għal EUR 3 000 000 000 f'self tal-BEI għal proġetti fil-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija.

Il-garanzija tal-baġit tkopri l-aspetti kollha tas-servizzjar tad-dejn (rimborż tal-kapital, imgħax, kostijiet relatati) konnessi ma' dawn is-self.

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fl-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 3 520 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant imsemmija hawn fuq. Ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fid-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self għal proġetti f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 150 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fl-14 ta' Diċembru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-Bożnija u Ħerzegovina. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ta' EUR 100 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda fit-22 ta' Diċembru 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-22 ta' Diċembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fl-Albanija, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, u s-Slovenja. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u li jintemm fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħtija mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fis-7 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-Kroazja.

Fis-6 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità għal self fil-kandidati li ġejjin: il-Kroazja, it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija tal-Komunità hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerka Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014–2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet tal-oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u komunitajiet ta' oriġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

Is-self mal-Istati Membri l-ġodda m'għadhomx azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)) u għaldaqstant huma koperti direttament mill-baġit tal-Unjoni u mhux aktar mill-Fond ta' Garanzija.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

X. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT KONTRA TELF MINN SELF GĦAL PROĠETTI F'ĊERTI PAJJIŻI TAL-ASJA U TAL-AMERKA LATINA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/115/KEE tal-15 ta' Frar 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 45, 23.2.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/723/KE tat-12 ta' Diċembru 1996 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi tal-Amerka Latina u tal-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni (l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj u l-Venezwela; il-Bangladesh, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Macao, il-Malasja, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam) (ĠU L 329, 19.12.1996, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerka Latina u l-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra it-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerka Latina u l-Asja u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 93/115/KEE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Novembru 1993 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Novembru 1993.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni 96/723/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-BEI fi Brussell fit-18 ta' Marzu 1997 u fil-Lussemburgu fid-26 ta' Marzu 1997.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somma kollha relatata. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Skont id-Deċiżjoni 93/115/KEE l-Unjoni tiggarantixxi, fuq bażi ta' każ b'każ, self magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) f'pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni.

Id-Deċiżjoni 93/115/KEE stabbilixxiet limitu massimu globali ta' EUR 250 000 000 fis-sena għal perjodu ta' tliet snin.

Fit-12 ta' Diċembru 1996, il-Kunsill ta lill-BEI garanzija tal-Komunità ta' 100 % għal self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi terzi (pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp fl-Amerka Latina u l-Asja) li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni. Din il-garanzija kienet ristretta għal limitu massimu globali ta' EUR 275 000 000 li kellhom jingħataw fl-1996 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerka Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladesh, il-Brunei, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Macao, il-Malasja, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 900 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Asja u l-Amerka Latina msemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Fit-22 ta' Diċembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-BEI għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Asja u tal-Amerka Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, El Salvador, l-Urugwaj, il-Venezwela, il-Bangladesh, il-Brunei, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Macao, il-Malasja, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, it-Tajlandja, il-Vjetnam u l-Jemen. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Ikopri perjodu ta' seba' snin li jibda mill-1 ta' Frar 2000 u li jintemm fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija Komunitarja lill-BEI kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Amerka Latina li ġejjin: l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela, u fil-pajjiżi tal-Asja li ġejjin: l-Afganistan*, il-Bangladesh, il-Bhutan*, il-Brunei, il-Kambodja*, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq*, il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Malasja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, is-Sri Lanka, it-Tajwan*, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen u l-pajjiżi tal-Asja ċentrali: il-Każakistan*, il-Kirgiżistan*, it-Turkmenistan*, l-Użbekistan* (*: l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill). Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija tal-Komunità hi limitata għal 65 %. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerka Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet tal-oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u komunitajiet ta' oriġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija sabiex jinżamm l-ammont immirat tiegħu ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XI. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT KONTRA TELF MINN SELF GĦAL PROĠETTI FIL-KAWKAŻU TAN-NOFSINHAR, IR-RUSSJA, IL-BELARUSSJA, IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA U L-UKRAJNA

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/777/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal ċertu tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarussja (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11). Mill-31 ta' Diċembru 2006 u skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005)1499, ir-Russja u l-Ukrajna biss huma eliġibbli skont din id-Deċiżjoni 2005/48/KE.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 2001/777/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iffirmat fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2002 u fil-Lussemburgu fis-7 ta' Mejju 2002.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 u fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Fis-6 ta' Novembru 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-limitu massimu globali tal-krediti huwa EUR 100 000 000. Il-benefiċċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukrajna, il-Moldova u l-Belarussja. Il-limitu massimu globali tal-krediti huwa EUR 500 000 000. Il-benefiċċji tal-BEI minn garanzija eċċezzjonali tal-Komunità huma ta' 100 %.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005 u fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 u stabbilixxiet garanzija sa 100 %.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant li ġejjin: ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Belarussja (l-eliġibbiltà għandha tkun deċiża mill-Kunsill); fil-pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia u r-Russja. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija tal-Komunità hi limitata għal 65 %. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerka Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet tal-oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u komunitajiet ta' oriġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI

OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XII. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LILL-AFRIKA T'ISFEL

1. **Bażi ġuridika**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/207/KE tal-1 ta' Ġunju 1995 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti fl-Afrika t'Isfel (ĠU L 131, 15.6.1995, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerka Latina u l-Asja, l-Afrika t'Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bożnija-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra it-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerka Latina u l-Asja u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95).

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 30).

2. **Garanzija tal-baġit tal-Unjoni**

Id-Deċiżjoni 95/207/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 1995 u fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 1995.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-KE u l-BEI ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li tistabbilixxi garanzija limitata għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mingħajr l-ammonti rimborżati, flimkien mas-somom kollha relatati. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta'finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni (UE) 2018/412 kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI ffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-3 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti rimborżati, b'żieda tas-somom kollha relatati.

3. **Deskrizzjoni**

Skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 95/207/KE, l-Unjoni tiggarantixxi self tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) lill-Afrika t'Isfel sa ammont massimu totali ta' EUR 300 000 000.

Il-garanzija tal-baġit tkopri s-servizzjar kollu tad-dejn (rimbors tal-kapital, imgħax u kostijiet relatati) konnessi ma' dan is-self.

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 375 000 000 huma għar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Lulju 1997 (b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur).

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità għall-BEI għal self għal proġetti fir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu massimu globali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Hija tkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2000 u li jintemm fil-31 ta' Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-BEI ma kinux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-BEI huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awwissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità għal self. Il-limitu massimu globali tal-approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta' sitt xhur. Il-garanzija tal-Komunità hi limitata għal 65 %. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti żborżati u garanziji pprovduti bl-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet tal-bidla fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib tal-operazzjonijiet marbuta mar-riskju tal-BEI).

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tat garanzija tal-UE lill-BEI kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra l-Unjoni (pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, pajjiżi tal-viċinat u tas-sħubija, l-Asja u l-Amerka Latina, l-Afrika t'Isfel) matul il-perjodu 2014-2020. Din ġiet emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2018/412. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, skont id-Deċiżjoni li temenda, m'għandux jaqbeż EUR 32 300 000 000 imqassma f'limiti u sub-limiti massimi reġjonali kif ukoll fi:

(a) ammont massimu ta' EUR 30 000 000 000 taħt mandat ġenerali, li minnhom EUR 1 400 000 000 huma allokati għal proġetti fis-settur pubbliku diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u l-komunitajiet tal-oriġini bħala tweġiba strateġika għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; u

(b) ammont massimu ta' EUR 2 300 000 000 taħt mandat ta' self tas-settur privat għal proġetti diretti lejn ir-reżiljenza ekonomika fit-tul ta' refuġjati, migranti, komunitajiet ospitanti u ta' tranżitu, u komunitajiet ta' oriġini bħala risposta strateġika biex tindirizza l-għerq kawżi tal-migrazzjoni.

Il-garanzija tal-UE hija ristretta għal 65 % tal-ammont pendenti aggregat.

4. **Effett fuq il-baġit**

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), sussegwentement emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10) u r-Regolament (UE) 2018/409 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 1), kwalunkwe inadempjenza tiġi koperta minn dak il-fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lil jew, b'eċċezzjoni, mill-Fond ta' Garanzija ta' 9 % tal-operazzjonijiet iggarantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit f'każ ta' inadempjenza tad-debitur.

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

XIII. STRUMENT EWROPEW GĦAL APPOĠĠ TEMPORANJU BIEX JITTAFFEW IR-RISKJI TA' QGĦAD F'EMERĠENZA (SURE)

1. **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1342 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Renju tal-Belġju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 4).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1343 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 10).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1344 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika ta' Ċipru biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 13).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1345 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ċeka biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 17).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1346 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Ellenika biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 21).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1347 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Renju ta' Spanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 24).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Kroazja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 28).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1349 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika Taljana biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 31).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 35).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1351 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Latvja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 38).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1352 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika ta' Malta biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 42).

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1353 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Polonja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 45).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1354 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Portugall biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 49).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 55).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1356 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tas-Slovenja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 59).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1357 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tas-Slovakkja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 314, 29.9.2020, p. 63).

2. **Deskrizzjoni**

L-Artikolu 122(1) TFUE jippermetti lill-Kunsill jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni u fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, dwar il-miżuri xierqa biex iwieġbu għas-sitwazzjoni soċjoekonomika wara t-tifqigħa tal-COVID-19.

L-Artikolu 122(2) TFUE jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex jagħti assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f'diffikultajiet jew ikun mhedded serjament minn diffikultajiet qawwija kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-ħolqien ta' strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex itaffi r-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 għandu jippermetti li l-Unjoni tirrispondi għall-kriżi fis-suq tax-xogħol b'mod koordinat, rapidu u effettiv u fi spirtu ta' solidarjetà fost l-Istati Membri, biex b'hekk jittaffa l-impatt fuq l-impjiegi għall-individwi u l-aktar setturi ekonomiċi affettwati u jittaffew l-effetti diretti ta' din is-sitwazzjoni eċċezzjonali fuq in-nefqa pubblika mill-Istati Membri.

L-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 ([1]) jgħid li l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri tista' tieħu l-forma ta' self. Tali self għandu jingħata lill-Istati Membri fejn it-tifqigħa tal-COVID-19 wasslet għal żieda għall-għarrieda u qawwija, mill-1 ta' Frar 2020, fin-nefqa pubblika effettiva u possibbilment dik ippjanata wkoll minħabba miżuri nazzjonali . Dik id-data tiżgura trattament ugwali għall-Istati Membri kollha u tippermetti l-kopertura taż-żidiet effettivi tagħhom u possibbilment dawk ippjanati fl-infiq relatat mal-effetti fuq is-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri, irrispettivament minn meta seħħet it-tifqigħa tal-COVID-19 f'kull Stat Membru speċifiku. Il-miżuri nazzjonali li jkunu mifhuma li huma konformi mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali rilevanti, jenħtieġ li jkunu direttament relatati mal-ħolqien jew l-estensjoni ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ma' miżuri simili inkluż miżuri għal persuni li jaħdmu għal rashom, jew ma' xi miżuri relatati mas-saħħa. Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huma programmi pubbliċi li f'ċerti ċirkostanzi jippermettu li n-negozji li jkunu qed jesperjenzaw diffikultajiet ekonomiċi jnaqqsu b'mod temporanju s-sigħat maħduma mill-impjegati tagħhom, li jingħataw appoġġ pubbliku għall-introjtu għas-sigħat mhux maħduma.

L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 jiddikjara li l-ammont massimu ta' għajnuna finanzjarja ma għandux jaqbeż EUR 100 000 000 000 għall-Istati Membri kollha.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li tħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

IL-KUMMISSJONI
OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI — OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GARANTITI MILL-BAĠIT TAL-UNJONI (B'MOD INDIKATTIV)

3. **Effett fuq il-baġit**

	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	130 000	122 000	111 400,—	85,69
1 6 3 6	Ristoranti u l-kantins				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 6 3 8	Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	640 000	662 000	535 578,—	83,68
	Artikolu 1 6 3 — Total	1 012 500	1 009 000	820 094,44	81
1 6 4	***Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati***				
1 6 4 0	Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 1 6 4 — Total	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 1 6 — TOTAL	1 986 601	2 008 835	1 785 014,15	89,85
	Titolu 1 — Total	**103 166 857**	**101 825 721**	**96 577 604,58**	**93,61**

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 1

PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI U DELEGATI

1 0 0 Allowances u pagamenti speċifiċi

1 0 0 0 Allowances u pagamenti speċifiċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
449 320	149 320	81 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances u l-pagamenti magħmula lill-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, inklużi l-allowances għal dmirijiet speċjali u allowances oħra. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri primjums tal-assigurazzjoni, inkluża assigurazzjoni għal mard, inċidenti u assistenza għall-ivvjaġġar, kif ukoll laissez-passers, ħlasijiet ta' ġestjoni għall-aġenzija tal-ivvjaġġar, attivitajiet b'rabta mal-prevenzjoni medika u miżuri speċifiċi għal Membri li għandhom diżabilità tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, delegati tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, is-sostituti rispettivi tagħhom u l-esperti tal-Kumitat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 0 0 4 Allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza, attendenza għal-laqgħat u nfiq assoċjat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
21 006 981	20 595 079	20 365 977,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti lill-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u s-sostituti tagħhom kif stabbilit fir-regoli attwali dwar ir-rimborż ta' spejjeż tat-trasport u allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 0 0 8 Allowances għall-ivvjaġġar u s-sussistenza, attendenza għal-laqgħat u nfiq assoċjat tad-delegati tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali.

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
521 176	510 957	452 910,—

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI U DELEGATI *(ikompli)*

1 0 0 *(ikompli)*

1 0 0 8 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti lid-delegati tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali u s-sostituti tagħhom kif stabbilit fir-regoli attwali dwar ir-rimborż ta' spejjeż tat-trasport u allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 0 5 ***Taħriġ addizzjonali, korsijiet tal-lingwa u taħriġ ieħor***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
78 078	77 000	46 506,87

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tissusidja parti mill-miżati ta' reġistrazzjoni għall-korsijiet tal-lingwa jew seminars ta' taħriġ vokazzjonali ieħor li jattendu l-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u d-delegati tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (ĊĊMI).

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU

Kummenti

Ġie applikat tnaqqis standard ta' 4,5 % għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu.

1 2 0 ***Rimunerazzjoni u jeddijiet oħra***

1 2 0 0 Rimunerazzjoni u allowances

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
73 037 963	72 380 869	68 659 644,42

Kummenti

Din l-Approprjazzjoni hija prinċipalment maħsuba biex tkopri, għal uffiċjali u persunal temporanju li għandu post li hemm provvediment għalih fil-pjan tat-twaqqif.

— salarji, allowances u pagamenti relatati ma' salarji,

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 0 *(ikompli)*

— assigurazzjoni għall-mard, inċidenti u mard relatat max-xogħol u ħlasijiet tas-sigurtà soċjali,

— Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni lill-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni għall-Mard,

— rata fissa ta' allowances għal xogħol wara l-ħin,

— allowances oħrajn u għotjiet, inkluż l-allowance tal-liv tal-ġenituri jew tal-familja,

— pagament ta' spejjeż tal-ivvjaġġar għal uffiċjali jew persunal temporanju, l-irġiel jew in-nisa tagħhom u persuni dipendenti fuqhom mill-post tax-xogħol tagħhom għall-post ta' oriġini tagħhom,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi ta' salarji applikabbli għal remunerazzjoni u għall-parti ta' emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak fejn qiegħed l-impjieg,

— assigurazzjoni għal diżokkupazzjoni għal persunal temporanju u pagamenti magħmula mill-istituzzjoni biex jippermettu lil persunal temporanju li jikkostitwixxu jew iżommu drittijiet għal pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,

— l-indennità ta' liċenzjament li tingħata lil ħaddiema fuq perijodu ta' prova meta dawn jiġu liċenzjati għal raġunijiet ta' inkompetenza,

— ħlas mill-istituzzjoni meta twaqqaf il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju.

— l-effetti tal-aġġoranamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 2 Ħin wara x-xogħol imħallas

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
19 534	19 787	10 083,56

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagament ta' xogħol wara l-ħin skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-bażi ġuridika.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-effetti tal-aġġornamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 2 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 56 u l-Anness VI tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 4 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
415 107	415 519	384 548,86

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar allokati għal uffiċjali u persunal temporanju (inklużi l-familji tagħhom) li deħlin fis-servizz jew li qed jispiċċaw mis-servizz jew li qed jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ieħor,

— allowances tal-ewwel sistemazzjoni/sistemazzjoni mill-ġdid u spejjeż ta' ġarr allokati għal uffiċjali u persunal temporanju obbligati li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, meta jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ġdid jew meta fl-aħħar jispiċċaw mill-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— allowance ta' sussistenza għal kull ġurnata għal uffiċjali u persunal temporanju li jipprovdu evidenza li se jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, jew meta jiġu trasferiti għal post tax-xogħol ġdid,

— l-effetti tal-aġġornamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 2 ***Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz***

1 2 2 0 Allowances għall-persunal irtirat mix-xogħol jew li jingħata l-liv fl-interess tas-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
273 482	257 226	222 231,43

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 2 *(ikompli)*

1 2 2 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri l-allowances għall-uffiċjali li jingħataw status ta' nonattivi wara tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema fl-istituzzjoni, għall-uffiċjali li jingħataw il-liv fl-interessi tas-servizz jew għall-uffiċjali anzjani f'kariga eżekuttiva għolja li jkunu rtiraw fl-interess tas-servizz.

Tkopri wkoll il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem lill-assigurazzjoni għall-mard u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għal dawk l-allowances.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 41, 42c u 50 u l-Anness VI tagħhom.

1 2 2 2 Allowances għall-persunal li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar għall-uffiċjali u għall-persunal temporanju

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-allowances li jitħallsu taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet fuq imsemmija,

— il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard għal persuni li jirċievu l-allowances,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji li japplikaw għad-diversi allowances.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

1 2 9 ***Approprjazzjoni proviżorja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 9 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni kienet maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġornamenti fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja u ġiet inkluża fil-partiti tal-baġit 1 2 0 0, 1 2 0 2 u 1 2 0 4.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 65 u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 ***Persunal ieħor u persuni esterni***

1 4 0 0 Persunal ieħor

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 576 430	2 556 480	2 431 967,53

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ir-rimunerazzjoni ta' persunal ieħor inklużi persunal b'kuntratt u persunal lokali u konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskemi varji ta' sigurtà u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarju applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan l-persunal jew it-terminazzjoni tal-allowances stabbiliti fil-kuntratt,

— l-onorarji ta' persunal mediku u paramediku mħallsa skont l-arranġamenti għall-proviżjoni ta' servizzi, u f'każijiet speċjali, l-impjieg ta' persunal temporanju impjegat f'aġenzija,

— ir-rimunerazzjoni u l-kontijiet ta' operaturi tal-konferenzi u edituri multimedjali li jintużaw matul perijodi fejn ix-xogħol ikun eċċessiv jew f'każijiet speċjali.

— rata fissa ta' allowances għal xogħol wara l-ħin,

— il-ħlas għal xogħol wara l-ħin skont l-Artikolu 56 tar-Regolamenti tal-persunal u l-Anness VI tagħhom,

— allowances oħrajn u għotjiet, inkluż l-allowance tal-liv tal-ġenituri jew tal-familja,

— ħlas mill-istituzzjoni meta twaqqaf il-kuntratt ta' membru tal-persunal,

— l-effetti tal-aġġornamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena,

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 0 *(ikompli)*

— il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni għall-inċidenti jew mewt,

— l-onorarji ta' konsulent speċjali għall-Kumitat tal-Verifika skont l-arranġamenti għall-forniment ta' servizzi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 0 4 Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
776 256	761 581	676 388,56

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— allowance, spejjeż tal-ivvjaġġar u dawk relatati mal-missjoni għall-apprendisti, u assigurazzjoni għall-mard u inċidenti waqt il-korsijiet,

— infiq li ġej minn ċaqliq bejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u s-settur pubbliku fl-Istati Membri jew f'pajjiżi oħra speċifikati fir-regoli,

— il-kontribuzzjoni, fuq skala limitata, sabiex jitħejjew proġetti ta' riċerka fl-oqsma ta' ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li huma ta' interess partikolari għall-integrazzjoni Ewropea,

— l-ispiża ta' programmi intiżi biex jedukaw liż-żgħażagħ fl-ispirtu Ewropew,

— l-effetti tal-aġġoranamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena,

— il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni għall-inċidenti jew mewt.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 8 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
60 069	59 360	19 105,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar allokati għall-persunal (inklużi l-familji tagħhom) li deħlin fis-servizz jew li qed jispiċċaw mis-servizz jew li qed jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ieħor,

— allowances tal-ewwel sistemazzjoni/sistemazzjoni mill-ġdid u spejjeż ta' ġarr allokati għal persunal obbligati li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, meta jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ġdid jew meta fl-aħħar jispiċċaw mill-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— allowance għas-sussistenza għal kull ġurnata għal persunal li jipprovdu evidenza li se jkollhom ibiddlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, jew meta jiġu trasferiti għal post tax-xogħol ġdid,

— id-differenza bejn il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-persunal lil skema ta' pensjonijiet fi Stat Membru u dawk imħallsa lill-iskema tal-Unjoni f'każ li kuntratt jiġi ridefinit,

— l-effetti tal-aġġoranamenti tar-rimunerazzjoni matul is-sena.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 2 ***Servizzi esterni***

1 4 2 0 Servizzi addizzjonali għas-servizz tat-traduzzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 200 000	1 200 000	830 000,—

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 2 *(ikompli)*

1 4 2 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri nfiq fuq xogħol magħmul minn kuntratturi tat-traduzzjoni esterni u servizzi oħra relatati mat-traduzzjoni esternalizzata.

Hija tkopri wkoll infiq fuq xogħol fdat f'idejn iċ-Ċentru għat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali kollha fil-qasam tal-lingwa.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 4 2 2 Pariri ta' esperti b'konnessjoni ma' ħidma leġiżlattiva

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
696 750	731 708	531 708,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti lill-esperti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif stabbilit fir-regoli attwali dwar ir-rimborż ta' spejjeż tat-trasport u allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 4 2 4 Kooperazzjoni interistituzzjonali u servizzi esterni fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
69 110	102 000	80 019,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal.

L-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll kull servizz estern marbut mal-ġestjoni tal-persunal.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 4 — PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 9 Approprjazzjoni proviżorja

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni kienet maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġornament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja u ġiet inkluża fil-partiti tal-baġit 1 2 0 0, 1 2 0 2 u 1 2 0 4.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 65 u l-Anness XI tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 6 1 Infiq marbut mal-immaniġġar tal-persunal

1 6 1 0 Infiq ta' reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
40 661	40 100	24 750,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— infiq ta' organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet kif hemm imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE u spejjeż ta' vjaġġar u sussistenza għal applikanti msejħa għal intervisti u eżamijiet mediċi,

— l-ispejjeż ta' organizzazzjoni ta' proċeduri biex jintgħażel persunal temporanju, persunal kuntrattwali u persunal lokali,

— il-ħlas ta' servizzi ta' konsulenza għall-għażla tal-persunal maniġerjali (ċentri ta' valutazzjoni),

— il-ħlas ta' primjums ta' assigurazzjoni fuq mewt aċċidentali.

F'każijiet ġustifikati kif xieraq minħabba eżiġenzi operattivi, u wara li jiġi kkonsultat l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, l-istituzzjoni tista' tuża whud minn dawn l-approprjazzjonijiet biex torganizza l-kompetizzjonijiet tagħha stess.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 0 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li waqqfet l-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarji Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjoni u l-ħidma tal-Uffiċċju għall-Għażla tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Taħriġ professjonali addizzjonali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
554 466	546 811	516 669,71

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ u ta' taħriġ mill-ġdid kif ukoll korsijiet tal-lingwi għall-persunal, fuq bażi interistituzzjonali. Xi whud mill-approprjazzjonijiet, f'xi każijiet ġustifikati kif xieraq, jistgħu jintużaw biex ikopru l-organizzazzjoni ta' korsijiet fi ħdan l-istituzzjoni,

— l-infiq relatat max-xiri jew mal-produzzjoni ta' materjal pedagoġiku, u għall-studji speċifiċi magħmula minn speċjalisti sabiex jiġu mfassla u implimentati programmi ta' taħriġ,

— korsijiet ta' taħriġ professjonali li jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet relatati mal-persuni b'diżabilità u miżuri ta' taħriġ b'konnessjoni mal-ugwaljanza fl-opportunitajiet u fil-pariri dwar il-karrieri, speċjalment fir-rigward tal-profili tal-ħiliet,

— nefqiet għall-missjonijiet tal-persunal relatati ma' taħriġ,

— l-ispejjeż ta' servizzi mitluba mingħand kuntratturi esterni li huma konsulenti fil-qasam tar-riżorsi umani u l-finanzi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 2 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 2 ***Missjonijiet***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
378 974	412 924	423 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għat-trasport, il-ħlas ta' allowance għas-sussistenza ta' kuljum, kif ukoll in-nefqiet addizzjonali jew eċċezzjonali li jkunu saru waqt missjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 71 tagħhom u Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 3 ***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni***

1 6 3 0 Servizzi soċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
55 000	50 000	16 600,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— bħala parti minn politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:

  — uffiċjali u aġenti temporanji fis-servizz,

  — il-konjuġi għall-Uffiċjali u l-aġenti temporanji fis-servizz,

  — it-tfal dipendenti kollha kif imfisser fir-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 0 *(ikompli)*

— ir-rimborż, skont il-limitu massimu tal-baġit, meta d-drittijiet (entitlements) nazzjonali mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu ntużaw kollha, tal-infiq (mhux mediku) rikonoxxut bħala neċessarju li jirriżulta minn diżabilità li huwa ġġustifikat b'evidenza dokumentata u li mhuwiex rifuż mill-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni għall-Mard,

— azzjoni li ttieħdet fir-rigward għall-Uffiċjali u l-aġenti l-oħra li jsibu rwieħhom f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċili,

— l-interventi ta' natura medikosoċjali (pereżempju, l-għajnuniet għall-familja, il-kura tat-tfal morda, l-għajnuna psikoloġika jew il-medjazzjoni),

— il-lista ta' spejjeż tas-servizz soċjali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 76 tagħhom.

1 6 3 2 Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal u miżuri soċjali oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
187 500	175 000	156 516,44

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tinkoraġġixxi u ssostni finanzjarjament kull inizjattiva intiża li tippromwovi r-relazzjonijiet soċjali bejn il-persunal tal-istituzzjoni u biex jiġi żviluppat il-benesseri fuq ix-xogħol.

Hija tkopri wkoll l-għoti ta' sussidju favur il-Kumitat tal-Persunal biex il-Kumitat tal-Persunal ikun jista' jieħu sehem fil-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-korpi ta' natura soċjali bħal klabbijiet, għaqdiet sportivi, attivitajiet kulturali jew rikreazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex issostni finanzjarjament il-miżuri ta' natura soċjali adottati mill-istituzzjoni b'kollaborazzjoni stretta mal-Kumitat tal-Persunal (l-Artikolu 1e tar-Regolamenti tal-Persunal).

Hija tkopri wkoll il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jissussidja l-promozzjoni tal-attivitajiet soċjali, sportivi, pedagoġiċi u kulturali taċ-ċentru interistituzzjonali Ewropew ta' Overijse.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' pjan tat-trasport għall-persunal biex jitħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku, jitnaqqas l-użu tal-karozzi individwali u tiċċekken il-marka tal-karbonju.

Din l-approprjazzjoni tinkludi wkoll spejjeż potenzjali għal inkjesti amministrattivi fil-qafas tal-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness IX tiegħu.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 4 Servizzi mediċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
130 000	122 000	111 400,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqiet għall-operat tas-servizz mediku, inkluż ix-xiri ta' materjal u prodotti farmaċewtiċi, in-nefqa għal eżamijiet mediċi ta' prevenzjoni, l-infiq li ġej mill-operat tal-Kumitat għad-Diżabilità u l-infiq fuq servizzi provduti minn speċjalisti mediċi esterni meqjusa neċessarji mill-uffiċjali mediċi.

Tkopri wkoll l-infiq għax-xiri ta' ċerti għodod tax-xogħol meqjusa bħala neċessarji għal raġunijiet mediċi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikolu 8 tal-Anness II tagħhom.

1 6 3 6 Ristoranti u l-kantins

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq tal-operat tar-ristoranti.

1 6 3 8 Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
640 000	662 000	535 578,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għan-nefqiet taċ-ċentru tal-Unjoni ta' teħid ħsieb it-tfal u ta' ċentri oħra ta' teħid ħsieb it-tfal għal matul il-jum u ċentri għal wara l-iskola.

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 8 *(ikompli)*

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju mill-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri huwa stmat li hu EUR 1 000.

1 6 4 ***Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati***

1 6 4 0 Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż lill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej imħallsa mill-Kummissjoni f'isem u għan-nom il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u abbażi tal-ftehim ta' mandat u servizz iffirmat mal-Kummissjoni. Hija tkopri wkoll l-ispejjeż għat-tfal tal-persunal tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li jattendu Skola Ewropea tat-Tip II.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Kirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 130 097	2 223 070	1 916 198,76	61,22
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq simili				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	12 836 665	12 634 513	12 426 944,58	96,81
2 0 0 3	Akkwist ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 925 895	1 121 655	2 132 226,23	43,29
2 0 0 8	Infiq ieħor relatat mal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	728 609	336 657	168 219,44	23,09
2 0 0 9	Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 2 0 0 — Total	21 621 266	16 315 895	16 643 589,01	76,98
2 0 2	***Infiq ieħor relatat mal-bini***				
2 0 2 2	It-tindif u l-manutenzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 542 504	3 203 055	3 313 794,50	93,54
2 0 2 4	Il-konsum tal-enerġija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	745 958	819 184	806 284,—	108,09

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*
KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
2 0 2	*(ikompli)*				
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 419 451	2 374 618	2 249 665,57	92,98
2 0 2 8	Assigurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	91 856	88 400	81 052,60	88,24
	Artikolu 2 0 2 — Total	6 799 769	6 485 257	6 450 796,67	94,87
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	28 421 035	22 801 152	23 094 385,68	81,26
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Tagħmir, nefqiet għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar ta' data u t-telekomunikazzjonijiet***				
2 1 0 0	Ix-xiri, l-isservisjar u l-manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 140 600	1 928 943	2 241 643,81	104,72
2 1 0 2	Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 303 058	2 812 265	2 448 813,64	74,14
2 1 0 3	Telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 344 650	1 358 325	1 187 248,29	88,29
	Artikolu 2 1 0 — Total	6 788 308	6 099 533	5 877 705,74	86,59
2 1 2	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	192 089	147 409	144 134,16	75,04
2 1 4	***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 161 601	1 179 691	968 682,63	83,39
2 1 6	***Vetturi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	69 906	71 806	42 658,72	61,02
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	8 211 904	7 498 439	7 033 181,25	85,65

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI
KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	***Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	165 692	170 277	133 185,44	80,38
2 3 1	***Tariffi finanzjarji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 000	6 000	6 000,—	100
2 3 2	***Nefqiet legali u danni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	150 000	150 000	16 450,—	10,97
2 3 6	***Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	58 344	67 830	61 765,72	105,86
2 3 8	***Infiq għar-rilokazzjoni u nfiq amministrattiv ieħor***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	225 756	157 045	147 661,80	65,41
2 3 9	***Attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni u l-iskema għall-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.			
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	605 792	551 152	365 062,96	60,26
	KAPITOLU 2 5				
2 5 4	***Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra***				
2 5 4 0	Infiq varju għal-laqgħat interni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	223 500	228 700	240 100,—	107,43
2 5 4 2	Infiq għall-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'seduti u avvenimenti oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	651 311	651 311	456 199,87	70,04

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*
KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
2 5 4	*(ikompli)*				
2 5 4 4	Nefqiet għall-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	40 000	40 000	11 824,51	29,56
2 5 4 6	Spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	90 000	90 000	50 000,—	55,56
2 5 4 8	Interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	7 326 563	7 100 000	6 535 000,—	89,20
	Artikolu 2 5 4 — Total	8 331 374	8 110 011	7 293 124,38	87,54
	KAPITOLU 2 5 — TOTAL	8 331 374	8 110 011	7 293 124,38	87,54
	KAPITOLU 2 6				
2 6 0	***Kommunikazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet***				
2 6 0 0	Kommunikazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	850 958	816 000	727 359,55	85,48
2 6 0 2	Pubblikazzjonijiet u l-promozzjoni tagħhom				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	437 000	437 000	344 211,41	78,77
2 6 0 4	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	36 849,39	
	Artikolu 2 6 0 — Total	1 287 958	1 253 000	1 108 420,35	86,06
2 6 2	***Akkwist ta' tagħrif, dokumentazzjoni u arkivjar***				
2 6 2 0	Studji, riċerka u seduti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	250 000	250 000	210 200,—	84,08
2 6 2 2	Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-librerija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	158 000	157 900	149 438,53	94,58
2 6 2 4	Infiq għall-arkivjar u ħidma relatata				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	92 018	92 018	92 018,—	100
	Artikolu 2 6 2 — Total	500 018	499 918	451 656,53	90,33
	KAPITOLU 2 6 — TOTAL	1 787 976	1 752 918	1 560 076,88	87,25
	Titolu 2 — Total	**47 358 081**	**40 713 672**	**39 345 831,15**	**83,08**

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Kummenti

Kull darba li l-approprjazzjoni tkun maħsuba sabiex tkopri nfiq relatat max-xiri jew il-konklużjoni ta' kuntratt għall-forniment ta' tagħmir jew għall-proviżjoni ta' servizzi, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet li jkunu ġabu.

Bażiġuridika

Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 154 tiegħu.

2 0 0 Bini

2 0 0 0 Kirjiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 130 097	2 223 070	1 916 198,76

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kera ta' bini u ħlasijiet ta' kiri għal-laqgħat li jinżammu f'bini li mhuwiex okkupat b'mod permanenti.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 1 Pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq simili

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
12 836 665	12 634 513	12 426 944,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq ieħor simili dovut mill-istituzzjoni minħabba l-obbligazzjonijiet tagħha ta' ċnus u xiri.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 3 Akkwist ta' bini

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' proprjetà immobbli. Is-sussidji li jirrigwardaw l-artijiet u l-iżvilupp tagħhom jiġu trattati skont ir-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 5 Il-kostruzzjoni ta' bini

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tilqa' l-approprjazzjoni possibbli għall-kostruzzjoni ta' bini.

2 0 0 7 Sistemazzjoni fil-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 925 895	1 121 655	2 132 226,23

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-twettiq ta' xogħlijiet ta' sistemazzjoni, li jinkludu r-rinovazzjoni (eż biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija skont l-iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) u nefqiet speċifiċi bħal mogħdija ta' kejbils u sigurtà u xogħol relatat mar-ristoranti, kif ukoll infiq ieħor direttament marbut ma' din is-sistemazzjoni, speċjalment l-onorarji tal-periti jew tal-inġiniera.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 8 Infiq ieħor relatat mal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
728 609	336 657	168 219,44

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 8 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq relatat mal-bini li mhuwiex speċifikament previst f'Artikoli oħra ta' dan il-Kapitolu, speċjalment għas-servizzi ta' konsultazzjoni ta' inġinerija u arkitettonika marbuta ma' proġetti ta' tagħmir tal-bini u miżati legali marbuta mal-"l-għażla ta' xiri" għall-bini,

— is-servizzi ta' konsulenza tal-EMAS,

— studji oħra għal proġetti ta' bini.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 0 9 Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni.

Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

2 0 2 ***Infiq ieħor relatat mal-bini***

2 0 2 2 It-tindif u l-manutenzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 542 504	3 203 055	3 313 794,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-manutenzjoni tal-bini, tal-lifts, tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkundizzjonata, tal-bibien li jirreżistu n-nar, kif ukoll għas-sistemi għall-qerda tal-ġrieden, għat-tibjid mill-ġdid u għal xogħol ta' tiswija, u l-manutenzjoni tad-dehra minn barra tal-bini u l-ambjenti tagħhom, inkluż n-nefqiet marbuta mal-istudji, l-analiżi, l-awtorizzazzjonijiet , u l-konformità mal-istandards tal-EMAS u kontrolli.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 2 *(ikompli)*

2 0 2 4 Il-konsum tal-enerġija

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
745 958	819 184	806 284,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqiet għall-konsum tal-ilma, l-gass, l-elettriku u nefqiet oħra għall-enerġija.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 419 451	2 374 618	2 249 665,57

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri n-nefqiet tal-persunal b'kompiti ta' ħarsien u sorveljanza tal-Membri, il-persunal u l-bini.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 0 2 8 Assigurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
91 856	88 400	81 052,60

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet tal-poloz tal-assigurazzjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI

Kummenti

Kull darba l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri infiq relatat max-xiri jew il-konklużjoni ta' kuntratt għall-forniment ta' tagħmir jew għall-proviżjoni ta' servizzi, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet li huma ġabu.

2 1 0 Tagħmir, nefqiet għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar ta' data u t-telekomunikazzjonijiet

2 1 0 0 Ix-xiri, l-isservisjar u l-manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 140 600	1 928 943	2 241 643,81

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq għax-xiri, il-kiri, l-kura, il-konfigurazzjoni u l-manutenzjoni ta' materjal u software tal-istituzzjoni u xogħlijiet relatati.

Hija tkopri wkoll l-ispejjeż assoċjati ma' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz konklużi ma' istituzzjonijiet tal-Unjoni (eż. għall-użu ta' sistemi ta' informazzjoni) u u l-fatturazzjoni mill-ġdid ta' servizzi oħra (notevolment għall-akkwist tal-IT).

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 1 0 2 Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 303 058	2 812 265	2 448 813,64

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' assistenza minn barra minn fornituri ta' servizzi u konsulenti ta' proċessar ta' data b'rabta mal-operat taċ-ċentru ta' pproċessar ta' data u n-netwerk, il-produzzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni, l-appoġġ għall-utenti inkluż l-Membri, it-twettiq ta' studji, u t-tfassil u l-input ta' dokumentazzjoni teknika.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

2 1 0 3 Telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 344 650	1 358 325	1 187 248,29

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 3 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-abbonamenti u t-tariffi tal-kejbil u tar-radju (telefonija fissa u mobbli, u t-televiżjoni) kif ukoll il-ħlasijiet relatati man-networks għat-trażmissjoni tad- *data* u mas-servizzi telematiċi. Hija tkopri wkoll il-kofinanzjament tat-tagħmir għall-membri u d-delegati, li permezz tiegħu dawn ikunu jistgħu jirċievu d-dokumenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'format elettroniku, inkluż l-ispejjeż marbuta mat-tagħmir terminali.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 1 2 ***Għamara***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
192 089	147 409	144 134,16

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara inkluż ix-xiri ta' għamara ergonomika u t-tibdil ta' għamara mkagħbra u mkissra.

B'rabta max-xogħlijiet tal-arti, hija maħsuba wkoll biex tkopri kemm in-nefqiet tal-akkwist u x-xiri ta' materjal speċifiku u l-infiq kurrenti relatata magħhom fost l-oħrajn it-tqegħid fi gwarnič, ir-restawr, it-tindif, l-assikurazzjoni kif ukoll in-nefqiet tat-trasport meta jkun hemm bżonn.

L-ammont ta' dħul allokat skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 1 4 ***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 161 601	1 179 691	968 682,63

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tekniku mobbli u fiss u installazzjonijiet, partikolarment fl-oqsma ta' pubblikazzjoni, l-arkivjar, is-sigurtà, il-kantins, il-bini, is-servizzi telefoniċi, swali tal-konferenzi u s-settur awdjoviżiv.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' DATA, TAGĦMIR U GĦAMARA: XIRI, KIRI U MANUTENZJONI *(ikompli)*

2 1 6 Vetturi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
69 906	71 806	42 658,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-manutenzjoni, l-użu, it-tiswija ta' vetturi (flotta ta' karozzi u roti) u l-kiri ta' karozzi, taksis, kowċis, trakkijiet, bix-xufier u mingħajr xufier, inkluż il-poloz tal-assigurazzjoni meħtieġa.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI

2 3 0 Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
165 692	170 277	133 185,44

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, envelops, provvisti għall-uffiċċju, provvisti għall-istampar u għall-ħwienet tax-xogħol tal-fotokopji u n-nefqa għal xogħol ta' stampar li jsir barra.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 3 1 Tariffi finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 000	6 000	6 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi bankarji (kummissjonijiet, aġġji, tariffi diversi) u tariffi finanzjarji oħra, inklużi n-nefqiet anċillari għall-iffinanzjar tal-bini.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

2 3 2 Nefqiet legali u danni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
150 000	150 000	16 450,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż kollha li jiġu mill-involviment tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew f'każijiet quddiem il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, l-ispejjeż għas-servizzi legali u x-xiri ta' xogħlijiet legali u tagħmir, u kull nefqa oħra legali, spejjeż tal-qorti jew ta' barra mill-qorti li s-Servizz Legali jikkontribwixxi lejhom,

— id-danni, l-imgħax kif ukoll id-djun relatati skont it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 3 6 Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
58 344	67 830	61 765,72

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali jew permezz ta' kumpaniji privati tal-ġarr.

2 3 8 Infiq għar-rilokazzjoni u nfiq amministrattiv ieħor

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
225 756	157 045	147 661,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż kollha relatati max-xogħolijiet ta' rilokazzjoni u manutenzjoni li jsiru minn kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn persunal temporanju appuntat minn aġenziji esterni,

— l-assikurazzjoni mhux speċifikament imsemmija f'punt ieħor,

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 3 — INFIQ AMMINISTRATTIV KURRENTI *(ikompli)*

2 3 8 *(ikompli)*

— ix-xiri u l-kura tal-uniformijiet tal-uxxieri, tax-xufiera u l-ħaddiema tar-rilokazzjonijiet, tal-ħaddiema fis-servizzi mediċi u dawk f'diversi servizzi tekniċi,

— spejjeż operattivi oħra li mhumiex stipulati b'mod speċifiku f'xi punt ieħor.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 3 9 ***Attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni u l-iskema għall-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI

2 5 4 ***Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra***

2 5 4 0 Infiq varju għal-laqgħat interni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
223 500	228 700	240 100,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba

— sabiex tkopri n-nefqiet relatati max-xorb, u ta' kultant ikliet ħfief jew ikliet servuti waqt laqgħat interni;

— infiq mixxellanju ta' protokoll (eż. fjuri u kuruni ta' fjuri waqt it-tpoġġija tal-kuruni ta' fjuri).

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 2 Infiq għall-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni f'seduti u avvenimenti oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
651 311	651 311	456 199,87

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqiet, inklużi spejjeż ta' rappreżentazzjoni kif ukoll l-infiq ta' parteċipazzjoni ta' parteċipanti esterni, relatati ma': (a) avvenimenti organizzati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (b) kontribuzzjonijiet globali fil-każ li dan l-avveniment jiġi organizzat ma' partijiet terzi u (c) spejjeż marbuta mas-sottokuntrattar tal-organizzazzjoni jew parti mill-organizzazzjoni ta' avveniment.

Tkopri wkoll infiq li ġej minn: (a) żjarat minn delegati ta' gruppi b'interess soċjoprofessjonali fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, (b) il-parteċipazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fl-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali u Istituzzjonijiet Simili u (c) l-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni tal-eks Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 4 Nefqiet għall-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
40 000	40 000	11 824,51

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż għall-operat tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), ħlief għall-ispejjeż għall-ivvjaġġar u allowances tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u d-delegati tas-CCMI.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 5 4 6 Spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
90 000	90 000	50 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għall-ospitalità u r-rappreżentazzjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 5 — ATTIVITAJIET OPERATTIVI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 8 Interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
7 326 563	7 100 000	6 535 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-infiq għas-servizzi tal-interpreti (kemm dawk indipendenti kif ukoll dawk offruti minn xi istituzzjoni oħra) pprovduti lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, inklużi l-onorarji, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowance għas-sussistenza tagħhom.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI

2 6 0 ***Kommunikazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet***

2 6 0 0 Kommunikazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
850 958	816 000	727 359,55

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-inizjattivi ta' komunikazzjoni u l-informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kemm jekk huma relatati mal-iskopijiet kif ukoll mal-attivitajiet tal-Kumitat, attivitajiet ta' informazzjoni mmirati lejn il-pubbliku ġenerali, jew organizzazzjonijiet soċjoprofessjonali, rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir tal-konferenzi, kungressi u seminars jew l-organizzazzjoni u r-rappurtaġġ mill-mezzi tax-xandir ta' avvenimenti pubbliċi importanti, inizjattivi kulturali jew attivitajiet oħra varji tal-Kumitat, inkluż il-premju għas-soċjetà ċivili organizzata. Hija tkopri wkoll il-materjali, is-servizzi, oġġetti għall-konsum u provvisti marbuta ma' dawn l-avvenimenti.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 0 2 Pubblikazzjonijiet u l-promozzjoni tagħhom

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
437 000	437 000	344 211,41

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 0 *(ikompli)*

2 6 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqiet tal-pubblikazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fuq il-mezzi kollha tax-xandir.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 0 4 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	36 849,39

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' stampar għall-pubblikazzjonijiet f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif ukoll ta' pustaġġ u nefqiet assoċjati.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 2 ***Akkwist ta' tagħrif, dokumentazzjoni u arkivjar***

2 6 2 0 Studji, riċerka u seduti

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
250 000	250 000	210 200,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-seduti mal-esperti fl-oqsma speċifiċi u l-kuntratti għal studji ma' esperti kwalifikati u ma' istituti ta' riċerka.

2 6 2 2 Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-librerija

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
158 000	157 900	149 438,53

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 2 *(ikompli)*

2 6 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— it-tkabbir u t-tiġdid ta' xogħlijiet ta' riferenza ġenerali u l-aġġornament tal-volum ta' kotba tal-librerija,

— l-abbonament f'ġurnali, perjodiċi, u aġenziji ta' tagħrif u l-pubblikazzjoni tagħhom u s-servizzi online, inklużi d-drittijiet tal-awtur għar-riproduzzjoni u t-tixrid permezz tal-kitba jew elettronikament ta' dawn l-abbonamenti u l-kuntratti tas-servizz għall-analiżi tal-istampa u artikoli meħudin mill-istampa,

— l-abbonamenti jew il-kuntratti tas-servizzi għall-forniment ta' taqsiriet u ta' analiżi tal-kontenut ta' perjodiċi jew il-ħżin fuq mezzi ottiċi ta' artikoli meħudin minn dawn il-perjodiċi,

— l-użu ta' bażijiet ta' data esterni ta' dokumenti u ta' statistiċi, (minbarra materjal tal-kompjuters u nefqiet għat-telekomunikazzjoni),

— l-obbligi li jassumi l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali jew interistituzzjonali,

— ix-xiri jew il-kiri ta' materjali speċjali, inkluż il-faċilitajiet u/jew is-sistemi elettriċi, elettroniċi jew informatiċi għall-librerija, għad-dokumentazzjoni u sistemi u tagħmir multi-medjatiku, kif ukoll ta' servizzi esterni għall-akkwist, l-iżvilupp, l-installazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni ta' dawn il-faċilitajiet u sistemi,

— in-nefqiet għas-servizzi marbuta mal-attivitajiet tal-librerija b'mod partikolari dawk provduti lill-utenti tagħha (tiftix, analiżi), is-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità, eċċ.,

— il-materjal u t-tagħmir għal-legatura u għall-konservazzjoni għal-librerija, għad-dokumentazzjoni u għal-librerija tal-midja,

— in-nefqiet, inklużi għall-materjal għall-pubblikazzjonijiet interni (brochures, studji, eċċ.) inkluż tagħmir għall-komunikazzjoni (bullettini, vidjows, CD-ROMs, eċċ.),

— ix-xiri ta' dizzjunarji u glossarji u xogħlijiet oħra għas-servizzi lingwistiċi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

2 6 2 4 Infiq għall-arkivjar u ħidma relatata

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
92 018	92 018	92 018,—

KAPITOLU 2 6 — KOMMUNIKAZZJONI, PUBBLIKAZZJONIJIET U AKKWIST TA' DOKUMENTAZZJONI *(ikompli)*

2 6 2 *(ikompli)*

2 6 2 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet għal-legatura ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u diversi brochures,

— in-nefqa għas-servizz tal-arkivjar estern, inkluż l-għażla, il-klassifikazzjoni u r-riklassifikazzjoni, in-nefqa tas-servizzi tal-arkivjar, ix-xiri u t-trasferiment tal-arkivji fuq diversi mezzi (mikrofilm, diski, cassettes, eċċ.), ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' materjali speċjali (elettriċi, elettroniċi, u kompjuterizzati) u n-nefqa għall-pubblikazzjoni fuq il-mezzi kollha tax-xandir (brochures, CD-ROMs, eċċ.).

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA
KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-PERSUNAL

Taqsima VI — Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Grupp ta' funzjoni u grad				
	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
Li mhumiex kategoriji	—	1	—	1
AD 16	1	—	1	—
AD 15	5	—	5	—
AD 14	18	1	18	1
AD 13	20	3	24	3
AD 12	53	—	49	—
AD 11	25	2	22	2
AD 10	44	2	40	2
AD 9	56	5	59	5
AD 8	32	—	38	—
AD 7	23	4	23	3
AD 6	19	2	20	3
AD 5	18	1	14	1
Sub-total AD	314	20	313	20
AST 11	5	—	4	—
AST 10	5	—	5	—
AST 9	27	—	25	—
AST 8	29	3	28	—
AST 7	39	2	39	5
AST 6	51	3	49	2
AST 5	54	2	57	3
AST 4	34	2	39	2
AST 3	27	3	30	3
AST 2	3	—	2	—
AST 1	3	—	1	—
Sub-total AST	277	15	279	15
AST/SC 6	—	—	—	—
AST/SC 5	—	—	—	—
AST/SC 4	—	—	—	—

KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Grupp ta' funzjoni u grad				
	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AST/SC 3	13	—	13	—
AST/SC 2	14	3	13	3
AST/SC 1	12	—	11	—
Sub-total AST/SC	39	3	37	3
Total	**630**	**39**	**629**	**39**
Gran Total	**669**		**668**	

TAQSIMA VII

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DĦUL

Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tan-nefqa tal-Kumitat tarReġjuni għas-sena finanzjarja 2021

Intestatura	Ammont
Nefqa	106 740 880
Riżorsi proprji	–10 312 050
Kontribuzzjoni dovuta	**96 428 830**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL
KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Taxxi u imposti***				
3 0 0 0	Taxxa fuq remunerazzjonijiet	4 563 873	4 570 607	4 266 549,—	93,49
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	908 193	898 969	849 027,—	93,49
	Artikolu 3 0 0 — Total	5 472 066	5 469 576	5 115 576,—	93,49
3 0 1	***Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni***				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema tal-pensjonijiet	4 839 984	4 532 819	4 345 477,—	89,78
3 0 1 1	Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-istaff	p.m.	p.m.	–42 878,—	
3 0 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave	p.m.	p.m.	p.m.	
	Artikolu 3 0 1 — Total	4 839 984	4 532 819	4 302 599,—	88,90
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	10 312 050	10 002 395	9 418 175,—	91,33
	KAPITOLU 3 1				
3 1 0	***Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 1 1	***Bejgħ ta' proprjetà oħra***	p.m.	p.m.	p.m.	
3 1 2	***Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	p.m.	
	KAPITOLU 3 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT
KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	***Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat***				
3 2 0 2	Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	2 181 285,—	
	Artikolu 3 2 0 — Total	p.m.	p.m.	2 181 285,—	
3 2 1	***Rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għall-missjonijiet — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 2 2	***Dħul minn partijiet terzi rigward oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	p.m.	
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	2 181 285,—	
	KAPITOLU 3 3				
3 3 0	***Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	45 221,—	
3 3 1	***Dħul għal skop speċifiku (dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati) — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	p.m.	
3 3 3	***Ħlasijiet li waslu mill-assigurazzjoni — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	p.m.	
3 3 8	***Dħul ieħor mill-operat amministrattiv — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	81 679,—	
3 3 9	***Dħul ieħor mill-operat amministrattiv***	p.m.	p.m.	p.m.	
	KAPITOLU 3 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	126 900,—	
	Titolu 3 — Total	**10 312 050**	**10 002 395**	**11 726 360,—**	**113,72**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 Taxxi u imposti

3 0 0 0 Taxxa fuq remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
4 563 873	4 570 607	4 266 549,—

Bażiġuridika

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistipula l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
908 193	898 969	849 027,—

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

3 0 1 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni

3 0 1 0 Kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema tal-pensjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
4 839 984	4 532 819	4 345 477,—

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tagħhom.

3 0 1 1 Trasferiment jew xiri ta' drittijiet tal-pensjonijiet mill-istaff

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	–42 878,—

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL *(ikompli)*

3 0 1 *(ikompli)*

3 0 1 1 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) u l-Artikoli 17 sa 48 tal-Anness VIII tagħhom.

3 0 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 40(3) u 83(2) tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 41 u 43 tagħhom.

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ

3 1 0 ***Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 1 1 ***Bejgħ ta' proprjetà oħra***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ *(ikompli)*

3 1 1 *(ikompli)*

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jiġi reġistrat dħul li ġej mill-bejgħ jew tpartit parzjali ta' proprjetà oħra, li hija proprjetà tal-istituzzjoni.

3 1 2 ***Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT

3 2 0 ***Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat***

3 2 0 2 Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	2 181 285,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 2 1 ***Rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għall-missjonijiet — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT *(ikompli)*

3 2 2 Dħul minn partijiet terzi rigward oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR

3 3 0 Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	45 221,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 3 1 Dħul għal skop speċifiku (dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati) — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 3 3 Ħlasijiet li waslu mill-assigurazzjoni — Dħul allokat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR *(ikompli)*

3 3 3 *(ikompli)*

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

Dan l-artikolu jinkludi wkoll rimbors minn kumpaniji ta' assigurazzjoni tas-salarji ta' uffiċjali involuti f'inċidenti.

3 3 8 ***Dħul ieħor mill-operat amministrattiv — Dħul assenjat***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	81 679,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub li jirreġistra kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra marbutin mal-operati amministrattivi tal-istituzzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jiġi kunsidrat bħala dħul assenjat u dan iwassal għall-inklużjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kienu responsabbli għan-nefqa inizjali li rriżulta fid-dħul korrispondenti.

3 3 9 ***Dħul ieħor mill-operat amministrattiv***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub li jirreġistra dħul ieħor mill-operat amministrattiv.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 4

DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji***	0	0	0,—	
4 0 1	***Imgħax minn prefinanzjament***	p.m.	p.m.	p.m.	
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	0	0	0,—	
	Titolu 4 — Total	**0**	**0**	**0,—**	

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 4

DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ

4 0 0 Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
0	0	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn investiment jew self mogħti, interessi tal-bank jew oħrajn fuq il-kontijiet tal-istituzzjoni.

4 0 1 Imgħax minn prefinanzjament

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	p.m.

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul minn interess fuq prefinanzjament.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1	**PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI**			
1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI	8 995 672	9 111 872	9 050 500,—
1 2	UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU	56 063 673	56 178 000	52 520 775,41
1 4	STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI	9 013 169	9 282 628	8 754 838,85
1 6	INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI	1 519 340	1 645 525	1 686 809,02
	Titolu 1 — Total	**75 591 854**	**76 218 025**	**72 012 923,28**
2	**BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT**			
2 0	BINI U NEFQIET RELATATI	21 088 130	16 129 852	16 691 457,79
2 1	PROĊESSAR TA'	5 880 529	5 275 879	5 498 673,00
2 3	NEFQA AMMINISTRATTIVA	365 900	337 306	312 708,45
2 5	LAQGĦAT U KONFERENZI	1 007 716	900 573	962 347,—
2 6	GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI	2 806 751	2 646 845	2 884 291,23
	Titolu 2 — Total	**31 149 026**	**25 290 455**	**26 349 477,47**
10	**INFIQ IEĦOR**			
10 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI	p.m.	p.m.	0,—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	p.m.	p.m.	0,—
10 2	RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**
	GRAN TOTAL	**106 740 880**	**101 508 480**	**98 362 400,75**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 1

PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI
KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 1 0				
1 0 0	***Salarji, allowances u pagamenti***				
1 0 0 0	Spejjeż tal-uffiċċju tal-Membri				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	118 300	134 500	115 000,—	97,21
1 0 0 4	Allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza, attendenza għal-laqgħat u nfiq assoċjat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 862 372	8 962 372	8 920 500,—	100,66
	Artikolu 1 0 0 — Total	8 980 672	9 096 872	9 035 500,—	100,61
1 0 5	***Korsijiet għall-membri tal-istituzzjoni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 000	15 000	15 000,—	100
	KAPITOLU 1 0 — TOTAL	8 995 672	9 111 872	9 050 500,—	100,61
	KAPITOLU 1 2				
1 2 0	***Rimunerazzjoni u jeddijiet oħra***				
1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	55 617 539	55 721 000	52 072 534,69	93,63
1 2 0 2	Sahra bi ħlas				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	29 302	35 000	23 855,67	81,41
1 2 0 4	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	216 832	222 000	273 429,62	126,10
	Artikolu 1 2 0 — Total	55 863 673	55 978 000	52 369 819,98	93,75

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*
KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
1 2 2	***Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz***				
1 2 2 0	Allowances għal staff li qed jirtira fl-interess tas-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	150 955,43	75,48
1 2 2 2	Staff li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 1 2 2 — Total	200 000	200 000	150 955,43	75,48
1 2 9	***Approprjazzjoni proviżorja***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 1 2 — TOTAL	56 063 673	56 178 000	52 520 775,41	93,68
	KAPITOLU 1 4				
1 4 0	***Staff ieħor u persuni esterni***				
1 4 0 0	Staff ieħor				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 232 753	3 215 849	3 058 838,27	94,62
1 4 0 2	Servizz ta' interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 806 000	3 909 502	3 805 444,—	99,99
1 4 0 4	Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	955 734	914 482	788 556,58	82,51
1 4 0 5	Servizzi supplimentari għas-servizz tal-kontabilità				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 4 0 8	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz u spejjeż oħra għas-servizzi lill-persunal tul il-karriera tagħhom				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	53 682	92 090	140 000,—	260,80
	Artikolu 1 4 0 — Total	8 048 169	8 131 923	7 792 838,85	96,83

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*
KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
1 4 2	***Servizzi esterni***				
1 4 2 0	Servizzi addizzjonali għas-servizz ta' traduzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	545 000	730 705	542 000,—	99,45
1 4 2 2	Assistenza minn esperti b'konnessjoni ma' xogħol konsultattiv				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	420 000	420 000	420 000,—	100
	Artikolu 1 4 2 — Total	965 000	1 150 705	962 000,—	99,69
1 4 9	***Approprjazzjoni proviżorja***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 1 4 — TOTAL	9 013 169	9 282 628	8 754 838,85	97,13
	KAPITOLU 1 6				
1 6 1	***Infiq marbut mal-immaniġġar tal-istaff***				
1 6 1 0	Infiq mixxellanju għar-reklutaġġ				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 000	40 000	17 775,—	88,88
1 6 1 2	Taħriġ addizzjonali, taħriġ mill-ġdid u tagħrif għall-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	330 000	330 000	400 083,06	121,24
	Artikolu 1 6 1 — Total	350 000	370 000	417 858,06	119,39
1 6 2	***Missjonijiet***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	280 315	440 000	440 000,—	156,97
1 6 3	***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni***				
1 6 3 0	Servizzi soċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 000	20 000	11 475,—	57,38
1 6 3 2	Politika soċjali interna				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	31 000	31 000	33 000,—	106,45

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
1 6 3	*(ikompli)*				
1 6 3 3	Vjaġġar sostenibbli tal-persunal lejn ix-xogħol u lura				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	61 500	60 000	60 000,—	97,56
1 6 3 4	Servizzi mediċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	124 525	124 525	124 475,96	99,96
1 6 3 6	Ristoranti u Kantins				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 6 3 8	Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	652 000	600 000	600 000,—	92,02
	Artikolu 1 6 3 — Total	889 025	835 525	828 950,96	93,24
1 6 4	***Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati***				
1 6 4 0	Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 1 6 4 — Total	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 1 6 — TOTAL	1 519 340	1 645 525	1 686 809,02	111,02
	Titolu 1 — Total	**75 591 854**	**76 218 025**	**72 012 923,28**	**95,27**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 1

PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

KAPITOLU 1 0 — MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI

1 0 0 Salarji, allowances u pagamenti

1 0 0 0 Spejjeż tal-uffiċċju tal-Membri

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
118 300	134 500	115 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-uffiċċju tal-Membri li jintalbu jwettqu xogħol u jassumu responsabbiltajiet fi ħdan il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jew li aġixxew bħala relaturi. Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kostijiet tal-għoti ta' assigurazzjoni kontra l-mard u l-aċċidenti u l-kost tal-għoti ta' laissez-passer tal-Membri.

1 0 0 4 Allowances għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza, attendenza għal-laqgħat u nfiq assoċjat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 862 372	8 962 372	8 920 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħlasijiet lill-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u s-sostituti tagħhom kif stabbilit fir-regoli attwali dwar ir-rimbors tal-ispejjeż tat-trasport u l-allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat. Din l-approprjazzjoni tista' wkoll tkopri l-ispejjeż tat-trasport u l-allowances għall-ivvjaġġar u l-laqgħat tal-osservaturi jew is-sostituti tagħhom tal-pajjiżi applikanti li jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

1 0 5 Korsijiet għall-membri tal-istituzzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
15 000	15 000	15 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri parti mill-miżata ta' reġistrazzjoni għall-korsijiet tal-lingwa jew seminars ta' taħriġ vokazzjonali oħra li jattendu l-membri u s-sostituti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kif ukoll għax-xiri ta' materjal ta' awtoistruzzjoni fil-lingwi b'konformità mar-Regolament (Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni) Nru 0003/2005.

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU

Kummenti

Ġie applikat tnaqqis standard ta' 6,0 % għall-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu.

1 2 0 Rimunerazzjoni u jeddijiet oħra

1 2 0 0 Rimunerazzjoni u allowances

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
55 617 539	55 721 000	52 072 534,69

Kummenti

Dan il-Punt huwa prinċipalment maħsub biex ikopri, għal uffiċjali u staff temporanju li għandu post li hemm provvediment għalih fil-pjan tat-twaqqif:

— salarji, allowances tal-familja, tal-espatrijazzjoni u tar-residenza barra mill-pajjiż u pagamenti relatati ma' salarji,

— il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni lill-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni għall-Mard (assigurazzjoni għall-mard, inċidenti u mard relatat max-xogħol),

— rata fissa ta' allowances għal xogħol wara l-ħin,

— allowances u għotjiet varji oħra,

— pagament ta' spejjeż tal-ivvjaġġar għal uffiċjali jew staff temporanju, l-irġiel jew in-nisa tagħhom u persuni dipendenti fuqhom mill-post tax-xogħol tagħhom għall-post ta' oriġini tagħhom,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi ta' salarji applikabbli għal remunerazzjoni u għall-parti ta' salarji trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak fejn qiegħed l-impjieg,

— assigurazzjoni għal diżokkupazzjoni għal staff temporanju u pagamenti magħmula mill-istituzzjoni biex jippermettu lil staff temporanju li jikkostitwixxu jew iżommu drittijiet għal pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,

— l-indennità ta' liċenzjament li tingħata lil ħaddiema fuq perijodu ta' prova meta dawn jiġu liċenzjati għal raġunijiet ta' inkompetenza,

— ħlas mill-istituzzjoni meta twaqqaf il-kuntratt ta' membru tal-istaff temporanju.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 3 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 2 Sahra bi ħlas

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
29 302	35 000	23 855,67

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' sahra taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-bażi ġuridika.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 56 u l-Anness VI tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 4 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
216 832	222 000	273 429,62

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar allokati għal uffiċjali u staff temporanju (inklużi l-familji tagħhom) li deħlin fis-servizz jew li qed jispiċċaw mis-servizz jew li qed jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ieħor,

— allowances tal-ewwel sistemazzjoni/sistemazzjoni mill-ġdid u spejjeż ta' ġarr allokati għal uffiċjali u staff temporanju obbligati li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, meta jiġu trasferiti f'post tax-xogħol ġdid jew meta fl-aħħar jispiċċaw mill-istituzzjoni u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— allowance ta' sussistenza għal kull ġurnata għal uffiċjali u staff temporanju li jipprovdu evidenza li se jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom biex jibdew jaħdmu, jew meta jiġu trasferiti għal post tax-xogħol ġdid.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 2 Allowances fil-każ ta' terminazzjoni bikrija tas-servizz

1 2 2 0 Allowances għal staff li qed jirtira fl-interess tas-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
200 000	200 000	150 955,43

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri allowances dovuti lil uffiċjali:

— li huma meqjusin bħala li mhumiex attivi fis-servizz b'konnessjoni ma' miżuri sabiex jitnaqqas in-numru ta' ħaddiema fl-istituzzjoni,

— li għandhom impjieg ta' grad AD 16 jew AD 15 li rtiraw fl-interess tas-servizz,

— li jibbenefikaw minn liv fl-interess tas-servizz.

Hija tkopri wkoll il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni tal-mard, għall-iskema tal-pensjoni (jekk applikabbli) u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għal dawn l-allowances.

1 2 2 2 Staff li jitwaqqaf mis-servizz u skema speċjali tal-irtirar

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-allowances li jitħallsu skont ir-Regolamenti tal-Persunal jew ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85,

— il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni għall-mard għal persuni li jirċievu l-allowances,

— l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarji li japplikaw għad-diversi allowances.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 64 u 72 tagħhom.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 3518/85 tat-12 ta' Diċembru 1985 li jintroduċi miżuri speċjali biex ikun itterminat is-servizz ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bħala riżultat tal-adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall (ĠU L 335, 13.12.1985, p. 56)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 2 — UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU *(ikompli)*

1 2 9 Approprjazzjoni proviżorja

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65(a) tagħhom u l-Anness XI tagħhom.

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI

1 4 0 Staff ieħor u persuni esterni

1 4 0 0 Staff ieħor

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 232 753	3 215 849	3 058 838,27

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ir-rimunerazzjoni, inkluż is-sahra, ta' staff ieħor inklużi staff b'kuntratt, aġenti provviżorji u konsulenti speċjali (fit-tifsira tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskemi varji ta' sigurtà soċjali, l-allowances tal-familja, tal-espatrijazzjoni u tal-ivvjaġġar mill-post tal-impjieg għall-pajjiż tal-oriġini u l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi tas-salarju applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan l-istaff jew it-terminazzjoni tal-allowances stabbiliti fil-kuntratt,

— l-onorarji ta' staff mediku u paramediku mħallsa skont l-arranġamenti għall-provvediment ta' servizzi, u f'każijiet speċjali, l-impjieg ta' staff temporanju impjegat f'aġenzija.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 13 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 2 Servizz ta' interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 806 000	3 909 502	3 805 444,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq marbut mas-servizzi ta' interpretazzjoni.

Din tkopri l-ispejjeż tas-servizzi ta' interpretazzjoni pprovduti mid-DĠ Interpretazzjoni tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-forniturі esterni.

1 4 0 4 Apprendistat għal-lawreati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
955 734	914 482	788 556,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ħlas ta' għotjiet ta' flus għat-traineeships, spejjeż tal-ivvjaġġar għat-trainees u nfiq ieħor relatat mal-programm tat-traineeships u trainee alumni tal-istituzzjoni (bħall-assigurazzjoni għall-mard u l-inċidenti waqt is-soġġorn tagħhom jew azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ esklużivament għat-trainees);

— infiq li ġej minn ċaqliq tal-persunal bejn il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u s-settur pubbliku fl-Istati Membri jew f'pajjiżi oħra speċifikati fir-regoli;

— il-kontribuzzjoni, fuq skala limitata, sabiex jitħejjew proġetti ta' riċerka fl-oqsma ta' ħidma tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li huma ta' interess partikolari għall-integrazzjoni Ewropea.

1 4 0 5 Servizzi supplimentari għas-servizz tal-kontabilità

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri servizzi li jirrigwardaw servizzi ta' żvilupp, implimentazzjoni, pariri u konsultazzjoni fis-Sistemi tal-IT tal-kontabilità u dawk finanzjarji.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

1 4 0 8 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, trasferiment u t-tluq mis-servizz u spejjeż oħra għas-servizzi lill-persunal tul il-karriera tagħhom

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
53 682	92 090	140 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-ispejjeż għas-servizzi marbuta mal-identifikar u l-ħlas tal-intitolamenti tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u persunal ieħor tal-KtR. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu servizzi offruti mill-Uffiċju tal-PMO tal-Kummissjoni Ewropea, li ser itejbu il-kooperazzjoni interistituzzjonali u jiġġeneraw benefiċċju tad-daqs tal-ekonomiji, li jwasslu għall-iffrankar. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħra, dawn li ġejjin:

— trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni minn u lejn il-pajjiż tal-oriġini;

— kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni;

— identifikazzjoni u ħlas tal-allowances ta' sistemazzjoni mill-ġdid;

— ġestjoni ta' fajls marbuta mal-benefiċċji tal-qgħad u l-ħlas tal-benefiċċji lil dawk li jikkwalifikaw għalihom.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-infiq għall-provvediment ta' servizzi orizzontali oħra relatati mar-Riżorsi Umani lill-uffiċjali, l-impjegati temporanji u l-aġenti oħra tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (u l-membri tal-familja tagħhom) matul il-karriera tagħhom, bħall-ftuħ tal-aċċess għall-persunal tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-attivitajiet organizzati mill-Welcome Office tal-Kummissjoni Ewropea u l-ġestjoni tal-fajls għall-ġestjoni amministrattiva tal-expatrijati marbuta mal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

F'każ li t-trattament ta' proċessi oħrajn mhux strateġiċi tar-riżorsi umani b'impatt finanzjarju (bħall-istabbiliment ta' drittijiet individwali skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal) jiġi esternalizzat, in-nefqa relatata għandha tkun koperta wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Sabiex jinħolqu aktar ekonomiji tal-kobor, il-provvediment ta' dawn is-servizzi, bħala regola, ser jibda jseħħ permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali msaħħa.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 4 2 ***Servizzi esterni***

1 4 2 0 Servizzi addizzjonali għas-servizz ta' traduzzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
545 000	730 705	542 000,—

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 4 — STAFF IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI *(ikompli)*

1 4 2 *(ikompli)*

1 4 2 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq fuq xogħol magħmul minn kuntratturi tat-traduzzjoni esterni: it-traduzzjoni freelance għall-24 lingwa uffiċjali tal-UE kif ukoll lejn lingwi li mhumiex tal-UE ssir minn kuntratturi b'kuntratti qafas, ħlief fil-każ ta' wħud mil-lingwi li mhumiex tal-UE, fejn ma jeżistux proċeduri simili.

Din tkopri wkoll l-infiq fuq xogħol fdat f'idejn iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali kollha fil-qasam tal-lingwa.

1 4 2 2 Assistenza minn esperti b'konnessjoni ma' xogħol konsultattiv

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
420 000	420 000	420 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħlas lill-esperti tar-relaturi, kif ukoll lill-kelliema fl-oqsma speċifiċi tagħhom li jipparteċipaw fl-attivitajiet organizzati jew koorganizzati mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, fl-implimentazzjoni tar-regoli li jirregolaw dawn l-ispejjeż.

1 4 9 ***Approprjazzjoni proviżorja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-effetti ta' kwalunkwe aġġustament fis-salarji li jiġi deċiż mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 65 u 65(a) tagħhom u l-Anness XI tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI

1 6 1 Infiq marbut mal-immaniġġar tal-istaff

1 6 1 0 Infiq mixxellanju għar-reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
20 000	40 000	17 775,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq mixxellanju għar-reklutaġġ bħal:

— infiq relatat mal-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet miftuħin u interni, proċeduri ta' għażla u reklutaġġ għall-kategoriji kollha tal-persunal (uffiċjali, aġenti temporanji, aġenti kuntrattwali, konsulenti speċjali, esperti nazzjonali sekondati), inklużi l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għall-applikanti li jiġu mgħajta għat-testijiet orali jew bil-miktub u eżamijiet mediċi,

— infiq marbut mal-assigurazzjoni tal-kandidati hawn fuq imsemmija,

— infiq relatat mal-proċeduri ta' għażla għal pożizzjonijiet maniġerjali, inklużi ċ-ċentri tal-valutazzjoni,

— pubblikazzjoni ta' avviżi ta' reklutaġġ jew ta' postijiet vakanti fil-mezzi tax-xandir adegwati.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-selezzjoni tal-persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 6 1 2 Taħriġ addizzjonali, taħriġ mill-ġdid u tagħrif għall-persunal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
330 000	330 000	400 083,06

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-organizzazzjoni ta' taħriġ u appoġġ loġistiku għal dan it-taħriġ, inklużi l-korsijiet tal-lingwa, li jiġu organizzati fil-livell intern, offruti fuq bażi interistituzzjonali jew ipprovduti minn partijiet interessati esterni,

— l-organizzazzjoni ta' seminars għall-persunal u l-maniġment,

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 1 *(ikompli)*

1 6 1 2 *(ikompli)*

— kisba ta' għarfien espert estern fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani,

— l-iżvilupp u l-użu tal-persunal, għodod professjonali jew għodod għall-iżvilupp organizzattiv għall-uffiċjali u l-persunal temporanju u persunal ieħor tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni;

— l-infiq relatat max-xiri jew mal-produzzjoni ta' materjal pedagoġiku,

— l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ bil-għan li jiżdied l-għarfien dwar kwistjonijiet relatati mal-opportunitajiet indaqs (ugwaljanza bejn is-sessi, diżabbiltà, diversità, ...).

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

1 6 2 ***Missjonijiet***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
280 315	440 000	440 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għat-trasport jew l-akkomodazzjoni, il-ħlas ta' allowance għas-sussistenza ta' kuljum u spejjeż oħra previsti mill-Gwida għall-missjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni li jkunu saru minn membri tal-persunal waqt missjoni.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 2 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 71 tagħhom u l-Artikoli 11 sa 13 tal-Anness VII tagħhom.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 6 3 ***Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni***

1 6 3 0 Servizzi soċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
20 000	20 000	11 475,—

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— bħala parti minn politika interistituzzjonali favur persuni b'diżabilità, dawk l-individwi li jaqgħu taħt il-kategoriji li ġejjin:

  — l-uffiċjali u l-aġenti temporanji jew kuntrattwali fis-servizz,

  — il-konjuġi tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji jew kuntrattwali fis-servizz,

  — it-tfal dipendenti kollha kif imfisser fir-Regolamenti tal-Persunal,

— ir-rimbors, skont il-limitu massimu tal-baġit, meta l-intitolamenti nazzjonali kollha mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu ntużaw kollha, tal-infiq mhux mediku li jitqies bħala meħtieġ, li jirriżulta minn diżabilità, li jkun iġġustifikat kif jistħoqq u li mhuwiex kopert mill-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni għall-Mard,

— azzjoni li ttieħdet fir-rigward tal-membri tal-istaff tal-Unjoni li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tagħhom (inklużi d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikoli 30 u 98 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea).

1 6 3 2 Politika soċjali interna

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
31 000	31 000	33 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiżviluppa azzjonijiet soċjali kollettivi lejn il-membri tal-persunal (u l-familji tagħhom) u biex tinkoraġġixxi u tipprovdi appoġġ finanzjarju għal skemi li jippromovu l-kuntatt soċjali bejn l-istaff ta' nazzjonalitajiet differenti (inklużi l-membri tal-persunal ta' kuntratturi esterni impjegati b'mod regolari fil-bini tal-Kumitat), pereżempju sussidji għall-klabbs, assoċjazzjonijiet sportivi u għaqdiet kulturali tal-persunal.

Tkopri wkoll l-iffinanzjar ta' għotja għall-Kumitat tal-Persunal, infiq mhux previst għal azzjonijiet soċjali fir-rigward tal-persunal u l-kontribuzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni lejn l-attivitajiet soċjali, sportivi, edukattivi u kulturali taċ-Ċentru Interistituzzjonali Ewropew f'Overijse.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja azzjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni b'appoġġ għar-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-iżvilupp sostenibbli jew l-opportunitajiet indaqs u biex tkopri għajnuna għall-persunal apparti għajnuna li taqa' taħt l-artikoli l-oħra fil-kapitolu preżenti.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 2 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) u l-Artikoli 10b u 24b tagħhom.

1 6 3 3 Vjaġġar sostenibbli tal-persunal lejn ix-xogħol u lura

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
61 500	60 000	60 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-miżuri previsti fil-pjan ta' mobilità biex jitrawwem l-użu ta' modi ta' trasport sostenibbli tal-membri tal-persunal għal vjaġġar lejn ix-xogħol u lura (bħall-appoġġ biex jiġi promoss l-użu tat-trasport pubbliku jew l-akkwist u l-manutenzjoni ta' roti tas-servizz).

1 6 3 4 Servizzi mediċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
124 525	124 525	124 475,96

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż għall-operat tas-servizz mediku fis-sitt postijiet tax-xogħol, inkluż ix-xiri ta' materjal u prodotti farmaċewtiċi, in-nefqa għal eżamijiet mediċi ta' prevenzjoni (inkluż l-ispejjeż ta' tariffi ta' laboratorji esterni), l-infiq li ġej mill-operat tal-Kumitat għad-Diżabilità u l-infiq fuq servizzi provduti minn speċjalisti mediċi esterni meqjusa neċessarji mill-uffiċjali mediċi.

Hija tkopri wkoll l-infiq għax-xiri ta' ċerti għodod tax-xogħol meqjusa bħala meħtieġa għal raġunijiet mediċi u nfiq ieħor li jsir fil-kuntest tal-politika tas-saħħa preventiva tal-istituzzjoni, inkluża l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal dwar suġġetti soċjomediċi ta' interess ġenerali kif ukoll fokus fuq il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, prevenzjoni u appoġġ rigward il-burn outs, u ottimizzazzjoni tal-informazzjoni nutrizzjonali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri ukoll l-ispejjeż ta' kwalunkwe servizzi mediċi li ma jistgħux jiġu pprovduti internament b'mod adegwat u li huma esternalizzati, possibbilment permezz ta' kooperazzjoni interistituzzjonali msaħħa.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikolu 8 tal-Anness II tagħhom.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 1 6 — INFIQ IEĦOR RELATAT MA' PERSUNI LI JAĦDMU MAL-ISTITUZZJONI *(ikompli)*

1 6 3 *(ikompli)*

1 6 3 6 Ristoranti u Kantins

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq tal-operat tar-ristoranti u l-kantins.

1 6 3 8 Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
652 000	600 000	600 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-ispejjeż taċ-ċentri għat-tfal żgħar u ċentri oħra ta' kura matul il-ġurnata u wara l-iskola mħaddma mill-istituzzjonijiet tal-UE jew approvati minnhom, jew kull infiq ieħor iġġenerat għall-finijiet tal-faċilitajiet tal-kura tat-tfal.

1 6 4 ***Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej akkreditati***

1 6 4 0 Kontribuzzjoni għal Skejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimbors lill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej imħallas mill-Kummissjoni f'isem u għan-nom il-Kumitat u abbażi tal-Ftehim ta' Mandat u Servizz iffirmat mal-Kummissjoni. Ser tkopri l-ispiża għat-tfal tal-persunal tal-Kumitat irreġistrati fi Skola Ewropea tat-Tip II.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini u nefqiet relatati***				
2 0 0 0	Kirjiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 338 888	1 665 185	1 625 064,—	69,48
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus annwali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	9 433 746	9 250 845	9 132 640,04	96,81
2 0 0 3	Akkwist ta' proprjetà immobbli				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 975 486	496 823	1 214 008,95	30,54
2 0 0 8	Infiq ieħor relatat mal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	552 798	173 704	158 527,—	28,68
2 0 0 9	Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 2 0 0 — Total	16 300 918	11 586 557	12 130 239,99	74,41
2 0 2	***Infiq ieħor relatat mal-bini***				
2 0 2 2	Tindif u manutenzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 543 409	2 282 882	2 639 344,20	103,77
2 0 2 4	Il-konsum tal-enerġija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	400 000	450 000	208 015,60	52

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*
KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA'

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
2 0 2	*(ikompli)*				
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 783 372	1 749 982	1 682 630,—	94,35
2 0 2 8	Assigurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 431	60 431	31 228,—	51,68
	Artikolu 2 0 2 — Total	4 787 212	4 543 295	4 561 217,80	95,28
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	21 088 130	16 129 852	16 691 457,79	79,15
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Tagħmir, nefqiet għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar ta'***				
2 1 0 0	Xiri, kura u manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 587 739	1 393 474	1 809 510,67	113,97
2 1 0 2	Assistenza minn barra marbuta mal-operazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 596 378	2 400 381	2 223 809,36	85,65
2 1 0 3	Telekomunikazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	232 414	216 508	163 124,73	70,19
	Artikolu 2 1 0 — Total	4 416 531	4 010 363	4 196 444,76	95,02
2 1 2	***Għamara***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	129 073	95 387	93 118,85	72,14
2 1 4	***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 262 067	1 097 271	1 155 251,39	91,54
2 1 6	***Vetturi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	72 858	72 858	53 858,—	73,92
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	5 880 529	5 275 879	5 498 673,00	93,51

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA
KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 3				
2 3 0	***Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	125 769	129 137	115 311,71	91,69
2 3 1	***Tariffi finanzjarji***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 500	1 500	1 500,—	100
2 3 2	***Nefqiet legali u danni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 000	30 000	30 000,—	100
2 3 6	***Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	58 344	61 200	56 750,—	97,27
2 3 8	***Infiq amministrattiv ieħor***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	150 287	115 469	109 146,74	72,63
2 3 9	***Attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni u l-iskema għall-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.			
	KAPITOLU 2 3 — TOTAL	365 900	337 306	312 708,45	85,46
	KAPITOLU 2 5				
2 5 4	***Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra***				
2 5 4 0	Spejjeż ta' laqgħat organizzati fi Brussell				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	155 900	145 000	145 000,—	93,01
2 5 4 1	Partijiet terzi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	304 100	66 926	298 700,—	98,22
2 5 4 2	Organizzazzjoni ta' avvenimenti fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mal-assoċjazzjonijiet u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	438 647	538 647	407 647,—	92,93
2 5 4 6	Spejjeż għar-rappreżentazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	109 069	150 000	111 000,—	101,77
	Artikolu 2 5 4 — Total	1 007 716	900 573	962 347,—	95,50
	KAPITOLU 2 5 — TOTAL	1 007 716	900 573	962 347,—	95,50

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 6 — GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 6				
2 6 0	***Komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet***				
2 6 0 0	Relazzjonijiet mal-istampa u appoġġ awdjoviżiv				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	794 854	794 854	794 845,70	100
2 6 0 2	Midja tal-web u soċjali u materjal stampat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	900 960	900 960	900 944,80	100
2 6 0 4	Il-Ġurnal Uffiċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.	39 731,—	
	Artikolu 2 6 0 — Total	1 695 814	1 695 814	1 735 521,50	102,34
2 6 2	***Akkwist ta' dokumentazzjoni u arkivjar***				
2 6 2 0	Għarfien speċjalizzat u studji esterni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	450 000	500 000	526 695,50	117,04
2 6 2 2	Infiq għal dokumentazzjoni u għal-librerija				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	125 198	125 198	125 003,70	99,84
2 6 2 4	Infiq għall-arkivjar				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	140 690	140 690	140 667,98	99,98
	Artikolu 2 6 2 — Total	715 888	765 888	792 367,18	110,68
2 6 4	***Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-gruppi politiċi tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	395 049	185 143	356 402,55	90,22
	KAPITOLU 2 6 — TOTAL	2 806 751	2 646 845	2 884 291,23	102,76
	Titolu 2 — Total	**31 149 026**	**25 290 455**	**26 349 477,47**	**84,59**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 2

BINI, GĦAMARA, TAGĦMIR U NFIQ VARJU GĦALL-OPERAT

Kummenti

Fl-2019, in-nefqa għas-servizzi konġunti taż-żewġ kumitati, taħt it-Titolu 2, ammontat għal EUR 25 964 074 għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u EUR 19 013 261 għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI

2 0 0 Bini u nefqiet relatati

2 0 0 0 Kirjiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 338 888	1 665 185	1 625 064,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-kera ta' bini u ħlasijiet ta' kiri għal-laqgħat li jinżammu f'bini li mhuwiex okkupat b'mod permanenti.

2 0 0 1 Pagamenti ta' ċnus annwali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
9 433 746	9 250 845	9 132 640,04

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-pagamenti ta' ċnus annwali u nfiq ieħor simili dovut mill-istituzzjoni minħabba l-obbligazzjonijiet tagħha ta' ċnus u xiri.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 000.

2 0 0 3 Akkwist ta' proprjetà immobbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' proprjetà immobbli. Is-sussidji li jirrigwardaw l-artijiet u l-iżvilupp tagħhom se jiġu trattati bi qbil mar-Regolament Finanzjarju.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 5 Il-kostruzzjoni ta' bini

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Dan il-Punt huwa maħsub biex jilqa' l-approprjazzjoni possibbli għall-kostruzzjoni ta' bini.

2 0 0 7 Sistemazzjoni fil-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 975 486	496 823	1 214 008,95

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-twettiq ta' xogħlijiet ta' sistemazzjoni, li jinkludu r-rinnovazzjoni (eż. biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija skont l-iskema EMAS) u xogħol speċifiku bħal mogħdija ta' kejbils u sigurtà u xogħol relatat mar-ristoranti, kif ukoll infiq ieħor marbut ma' tali xogħol, speċjalment l-onorarji tal-periti u tal-inġiniera, kif ukoll kwalunkwe studju tekniku jew ta' materja oħra meħtieġa.

2 0 0 8 Infiq ieħor relatat mal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
552 798	173 704	158 527,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-bini li mhuwiex speċifikament previst f'artikoli oħra ta' dan il-kapitolu, speċjalment għal:

— servizzi ta' konsulenza ta' inġinerija u arkitettura b'rabta mal-proġetti ta' tagħmir tal-bini u miżati legali marbuta mal- "l-għażla tax-xiri" għall-bini,

— is-servizzi ta' konsulenza tal-EMAS,

— studji oħra għal proġetti ta' bini.

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 9 Approprjazzjoni proviżorja li tkopri l-investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull investiment fil-proprjetà tal-istituzzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestaturi oħra f'konformita' mar-Regolament Finanzjarju.

2 0 2 ***Infiq ieħor relatat mal-bini***

2 0 2 2 Tindif u manutenzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 543 409	2 282 882	2 639 344,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-manutenzjoni tal-bini, tal-lifts, tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kkundizzjonata, tal-bibien li jirreżistu n-nar, kif ukoll għas-sistemi għall-qerda tal-ġrieden, għat-tibjid mill-ġdid u għal xogħol ta' tiswija, u l-manutenzjoni tad-dehra minn barra tal-bini u l-ambjenti tagħhom, inkluż n-nefqiet marbuta mal-istudji, l-analiżi, l-awtorizzazzjonijiet u l-konformità mal-istandards u l-kontrolli tal-iskema tal-ekoġestjoni u l-verifika (EMAS).

2 0 2 4 Il-konsum tal-enerġija

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
400 000	450 000	208 015,60

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari n-nefqa għall-konsum tal-ilma, gass u elettriku u spejjeż oħra għall-enerġija.

2 0 2 6 Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 783 372	1 749 982	1 682 630,—

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 0 — BINI U NEFQIET RELATATI *(ikompli)*

2 0 2 *(ikompli)*

2 0 2 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex essenzjalment tkopri n-nefqa tal-persuni għas-sigurtà u s-sorveljanza tal-Membri, tal-persunal u tal-bini.

2 0 2 8 Assigurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
60 431	60 431	31 228,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' primjums tal-poloz tal-assigurazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u, fejn xieraq, l-eċċess imħallas f'każ ta' inċidenti.

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, XIRI, KIRI U MANUTENZJONI TA' TAGĦMIR U GĦAMARA

2 1 0 ***data***

2 1 0 0 Xiri, kura u manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 587 739	1 393 474	1 809 510,67

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nfiq relatat max-xiri, mal-kiri, mal-kura u l-manutenzjoni ta' materjal u software tal-istituzzjoni u xogħlijiet relatati.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' ftehimiet fil-livell ta' servizz konklużi ma' istituzzjonijiet tal-Unjoni (eż. għall-użu ta' sistemi ta' informazzjoni, partikolarment mal-Kummissjoni għas-Sysper, EU Learn, ABAC, Sermed u applikazzjonijiet oħra relatati) u re-invoicing ta' servizzi oħra (notevolment għall-akkwist tal-IT).

2 1 0 2 Assistenza minn barra marbuta mal-operazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 596 378	2 400 381	2 223 809,36

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, XIRI, KIRI U MANUTENZJONI TA' TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet għall-assistenza esterna li kumpaniji ta' servizzi u ta' konsulenti ta' proċessar ta' *data* joffru għat-tħaddim taċ-ċentri tal-ipproċessar u tan-network, il-produzzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet, l-appoġġ lill-utenti inkluż lill-Membri, it-twettiq ta' studji, u t-tfassil u l-input ta' dokumentazzjoni teknika.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta mal-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni speċifiċi dwar il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

2 1 0 3 Telekomunikazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
232 414	216 508	163 124,73

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-abbonamenti u t-tariffi tal-kejbil u tar-radju (telefonija fissa u mobbli, u t-televiżjoni) kif ukoll il-ħlasijiet relatati man-networks għat-trażmissjoni tad- *data* u mas-servizzi telematiċi.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 10 000.

2 1 2 ***Għamara***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
129 073	95 387	93 118,85

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara inkluż ix-xiri ta' għamara ergonomika u t-tibdil ta' għamara mkagħbra u mkissra.

Għax-xogħlijiet tal-arti, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kemm in-nefqiet tal-akkwist u x-xiri ta' materjal speċifiku u l-infiq kurrenti relatata magħhom fost l-oħrajn it-tqegħid fi gwarnić, ir-restawr, it-tindif, l-assigurazzjoni kif ukoll in-nefqiet tat-trasport meta jkun hemm bżonn.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 1 — PROĊESSAR TA' *DATA*, XIRI, KIRI U MANUTENZJONI TA' TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 4 ***Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 262 067	1 097 271	1 155 251,39

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi, speċjalment:

— it-tagħmir u l-installazzjonijiet tekniċi diversi, fissi jew mobbli, relatati mal-pubblikazzjoni, l-arkivjar, is-sigurtà, ir-ristoranti u l-bini, eċċ.,

— it-tagħmir b'mod partikolari għall-istampar, għall-arkivjar, għas-servizz telefoniku, għar-ristoranti, għall-ħwienet tal-istaff, għas-sigurtà, għall-konferenzi, għas-settur awdjoviżiv, eċċ.,

— il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tekniku u installazzjonijiet tal-kmamar ta' laqgħat u konferenzi interni.

2 1 6 ***Vetturi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
72 858	72 858	53 858,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-manutenzjoni, l-użu, it-tiswija ta' vetturi (flotta ta' karozzi u roti) u l-kiri ta' karozzi, taxis, kowċis, trakkijiet, bix-xufier u mingħajr xufier, inkluż il-poloz tal-assigurazzjoni meħtieġa.

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

2 3 0 ***Kartolerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
125 769	129 137	115 311,71

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri ta' karti, envelops, provvisti għall-uffiċċju, provvisti għall-istampar u għall-ħwienet tax-xogħol tal-fotokopji u n-nefqa għal ftit mix-xogħol ta' stampar li jsir barra.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

2 3 1 Tariffi finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 500	1 500	1 500,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi bankarji (kummissjonijiet, aġġji, tariffi diversi) u tariffi finanzjarji oħra, inklużi n-nefqiet anċillari għall-iffinanzjar tal-bini.

2 3 2 Nefqiet legali u danni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 000	30 000	30 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqiet kollha li jirriżultaw mill-involviment tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'kawżi quddiem il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, in-nefqiet għas-servizzi legali u x-xiri ta' xogħlijiet u tagħmir legali, u kull nefqa oħra legali, spejjeż tal-qorti jew dawk straġudizzjarji;

— danni, interessi u spejjeż anċillari relatati ma' kawżi tal-qorti jew ta' kawżi straġudizzjarji.

2 3 6 Servizzi postali u ħlasijiet marbuta mal-kunsinna

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
58 344	61 200	56 750,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tariffi postali, l-ipproċessar u l-kunsinna ta' oġġetti permezz tas-servizzi postali jew permezz ta' ditti li jipprovdu kunsinna express.

2 3 8 Infiq amministrattiv ieħor

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
150 287	115 469	109 146,74

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 3 — NEFQA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

2 3 8 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-assigurazzjoni mhux speċifikament imsemmija f'punt ieħor,

— ix-xiri u l-kura tal-uniformijiet tal-bewwieba, tax-xufiera u l-ħaddiema tar-rilokazzjonijiet, tal-ħaddiema fis-servizzi mediċi, is-servizzi tas-sigurtà u dawk f'diversi servizzi tekniċi;

— l-ispejjeż kollha relatati max-xogħlijiet ta' rilokazzjoni u manutenzjoni li jsiru minn kumpaniji ta' rilokazzjoni jew minn staff temporanju appuntat minn aġenziji esterni,

— spejjeż varji għall-operat, bħad-dekorazzjonijiet u d-donazzjonijiet.

2 3 9 ***Attivitajiet tal-EMAS, inkluż il-promozzjoni u l-iskema għall-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża relatata mal-attivitajiet tal-EMAS li jfittxu li jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, inkluż il-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet, u għall-iskema tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju.

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI

2 5 4 ***Laqgħat, konferenzi, kungressi, seminars u avvenimenti oħra***

2 5 4 0 Spejjeż ta' laqgħat organizzati fi Brussell

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
155 900	145 000	145 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' ilma, kafè u te għall-interpreti u l-parteċipanti matul laqgħat statutorji u attivitajiet tematiċi oħra organizzati fil-bini tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kif ukoll waqt is-sessjonijiet organizzati fi Brussell. Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll kultant ikliet ħfief jew ikliet servuti waqt laqgħat interni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mis-Segretarju Ġenerali. Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni tipprevedi baġit limitat għall-Kabinett tal-President u s-segretarjati tal-gruppi politiċi, għax-xiri ta' kafè, te u xarbiet oħra li joffru għall-viżitaturi esterni.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 1 Partijiet terzi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
304 100	66 926	298 700,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas tal-indennizzi tal-ivvjaġġar u tal-indennizzi fissi tas-sussistenza għal kull żjara ta' partijiet terzi li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. B'mod eċċezzjonali, din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri l-indennizzi tal-ivvjaġġar u l-indennizzi fissi tal-partijiet terzi mill-ARLEM u l-CORLEAP li jipparteċipaw f'attivitajiet li ma jiġux organizzati mill-Kumitat jekk ikunu ġġustifikati kif imiss u approvati mill-President.

2 5 4 2 Organizzazzjoni ta' avvenimenti fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mal-assoċjazzjonijiet u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
438 647	538 647	407 647,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqiet, inklużi nefqiet ta' rappreżentazzjoni u loġistiċi, marbuta ma'

— l-organizzazzjoni mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta' avvenimenti, ta' natura ġenerali jew speċifika, biex jippromovi l-ħidma politika u konsultattiva tiegħu; dawn l-avvenimenti jsiru fi Brussell jew f'postijiet deċentralizzati, normalment fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mal-assoċjazzjonijiet tagħhom u mal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni;

— il-programm tal-Politiċi Eletti Żgħażagħ, li jinvolvi mexxejja żgħażagħ reġjonali u lokali li għandhom anqas minn 40 sena dwar kwistjonijiet tal-Unjoni;

— il-parteċipazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni f'kungressi, konferenzi, colloquia, seminars jew simpożji organizzati minn partijiet terzi (istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni, awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assoċjazzjonijiet tagħhom, eċċ.).

2 5 4 6 Spejjeż għar-rappreżentazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
109 069	150 000	111 000,—

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 5 — LAQGĦAT U KONFERENZI *(ikompli)*

2 5 4 *(ikompli)*

2 5 4 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż relatati mal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni għar-rappreżentazzjoni.

Hija tkopri ukoll l-ispejjeż relatati mar-rappreżentazzjoni ta' ċerti uffiċċjali li jkunu qegħdin jaġixxu f'isem l-istituzzjoni.

KAPITOLU 2 6 — GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI

2 6 0 ***Komunikazzjoni u pubblikazzjonijiet***

2 6 0 0 Relazzjonijiet mal-istampa u appoġġ awdjoviżiv

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
794 854	794 854	794 845,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet ta':

— ir-riċeviment ta' ġurnalisti lokali u reġjonali fi Brussell matul il-laqgħat tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-avvenimenti organizzati minnu,

— il-komunikazzjonijiet pubbliċi u inizjattivi ta' informazzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-promozzjoni ta' avvenimenti jew azzjonijiet organizzati minnu, inklużi kwalunkwe servizzi u materjali awdjoviżivi relatati,

— sħubijiet medjatiċi u appoġġ għall-monitoraġġ tal-produzzjoni medjatika.

2 6 0 2 Midja tal-web u soċjali u materjal stampat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
900 960	900 960	900 944,80

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-produzzjoni ta' kontenut b'rabta mal-web u l-midja soċjali, u kontenut diġitali u stampat. Barra minn hekk, din se tkopri l-ispejjeż relatati biex jitkejjel l-impatt ta' dawk l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni.

Din l-approprjazzjoni se tkopri, fost affarijiet oħra, aktar diġitalizzazzjoni ta' pubblikazzjonijiet, it-titjib tal-impatt ta' kontenut ibbażat fuq il-midja soċjali u għodod ta' monitoraġġ tal-internet, iż-żamma u t-titjib tas-sit web tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni kif ukoll għadd ta' azzjonijiet innovattivi.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 6 — GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI *(ikompli)*

2 6 0 *(ikompli)*

2 6 0 4 Il-Ġurnal Uffiċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	39 731,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2 6 2 ***Akkwist ta' dokumentazzjoni u arkivjar***

2 6 2 0 Għarfien speċjalizzat u studji esterni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
450 000	500 000	526 695,50

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kuntratti ma' esperti kwalifikati u ma' istituti ta' riċerka.

2 6 2 2 Infiq għal dokumentazzjoni u għal-librerija

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
125 198	125 198	125 003,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— it-tkabbir u t-tiġdid ta' xogħlijiet ta' riferenza ġenerali u l-aġġornament tal-volum ta' kotba tal-librerija,

— abbonamenti għal gazzetti, perjodiċi, aġenziji tal-informazzjoni, il-pubblikazzjonijiet u s-servizzi online tagħhom, inklużi l-miżati għad-drittijiet tal-awtur għall-ikkupjar u d-distribuzzjoni f'format stampat jew elettroniku ta' dawn il-pubblikazzjonijiet,

— l-abbonamenti jew il-kuntratti tas-servizzi għall-forniment ta' taqsiriet u ta' analiżi tal-kontenut ta' perjodiċi jew il-ħażna fuq mezzi ottiċi ta' artikoli meħudin minn dawn il-perjodiċi,

— l-użu ta' bażijiet ta' *data* esterni ta' dokumenti u ta' statistiċi, (minbarra materjal tal-kompjuters u nefqiet għat-telekomunikazzjoni),

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 6 — GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI *(ikompli)*

2 6 2 *(ikompli)*

2 6 2 2 *(ikompli)*

— l-obbligi li jassumi l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fil-qafas tal-kooperazzjoni internazzjonali u interistituzzjonali,

— ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir speċjali, inkluż tagħmir u sistemi elettriċi, elettroniċi u informatiċi għal-librerija (tradizzjonali jew ibridi), kif ukoll ta' servizzi esterni għall-akkwist, l-iżvilupp, l-istallazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni ta' dan it-tagħmir u dawn is-sistemi,

— in-nefqiet għas-servizzi marbuta mal-attivitajiet tal-librerija b'mod partikolari dawk pprovduti lill-utenti tagħha (tiftix, analiżi), is-sistema tal-amministrazzjoni tal-kwalità, eċċ.,

— il-materjal u t-tagħmir għal-legatura u għall-konservazzjoni għal-librerija, għad-dokumentazzjoni u għal-librerija tal-midja,

— ix-xiri ta' dizzjunarji u glossarji u xogħlijiet oħra ta' referenza għad-Direttorat tat-Traduzzjoni.

2 6 2 4 Infiq għall-arkivjar

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
140 690	140 690	140 667,98

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għas-servizz tal-arkivjar estern, inkluż l-għażla, il-klassifikazzjoni u r-riklassifikazzjoni, in-nefqa tas-servizzi tal-arkivjar, it-trasferiment tal-arkivji fuq diversi mezzi (mikrofilm, diski, 'cassettes', eċċ), ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' materjali speċjali (elettroniċi, kompjuterizzati u elettriċi, kotba u rivisti) inklużi s-servizzi esterni relatati u n-nefqa għall-pubblikazzjoni fuq il-mezzi kollha tax-xandir («brochures», CD-ROMs, eċċ.).

2 6 4 ***Attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-gruppi politiċi tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
395 049	185 143	356 402,55

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

KAPITOLU 2 6 — GĦARFIEN SPEĊJALIZZAT U INFORMAZZJONI, AKKWIST, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISTRIBUZZJONI *(ikompli)*

2 6 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq għall-attivitajiet politiċi u ta' informazzjoni tal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fl-eżerċizzju tal-mandat Ewropew tagħhom:

— il-promozzjoni u t-tisħiħ tar-rwol tal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni permezz tal-attivitajiet tal-gruppi politiċi tagħhom;

— l-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini dwar ir-rwol tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bħala rappreżentant istituzzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Unjoni Ewropea.

Bażiġuridika

Regolament (Kumitat Ewropew tar-Reġjuni) Nru 0029/2015 dwar l-iffinanzjar tal-attivitajiet politiċi u ta' informazzjoni tal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA
KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

TITOLU 10

INFIQ IEĦOR

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal kapitoli oħra talbaġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

KAPITOLU 10 2 — RIŻERVA GĦALL-AKKWIST TA' BINI

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

PERSUNAL

Taqsima VII — Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Grupp ta' funzjoni u grad	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
Li mhumiex kategoriji	—	1	—	1
AD 16	—	—	—	—
AD 15	7	—	6	—
AD 14	26	4	27	4
AD 13	24	1	23	1
AD 12	30	4	31	3
AD 11	29	1	27	1
AD 10	29	4	29	5
AD 9	28	7	30	5
AD 8	45	4	45	6
AD 7	29	9	29	6
AD 6	12	7	11	9
AD 5	1	—	1	—
Sub-total AD	260	41	259	40
AST 11	5	—	5	—
AST 10	5	—	5	—
AST 9	17	1	16	—
AST 8	17	—	16	1
AST 7	31	3	31	2
AST 6	23	1	23	1
AST 5	45	7	47	6
AST 4	21	3	21	4
AST 3	—	1	—	2
AST 2	—	1	—	—
AST 1	—	—	—	—
Sub-total AST	164	17	164	16

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Grupp ta' funzjoni u grad				
	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AST/SC 6	1	—	1	—
AST/SC 5	2	—	2	—
AST/SC 4	2	—	2	—
AST/SC 3	1	—	—	—
AST/SC 2	5	—	6	—
AST/SC 1	—	—	—	—
Sub-total AST/SC	11	—	11	—
Total	**435**	**59**	**434**	**57**
Gran Total	**494**		**491**	

TAQSIMA VIII

L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-OMBUDSMAN EWROPEW

DĦUL

Kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tan-nefqa tal-Ombudsman Ewropew għas-sena finanzjarja 2021

Intestatura	Ammont
Nefqa	12 501 836
Riżorsi proprji	–1 435 916
Kontribuzzjoni dovuta	**11 065 920**

L-OMBUDSMAN EWROPEW

DĦUL

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL
KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Taxxi u imposti***				
3 0 0 0	Taxxa fuq remunerazzjonijiet	657 641	641 856	569 855,—	86,65
3 0 0 1	Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet	125 174	124 441	105 693,—	84,44
	Artikolu 3 0 0 — Total	782 815	766 297	675 548,—	86,30
3 0 1	***Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni***				
3 0 1 0	Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni	653 101	665 392	556 118,—	85,15
3 0 1 1	Trasferiment jew xiri tad-drittijiet għall-pensjoni mill-persunal	p.m.	p.m.	0,—	
3 0 1 2	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 3 0 1 — Total	653 101	665 392	556 118,—	85,15
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	1 435 916	1 431 689	1 231 666,—	85,78
	KAPITOLU 3 1				
3 1 0	***Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 1 1	***Bejgħ ta' proprjetà oħra***	p.m.	p.m.	0,—	
3 1 2	***Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT
KAPITOLU 3 3 — DĦUL AMMINISTRATTIV IEĦOR

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 2				
3 2 0	***Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat***				
3 2 0 2	Dħul mill-provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji tal-Unjoni u korpi oħrajn tal-UE — Dħul assenjat	p.m.	p.m.	0,—	
	Artikolu 3 2 0 — Total	p.m.	p.m.	0,—	
3 2 1	***Rifużjonijiet minn istituzzjonijiet jew korpi oħra ta' allowances għall-missjonijiet — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 2 2	***Dħul minn partijiet terzi rigward oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 2 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 3 3				
3 3 0	***Ħlas lura ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 1	***Dħul għal skop speċifiku (dħul minn fondazzjonijiet, sussidji, rigali u legati) — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 3	***Ħlasijiet li waslu mill-assigurazzjoni — Dħul allokat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 8	***Dħul ieħor minn ħidmiet amministrattivi — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
3 3 9	***Dħul ieħor mill-operazzjonijiet amministrattivi***	p.m.	p.m.	11 121,—	
	KAPITOLU 3 3 — TOTAL	p.m.	p.m.	11 121,—	
	Titolu 3 — Total	**1 435 916**	**1 431 689**	**1 242 787,—**	**86,55**

L-OMBUDSMAN EWROPEW

TITOLU 3

DĦUL AMMINISTRATTIV

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL

3 0 0 Taxxi u imposti

3 0 0 0 Taxxa fuq remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
657 641	641 856	569 855,—

Bażiġuridika

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabbilixxi s-salarji tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) tal-Kunsill Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 fuq ir-regolamenti u kundizzjonijiet ġenerali li jiggvernaw l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tal-Ombudsman (ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15), u partikolarment l-Artikolu 10(2) u (3) tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

3 0 0 1 Imposti speċjali fuq ir-remunerazzjonijiet

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
125 174	124 441	105 693,—

Kummenti

Id-dispożizzjonijiet rigward il-kontribuzzjoni temporanja kienu japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2003. Għalhekk din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul kollu li jirriżulta mill-ammont li jifdal tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-Kummissjoni, l-uffiċjali u aġenti oħra li qegħdin f'impjieg attiv.

KAPITOLU 30 — DĦUL MILL-PERSUNAL *(ikompli)*

300 *(ikompli)*

3001 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabbilixxi s-salarji tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 fuq ir-regolamenti u kundizzjonijiet ġenerali li jiggvernaw l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tal-Ombudsman (ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15), u partikolarment l-Artikolu 10(2) u (3) tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016 li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1).

301 ***Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni***

3010 Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
653 101	665 392	556 118,—

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 83(2) tagħhom.

3011 Trasferiment jew xiri tad-drittijiet għall-pensjoni mill-persunal

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'mod partikolari l-Artikolu 4, l-Artikolu 11(2) u (3) u l-Artikolu 48 tal-Anness VIII tagħhom.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 3 0 — DĦUL MILL-PERSUNAL *(ikompli)*

3 0 1 *(ikompli)*

3 0 1 2 Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjoni mill-persunal fuq il-leave

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Bażiġuridika

Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 40(3) tagħhom.

Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħhom.

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ

3 1 0 ***Bejgħ ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

Skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

3 1 1 ***Bejgħ ta' proprjetà oħra***

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-part-exchange ta' proprjetà oħra tal-istituzzjonijiet. Huwa jżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' vetturi, tagħmir, stallazzjonijiet, materjali, u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġi mibdul jew mormi meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

L-OMBUDSMAN EWROPEW

KAPITOLU 3 1 — DĦUL MARBUT MA' PROPRJETÀ *(ikompli)*

3 1 2 Lokazzjonijiet u sullokazzjonijiet ta' proprjetà immobbli — Dħul allokat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jitqies bħala dħul assenjat u jagħti lok li jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fl-intestaturi li kien fihom in-nefqa inizjali li wasslet għad-dħul korrispondenti.

KAPITOLU 3 2 — DĦUL MINN PROVVISTA TA' OĠĠETTI, SERVIZZI U XOGĦOL — DĦUL ASSENJAT

3 2 0 Dħul minn provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol — Dħul assenjat

3 2 0 2 Dħul mill-provvista ta' oġġetti, servizzi u xogħol għal istituzzjonijiet, aġenziji tal-Unjoni u korpi oħrajn tal-UE — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 4

DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ
KAPITOLU 4 1 — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 4 0				
4 0 0	***Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji***	p.m.	p.m.	170 870,54	
4 0 9	***Interessi oħra u dħul ieħor***	0,—	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 4 0 — TOTAL	0,—	p.m.	170 870,54	
	KAPITOLU 4 1				
4 1 9	***Mgħax ta' inadempjenza ieħor***	p.m.	p.m.	2 583,99	
	KAPITOLU 4 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	2 583,99	
	Titolu 4 — Total	**0,—**	**p.m.**	**173 454,53**	

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 4

DĦUL FINANZJARJU, IMGĦAX TA' INADEMPJENZA, U MULTI

KAPITOLU 4 0 — DĦUL MINN INVESTIMENTI U KONTABILITÀ

4 0 0 Dħul minn investimenti, self mogħti u kontijiet bankarji

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	170 870,54

4 0 9 Interessi oħra u dħul ieħor

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
0,—	p.m.	0,—

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 98(4) tiegħu.

KAPITOLU 4 1 — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

4 1 9 Mgħax ta' inadempjenza ieħor

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	2 583,99

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 98(4) tiegħu.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MA' POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRAJN

Artikolu Partita	Intestatura	Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 6 6				
6 6 8	***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra — Dħul assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
6 6 9	***Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra — Dħul mhux assenjat***	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 6 6 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 6 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 6

DĦUL, KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET RELATATI MA' POLITIKI TAL-UNJONI

KAPITOLU 6 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET OĦRAJN

6 6 8 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra — Dħul assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

B'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju dan id-dħul jista' jitqies bħala dħul allokat u jwassal għad-dħul ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fuq il-linji li kien fihom l-infiq inizjali li wassal għad-dħul li jikkorrispondi miegħu.

6 6 9 Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra — Dħul mhux assenjat

Sena finanzjarja 2021	Sena finanzjarja 2020	Sena finanzjarja 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Dan l-artikolu huwa maħsub sabiex jakkomoda kwalunkwe dħul mhux previst f'partijiet oħra tat-Titolu 6 li ma jintużax, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

NEFQA

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2021 u 2020) u eżitu (2019)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1	**PERSUNAL FIL-KWARTIERI ĠENERALI**			
1 1	RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU	152 983 000	144 024 000	130 349 815,74
1 2	RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN	33 347 000	28 048 000	25 827 146,33
1 3	NEFQA OĦRA MARBUTA MAL-ĠESTJONI TAL-PERSUNAL	3 198 200	2 685 000	2 468 245,85
1 4	MISSJONIJIET	8 229 645	8 893 250	8 377 000,—
1 5	MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TAL-PERSUNAL	2 354 499	1 974 780	2 073 068,20
	Titolu 1 — Total	**200 112 344**	**185 625 030**	**169 095 276,12**
2	**NEFQA FIL-BINI, TAGĦMIR U DIK OPERAZZJONALI FIL-KWARTIERI ĠENERALI**			
2 0	BINI U SPEJJEŻ RELATATI	41 818 200	42 180 500	33 791 665,39
2 1	SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA	39 211 800	37 936 000	38 078 999,89
2 2	NEFQA OPERATTIVA OĦRA	14 377 100	10 590 000	10 252 348,52
	Titolu 2 — Total	**95 407 100**	**90 706 500**	**82 123 013,80**
3	**DELEGAZZJONIJIET**			
3 0	DELEGAZZJONIJIET	472 106 260	454 744 953	443 174 272,45
	Titolu 3 — Total	**472 106 260**	**454 744 953**	**443 174 272,45**
10	**SPEJJEŻ OĦRAJN**			
10 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI	p.m.	p.m.	0,—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	p.m.	p.m.	0,—
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**
	GRAN TOTAL	**767 625 704**	**731 076 483**	**694 392 562,37**

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 1

PERSUNAL FIL-KWARTIERI ĠENERALI

KAPITOLU 1 1 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU
KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 1 1				
1 1 0	***Rimunerazzjoni u intitolamenti oħra marbuta mal-persunal statutorju***				
1 1 0 0	Salarji Bażiċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	117 425 000	111 096 000	100 550 697,70	85,63
1 1 0 1	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-post tax-xogħol okkupat				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	444 000	388 000	382 612,30	86,17
1 1 0 2	Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membru tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 117 000	28 318 000	25 584 985,—	84,95
1 1 0 3	Kopertura għas-sigurtà soċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 464 000	4 222 000	3 831 520,74	85,83
1 1 0 4	Żidiet tal-għoli tal-ħajja u aġġornamenti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 1 0 5	Kumpensi skont l-Anness IV tar-Regolamenti tal-Persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	533 000			
	Artikolu 1 1 0 — Total	152 983 000	144 024 000	130 349 815,74	85,21
	KAPITOLU 1 1 — TOTAL	152 983 000	144 024 000	130 349 815,74	85,21
	KAPITOLU 1 2				
1 2 0	***Rimunerazzjoni u intitolamenti oħra marbuta mal-persunal estern***				
1 2 0 0	Persunal bil-kuntratt				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	18 265 000	12 976 000	12 825 383,33	70,22
1 2 0 1	Esperti nazzjonali mhux militari ssekondati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	3 581 000	3 549 000	3 260 287,—	91,04
1 2 0 2	Apprendistati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	426 000	420 000	385 000,—	90,38

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN *(ikompli)*
KAPITOLU 1 3 — NEFQA OĦRA MARBUTA MAL-ĠESTJONI TAL-PERSUNAL
KAPITOLU 1 4 — MISSJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
1 2 0	*(ikompli)*				
1 2 0 3	Servizzi esterni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 2 0 4	Persunal tal-Aġenziji u konsulenti speċjali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	200 000	200 000	70 000,—	35
1 2 0 5	Esperti militari nazzjonali ssekondati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	10 875 000	10 903 000	9 286 476,—	85,39
	Artikolu 1 2 0 — Total	33 347 000	28 048 000	25 827 146,33	77,45
1 2 2	***Approprjazzjoni proviżorja***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	KAPITOLU 1 2 — TOTAL	33 347 000	28 048 000	25 827 146,33	77,45
	KAPITOLU 1 3				
1 3 0	***Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-persunal***				
1 3 0 0	Reklutaġġ				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	100 000	200 000	59 750,—	59,75
1 3 0 1	Taħriġ				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 201 000	1 201 000	1 142 395,85	95,12
1 3 0 2	Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, t-trasferiment jew il-ħruġ mis-servizz				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 897 200	1 284 000	1 266 100,—	66,74
	Artikolu 1 3 0 — Total	3 198 200	2 685 000	2 468 245,85	77,18
	KAPITOLU 1 3 — TOTAL	3 198 200	2 685 000	2 468 245,85	77,18
	KAPITOLU 1 4				
1 4 0	***Missjonijiet***				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 229 645	8 893 250	8 377 000,—	101,79
	KAPITOLU 1 4 — TOTAL	8 229 645	8 893 250	8 377 000,—	101,79

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 5 — MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TAL-PERSUNAL

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 1 5				
1 5 0	***Miżuri għall-assistenza tal-persunal***				
1 5 0 0	Servizzi soċjali u assistenza tal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	438 000	283 000	329 868,20	75,31
1 5 0 1	Servizz mediku				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	708 699	686 460	673 000,—	94,96
1 5 0 2	Ristoranti u kantins				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
1 5 0 3	Skejjel materni u faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 190 000	985 000	1 043 520,—	87,69
1 5 0 4	Kontribuzzjoni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	17 800	20 320	26 680,—	149,89
	Artikolu 1 5 0 — Total	2 354 499	1 974 780	2 073 068,20	88,05
	KAPITOLU 1 5 — TOTAL	2 354 499	1 974 780	2 073 068,20	88,05
	Titolu 1 — Total	**200 112 344**	**185 625 030**	**169 095 276,12**	**84,50**

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 1

PERSUNAL FIL-KWARTIERI ĠENERALI

KAPITOLU 1 1 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma vvalutati abbażi tal-pjan ta' stabbiliment għall-SEAE għas-sena finanzjarja.

1 1 0 Rimunerazzjoni u intitolamenti oħra marbuta mal-persunal statutorju

1 1 0 0 Salarji Bażiċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
117 425 000	111 096 000	100 550 697,70

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri salarji bażiċi għal uffiċjali u persunal temporanju li għandhom kariga prevista fil-pjan ta' stabbiliment u kumpens previst skont l-Anness IV tar-Regolament tal-Persunal.

L-approprjazzjoni se tintuża b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(9) tagħha. L-iżbilanċi eżistenti fil-kompożizzjoni tal-persunal tas-SEAE f'termini tal-proporzjon tad-diplomatiċi mill-Istati Membri u l-persunal regolari tal-UE f'ċerti karigi se jiġu indirizzati bi qbil mal-impenji li ħadet il-Viċi President/Rappreżentant Għoli fl-ittra tagħha tat-13 ta' Settembru 2016 lill-Parlament Ewropew.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 1 Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-post tax-xogħol okkupat

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
444 000	388 000	382 612,30

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 1 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU *(ikompli)*

1 1 0 *(ikompli)*

1 1 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri primarjament, għal uffiċjali u persunal temporanju li għandhom post tax-xogħol previst fil-pjan ta' stabbiliment:

— allokazzjonijiet segretarjali,

— allokazzjonijiet għall-akkomodazzjoni u għat-trasport,

— allokazzjonijiet fissi tal-ivvjaġġar lokali,

— allokazzjonijiet għal xogħol bix-shift jew dmir ta' standby fuq il-post tax-xogħol tal-uffiċjal jew id-dar,

— allokazzjonijiet oħra u ħlasijiet lura,

— sahra.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 2 Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membru tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 117 000	28 318 000	25 584 985,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri primarjament, għal uffiċjali u persunal temporanju li għandhom post tax-xogħol previst fil-pjan ta' stabbiliment:

— allokazzjonijiet għall-espatrijazzjoni u r-residenza barranija,

— allokazzjonijiet tal-familja, wild dipendenti u edukazzjoni,

— allokazzjonijiet għal liv tal-ġenituri jew tal-familja,

— pagament ta' spejjeż tal-ivvjaġġar għal uffiċjali jew persunal temporanju, il-konjuġi tagħhom u persuni dipendenti fuqhom mill-post tax-xogħol tagħhom għall-post ta' oriġini tagħhom,

KAPITOLU 1 1 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU *(ikompli)*

1 1 0 *(ikompli)*

1 1 0 2 *(ikompli)*

— fil-każ ta' mewt ta' uffiċjal jew dipendenti minn uffiċjal, il-kostijiet imġarrba skont l-Artikolu 75 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasport tal-ġisem,

— allokazzjonijiet u għotjiet varji.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 3 Kopertura għas-sigurtà soċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 464 000	4 222 000	3 831 520,74

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija prinċipalment maħsuba biex tkopri uffiċjali u persunal temporanju li għandhom post tax-xogħol previst fil-pjan ta' stabbiliment:

— assigurazzjoni għall-mard, inċidenti u mard relatat max-xogħol u imposti tas-sigurtà soċjali,

— ir-riskji tal-qgħad għall-aġenti temporanji kif ukoll il-ħlasijiet li saru mill-istituzzjoni biex jippermettu lill-persunal temporanju biex jikkostitwixxu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 4 Żidiet tal-għoli tal-ħajja u aġġornamenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 1 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL STATUTORJU *(ikompli)*

1 1 0 *(ikompli)*

1 1 0 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għal uffiċjali u persunal temporanju li għandhom post tax-xogħol previst fil-pjan ta' stabbiliment, l-impatt tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-remunerazzjoni u għall-parti mill-emolumenti trasferita f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż fejn jinsab l-impjieg.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 1 0 5 Kumpensi skont l-Anness IV tar-Regolamenti tal-Persunal

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
533 000		

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża li tkopri l-allowances li għandhom jitħallsu lill-uffiċjali li jiġu assenjati stat mhux attiv wara miżura ta' tnaqqis tan-numru tal-impjiegi tal-istituzzjoni, lill-uffiċjali b'impjiegi fil-gradi AD14, AD15 jew AD16 li jiġu irtirati fl-interess tas-servizz u lil uffiċjali mqiegħda fuq leave fl-interess tas-servizz għal ħtiġiet ta' organizzazzjoni marbuta mal-akkwist ta' kompetenzi ġodda fi ħdan l-istituzzjoni.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN

1 2 0 ***Rimunerazzjoni u intitolamenti oħra marbuta mal-persunal estern***

1 2 0 0 Persunal bil-kuntratt

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
18 265 000	12 976 000	12 825 383,33

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri r-rimunerazzjoni ta' persunal bil-kuntratt (skont it-tifsira tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea), il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għad-diversi skemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt taż-żidiet tal-għoli tal-ħajja applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispiża tal-16 aġent kuntrattwali involuti fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 1 109 000.

Bażiġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 1 Esperti nazzjonali mhux militari ssekondati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
3 581 000	3 549 000	3 260 287,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-allowances u l-ispejjeż amministrattivi fir-rigward ta' esperti nazzjonali sekondati li ma jagħmlux parti mill-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21 (2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 330 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Frar 2014, li tistabilixxi r-regoli applikabbli għall-Esperti Nazzjonali ssekondati mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

1 2 0 2 Apprendistati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
426 000	420 000	385 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istadji amministrattivi, li huma indirizzati lill-universitajiet u li għandhom l-għan li jipprovdu idea ġenerali tal-għanijiet u l-problemi tal-Unjoni, li jispjegaw it-tħaddim tal-istituzzjonijiet u li jippermettu li l-għarfien miksub jiġi kkonsolidat permezz ta' esperjenza ta' xogħol fid-dipartimenti tas-SEAE.

Din tkopri l-għotja ta' borża ta' studju u spejjeż oħra marbuta ma' dawn (suppliment għal persuni responsabbli jew apprendisti, persuni b'diżabbiltà, assigurazzjonijiet tal-ħajja, eċċ , it-ħlas lura tal-ispejjeż tal-vjaġġ li jkun sar minħabba programm ta' taħriġ, b'mod partikolari fil-bidu jew fl-aħħar tal-programm ta' taħriġ, kif ukoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni tal-avvenimenti li għandhom x'jaqsmu mal-programmi ta' taħriġ bħal żjarat, spejjeż ta' lqigħ u riċeviment). Tkopri wkoll l-ispejjeż ta' evalwazzjoni sabiex ittejjeb il-programm ta' taħriġ u ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' tixrid ta' tagħrif.

L-għażla tal-aljievi tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u tirrifletti bilanċ ġeografiku.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 2 0 3 Servizzi esterni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi kollha mwettqa minn persuni mhux konnessi mal-istituzzjoni u b'mod partikolari:

— persunal temporanju għal servizzi varji,

— persunal addizzjonali għal-laqgħat,

— esperti fil-qasam ta' kundizzjonijiet tax-xogħol.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 2 0 4 Persunal tal-Aġenziji u konsulenti speċjali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
200 000	200 000	70 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN *(ikompli)*

1 2 0 *(ikompli)*

1 2 0 4 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba primarjament biex tkopri r-rimunerazzjoni ta' persunal tal-aġenziji, aġenti temporanji u konsulenti speċjali, inkluż fil-qasam tal-PSDK/PESK, il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għad-diversi skemi tas-sigurtà soċjali u l-impatt taż-żidiet tal-għoli tal-ħajja applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

1 2 0 5 Esperti militari nazzjonali ssekondati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
10 875 000	10 903 000	9 286 476,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja r-rimunerazzjoni tal-esperti nazzjonali militari mibgħuta biex jaġixxu bħala Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea taħt il-PSDK/PESK.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Frar 2014, li tistabilixxi r-regoli applikabbli għall-Esperti Nazzjonali ssekondati mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

1 2 2 ***Approprjazzjoni proviżorja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 2 — RIMUNERAZZJONI U INTITOLAMENTI OĦRA MARBUTA MAL-PERSUNAL ESTERN *(ikompli)*

1 2 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-effett ta' kwalunkwe aġġornamenti fis-salarji matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprijazzjoni hija proviżorja u tista' tintuża biss wara li tiġi trasferita għall-intestaturi xierqa ta' dan il-kapitolu.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 3 — NEFQA OĦRA MARBUTA MAL-ĠESTJONI TAL-PERSUNAL

1 3 0 ***Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-persunal***

1 3 0 0 Reklutaġġ

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
100 000	200 000	59 750,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE kif ukoll l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza għal applikanti msejħa għal intervisti u eżamijiet mediċi,

— spejjeż għall-organizzazzjoni ta' proċeduri għas-selezzjoni ta' persunal temporanju, awżiljarju u lokali.

F'każijiet ġustifikati kif dovut mill-ħtiġiet tal-operat, u wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, din l-approprjazzjoni tista' tintuża għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nnifisha.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 27 sa 31 u 33 tagħhom u l-Anness III tagħhom.

KAPITOLU 1 3 — NEFQA OĦRA MARBUTA MAL-ĠESTJONI TAL-PERSUNAL *(ikompli)*

1 3 0 *(ikompli)*

1 3 0 0 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni 2002/620/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi l-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53) u d-Deċiżjoni 2002/621/KE tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

1 3 0 1 Taħriġ

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 201 000	1 201 000	1 142 395,85

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa li saret għal taħriġ addizzjonali u taħriġ mill-ġdid, inkluż korsijiet tal-lingwa li saru fuq bażi interistituzzjonali, spejjeż tal-korsijiet, il-kost tal-għalliema u l-kostijiet loġistiċi, bħal kiri tal-kmamar u tagħmir, kif ukoll spejjeż mixellanji relatati, bħal ikel u xorb, l-ispejjeż ta' attendenza fil-korsijiet, konferenzi u laqgħat taħt it-termini ta' referenza tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea,

— il-ħlasijiet għar-reġistrazzjoni tal-uffiċjali għal seminars u konferenzi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 fuq l-istabbiliment tal-Istaff Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Frar 2014, li tistabilixxi r-regoli applikabbli għall-Esperti Nazzjonali ssekondati mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

1 3 0 2 Jeddijiet mad-dħul fis-servizz, t-trasferiment jew il-ħruġ mis-servizz

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 897 200	1 284 000	1 266 100,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 3 — NEFQA OĦRA MARBUTA MAL-ĠESTJONI TAL-PERSUNAL *(ikompli)*

1 3 0 *(ikompli)*

1 3 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar allokati għal uffiċjali, persunal temporanju u dak kuntrattwali (inklużi l-familji tagħhom) li deħlin fis-servizz jew li qed jispiċċaw minnu,

— allokazzjonijiet għall-installazzjoni/s-sistemazzjoni mill-ġdid u l-ispejjeż ta' ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-persunal temporanju u dak bil-kuntratt obbligati li jibdlu l-post tar-residenza tagħhom mad-dħul fis-servizz, mat-trasferiment għal post ġdid ta' impjieġ u mat-tmiem tas-servizz u s-sistemazzjoni mill-ġdid f'post ieħor,

— allokazzjoni għas-sussistenza ta' kuljum li għandha titħallas lil uffiċjali u lil persunal temporanju u dak bil-kuntratt li jagħtu prova li huma kellhom ibiddlu l-post ta' residenza tagħhom mad-dħul fis-servizz jew mat-trasferiment għal post ġdid ta' impjieġ,

— allokazzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg għal dawk taħt prova imkeċċija minħabba inadegwatezza evidenti,

— kumpens fil-każ tat-terminazzjoni mill-istituzzjoni tal-kuntratt ta' membru temporanju tal-persunal bil-kuntratt.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 1 4 — MISSJONIJIET

1 4 0 ***Missjonijiet***

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 229 645	8 893 250	8 377 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' missjonijiet imġarrba mir-Rappreżentant Għoli u mill-persunal li jakkumpanjah,

— spejjeż għall-missjonijiet u l-ispejjeż għall-ivvjaġġar relatat mal-impjieg tal-uffiċjali u l-persunal temporanju u dak bil-kuntratt u konsulenti speċjali tal-SEAE, flimkien mal-ispejjeż għat-trasport, il-ħlas ta' allokazzjonijiet għas-sussistenza ta' kuljum waqt missjoni u l-ispejjeż anċillari jew dawk speċjali konnessi mal-missjonijiet,

KAPITOLU 1 4 — MISSJONIJIET *(ikompli)*

1 4 0 *(ikompli)*

— spejjeż tal-missjoni li saru taħt it-termini ta' referenza tal-Persunal Militari tal-Unjoni Ewropea,

— spejjeż ta' missjonijiet minn esperti nazzjonali ssekondati mas-SEAE,

— spejjeż ta' missjonijiet tal-konsulenti speċjali tar-Rappreżentant Għoli u invijati Speċjali,

— l-ispejjeż ta' missjonijiet ta' kandidati li jgħaddu u jiġu msejħa għal taħriġ qabel ma jibdew ix-xogħol,

— l-ispejjeż tal-missjonijiet tal-President tal-Kumitat Militari.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 85 000.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12 u 13 tal-Anness VII tagħhom.

Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar ir-regoli applikabbli għal missjoni tal-persunal tas-SEAE.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 fuq l-istabbiliment tal-Istaff Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-4 ta' Frar 2014, li tistabilixxi r-regoli applikabbli għall-Esperti Nazzjonali ssekondati mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna.

KAPITOLU 1 5 — MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TAL-PERSUNAL

1 5 0 ***Miżuri għall-assistenza tal-persunal***

1 5 0 0 Servizzi soċjali u assistenza tal-persunal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
438 000	283 000	329 868,20

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— miżuri meħuda biex jgħinu lill-uffiċjali u lill-persunal ieħor f'sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli,

— spejjeż għal kuntatt soċjali bejn membri tal-persunal,

— rimbors parzjali lill-persunal tal-ispejjeż għall-użu tat-trasport pubbliku biex imorru x-xogħol. Din il-miżura hija maħsuba bħala inċentiv biex jintuża t-trasport pubbliku,

— in-nefqa għal avvenimenti ta' rikonoxximent tal-uffiċjali, u partikolarment il-kost tal-medalji tal-20 sena servizz u rigali tal-irtirar mis-servizz.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 5 — MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TAL-PERSUNAL *(ikompli)*

1 5 0 *(ikompli)*

1 5 0 0 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-kategoriji li ġejjin ta' persuni b'diżabbiltà bħala parti minn politika biex tgħin lid-diżabbli:

— uffiċjali fis-servizz,

— il-konjuġi ta' uffiċjali fis-servizz,

— it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Din tippermetti r-rimbors ta' in-nefqa mhux mediku li huwa meqjus neċessarju, li jirriżulta minn diżabbiltà u li huwa debitament sostanzjat, la darba kwalunkwe drittijiet nazzjonali mogħtija fil-pajjiż ta' residenza jew ta' oriġini jkunu intużaw kollha.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 76 tagħhom.

1 5 0 1 Servizz mediku

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
708 699	686 460	673 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod partikolari:

— l-ispejjeż operattivi tal-kmamar għall-morda, l-ispiża għall-oġġetti tal-konsum, il-kura medika u l-mediċini fl-iskola materna, in-nefqa fuq eżamijiet mediċi u n-nefqa relatata mal-Kumitati tal-Invaliditá u r-rimbors tal-ispiża ta' nuċċalijiet,

— in-nefqa għax-xiri ta' ċerti għodod tax-xogħol meqjusa bħala meħtieġa għal raġunijiet mediċi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħhom u l-Artikolu 8 tal-Anness II tagħhom.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 1 5 — MIŻURI GĦALL-ASSISTENZA TAL-PERSUNAL *(ikompli)*

1 5 0 *(ikompli)*

1 5 0 2 Ristoranti u kantins

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni għas-servizzi provduti mill-operatur tar-ristoranti u l-kantins.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 5 0 3 Skejjel materni u faċilitajiet li jieħdu ħsieb it-tfal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 190 000	985 000	1 043 520,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-SEAE għall-ispejjeż taċ-Ċentru għall-Kura tat-Tfal Żgħar u crèches u faċilitajiet għall-kura tat-tfal oħra (li jridu jitħallsu lill-Kummissjoni u/jew il-Kunsill).

Id-dħul mill-kontribuzzjoni tal-ġenituri u minn kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet li jimpjegaw lill-ġenituri tirriżulta fi dħul allokat.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

1 5 0 4 Kontribuzzjoni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
17 800	20 320	26 680,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kumitat għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej jew ir-rimborż lill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni lill-Iskejjel Ewropej tat-Tip II akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej imħallas mill-Kummissjoni f'isem l-EEAS u abbażi tal-ftehim ta' Mandat u Servizz iffirmat mal-Kummissjoni. Hija tkopri l-kost għal tfal tal-persunal tal-EEAS li jattendu Skola Ewropea tat-Tip II.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 2

NEFQA FIL-BINI, TAGĦMIR U DIK OPERAZZJONALI FIL-KWARTIERI ĠENERALI

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 0				
2 0 0	***Bini***				
2 0 0 0	Ħlasijiet tal-kera u t-twellija annwali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	22 007 400	21 306 000	19 378 998,—	88,06
2 0 0 1	Akkwist ta' proprjetà immobbli				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 0 0 2	Xogħol ta' stallazzjoni u sigurtà				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	2 675 000	5 411 000	732 680,13	27,39
	Artikolu 2 0 0 — Total	24 682 400	26 717 000	20 111 678,13	81,48
2 0 1	***Nefqa relatata ma' bini***				
2 0 1 0	Tindif u manutenzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	6 070 000	5 660 000	4 953 730,85	81,61
2 0 1 1	Ilma, gass, elettriku u tisħin				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 973 300	1 750 000	1 455 000,—	73,73
2 0 1 2	Sigurtà u sorveljanza tal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	8 920 000	7 866 000	7 116 256,41	79,78
2 0 1 3	Assigurazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	60 000	75 000	45 000,—	75
2 0 1 4	Nefqa oħra relatat mal-bini				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	112 500	112 500	110 000,—	97,78
	Artikolu 2 0 1 — Total	17 135 800	15 463 500	13 679 987,26	79,83
	KAPITOLU 2 0 — TOTAL	41 818 200	42 180 500	33 791 665,39	80,81

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA
KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 2 1				
2 1 0	***Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjoni***				
2 1 0 0	Teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	16 744 200	16 016 000	17 241 946,—	102,97
2 1 0 1	Kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	15 639 600	15 418 000	15 578 000,—	99,61
2 1 0 2	Sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sal-livell "ristrett UE"				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 918 000	4 850 000	3 785 000,—	76,96
2 1 0 3	Kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 300 000	1 250 000	1 141 053,89	87,77
	Artikolu 2 1 0 — Total	38 601 800	37 534 000	37 745 999,89	97,78
2 1 1	***Għamara, apparat tekniku u trasport***				
2 1 1 0	Għamara				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	500 000	217 000	203 000,—	40,60
2 1 1 1	Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	30 000	100 000	60 000,—	200
2 1 1 2	Trasport				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	80 000	85 000	70 000,—	87,50
	Artikolu 2 1 1 — Total	610 000	402 000	333 000,—	54,59
	KAPITOLU 2 1 — TOTAL	39 211 800	37 936 000	38 078 999,89	97,11
	KAPITOLU 2 2				
2 2 0	***Konferenzi, kungressi u laqgħat***				
2 2 0 0	Organizzazzjoni ta' laqgħat, konferenzi u kungressi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	700 000	700 000	605 965,90	86,57
2 2 0 1	Spejjeż tal-ivjaġġar tal-esperti				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	40 000	40 000	32 000,—	80
	Artikolu 2 2 0 — Total	740 000	740 000	637 965,90	86,21

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
2 2 1	***Informazzjoni***				
2 2 1 0	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għall-bibljoteka				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	1 623 000	955 000	955 000,—	58,84
2 2 1 1	Stampi mis-satellita				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	450 000	450 000	450 000,—	100
2 2 1 2	Pubblikazzjonijiet ġenerali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	100 000	40 000	40 000,—	40
2 2 1 3	Informazzjoni Pubblika u avvenimenti pubbliċi				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	995 000	495 000	494 928,91	49,74
2 2 1 4	Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 000 000	2 000 000	1 999 236,58	49,98
	Artikolu 2 2 1 — Total	7 168 000	3 940 000	3 939 165,49	54,95
2 2 2	***Servizzi tal-lingwa***				
2 2 2 0	Traduzzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
2 2 2 1	Interpretazzjoni				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	750 000	750 000	780 000,—	104
	Artikolu 2 2 2 — Total	750 000	750 000	780 000,—	104
2 2 3	***Nefqa varja***				
2 2 3 0	Provvisti għall-uffiċċji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	490 000	490 000	460 000,—	93,88
2 2 3 1	Ħlasijiet postali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	180 000	158 000	155 000,—	86,11
2 2 3 2	Nefqa għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	20 000	40 000		
2 2 3 3	Kooperazzjoni interistituzzjonali				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 255 000	3 627 000	3 551 300,—	83,46

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
2 2 3	*(ikompli)*				
2 2 3 4	Rilokazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	222 500	122 500	96 000,—	43,15
2 2 3 5	Ħlasijiet finanzjarji				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	5 000	5 000	5 000,—	100
2 2 3 6	Nefqa u spejjeż legali, danni u kumpens				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	92 000	147 000	113 000,—	122,83
2 2 3 7	Spejjeż operattivi oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	4 600	120 500	109 917,13	2 389,50
	Artikolu 2 2 3 — Total	5 269 100	4 710 000	4 490 217,13	85,22
2 2 4	***Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (kontinwazzjoni)***				
2 2 4 0	Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (kontinwazzjoni)				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	450 000	450 000	405 000,—	90
	Artikolu 2 2 4 — Total	450 000	450 000	405 000,—	90
	KAPITOLU 2 2 — TOTAL	14 377 100	10 590 000	10 252 348,52	71,31
	Titolu 2 — Total	**95 407 100**	**90 706 500**	**82 123 013,80**	**86,08**

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 2

NEFQA FIL-BINI, TAGĦMIR U DIK OPERAZZJONALI FIL-KWARTIERI ĠENERALI

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI

2 0 0 ***Bini***

2 0 0 0 Ħlasijiet tal-kera u t-twellija annwali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
22 007 400	21 306 000	19 378 998,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri fi Brussell il-kera u t-taxxi fuq il-bini okkupat mill-SEAE u l-kera għall-kmamar tal-laqgħat, maħżen u spazji għall-parkeġġ.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri il-ħlasijiet annwali tat-twellija għal binjiet jew partijiet minn binjiet taħt ċnus eżistenti jew ċnus li qed jitħejjew.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 985 000.

2 0 0 1 Akkwist ta' proprjetà immobbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-akkwist ta' proprjetà immobbli.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 0 2 Xogħol ta' stallazzjoni u sigurtà

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
2 675 000	5 411 000	732 680,13

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

2 0 0 *(ikompli)*

2 0 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ħidma ta' sistemazzjoni, inklużi:

— studji dwar l-adattar u l-estensjoni tal-bini tal-istituzzjonijiet,

— ħidma fuq l-istallazzjonijiet f'bini għall-iskopijiet tas-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà,

— is-sistemazzjoni u t-trasformazzjoni tal-bini skont il-ħtiġiet operattivi,

— l-adattament tal-bini u l-istallazzjonijiet tekniċi biex jiġu sodisfati l-ħtiġiet ta' saħħa u sigurtà u l-istandards fis-seħħ.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

2 0 1 ***Nefqa relatata ma' bini***

2 0 1 0 Tindif u manutenzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
6 070 000	5 660 000	4 953 730,85

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' tindif u manutenzjoni li ġejjin:

— it-tindif tal-uffiċċji, il-ħwienet tax-xogħol u l-imħażen (inklużi purtieri, purtieri tax-xibka, twapet, persjani, eċċ.),

— sostituzzjoni ta' purtieri, purtieri tax-xibka u twapet użati,

— żebgħa,

— manutenzjoni mixxellanja,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 0 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

2 0 1 *(ikompli)*

2 0 1 0 *(ikompli)*

— tiswijiet ta' installazzjonijiet tekniċi,

— provvisti tekniċi,

— kuntratti għall-manutenzjoni ta' apparat tekniku varju (arja kkondizzjonata, tiswin, rimi ta' skart, liftijiet, tagħmir tas-sigurtà u kmamar ta' safe-speech).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 0 1 1 Ilma, gass, elettriku u tiswin

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 973 300	1 750 000	1 455 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-ilma, il-gass, l-elettriku u t-tiswin.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 45 000.

2 0 1 2 Sigurtà u sorveljanza tal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
8 920 000	7 866 000	7 116 256,41

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqiet għall-manutenzjoni u s-sorveljanza tal-binjiet okkupati mis-SEAE.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 280 000.

2 0 1 3 Assigurazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
60 000	75 000	45 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 20 — BINI U SPEJJEŻ RELATATI *(ikompli)*

201 *(ikompli)*

2013 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-primjums fuq kuntratti konklużi ma' kumpanniji tal-assikurazzjoni għall-binjiet okkupati mill-EEAS u l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà pubblika li tkopri min iżur il-bini.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2014 Nefqa oħra relatat mal-bini

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
112 500	112 500	110 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kull nefqa oħra kurrenti relatata mal-binjiet (inklużi l-binjiet ta' Cortenberg u l-ER) li mhux provdut għalihom fl-artikoli l-oħra ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari l-ispejjeż ta' tneħħija ta' skart, tagħmir tas-sinjali u stħarriġ minn korpi speċjalizzati.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 21 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA

210 ***Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjoni***

2100 Teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
16 744 200	16 016 000	17 241 946,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija intiża li tkopri n-nefqa għall-informazzjoni mhux klassifikata u għat-teknoloġija tal-komunikazzjoni fil-kwartieri ġenerali u, sa ċertu punt, fid-delegazzjonijiet, jiġifieri n-nefqa marbuta:

— ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir jew softwer għal sistemi u applikazzjonijiet tal-kompjuter,

— assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet inklużi l-appoġġ għall-utenti,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 0 *(ikompli)*

— servizz u manutenzjoni għal tagħmir tal-kompjuters kif ukoll tas-softwer tas-sistemi u applikazzjonijiet,

— provvedituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni,

— il-prezz tal-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet ta' *data,*

— ġestjoni tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni, inklużi l-għodod relatati tal-IT, tal-arkivjar u tal-ġestjoni tad-dokumenti.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 1 Kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
15 639 600	15 418 000	15 578 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal kriptografija u teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' sigurtà għolja, b'mod partikolari nefqa relatata ma':

— ix-xiri jew il-kiri ta' tagħmir jew softwer għal sistemi sikuri u applikazzjonijiet ta' kompjuter,

— assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti — servisjar u manutenzjoni ta' tagħmir sigur tal-kompjuter u applikazzjonijiet tas-softwer,

— abbonament għal servizzi tal-komunikazzjoni sigura,

— il-prezz tal-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet ta' *data* siguri.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

2 1 0 2 Sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni sal-livell "ristrett UE"

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 918 000	4 850 000	3 785 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 2 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' informazzjoni sal-livell "ristrett UE", b'mod partikolari nefqa għal dak l-għan relatata ma':

— ix-xiri jew il-kiri ta' apparat jew softwer,

— assistenza u t-taħriġ provdut minn kumpanniji ta' servizzi u konsulenza relatati mal-kompjuter għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi sikuri tal-kompjuter u applikazzjonijiet inkluż l-appoġġ għall-utenti,

— il-manutenzjoni u l-isservissjar tal-apparat tal-kompjuters kif ukoll tas-softwer tas-sistemi u applikazzjonijiet,

— abbonament għal servizzi tal-komunikazzjoni,

— mal-prezz tal-komunikazzjonijiet u t-trażmissjonijiet ta' *data*,

— mal-ispejjeż ta' missjonijiet għall-verifiki taċ-ċibersigurtà.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 0 3 Kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 300 000	1 250 000	1 141 053,89

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' informazzjoni permezz ta' kontromiżuri tekniċi ta' sigurtà, partikolarment nefqa għal dak il-għan marbuta ma':

— ix-xiri jew il-kiri ta' apparat jew software għat-tfittxija tal-bini fil-kwartieri ġenerali, f'delegazzjonijiet u f'bini użat għal konferenzi u laqgħat,

— assistenza u taħriġ ipprovduti minn kumpanniji speċjalizzati ta' servizzi, ditti tal-manifattura u konsulenza għall-operat u l-iżvilupp ta' tali tagħmir jew software, inkluż appoġġ lill-utenti,

— il-manutenzjoni u l-isservissjar ta' tagħmir bħal dan, u software ta' sistemi u applikazzjonijiet,

— l-ispiża tat-trasportazzjoni ta' tagħmir ta' tfittxija tal-bini,

— l-akkwist, it-trasport u l-istallazzjoni ta' tagħmir speċifiku meħtieġ għal kmamar safe-speech,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 0 *(ikompli)*

2 1 0 3 *(ikompli)*

— l-ispejjeż tal-missjoni mġarrba mill-persunal meħtieġ għall-knis tal-bini jew l-ekwipaġġar ta' kmamar safe-speech,

— mal-akkwist jew mal-kiri ta' sistemi tas-sigurtà għall-binjiet tas-SEAE,

— mal-operazzjoni u mal-iżvilupp ta' investigazzjonijiet u miżuri ta' counterintelligence, inklużi t-taħriġ u t-tagħmir.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 ***Għamara, apparat tekniku u trasport***

2 1 1 0 Għamara

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
500 000	217 000	203 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri jew sostituzzjoni ta' għamara u għamara speċjalizzata,

— il-kiri ta' għamara waqt il-missjonijiet u l-laqgħat barra mill-bini tal-SEAE,

— il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 1 Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
30 000	100 000	60 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir tekniku mobbli u fiss mixxellanji u installazzjonijiet, partikolarment b'rabta mal-arkivjar, sigurtà, konferenzi, canteens u bini,

KAPITOLU 2 1 — SISTEMI TAL-KOMPJUTER, TAGĦMIR U GĦAMARA *(ikompli)*

2 1 1 *(ikompli)*

2 1 1 1 *(ikompli)*

— assistenza teknika u superviżjoni, partikolarment b'rabta ma' konferenzi u canteens,

— il-kiri ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi u l-ispiża taż-żamma fi stat tajjeb, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tali tagħmir u installazzjonijiet tekniċi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 1 1 2 Trasport

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
80 000	85 000	70 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn :

— il-kiri jew l-akkwist ta' vetturi tas-servizz,

— l-ispiża għall-kiri ta' karozzi meta jkun impossibbli li jsir użu mill-mezzi ta' trasport disponibbli għas-SEAE, partikolarment waqt il-missjonijiet,

— l-ispiża għall-operar u l-manutenzjoni ta' karozzi tas-servizz (xiri ta' fjuwil, tajers, eċċ.).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA

2 2 0 ***Konferenzi, kungressi u laqgħat***

2 2 0 0 Organizzazzjoni ta' laqgħat, konferenzi u kungressi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
700 000	700 000	605 965,90

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għajnuna għal:

— l-organizzar informali ta' laqgħat tal-Kunsill tal-Affarijiet Esteri u laqgħat informali oħra,

— organizzar ta' laqgħat ta' djalogu politiku fil-livelli ministerjali u ta' uffiċjali anzjani,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 0 *(ikompli)*

2 2 0 0 *(ikompli)*

— l-organizzazzjoni ta' konferenzi u kungressi,

— laqgħat interni, inkluż fejn neċessarju l-ispejjeż ta' ikel u xorb servut f'okkażjonijiet speċjali,

— ħlas ta' obbligi li jaqgħu fuq l-istituzzjoni fil-forma ta' spejjeż ta' riċeviment u rappreżentanza,

— attivitajiet relatati mal-protokoll.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 0 1 Spejjeż tal-ivjaġġar tal-esperti

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
40 000	40 000	32 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri allowances ta' vvjaġġar u għal manteniment ta' kuljum għal esperti mistiedna għal laqgħat jew mibgħuta fuq missjoni mis-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 ***Informazzjoni***

2 2 1 0 Nefqa għad-dokumentazzjoni u għall-bibljoteka

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
1 623 000	955 000	955 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' aċċess għal bażijiet ta' *data* esterni dokumentattivi u statistiċi inkluż għad-*data* ġeografika,

— l-abbonamenti għal gazzetti, perjodiċi, servizzi li jfornu analiżi tal-kontenut tagħhom u pubblikazzjonijiet oħra onlajn; din l-approprjazzjoni tkopri wkoll kwalunkwe spejjeż ta' drittijiet tal-awtur li jirriżultaw mir-riproduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' tali pubblikazzjonijiet f'forma stampata jew elettronika,

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 1 *(ikompli)*

2 2 1 0 *(ikompli)*

— ix-xiri ta' kotba u xogħlijiet oħra f'forma stampata jew elettronika għal-liberija,

— l-ispejjeż ta' abbonamenti għal aġenziji ta' aħbarijiet permezz tat-teleprinter,

— illegar ta' kotba u spejjeż oħra essenzjali għall-preservazzjoni ta' kotba u perjodiċi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/80/PESK tat-22 ta' Jannar 2001 fuq l-istabbiliment tal-Istaff Militari tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 27, 30.1.2001, p. 7).

2 2 1 1 Stampi mis-satellita

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
450 000	450 000	450 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż sabiex jinkisbu stampi mis-satellita għas-SEAE bil-għan li jiġu evitati l-kriżijiet u li jkun hemm ġestjoni tal-kriżijiet.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 2 Pubblikazzjonijiet ġenerali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
100 000	40 000	40 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tħejjija, il-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri, b'mezzi tradizzjonali (karta jew mikrofilm) jew metodi elettroniċi, u d-disseminazzjoni ta' pubblikazzjonijiet tal-SEAE, inkluż dawk pubblikati f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 1 *(ikompli)*

2 2 1 3 Informazzjoni Pubblika u avvenimenti pubbliċi

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
995 000	495 000	494 928,91

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— servizzi awdjoviżivi biex jinfuraw lill-pubbliku dwar il-politika estera tal-Unjoni u l-azzjoni tar-Rappreżentant Għoli,

— l-iżvilupp u t-tħaddim tal-websajt tas-SEAE,

— in-nefqa fuq pubbliċità u l-promozzjoni ta' pubblikazzjonijiet u avvenimenti pubbliċi relatati mal-attivitajiet tal-istituzzjoni inkluża l-ġestjoni anċillari u l-ispiża infrastrutturali,

— nefqa fuq l-informazzjoni taħt il-PSDK/PESK,

— l-ispiża tal-informazzjoni mixxellanja u attivitajiet marbuta mar-relazzjonijiet pubbliċi inkluż oġġetti promozzjonali.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 1 4 Kapaċità ta' Komunikazzjoni Strateġika

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 000 000	2 000 000	1 999 236,58

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-għodod ta' komunikazzjoni strateġika, inkluż l-aċċess għal għodod online u grafiċi,

— il-kuntratti mogħtija għall-għarfien espert fil-qasam tal-komunikazzjoni strateġika, inkluż l-istħarriġ tal-opinjoni,

— jakkwistaw għodod u servizzi analitiċi, inklużi rapporti, studji, analiżi ta' *data* u virtwalizzazzjonijiet,

— l-appoġġ għall-pluraliżmu lingwistiku tal-prodotti tal-komunikazzjoni strateġika,

— l-għoti ta' strumenti li jiżguraw il-monitoraġġ sistematiku u l-espożizzjoni tad-diżinformazzjoni mxerrda minn potenzi barranin,

— l-involviment u ż-żamma ta' network ta' speċjalisti li jiġġieldu d-diżinformazzjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tal-viċinat, kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki,

— it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità interna f'termini ta' ħiliet fil-komunikazzjoni strateġika, kif ukoll il-ġestjoni tal-għarfien fost il-persunal tal-Unjoni.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 2 Servizzi tal-lingwa

2 2 2 0 Traduzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mas-servizzi ta' traduzzjoni pprovduti lill-SEAE mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 2 1 Interpretazzjoni

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
750 000	750 000	780 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-servizzi pprovduti lill-SEAE mill-interpreti tal-Kummissjoni.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-servizzi pprovduti lill-SEAE mill-interpreti tal-Kummissjoni fl-okkażjoni ta' laqgħat tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà u l-Kumitat Militari u ta' laqgħat oħra miżmuma b'mod speċifiku fil-qafas tal-PSDK/PESK.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni Nru 111/2007 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni li tikkonċerna l-interpretazzjoni għall-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu.

2 2 3 Nefqa varja

2 2 3 0 Provvisti għall-uffiċċji

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
490 000	490 000	460 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta' karti,

— fotokopji u miżati,

— karti u provvisti għall-uffiċċji (provvisti għall-ħidma ta' kuljum),

— materjal stampat,

— provvisti għal dispaċċ ta' posta (invilopsijiet, karti għat-tgeżwir, pjanċi għall-magna tal-franking),

— provvisti għall-ħwienet tax-xogħol għar-riproduzzjoni ta' dokumenti (linka għall-istampaturi, pjanċi tal-offset, films u kimika għat-tħejjija tal-pjanċi).

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 1 Ħlasijiet postali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
180 000	158 000	155 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet postali.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 2 Nefqa għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
20 000	40 000	

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' studji u konsultazzjonijiet ikkummissjonati lil esperti kwalifikati sew.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 3 Kooperazzjoni interistituzzjonali

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 255 000	3 627 000	3 551 300,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-attivitajiet interistituzzjonali, notevolment il-kost tal-Uffiċċji tal-Kummissjoni u l-persunal amministrattiv tal-Kunsill li jimmaniġġja l-persunal, il-binjiet u l-arkivji tas-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 4 Rilokazzjonijiet

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
222 500	122 500	96 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għar-rilokazzjoni u t-trasport ta' tagħmir.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 5 Ħlasijiet finanzjarji

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
5 000	5 000	5 000,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet finanzjarji, inkluż ħlasijiet bankarji.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 6 Nefqa u spejjeż legali, danni u kumpens

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
92 000	147 000	113 000,—

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 3 *(ikompli)*

2 2 3 6 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż li l-SEAE jista' jiġi obbligat iħallas mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali u l-ispiża għall-impjieg ta' avukati esterni biex jirrappreżentaw lill-SEAE fil-qorti,

— spejjeż ta' konsultazzjoni ta' avukati esterni,

— id-danni u l-kumpens li għalih jista' jkun responsabbli l-SEAE.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 3 7 Spejjeż operattivi oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
4 600	120 500	109 917,13

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta' xiri ta' lbies tax-xogħol għall-persunal tas-servizz tal-konferenzi u tal-persunal tas-servizz tas-sigurtà, tagħmir tax-xogħol għall-persunal tal-ħanut tax-xogħol u persunal tas-servizzi interni u t-tiswija u l-manutenzjoni ta' lbies tax-xogħol,

— il-kontribut tal-SEAE lejn in-nefqa ta' xi assoċjazzjonijiet li l-attivitajiet tagħhom huma direttament relatati ma' dawk tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni,

— infiq operattiv ieħor mhux previst b'mod speċjali taħt it-titoli preċedenti,

— approvazzjonijiet tas-sigurtà personali għall-persunal tas-SEAE,

— ix-xiri ta' uniformijiet u aċċessorji, b'mod partikolari għall-persunal tas-sigurtà responsabbli mill-bini ta' Cortenberg u l-bini ER.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

2 2 4 ***Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (kontinwazzjoni)***

2 2 4 0 Prevenzjoni tal-Kunflitti u Servizzi għall-Appoġġ tal-Medjazzjoni (kontinwazzjoni)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
450 000	450 000	405 000,—

KAPITOLU 2 2 — NEFQA OPERATTIVA OĦRA *(ikompli)*

2 2 4 *(ikompli)*

2 2 4 0 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-iskjerament tal-persunal tal-Unjoni b'appoġġ għal proċessi ta' medjazzjoni u djalogu,

— l-ikkuntrattar ta' esperti interni ta' medjazzjoni u djalogu kif ukoll l-aċċess għal servizzi esterni ta' appoġġ għall-medjazzjoni, filwaqt li jitqies ix-xogħol li jkun qiegħed isir min-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonjiet oħrajn fl-istabbiliment ta' rosters,

— involviment fl-immaniġġjar tal-għarfien, inkluż l-organizzazzjoni ta' workshops u analiżi ta' kunflitti, u l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' studji ta' tagħlimiet, l-aħjar prattiċi u linji gwida,

— taħriġ u bini tal-kapaċità interni b'konnessjoni ma' twissijiet bikrija, analiżi tal-kunfilitti u medjazzjoni u djalogu għall-persunal tal-Unjoni fil-kwartieri ġenerali, il-persunal tal-Unjoni skjerat f'missjonijiet, l-EUSRs, il-kapijiet tad-delegazzjonijiet u l-persunal tagħhom.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 3

DELEGAZZJONIJIET

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 3 0				
3 0 0	***Delegazzjonijiet***				
3 0 0 0	Rimunerazzjoni u intitolamenti għall-persunal statutorju				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	129 672 000	132 337 000	119 423 231,99	92,10
3 0 0 1	Persunal estern u servizzi minn barra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	97 505 413	79 423 000	71 363 169,71	73,19
3 0 0 2	Nefqa oħra marbuta mal-persunal				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	32 680 847	33 947 239	30 503 445,40	93,34
3 0 0 3	Binjiet u spejjeż assoċjati				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	166 850 000	162 549 714	170 653 926,79	102,28
3 0 0 4	Nefqa amministrattiva oħra				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	45 398 000	46 488 000	51 230 498,56	112,85
3 0 0 5	Il-kontribut tal-Kummissjoni għad-delegazzjonijiet				
	Approprjazzjonijiet mhux differenzjati	p.m.	p.m.		
	Artikolu 3 0 0 — Total	472 106 260	454 744 953	443 174 272,45	93,87
	KAPITOLU 3 0 — TOTAL	472 106 260	454 744 953	443 174 272,45	93,87
	Titolu 3 — Total	**472 106 260**	**454 744 953**	**443 174 272,45**	**93,87**

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 3

DELEGAZZJONIJIET

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET

3 0 0 Delegazzjonijiet

3 0 0 0 Rimunerazzjoni u intitolamenti għall-persunal statutorju

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
129 672 000	132 337 000	119 423 231,99

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li saret fost id-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea barra l-Unjoni u delegazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin barra l-Unjoni fir-rigward ta' uffiċjali u persunal temporanju li jkollhom pożizzjoni pprovdut għaliha fil-pjan ta' stabbiliment:

— salarji bażiċi, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet biex iwaqqfu jew iżommu għalihom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— allokazzjonijiet u għotjiet mixxellanji,

— sahra,

— kemm jiġu jiswew il-koeffiċjenti korrettivi meta applikati għar-rimunerazzjoni,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament għar-rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla, il-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mis-SEAE.

3 0 0 1 Persunal estern u servizzi minn barra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
97 505 413	79 423 000	71 363 169,71

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 1 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni:

— ir-rimunerazzjoni ta' persunal lokali u/jew bil-kuntratt, u spejjeż tas-sigurtà soċjali u benefiċċji li jingarru minn min iħaddem,

— il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-kopertura supplimentari tas-sigurtà soċjali għall-persunal lokali,

— is-servizzi ta' persunal ta' aġenzija u freelance.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

Bażiġuridika

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea.

3 0 0 2 Nefqa oħra marbuta mal-persunal

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
32 680 847	33 947 239	30 503 445,40

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni:

— in-nefqa relatata mal-ippustjar ta' Esperti ta' Grad Inferjuri (gradwati mill-Università) u trainees fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea,

— in-nefqa tas-seminars organizzati għad-diplomati żgħażagħ mill-Istati Membri u pajjiżi terzi,

— in-nefqa dwar l-issekondar jew post temporanju ta' uffiċjali mill-Istati Membri lid-delegazzjonijiet,

— l-allokazzjonijiet ta' stallazzjoni u ta' ristabbiliment dovuti lill-membri tal-persunal obbligati li jbiddlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom jew meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u finalment meta jħallu l-istituzzjoni u jirristabbilixxu ruħhom x'imkien ġdid,

— l-spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-membri tal-persunal (inkluż il-familji tagħhom) meta jibdew jaqdu dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ieħor ta' impjieg jew meta jitilqu mill-istituzzjoni,

— l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-membri tal-persunal li kienu obbligati li jbiddlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta fl-aħħar jitilqu mill-istituzzjoni u jistabbilixxu ruħhom xi mkien ieħor,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 2 *(ikompli)*

— fil-każ ta' mewt ta' membru tal-persunal tas-SEAE jew ta' persuna dipendenti, l-ispejjeż imġarrba skont l-Artikolu 75 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasport tal-ġisem,

— kostijiet u gratifiki mixxellanji li jikkonċerna persunal, inklużi konsultazzjonijiet ġuridiċi,

— nefqa li ġejja minn proċeduri ta' reklutaġġ ta' uffiċjali, aġenti temporanji, persunal bil-kuntratt u persunal lokali, inklużi spejjeż ta' pubblikazzjoni, vjaġġar u spejjeż ta' sussistenza u assigurazzjoni għall-inċidenti għal kandidati li jkunu msejħa għal eżamijiet u intervisti, spejjeż konnessi mal-organizzazzjoni ta' testijiet għal reklutaġġ ta' gruppi u eżamijiet mediċi ta' qabel ir-reklutaġġ,

— il-kisba, is-sostituzzjoni, il-konverżjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir ta' natura medika installati fid-delegazzjonijiet,

— spejjeż relatati mal-ispiża ta' eżamijiet mediċi annwali ta' uffiċjali, persunal b'kuntratt u persunal lokali, inklużi analiżi u testijiet imwettqa bħala parti minn eżamijiet bħal dawn, il-kosti ta' konsulenti mediċi u dentali u l-kosti marbuta mal-politika dwar l-AIDS fuq ix-xogħol,

— attivitajiet u inizjattivi kulturali sabiex jinkoraġġixxu kuntatt soċjali bejn persunal espatrijat u persunal lokali,

— il-benefiċċju fiss mogħti lill-uffiċjali li regolarment ikollhom spejjeż ta' rappreżentazzjoni minħabba dmirijiethom, u r-rimborż ta' spejjeż magħmula minn uffiċjali awtorizzati biex jirrappreżentaw lill-Kummissjoni u/jew is-SEAE fl-interess tas-servizz u minħabba dmirijiethom (fil-każ ta' delegazzjonijiet ġewwa t-territorju tal-Unjoni, parti mill-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jkunu koperti mill-benefiċċju fiss għar-rappreżentazzjoni),

— nefqa fuq l-ivvjaġġar, benefiċċji għas-sussistenza ta' kuljum għal missjonijiet u spejjeż inċidentali jew eċċezzjonali li jsiru b'konnessjoni ma' missjonijiet minn uffiċjali u persunal ieħor,

— nefqa fuq spejjeż ta' vjaġġar u konċessjonijiet tal-għixien ta' kuljum għal kandidati li jgħaddu u jiġu msejħa għal taħriġ qabel jibdew fil-kariga tagħhom,

— nefqa fuq spejjeż ta' vjaġġar u gratifiki għas-sussistenza għal kull jum għal esperti mistiedna għal laqgħat mid-delegazzjonijiet,

— in-nefqa tal-ispejjeż tal-ivjaġġar, l-allowances għas-sussistenza ta' kuljum u assikurazzjoni marbuta ma' evakwazzjonijiet mediċi,

— in-nefqa li ġejja minn sitwazzjonijiet ta' kriżi, fosthom l-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u allokazzjonijiet għas-sussistenza ta' kuljum,

— in-nefqa fuq taħriġ ġenerali u dak tal-lingwa imfassal biex itejjeb il-ħiliet tal-persunal u l-prestazzjoni tal-istituzzjoni,

— miżati għall-esperti impjegati biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tat-taħriġ, ifasslu, jiżviluppaw u jagħtu korsijiet u jevalwaw u jsegwu r-riżultati,

— miżati għal konsulenti f'diversi oqsma, b'mod partikolari f'metodi ta' organizzazzjoni, ippjanar, ġestjoni, strateġija, assigurazzjoni tal-kwalità u ġestjoni personali,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 2 *(ikompli)*

— nefqa magħmula fit-tiswir, l-organizzazzjoni u l-valutazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-istituzzjoni fil-forma ta' korsijiet, seminars u konferenzi (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-għalliema/kelliema fil-korsijiet u l-ispejjeż tas-sussistenza tagħhom, u l-materjali tat-tagħlim),

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi u loġistiċi tal-organizzazzjoni tal-korsijiet li jinkludu l-kera tal-bini, it-trasport u t-tagħmir għat-taħriġ u seminars lokali u reġjonali kif ukoll spejjeż relatati, bħal dawk għall-ikel u x-xorb,

— l-ispiża tal-parteċipazzjoni f'konferenzi u simpożja, u abbonamenti f'assoċjazzjonijiet professjonali u xjentifiċi,

— in-nefqa fit-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u informazzjoni, siti tal-internet assoċjati u x-xiri ta' għodod għat-tagħlim, abbonamenti u liċenzji għal tagħlim mil-bogħod, kotba, u prodotti tal-istampa u dawk multimedjali,

— l-ispejjeż assoċjati mal-programm ta' skambju diplomatiku, bħal pereżempju l-ivvjaġġar u l-ispejjeż tal-installazzjoni, skont ir-Regolamenti tal-Persunal.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 120 000.

3 0 0 3 Binjiet u spejjeż assoċjati

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
166 850 000	162 549 714	170 653 926,79

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni:

— konċessjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u konċessjonijiet ta' kuljum għal uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali,

— fir-rigward tal-kera u spejjeż oħra fuq il-bini għad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni:

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni jew minn uffiċjali li jaħdmu barra l-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, primjums ta' assigurazzjoni, tiġdid u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina dwar is-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti (magni cipher, kaxxaforti, żbarri tat-twieqi, eċċ.),

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet barra l-Unjoni u r-residenzi tad-delegati: spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u karburant, manutenzjoni u tiswijiet, tqandil, tiġdid u spejjeż oħra ta' rutina (taxxi lokali għall-manutenzjoni tat-toroq u l-ġbir tal-iskart u x-xiri ta' sinjali u tabelli),

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 3 *(ikompli)*

— fir-rigward tal-kera u spejjeż oħra fuq bini ġewwa t-territorju tal-Unjoni:

— għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet: kera; imposti tal-ilma, il-gass, l-elettriku u l-enerġija għat-tisħin; primjums tal-assigurazzjoni; manutenzjoni u tiswijiet; tiġdid u tiswijiet kbar; nefqa dwar is-sigurtà, partikolarment kuntratti għas-sorveljanza u l-kiri u l-mili mill-ġdid tat-tagħmir għat-tifi tan-nar; ix-xiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir tat-tifi tan-nar u l-bdil ta' tagħmir ta' uffiċjali volontarji tat-tifi tan-nar; l-ispiża ta' spezzjonijiet statutorji, eċċ.,

— għall-bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċjali: rimborż tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-binja,

— l-akkwist ta' art għall-bini u binjiet (xiri jew opzjoni ta' xiri b' lokazzjoni) jew il-bini ta' uffiċċji jew akkomodazzjoni oħra, inklużi l-kostijiet tal-istudji preliminari u diversi tariffi relatati,

— arranġamenti amministrattivi li huma marbuta prinċipalment mal-infrastruttura u l-proviżjon tal-akkomodazzjoni,

— imposti ġġenerati mis-self (kapital u imgħax) ikkuntrattati skont ir-Regolament Finanzjarju għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà għad-delegazzjonijiet.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1), jipprovdi fl-Artikolu 266 il-possibilità għall-istituzzjonijiet biex jiffinanzjaw l-akkwiżizzjoni ta' proprjetà permezz ta' self. Din il-partita tkopri kostijiet iġġenerati mit-tali self (kapital u imgħax) għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetà għad-delegazzjonijiet.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 26 770 000.

3 0 0 4 Nefqa amministrattiva oħra

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
45 398 000	46 488 000	51 230 498,56

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li saret mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minn barra l-Unjoni u delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li qegħdin fl-Unjoni:

— ix-xiri, il-kiri, it-twellija, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara u t-tagħmir, b'mod partikolari awdjoviżiv, li jarkivja, jistampa, tal-librerija, tal-interpretazzjoni u t-tagħmir speċjalizzat tal-uffiċċju (photocopiers, reader-printers, magni tal-faks, eċċ.) kif ukoll il-kisba ta' dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 4 *(ikompli)*

— ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tekniku bħal ġeneraturi, kondizzjonaturi tal-arja, eċċ., u l-istallazzjoni ta' tagħmir għall-faċilitajiet tal-benesseri fid-delegazzjonijiet,

— ix-xiri, il-bdil, il-kiri, it-twellija, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, inklużi l-għodod,

— primjums tal-assigurazzjoni għall-vetturi,

— ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, inklużi aġġornamenti u abbonamenti ta' gazzetti, perjodiċi u diversi pubblikazzjonijiet, u l-ispiża tal-legatura u spejjeż oħra għall-preservazzjoni tal-perjodiċi,

— l- abbonament għal aġenziji tal-aħbarijiet,

— ix-xiri ta' karti, envelops, provvisti tal-uffiċċju u provisti għar-riproduzzjoni, u stampar ikkuntrattat lill-forniturі tas-servizz minn barra,

— it-trasport u r-rilaxx mid-dwana ta' tagħmir, ix-xiri u tindif ta' uniformijiet għall-messaġġiera, xufiera, eċċ., diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabbiltà fil-konfront ta' terzi u kontra s-serq), nefqa għall-laqgħat interni (xorb, ikel servut f'okkażjonijiet speċjali),

— l-ispiża ta' studji, surveys u konsultazzjonijiet konnessi mal-operazzjoni amministrattiva tad-delegazzjonijiet u kull spiża oħra operattiva mhux speċifikament koperta mill-partiti l-oħra ta' dan l-artikolu,

— spejjeż postali u tal-konsenja għall-posta, għar-rapporti u l-pubblikazzjonijiet, il-pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija,

— l-ispiża tal-posta diplomatika,

— kull nefqa għall-għamara u attrezzaturi għall-akkomodazzjoni residenzjali disponibbli għall-uffiċjali,

— ix-xiri, il-kiri jew t-twellija ta' tagħmir għall-ipproċessar tad- *data* (kompjuters, terminals, mini-kompjuters, peripherals, apparat ta' kuntatt) bis-softwer meħtieġ,

— is-servizzi mogħtija b'kuntratt, per eżempju għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informatika fid-delegazzjonijiet,

— ix-xiri, il-kiri jew it-twellija ta' tagħmir għar-riproduzzjoni tal-informazzjoni fuq karta, bħal stampanti u skeners,

— ix-xiri, il-kiri jew it-twellija ta' exchanges tat-telefown u switchboards u tagħmir għat-trażmissjoni tad- *data* bis-softwer meħtieġ,

— imposti ta' abbonament u spejjeż fissi għall-komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefown, telegrafu, telex, faks), nefqa għan-networks għat-trażmissjoni tad- *data*, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— l-ispiża ta' istallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, appoġġ, għajnuna, dokumentazzjoni u provisti għal dan it-tagħmir,

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 4 *(ikompli)*

— kull nefqa għal operazzjonijiet ta' sigurtà attiva f'delegazzjonijiet f'emerġenzi,

— l-ispejjeż finanzjarji kollha, inkluż spejjeż tal-banek,

— għal kontijiet tal-flus akkont, aġġornamenti fejn ittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa mill-uffiċjal li jawtorizza biex jieħu ħsieb is-sitwazzjoni u fejn l-ispiża aġġornata ma tistax tiġi rreġistrata f'linja speċifika tal-baġit,

— aġġornamenti f'sitwazzjoni fejn pretensjoni sħiħa jew parti minnha tiġi kkanċellata wara li tkun tniżżlet fuq il-kontijiet bħala dħul (partikolarment fiċ-ċirkostanza ta' tpattija ta' dejn),

— aġġornamenti f'każijiet fejn il-VAT ma nġabritx u fejn mhuwiex aktar possibbli li jiġi reġistrat l-ammont fil-linja li kopriet in-nefqa ewlenija,

— għal kwalunkwe imgħax fuq il-każi ta' hawn fuq, fejn ma tkunx tista' titniżżel ma' linja baġitarja speċifika oħra.

Din il-partita hija wkoll maħsuba biex takkomoda, jekk meħtieġ, approprjazzjoni biex tkopri kull telf li jirriżulta mil-likwidazzjoni jew il-waqfien ta' attivitajiet ta' banek li magħhom l-Kummissjoni għandha kontijiet għall-iskopijiet ta' ħlasijiet bil-quddiem.

Din il-partita tista' tiffinanzja spejjeż magħmula mid-delegazzjonijiet fil-qafas tal-kooperazzjoni lokali mal-Istati Membri, notevolment fil-kuntest ta' kriżi.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 9 360 000.

Bażiġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30) u b'mod partikolari l-Artikolu 5(10) tagħha.

3 0 0 5 Il-kontribut tal-Kummissjoni għad-delegazzjonijiet

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	

Kummenti

Kwalunkwe dħul mill-Kummissjoni u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) li jikkontribwixxi għall-kost tad-delegazzjonijiet li jirriżultaw mill-preżenza tal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet jista' jwassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

KAPITOLU 3 0 — DELEGAZZJONIJIET *(ikompli)*

3 0 0 *(ikompli)*

3 0 0 5 *(ikompli)*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqiet li ġejjin tal-persunal tal-Kummissjoni, inkluż il-persunal tal-Kummissjoni ffinanzjat mill-FEŻ imqiegħed fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea barra l-Unjoni u delegazzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li jinsabu fl-Unjoni:

— salarji u nefqa marbuta mas-salarji ta' aġenti lokali (u persunal tal-aġenziji),

— is-sehem min-nefqa koperti bil-partita 3 0 0 0 (Rimunerazzjoni u intitolamenti ta' persunal statutorju), 3 0 0 1 (Persunal estern u servizzi minn barra), 3 0 0 2 (Nefqa oħra marbuta mal-persunal), 3 0 0 3 (Bini u spejjeż assoċjati) u 3 0 0 4 (Nefqa amministrattiva oħra) għal tali l-persunal.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni tista' tkopri nfiq ieħor, bħal attivitajiet li jirrigwardaw ġurnali u informazzjoni, eżegwiti abbażi ta' ftehimiet fil-livell ta' servizz konklużi ma' istituzzjonijiet oħra.

Ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 21(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju: p.m.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 10

SPEJJEŻ OĦRAJN

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI
KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019	% 2019/2021
	KAPITOLU 10 0	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 0 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1	p.m.	p.m.	0,—	
	KAPITOLU 10 1 — TOTAL	p.m.	p.m.	0,—	
	Titolu 10 — Total	**p.m.**	**p.m.**	**0,—**	

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

TITOLU 10

SPEJJEŻ OĦRAJN

KAPITOLU 10 0 — APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu huma proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara li jkunu trasferiti għal kapitoli oħra skont ir-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

KAPITOLU 10 1 — RIŻERVA TA' KONTINĠENZA

Approprjazzjonijiet 2021	Approprjazzjonijiet 2020	Eżitu 2019
p.m.	p.m.	0,—

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mhux prevista li tirriżulta mid-deċiżjonijiet baġitarji meħuda matul is-sena finanzjarja.

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

PERSUNAL

Taqsima X — Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna

Grupp ta' funzjoni u grad				
	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AD 16	21	—	12	—
AD 15	38	—	20	—
AD 14	138	—	162	—
AD 13	144	—	151	—
AD 12	208	—	213	—
AD 11	103	—	86	—
AD 10	100	—	88	—
AD 9	150	—	147	—
AD 8	104	—	103	—
AD 7	46	—	18	—
AD 6	16	—	28	—
AD 5	4	—	3	—
Sub-total AD	1 072	—	1 031	—
AST 11	31	—	24	—
AST 10	27	—	24	—
AST 9	70	1	65	1
AST 8	86	—	86	—
AST 7	85	—	87	—
AST 6	105	—	98	—
AST 5	146	—	137	—
AST 4	57	—	70	—
AST 3	1	—	—	—
AST 2	8	—	—	—
AST 1	4	—	4	—
Sub-total AST	620	1	595	1

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

Grupp ta' funzjoni u grad				
	2021		2020	
	Karigi permanenti	Karigi temporanji	Karigi permanenti	Karigi temporanji
AST/SC 6	—	—	—	—
AST/SC 5	—	—	—	—
AST/SC 4	1	—	—	—
AST/SC 3	16	—	25	—
AST/SC 2	23	—	35	—
AST/SC 1	9	—	12	—
Sub-total AST/SC	49	—	72	—
Total	**1 741**	**1**	**1 698**	**1**
Gran Total	**1 742**		**1 699**	